Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 238

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

6 ta' Lulju 2018

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 12-15 ta' Diċembru 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 387, 16.11.2017.

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015 (2016/2009(INI)) 2

2018/C 238/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi (2016/2072(INI)) 28

2018/C 238/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Istati tas-Sħubija tal-Lvant (2016/2060(INI)) 42

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/04 Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'kunsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/1/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE) – 2016/2226(INI)) 51

MT

2018/C 238/05 Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (10711/2016 – C8-0332/2016 – 2016/0192(NLE) – 2016/2229(INI)) 55

2018/C 238/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar ir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni 2015 (2016/2219(INI)) 57

2018/C 238/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (2016/2036(INI)) 89

2018/C 238/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-għodod tal-PAK biex titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli (2016/2034(INI)) 101

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-każijiet tal-Akkademja Buddista Tibetana ta' Larung Gar u Ilham Tohti (2016/3026(RSP)) 108

2018/C 238/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya fil-Myanmar (2016/3027(RSP)) 112

2018/C 238/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-oqbra tal-massa fl-Iraq (2016/3028(RSP)) 117

2018/C 238/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (D047308/01 – 2016/3010(RSP)) . 120

2018/C 238/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ għas-superstiti tat-thalidomide (2016/3029(RSP)) 125

2018/C 238/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar ir-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi (2016/2902(RSP)) 128

2018/C 238/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2015 (2016/2146(INI)) 132

2018/C 238/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar ftehimiet dwar l-avjazzjoni internazzjonali (2016/2961(RSP)) 142

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/17 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (16152/2014 – C8-0152/2015 – 2014/0195(NLE)) 144

2018/C 238/18 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (11625/1/2016 – C8-0427/2016 – 2012/0179(COD)) 145

2018/C 238/19 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar ir-reviżjoni ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (2016/2114(REG)) 146

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/20 P8_TA(2016)0488

Proċedimenti ta' insolvenza u prattikanti fl-insolvenza ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-listi tal-proċedimenti ta' insolvenza u l-prattikanti fl-insolvenza fl-Annessi A u B tar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (COM(2016)0317 – C8-0196/2016 – 2016/0159(COD))

P8_TC1-COD(2016)0159

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni r-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza 393

2018/C 238/21 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/1/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE)) 394

2018/C 238/22 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (07620/2016 – C8-0463/2016 – 2016/0092(NLE)) 395

2018/C 238/23 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (10711/2016 – C8-0332/2016 – 2016/0192(NLE)) 396

2018/C 238/24 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn il-Georgia u l-Europol (10343/2016 – C8-0266/2016 – 2016/0810(CNS)) 397

2018/C 238/25 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive) (COM(2016)0708 – C8-0454/2016 – 2016/2298(BUD)) 398

2018/C 238/26 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (11197/1/2016 – C8-0424/2016 – 2013/0013(COD)) 403

2018/C 238/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija (11198/1/2016 – C8-0425/2016 – 2013/0028(COD)) 404

2018/C 238/28 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (11199/1/2016– C8-0426/2016 – 2013/0029(COD)) 406

2018/C 238/29 P8_TA(2016)0499

L-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD))

P8_TC1-COD(2013)0157

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet 407

2018/C 238/30 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar in-nomina ta' Juhan Parts bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C8-0445/2016 – 2016/0817(NLE)) 409

2018/C 238/31 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall–Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (COM(2016)0075 – C8-0099/2016 – 2016/0047(NLE)) 410

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

2018/C 238/32 P8_TA(2016)0508

Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal jew huma eżentati mill-ħtieġa ta' viża: reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni) (COM(2016)0290 – C8-0176/2016 – 2016/0142(COD))

P8_TC1-COD(2016)0142

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni) 416

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 12-15 ta' Diċembru 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 387, 16.11.2017.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0485

Sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015 (2016/2009(INI))

(2018/C 238/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 ("il-Karta"), li ġiet ipproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 fi Strasburgu u li daħlet fis-seħħ mat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1948,

— wara li kkunsidra t-trattati tan-NU dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li ġiet adottata fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006 u ratifikata mill-UE nhar it-23 ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Finali adottati f'Ottubru 2015 mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,

— wara li kkunsidra l-Kummenti Ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Nru 6 (2005) dwar it-trattament tat-tfal mhux akkumpanjati u mifruda barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, Nru 7 (2005) dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija, Nru 9 (2006) dwar id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, Nru 10 (2007) dwar id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja tal-minorenni, Nru 12 (2009) dwar id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa, Nru 13 (2011) dwar id-dritt tat-tfal għall-ħelsien minn kull forma ta' vjolenza u Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni ewlenija,

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ([1]) u tas-6 ta' Frar 2014 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn l-eliminazzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili" ([2]), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u t-tfajliet, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 għaliha dwar l-Istatus ta' Rifuġjati,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1990 dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u tal-Isfruttament jew il-Prostituzzjoni ta' Oħrajn,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji u Linji Gwida Rakkomandati mill-OHCHR dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-Fruntieri Internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-22 ta' Lulju 2014 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni tal-verità, il-ġustizzja, il-kumpens u l-garanziji tan-nonrikorrenza,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali tal-Pjan Internazzjonali ta' Madrid ta' Azzjoni fuq it-Tixjiħ, 2002,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-"Prinċipji ta' Pariġi"), annessi mar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 48/134,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa 1985 (2014) – Is-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Karta dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika ([3]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0126.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0105.
([3]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva ([7]) u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni li saret bejn Lulju u Settembru 2015,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ([8]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ([9]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI ([10]),

— wara li kkunsidra d-direttivi dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali,

— wara li kkunsidra l-Pakkett dwar il-Protezzjoni ta' Data li ġie adottat f'Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 ([11]) li jistabbilixxi Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 ([12]) (id-Direttiva tal-Proċeduri ta' Asil),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002,

---

([1]) ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1.
([3]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55
([4]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
([5]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([6]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
([7]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([8]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([9]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([10]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
([11]) ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.
([12]) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-perjodu 2011-2020 adottat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2011 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-5-6 ta' Ġunju 2014 dwar politika dwar l-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015 dwar opportunitajiet għal dħul indaqs għan-nisa u l-irġiel: intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel:

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-grupp ta' tliet Presidenzi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tas-7 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza tal-LGBTI, adottati fis-16 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Ewrobarometru intitolat "Id-Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015",

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt (COM(2014)0158) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titolu "L-iżgurar tar-rispett għall-Istat tad-Dritt",

— wara li kkunsidra l-Lista ta' Azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea (SWD (2016)0054),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi" (COM(2016)0377),

— wara li kkunsidra l-istrateġija Ewropa 2020, speċifikament il-miri tagħha dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali,

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-OECD/l-Unjoni Ewropea intitolata "Indikaturi ta' Integrazzjoni tal-Immigrazzjoni 2015 – Issetilljar",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni" (COM(2013)0083), u r-rakkomandazzjoni tagħha 2013/112/EU tal-20 ta' Frar 2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ",

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-objettivi ta' Barċellona tad-29 ta' Mejju 2013 bit-titolu "L-iżvilupp tas-servizzi ta' akkoljenza tat-tfal żgħar fl-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u inklusiv", (COM(2013)0322),

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 (COM(2012)0286), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-iżvilupp ta' linji gwida dwar is-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom fl-2020 (COM(2011)0173) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Passi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom" (COM(2013)0454),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2015 tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (COM(2016)0265) u d-dokumenti ta' ħidma mehmuża miegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2013 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE – Ċittadini tal-UE: id-drittijiet tiegħek, il-futur tiegħek (COM(2013)0269),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati Membri ta' integrazzjoni tar-Rom – 2016" (COM(2016)0424),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-UE kontra l-Korruzzjoni (COM(2014)0038) maħruġ mill-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2015)0240),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2015)0185),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2015,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li qed jikkontribwixxu għall-Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali dwar "Il-pluraliżmu tal-media u d-demokrazija" tal-2016,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni rigward l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-aħħar waħda, jiġifieri dik tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2013-2014) ([4]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0594.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0062.
([3]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 165.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0286.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni, b'mod partikolari dik l-aktar riċenti datata t-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar il-ħarsien tal-minoranzi u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2015 dwar l-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tar-Rom – anti-Żingariżmu fl-Ewropa u r-rikonoxximent min-naħa tal-UE tal-jum ta' tifkira tal-ġenoċidju tar-Rom matul it-Tieni Gwerra Dinjija ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Karta tal-UE: Regoli komuni għal-libertà tal-media fl-UE kollha ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ([7]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/8/2014/AN dwar il-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 2/2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) rigward l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-KEDB,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, u l-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li għalihom il-Karta hija wieħed mid-dokumenti ta' referenza fl-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari l-Kawżi C-83/14, C-360/10, C-70/10, C-390/12, C-199/12, C-200/12, C-201/12, C-404/15, C-659/15 u C-362/14,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Manwal tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-liġi Ewropea li tittratta d-Drittijiet tat-Tfal (2015),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal – Perspettivi u esperjenzi ta' professjonisti rigward il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE (2015),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità: il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi fl-UE (2015),

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE (2013) tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, għar-rapport tagħha bl-isem "Being Trans in the European Union Comparative analysis of the EU LGBT survey data" (Xi jfisser tkun transesswali fl-Unjoni Ewropea – analiżi komparattiva tad-data tal-istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE) (2014) u d-dokument ta' fokus tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' persuni intersesswali (2015),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0102.
([2]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 405.
([3]) ĠU C 289, 9.8.2016, p. 57.
([4]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 52.
([5]) ĠU C 328, 6.9.2016, p. 4.
([6]) ĠU C 55, 12.2.2016, p. 33.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2016)0409.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Il-vjolenza fuq in-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha",

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-Antisemitiżmu – ħarsa ġenerali lejn id-data disponibbli fl-Unjoni Ewropea 2004-2015,

— wara li kkunsidra l-analiżi legali komparattiva tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess fl-UE,

— wara li kkunsidra l-istħarriġ EU-MIDIS mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali u l-istħarriġ dwar ir-Rom,

— wara li kkunsidra l-Indiċi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2015 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u r-rapport tiegħu tal-2015 intitolat "Reconciliation of work, family and private life in the European Union: Policy review" (Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata fl-Unjoni Ewropea: Rieżami tal-politika),

— wara li kkunsidra lill-Istudju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar l-identifikazzjoni u l-immappjar tad-data u r-riżorsi eżistenti dwar il-vjolenza sesswali kontra n-nisa fl-UE",

— wara li kkunsidra r-rapport ta' sitwazzjoni tal-2016 tal-Europol dwar it-traffikar ta' bnedmin fl-UE,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurostat tal-2015 dwar it-traffikar tal-bnedmin,

— wara li kkunsidra l-istudji tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) dwar il-ħin tax-xogħol u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'perspettiva tul il-ħajja (2013) u dwar il-kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti: l-effett fuq il-karrieri tal-ħaddiema żgħażagħ (2013) u dwar ix-xogħol u l-kura: miżuri ta' rikonċiljazzjoni fi żminijiet ta' tibdil demografiku (2015),

— wara li kkunsidra l-istudju mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Mejju 2015 bit-titolu "Gender equality in employment and occupation – Directive 2006/54/EC, European Implementation Assessment" (L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjieg u fix-xogħol – id-Direttiva 2006/54/KE, Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea),

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament bit-titolu "Discrimination Generated by the Intersection of Gender and Disability" (Diskriminazzjoni Ġġenerata mill-Intersezzjoni tas-Sessi u d-Diżabilità),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tas-16 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0345/2016),

A. billi huwa essenzjali li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali kollha; billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saret parti integrali mit-Trattati; u billi qiegħed iseħħ ksur tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, kif jidher fir-rapporti tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kunsill tal-Ewropa u n-NU, u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs);

B. billi l-Unjoni Ewropea hija komunità bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

C. billi l-istat tad-dritt huwa s-sinsla tad-demokrazija liberali Ewropea u huwa wieħed mill-prinċipji fundaturi tal-UE li joriginaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri kollha, u billi r-rispett tal-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-obbligi fundamentali stabbiliti fit-Trattati u fid-dritt internazzjonali;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

D. billi biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-lum, l-UE u l-Istati Membri għandhom iħarsu u jinfurzaw dawn il-valuri f'kull azzjoni li jieħdu; billi l-mod li bih l-istat tad-dritt jiġi implimentat fil-livell nazzjonali jaqdi rwol ewlieni fl-iżgurar tal-fiduċja reċiproka fir-rigward tal-Istati Membri u tas-sistemi ġuridiċi tagħhom; billi skont l-Artikolu 17 tat-Trattat UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati;

E. billi l-istituzzjonijiet tal-UE diġà bdew proċeduri biex tingħeleb 'l hekk imsejħa "dilemma ta' Copenhagen"; billi l-iżviluppi riċenti wrew li l-istrumenti u l-proċessi biex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-prinċipji u l-valuri tat-Trattati għandhom jiġu riveduti u integrati, u li għandu jiġi żviluppat mekkaniżmu effettiv biex jingħalqu l-lakuni li fadal u biex jiżgura li l-prinċipji u l-valuri tat-Trattat jitħarsu madwar l-Unjoni; billi dan il-mekkaniżmu għandu jkun ibbażat fuq provi, u għandu jkun oġġettiv, mhux diskriminatorju u għandu jivvaluta fl-istess livell, b'rispett għall-prinċipji ta' sussidjarjetà, neċessità u proporzjonalità, li jkun japplika kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u għandu jkun ibbażat fuq approċċ gradat, inkluż kemm aspett preventiv kif ukoll wieħed korrettiv;

F. billi l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha biex tirrispetta l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, kif ukoll id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni kif minquxa fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-KEDB;

G. billi l-migrazzjoni hija parti mill-preżent u mill-futur tal-UE u waħda mill-ikbar sfidi ta' żminijietna, peress li tappella għar-responsabilitajiet umanitarji internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll bħala opportunità għal raġunijiet demografiċi, u teħtieġ soluzzjoni li tħares 'il quddiem, kemm f'termini ta' ġestjoni ta' kriżi fuq perjodu ta' żmien qasir u medju kif ukoll ta' politiki fit-tul għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali;

H. billi d-dritt għal asil huwa garantit mill-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (Konvenzjoni ta' Ġinevra) tal-1951 u mill-Protokoll tagħha tal-31 ta' Jannar 1967, kif ukoll mill-Karta;

I. billi bejn Settembru u Diċembru 2015 il-Kummissjoni adottat 48 deċiżjoni ta' ksur kontra Stati Membri talli naqsu milli jittrasponu u jimplimentaw għalkollox is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil;

J. billi, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, "mill-inqas 3 771 ruħ mietu jew għebu fl-2015 waqt li kienu qed jippruvaw jaslu f'post sikur fl-Ewropa, u b'hekk l-għadd totali ta' persuni mejta u li għebu tul dawn l-aħħar 20 sena kien ta' aktar minn 30 000";

K. billi l-atti ta' terroriżmu jikkostitwixxu wieħed mill-aktar ksur serju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; billi hu meħtieġ li jkun hemm fis-seħħ għodod adegwati li jipproteġu liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE u li jirrispondu b'mod inekwivoku u jiġġieldu tali ksur fil-qafas tal-istat tad-dritt;

L. billi l-qtil ta' tmien ġurnalisti fl-uffiċċji tar-rivista satirika *Charlie Hebdo* fis-7 ta' Jannar 2015 irrappreżenta tentattiv ta' attakk kontra l-libertà tal-media, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-arti fl-UE;

M. billi huwa essenzjali li fil-miżuri kollha meħuda mill-Istati Membri u mill-UE, id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ċivili jiġu rispettati, inkluż ir-rispett għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust, għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; billi s-sorveljanza demokratika effettiva tal-miżuri ta' sigurtà hija essenzjali; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej għandha tippreserva d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom; billi, tassew, dawn iż-żewġ prinċipji huma żewġ naħat tal-istess munita;

N. billi kull limitazzjoni għad-drittijiet u għal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta huma soġġetti għall-prinċipju ta' proporzjonalità u neċessità f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

O. billi l-kompetenzi tal-Istati Membri jridu jiġu rrispettati rigward is-servizzi ta' intelligence f'konformità mal-Artikolu 72 tat-TFUE;

P. billi d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha jiddikjara li l-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq il-forniturі, meta jipprovdu servizzi ta' trażmissjoni, ħżin u hosting, li jimmonitorjaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas obbligu ġenerali biex ikunu attivament imfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali;

Q. billi, skont il-Kummissjoni, 75 miljun persuna jisfaw vittmi tal-kriminalità madwar l-UE kull sena;

R. billi t-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju, li spiss jitwettaq fi ħdan il-qafas tal-kriminalità organizzata, li jirrappreżenta theddida serja għad-dinjità tal-bniedem, jikkostitwixxi wieħed mill-agħar tipi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet u huwa espliċitament projbit mill-Karta;

S. billi t-traffikar għall-iskop ta' sfruttament sesswali għadu jikkostitwixxi l-aktar forma mifruxa; billi 76 % tal-vittmi rreġistrati fl-UE huma nisa; billi 70 % tal-vittmi identifikati tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE huma ċittadini tal-UE;

T. billi d-Direttiva 2011/36/UE tintroduċi dispożizzjonijiet komuni, waqt li tqis il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom;

U. billi t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali huma żewġ fenomeni differenti ħafna, iżda, f'xi każijiet, jista' jkun hemm rabta bejniethom;

V. billi d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija, id-diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda motivati minn razziżmu jew ksenofobija, jew minn preġudizzji kontra r-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru persuna, jheddu l-valuri ċentrali tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi hemm żieda fid-diskors ta' mibegħda fost il-forzi politiċi u ksenofobija li qed tikber u preġudizzji oħra f'setturi importanti tal-popolazzjoni, inkluż permezz tal-internet; billi l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija hija kruċjali biex jiġi żgurat ir-rispett għall-valuri Ewropej tat-tolleranza, id-diversità u r-rispett reċiproku;

W. billi l-persuni jaf ikunu esposti għal diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; billi l-politiki mmirati lejn bażi waħda ta' diskriminazzjoni għandhom jagħtu attenzjoni lis-sitwazzjoni ta' gruppi speċifiċi li hemm probabilità li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni multipla li tista' tkun ibbażata, fost affarijiet oħra, fuq l-età, ir-razza, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru jew id-diżabilità;

X. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE, u kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru hija pprojbita;

Y. billi l-vjolenza fuq in-nisa tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali li jolqot il-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, l-edukazzjoni, l-introjtu, il-pożizzjoni soċjali jew il-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza; billi l-inugwaljanza bejn is-sessi u l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru jżidu r-riskju tal-vjolenza u forom oħra ta' sfruttament u jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fl-oqsma kollha tal-ħajja;

Z. billi, skont l-informazzjoni mill-istħarriġ "Violence against Women" tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, waħda minn kull tliet nisa fl-UE esperjenzat vjolenza fiżika jew sesswali mill-età ta' 15-il sena, filwaqt li waħda minn kull għaxra kienet vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali u waħda minn kull għoxrin ġiet stuprata minn dik l-età;

AA. billi l-vjolenza sessista u l-vjolenza fuq in-nisa għadhom ta' spiss jiġu ttollerati "fis-silenzju" f'ħafna postijiet, u ħafna drabi ma jiġux irrappurtati lill-pulizija minħabba n-nuqqas ta' fiduċja tal-vittmi fl-awtoritajiet; billi huwa meħtieġ approċċ ta' tolleranza żero;

([1]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

AB. billi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma kompetenza tal-Istati Membri; billi, madankollu, l-UE tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;

AC. billi huwa neċessarju li jiġi ggarantit aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, irrispettivament mis-sitwazzjoni ekonomika u ġeografika, u s-sitwazzjoni tad-diżabilità tan-nisa;

AD. billi t-tfal huma l-futur tas-soċjetà tagħna u aħna responsabbli għall-preżent tagħhom; billi l-edukazzjoni hija waħda mill-aħjar modi biex jingħataw valuri bħalma huma l-paċi, it-tolleranza, il-koeżistenza, l-ugwaljanza, il-ġustizzja u r-rispett tad-dinjità tal-bniedem permezz tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Karta;

AE. billi l-linji telefoniċi għall-għajnuna għat-tfal, is-servizzi ta' informazzjoni u għodod simili huma utli bħala mekkaniżmi ta' sensibilizzazzjoni, riferiment għal konsulenti u rappurtar għal każijiet relatati mal-ksur tad-drittijiet tat-tfal;

AF. billi x-xandir dirett ta' abbuż sesswali tat-tfal m'għadux tendenza emerġenti ġdida, iżda realtà stabbilita; billi t-tfal huma f'riskju ta' ħsara permezz ta' grooming u solleċitazzjoni fuq l-internet għal finijiet sesswali, li fl-aktar każijiet serji jista' jwassal għal koerċiżżjoni sesswali u forom jew abbużi oħra, u mhux qed issir azzjoni biżżejjed għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' programmi edukattivi, u lanqas biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-netwerks tal-pedofilija;

AG. billi d-dritt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data personali huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-tfal, li jirrappreżentaw l-aktar parti indifiża tas-soċjetà;

AH. billi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, it-tfal mhux akkumpanjati jew separati m'għandhomx, bħala regola ġenerali, jiġu detenuti, u t-tqegħid tagħhom f'ambjent sikur li jipprovdi l-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni kollha meħtieġa għandu jkun żgurat;

AI. billi r-rispett tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huwa wieħed mill-prinċipji sisien tal-UE; billi l-protezzjoni effettiva tal-minoranzi jeħtieġ li tissaħħaħ; billi, fid-dawl taż-żieda fil-populiżmu u l-estremiżmu, il-koeżistenza mal-minoranzi u r-rispett tagħhom għandhom jiġu promossi; billi l-minoranzi jikkontribwixxu għar-rikkezza u d-diversità tal-Ewropa; billi l-kriżi tal-migrazzjoni wasslet għal nuqqas ta' fiduċja u mibegħda li qed tiżdied fil-konfront tal-komunitajiet ta' minoranzi fl-Ewropa;

AJ. billi r-Rapport tal-2016 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar id-Dirritijiet Fundamentali sab li d-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu għadhom qed joħolqu sfidi għall-integrazzjoni effettiva tar-Rom; billi, skont l-istħarriġ tal-2015 tal-Ewrobarometru dwar id-diskriminazzjoni, l-oriġini etnika hija kkunsidrata bħala l-aktar raġuni prevalenti ta' diskriminazzjoni;

AK. billi l-persuni Rom fl-Ewropa, individwalment jew bħala grupp, jiffaċċaw l-anti-Żingariżmu, il-preġudizzju sistematiku, ir-razziżmu, l-intolleranza, l-ostilità, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali fil-ħajja tagħhom ta' kuljum; billi s-segregazzjoni tat-tfal Rom fl-iskejjel għadha problema persistenti fil-parti l-kbira tal-Istati Membri; billi d-diskriminazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol ma tippermettilhomx li jtejbu l-abilità tagħhom li jaħarbu miċ-ċirku vizzjuż tal-faqar;

AL. billi l-importanza tad-drittijiet soċjali fundamentali hija rikonoxxuta fl-Artikoli 8, 9, 10, 19 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess kif inhi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u b'hekk hu enfasizzat il-fatt li dawn id-drittijiet, u partikolarment id-drittijiet tat-trade unions, id-dritt tal-istrajk, id-dritt ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' għaqda, iridu jingħataw l-istess salvagwardji bħad-drittijiet fundamentali l-oħra rikonoxxuti mill-Karta;

AM. billi huma biss 27 % tal-Ewropej li huma familjari man-numru tat-telefon ta' emerġenza uniku Ewropew 112, u mhux kulħadd għandu aċċess għalih;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

AN. billi l-Istati Membri kollha huma obbligati jipproteġu kull persuna, inklużi l-persuni LGBTI, minn kull tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza; billi kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru għandu jiġi kkundannat;.

AO. billi, skont riċerka fil-post tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-u l-istereotipi u l-attitudnijiet soċjali negattivi prevalenti jirrappreżentaw ostaklu ewlieni biex jiġu indirizzata d-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTI;

AP. billi, skont l-istudju tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-persuni trans li wieġbu indikaw l-ogħla livell ta' diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju fost is-sottogruppi tal-persuni LGBTI;

Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità

1. Itenni li d-dinjità tal-bniedem hija l-bażi invjolabbli tad-drittijiet fundamentali kollha, li m'għandha tkun soġġetta għal ebda strumentalizzazzjoni, u li għandha tkun irrispettata u protetta fl-inizjattivi kollha tal-UE; jitlob sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-UE dwar id-dinjità inerenti tal-persuni kollha sabiex tinkiseb soċjetà aktar umana u ġusta;

2. Jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza fl-UE fuq il-bnedmin kollha, peress li tikkostitwixxi ksur dirett tad-dinjità tal-bniedem;

3. Itenni t-talba tiegħu għar-rispett tad-dinjità fi tmiem il-ħajja; jissottolinja li l-piena tal-mewt tmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE;

4. Jenfasizza li l-adeżjoni tal-Unjoni mal-KEPD hija obbligu tat-Trattat skont l-Artikolu 6(2) tat-Trattat UE; jinnota li dan isaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jistenna li l-ostakli legali għall-adeżjoni jiġu eliminati malajr kemm jista' jkun;

Stat tad-dritt

5. Jenfasizza li d-drittijiet fundamentali huma universali, indiviżibbli u dejjem komplementari, u li għalhekk irid jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet ta' kulħadd f'soċjetà għanja u diversa; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiġu implimentati bis-sħiħ, kemm fl-UE kif ukoll fil-leġiżlazzjoni nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur kull meta Stat Membru jikser il-Karta fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE;

6. Ifakkar li fir-relazzjonijiet tagħha mad-dinja fuq skala usa', l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet fir-relazzjonijiet esterni, kif ukoll fil-politiki interni b'konsegwenzi esterni;

7. Ifakkar li huwa essenzjali li jiġi ggarantit li l-valuri komuni Ewropej elenkati fl-Artikolu 2 tat-Trattat UE jiġu rispettati bis-sħiħ, kemm fil-leġiżlazzjoni Ewropea kif ukoll fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll fil-politiki pubbliċi u l-implimentazzjoni tagħhom; jemmen li sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, l-atturi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali jeħtieġ li jintensifikaw l-isforz tagħhom biex huwa jinżamm u jissaħħaħ; jinnota li ġudikatura effiċjenti, indipendenti u imparzjali hija essenzjali għall-istat tad-dritt;

8. Jinnota li l-iskambji regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE, u fost l-Istati Membri nfushom, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u valutazzjonijiet kuntestwali, jistgħu jtaffu jew jipprevjenu kwalunkwe problema dwar l-istat tad-dritt fil-ġejjieni; itenni t-talba tiegħu għall-istabbiliment ta' Patt tal-Unjoni dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali, li għandu jikkonsisti f'rapport annwali b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż; iqis li dan ir-rapport għandu jitfassal permezz ta' varjetà ta' sorsi, inkluża l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kunsill tal-Ewropa jew rapporti tan-NU, u għandu jinkorpora u jikkumplementa strumenti eżistenti, bħal pereżempju t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja, u jisostitwixxi l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għar-Rumanija u l-Bulgarija;

9. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill jorganizza regolarment dibattiti dwar l-istat tad-dritt; Iqis li l-Patt tal-Unjoni jenħtieġ li jinkorpora l-Qafas tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni u d-Djalogu dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kunsill fi strument uniku tal-Unjoni, u li l-Kunsill jenħtieġ li jsawwar id-dibattitu tiegħu abbażi tar-rapport annwali b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

10. Ifakkar li d-drittijiet fundamentali jenħtieġ li jiġu inklużi bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-proposti leġiżlattivi kollha;

11. Jenfasizza li l-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini Ewropej u tal-familji tagħhom, kif stabbilit fit-Trattati u garantit mid-Direttiva dwar il-Libertà ta' Moviment hija wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej;

12. Jirrikonoxxi li n-newtralità tal-Istat hija essenzjali għall-protezzjoni tal-libertà ta' ħsieb, ta' kuxjenza u ta' reliġjon, billi jiġi ggarantit trattament ugwali tar-reliġjonijiet kollha u t-twemmin kollu, u l-libertà ta' kull persuna li tipprattika r-reliġjon tal-għażla tagħha u li tibdel ir-reliġjon jew it-twemmin;

13. Ifakkar li l-libertà ta' espressjoni, ta' informazzjoni u tal-media hija fundamentali biex jiġu żgurati d-demokrazija u l-istat tad-dritt; jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza, il-pressjoni u t-theddid kontra ġurnalisti u l-media; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jistipulaw kwalunkwe miżura li tillimita l-libertà tal-media, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq skala ikbar, tul il-proċess ta' negozjati ta' adeżjoni, fuq il-konformità anki fir-rigward ta' dawn id-drittijiet fundamentali;

14. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jeżaminaw il-possibilità li tiġi stabbilita skema ta' protezzjoni u jipprovdu salvagwardji għas-sorsi tal-ġurnalisti;

15. Jesprimi tħassib dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet f'xi Stati Membri, li spiss huma kkaratterizzati minn iffullar u trattament ħażin; jinnota li d-drittijiet fundamentali tal-ħabsin iridu jiġu ggarantiti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tas-sistema ġudizzjarja tal-ħabs u dik kriminali fuq it-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, u biex tiffaċilita skambju tal-aħjar prattiki bejn awtoritajiet nazzjonali differenti dwar mudelli differenti ta' garanzija ta' relazzjoni bejn il-ġenituri li qed jiskontaw sentenza ta' ħabs u uliedhom;

16. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu fir-rigward tal-użu ta' tekniki ta' interrogazzjoni msaħħa, li huma pprojbiti skont id-dritt internazzjonali u li jiksru, fost l-oħrajn, id-drittijiet tal-libertà, is-sigurtà, it-trattament dinjituż, il-libertà mit-tortura, il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-proċess ġust, il-konsulenza legali u l-protezzjoni ugwali skont il-liġi;

17. Itenni l-appell tiegħu biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal ksur fuq skala wiesgħa tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fil-kuntest tat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri, permezz ta' investigazzjonijiet miftuħa u trasparenti;

18. Jenfasizza li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġġieldu l-korruzzjoni sistematika, jiżviluppaw strumenti effettivi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u s-sanzjonijiet tagħha, jimmonitorjaw b'mod regolari l-użu tal-fondi pubbliċi, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali, u biex jippromwovu t-trasparenza;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta strateġija kontra l-korruzzjoni li tkun ikkumplementata minn strumenti effettivi; jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni; iħeġġiġhom isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden, għal dan il-għan, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiffaċilitaw l-istabbiliment rapidu tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u b'hekk jipprovdu garanziji adegwati ta' indipendenza u effiċjenza;

Migrazzjoni, integrazzjoni u inklużjoni soċjali

Integrazzjoni u inklużjoni soċjali

20. Iqis li l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali tal-migranti u r-rifuġjati mogħtija protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà ospitanti huma parti minn proċess dinamiku u multidimensjonali (li jinvolvi drittijiet u obbligi) fejn ir-rispett tal-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE jrid ikun parti integrali, kif irid ikun ir-rispett tad-drittijiet fundamentali ta' dawk ikkonċernati; jemmen li dan jirrappreżenta sfida u opportunità li tirrikjedi sforzi kkoordinati u l-assunzjoni ta' responsabilitajiet, kemm min-naħa tar-rifuġjati u l-migranti kif ukoll mill-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali tagħhom u l-komunitajiet ospitanti, li kollha għandhom rwol importanti;

21. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw politika ta' integrazzjoni kemm jista' jkun malajr u b'riżorsi adegwati ddedikati, u biex jifformulawhom b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet nazzjonali, gvernijiet lokali, l-iskejjel u l-NGOs, kif ukoll mal-komunitajiet tal-migranti u r-rifuġjati; iħeġġeġ skambju akbar tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-integrazzjoni; jitlob li jitfasslu programmi edukattivi li jqisu l-aspetti reġjonali u lokali tal-komunitajiet ikkonċernati;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

22. Iqis li l-aċċess għall-edukazzjoni huwa wieħed mill-pedamenti għall-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati; jenfasizza l-fatt li l-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' opportunitajiet indaqs għandhom jeħtiġilhom jiġu żgurati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-miżuri ta' inklużjoni soċjali u integrazzjoni;

23. Itenni li t-tolleranza interkulturali u interreliġjuża jeħtieġ li tiġi promossa permezz ta' sforzi kostanti u djalogu estensiv li jinvolvi l-atturi kollha fis-soċjetà, u fil-livelli kollha ta' governanza;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu li jżommu l-familji flimkien, u dan jgħin il-prospetti ta' integrazzjoni fit-tul; jistieden lill-Istati Membri jsegwu l-linji gwida tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja; jissottolinja li l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex jegħlbu l-ostakli legali u prattiċi biex jaslu għal deċiżjonijiet b'aktar ħeffa dwar din il-kwistjoni;

Migranti u rifuġjati

25. Jinnota bi tħassib l-inċidenti fir-rigward tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-migranti u r-rifuġjati fil-fruntieri esterni tal-UE, u jtenni li l-bnedmin kollha huma intitolati li jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom; ifakkar fid-dritt fundamentali li persuna titlob asil; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiddedikaw riżorsi biżżejjed biex joħolqu rotot sikuri u legali għall-persuni li jfittxu asil biex jimminaw il-mudell kummerċjali tan-netwerks ta' traffikar u tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' persuni, kif ukoll biex jeħilsu lil bosta persuni mir-riskju li jaqbdu rotot perikolużi; ifakkar li s-salvataġġ tal-ħajjiet huwa att ta' solidarjetà ma' dawk fir-riskju, iżda li huwa wkoll obbligu legali; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw id-dritt internazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, meta jwettqu azzjonijiet ta' gwardji tal-fruntieri u l-proċeduri tal-asil; jirrimarka li persuni fiżiċi jew l-NGOs li ġenwinament jgħinu lil persuni f'diffikultà ma għandhomx jissograw piena talli jipprovdu tali assistenza;

26. Jilqa' l-fatt li r-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li ġie adottat reċentement (EBCG) jipprevedi mandat speċifiku biex l-Aġenzija EBCG tappoġġja l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, kif ukoll biex tiżgura s-salvagwardji dwar id-drittijiet fundamentali stabbiliti f'dan ir-Regolament; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ adegwat għall-professjonisti fil-qasam tal-asil (bħal dawk li jagħmlu interrogazzjoni u l-interpreti) sabiex jiġu identifikati l-gruppi vulnerabbli mill-aktar fis possibbli, u biex it-talbiet għall-asil jiġu pproċessati b'mod konformi mad-Direttiva dwar Kwalifiki għall-Asil u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu kundizzjonijiet ta' akkoljenza li ma jċaħħdux il-persuni mid-drittijiet fundamentali tagħhom għal standard ta' għajxien dinjituż u għas-saħħa fiżika u mentali, u li jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali eżistenti u l-leġiżlazzjoni dwar l-asil, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-gruppi l-aktar vulnerabbli; ifakkar li kemm id-dritt internazzjonali kif ukoll il-Karta jeżiġu li l-Istati Membri jeżaminaw alternattivi għad-detenzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-identifikazzjoni effettiva u bikrija ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li jfittxu asil, l-aċċess immedjat tagħhom għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza adattati u l-għoti ta' garanziji proċedurali; ifakkar li d-dritt ta' aċċess effettiv għall-proċeduri hija parti integrali tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv, anki fi proċeduri kriminali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tingħata informazzjoni u tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tad-detenzjoni tal-migranti u tal-persuni li jfittxu asil fl-Istati Membri;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 sabiex jinkludi data statistika differenzjata skont il-ġeneri dwar l-operazzjoni tal-faċilitajiet ta' detenzjoni, sabiex wieħed jifhem aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tar-rifuġjati u l-persuni li jfittxu l-asil u jirreaġġixi għalihom aħjar; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki komprensivi biex itemmu l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, u miżuri speċifiċi biex jiġi żgurat li n-nisa rifuġjati u n-nisa li jfittxu asil jiġu protetti u jkollhom aċċess għall-ġustizzja; jenfasizza li n-nisa migranti jistgħu jiffaċċaw diskriminazzjoni doppja fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew ta' akkoljenza, u jeħtieġ li jkollhom aċċess għal provvisti tal-iġjene femminili, privatezza u kura tas-saħħa;

29. Jesprimi tħassib dwar rapporti ta' ġestjoni tal-fondi għall-akkoljenza tal-migranti infiltrata mill-kriminalità organizzata, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-użu ta' dawn il-fondi, u tiżgura li kwalunkwe irregolarità tiġi investigata u dawk responsabbli jitressqu l-qorti;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

30. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jinċitaw il-biża' u l-mibegħda fost iċ-ċittadini tagħhom lejn il-migranti u l-persuni li jfittxu asil biex isir gwadann politiku; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji pożittivi bil-għan li jgħinu liċ-ċittadini jaffrontaw l-integrazzjoni b'mod aħjar;

31. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma rnexxilhiex issegwi r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2011 dwar strateġija tal-UE għal persuni mingħajr dar ([1]) u tas-16 ta' Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għal persuni mingħajr dar ([2]), u b'mod partikolari l-paragrafi 10 u 11 tagħha; jenfasizza li l-raġunijiet għal strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar għadhom validi;

Libertà u sigurtà

32. Jilqa' l-inizjattivi u l-azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil qasam tas-sigurtà bejn l-Istati Membri u li jiġi stabbilit rispons effettiv tal-UE għat-theddid tat-terroriżmu u t-theddid għas-sigurtà fl-Unjoni Ewropea, u jappoġġja bis-sħiħ miżuri biex titwitta t-triq lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw bis-sħiħ ma' xulxin, u biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom u mal-Europol u aġenziji Ewropej rilevanti oħra; jenfasizza l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob li ssir evalwazzjoni tal-miżuri eżistenti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

33. Jenfasizza li kwalunkwe sistema ta' sorveljanza indiskriminata tal-massa tikkostitwixxi interferenza serja fid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jenfasizza li kwalunkwe proposta leġiżlattiva fl-Istati Membri relatata ma' kapaċitajiet ta' korpi ta' intelligence jenħtieġ li dejjem tkun konformi mal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità u neċessità u, filwaqt li jirrikonoxxi l-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità ta' tali żviluppi leġiżlattivi mat-Trattati, peress li dawn potenzjalment iqajmu kwistjonijiet legali importanti;

34. Jenfasizza li Stat Membru, kull meta jieħu miżuri f'sitwazzjoni ta' emerġenza, jenħtieġ li dejjem jikkonforma mat-Trattati u l-KEDB; jirrimarka li kwalunkwe deroga għandha tkun limitata għal dak li s-sitwazzjoni tirrikjedi strettament u trid tkun konsistenti mal-obbligi tal-Istat Membru inkwistjoni skont id-dritt internazzjonali;

35. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza fil-qasam tas-servizzi ta' intelligence ikunu konformi mal-Karta u mal-KEDB;

36. Jitlob li l-aġenziji u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jaħdmu kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali, ikunu involuti f'dawn l-isforzi u biex jiżguraw li dawn jirċievu t-taħriġ u l-informazzjoni meħtieġa għal xogħolhom; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-ostilità fir-rigward tal-ġurnalisti u l-mezzi tax-xandir minn movimenti politiċi, reliġjużi u terroristiċi; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-ġurnalisti u lill-mezzi tax-xandir bi protezzjoni adegwata, u biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa, billi jużaw il-mezzi legali għad-dispożizzjoni tagħhom, kontra l-attakki fuq il-ġurnalisti;

37. Jenfasizza li t-trattament xieraq tal-vittmi, inklużi l-vittmi tat-terroriżmu, huwa essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm politiki u mekkaniżmi b'saħħithom biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-vittmi, inkluż permezz tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE), biex jiġi żgurat li l-persuni li jisfaw vittmi tal-kriminalità fl-UE jibbenefikaw minn sett minimu ta' drittijiet;

38. Jemmen li politika komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' ċittadini tal-Unjoni minn organizzazzjonijiet terroristiċi tista' tkun ta' suċċess jekk tkun akkumpanjata minn proċessi ta' deradikalizzazzjoni proattivi u fit-tul fl-isfera ġudizzjarja, permezz ta' miżuri ta' edukazzjoni u integrazzjoni u ta' djalogu interkulturali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strateġiji dwar l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali li jindirizzaw ukoll id-diskriminazzjoni li xxekkel l-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-akkomodazzjoni;

([1]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0043.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

39. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, li jridu jiffokaw fuq il-promozzjoni tal-valuri Ewropej, it-tolleranza u l-komunità, mingħajr stigmatizzazzjoni, u jistieden ukoll lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;

40. Jikkunsidra l-applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni bħala parti minn strateġija għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u biex tiffavorixxi d-deradikalizzazzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn organizzazzjonijiet estremisti; ifakkar li l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet reliġjużi fl-Unjoni Ewropea jistgħu joħolqu kundizzjonijiet fertili biex individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet estremisti li jistgħu jkunu vjolenti;

41. Jemmen li għandha tiġi stabbilita sistema Ewropea ta' twissija bikrija u rispons biex jiġu identifikati gruppi li huma f'riskju għoli ta' radikalizzazzjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi akbar, permezz tal-edukazzjoni, għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu inizjattivi fl-internet bil-għan li jiġu miġġielda l-ideat u l-attivitajiet ta' gruppi radikali, u jinkorporaw din id-dimensjoni f'lezzjonijiet l-iskejjel dwar il-prevenzjoni tar-riskji li jeżistu fl-internet; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi akbar biex jgħinu lill-familji ta' dawk li jinsabu f'riskju; jitlob li jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jinbnew narrattivi biex ikunu miġġielda l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni u d-diskors li jħajjar lin-nies jorganizzaw u jwettqu attakki terroristiċi fl-Ewropa; jenfasizza li hija meħtieġa kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej bil-ħsieb li jittejbu l-iskambji ta' informazzjoni sabiex n-netwerks terroristiċi jiġu miġġielda b'mod aktar effiċjenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-istrumenti ta' kooperazzjoni eżistenti sal-punt massimu possibbli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki fir-rigward tal-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ta' persuni fir-riskju, b'mod partikolari fil-ħabsijiet;

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurzaw l-istandards li jiggarantixxu li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) u tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) jiġu implimentati fil-kuntest kemm tad-detenzjoni qabel il-proċess kif ukoll tal-piena kriminali;

43. Itenni r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-introduzzjoni ta' test tal-proporzjonalità u l-eċċezzjoni għad-drittijiet fundamentali;

Traffikar ta' persuni

44. Jistieden lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE jżidu l-isforzi tagħhom rigward in-netwerks ta' traffikar u tal-faċilitaturi kriminali u biex jikkooperaw b'mod iktar intensiv ma' xulxin, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lir-reati kontra t-tfal; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut taħriġ għas-servizzi li jingħataw lill-vittmi jew lill-vittmi potenzjali tat-traffikar, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni kkonċernati b'mod aktar effettiv u jingħatalhom sostenn xieraq, permezz ta' taħriġ li jiffoka fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli;

45. Jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin juri li t-teknoloġiji l-ġodda jippermettu lill-gruppi ta' kriminalità organizzata jkollhom aċċess għal grupp kbir ta' vittmi potenzjali fuq skala ħafna akbar minn qatt qabel, minħabba li ħafna vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, speċjalment għal sfruttament sesswali u tax-xogħol, jiġu reklutati mill-internet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ta' teknoloġiji ġodda bħala għodda ta' reklutaġġ l-aktar ta' nisa u bniet, bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

46. Jenfasizza li l-vulnerabilità tat-tfal tagħmilhom mira preferuta għat-traffikanti, u li l-identifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-identità ta' tfal li huma vittmi tat-traffikar hija problema li qed tikber; ifakkar li xi Stati Membri jikkunsidraw it-traffikar tat-tfal bħala forma separata ta' sfruttament waqt li oħrajn jinkludu l-vittmi tfal mal-adulti, u dan qed ixekkel il-possibilità li tinħoloq stampa ta' intelligence komprensiva u li jiġu definiti l-aħjar reazzjonijiet investigattivi fil-livell tal-UE; jitlob, għalhekk, li jinħolqu għodda li jgħinu biex jinżamm rekord ta' dawn it-tfal fuq il-bażi ta' definizzjoni komuni ta' dan il-fenomenu tal-kriminalità, u miżuri xierqa u mmirati biex it-tfal jiġu akkkumpanjati fil-proċess;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

47. Jinnota li l-ħatra ta' gwardjani għat-tfal mhux akkumpanjati hija garanzija importanti li tiżgura l-aħjar interessi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu f'livelli ċentrali, reġjonali u lokali, biex isaħħu s-sistemi ta' tutela għat-tfal neqsin mill-kura tal-ġenituri u t-tfal mhux akkumpanjati, u biex jistabbilixxu dawn is-sistemi skont il-Manwal ta' Tutela għat-tfal neqsin mill-kura tal-ġenituri; jinnota li, waqt l-implimentazzjoni tas-sistema, jeħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq il-persuni li jkunu qed jakkumpanjaw lit-tfal u, fid-dawl tal-aħjar interessi tat-tfal, fuq il-fatt li t-tfal ma jiġux separati mill-familja jew mill-akkumpanjament mhux formali;

48. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi ugwali biex jidentifikaw, jipproteġu u jassistu lill-vittmi tal-forom kollha ta' sfruttament, billi jinkludu b'mod attiv is-sħab soċjali, is-settur privat, it-trade unions u s-soċjetà ċivili, u jiggarantixxu r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' protezzjoni għall-vittmi fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ u korrett id-Direttiva tal-UE kontra t-traffikar, partikolarment l-Artikolu 8 tagħha, li jitlob li l-vittmi ma jiġux kriminalizzati, kif ukoll id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u jħeġġeġ lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-iskambji tal-aħjar prattiki, bl-appoġġ tal-koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar tal-UE u fil-qafas tan-Netwerk tal-UE tar-Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti dwar it-traffikar tal-bnedmin;

49. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin; jenfasizza li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-aġenziji rilevanti tal-UE, bħall-Europol, għandhom ikunu appoġġjati fl-isforzi tagħhom biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' dawk li jiffaċilitaw it-traffikar tal-bnedmin; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom jindirizzaw il-lat tad-domanda tat-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin;

50. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija għodda effettiva fil-prevenzjoni tat-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin, u jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, jimplimentaw programmi edukattivi ta' prevenzjoni fil-kurrikuli nazzjonali u biex jippromwovu u jintegraw il-programmi ta' prevenzjoni u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;

51. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri għall-prevenzjoni u l-evitar tal-konsum ta' oġġetti u servizzi pprovduti mill-vittmi tat-traffikar tal-bniedem; jenfasizza li miżuri bħal dawn għandhom jiġu inkorporati fl-istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra din il-pjaga, u fiha għandhom jiġu involuti wkoll il-kumpaniji;

52. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu t-traffikar tal-bnedmin għar-rahan bi prattiki tat-tortura bħala sura ta' traffikar tal-bnedmin; iqis li s-sopravissuti ttrawmatizzati b'mod sever għandhom jiġu rikonoxxuti bħala vittmi ta' forma ta' traffikar tal-bnedmin suġġetta għall-prosekuzzjoni u li dawn għandhom jirċievu protezzjoni, kura u appoġġ ([1]);

Ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, u r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda

53. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fir-razziżmu u l-ksenofobija fil-forma ta' Afrofobija u anti-Żingariżmu, anti-Semitiżmu, Iżlamofobija u sentimenti antimigranti; jistieden lill-Istati Membri jħarsu l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkludu d-diskriminazzjoni multipla fil-politiki tal-ugwaljanza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-ħidma dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki, u biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta' intolleranza, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u l-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati rilevanti, pereżempju l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali;

54. Jilqa' l-eżitu tal-Kollokju tal-2015 dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-ħatra ta' Koordinaturi dwar l-anti-Semitiżmu u l-anti-Iżlam; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw u jsaħħu r-reazzjonijiet tal-politika biex tiġi indirizzata l-mibegħda anti-Semitika u anti-Musulmana, inkluża l-implimentazzjoni immedjata tal-azzjonijiet prinċipali indentifikati fil-Kollokju;

55. Jiddispjaċih li l-proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali tal-2008 għadha pendenti għall-approvazzjoni mill-Kunsill; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposta mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel progress konkret fuq l-aġenda kontra d-diskriminazzjoni;

([1]) Dan it-tip ġdid ta' traffikar diġà ġie introdott bir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea (Testi adottati, P8_TA(2016)0090).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

56. Jikkundanna l-inċidenti ta' reati u diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija, mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzji kontra d-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna, li jseħħu ta' kuljum fl-UE; jiddeplora l-livelli dejjem jiżdiedu ta' diskorsi ta' mibegħda minn ġewwa ċerti istituzzjonijiet, partiti politiċi u l-media; jistieden lill-UE tagħti l-eżempju billi topponi d-diskors ta' mibegħda fl-istituzzjonijiet;

57. Huwa mħasseb dwar il-preżenza dejjem tiżdied tad-diskors ta' mibegħda fl-internet; jirrakkomanda li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura sempliċi li tippermetti lill-membri tal-pubbliku jirrappurtaw il-preżenza ta' kontenut ta' mibegħda fl-internet; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi ta' Kondotta dwar azzjonijiet kontra d-diskors ta' mibegħda illegali fl-internet, u jinkoraġġixxi l-adeżjoni ma' dan u sforzi kontinwi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-settur privat u mas-soċjetà ċivili; ifakkar li l-miżuri meħuda f'dan ir-rigward ma għandhomx imorru kontra l-prinċipji fundamentali li jirrigwardaw il-libertà tal-espressjoni, inkluż b'mod partikolari l-libertà tal-istampa;

58. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' rappurtar tar-reati ta' mibegħda mill-vittmi minħabba nuqqas ta' salvagwardji u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jinvestigaw kif xieraq u sabiex jiksbu l-kundanna ta' reati ta' mibegħda fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jxerrdu għodod u mekkaniżmi għar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, u biex jiżguraw li kwalunkwe każ ta' allegazzjoni ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda jiġi investigat, jitressaq il-qorti u jiġi ġġudikat skont id-dritt nazzjonali u, meta rilevanti, f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija, l-obbligi Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-QEDB, filwaqt li tiġi żgurata l-libertà ta' espressjoni u informazzjoni kif ukoll ta' privatezza u protezzjoni tad-data;

59. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li għadd ta' Stati Membri għadhom ma ttrasponewx id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI, u jistieden lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħmlu dan, u biex jimplimentawha, kif ukoll id-Direttiva 2012/29/UE dwar il-vittmi tal-kriminalità, b'mod sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja t-traspożizzjoni ta' dawn l-istrumenti u tniedi proċeduri ta' ksur jekk ikun meħtieġ; jinnota li xi Stati Membri estendew il-protezzjoni mogħtija lill-vittmi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet oħra, bħall-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, meta implimentaw id-Deċiżjoni Qafas; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda djalogu ma' dawk l-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom ma tkoprix motivazzjonijiet ta' mibegħda omofobika, bil-għan li jimlew il-lakuni leġiżlattivi li fadal;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja programmi ta' taħriġ għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, u għall-aġenziji rilevanti tal-UE, bil-għan tal-prevenzjoni u l-indirizzar tal-prattiki diskriminatorji u r-reati ta' mibegħda; jistieden lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati l-għodda u l-ħiliet prattiċi li jkollhom bżonn biex jidentifikaw u jittrattaw offiżi koperti mid-Deċiżjoni Qafas, u jinteraġixxu u jikkomunikaw mal-vittmi;

61. Jirrikonoxxi li, fin-nuqqas ta' data komparabbli u diżaggregata dwar l-ugwaljanza miġbura mill-Istati Membri, il-firxa sħiħa tal-inugwaljanza fl-UE tibqa' mhux magħrufa; iqis li l-ġbir ta' tali data mill-Istati Membri bħala essenzjali għat-tfassil ta' politiki sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħrfu l-ħtieġa ta' data affidabbli u komparabbli dwar l-ugwaljanza li tista' tipprovdi miżuri dwar id-diskriminazzjoni, diżaggregata skont ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni, sabiex tinforma lil min ifassal il-politiki; jistieden liżżewġ istituzzjonijiet jiddefinixxu prinċipji konsistenti għall-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza, ibbażati fuq l-awtoidentifikazzjoni, l-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-konsultazzjoni tal-komunitajiet rilevanti;

62. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex isaħħu r-rwol tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-edukazzjoni interkulturali fil-kurrikula nazzjonali bħala għodda għall-prevenzjoni tar-razziżmu u l-forom l-oħra kollha ta' intolleranza, u jitlob il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet; iqis li edukazzjoni sħiħa dwar id-drittijiet tal-bniedem trid tinkludi wkoll, b'mod adegwat, edukazzjoni dwar inġustizzji tal-passat fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, dwar ir-razziżmu istituzzjonali u dwar l-importanza tal-memorja;

63. Iqis li huwa kruċjali li l-Istati Membri kollha jikkooperaw ma' investigazzjonijiet ġudizzjarji nazzjonali jew internazzjonali li jipprovaw jiċċaraw ir-responsabilitajiet fir-rigward ta' delitti kontra l-umanità kommessi fl-Unjoni minn reġimi totalitarji, u li jipprovaw jaċċertaw il-verità u l-ġustizzja u jiżguraw ir-rimedju għall-vittmi ta' dawn id-delitti; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu t-taħriġ neċessarju għall-persuni legali li jaħdmu f'dan il-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni attwali f'tali proċessi bil-għan li titrawwem kommemorazzjoni demokratika fl-Istati Membri kollha; iwissi li n-nuqqas li wieħed jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar il-kommemorazzjoni demokratika u l-prinċipji ta' ġurisdizzjoni universali huwa ksur tal-prinċipji bażiċi tal-istat tad-dritt;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Drittijiet tan-nisa u vjolenza fuq in-nisa

64. Jiddispjaċih li l-ugwaljanza bejn is-sessi għadha ma ntlaħqitx, li f'ħafna oqsma mhu qed isir ebda titjib, u li d-drittijiet fundamentali tan-nisa qed ikomplu jinkisru; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, bħall-vjolenza domestika, il-qtil għall-unur, iż-żwieġ furzat, it-traffikar u l-mutilazzjoni ġenitali femminili; iqis li dawn il-prattiki qatt ma jistgħu jiġu ġġustifikati u għandhom jiġu kriminalizzati u kkastigati, u li l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-iskambji ta' prattiki tajba u tal-ġbir u l-komparabilità aħjar tad-data dwar il-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa, inkluż dwar diskriminazzjoni multipla; iqis li dawk kollha li jgħixu fl-Ewropa, irrispettivament mill-oriġini kulturali u t-tradizzjoni tagħhom, jeħtiġilhom jirrispettaw il-liġi u d-drittijiet u d-dinjità tan-nisa;

65. Jiddispjaċih li n-nisa u l-bniet ma jgawdux l-istess protezzjoni mill-vjolenza fl-Istati Membri kollha; jenfasizza li għad hemm bżonn kbir ta' titjib biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet; jistieden lill-UE tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul wara t-tnedija tal-proċedura mill-Kummissjoni f'Marzu 2016; ifakkar lill-Istati Membri li l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul ma teżonerahomx milli jiffirmaw, jirratifikaw u jinfurzaw il-Konvenzjoni, u jħeġġiġhom jagħmlu dan; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrevedu l-leġiżlazzjoni eżistenti u jżommu l-kwistjoni ta' vjolenza fuq in-nisa fost il-prijoritajiet fl-aġenda, peress li l-vjolenza sessista m'għandhiex tiġi ttollerata; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta att legali li jistabbilixxi miżuri għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet;

66. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jmexxu aktar kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex jipprevjenu l-vjolenza u jħeġġu lin-nisa jirrappurtaw ir-reati; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jimponu pieni adegwati u deterrenti fuq dawk li jiksru l-liġi, u jipproteġu lill-vittmi kollha tal-vjolenza, u d-drittijiet tagħhom, mingħajr dewmien u b'attenzjoni speċjali għall-gruppi vulnerabbli, skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2011/99/UE dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni biex tiġi żgurata protezzjoni u għajnuna xierqa lin-nisa u l-bniet vittmi ta' vjolenza, kif ukoll id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin bil-għan li jipproteġu lin-nisa u l-bniet mit-traffikar, il-vjolenza u l-isfruttament sesswali; jisħaq fuq il-punt li l-vittmi tal-vjolenza sessista għandhom jirċievu trattament u appoġġ adegwati, f'konformità mar-regoli interni u l-obbligi internazzjonali;

67. Jisħaq fuq il-fatt li sabiex il-vjolenza sessista tiġi miġġielda b'mod effikaċi, jeħtieġ li tinbidel l-attitudni fil-konfront tan-nisa u l-bniet; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforz akbar biex jiġġieldu kontra l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru li jirriproduċu u jsaħħu r-rwoli tal-ġenerifl-oqsma ewlenin li fihom dawn l-istereotipi jiġu pperpetwati; jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi l-aħjar prattiki tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru fl-iskejjel; jistieden lill-Istati Membri biex lill-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u lill-imħallfin jipprovdulhom taħriġ ta' sensibilità u kwalunkwe forma oħra ta' taħriġ speċjalizzat li jeħtieġu sabiex jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjoni tal-vjolenza sessista sabiex jiġu evitati trawma u rivittimizzazzjoni ulterjuri matul il-proċedimenti kriminali; jistieden lill-Istati Membri jgħinu lill-awtoritajiet jidentifikaw, b'mod effikaċi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tal-vjolenza sessista u jipprovdulhom servizzi ta' protezzjoni speċjali, f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

68. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu lill-vittmi ta' vjolenza sessita b'numru adegwat ta' postijiet ta' kenn u appoġġ immirat u integrat, inkluż appoġġ u konsulenza f'każ ta' trawma; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu mal-vittmi ta' vjolenza sessita f'kull mod possibbli;

69. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità li huma vittmi ta' vjolenza domestika, peress li dawn spiss ma jkunux jistgħu jaħarbu minn relazzjonijiet abbużivi;

70. Jinsab imħasseb serjament dwar il-persistenza tal-prattiki tal-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), li hija forma serja ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għarfien ta' dawk kollha kkonċernati u biex fil-politiki tagħhom kontra l-MĠF jiffokaw fuq il-prevenzjoni; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jikkooperaw bis-sħiħ ma' xulxin bil-għan li jtejbu l-ġbir tad-data dwar il-fenomenu u l-fehim tiegħu, sabiex jottimizzaw ir-riżultati tal-isforzi tagħhom ħalli jipproteġu lin-nisa u t-tfal bniet minn tali mutilazzjoni;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

71. Jikkundanna bil-qawwa l-atti frekwenti ta' intimidazzjoni u stupru li jitwettqu f'postijiet pubbliċi fl-Ewropa, u jqis li kull mara u tifla għandha tħossha protetta minn kwalunkwe forma ta' fastidju sesswali fi kwalunkwe post pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li dawn l-atti jiġu sanzjonati kif xieraq, li l-awturi jitressqu quddiem il-ġustizzja u li tingħata protezzjoni lill-vittmi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jipproteġu lir-rifuġjati nisa u u lin-nisa li jfittxu asil li huma partikolarment vulnerabbli għall-vjolenza waqt li jkunu qed jivvjaġġaw;

72. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol; jiddispjaċih li n-nisa għadhom ibatu minn kundizzjonijiet tax-xogħol diskriminatorji; jenfasizza r-rappreżentanza baxxa tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija, l-intraprenditorija u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, u jenfasizza li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa tikkostitwixxi diskriminazzjoni inaċċettabbli; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex iżżid ir-rappreżentanza tan-nisa fl-isferi politiċi u ekonomiċi, ittejjeb il-ġbir tad-data dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa u tindirizza l-inugwaljanza bejn is-sessi fil-mezzi tax-xandir billi tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki;

73. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tista' tinkiseb biss permezz ta' ridistribuzzjoni ġusta tax-xogħol imħallas u mhux imħallas; jirrikonoxxi li r-rispett għad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet jista' jiġi ggarantit permezz tat-tisħiħ ulterjuri tal-pożizzjoni tagħhom fil-qasam ekonomiku, politiku u soċjali kif ukoll permezz ta' aktar rappreżentanza u inklużjoni; jinnota li, f'dawn l-aħħar snin, tfaċċaw xi movimenti kontra l-ugwaljanza bejn is-sessi li jisfidaw il-kisbiet eżistenti fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

74. Ifakkar li l-faqar fost l-anzjani huwa ta' tħassib partikolari fil-każ tan-nisa, minħabba d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri li għadha teżisti u d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri li tirriżulta minnha; jistieden lill-Istati Membri jfasslu politiki xierqa biex jappoġġjaw lin-nisa anzjani u jeliminaw il-kawżi strutturali tad-differenzi bejn il-kumpensi tan-nisa u l-irġiel; jissottolinja r-rwol kruċjali ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja fil-ġlieda kontra l-faqar, speċjalment il-faqar fost in-nisa;

75. Josserva li l-ħaddiema domestiċi huma fil-biċċa l-kbira nisa, u jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-proċess ta' ratifika u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Ħaddiema Domestiċi, wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/51/UE u bħala strument ewlieni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

76. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika miżuri biex tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-ommijiet u l-missirijiet fir-rigward tat-tipi ta' liv, b'mod partikolari l-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri u tal-indukraturi; jitlob li tittieħed azzjoni konkreta biex jissaħħu aktar id-drittijiet tal-liv tal-ġenituri; jieħu nota tal-proposta għall-introduzzjoni tal-liv tal-indukraturi, kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-familji li jaħdmu; jistenna li tittieħed azzjoni ulterjuri min-naħa tal-Kummissjoni wara l-irtirar tal-Proposta dwar il-Liv tal-Maternità;

77. Jenfasizza r-riskji involuti fl-użu potenzjali tal-internet u tal-media soċjali u tipi oħra ta' teknoloġija sabiex jiġu kkontrollati, mhedda u umiljati n-nisa, u jisħaq fuq l-importanza tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward;

78. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod aktar effikaċi, biex tintroduċi l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tat-tfassil tal-politika, kif ukoll fil-leġiżlazzjoni kollha proposta, fosthom permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi bbażati fuq il-ġeneru bħala parti minn valutazzjoni ta' konformità mad-drittijiet fundamentali, u bħala kriterju integrat fid-djalogi ma', fost oħrajn, pajjiżi li huma kandidati għall-adeżjoni;

79. Jirrikonoxxi li s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa huma marbuta ma' bosta drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-ħelsien mit-tortura, id-dritt għas-saħħa, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni; jissottolinja li l-Istati Membri huma obbligati li jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa u l-bniet kollha, mingħajr koerċizzjoni, diskriminazzjoni u vjolenza; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-punt li l-persuni kollha b'diżabilità huma intitolati li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq bażi ugwali mal-oħrajn;

80. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt fundamentali għal aċċess għal kura tas-saħħa preventiva; jinsisti fuq ir-rwol tal-Unjoni fis-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-aqwa prattiki b'rabta ma' din il-kwistjoni, inkluż fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, peress li s-saħħa hija dritt fundamentali tal-bniedem essenzjali biex wieħed ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tal-bniedem tiegħu l-oħra. ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-koerenza u l-konsistenza bejn il-politiki interni u dawk esterni relatati mad-drittijiet tal-bniedem huma ta' importanza kbira;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

81. Jirrikonoxxi li ċ-ċaħda ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva li kapaċi jsalvaw il-ħajja ta' dak li jkun, inklużi s-servizzi ta' abort biex tissalva ħajja, tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

82. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' maternità surrogata għal skopijiet kummerċjali;

Tfal

83. Jinnota bi tħassib li r-rati tal-faqar għadhom għoljin fl-UE, u li l-għadd ta' tfal li jgħixu fil-faqar qed jiżdied; itenni li l-investiment fuq il-benesseri tat-tfal, u biex dawn jitneħħew mill-faqar, mhuwiex biss obbligu morali, iżda wkoll prijorità soċjali u ekonomika; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-UE jniedu programmi speċifikament immirati lejn il-benesseri u l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal permezz tal-implimentazzjoni effikaċi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" permezz ta' strateġiji integrati li jappoġġjaw l-aċċess għal riżorsi adegwati, li jippermettu aċċess għal servizzi ta' kwalità għall-but ta' kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri ulterjuri biex tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni; jitlob l-istabbiliment ta' linji politiċi u programmi mmirati lejn il-ġlieda kontra l-faqar fl-edukazzjoni li qed jiżdied fost il-minorenni, sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tnedija ta' Garanzija għat-Tfal kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal;

84. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal, u jilqa' l-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Istrateġija tagħha dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2016-2021), li tiffoka wkoll fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra t-tfal b'diżabilità, it-tfal milquta mill-migrazzjoni, it-tfal Rom u t-tfal LGBTI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni konġunta biex jeqirdu d-diskriminazzjoni kontra t-tfal; jistieden, b'mod partikolari, lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex b'mod espliċitu jikkunsidraw lit-tfal bħala prijorità meta jipprogrammaw u jimplimentaw politiki reġjonali u ta' koeżjoni, bħall-istrateġija Ewropea dwar id-diżabilità, il-qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u l-politika tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; itenni l-importanza li jiġi protett u promoss l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni dinjituża u l-edukazzjoni għat-tfal Rom;

85. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex il-kampanji ta' edukazzjoni pubblika u sensibilizzazzjoni jwettquhom b'mod li jiġbdu l-attenzjoni lejn id-dritt tat-tfal għall-protezzjoni u jippromwovu relazzjonijiet pożittivi u mhux vjolenti mat-tfal;

86. Jikkundanna b'mod ċar kull forma ta' vittimizzazzjoni vjolenti u abużiva tat-tfal fil-livelli kollha, mid-djar għall-iskejjel, mill-postijiet pubbliċi u għaċ-ċentri ta' detenzjoni tal-minorenni; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lit-tfal u jipproteġuhom minn kull forma ta' vjolenza fiżika u psikoloġika, inklużi l-abbuż fiżiku u sesswali, l-isfruttament sesswali, it-tħaddim tat-tfal, iż-żwiġijiet sfurzati, il-qtil għall-unur, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u r-reklutaġġ ta' suldati tfal; jisħaq fuq l-importanza li jiddaħħlu dispożizzjonijiet formali li jipprojbixxu u jissanzjonaw is-swat fuq it-tfal, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar kif l-aħjar jiġi indirizzat il-bullying fl-iskejjel, filwaqt li jqisu l-gruppi vulnerabbli tat-tfal;

87. Jitlob li tiġi stabbilita sistema ta' protezzjoni tat-tfal f'diversi stadji li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali ta' kull tifel u tifla bbażati fuq l-aħjar interessi tagħhom; jenfasizza li din is-sistema m'għandhiex tkun maħsuba biex tippenalizza l-ġenituri u l-indukraturi, iżda biex tibgħat messaġġ ċar li l-forom kollha ta' vjolenza fiżika u emozzjonali fuq it-tfal huma inaċċettabbli u punibbli bil-liġi, u li s-separazzjoni tat-tfal mill-familja għandha tkun l-aħħar alternattiva; ifakkar li l-kura għat-tfal ipprovduta mill-istat hija dejjem aktar għalja minn appoġġ adegwat u mmirat sew għall-familji li jgħixu fil-faqar; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta Strateġija Ewropea ġdida għad-Drittijiet tat-Tfal;

88. Jitlob sistemi ta' ġustizzja għall-minorenni mmirati lejn it-tfal li fihom it-tfal jifhmu d-drittijiet u r-rwol tagħhom meta jkunu involuti bħala vittmi, xhieda jew dawk li allegatament ikunu wettqu delitt; jitlob li jiġu adottati miżuri speċjali kemm fil-proċedimenti kriminali kif ukoll fil-proċedimenti ċivili bil-għan li t-tfal jiġu protetti minn stress, intimidazzjoni u vittimizzazzjoni ripetuta bla bżonn, filwaqt li titqies id-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal mixlija jew akkużati fi proċedimenti kriminali;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

89. Jitlob li l-hotline ta' emerġenza 116 ikun aċċessibbli 24/7 fl-UE kollha għat-tfal, u li jintużaw iċ-chatlines anonimizzati fl-internet, peress li dawn huma ħafna aktar konvenjenti għal tfal f'diffikultà u għandhom jiġu stabbiliti bħala sistema unifikata fl-UE bl-użu ta' lingwi uffiċjali u minoritarji; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw in-numru Ewropew komuni 116111 iddedikat għal helplines tat-tfal billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-hotlines u ċ-chatlines u n-netwerks Ewropej, u billi jallokaw biżżejjed fondi;

90. Jenfasizza li l-protezzjoni tat-tfal għandha tissaħħaħ fid-dinja diġitali fid-dawl ta' numru dejjem akbar ta' każijiet ta' sfruttament sesswali fejn dawk li jkunu qed iwettqu r-reat jagħmlu użu mill-internet biex jagħmlu kuntatt, u jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u s-settur privat f'dan ir-rigward, filwaqt li jitlob lis-settur privat b'mod partikolari biex jerfa' l-parti ta' responsabilità tiegħu, iżomm lura mir-reklamar aggressiv immirat lejn it-tfal u jipproteġihom minn reklamar qarrieqi; iħeġġeġ lil dawk involuti jsegwu l-eżempji tajbin ta' mekkaniżmi ta' prevenzjoni u lment fil-media soċjali online u biex jimplimentawhom fl-UE kollha; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li t-tfal għandhom ikunu infurmati sew dwar ir-riskji potenzjali relatati mal-internet, b'mod partikolari meta jipprovdu d-data personali online, pereżempju permezz ta' kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel; jisħaq fuq il-fatt li t-tfassil online ta' profili tat-tfal għandu jiġi pprojbit; jappoġġja l-isforzi biex jiġi żgurat eżitu ambizzjuż u effikaċi tar-riforma tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'referenza partikolari għall-protezzjoni tat-tfal fl-ambjent diġitali; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-bullying ċibernetiku;

91. Jappella għal pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal online u offline fl-ispazju ċibernetiku, u jfakkar li fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lir-reati kontra t-tfal; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija bejn l-Istati Membri, l-Europol u ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3), għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u b'mod partikolari l-isfruttament sesswali tat-tfal;

92. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal; jistieden lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jinvestu f'teknoloġiji ġodda ħalli jiġġieldu r-reati fid-dark web u d-deep web; jisħaq fuq il-punt li l-Eurojust u l-Europol għandhom jingħataw riżorsi adegwati sabiex itejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi, jiġġieldu kontra n-netwerks organizzati ta' dawk li jabbużaw sesswalment minn oħrajn u jaċċelleraw is-sejba, l-analiżi u l-indikazzjoni ta' materjal ta' abbuż tat-tfal online u offline;

93. Jemmen li l-politiki tal-inklużjoni għandu jkollhom enfasi aktar qawwija fuq it-tfal peress li t-tfal huma r-rabtiet ta' fehim komuni bejn il-kulturi u s-soċjetajiet;

94. Ifakkar li, skont ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, minn tal-anqas 15 % tal-vittmi rreġistrati kienu tfal, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata b'rispons għat-tħabbira tal-Europol li minn tal-anqas 10 000 tifel u tifla rifuġjati u migranti mhux akkumpanjati ġew irrappurtati nieqsa fl-UE fl-2015; jistieden lill-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE jżidu l-kooperazzjoni transfruntiera, l-iskambji tal-informazzjoni u l-investigazzjonijiet konġunti tagħhom bil-għan li jiġġieldu t-traffikar tat-tfal u l-kriminalità organizzata transfruntiera, l-abbuż sesswali u forom oħra ta' sfruttament, u biex jipproteġu lit-tfal; jistieden lill-Istati Membri u lill-aġenziji Ewropej jħaffu l-ħatra ta' gwardjani kwalifikati għat-tfal mhux akkumpanjati u jiżguraw li dejjem jitqies l-aħjar interess tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jirreġistraw u jidentifikaw lit-tfal b'mod li jinftiehem mit-tfal, u jipprevjenu l-għajbien tagħhom billi jagħmlu mezz li dawn jiddaħħlu f'sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal; jirrakkomanda li l-għodod eżistenti għal tfal irrapurtati nieqsa jiġu msaħħa, inklużi l-hotlines Ewropej għat-tfal nieqsa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-kompetenza esperta tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għal dak li jikkonċerna l-protezzjoni tat-tfal u l-protezzjoni ta' nies vulnerabbli fis-sitwazzjoni attwali tal-migrazzjoni, partikolarment fil-hotspots; ifakkar li d-drittijiet tat-tfal, u l-aħjar interess tat-tfal, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u evalwati fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE, inklużi dawk marbuta mal-migrazzjoni u l-asil;

95. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-programmi li jiffokaw fuq il-prevenzjoni tal-fenomenu tal-abbandun bikri tal-iskola min-naħa taż-żgħażagħ, u jħeġġiġhom ukoll jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan il-qasam;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Drittijiet tal-minoranzi

96. Jenfasizza l-fatt li l-minoranzi li ilhom sekli sħaħ jgħixu flimkien mal-kulturi ta' maġġoranza fl-Ewropa, jew viċin tagħhom, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni fl-UE; jemmen li s-soluzzjoni għal din il-problema hija marbuta mal-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards minimi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi, u li tiġi pprovduta edukazzjoni dwar id-diversità kulturali u t-tolleranza, peress li l-ħarsien tal-wirt kulturali jagħti valur miżjud lid-diversità;

97. Jenfasizza li l-komunitajiet minoritarji għandhom ħtiġijiet speċifiċi u li l-ugwaljanza sħiħa tagħhom għandha tiġi promossa fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali; Jisħaq fuq il-punt li huwa essenzjali li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi jiġu rispettati u promossi;

98. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li dawn il-gruppi jħabbtu wiċċhom ma' ostakli meta jiġu biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-proprjetà, l-aċċess għall-ġustizzja u servizzi pubbliċi oħra, u għall-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali, kif ukoll id-drittijiet kulturali tagħhom, li kollha jaf jiġu limitati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jipprevjenu l-ostakli amministrattivi u finanzjarji li jistgħu jxekklu d-diversità lingwistika fil-livell Ewropew u nazzjonali;

99. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi standard ta' politika għall-protezzjoni tal-minoranzi, peress li l-protezzjoni ta' dawn il-gruppi hija parti mill-kriterji ta' Copenhagen, kemm għall-pajjiżi kandidati kif ukoll għall-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistema legali tagħhom tiggarantixxi li l-persuni li jappartjenu għal minoranza ma jiġux diskriminati, u li jieħdu u jimplimentaw miżuri ta' protezzjoni mmirati abbażi tan-normi internazzjonali relevanti;

100. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu skambju tal-aħjar prattika u japplikaw soluzzjonijiet ipprovati u eżaminati biex jindirizzaw il-problemi tal-minoranzi fl-Unjoni Ewropea kollha; Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE fil-protezzjoni tal-minoranzi, u jqis li r-riorganizzazzjoni amministrattiva m'għandhiex ikollha konsegwenzi negattivi għalihom;

101. Jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tkompli tirrapporta dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-appartenenza għal minoranza u tkompli tiġbor id-data f'dan ir-rigward;

102. Iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji; ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġu implimentati l-prinċipji żviluppati fil-qafas tal-OSKE;

103. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw bir-reqqa l-perspettiva tad-drittijiet tal-minoranzi, biex jiżguraw id-dritt għall-użu ta' lingwa ta' minoranza u jħarsu d-diversità lingwistika fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjan tagħha biex tippromwovi t-tagħlim u l-użu tal-lingwi reġjonali, bħala mod potenzjali biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni bejn il-lingwi fl-UE;

104. Jistieden lill-UE timplimenta r-riżoluzzjoni 1985 tal-APKE (2014) dwar is-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fl-Ewropa, filwaqt li tirrispetta għalkollox il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li l-helplines uffiċjali u kwalunkwe hotlines ta' emerġenza li jitħaddmu fl-Istati Membri għandhom ikunu aċċessibbli mhux biss fil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż, iżda wkoll fil-lingwi minoritarji u l-lingwi ewlenin tal-UE permezz ta' ridirezzjoni tat-telefonati;

Drittijiet tal-persuni b'diżabilità

105. Jilqa' l-osservazzjonijiet finali dwar il-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet bħala opportunità biex tagħti eżempju pożittiv billi tiżgura implimentazzjoni effikaċi u bir-reqqa mill-aktar fis possibbli;

106. Jisħaq fuq il-punt li l-persuni b'diżabilità huma intitolati li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq bażi ugwali ma' oħrajn, inklużi d-drittijiet għal dinjità indiskutibbli, is-saħħa u l-familja, għajxien indipendenti, awtonomija u integrazzjoni soċjali sħiħa, aċċess għall-ġustizzja, il-prodotti u s-servizzi kif ukoll id-drittijiet għall-votazzjoni u d-drittijiet tal-konsumatur, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha minquxa fit-Trattati u fil-leġiżlazzjoni tal-UE; jinnota li fejn tidħol id-diżabilità għadu ma ġiex approvat bis-sħiħ approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u dan jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra l-persuni

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

b'diżabilità fl-UE, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi biex jallinjaw l-oqfsa ġuridiċi tagħhom mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u biex jinkludu b'mod effikaċi l-persuni b'diżabilità fis-soċjetà;

107. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji li jipprovdu aċċess effikaċi għas-suq tax-xogħol għal persuni li jgħixu b'diżabilità; jiddispjaċih għall-fatt li xi fondi tal-UE disponibbli għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità għadhom mhumiex jintuzaw bis-sħiħ għal dak il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-użu tal-fondi u tieħu azzjoni fejn meħtieġ;

108. Ifakkar li l-persuni b'diżabilità intellettwali u psikosoċjali jħabbtu wiċċhom ma' xkiel partikolari għar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jsaħħu l-isforzi biex jippromwovu l-awtonomija u l-inklużjoni tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;

109. Jinnota li n-nisa u t-tfal b'diżabilità jesperjenzaw sproporzjonatament varjetà ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom meta ma jingħatawx aċċess għal servizzi bażiċi bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa jew meta jitqiegħdu f'istituzzjonijiet li jkunu 'l bogħod mill-familji u l-komunitajiet tagħhom, u li jinsabu f'riskju akbar li jsiru vittmi ta' vjolenza, abbuż sesswali, sfruttament u forom oħra ta' trattament ħażin u abbuż; jenfasizza l-ħtieġa għal politika ta' azzjoni komprensiva u sensittiva għad-differenza bejn is-sessi min-naħa tal-UE u l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal, flimkien mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

110. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ għat-tfal b'diżabilità, u l-familji tagħhom fil-komunitajiet lokali, bil-għan li jippromwovu d-deistituzzjonalizzazzjoni u jiżguraw sistema edukattiva inklużiva għalihom;

111. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-hotline ta' emerġenza 112 ikun għalkollox aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u jqajmu kuxjenza dwar dan permezz tal-kampanji;

112. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, iżidu l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani għall-oqfsa ta' sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità bil-għan li dawn ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, u sabiex tkun garantita l-indipendenza tagħhom billi jiġi żgurat li l-kompożizzjoni u l-operazzjoni tagħhom jikkunsidraw il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

113. Jistieden lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, jiżguraw parteċipazzjoni ġenwina u libertà ta' espressjoni għall-persuni b'diżabilità fil-ħajja pubblika; jinnota li tali sforzi għandhom ikunu appoġġjati billi jingħataw sottotitoli, interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, dokumenti miktuba bil-Braille u formati li jinqraw faċilment; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu soluzzjonijiet aċċessibbli għar-rifuġjati b'diżabilità; jisħaq fuq ir-riskji partikolari li qed iħabbtu wiċċhom magħhom ir-rifuġjati, il-migranti u l-persuni li jfittxu asil b'diżabilità, li m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni f'formati aċċessibbli, u li jaf jinżammu f'detenzjoni f'kundizzjonijiet li ma jipprovdux appoġġ xieraq jew akkomodazzjoni raġonevoli;

Persuni anzjani

114. Jinnota li t-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet huma kwistjonijiet importanti li jistgħu jissaħħu permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, peress li jirrappreżenta waħda mill-aktar trasformazzjonijiet ekonomiċi u soċjali profondi li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-pajjiżi żviluppati; jistieden lill-Istati Membri jħeġġu lill-anzjani biex ikunu aktar preżenti u attivi fis-suq tax-xogħol permezz ta' inizjattivi soċjali u ekonomiċi biex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali, u jistedinhom ukoll jiggarantixxu lill-anzjani aċċess faċli għas-servizzi tas-saħħa;

115. Jisħaq fuq il-punt li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età hija mifruxa ħafna fis-soċjetajiet tal-lum u spiss hija kkombinata ma' forom oħra ta' diskriminazzjoni, bħad-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' razza jew etniċità, reliġjon, diżabilità, saħħa jew kundizzjonijiet soċjali, identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw azzjonijiet immirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni anzjani fil-ħajja tal-komunità bil-għan li jiġi miġġieled l-iżolament tagħhom;

116. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvolu ruħhom b'mod attiv fil-Grupp ta' Ħidma miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ u biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' persuni akbar fl-età;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Drittijiet tar-Rom

117. Ifakkar li l-persuni li jappartjenu għall-minoranza Rom huma intitolati għal-libertà tal-moviment, u jħeġġeġ lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jissalvagwardjaw lil din il-minoranza u ma jippjanawx politiki ta' insediament ibbażati fuq raġunijiet etniċi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-persuni li jappartjenu għall-minoranza Rom huma soġġetti b'mod sproporzjonat għal tkeċċijiet furzati f'bosta Stati Membri;

118. Jiddispjaċih li n-nies Rom għadhom qed iħabbtu wiċċhom mal-anti-Żingariżmu u razziżmu sistematiku u istituzzjonali, u jfakkar li d-diskriminazzjoni tan-nies Rom fl-oqsma tax-xogħol, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-ġustizzja jew kwalunkwe dominju ieħor hija inaċċettabbli u dannuża għas-soċjetà tal-UE; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom tal-2015, jimplimentaw bis-sħiħ u rapidament l-istrateġiji nazzjonali tagħhom fir-rigward tan-nies Rom, u jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni razzjali kontra n-nies Rom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-KEDB, u jiġġieldu l-anti-Żingariżmu f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija;

119. Ifakkar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li tiddikjara li l-prinċipju ta' trattament ugwali li tirreferi għalih id-Direttiva 2000/43/KE japplika għal persuni li, għalkemm huma stess mhumiex tar-razza jew grupp etniku kkonċernati, xorta jbatu minn trattament anqas favorevoli jew żvantaġġ partikolari għal waħda minn dawn ir-raġunijiet;

120. Jitlob lill-Kummissjoni tintegra l-monitoraġġ ta' prattiki ta' diskriminazzjoni fl-oqsma kollha, speċjalment l-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, u tara li l-programmi kollha jiġu implimentati b'mod li jnaqqas id-distakk bejn il-popolazzjoni Rom u l-popolazzjoni mhux Rom; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra dawk l-Istati Membri li jippromwovu jew jippermettu diskriminazzjoni u segregazzjoni istituzzjonalizzati;

121. Jikkundanna l-prattika ta' segregazzjoni ta' tfal Rom fl-iskejjel, li aktar tard fil-ħajja taffettwa b'mod negattiv ħafna l-perspettivi li dawn it-tfal ikollhom tal-ħajja; jappoġġja l-azzjoni tal-Kummissjoni biex tikkontesta din il-prattika permezz ta' proċeduri ta' ksur, u jitlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri effikaċi biex jeliminaw is-segregazzjoni skolari u joħorġu bi pjanijiet għal miżuri ta' integrazzjoni għat-tfal Rom;

122. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bil-għan li jippromwovu l-inklużjoni tal-komunitajiet Rom u foqra, biex isaħħu l-istrateġiji tagħhom billi jżiduhom proporzjonalment u jwessgħuhom ħalli jilħqu 80 miljun ċittadin; jitlob ukoll li jissaħħu t-Task Force għar-Rom u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Kummissjoni, għall-iżvilupp ta' punti ta' kuntatt reġjonali u lokali u Pjattaformi Reġjonali għar-Rom, u li jiġi żviluppat forum ta' politika online f'kooperazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea għar-Rom; jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tkompli bil-ġbir ta' data dwar is-sitwazzjoni tar-Rom u tiżviluppa u tipproponi "dashboard" ta' indikaturi ta' inklużjoni tar-Rom li bis-saħħa tagħhom ikun jista' jiġi segwit il-progress f'dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri biex it-2 ta' Awwissu jiddedikawh għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Olokawst tar-Rom;

Drittijiet tal-persuni LGBTI

123. Jikkundanna kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni jew vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal aġenda li tiżgura drittijiet u opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, u tissorvelja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni korretti tal-leġiżlazzjoni tal-UE relevanti għall-persuni LGBTI; jilqa', f'dan ir-rigward, il-lista ta' azzjonijiet li tħejjiet mill-Kummissjoni biex isir progress fil-qasam tal-ugwaljanza għall-persuni LGBTI, inkluża l-kampanja ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu miġġielda l-istereotipi u tittejjeb l-aċċettazzjoni soċjali tal-persuni LGBTI; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu għad-drittijiet ta' persuni LGBTI; jinnota li r-riċerka fuq il-post tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali turi li l-uffiċjali pubbliċi jqisu li d-dritt u l-politika tal-UE jikkostitwixxu forza mexxejja li tappoġġja l-isforzi nazzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-persuni LGBTI;

124. Jiddispjaċih għall-fatt li l-persuni LGBTI jesperjenzaw bullying u intimidazzjoni li jibdew fl-iskejjel, u jbatu minn diskriminazzjoni f'aspetti differenti ta' ħajjithom, inkluż fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-omofobija fl-isport, iż-żgħażagħ LGBTI u l-bullying fl-iskejjel; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw lit-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem fl-isforzi tagħhom biex jadottaw politiki ta' diversità u ta' nondiskriminazzjoni b'enfasi fuq il-persuni LGBTI;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

125. Ifakkar fil-ġurisprudenza tal-QEDB dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTI; jilqa' l-fatt li għadd dejjem jikber ta' Stati Membri diġà ħadu miżuri li jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni b'mod aktar effikaċi d-drittijiet tal-persuni LGBTI, u adottaw proċeduri legali ġodda għar-rikonoxximent tal-ġeneru fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ta' dawn il-persuni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tagħha jiġbru data dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni LGBTI, u jħeġġiġhom jikkondividu l-aħjar prattiki mal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurmaw lill-persuni LGBTI bis-sħiħ dwar id-drittijiet tagħhom u jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward; jikkundanna l-prattiki mediċi li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-persuni trans u intersesswali;

126. Jinnota li l-persuni transġeneru għadhom meqjusa bħala persuni morda mentalment fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu rieżami tal-katalogi nazzjonali tas-saħħa mentali u jiżviluppaw mudelli alternattivi ta' aċċess ħieles mill-istigmi li jiżguraw li l-kura medikament neċessarja tibqa' disponibbli għall-persuni transġeneru kollha; jinnota li l-isterilizzazzjoni sfurzata hija ksur tad-drittijiet fundamentali; jilqa' l-adozzjoni reċenti minn bosta Stati Membri ta' proċeduri legali ġodda ta' rikonoxximent tal-ġeneru li huma aktar rispettużi tad-drittijiet fundamentali tal-persuni transġeneru;

127. Jilqa' l-inizjattiva li wriet il-Kummissjoni li tirsisti favur l-idea li l-identitajiet transġeneru ma jibqgħux jitqiesu bħala patoloġija fir-rieżami tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi ħalli timpedixxi li l-varjanza tal-ġeneri fit-tfulija ssir dijanjosi ġdida tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard;

128. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI jiġu mħarsa jekk dawn ikollhom aċċess għall-istituzzjonijiet legali, bħall-koabitazzjoni, is-sħubija reġistrata u ż-żwieġ; jilqa' l-fatt li, attwalment, 18-il Stat Membru joffru dawn l-għażliet, u jistieden lill-Istati Membri l-oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

129. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-effetti u ċ-ċirkolazzjoni libera tad-dokumenti kollha tal-istatus ċivili tal-individwi, il-koppji u l-familji kollha fl-UE (inklużi dawk id-dokumenti kollha dwar iż-żwieġ u s-sħubijiet reġistrati, it-tibdil tas-sess legali u ċ-ċertifikati ta' adozzjoni u twelid), inkluż ir-rikonoxximent legali tal-ġeneru, bil-għan li jitnaqqsu l-ostakli legali u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

Ċittadinanza

130. Jinnota ż-żieda fl-Ewroxettiċiżmu, u fl-espressjoni ta' opinjonijiet politiċi vjolenti, bi tħassib kbir, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, speċjalment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fi kwistjonijiet tal-UE, sabiex l-Ewropej ikunu jistgħu jleħħnu t-tħassib tagħhom u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom permezz ta' mezzi demokratiċi;

131. Iqis li jeħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u li tiġi promossa l-governanza elettronika fl-UE kollha, u jitlob li tissaħħaħ l-effikaċja ta' mekkaniżmi bħalma huma l-inizjattiva taċ-ċittadini;

132. Iħeġġeġ l-iżvilupp tal-konsultazzjonijiet elettroniċi bħala għodda għall-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini, li tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-aspettattivi tagħhom mill-gvern u l-amministrazzjoni pubblika; iqis li jeħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli proċedurali u lingwistiċi li jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni ċivika taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' governanza; jenfasizza l-ħtieġa għat-trasparenza, mhux biss fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet, iżda wkoll fil-monitoraġġ ta' kif jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mas-servizzi pprovduti mill-istituzzjonijiet pubbliċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss il-forniment ta' tali servizzi permezz ta' media diġitali aċċessibbli; itenni l-importanza li titqajjem kuxjenza dwar il-Karta;

133. Jinnota li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż il-volontarjat u x-xogħol taż-żgħażagħ, jaqdu rwol ċentrali fil-parteċipazzjoni soċjali u ċivika, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, jappoġġjaw u jippromwovu l-ħidma tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jirrispettaw il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni bħala parti mill-Karta;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

134. Jemmen li l-edukazzjoni ċivika u d-djalogu interkulturali jtejbu l-fehim taċ-ċittadini dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni soċjali u politika, filwaqt li l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem iżżid l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom stess u tgħallimhom ir-rispett tad-drittijiet tal-oħrajn; jistieden lill-Istati Membri jfasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż il-kontribut tal-UE għall-iżvilupp ta' qafas għad-drittijiet fundamentali, u jimplimentaw il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet imsemmija hawn fuq;

135. Jinnota bi tħassib li għad hemm il-ħtieġa li jsiru sforzi sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri jsibu l-aħjar politiki, inklużi l-attivazzjoni tal-impjiegi u l-aċċess għal servizzi u edukazzjoni ta' kwalità għolja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki soċjali u tal-impjiegi tagħhom ma jiddiskriminawx fuq il-bażi tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi;

Drittijiet diġitali

136. Ifakkar li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu, inkluż id-dritt ta' aċċess għad-data li tinġabar dwaru, u d-dritt li jitlob biex din id-data tiġi rrettifikata jenfasizza d-dritt li kulħadd għandu biex jiddetermina kif tiġi ttrattata d-data personali tiegħu, b'mod partikolari d-dritt eskluživ biex jiddetermina l-użu u t-tixrid tad-data personali tiegħu; jenfasizza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jippermettu lil kull ċittadin jikseb indikazzjoni ta' kontenut potenzjalment dannuż għad-dinjità jew ir-reputazzjoni tiegħu/tagħha, b'rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u skont il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza relevanti; josserva li, jekk ma jkunx hemm interess pubbliku speċifiku, kulħadd għandu d-dritt li jiddeċiedi liema data tista' tkun disponibbli, id-dritt li d-data personali titħassar, kif ukoll id-dritt li tkun minsija, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE;

137. Jinsab imħasseb li ċ-ċittadini mhumiex konxji għalkollox mid-drittijiet tagħhom u tal-mezzi ta' rimedju legali disponibbli għalihom; iqis li huwa essenzjali li l-pubbliku, b'mod partikolari t-tfal, ikun familjari mal-importanza tal-protezzjoni tad-data personali fiċ-ċiberspazju, u r-riskji potenzjali li huwa espost għalih, speċjalment fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u ż-żieda tal-attakki ċibernetiċi; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-litteriżmu tal-mezzi l-ġodda tax-xandir u biex dan jagħmluh komponent integrali mill-kurrikuli skolastiċi; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw il-bullying ċibernetiku, b'mod partikolari meta dan jolqot gruppi speċifiċi ta' tfal;

138. Josserva li l-persuni kollha għandhom id-dritt li jesprimu u jxerrdu l-opinjonijiet tagħhom b'mod liberu fl-internet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza relevanti; jisħaq fuq il-punt li ħadd m'għandu jkun żvantaġġat talli ma jagħmilx użu mis-servizzi diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għas-sejbiet tal-konsultazzjoni pubblika dwar id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, u teżamina mill-ġdid id-Direttiva, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali;

139. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqies l-impatt li ċertu teknoloġiji ġodda, bħal pereżempju d-drones, jista' jkollhom fuq id-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, fuq id-dritt għall-privatezza; jenfasizza wkoll l-isfida li jikkostitwixxu l-implikazzjonijiet tal-użu mifrux tal-internet fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, il-ġlieda kontra l-intimidazzjoni fl-internet jew it-traffikar tal-bnedmin, speċjalment f'dak li jikkonċerna l-isfruttament sesswali u fuq il-post tax-xogħol;

140. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali kif iddikjarat fl-Artikolu 30 tal-Karta Soċjali Ewropea; jistieden lill-Istati Membri kollha jdaħħlu miżuri ta' appoġġ biex jipprovdu kondizzjonijiet ta' għajxien diċenti għaċ-ċittadini tagħhom u biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-qgħad, l-esklużjoni soċjali, il-faqar u n-nuqqas ta' kura tas-saħħa;

o

o o

141. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0486

Politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi (2016/2072(INI))

(2018/C 238/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 dwar "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2014 bit-titolu "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-dejta" (COM(2014)0442),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew" (COM(2014)0014),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2013 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 – Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa" (COM(2012)0795),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar il-kontenut fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2012)0789),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-UE" (COM(2012)0537),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Competitiveness of the European high-end industries" (Il-kompetittività tal-industriji Ewropej ta' livell għoli) (SWD (2012)0286),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 bit-titolu "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2010 bit-titolu "L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" (COM(2010)0183),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Boosting the competitiveness of cultural and creative industries for growth and jobs" (Nagħtu spinta lill-kompetittività tal-industriji kulturali u kreattivi għat-tkabbir u l-impjiegi) (EASME/COSME/2015/003),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2009 dwar "The impact of culture on creativity" (L-impatt tal-kultura fuq il-kreattività),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Mejju 2013 dwar il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-industriji kreattivi u kulturali – ass Ewropew fil-kompetizzjoni globali" ([1]),

([1]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 83.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([4]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni"),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 – 2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2016 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2015 dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar "Aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali: Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar il-kultura bħala katalista għall-kreattività u l-innovazzjoni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-8 ta' Ġunju 2016 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016)0029),

---

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.
([6]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
([7]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa" ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs): kompetittività u opportunitajiet kummerċjali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar l-industriji kulturali fl-Ewropa ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatus soċjali tal-artisti ([8]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, adottata mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) fl-20 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD u l-EUIPO tat-18 ta' April 2016 bit-titolu "Trade in Counterfeit and Pirated Goods – Mapping the Economic Impact" ([9]),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-UNESCO ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Cultural times: The first global map of cultural and creative industries",

— wara li kkunsidra l-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti tal-Istati Membri tal-UE fir-rapport ta' Novembru 2015 bit-titolu "Towards more efficient financial ecosystems: innovative instruments to facilitate access to finance for the cultural and creative sectors",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 167 u 173 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0357/2016),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0009.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0293.
([3]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 95.
([4]) ĠU C 68 E, 7.3.2014, p. 40.
([5]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 135.
([6]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 142.
([7]) ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 25.
([8]) ĠU C 125 E, 22.5.2008, p. 223.
([9]) OECD/EUIPO (2016), Trade in Counterfeit and Pirated Goods: Mapping the Economic Impact, OECD Publishing, Pariġi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

A. billi fil-komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq bit-titolu "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-UE", il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) ([1]) għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-UE u l-Istati Membri tagħha;

B. billi jenħtieġ li l-UE tagħti spinta lil sorsi ġodda ta' tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv, u tinvesti fihom; billi, f'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi sfruttat il-potenzjal li għadu ma ntużax biżżejjed fil-holqien tat-tkabbir u l-impjiegi fl-industriji kreattivi u kulturali, minħabba l-impatt sinifikanti tagħhom f'oqsma bħall-mudelli kummerċjali ġodda, il-kreattività u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet;

C. billi s-CCIs għandhom valur intrinsiku u doppju peress li, permezz tar-rabtiet diretti tagħhom mal-artisti u l-kreaturi, iħarsu u jippromwovu d-diversità kulturali u lingwistika, u jsaħħu l-identitajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jsostnu l-koeżjoni soċjali u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali, b'diversi mudelli ta' ħolqien tal-valur, għall-kreattività, l-investiment, l-innovazzjoni u l-impjieg u jaġixxu bħala xprun tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE u fl-Istati Membri tagħha;

D. billi l-kultura u l-arti Ewropej jirrappreżentaw 3 000 sena ta' wirt kulturali kondiviż, jittrażmettu l-għarfien u l-valuri u jikkontribwixxu għas-salvagwardja ta' evidenza tanġibbli u intanġibbli tad-dinja naturali u dik magħmula mill-bniedem għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-futur;

E. billi d-diplomazija kulturali, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku għall-valuri u l-ispeċifiċitajiet, issaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali bejn pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi, tibni rabtiet bejn is-soċjetajiet permezz tal-kuntatti bejn il-persuni u l-kooperazzjoni fis-setturi kulturali u kreattivi kollha, u tikkontribwixxi għal fehim reċiproku aħjar u għal proġetti komuni, filwaqt li taġixxi bħala xprun tat-tkabbir ekonomiku u soċjali;

F. billi s-CCIs jikkontribwixxu għas-"setgħa ta' persważjoni" tal-Ewropa fir-rwol tagħhom bħala ambaxxaturi tal-valuri Ewropej – bħall-kultura, il-kreattività, il-kwalità, l-eċċellenza, il-ħila fis-snajja' – fix-xena dinjija;

G. billi l-industriji kulturali u kreattivi huma fil-qalba ta' ekosistema doppja u delikata bejn gruppi kbar ta' SMEs kompetittivi u innovattivi internazzjonalment, u negozji ġodda, li kostantement iġeddu l-qasam, iħarsu u jippromwovu d-diversità, joħolqu l-impjiegi, iżda xi kultant huma fraġli, b'mod partikolari fl-aċċess tagħhom għas-swieq u l-finanzi;

H. billi l-industriji kulturali u kreattivi fl-Ewropa jipprovdu aktar minn 12-il miljun impjieg full-time, li jirrappreżentaw 7,5 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, u b'hekk joħolqu madwar EUR 509 biljun f'valur miżjud għall-PDG (5,3 % tal-GVA totali tal-UE); billi, f'reġjuni speċifiċi, is-CCIs jirrappreżentaw perċentwal ogħla b'mod sinifikanti tal-PDG u jimpjegaw perċentwal ogħla tal-forza tax-xogħol lokali;

I. billi, skont studju tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, l-industriji intensivi fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPRs) jiġġeneraw aktar minn kwart tal-impjiegi u aktar minn terz tal-attività ekonomika fl-UE;

([1]) Li fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssir referenza għalihom bħala: l-arkitettura, l-arkivji u l-libreriji, l-artiġjanat artistiku, il-mezzi awdjoviżivi (inklużi l-films, it-televiżjoni, il-logħob tal-kompjuter u l-multimedja), il-wirt kulturali, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, l-arti viżivi u l-irreċtar, il-pubblikazzjoni u r-radju.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

J. billi kważi 39 % tal-PDG tal-UE huwa ġġenerat minn industriji intensivi fl-użu tal-IPRs, bl-industriji intensivi fl-użu tat-trademarks jiġġeneraw 34 % tat-total, l-industriji intensivi fl-użu tad-disinn jiġġeneraw 13 %, bl-industriji intensivi fl-użu tal-privattivi jiġġeneraw 14 %, u l-industriji intensivi fl-użu tad-drittijiet tal-awtur jiġġeneraw 4,2 % ([1]);

K. billi s-CCIs fl-UE jimpjegaw darbtejn u nofs aktar persuni mill-manifatturi awtomobilistiċi u ħames darbiet aktar mill-industrija kimika;

L. billi s-CCIs għandhom rwol importanti fil-ħolqien ta' reġjuni vibranti u distinti, li jistgħu jgħinu biex itejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u jistgħu jkunu fattur importanti ta' investiment barrani;

M. billi l-awturi u l-artisti huma fl-oriġini u s-sors innifsu tas-CCIs;

N. billi huwa improbabbli li l-impjieg fis-settur kulturali jiġi esportat, peress li huwa marbut ma' kompetenzi kulturali speċifiċi, sikwit reġjonali u storiċi; billi s-CCIs jikkontribwixxu b'mod sinifikanti, u aktar minn kwalunkwe settur ieħor, għall-impjieg taż-żgħażagħ u wrew li huma l-aktar reżiljenti matul il-kriżi ekonomika ta' wara l-2008; billi l-impjiegi fis-CCIs żdiedu madwar l-UE bejn l-2008 u l-2014; jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Fond Soċjali Ewropew fil-promozzjoni tal-impjieg u l-iżvilupp tal-ħiliet taż-żgħażagħ;

O. billi s-CCIs għandhom kwalitajiet attraenti minn perspettiva ta' żvilupp lokali: jagħmlu użu minn firxa ta' ħiliet f'sensiela ta' livelli differenti, għandhom it-tendenza li jkunu soċjalment responsabbli u inklużivi u jiġġeneraw esternalitajiet pożittivi fiż-żoni li jkunu stabbiliti fihom; billi l-ftuħ u l-interazzjoni tagħhom ma' attivitajiet oħra joħolqu effetti ta' agglomerazzjoni u ta' raggruppament u għandhom tendenza jiġġeneraw proporzjon għoli tal-valur miżjud totali lokalment;

P. billi l-flessibbiltà u l-mobbiltà ma jistgħux jiġu diżassoċjati fil-kuntest tal-attività professjonali artistika, u għalhekk huwa importanti li n-natura imprevedibbli u xi kultant prekarja tal-professjoni artistika tiġi kkumpensata b'garanzija ta' protezzjoni soċjali ġenwina;

Q. billi s-CCIs jinkludu maġġoranza ta' kumpaniji żgħar u mikro u billi l-kumpaniji tas-settur kulturali u kreattiv (CCS) b'inqas minn 10 impjegati jirrappreżentaw aktar minn 95 % ([2]) tal-forza tax-xogħol;

R. billi huwa żbaljat meta jintqal li hemm livell ta' riskju ogħla involut fl-investiment fis-CCIs meta mqabbel ma' tipi oħra ta' negozju, u billi dak l-argument huwa bbażat, inter alia, fuq il-fatt li s-CCIs huma intensivi fl-użu tal-IPRs u li hemm diffikultajiet involuti fl-użu ta' beni mhux tanġibbli bħala garanziji għall-finanzjament;

S. billi huwa dejjem aktar rari għall-artisti kulturali u kreattivi li jkunu f'impjieg permanenti; billi dawn huma, dejjem aktar, persuni li jaħdmu għal rashom, li jalternaw bejn attività ta' min jaħdem għal rasu u ta' impjegat jew huma impenjati f'attività part-time jew irregolari;

T. billi inizjattivi u industriji bbażati fuq il-kultura għandhom bosta rwoli x'jiżvolġu fl-iżvilupp lokali u reġjonali, fejn tradizzjonalment iżidu l-attraenza tar-reġjuni, jiżguraw l-inklużjoni u l-iżvilupp soċjoekonomiċi taż-żoni rurali u iżolati, filwaqt li jippermettu wkoll riġenerazzjoni urbana sostenibbli integrata;

U. billi s-CCIs għandhom rwol essenzjali fir-reindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, huma xprun għat-tkabbir u huma f'pożizzjoni strateġika biex jiskattaw riperkussjonijiet innovattivi f'setturi industrijali oħra, bħat-turiżmu, il-bejgħ bl-imnut u t-teknoloġiji diġitali;

([1]) Industry-Level Analysis Report, (2013), Intellectual property rights intensive industries: contribution to economic performance and employment in the European Union, p. 8 https://euipo.europa.eu/ohimportal/documents/11370/80606/IP+Contribution+study

([2]) Studju tal-Kummissjoni Ewropea EASME/COSME/2015/003.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

V. billi s-CCIs huma xprun għall-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-ICT fl-Ewropa; billi t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija toffri possibbiltajiet ġodda għall-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-espansjoni tas-suq, imma tippreżenta wkoll sfidi għas-setturi tradizzjonali tas-CCIs;

W. billi l-industriji kreattivi huma fost is-setturi l-aktar intraprenditorjali, peress li jiżviluppaw ħiliet trasferibbli bħall-ħsieb kreattiv, is-soluzzjoni tal-problemi, ix-xogħol f'tim, u l-inġenjożità fl-użu tar-riżorsi;

X. billi t-turiżmu b'rabta mal-wirt industrijali u l-mużewijiet industrijali jistgħu joffru perspettivi kulturali u ekonomiċi ġodda, fuq kollox għar-reġjuni postindustrijali, u jistgħu jżommu l-għarfien tradizzjonali Ewropew ħaj;

Y. billi, fost is-sorsi differenti ta' finanzjament tal-UE, Ewropa Kreattiva u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi biss isemmu s-CCIs bħala prijorità speċifika;

Z. billi bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 xi miżuri fis-settur tal-wirt kulturali (b'mod partikolari r-restawr u l-preservazzjoni) u, f'xi każijiet, fis-settur tal-attivitajiet kulturali appoġġjati mill-fondi tal-UE u minn fondi reġjonali addizzjonali, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat, minkejja r-rilevanza lokali tagħhom u n-natura mhux ekonomika u l-organizzazzjoni mhux kummerċjali tal-attivitajiet u tal-istituzzjoni kulturali kkonċernati, li jirriżulta f'ostakoli konsiderevoli għall-awtoritajiet reġjonali rilevanti u f'dewmien fl-implimentazzjoni ta' tali miżuri;

AA. billi, fis-suq konverġenti u globalizzat tal-lum, is-CCIs Ewropej innovattivi u xprunati mir-riċerka huma vitali biex jiġu żgurati d-diversità lingwistika u kulturali, il-pluraliżmu u l-offerta ta' servizzi innovattivi u ta' kwalità għolja;

AB. billi, minkejja l-fatt li aktar kontenut kulturali u kreattiv qed jiġi aċċessat u kondiviż illum minn qatt qabel, b'mod partikolari dwar servizzi bħall-pjattaformi b'kontenut uploaded mill-utent u servizzi ta' aggregazzjoni tal-kontenut, u li l-ispejjeż tad-distribuzzjoni u tal-produzzjoni naqsu bl-iżviluppi teknoloġiċi, is-settur kulturali u kreattiv ma kellux żieda komparabbli fid-dħul minn din iż-żieda fil-konsum, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fil-katina tal-valur u ta' ċarezza tad-dritt u d-diffikultajiet esperjenzati mis-setturi tradizzjonali fl-adattament għat-trasformazzjoni diġitali;

AC. billi l-Kummissjoni hija mħeġġa tieħu l-miżuri xierqa biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' offerti ġuridiċi attraenti u disponibbiltà transfruntiera sabiex jitnaqqas id-distakk tal-valur u jkun żgurat li l-awturi, il-kreaturi, l-artisti u d-detenturi tad-drittijiet jingħataw remunerazzjoni ġusta għal xogħlijiethom;

AD. billi s-CCIs qed jgħaddu minn modifiki sostanzjali b'riżultat ta' żieda fit-teknoloġiji diġitali li jwasslu għal bidliet fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni artistika u jinfluwenzaw id-dritt tal-proprjetà intellettwali;

AE. billi s-CCIs għadhom sottovalutati u mhux rikonoxxuti, b'mod partikolari f'termini tal-kapaċità tagħhom li jaċċedu għall-kapital għan-negozji l-ġodda u għall-finanzjament;

AF. billi l-istudju l-aktar riċenti kkummissjonat mill-Kummissjoni ([1]) jqis fid-definizzjoni tiegħu tas-CCIs l-industriji ta' kwalità superjuri xprunati mill-kreattività; billi l-industriji tal-moda u ta' kwalità superjuri jiddependu minn input kulturali u kreattiv qawwi, jikkontribwixxu għall-ħarsien tas-*savoir faire* Ewropew li ilu jeżisti s-sekli u huma msejsa fuq wirt u tradizzjonijiet kulturali li ma jistgħux jiġu replikati minn oħrajn; billi jenħtieġ li l-kooperazzjoni tissaħħaħ sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet fl-impjieg u l-ħtieġa ta' ħiliet speċifiċi;

([1]) Referenza tal-istudju li għandha tiddaħħal ladarba jiġi ppubblikat. Jekk jogħġbok innota li ċ-ċifri kollha msemmija f'dan ir-rapport huma bbażati fuq dan l-istudju.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

AG. billi l-istimi nazzjonali tas-CCIs rarament huma komparabbli billi l-Istati Membri għadhom qed jużaw definizzjonijiet differenti tas-CCIs; jinnota li tali definizzjonijiet jinkludu wkoll kategoriji wesgħin ta' CCIs bħas-softwer, ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni, li huma ta' suċċess kbir kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll bħala eżempji ta' kreattività u intraprenditorija Ewropej;

AH. billi fl-2013 il-kummerċ internazzjonali f'oġġetti ffalsifikati u pirati ammonta għal sa 2,5 % tal-kummerċ dinji u sa 5 % tal-importazzjonijiet fl-UE, li jirrappreżenta EUR 85 biljun;

AI. billi fl-ekonomija industrijali, l-investiment kien prinċipalment iffukat fuq oġġetti tanġibbli, li kienu l-ixpruni ewlenin tat-tkabbir, filwaqt li fl-ekonomija kreattiva tal-lum, l-oġġetti intanġibbli huma l-objettivi ewlenin għall-investiment, issorsi ta' valur u l-ixpruni tat-tkabbir; billi jenħtieġ li l-finanzjament tas-CCIs jitqies f'dan il-kuntest;

AJ. billi, minkejja li l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-infrastruttura diġitali huwa prijorità politika Ewropea, id-disseminazzjoni ta' oġġetti u servizzi kulturali u kreattivi online permezz ta' istituzzjonijiet kulturali għad trid tittejjeb;

AK. billi s-CCIs jikkontribwixxu għall-ħarsien u t-titjib tal-wirt kulturali, storiku u arkitettoniku immens tal-Ewropa; billi s-CCS huwa importanti għall-iżvilupp tad-diplomazija kulturali, l-industrija tat-turiżmu u l-promozzjoni tal-kulturi nazzjonali u lokali, filwaqt li jmexxi lejn il-progress u l-iżvilupp tal-bliet u r-reġjuni;

Definizzjoni u statistika

1. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' politika industrijali komprensiv, koerenti u fit-tul għas-CCS, u jistieden lill-UE tinkludi l-iżvilupp, il-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi u l-finanzjament adegwat tas-CCIs fl-għanijiet strateġiċi u l-prijoritajiet ġenerali tagħha, sabiex tagħti spinta lill-kompetittività tagħhom u tippermettilhom jilħqu l-potenzjal tagħhom f'termini tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u ta' tkabbir;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal il-politiki futuri tagħha abbażi tad-definizzjoni tas-CCIs li ġejja: "l-industriji kulturali u kreattivi huma dawk l-industriji li huma bbażati fuq il-valuri kulturali, id-diversità kulturali, il-kreattività individwali u/jew kollettiva, il-ħiliet u t-talent bil-potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni, il-ġid u l-impjiegi permezz tal-ħolqien ta' valur soċjali u ekonomiku, b'mod partikolari mill-proprjetà intellettwali; jinkludu s-setturi li ġejjin li jiddependu minn inputs kulturali u kreattivi: l-arkitettura, l-arkivji u l-libreriji, l-artiġjanat artistiku, il-mezzi awdjoviżivi (inklużi l-films, it-televiżjoni, issoftwer u l-logħob tal-kompjuter u l-multimedja u l-mużika rrekordjata), il-wirt kulturali, id-disinn, l-industriji u l-moda ta' kwalità superjuri xprunati mill-kreattività, il-festivals, il-mużika 'live', l-arti tal-ispettaklu, il-kotba u l-pubblikazzjoni (gazzetti u rivisti), ir-radju u l-arti viżiva, u r-reklamar";

3. Jistieden lill-Kummissjoni – meta jitqies il-fatt li l-Istati Membri qed jużaw sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni għall-attivitajiet li jappartjenu għall-industriji kulturali u kreattivi – biex tidentifika indikaturi speċifiċi sabiex timmonitorja u tanalizza l-impatt u d-dinamika kulturali, ekonomiċi u soċjetali tal-politiki u l-proposti regolatorji tagħha relatati mas-CCS, u r-rwol ta' dan is-settur bħala xprun tal-innovazzjoni u t-tkabbir fl-oqsma ta' attività l-oħra kollha fl-UE u fil-pajjiżi terzi konnessi; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li l-Kummissjoni tidentifika sorsi ta' data alternattivi bl-għan li tikkomplementa u ttejjeb l-istatistika uffiċjali; jissottolinja li s-CCIs spiss ikollhom mudelli kummerċjali kumplessi li jistgħu jkunu ta' sfida għall-forom tradizzjonali ta' finanzjament u li huwa importanti li jkun żgurat li l-effetti pożittivi tal-investiment pubbliku jiġu mifhuma b'mod aktar ċar u li jiġu pprovduti l-livelli ta' analiżi meħtieġa biex jiġi attirat aktar investiment privat; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tipprevedi sforz ta' koordinament sabiex tiffaċilita s-sinerġiji transnazzjonali bħall-proġetti ta' kooperazzjoni, l-opportunitajiet ta' mobilità u n-negozji konġunti fil-qasam;

4. Jenfasizza li l-ħtieġa li tiġi stabbilita data statistika dwar l-industriji kulturali u kreattivi tikkontribwixxi wkoll għad-dibattitu politiku kulturali, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Eurostat, fl-isforzi tagħhom biex janalizzaw u jkejlu regolarment l-impatt tal-politiki kulturali fuq is-CCS fl-intier tiegħu, biex jinkludu s-CCS fl-istatistika annwali tagħhom, abbażi ta' analiżi tal-valur u l-effetti konsegwenzjali maħluqa mis-CCIs fl-era diġitali u biex jippubblikaw rapport biennali settorjali dwar l-iżvilupp tas-CCIs fl-Ewropa; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Eurostat u taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Kundizzjonijiet qafas u trawwim tal-innovazzjoni

5. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi skema komprensiva li tnaqqas id-distakk bejn ir-R&Ż, il-produzzjoni Ewropea ta' kontenut kreattiv u l-innovazzjoni teknoloġika fil-qasam tal-media u lil hinn minnu; jinnota li tali skema komprensiva trawwem il-produzzjoni ta' servizzi kreattivi u kompetittivi tal-UE, u opportunitajiet kummerċjali u ta' impjieg, u ttejjeb l-aċċess tal-SMEs u tan-negozji l-ġodda, filwaqt li tippromwovi xenarju Ewropew pluralistiku u diversifikat mibni fuq sinerġiji b'saħħithom bejn is-CCIs u l-innovazzjoni tekonoloġika, biex b'hekk jissaħħaħ is-Suq Uniku Diġitali Ewropew;

6. Jenfasizza li t-teknoloġija u l-infrastruttura diġitali jiddependu mill-kontenut ipprovdut mill-kreaturi; jinnota li l-aċċess dirett għal udjenzi globali wassal għal forom ġodda ta' kontenut artistiku u kreattiv; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex, filwaqt li tivvaluta l-ħtiġijiet tal-atturi rilevanti kollha, tistabbilixxi qafas ġuridiku xieraq, inklużi d-drittijiet tal-awtur, għall-katina tal-valur fl-era diġitali, li jqis l-ispeċifiċitajiet tas-settur, jippermetti aktar innovazzjoni, jippromwovi relazzjonijiet kuntrattwali trasparenti u jwassal għall-istabbiliment tad-dritt għal remunerazzjoni ġusta u protezzjoni legali għall-awturi, il-kreaturi u l-partijiet involuti kollha fil-proċess kreattiv u xogħlijiethom, biex b'hekk tiġi żgurata ekonomija diġitali b'saħħitha;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-partijiet jaħdmu flimkien u fuq l-importanza tal-kondiviżjoni kostanti tal-għarfien u l-aħjar prassi bejn l-Istati Membri li jridu jappoġġjaw u jistimulaw l-industrija kreattiva, u jippromwovu l-kreattività u l-produttività fil-livelli kollha;

8. Iqis li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati hija fil-qalba tad-dħul tas-CCI; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fid-dawl tar-riforma li għaddejja tad-drittijiet tal-awtur, biex toħloq soluzzjonijiet ġuridiċi bilanċjati li jkunu adattati għall-era diġitali, anke fi shubija mal-industrija u l-gruppi tal-konsumaturi, li jappoġġjaw u jissodisfaw l-interessi tal-SMEs, l-intrapriżi żgħar ħafna u l-mikrointrapriżi, il-kreaturi, id-detenturi tad-drittijiet, l-utenti tad-drittijiet, il-freelancers u l-konsumaturi bl-istess mod sabiex ikun ċar li eżenzjonijiet mir-responsabbiltà jistgħu japplikaw biss għal fornituri ta' servizzi online ġenwinament newtrali u passivi, kif definiti fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku u fil-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, u mhux għal servizzi li jiżvolġu rwol attiv fid-distribuzzjoni, il-promozzjoni u l-monetizzar tal-kontenut askapitu tal-kreaturi; iqis, minħabba n-natura mingħajr fruntieri tal-ambjent diġitali, li hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn ir-regolaturi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u s-sistema ġudizzjarja fl-UE;

9. Jenfasizza l-fatt li r-riċerka dwar id-detenturi tad-drittijiet u r-regoli mhux trasparenti dwar id-drittijiet tal-awtur jirrappreżentaw piżijiet amministrattivi li jinvolvu spejjeż kbar u sforzi konsiderevoli, speċjalment għall-SMEs li jaħdmu fuq bażi transfruntiera; jirrakkomanda, għalhekk, li tiġi stabbilita bażi ta' data pan-Ewropea komuni, bl-informazzjoni kollha disponibbli dwar id-detenturi tad-drittijiet għal kull settur sabiex jiġi ffaċilitat l-ikklerjar tad-drittijiet;

10. Jenfasizza li d-Direttiva 2014/26/UE wasslet għal titjib fis-sistema tal-ikklerjar tad-drittijiet ta' xogħlijiet mużikali fl-ambjent online; jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb ukoll il-governanza tajba, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur f'setturi oħra;

11. Jenfasizza l-fatt li l-piraterija u l-falsifikazzjoni għadhom preokkupazzjoni serja għas-CCIs kif ukoll għaċ-ċittadini; jenfasizza li dawn l-attivitajiet illeċiti jikkawżaw telf serju ta' introjtu u impjiegi, u jistgħu jirriżultaw fi preokkupazzjonijiet dwar is-sikurezza u s-saħħa li jridu jiġu indirizzati; jilqa' l-involviment tal-industrija biex jinstabu soluzzjonijiet biex jiġu miġġielda l-piraterija u l-falsifikazzjoni u jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra dawn l-attivitajiet illegali;

12. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi mmonitorjata u msaħħa l-applikazzjoni tar-regoli ta' infurzar eżistenti madwar l-UE; jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet aktar ħorox u l-promozzjoni ta' sistema ta' garanziji fuq it-traċċabilità bħala deterrent għall-falsifikaturi – b'mod partikolari dawk kummerċjali fuq skala kbira – kif ukoll li jiżdiedu d-danni u l-kumpens mogħtija lid-detenturi tad-drittijiet; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jvaraw kampanji ta' sensibilizzazzjoni kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni, u jidentifikaw ix-xejriet u jindirizzawhom b'mod aktar effettiv, filwaqt li jinkoraġġixxu lid-detenturi tad-drittijiet u lill-fornituri tas-servizzi biex jiżguraw li jkun hemm rotot ta' aċċess faċli għall-kontenut legali sabiex tiġi skoraġġita l-piraterija; finalment, jenfasizza l-ħtieġa li l-atturi diġitali kollha jiġu involuti fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni online;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

13. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri effettivi biex tiġġieled kontra l-piraterija online, b'mod partikolari biex tiżgura li s-servizzi online li jospitaw kontenut japplikaw mezzi effettivi sabiex jitneħħa kontenut mhux liċenzjat mis-servizzi tagħhom u jieħdu azzjoni biex, ladarba jitneħħa, dan il-kontenut ma jerġax jitfaċċa;

14. Iqis li huwa essenzjali li tingħeleb il-mentalità tal-organizzazzjoni f'kompartimenti f'oqsma ta' politika tradizzjonali u li jiġi promoss it-tixrid kulturali u kreattiv;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-isferi tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jippromwovu l-kooperazzjoni transsettorjali billi jistabbilixxu "laboratorji għat-tagħlim", ċentri kreattivi, spazji għal ħidma konġunta, programmi ta' netwerking u raggruppamenti u netwerks kulturali u kreattivi f'livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali sabiex titrawwem l-interazzjoni bejn l-intrapriżi mikro, żgħar, medji u kbar u bejn l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-kumpaniji kummerċjali fis-CCS, il-ħila fis-snajja' tradizzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-wirt, is-settur tat-turiżmu, iċ-ċentri tar-riċerka, l-universitajiet, l-investituri u dawk li jfasslu l-politika; jitlob, barra minn hekk, għal appoġġ għall-iżvilupp ta' ambjent ġuridiku ta' sostenn u li jiffaċilita l-innovazzjoni għall-ħolqien u l-esperimentazzjoni ta' mudelli kummerċjali, prodotti u servizzi ġodda permezz ta' sħubijiet strateġiċi bejn il-produtturi, id-distributuri u l-promoturi u għal appoġġ għall-attivitajiet ta' inkubaturi tan-negozju;

16. Iqis li huwa essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżommu l-possibbiltà li jħarsu u jiżviluppaw il-politiki kulturali u awdjoviżivi tagħhom, u li jagħmlu dan fil-kuntest tal-liġijiet, tal-istandards u tal-ftehimiet eżistenti tagħhom, inkluża l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali; jitlob, għaldaqstant, li l-esklużjoni tas-servizzi kulturali u awdjoviżivi, inklużi dawk mogħtija online, tkun dikjarata b'mod ċar fil-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li s-servizzi kulturali u awdjoviżivi jinżammu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' negozjar għall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġenerali, filwaqt li jirrimarka li x-xogħlijiet kulturali u kreattivi għandhom valur doppju u intrinsiku;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġja l-ħolqien, it-titjib u l-espansjoni ta' infrastruttura li hija essenzjali biex tappoġġja l-industriji kreattivi fl-Ewropa, b'mod partikolari tiżgura l-espansjoni ta' broadband b'veloċità għolja f'żoni rurali u remoti;

18. Jirrikonoxxi li ħafna bliet u reġjuni madwar l-Ewropa żviluppaw pjanijiet sostanzjali għas-CCIs lokali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tislet l-aħjar prassi minn dawn l-istrateġiji;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 bħala opportunità importanti biex tissaħħaħ l-eċċellenza Ewropea fis-CCIs u tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' programmazzjoni u finanzjament xierqa;

20. Jitlob lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jisfrutta l-potenzjal tad-diplomazija kulturali permezz tal-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa kompetittiva tas-CCS Ewropew;

Diġitalizzazzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi

21. Jenfasizza li l-industriji kulturali u kreattivi (CCIs), li l-maġġoranza tagħhom huma magħmula minn SMEs, joperaw f'ambjent f'evoluzzjoni kontinwa, u għaldaqstant għandhom l-isfida li joħolqu u jsawru mill-ġdid mudelli kummerċjali ġodda sabiex jiġu jiżviluppaw soluzzjonijiet immexxija mis-suq u jattiraw udjenzi ġodda; jenfasizza l-opportunitajiet li ICTs ġodda bħall-big data, il-cloud computing u l-internet tal-oġġetti joffru lill-ekonomija u lis-soċjetà, b'mod speċjali jekk ikunu integrati ma' setturi bħas-CCIs, u b'mod partikolari fir-rigward tat-tqassim, l-isfruttament u l-produzzjoni ta' xogħlijiet kreattivi; jenfasizza, madankollu, li sabiex is-CCIs jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi ta' teknoloġiji ġodda, it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali trid tkun prijorità; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li tittejjeb iċ-ċertezza tad-dritt u li jitnaqqas il-piż amministrattiv; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġjaw id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kulturali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-pjan ta' "Diġitalizzazzjoni tal-Industrija" u l-qafas ta' infurzar tal-Kummissjoni għandhom iqisu bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tas-CCIs;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

22. Iqis li l-pjattaformi diġitali huma mezz biex jingħata aċċess usa' għal xogħlijiet kulturali u kreattivi u joffru opportunitajiet kbar biex is-CCS jiżviluppa mudelli kummerċjali ġodda; jenfasizza l-fatt li jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lil kif dan il-proċess jista' jiffunzjona b'aktar ċertezza tad-dritt u rispett għad-detenturi tad-drittijiet; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi; iqis, f'dan ir-rigward, li l-protezzjoni tad-detenturi tad-drittijiet fil-qafas tad-drittijiet tal-awtur u tal-proprjetà intellettwali hija meħtieġa sabiex tiżgura r-rikonoxximent tal-valuri u l-istimolu tal-innovazzjoni, il-kreattività, l-investiment u l-produzzjoni tal-kontenut;

23. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni u l-konverġenza tal-media joħolqu opportunitajiet ġodda għall-aċċess, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jenfasizza l-importanza li jiġu ggarantiti fondi għad-diġitalizzazzjoni, il-preservazzjoni u d-disponibbiltà online tal-wirt kulturali Ewropew;

Kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur kulturali u kreattiv

24. Jirrimarka li l-impjieg atipiku (kuntratti part-time u b'terminu fiss, xogħol temporanju u impjieg awtonomu ekonomikament dipendenti) ta' ħaddiema kulturali u kreattivi, speċifikament fis-settur tal-media u l-kultura, huwa komuni; jissottolinja l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli għall-mobilità tal-artisti u l-professjonisti fil-qasam tal-kultura u jappoġġja t-talba tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew lill-Kummissjoni biex tipprovdi soluzzjoni xierqa biex titjieb il-mobilità fl-UE għall-ħaddiema tas-CCIs u jitħaffu l-proċeduri tal-għoti ta' viżi għal skambji ma' pajjiżi terzi;

25. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw jew jimplimentaw qafas ġuridiku u istituzzjonali għall-attività artistika kreattiva permezz tal-adozzjoni jew l-applikazzjoni ta' għadd ta' miżuri koerenti u komprensivi fir-rigward tal-kuntratti, il-mezzi ta' rappreżentanza kollettiva, is-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni kontra l-mard, it-taxxa diretta u indiretta u l-konformità mar-regoli Ewropej, sabiex titjieb il-mobilità tal-artisti fl-UE kollha;

26. Jinnota l-proporzjon għoli ta' nisa fl-industriji kreattivi u b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-ommijiet li jaħdmu għal rashom jew li jirritornaw għax-xogħol ("mompreneurs");

27. Jirrimarka d-differenza eżistenti bejn il-pagi medji tal-irġiel u n-nisa fl-UE (16,1 % fl-2014) u d-distakk fil-pensjonijiet (40,2 %), u jenfasizza li n-nisa jiffaċċjaw l-istess ostakli fl-industriji kulturali u kreattivi bħal f'setturi ekonomiċi oħra, b'mod partikolari fir-rigward tad-distakk fil-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa, l-aċċess għall-finanzi, l-istereotipi, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja;

Edukazzjoni, ħiliet u taħriġ

28. Jenfasizza li l-impuls kreattiv jinsab f'kull bniedem u jeħtieġ li l-ħiliet kreattivi jiġu żviluppati minn età bikrija sabiex jiġu stabbiliti l-pedamenti għat-tiġdid kontinwu ta' talenti kreattivi; jinnota, madankollu, li dawn il-ħiliet jistgħu jitħeġġu fl-istadji kollha tal-ħajja, b'mod partikolari permezz ta' programmi aċċessibbli ta' tagħlim tul il-ħajja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jrawmu għarfien akbar tas-CCIs fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiżviluppaw it-tagħlim tal-litteriżmu medjatiku u l-ħiliet diġitali u jtejbu s-sistemi ta' taħriġ, tagħlim u kwalifiki tagħhom, filwaqt li l-istudenti ta' kull età jkunu jistgħu jiksbu taħriġ komprensiv fid-dixxiplini tal-arti kreattivi;

29. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' ħiliet trasversali, b'mod partikolari dawk intraprenditorjali, fost il-gradwati fid-dixxiplini kulturali u artistiċi, kif ukoll għan-nuqqas ta' għarfien tagħhom tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur u tal-mezzi ta' protezzjoni ta' tali drittijiet; iqis li huwa importanti, għalhekk, li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet edukattivi jiġu mħeġġa biex jindirizzaw din id-diskrepanza billi jaġġustaw il-programmi tat-tagħlim, sabiex jipprovdu taħriġ professjonali kontinwu u tiġi integrata aħjar l-edukazzjoni kreattiva u intraprenditorjali u b'hekk jissaħħu l-ħiliet kummerċjali, finanzjarji, ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' ġestjoni tal-imprendituri kreattivi;

30. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-għalliema biex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet kreattivi u innovattivi taż-żgħażagħ, billi jimmodernizzaw il-proċessi tat-tagħlim u billi jinkludu l-litteriżmu medjatiku, tal-arti, il-mużika, it-teatru u ċ-ċinema fil-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw l-għarfien tal-wirt kulturali, il-prattiki u l-espressjonijiet artistiċi, kif ukoll il-ħiliet personali orjentati lejn il-kreattività u l-innovazzjoni; jistieden ukoll lill-Istati Membri jappoġġjaw il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, bil-ħsieb li jiskambjaw il-metodi u l-prattiki l-aktar effettivi fir-rigward tal-istimolar tal-kreattività u l-innovazzjoni, biex b'hekk jgħinu lin-nies japprezzaw il-prodotti u s-servizzi tal-industriji kreattivi;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

31. Ifakkar li s-sħubijiet mal-edukazzjoni jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal ambjent ta' tagħlim stimolanti u għall-integrazzjoni tal-komunitajiet żvantaġġati u emarġinati, u joffru opportunitajiet għall-persuni li jgħixu fi kwartieri li huma l-aktar fil-bżonn;

32. Jenfasizza l-potenzjal tas-CCIs rigward l-impjieg taż-żgħażagħ u r-reindustrijalizzazzjoni u b'mod partikolari l-opportunitajiet li qed jiżdiedu fis-settur kulturali u kreattiv maħluqa mill-ambjent diġitali għaż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu s-CCIs fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u jipprovdu fondi biex jiffaċilitaw il-karrieri, l-intraprenditorija u t-taħriġ f'dan is-settur billi joħolqu skemi ta' apprendistat, u jiffaċilitaw il-mobilità u l-iskambju permezz ta' programmi ta' mentorship u traineeship; jitlob li jsir użu aktar effettiv mir-riżorsi previsti fl-iskema Garanzija għaż-Żgħażagħ;

33. Ifakkar li waħda mill-isfidi ewlenin li jħabbat wiċċu magħhom is-settur tal-wirt kulturali hija l-estinzjoni gradwali tal-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw il-ħarsien tad-diversità tal-wirt, dik kulturali u dik lingwistika, il-ħiliet tradizzjonali u s-*savoir faire* Ewropew nazzjonali, reġjonali u lokali u biex jissalvagwardjaw u jippromwovu s-snajja' marbuta mas-CCS, jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw it-trażmissjoni tal-għarfien u jqiegħdu enfasi akbar fuq it-taħriġ vokazzjonali u forza tax-xogħol b'ħiliet għolja sabiex jattiraw it-talent, inkluża l-eċċellenza tal-ħiliet fis-snajja' fis-settur tal-kostruzzjoni u fix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr; jissottolinja, għal dan l-għan, li jridu jitrawmu rabtiet strateġiċi b'saħħithom bejn il-politika kulturali u r-riżorsi soċjali u produttivi;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' karriera f'impjiegi ta' artiġjanat u manifattura marbuta mas-CCS permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u politiki li jippromwovu t-trażmissjoni tal-għarfien sabiex jitħarsu l-ħiliet fis-snajja' u l-ħiliet esperti f'dawn is-setturi;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu segwitu lill-inizjattivi ta' Erasmus+ sabiex jippromwovu approċċi transsettorjali bejn oqsma differenti fl-edukazzjoni formali, mhux formali u informali, fit-taħriġ u fit-tagħlim tul il-ħajja; iħeġġeġ lill-istabbilimenti tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni professjonali biex jikkombinaw il-programmi biex jinkludu l-arti u l-kultura, ix-xjenza, l-inġinerija, it-teknoloġija, in-negozju u oqsma rilevanti oħra; jitlob, b'mod partikolari, li jittieħdu passi biex jitnaqqas id-distakk bejn is-suġġetti STEM u ICT u l-arti u d-disinn sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' karrieri tekniċi fl-industriji kreattivi u karrieri kreattivi fis-settur STEM, li huma vitali għat-tkabbir tas-CCS Ewropew; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati ċ-ċentri ta' eċċellenza u li jiġu promossi l-iskambji fost il-professjonijiet fis-settur, anke f'pajjiżi terzi, u li jiġi attirat u żviluppat it-talent kreattiv;

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-iskejjel artistiċi, il-forniturі tal-ETV, l-universitajiet u n-negozji fis-CCS, anke permezz ta' residenzi tal-artisti f'ambjenti kummerċjali u l-istabbilimenti edukattivi, sabiex jiġi żgurat tlaqqigħ aħjar bejn il-provvista tal-ħiliet u d-domandi tas-suq tax-xogħol u tingħata spinta lill-potenzjal kompetittiv tas-settur; jirrakkomanda l-iżvilupp ta' trajettorji ta' xogħol u tagħlim bħal skemi ta' edukazzjoni doppja;

37. Jirrakkomanda t-tfassil u l-adozzjoni ta' politiki bl-għan li jżidu l-livell ta' parteċipazzjoni kulturali fost iċ-ċittadini tal-UE, li f'ħafna Stati Membri għadu baxx b'mod kritiku; jenfasizza li dan iwassal għal benefiċċji kemm f'termini ta' trawwim ta' aktar talenti kreattivi kif ukoll ta' żgurar ta' bażi ta' domanda akbar u aktar b'saħħitha għal prodotti kulturali u kreattivi tal-UE;

38. Jitlob li jinħoloq "Premju Ewropew għal industriji kulturali u kreattivi" mfassal fuq il-"Premju Franko-Ġermaniż għal Industriji Kulturali u Kreattivi";

39. Jenfasizza l-potenzjal enormi tal-innovaturi u l-imprendituri nisa u r-rwol importanti li dawn jista' jkollhom fl-industriji kulturali u kreattivi; iħeġġeġ lill-Istati Membri joffru appoġġ finanzjarju u taħriġ adegwati u jenfasizza l-importanza tan-netwerking u tal-iskambju tal-aħjar prattiki;

40. Jitlob li tiġi studjata l-possibbiltà ta' programmi ta' mobilità għal "innovaturi żgħażagħ" sabiex jippromwovu l-iskambji u l-innovazzjoni fil-qasam tal-kultura u l-kreazzjoni;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

41. Jinnota l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività", u jikkondividi l-fehma li "f'ekonomija globali li qed tinbidel b'rata mgħaġġla, ħafna drabi l-ħiliet se jiddeterminaw il-kompetittività u l-kapaċità biex jixprunaw l-innovazzjoni", li "huma fattur ta' attrazzjoni għall-investiment u katalist fiċ-ċirku virtwuż ta' ħolqien ta' impjiegi u tkabbir" u li "huma essenzjali għall-koeżjoni soċjali"; iqis li huwa neċessarju li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħiliet kreattivi fir-reviżjoni tal-Qafas ta' Kompetenzi Ewlenin u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

42. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu inizjattivi bħall-"bonus kulturali" varat mill-Gvern Taljan li joffri ammonta ta' EUR 500 għall-persuni kollha ta' 18-il sena residenti legalment fl-Italja, u li għandhom jintefqu biss fuq "attivitajiet ta' arrikkiment kulturali" bħal mużewijiet, galleriji, siti arkeoloġiċi u ta' wirt storiku, kotba u films;

Finanzjament

43. Jirrimarka li l-industriji kulturali u kreattivi jibbenefikaw b'mod konsiderevoli mill-finanzjament pubbliku għall-kultura, li jikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti għad-diversità kulturali fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, biex – fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom – ikomplu jallokaw sehem adegwat tal-baġits tagħhom għall-finanzjament pubbliku tal-kultura;

44. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-politiki governattivi b'appoġġ għas-CCS u li jittejbu l-baġits tal-kultura; jirrimarka li l-finanzjament pubbliku sofra tnaqqis qawwi fil-baġit fl-Istati Membri, li huwa theddida serja għax-xogħol kulturali u kreattiv Ewropew;

45. Jinnota s-suċċess ta' skemi ta' ħelsien mit-taxxa għas-settur kulturali u kreattiv eżistenti f'ċerti Stati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha, għaldaqstant, jintroduċu tali skemi, filwaqt li jikkundannaw arranġamenti speċjali tat-taxxa – magħrufa bħala "deċiżjonijiet tat-taxxa" – li ppermettew lil xi kumpaniji jnaqqsu indebitament il-ħlas tat-taxxa għal-livell minimu;

46. Jinnota li l-parteċipazzjoni fil-programmi kollha ffinanzjati mill-UE hija miftuħa għas-CCIs, iżda li din il-parteċipazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala inferjuri għall-potenzjal tagħha; jitlob lill-Kummissjoni biex, bħala l-ewwel pass, toħloq punt uniku ta' kuntatt – eż. sit web – fejn id-Direttorati Ġenerali differenti kkonċernati jistgħu jinteraġixxu mill-qrib sabiex jenfasizzaw opportunitajiet ta' finanzjament differenti għas-CCIs, ixerrdu l-informazzjoni permezz ta' netwerks kulturali u kreattivi pan-Ewropej u organizzazzjonijiet nazzjonali, jiġbru u jippromwovu l-aħjar prattiki, u jżidu l-għarfien fost l-investituri u l-istituzzjonijiet finanzjarji rigward l-ispeċifiċitajiet u l-isfidi differenti tas-CCIs billi dan iżid is-sensibilizzazzjoni u l-aċċessibbiltà għall-fondi għas-CCIs;

47. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq l-integrazzjoni tal-appoġġ tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi, inkluż il-finanzjament, permezz tal-adozzjoni ta' strateġija globali u trasversali tal-UE; jenfasizza, madankollu, l-importanza li wieħed ikun konxju tan-natura varjata tas-CCIs u, għaldaqstant, tal-ħtiġijiet settorjali speċifiċi tagħhom f'termini ta' finanzjament u ambjenti ta' innovazzjoni, u għalhekk ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi, bħal skema ta' qafas konġunt bejn Orizzont 2020 u Ewropa Kreattiva; jirrikonoxxi l-effett multiplikatur li l-finanzjament tal-UE għandu għas-CCIs, partikolarment f'reġjuni speċifiċi;

48. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-intrapriżi soċjali u kooperattivi mingħajr skop ta' qligħ fis-CCIs u, għalhekk, jitlob li tiġi evitata kwalunkwe distinzjoni fil-finanzjament strutturali u soċjali tal-UE li tista' tillimita l-eliġibbiltà ta' dawn l-istrutturi;

49. Jinnota li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP u r-rapporti ta' implimentazzjoni tal-programmi tal-UE jenħtieġ li jitqiesu bħala żewġ elementi interkonnessi tal-istess proċess; jinnota li, b'mod partikolari fil-każ ta' Ewropa Kreattiva, Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali (FEŻR u FSE), jenħtieġ li r-rwol u l-impatt tas-CCIs fuq it-tkabbir, l-impjieg u l-koeżjoni territorjali jiġu evalwati b'mod speċifiku u jibqgħu jiġu promossi; jenfasizza li jenħtieġ li dan il-proċess jipprovdi bażi solida u koerenti għar-reviżjoni tal-QFP u l-arkitettura futura tal-programm tal-UE wara l-2020;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

50. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonforma mal-Artikolu 167(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi s-CCIs, bħala parti mis-CCS, bħala prijorità orizzontali fl-iskemi u l-programmi ta' finanzjament tal-UE, partikolarment f'Orizzont 2020, l-EaSI u l-FSIE;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali li jeżistu bejn il-politiki tal-UE, sabiex jintuża b'mod effettiv il-finanzjament disponibbli taħt il-programmi tal-UE – bħal Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Erasmus+, EaSI, Ewropa Kreattiva u COSME – u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex tappoġġja aktar proġetti fil-qasam tas-CCIs;

52. Jirrimarka li għad jista' jsir ħafna aktar sabiex ikun hemm interazzjoni aktar effettiva bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u programmi Ewropej oħra matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, b'referenza speċifika għal Erasmus+ u Ewropa Kreattiva, fil-punti 4.6 u 6.4 tal-Anness 1 għar-"Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni", permezz tal-forniment ta' informazzjoni aħjar fil-livell tal-UE u permezz ta' implimentazzjoni ferm aktar deċiża fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom;

53. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika u/jew tinterpreta l-parti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat għall-kultura u l-ħarsien tal-wirt kulturali, fid-dawl tal-premessa 72 tar-Regolament u tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2016, sabiex ċerti miżuri fis-settur tal-wirt kulturali (b'mod partikolari r-restawr u l-ħarsien) u, f'xi każijiet, tal-attivitajiet kulturali appoġġjati mill-fondi tal-UE u minn fondi reġjonali addizzjonali, ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat;

54. Jinnota li l-Faċilità ta' Garanzija fi ħdan Ewropa Kreattiva hija wieħed mill-modi kif tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġi aċċessat il-finanzjament tas-self għal proġetti innovattivi u sostenibbli fis-CCS; ifakkar fid-dewmien fil-varar tal-Faċilità ta' Garanzija; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied il-baġit ta' Ewropa Kreattiva u tal-Faċilità ta' Garanzija sabiex jiġu appoġġjati b'mod effettiv l-espressjonijiet kulturali u kreattivi Ewropej, jiġu diversifikati l-benefiċjarji tal-finanzjament, jiġi ggarantit l-aċċess ugwali u tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-operaturi kulturali mill-Istati Membri kollha fil-Faċilità ta' Garanzija;

55. Jinnota li jenħtieġ li l-FSIE jgħinu lill-SMEs jegħlbu n-nuqqasijiet ta' kapital u jimmiraw b'mod tipiku lejn proġetti bi profil tar-riskju ogħla minn proġetti appoġġjati minn operazzjonijiet normali tal-BEI ([1]); jinnota li, sa Settembru 2016, il-finanzjament kien ingħata biss għal ftit proġetti fis-CCS – li jikkonsisti l-iżjed f'SMEs b'livell ogħla ta' riskju – u fis-settur tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ, u jenfasizza li jenħtieġ li jsir kull sforz biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-FEIS;

56. Jitlob lill-BEI jindirizza n-nuqqas ta' finanzjament tal-FSIE lis-CCIs billi jinvestiga interazzjoni possibbli mal-Ewropa Kreattiva u l-Faċilità ta' Garanzija sabiex jipprovdi self adattat għall-iskop għas-CCIs;

57. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-BEI jappoġġjaw tipi mħallta ta' finanzjament, b'mod partikolari fil-forma ta' sħubijiet pubbliċi-privati, sabiex jindirizzaw u jirrimedjaw in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' finanzjament ta' ekwità għas-CCIs;

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-ambjent tal-investiment u jwessgħu l-firxa ta' strumenti ta' finanzjament disponibbli għall-mikrointrapriżi u l-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi bi skemi ta' finanzjament ġodda u innovattivi bħall-mikrokreditu, il-kontribuzzjonijiet li jitħallsu lura, il-finanzjament kollettiv, il-finanzjament tal-kapital ta' riskju, il-finanzjament inizjali (seed funding) u l-kapital ta' riskju; jinnota li mudelli differenti ta' finanzjament kollettiv u investiment kollettiv għas-CCIs jistgħu jsiru għodda solida għall-finanzjament ta' proġetti kulturali u kreattivi u, bħala tali, żieda milqugħa tajjeb għas-sorsi tradizzjonali ta' appoġġ finanzjarju għas-CCIs fl-intier tagħhom; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jimmonitorjaw u jippromwovu l-iżvilupp tas-suq tal-finanzjament kollettiv, jinvolvu lill-istituzzjonijiet pubbliċi, jagħmlu użu aħjar mill-possibbiltajiet ta' finanzjament kollettiv istituzzjonali, jikkoordinaw l-approċċi regolatorji differenti, jiżguraw ċarezza xierqa dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE, jiżviluppaw l-aħjar prassi u jtejbu l-qafas regolatorju billi jneħħu l-piżijiet u/jew ifasslu strument regolatorju ġdid, jekk ikun meħtieġ; jirrimarka, madankollu, li dan ma jistax jieħu post il-finanzjament pubbliku u privat sostenibbli għas-CCIs;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/1017.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

59. Iqis li jeħtieġ li jitjieb ir-rwol li għandhom il-banek ta' investiment pubbliku fis-CCS billi jagħtu lill-SMEs aċċess aħjar għall-kreditu u jgħinu lill-intrapriżi jespandu l-attivitajiet tas-suq u tal-esportazzjoni tagħhom;

60. Jikkunsidra li sabiex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-CCIs jeħtieġ li tiġi żviluppata l-kompetenza fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-valur tal-assi intanġibbli, li jistgħu jintużaw bħala kollateral; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien fost l-investituri u l-istituzzjonijiet finanzjarji rigward l-ispeċifiċitajiet u l-isfidi differenti tas-CCIs, meqjusa li jippreżentaw livell ogħla ta' riskju; jilqa', f'dan ir-rigward, l-inklużjoni mill-Kummissjoni ta' skema ta' taħriġ għall-intermedjarji finanzjarji fil-Faċilità ta' Garanzija ta' Ewropa Kreattiva, peress li dan jista' jtejjeb ukoll l-abbiltà tas-CCIs li javviċinaw u jikkonvinċu lil investituri esterni; jikkunsidra, madankollu, li jkun utli li jiġi sostnut is-suċċess ta' din l-iskema u, sakemm issir evalwazzjoni pożittiva, li tiġi estiża għal diversi oqsma tal-politika;

61. Jitlob, għal dan il-għan, il-promozzjoni ta' "protokolli għal assi tal-proprjetà intellettwali" li jiffaċilitaw il-valutazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPRs) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw il-mekkaniżmi neċessarji sabiex jiżdiedu l-prospetti bankarji tal-IPRs u r-rikonoxximent tal-valur sħiħ tagħhom bħala assi;

o

o o

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0487

Id-Drittijiet tan-Nisa fl-Istati tas-Sħubija tal-Lvant

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Istati tas-Sħubija tal-Lvant (2016/2060(INI))

(2018/C 238/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jistabbilixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin li fuqhom hija msejsa l-UE,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tan-NU (1995) għall-ugwaljanza, l-iżvilupp u l-paċi,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1820 (2008), 1325 (2000) u, aktar reċentement, 2242 (2015) dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing ta' Settembru 1995, u l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Programm ta' Azzjoni dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (il-Konferenza tal-Kajr) ta' Settembru 1994, kif ukoll l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Novembru 2015 dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) (SWD(2015) 0500),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat, tal-20 ta' April 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, u tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Vilnius fit-28 u d-29 ta' Novembru 2013, bit-titolu 'Is-Sħubija tal-Lvant: it-triq 'il quddiem',

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga fil-21 u t-22 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (AA/DCFTAs) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Georgia, il-Moldova, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat ([1]) (PEV),

([1]) ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni tal-21 ta' Settembru 2015 dwar "Gender Equality and Women's Empowerment: Transforming the Lives of Girls and Women through EU External Relations 2016-2020" (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw Ħajjet il-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2014 u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar il-Ġenerużidju: in-nisa li għebu? ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu u r-riżoluzzjoni reċenti tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([5]),

— wara li kkunsidra l-Proġett tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Titjib fl-Aċċess tan-Nisa għall-Ġustizzja f'Ħames Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2011,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-pajjiżi u r-rapporti ta' progress tal-OECD tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Istanbul Kontra l-Korruzzjoni għall-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL),

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar Remunerazzjoni Ugwali (Nru 100) tal-1951, il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (fl-Impjiegi u fix-Xogħol) (Nru 111) tal-1958, il-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema b'Responsabbiltajiet Familjari (Nru 156) tal-1981 u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Maternità (Nru 183) tal-2000,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0365/2016),

A. billi skont id-Dikjarazzjoni ta' Praga, is-Sħubija hija bbażata fuq impenji għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għall-valuri fundamentali, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; billi d-Dikjarazzjoni ta' Riga għamlet referenza għall-ugwaljanza bejn is-sessi bħala "qasam ġdid promettenti ta' kooperazzjoni";

B. billi d-divrenzjar imsaħħaħ bejn il-pajjiżi msieħba u sjieda akbar min-naħa tagħhom huma prinċipji ewlenin għall-PEV rieżaminata, b'qies għas-sitwazzjoni speċifika ta' kull pajjiż;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0018.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0470.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0350.
([4]) ĠU C 181, 19.5.2016, p. 21.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0272.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

C. billi l-ugwaljanza tas-sessi bejn in-nisa u l-irġiel hi minquxa fil-kostituzzjonijiet u s-sistemi ġuridiċi tal-pajjiżi kollha tas-SL, u l-pajjiżi kollha rratifikaw il-biċċa l-kbira tal-konvenzjonijiet internazzjonali importanti f'dan il-qasam mingħajr riżervi; jiddeplora l-fatt li n-nisa għadhom soġġetti għal diskriminazzjoni soċjali fil-pajjiżi tas-SL;

D. billi l-pajjiżi kollha tas-SL żviluppaw strateġiji, programmi u pjanijiet ta' azzjoni biex tittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa;

E. billi fl-istati tas-SL 17-il pożizzjoni biss minn 136 pożizzjoni ministerjali għolja kienu okkupati minn nisa fl-2015, u bħala medja, in-nisa kienu jirrappreżentaw 16 % tal-Membri eletti tal-Parlament, waqt li n-nisa fl-ogħla pożizzjonijiet fis-servizz ċivili kienu jammontaw bħala medja għal 17 % biss; billi fir-reġjun kollu, tliet partiti politiċi biss kienu mmexxija minn nisa;

F. billi s-segregazzjoni vertikali u orizzontali tal-impjieg tan-nisa fis-swieq tax-xogħol fl-Istati tas-SL għadha marbuta ħafna man-normi kulturali u soċjali tagħhom; billi n-nisa huma mgħobbija wkoll bit-"tieni xift" ta' xogħol domestiku mhux imħallas;

G. billi l-istereotipi li s-soċjetà tgħaddilna b'mod wiesa' jħallu lin-nisa fi rwol subordinat; billi dawn l-istereotipi jibdew jiżviluppaw matul it-tfulija u huma riflessi fl-għażliet edukattivi u ta' taħriġ u jibqgħu għaddejjin fis-suq tax-xogħol;

H. billi ħafna nisa fiż-żoni rurali li m'għandhomx possibilitajiet oħra għandhom it-tendenza li jaċċettaw impjiegi b'pagi baxxi fl-agrikoltura, li sikwit ikunu mingħajr reġistrazzjoni uffiċjali u mingħajr ebda dritt tas-sigurtà soċjali; billi l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa fl-agrikoltura tista' tgħin biex jiġi żgurat aċċess indaqs għall-impjieg għall-irġiel u għan-nisa, kif ukoll paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali;

I. billi n-nisa u l-irġiel fil-pajjiżi tas-SL spiss iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex ikollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, u għad hemm ostakli serji għan-nisa fqar, għall-migranti, għall-minoranzi etniċi u għal dawk li jgħixu f'żoni rurali; billi anqas minn 50 fil-mija tan-nisa fil-pajjiżi tas-SL jużaw metodi kontraċettivi moderni, u f'xi pajjiżi anke anqas minn 20 fil-mija, u r-raġunijiet ewlenin huma pariri ħżiena, spejjeż għoljin, u nuqqas ta' għażla u provvista mhux affidabbli;

J. billi għad baqa' nuqqasijiet serji fl-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi nisa ta' vjolenza sessista, b'mod partikolari n-nuqqas ta' kriminalizzazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, sottorappurtar gravi ta' reati ta' dan it-tip, għadd żgħir wisq ta' kundanni f'każijiet ta' stupru, u ftit jew l-ebda finanzjament mill-Istat għal servizzi ta' appoġġ;

K. billi filwaqt li jeżistu differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi tas-SL fir-rigward tal-prevalenza tal-vjolenza fuq in-nisa u l-aċċettazzjoni ta' tali vjolenza, ir-rata hija relattivament għolja – il-prevalenza matul il-ħajja tal-vjolenza fiżika hija ta' aktar minn 20 % f'erbgħa mis-sitt pajjiżi; billi m'hemmx biżżejjed data kumparabbli għad-determinazzjoni tal-prevalenza tal-vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika fil-post tax-xogħol, wisq probabbli anke minħabba nuqqas ta' rappurtar; billi r-riskju tal-vjolenza huwa ħafna akbar għan-nisa li jappartjenu għal minoranzi etniċi, bħar-Rom;

L. billi l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għadhom pajjiżi ta' oriġini, u f'xi każijiet pajjiżi ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, għat-traffikar tal-bnedmin li jinvolvi n-nisa u l-bniet, fosthom għal skopijiet ta' sfruttament sesswali;

M. billi l-kunflitti persistenti għadhom qed ikomplu jxekklu l-iżvilupp fir-reġjun, b'effett profond fuq il-ħajjiet u d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni milquta, fosthom in-nisa u l-bniet;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

N. billi l-kunflitt li għadu għaddej fil-Lvant tal-Ukrajna approfondixxa l-istereotipi tal-ġeneru li jenfasizzaw lill-irġiel bħala protetturi u lin-nisa bħala l-persuni li jsostnu lill-familja, u llimitaw il-parteċipazzjoni u l-involviment tan-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt;

O. billi fl-Ukrajna, aktar minn 1,5 miljun ruħ – żewġ terzi minnhom nisa u tfal – ġew spostati f'pajjiżhom mindu beda l-kunflitt u qed ibatu minħabba l-aċċess ostakolat għall-kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għall-impjieg;

P. billi l-bniet Rom fil-Moldova jqattgħu medja ta' anqas minn erba' snin l-iskola, meta mqabbel ma' 11-il sena għall-bniet li mhumiex Rom, b'konsegwenza ta' żwieġ fit-tfulija jew żwieġ prekoċi, tqaliet mhux ippjanati u responsabilitajiet tal-kura tat-tfal;

Q. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati lejn il-protezzjoni, it-twettiq u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, u jippromwovuhom b'qawwa fir-relazzjonijiet esterni kollha tagħhom, fosthom dawk li jmorru lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

R. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi għadha prijorità orizzontali fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI), u billi l-PEV rieżaminata għandha tinkludi appoġġ imsaħħaħ għas-soċjetà ċivili u konċentrazzjoni mġedda fuq l-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi; billi s-soċjetà ċivili tiżvolġi rwol importanti ħafna fil-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-Sħubija tal-Lvant;

S. billi bosta programmi tal-UE huma miftuħa għal pajjiżi sħab tas-SL, bħal pereżempju Erasmus+, COSME, Ewropa Kreattiva u Orizzont 2020;

T. billi l-kura ta' qabel it-twelid, il-preżenza ta' kura esperta waqt il-ħlas, b'kura ostetrika ta' emerġenza f'riżerva u provvisti essenzjali disponibbli huma kruċjali biex titnaqqas il-mortalità materna; billi l-pajjiżi tas-SL għad jonqoshom biex jilħqu lin-nisa kollha, speċjalment dawk li jinsabu fiż-żoni l-aktar fqar u l-aktar imbiegħda, u lil dawk li jappartjenu lill-gruppi emarġinati bħalma huma l-minoranzi nazzjonali, il-migranti u n-nisa b'diżabilità;

1. Iqis li s-sitwazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa fil-pajjiżi tas-SL għandha bżonn tittejjeb; jirrimarka li bidliet ekonomiċi profondi u inċertezza ekonomika kellhom effett negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tan-nisa, u dan wassal għal nuqqasijiet fl-ugwaljanza de facto tagħhom;

2. Jirrimarka li l-istabbiltà politika ġenerali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma ġeneralment kundizzjoni preliminari neċessarja għat-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u għat-titjib tas-sitwazzjoni tagħhom fil-pajjiżi kkonċernati;

3. Jesprimi l-ħtieġa li l-pajjiżi tas-SL jieħdu azzjoni immedjata sabiex tiżdied l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-soċjetà, inkluż bl-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet interessati tas-soċjetà ċivili;

4. Jistieden lill-pajjiżi tas-SL biex jeliminaw il-lakuni fl-oqfsa tagħhom ta' kontra d-diskriminazzjoni, u biex jagħmlu użu akbar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, inkluż użu ikbar ta' standards internazzjonali f'deċiżjonijiet ġudizzjarji, biex iżidu l-infurzabbiltà tal-liġijiet u sabiex itemmu l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa f'dawn il-pajjiżi;

5. Jinnota li f'xi pajjiżi tas-SL is-sitwazzjoni tal-individwi LGBTI għadha prekarja u allarmanti, minkejja d-depenalizzazzjoni tal-omosesswalità; Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra l-persuni LGBTI, jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jadottaw politiki biex jiġġieldu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali;

6. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u bidliet istituzzjonali mmirati lejn l-eliminazzjoni ta' stereotipi gravi dwar in-nisa, li jolqtu negattivament il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-soċjetà;

7. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali joqogħdu għassa u jkunu sodi u jimponu pieni fuq il-persuni li jinsultaw jew jistigmatizzaw lill-persuni LGBTI, speċjalment fis-servizz pubbliku, u l-ispazju pubbliku;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

8. Jiddeplora l-fatt li n-nisa huma assenti b'mod sinifikanti u notevoli mill-istrutturi tal-poter fl-Istati tas-SL;

9. Jirrimarka li għadhom jeżistu prattiki diskriminatorju fix-xena politika tal-pajjiżi tas-SL, fejn, anki jekk in-nisa jirnexxilhom jiksbu pożizzjonijiet ta' livell għoli fl-ambitu tal-politika u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom jibqgħu jiġu ddubitati;

10. Jitlob li jkun hemm aċċess ugwali għas-setgħa u rappreżentanza tan-nisa fil-livelli kollha tal-gvern u fit-teħid ta' deċiżjonijiet, bil-għan li jiġi appoġġat ir-rwol ta' tmexxija tan-nisa; jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-NGOs internazzjonali sabiex jagħtu spinta lir-riformi u lill-miżuri pożittivi għall-protezzjoni d-drittijiet tan-nisa u għat-titjib tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet politiċi u ekonomiċi; iħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattika dwar il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni politika tan-nisa f'istituzzjonijiet deċentralizzati u fl-awtoritajiet lokali; jenfasizza l-fatt li r-riżultati sostenibbli jinkisbu l-aħjar meta jitmexxew mill-partiti politiċi, u għaldaqstant jenfasizza r-rwol importanti tal-partiti politiċi Ewropej u s-sezzjonijiet femminili tagħhom;

11. Jistieden lill-Istati tas-SL jippromwovu u jsaħħu l-parteċipazzjoni u t-tmexxija politika min-nisa; jenfasizza li żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fl-amministrazzjonijiet li jwettqu riformi ewlenin, bħal pereżempju l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-riformi ekonomiċi, tkun ta' benefiċċju; jilqa' l-isforzi kollha maħsuba biex jintlaħaq dan l-għan, bħal pereżempju l-kwoti obbligatorji għal-listi tal-kandidati, għotjiet, taħriġ u appoġġ mogħtija lil politiċi u attivisti nisa, u programmi ta' mentoring u kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza biex ibiddlu l-immaġni tan-nisa fil-mezzi tax-xandir;

12. Jenfasizza r-rwol pożittiv li tista' taqdi l-Assemblea Parlamentari Euronest fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni politika tan-nisa u l-viżibilità tagħhom fis-Sħubija tal-Lvant; jilqa' l-ewwel laqgħa tal-Forum tan-Nisa tal-Euronest li saret f'Marzu 2016; iħeġġeġ ukoll, b'mod aktar ġenerali, il-ħolqien u l-appoġġ min-naħa tal-UE tan-netwerks transnazzjonali tan-nisa fil-politika;

13. Jappoġġa bis-sħiħ il-parteċipazzjoni u r-rwol tan-nisa f'organizzazzjonijiet, azzjonijiet u programmi governattivi u mhux governattivi kontra l-korruzzjoni u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; huwa tal-fehma li b'mod ġenerali żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u fl-amministrazzjoni għolja tal-pajjiżi tas-SL tikkontribwixxi għat-tiġdid tal-klassi politika u b'hekk għat-tranżizzjonijiet politiċi li għaddejjin;

14. Ifakkar li l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali oħra jagħtu, fir-rapporti tagħhom, rakkomandazzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess elettorali; jistieden lill-UE tagħmel użu sħiħ ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

Il-parteċipazzjoni ekonomika tan-nisa

15. Jinnota li, b'mod ġenerali, in-nisa huma integrati relattivament tajjeb fil-forza tax-xogħol fil-pajjiżi tas-SL, iżda li l-parteċipazzjoni ekonomika tagħhom kienet qed tonqos f'dawn l-aħħar snin;

16. Jinnota li l-istereotipi tas-sessi u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa jipprevjenu inklużjoni ikbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol u joħolqu ostakoli addizzjonali għall-attivitajiet intraprenditorjali tan-nisa;

17. Jiddeplora l-fatt li n-nisa huma impjegati bi proporzjon ogħla fis-servizzi u s-setturi statali b'pagi ħafna aktar baxxi milli fis-setturi li jimpjegaw maġġoranza ta' rġiel, li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa għadha kbira u taf tilħaq il-50 %, u li n-nisa jesperjenzaw ostakoli kulturali u soċjoloġiċi fl-aċċess tagħhom għal pożizzjonijiet maniġerjali, kif sikwit huwa l-każ fl-UE;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

18. Jiddispjaċih dwar il-fatt li n-nisa huma l-aktar attivi fis-setturi bi ħlas baxx minkejja li għandhom livelli ogħla ta' edukazzjoni fil-pajjiżi kollha tas-SL; jappella għall-involviment tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, għall-promozzjoni ta' programmi dwar in-negozju għall-integrazzjoni u l-promozzjoni tan-nisa fil-kumpaniji u fl-intrapriżi, u għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp lokali mmirati lejn it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa; iħeġġeġ approċċ immirat biex jiġi żgurat li jkun hemm aktar mudelli eżemplari nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u maniġerjali, bil-għan li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tkun tista' temmen fl-abilità tagħha li tkun mexxejja fis-setturi kollha tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa li n-nisa jipparteċipaw b'mod attiv fit-trade unions, u jenfasizza l-ħtieġa li jingħelbu l-ostakli diskriminatorji legali u strutturali għan-nisa fuq il-post tax-xogħol sabiex tinkiseb paga ugwali għal xogħol ugwali, b'tali mod li jiġu eliminati d-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa;

19. Jinnota li servizzi tal-kura tat-tfal bi prezzijiet li jintlaħqu u dispożizzjonijiet ċari dwar il-liv tal-ġenituri huma deċiżivi biex tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jinnota li f'xi każijiet, in-nuqqas ta' dawn jolqot negattivament l-aċċess tal-bniet u tan-nisa żgħażagħ għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tal-karriera tagħhom, minħabba li jkollhom jieħdu ħsieb ħuthom;

20. Jissottolinja l-fatt li n-nisa ħafna drabi jkollhom ir-responsabilità li jieħdu ħsieb lill-anzjani u l-persuni dipendenti u li n-nisa bit-tfal spiss isibu diffikultà biex jintegraw ruħhom mill-ġdid fil-ħajja professjonali; jisħaq fuq il-punt li l-kondiviżjoni ugwali bejn l-irġiel u n-nisa ta' xogħlijiet mhux imħallsa bħalma huma r-responsabilitajiet tal-kura u dawk domestiċi hija waħda mill-prekondizzjonijiet biex in-nisa jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jkollhom l-indipendenza ekonomika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jsaħħu aktar in-netwerk ta' faċilitajiet ta' kura ta' kwalità għall-anzjani u għall-persuni dipendenti;

21. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet legali ta' protezzjoni li jeżistu f'xi pajjiżi tas-SL, li jipprojbixxu l-impjieg tan-nisa f'okkupazzjonijiet potenzjalment perikoluži, jillimitaw l-aċċess tan-nisa għal ċerti professjonijiet u xogħol u jkomplu jillimitaw il-possibbiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lil dawn il-pajjiżi jirrevedu dan it-tip ta' dispożizzjonijiet;

22. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità tajba għan-nisa u l-bniet għall-faċilitazzjoni tal-inklużjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, kif ukoll ir-rwol tal-edukazzjoni għat-tneħħija tal-istereotipi relatati mar-rwol tan-nisa; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ immirat u mentoring għall-imprendituri nisa, li sikwit ma jkollhomx aċċess għall-kreditu u għal netwerks kummerċjali u jħabbtu wiċċhom ma' piżijiet regolatorji kbar;

23. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' ekonomija soċjali għan-nisa u l-faċilitazzjoni tal-użu tal-mikrokrediti bħala għodda għall-indipendenza ekonomika tan-nisa u biex jiġu stimulati l-programmi intraprenditorjali li jfittxu li jinvolvu lin-nisa fil-kumpaniji u l-intrapriżi; jinnota f'dan ir-rigward l-importanza kruċjali tat-trasparenza, tal-aċċess ġust u tad-disponibilità tal-informazzjoni dwar l-istrumenti ta' appoġġ finanzjarju;

24. Jitlob biex ikun hemm aċċess ugwali għall-edukazzjoni għat-tfal kollha, inkluż fil-livelli tal-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni primarja, sekondarja u universitarja, u fis-suġġetti STEM, b'attenzjoni partikolari lill-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bniet li jgħixu f'żoni rurali, billi jiġu edukati u mħeġġa minn età żgħira, u dan l-approċċ jgħin biex jiffavorixxi t-tkabbir fis-settur kruċjali tal-iżvilupp ekonomiku; jappella biex in-nisa jkollhom aċċess għall-mogħdijiet edukattivi u l-professjonijiet kollha li għadhom ipprojbiti għalihom; jenfasizza l-problema tat-tħaddim tat-tfal, ħaġa li tipprevjeni lit-tfal milli jkunu jistgħu jkollhom aċċess għal edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali adegwati, li sussegwentement se jkollu impatt fuq l-abilità tagħhom li jiksbu pożizzjoni tajba fis-suq tax-xogħol; jappoġġa assoċjazzjoni usa' tal-pajjiżi sħab mal-aġenziji u l-programmi tal-UE, bħalma huma Orizzont 2020, Ewropa Kreattiva, COSME u Erasmus+;

25. Jissottolinja li t-tħaddim tat-tfal għadu kwistjoni kritika f'xi pajjiżi tas-SL, b'mod partikolari fil-Moldova, fil-Georgia u fl-Ażerbajġan; jistieden lil dawn il-pajjiżi jistabbilixxu miri speċifiċi għall-eliminazzjoni ta' kull forma ta' tħaddim tat-tfal u jiżguraw l-infurzar sħiħ tal-liġijiet rilevanti;

Il-vjolenza fuq in-nisa

26. Jesprimi l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-vjolenza domestika u l-vjolenza sessista, inklużi il-fastidju sesswali, il-maternità surrogata furzata u t-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali fil-pajjiżi tas-SL, li sikwit ma jiġux rappurtati minħabba li s-soċjetà taċċetta mġiba bħal din;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

27. Jikkundanna l-użu tal-vjolenza sesswali fuq in-nisa u l-bniet bħala arma ta' gwerra, inklużi l-istupru tal-massa, l-iskjavitù sesswali, il-prostituzzjoni u l-forom ta' persekuzzjoni abbażi tal-ġeneru, inkluż it-traffikar, kif ukoll it-turiżmu għal skopijiet ta' sess; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir ġlieda kontra ż-żwiġijiet furzati, kif definiti min-Nazzjonijiet Uniti (NU), inkluż iż-żwieġ prekoċi/bikri, u jistieden lill-ġirien tal-Lvant jopponu b'mod konsistenti kwalunkwe forma ta' sfruttament u abbuż fil-konfront tan-nisa permezz tal-maternità surrogata; jistieden lill-pajjiżi tas-SL jieħdu passi b'mod urġenti għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji ta' dan it-tip imwettqa fil-ġurisdizzjoni tagħhom, u anki barra t-territorju tagħhom stess; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm biżżejjed finanzjament relatat ma' inizjattivi li jiġġieldu l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet li jiggarantixxi l-aċċess fit-tul għal servizzi effikaċi għall-vittmi u s-superstiti, u għaldaqstant għandu jkollhom persunal u riżorsi adegwati; jitlob li b'mod urġenti jittieħdu miżuri pożittivi, bħall-programmi ta' taħriġ vokazzjonali għall-vittmi tal-vjolenza, partikolarment jekk dawn ikunu qed jieħdu ħsieb it-tfal, sabiex jiġu integrati fis-suq tax-xogħol;

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-delitti relatati mal-ġeneru u d-delitti ta' vjolenza sesswali huma kklassifikati fl-Istatut ta' Ruma bħala delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità jew atti kostituttivi fir-rigward tal-ġenoċidju jew it-tortura; jilqa', f'dan il-kuntest, ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-2016 dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali fil-kunflitti, adottata fl-24 ta' Ġunju 2013;

29. Jissottolinja l-ħtieġa ta' mekkaniżmi effikaċi ta' protezzjoni għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem;

30. Jistieden lill-pajjiżi tas-SL biex jiddedikaw aktar riżorsi għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż l-emendar ta' strumenti legali u l-għoti ta' għajnuna lill-vittmi ta' vjolenza; jisħaq fuq il-ħtieġa għal bidliet istituzzjonali sabiex jiġu miġġielda l-istereotipi fis-soċjetà li jistigmatizzaw lill-vittmi ta' stupru u ta' vjolenza;

31. Jisħaq fuq l-importanza tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 b'attenzjoni speċjali għall-punt 2 tiegħu, li jitlob l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, u l-ħtieġa li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-pajjiżi tas-SL fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet f'dak li jikkonċerna l-adegwatezza tagħha biex tipprevjeni u telimina b'mod effikaċi l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, b'attenzjoni speċjali għall-ħtieġa li jkun hemm liġijiet li jindirizzaw il-forom kollha ta' vjolenza (fiżika, sesswali, psikoloġika u ekonomika) u pieni adegwati għal min iwettaq ir-reat, kif ukoll il-kumpens għall-vittmi u s-superstiti;

32. Jistieden lill-pajjiżi tas-SL ifasslu miżuri biex jiżguraw li l-katina tal-ġustizzja tkun sensittiva għall-perspettiva tal-ġeneri, fosthom permezz tat-taħriġ ta' professjonisti legali, uffiċjali tal-pulizija u persunal ieħor li jittratta notifiki u rapporti ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, bil-għan li l-vittmi jinstemgħu serjament, u jitlob ukoll li jkun hemm kooperazzjoni u għarfien espert akbar min-naħa tal-pulizija, il-professjonisti fil-qasam legali, it-tobba, il-psikologi, l-awtoritajiet u l-korpi volontarji li jaħdmu mal-vittmi ta' dawn l-attakki;

33. Itenni li l-għażla tas-sess imsejsa fuq preġudizzji marbuta mal-ġeneru hija forma gravi ta' vjolenza abbażi ta' sess u ksur tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika biex jinbidlu l-attitudnijiet tas-soċjetà fir-rigward ta' prattiki tal-għażla tas-sess u jitlob li jkun hemm aktar sforzi biex dawn jiġu prevenuti u miġġielda;

34. Iħeġġeġ lill-gvernijiet iżidu l-isforzi biex jinvestigaw u jħarrku lit-traffikanti suspettati u jikkundannaw lit-traffikanti tal-ħaddiema u tas-sess, biex jipproteġu l-integrità tan-nisa kkonċernati skont "il-Mudell Nordiku" u biex jappoġġaw lill-NGOs sħab li jipprovdu servizzi ta' riabilitazzjoni u riintegrazzjoni għall-vittmi;

35. Jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tas-SL min-naħa l-waħda u l-aġenziji tal-UE u l-korpi tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri min-naħa l-oħra, sabiex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin, li huwa wkoll wieħed mill-attivitajiet tal-kriminalità organizzata li jġib qligħ, u jiġu żarmati n-netwerks kriminali;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

36. Iħeġġeġ lill-pajjiżi tas-SL biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa mill-aktar fis possibbli, peress li ebda wieħed mill-pajjiżi kkonċernati ma rratifikaha, u jistieden lill-awtoritajiet idaħħlu fis-seħħ u jissorveljaw b'mod strett l-implimentazzjoni effikaċi tal-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa;

37. Jitlob li tiġi applikata l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing għall-edukazzjoni u s-saħħa bħala drittijiet bażiċi tal-bniedem, inklużi l-aċċess għall-ippjanar tal-familja fuq bażi volontarja, il-firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa riproduttivi u sesswali inklużi l-kontraċezzjoni, l-abort sikur u legali, u l-edukazzjoni dwar is-sesswalità;

38. Jenfasizza li r-riskju ta' mewt mill-kanċer tal-għonq tal-utru huwa 10 darbiet ogħla fil-pajjiżi tas-SL milli fl-Ewropa tal-Punent, li huwa l-aktar forma ta' kanċer komuni fost in-nisa ta' bejn il-15 u l-44 sena u li għandu effetti estensivi fuq l-istruttura soċjali; jitlob li jsir skrinjar organizzat fuq livell nazzjonali u programmi ta' tilqim sabiex jiġu miġġielda dawn it-tendenzi;

39. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet tan-nisa bħalma huma l-aċċess għall-viżi, id-drittijiet legali ta' residenza u d-drittijiet soċjali, jingħataw fuq bażi individwali u ma jkunux jiddependu mill-istat ċivili jew mir-relazzjoni konjugali tagħhom;

40. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familji li jagħtu drittijiet individwali lin-nisa u l-bniet li jkunu qed jingħaqdu mal-familji tagħhom fl-UE, biex b'hekk ma jkollhomx għalfejn jiddependu minn relazzjoni possibbilment abbużiva mal-membru tal-familja għal aċċess għas-saħħa, l-edukazzjoni jew ix-xogħol;

Ir-rwol tan-nisa fir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti

41. Jenfasizza r-rwol li għandhom in-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u l-emerġenzi relatati mal-kunflitti, bħall-għoti ta' assistenza umanitarja lill-persuni spustati; jenfasizza li n-nisa għandhom ikunu inklużi għalkollox fin-negozjati għall-paċi, l-isforzi ta' rikostruzzjoni u t-tranżizzjoni politika;

42. Iħeġġeġ aktar sforzi lejn riżoluzzjoni paċifika għall-kunflitti u jitlob li jkun hemm involviment akbar tan-nisa f'dan it-tip ta' proċessi, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 2242 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà;

43. Jappella biex in-nisa u l-bniet li jkunu qed ifittxu asil jingħataw protezzjoni speċifika, peress li n-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli u jistgħu jkunu qed jaħarbu minn vjolenza sessista iżda għandhom imnejn ma jkunux kapaċi jew ma jkunux lesti jiżvelaw informazzjoni rilevanti waqt il-proċess tar-rikonoxximent tal-istatus ta' rifuġjat;

Eżempji tal-aħjar prattika

44. Jisħaq fuq l-importanza ta' skambju tal-aħjar prattiki u eżempji pożittivi li jistgħu jiġu rreplikati f'pajjiżi oħra tas-SL; iqis li l-proġetti li għandhom jiġu enfasizzati għandhom jinkludu "In-nisa fil-Politika fil-Moldova", inizjattiva tal-NU u tal-UNDP iffinanzjata mill-Gvern tal-Iżvezja. Il-proġett jappoġġa l-bini tal-kapaċità tan-nisa fil-politika u kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza dwar il-kontribut tan-nisa fil-proċess politiku;

45. Jilqa' l-Programm "Women in Business" fil-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, tal-UE u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li joffri aċċess għal finanzi u konsulti dwar in-negozju lil SMEs immexxija min-nisa permezz ta' linji tal-kreditu, appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji u assistenza teknika lil banek lokali sħab li jaħdmu ma' SMEs immexxija min-nisa, u servizzi konsultattivi tan-negozju, taħriġ u mentoring;

46. Jindika eżempji pożittivi ta' inklużjoni akbar tan-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni, bħad-Djalogu Trans-Kawkasu tan-Nisa għall-Paċi u s-Sigurtà, stabbilit fl-1994 u żviluppat mill-Fondazzjoni tal-Paċi Nazzjonali tal-Istati Uniti, li nħoloq sabiex in-nisa fil-Kawkasu jaħdmu fuq proġetti bħalma huma r-riabilitazzjoni tal-vittmi tfal tal-gwerer, it-taħriġ għall-paċi u l-bini tad-demokrazija;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

47. Jappoġġa proġetti ta' emanċipazzjoni li jqawwu l-fiduċja tan-nisa fihom infushom, jiggarantixxu l-parteċipazzjoni tagħhom u jżidu l-poter u l-awtorità tagħhom li jieħu deċiżjonijiet fl-oqsma kollha li jaffettwawlhom ħajjithom; jiġbed attenzjoni speċjali lejn ir-rwol tal-libertà ta' espressjoni u ta' opinjoni fl-emanċipazzjoni tan-nisa; jappoġġa bil-qawwa l-proġetti ta' emanċipazzjoni mmirati lejn il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet lokali bħall-proġett WiLD (Women in Local Democracy – In-nisa fid-demokrazija lokali), li wassal sabiex 70 % tal-benefiċjarji nisa tiegħu ġew eletti matul l-elezzjonijiet tal-2013 u l-2014 fl-Armenja, jew il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess tal-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi, bħall-proġett tal-UNDP li bħalissa qed jiġi implimentat fl-Ażerbajġan u li huwa mmirat lejn l-għoti ta' appoġġ għall-istabbiliment ta' negozji mmexxija min-nisa fir-reġjun ta' Masalli; jilqa' l-proġett tal-Kunsill tal-Ewropa dwar "it-Titjib tal-Aċċess tan-Nisa għall-Ġustizzja f'Ħames Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant", li għandu l-għan li jidentifika u jappoġġa t-tneħħija tal-ostakli għall-aċċess ugwali tan-nisa għall-ġustizzja u jsaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi tas-SL biex ifasslu miżuri biex jiżguraw li l-katina tal-ġustizzja tkun tirrispondi għall-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż permezz tat-taħriġ ta' professjonisti legali;

Appoġġ tal-UE fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat

48. Jenfasizza li f'dawn l-aħħar ħames snin intefqu EUR 103 miljun fuq 121 proġett u programm għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-viċinati Ewropej, inklużi EUR 5 miljun għall-programm Women in Business fil-pajjiżi tas-SL; jirrikonoxxi li appoġġ sinifikanti diġà ingħata mill-UE sabiex jintlaħqu l-miri fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż permezz ta' assistenza bejn il-pari TAIEX li jgħin fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u jippromwovi l-kooperazzjoni dwar il-prinċipji fundamentali u politiki;

49. Jinnota li, filwaqt li l-ugwaljanza bejn is-sessi hi prinċipju orizzontali fi ħdan il-PEV u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, għandhom jiġu segwiti miri aktar preċiżi u kalkolabbli fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, anke fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Iżvilupp 2016-2020; Jissottolinja l-ħtieġa urġenti tal-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħala strateġija għall-kisba ta' tali ugwaljanza, kif ukoll ta' azzjoni pożittiva fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, fl-oqsma kollha tal-PEV u tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (SEV) u b'hekk tiżgura li jiġu żviluppati u mmonitorjati miri speċifiċi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

51. Jinnota li fi ħdan il-PEV rieżaminata, ir-rapporti speċifiċi għall-pajjiżi għandhom jiffukaw fuq prijoritajiet miftehma mas-sħab; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-rapporti regolari li se jsegwu l-iżviluppi fil-viċinat se jiffukaw ukoll fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi;

52. Iħeġġeġ l-inklużjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi jiġu inklużi fl-aġendi ta' djalogi regolari dwar il-politika u d-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi sħab tas-SL flimkien ma' azzjonijiet proposti;

53. Jissottolinja r-rwol importanti tad-diplomazija parlamentari fl-oqsma kollha msemmija hawn fuq u l-bżonn li jsir skambju tal-aqwa prattiki;

54. Iqis li hu importanti li tinġabar data armonizzata dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiżi tas-SL; iħeġġeġ il-possibbiltà tal-introduzzjoni tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi, żviluppat mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fil-pajjiżi tas-SL bħala parti minn proġetti ffinanzjati mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat;

55. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat lis-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livell lokali, li jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jilħqu lill-popolazzjonijiet lokali u biex jgħinu biex titqajjem kuxjenza u biex jiġu indirizzati l-l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa u l-bniet fir-reġjuni;

56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw rabtiet bilaterali u multilaterali aktar b'saħħithom mal-pajjiżi tas-SL u involviment attiv f'għajnuna tranżitorja, appoġġ tekniku u kondiviżjoni tal-esperjenza; jemmen li l-Istati Membri li jinsabu fiżikament qrib tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jistgħu jaqdu rwol importanti fl-iffaċilitar ta' rabtiet aktar b'saħħithom u fl-involviment ta' Stati Membri oħra fi sħubijiet tas-SL;

o

o o

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0490

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE-Użbekistan u l-kummerċ bilaterali tat-tessuti

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'kunsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/1/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE) – 2016/2226(INI))

(2018/C 238/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16384/1/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra (16388/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0097/2011),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni interim tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 ([2]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet l-aktar reċenti tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Applikazzjoni ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet dwar l-Użbekistan b'rabta mal-Konvenzjoni dwar il-Qerda tax-Xogħol Furzat (Konvenzjoni 105) u l-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal (Konvenzjoni 182), adottati fl-2015 u ppubblikati fl-2016 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0330/2016),

A. billi f'Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kunsens għall-Protokoll tat-Tessuti bejn l-UE u l-Użbekistan, u adotta rapport interim biex jindirizza l-allegazzjonijiet dwar l-użu tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat waqt il-ġbir tal-bjad tal-qoton fl-Użbekistan;

([1]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 195.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0489.
([3]) Rapport tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Applikazzjoni ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet – Applikazzjoni ta' Standards Internazzjonali tax-Xogħol 2016 – RAPPORT III (Taqsima 1A)

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

B. billi fir-rapport interim, il-Parlament ikkonkluda li se jikkunsidra jagħti kunsens biss jekk l-osservaturi tal-ILO jkunu ngħataw aċċess mill-awtoritajiet Użbeki biex iwettqu monitoraġġ mill-qrib u mingħajr xkiel, u jkunu kkonfermaw li ġew implimentati riformi konkreti li taw riżultati sostanzjali b'tali mod li l-prattika tax-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal tkun verament fil-proċess li tinqered fuq livell nazzjonali, provinċjali u lokali;

C. billi l-Parlament stabbilixxa djalogu regolari mal-Kummissjoni, is-SEAE, il-Gvern tal-Użbekistan, l-ILO u s-soċjetà ċivili sabiex jimmonitorja l-iżviluppi matul il-ġbir tal-bjad tal-qoton u jagħmel pressjoni fuq dawk kollha involuti biex jintemm l-użu tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat fl-Użbekistan;

D. billi fl-2013 il-Gvern tal-Użbekistan awtorizza lill-ILO biex timmonitorja l-ġbir tal-bjad tal-qoton; billi mill-2013, l-ILO f'diversi okkażjonijiet wettqet monitoraġġ, inizjalment iffukat fuq it-tħaddim tat-tfal u aktar tard estiż għax-xogħol furzat u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ;

E. billi l-kooperazzjoni bejn l-ILO u l-Gvern tal-Użbekistan ġiet estiża gradwalment, u fl-2014 l-Użbekistan sar l-ewwel pajjiż tal-Asja Ċentrali li qabel dwar Programm tal-Pajjiżi għax-Xogħol Deċenti mal-ILO;

F. billi l-aħħar monitoraġġ tal-ILO matul il-ġbir tal-bjad tal-qoton fl-2015 wera li l-użu ta' tfal fil-ġbir tal-bjad tal-qoton sar rari, sporadiku u soċjalment inaċċettabbli, anke jekk hemm bżonn ta' viġilanza kontinwa ([1]);

G. billi, skont l-ILO, filwaqt li l-għarfien dwar ix-xogħol furzat fl-Użbekistan għadu fi stadju bikri, stħarriġ imwettaq mill-ILO jindika madankollu li kważi l-ħaddiema kollha jiġbru l-bjad tal-qoton b'mod volontarju u jkollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw li jagħmlu dan;

H. billi r-rapport finali tal-2016 tal-ILO dwar il-ġbir tal-bjad tal-qoton fl-Użbekistan se jkun disponibbli fi tmiem din is-sena;

I. billi l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal fl-Użbekistan huwa proċess oġġettiv iżda li għadu għaddej li jirrikjedi sforzi, u li jeħtieġ jiġi appoġġat aktar mill-UE u mill-komunità internazzjonali, inkluż bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol;

J. billi l-Gvern tal-Użbekistan adotta Pjanijiet ta' Azzjoni biex jinbidel il-proċess ta' reklutaġġ għall-ġbir tal-bjad tal-qoton u, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u t-trade unions, ippromwova s-sensibilizzazzjoni u żviluppa mekkaniżmu ta' rispons għall-prevenzjoni tax-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal;

K. billi l-NGOs għadhom jirrappurtaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġbir tal-bjad tal-qoton, fejn jindikaw mobilizzazzjoni enormi furzata ta' studenti u impjegati pubbliċi fi żmien il-ġbir tal-bjad tal-qoton, kif ukoll ksur tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, b'mod partikolari interrogazzjonijiet ta' ċittadini li jirrappurtaw dwar il-ġbir, persekuzzjoni regolari u fastidju lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti tas-soċjetà ċivili, u l-imblukkar ta' gruppi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u stabbilimenti tal-midja li joperaw fil-pajjiż;

L. billi l-mewt għal għarrieda tal-President Islom Karimov m'għandhiex ikollha impatt fuq il-kontinwità tal-proċess li għaddej biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-għelieqi tal-qoton fl-Użbekistan;

1. Jenfasizza l-importanza tal-azzjoni meħuda mill-Gvern tal-Użbekistan biex jawtorizza lill-ILO timmonitorja l-ġbir tal-bjad tal-qoton u jimpenja ruħu f'kooperazzjoni wiesgħa mal-ILO permezz tal-Programm tal-Pajjiżi għax-Xogħol Deċenti;

([1]) Rapport tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Applikazzjoni ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet – Applikazzjoni ta' Standards Internazzjonali tax-Xogħol 2016 – RAPPORT III (Taqsima 1A), p. 218.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

2. Jilqa' l-progress sostanzjali li sar fl-Użbekistan mill-2013 'l hawn, inkluża l-adozzjoni ta' liġijiet li jipprojbixxu l-użu tat-tħaddim tat-tfal, u b'hekk inkisbet l-eliminazzjoni kważi totali tat-tħaddim tat-tfal; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet biex jinvolvu ruħhom ulterjorment f'kampanja ta' sensibilizzazzjoni madwar il-pajjiż għall-eliminazzjoni totali tat-tħaddim tat-tfal;

3. Japprezza l-fatt li sar progress fl-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u li dan qed isir mill-Gvern tal-Użbekistan anke f'kooperazzjoni mal-ILO; jisħaq madankollu, li għadhom jeżistu mezzi sottili ta' xogħol involontarju, li dan il-proċess huwa kumpless u li jeħtieġ, fost l-oħrajn, riforma tal-politiki dwar l-impjiegi;

4. Huwa tal-opinjoni li, fid-dawl ta' dawn l-isforzi mill-Gvern tal-Użbekistan, il-Parlament għandu jagħti l-kunsens tiegħu għall-Protokoll tat-Tessuti bejn l-UE u l-Użbekistan; huwa tal-fehma li tali approvazzjoni se tikkostitwixxi sinjal pożittiv ta' inkoraġġament lill-Gvern tal-Użbekistan biex ikompli bl-isforzi tiegħu lejn l-eliminazzjoni totali tat-tħaddim tat-tfal u tal-forom kollha l-oħra ta' xogħol furzat, barra milli tissaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni mal-UE;

5. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-Federazzjoni tat-Trejdjunjins tal-Użbekistan issieħbet mal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Internazzjonali bħala membru assoċjat f'Ottubru 2015; jissottolinja r-rwol li qegħdin jiżvolġu t-trade unions Użbeki biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti u jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Gvern tal-Użbekistan jikkoopera bis-sħiħ mat-trade unions f'dan ir-rigward; jinkoraġġixxi lit-trade unions Użbeki jintensifikaw ir-rwol tagħhom fl-isforz biex jeliminaw totalment ix-xogħol furzat;

6. Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti tal-osservaturi indipendenti b'rabta mal-mobilizzazzjoni ta' ċittadini mmexxija mill-istat, inkluż ix-xogħol furzat ta' impjegati pubbliċi u studenti, fil-ħidma ta' qabel il-ġbir fl-2016;

7. Jagħmel appell lill-president Użbek sabiex jintroduċi mudell tad-drittijiet tal-bniedem ġdid billi jtemm minnufih l-użu kontinwu tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal fil-ġbir tal-bjad tal-qoton;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jipprovdu lill-Parlament regolarment b'informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni fl-Użbekistan, speċjalment rigward l-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat; jiddeċiedi li jkompli jissorvelja l-iżviluppi fl-Użbekistan u li jorganizza djalogu regolari mal-ILO, il-Kummissjoni, is-SEAE u partijiet interessati oħra mmirat lejn l-eliminazzjoni totali tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal fl-Użbekistan;

9. Jirrikonoxxi li biex jintlaħaq dan l-għan se jibqa' jkun hemm bżonn ta' taħlita ta' djalogu u kooperazzjoni, kif ukoll pressjoni kontinwa fuq il-Gvern tal-Użbekistan mill-Unjoni, l-ILO u l-Bank Dinji; iżomm id-dritt li jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jattivaw l-Artikoli 2 u 95 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni sabiex jittieħdu l-miżuri ġenerali u speċifiċi neċessarji kollha jekk l-impenn għall-qerda tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat ma jiġix irrispettat;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lid-delegazzjoni tal-UE f'Tashkent jikkontribwixxu permezz ta' djalogu politiku u programmi ta' assistenza għal riformi strutturali fl-Użbekistan, fosthom iż-żieda fir-rimunerazzjoni għal dawk li jiġbru l-bjad tal-qoton, il-mekkanizzazzjoni, u aktar trasparenza baġitarja fuq id-dħul mill-ġbir tal-bjad tal-qoton;

11. Huwa tal-fehma li l-Programm tal-Pajjiżi għax-Xogħol Deċenti għandu jiġi estiż lil hinn mill-2016 u għandu jiġi approfondit sabiex jitqiesu l-immodernizzar tal-ekonomija Użbeka, it-titjib fil-politika dwar l-impjiegi f'oqsma bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ispezzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li jittieħed kont tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jilqa' f'dan ir-rigward, id-Digriet Governattiv tal-Użbekistan Nru 909 (bid-data tas-16 ta' Novembru 2015) li għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-impjieg u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema fis-settur agrikolu fil-perjodu 2016–2018;

12. Jisħaq fuq il-fatt li l-assistenza mogħtija mill-UE matul dawn l-aħħar snin, iffukata fuq l-istat tad-dritt u l-ġudikatura, u li għandha l-għan li tagħti bidu għal riformi u tissemplifika l-operat tal-Parlament Użbek, trid issarraf f'riżultati konkreti;

13. Jemmen li l-għajnuna tal-UE lill-Użbekistan għandha wkoll tkun immirata biex fil-pajjiż tonqos is-sistema fardgħalla tal-qoton u tonqos id-dipendenza tiegħu fuq l-esportazzjoni billi tiġi diversifikata l-ekonomija, fatt li jaf itaffi gradwalment is-sitwazzjoni ambjentali diżastruża, partikolarment fir-rigward ta' dak li fadal mill-Baħar ta' Aral u mit-tributarji tiegħu;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli tippreżenta l-inizjattiva ewlenija tal-UE dwar ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista fis-settur tal-ilbies, bi proposta biex tissaħħaħ it-trasparenza tal-katina tal-provvista; ifakkar fl-importanza tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà mniedi fl-2013 u jissottolinja li din it-tip ta' inizjattiva tista' sservi bħala bażi għall-elaborazzjoni ta' azzjonijiet ġodda bi sħubija ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u tas-sikurezza fis-settur tal-ħwejjeġ;

15. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Użbekistan biex jaħdem favur ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tas-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenin kollha tal-SĠP +, sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal preferenzi tariffarji SĠP+;

16. Jenfasizza li fl-2009 u l-2010 l-Kunsill neħħa s-sanzjonijiet tal-UE bil-ħsieb li l-awtoritajiet Użbeki jiġu mħeġġa jieħdu passi sostantivi ulterjuri biex itejbu s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fil-post, u ddikjara wkoll li l-Kunsill ser josserva mill-qrib u kontinwament is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Użbekistan u li s-sustanza u l-kwalità tad-djalogu u l-kooperazzjoni ser jiddependu mir-riformi […] li l-Użbekistan iwettaq;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jimmonitorjaw it-tranżizzjoni politika fl-Użbekistan u jipprovdu lill-Parlament fuq bażi regolari, b'informazzjoni dwar dan il-proċess;

18. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), lis-SEAE u lill-Istati Membri jużaw il-perjodu ta' tranżizzjoni bħala okkażjoni biex issir pressjoni favur titjib konkret u li jista' jitkejjel fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem matul ix-xhur li ġejjin; jissottolinja li fost it-titjib konkret għandu jkun hemm il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE fl-2010;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-settur tat-tessuti, partikolarment il-produzzjoni tal-qoton, huwa s-settur prinċipali tal-kummerċ bejn l-UE u l-Użbekistan; jenfasizza f'dan ir-rigward, li l-UE għandha tisfrutta bis-sħiħ l-estensjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) sabiex tiżgura li l-awtoritajiet Użbeki jkunu impenjati fi proċess ta' tranżizzjoni, wara l-mewt għal għarrieda tal-president, li jwassal għal governanza aħjar, tisħiħ tal-istat tad-dritt, riformi demokratiċi u titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

20. Itenni l-impenn tal-Unjoni li tkompli u tapprofondixxi r-relazzjonijiet mal-Użbekistan, u li dan jirrikjedi rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; jistieden lill-Gvern tal-Użbekistan joħloq aktar spazju għas-soċjetà ċivili indipendenti, jieħu aktar inkunsiderazzjoni t-tħassib tal-NGOs Użbeki u internazzjonali, u jissodisfa l-impenji tiegħu skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura;

21. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Użbeki jirrispettaw bis-sħiħ l-impenji internazzjonali tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' b'sodisfazzjon it-tħabbira ta' proposta għal amnestija fl-okkażjoni tal-24 anniversarju tal-Kostituzzjoni Użbeka; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Użbeki biex f'dan il-ġest jinkludu l-ħelsien mill-ħabs ta' dawk kollha li ntbagħtu l-ħabs fuq akkużi politikament motivati, it-titjib tal-kundizzjonijiet tagħhom fil-kustodja u t-tmiem taċ-ċiklu ta' repressjonijiet, arresti u kundanni; jinkoraġġixxi lill-Gvern tal-Użbekistan jintensifika l-involviment tiegħu fl-istituzzjonijiet internazzjonali, anki bis-saħħa tal-11-il proċedura speċjali stabbiliti mill-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC) ([1]);

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-gvern u l-parlament tal-Repubblika tal-Użbekistan.

([1]) Il-11-il proċedura speċjali huma deskritti f'dan l-indirizz http://spinternet.ohchr.org/_Layouts/SpecialProceduresInternet/ViewCountryVisits.aspx?Lang=en&country=UZB. Għal ħarsa ġenerali tal-proċeduri speċjali tal-UNHRC, ikkonsulta l-indirizz http://www.ohchr.org/en/HRBodies/SP/Pages/Welcomepage.aspx.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0493

Ftehim UE-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (10711/2016 – C8-0332/2016 – 2016/0192(NLE) – 2016/2229(INI))

(2018/C 238/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10711/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozzz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (11692/2014),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0332/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0320/2016),

A. billi s-sajjieda mid-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja tradizzjonalment dejjem stadu b'mod konġunt f'Kattegat u Skagerrak;

B. billi l-Ftehim jirrikonoxxi d-drittijiet storiċi tas-sajd tas-sajjieda mid-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja f'Kattegat u Skagerrak, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' sajjieda minn stati oħra, filwaqt li jiżgura wkoll li jittieħdu miżuri xierqa għall-ġestjoni tas-sajd u l-preservazzjoni ta' dawn l-ilmijiet;

C. billi l-Ftehim jappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tas-sistema riformata ta' ġestjoni tas-sajd fl-UE stabbilita b'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji bażiċi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) il-ġdida, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u miżuri obbligatorji biex l-istokkijiet jinżammu 'l fuq mil-limiti tas-sajd sostenibbli;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet ta' kwalunkwe konsultazzjoni li saret bi qbil mal-Artikolu 4 tal-Ftehim;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, fl-aħħar sena tal-applikazzjoni tal-Ftehim u qabel il-bidu tan-negozjati għat-tiġdid tiegħu, rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni tiegħu;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tas-setgħat rispettivi tagħhom, jinformaw lill-Parlament immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċeduri relatati mal-Ftehim u t-tiġdid tiegħu, skont it-termini tal-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jenfasizza li l-aċċess għas-suq intern għal kwalunkwe pajjiż terz għandu jibni fuq ir-reċiproċità, u li fil-każ tan-Norveġja kwalunkwe dazju doganali fuq il-prodotti tal-ikel, inkluż fuq il-prodotti tas-sajd, mill-UE għandu jkun konformi mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0492.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

5. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandu jkollha l-kompitu li tiżgura li d-dazji doganali fuq il-prodotti tal-ikel u tas-sajd mill-UE ma jiġux stabbiliti b'mod kuntrarju għall-prinċipji ta' kummerċ ħieles fil-qasam tal-prodotti tal-ikel, inklużi l-prodotti tas-sajd;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi r-riżoluzzjoni tiegħu lill-Kunsill u l-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lir-Renju tan-Norveġja.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0502

Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni 2015

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar ir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni 2015 (2016/2219(INI))

(2018/C 238/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, iffirmata fl-24 ta' Ottubru 1945,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, adottati fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet internazzjonali ċentrali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li l-UE hija parti tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 Anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tat-18 ta' Diċembru 1990 dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Dritt għall-Iżvilupp tan-NU ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dokument ta' eżitu tal-22 ta' Settembru 2014 tal-laqgħa plenarja ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali magħrufa bħala l-Konferenza Dinjija dwar il-Popli Indiġeni ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna, adottati fil-25 ta' Ġunju 1993 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tal-1995 ([7]) u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) tal-1994 ([8]) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (NHRI) ([9]),

---

([1]) http://www.un.org/womenwatch/daw/cedaw/cedaw.htm.
([2]) ĠU C 289, 9.8.2016, p. 57.
([3]) http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CMW.aspx.
([4]) A/RES/41/128.
([5]) http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/69/2
([6]) http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/Vienna.aspx.
([7]) http://www.un.org/womenwatch/daw/beijing/pdf/BDPfA%20E.pdf.
([8]) http://www.unfpa.org/sites/default/files/pub-pdf/programme_of_action_Web%20ENGLISH.pdf.
([9]) http://www.ohchr.org/Documents/Publications/PTS-4Rev1-NHRI_en.pdf.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-anzjani,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21 u 23 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-dokument ippubblikat mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tat-28 ta' Ġunju 2016 intitolat "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha – Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea" ([1]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-8 ta' Diċembru 2009 dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali ([3]) u l-Linji Gwida aġġornati tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali ([4]),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015 ([5]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Libertà ta' Reliġjon jew ta' Twemmin ([6]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali, Transġeneri u Intersesswali (LGBTI) ([7]), adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida għad-delegazzjonijiet interparlamentari tal-PE dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija waqt iż-żjarat tagħhom barra mill-UE,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2015, adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2016 ([8]),

---

([1]) https://europa.eu/globalstrategy/en/global-strategy-foreign-and-security-policy-european-union.
([2]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11855-2012-INIT/en/pdf.
([3]) https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/111817.pdf.
([4]) http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52009XG1215(01).
([5]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10897-2015-INIT/mt/pdf.
([6]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 174.
([7]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/mt/foraff/137584.pdf.
([8]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10255-2016-INIT/mt/pdf.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw Ħajjet il-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (GAPII), adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2016 dwar l-ugwaljanza tal-LGBTI ([2]) u l-lista ta' azzjonijiet mill-Kummissjoni għall-avvanz tal-ugwaljanza għal-LGBTI (2016-2019) ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar is-Sessi fl-Iżvilupp ([4]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tat-13 ta' Mejju 2015 (COM(2015)0240) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-migrazzjoni tal-20 ta' Lulju 2015 ([5]), tal-14 ta' Settembru 2015 ([6]) u tat-22 ta' Settembru 2015 ([7]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (CFSP) 2015/260 tas-17 ta' Frar 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ([8]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal ([9]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar "Inżidu l-Impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-bidla" ([10]),

— wara li kkunsidra l-indikaturi riveduti tal-Unjoni Ewropea (UE) għall-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, adottati mill-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2016 ([11]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Istanbul tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ([12]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/CFSP tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/444/PESK ([13]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-RGħ/VP dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) (JOIN(2015)0050),

— Wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta tal-11-12 ta' Novembru 2015 ([14]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-13 ta' Ottubru 2015 dwar in-nisa, il-paċi u l-implimentazzjoni tas-sigurtà ([15]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-vjolenza sesswali bħala delitti tal-gwerra ([16]),

---

([1]) http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/fac/2015/10/st13201-mt15_pdf/.
([2]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/06/16-epsco-conclusions-lgbti-equality/.
([3]) http://ec.europa.eu/justice/discrimination/files/lgbti_actionlist_en.pdf.
([4]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9242-2015-INIT/mt/pdf.
([5]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/07/20-fac-migration-conclusions/.
([6]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12002-2015-REV-1/mt/pdf.
([7]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12098-2015-INIT/mt/pdf.
([8]) ĠU L 43, 18.2.2015, p. 29.
([9]) http://register.consilium.europa.eu/doc/srv?l=MT&f=ST%2015559%202014%20INIT.
([10]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/MT/foraff/130243.pdf.
([11]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12525-2016-INIT/mt/pdf.
([12]) https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=090000168008482e.
([13]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56.
([14]) http://www.consilium.europa.eu/mt/meetings/international-summit/2015/11/action_plan_en_pdf/.
([15]) http://www.securitycouncilreport.org/atf/cf/%7B65BFCF9B-6D27-4E9C-8CD3-CF6E4FF96FF9%7D/s_res_2242.pdf.
([16]) http://www.securitycouncilreport.org/atf/cf/%7B65BFCF9B-6D27-4E9C-8CD3-CF6E4FF96FF9%7D/CAC%20S%20RES%201820.pdf.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar il-protezzjoni tal-migranti ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' urġenza tiegħu dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika: l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-relazzjonijiet esterni tal-UE ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar attakki fuq sptarijiet u skejjel bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-qtil tal-massa sistematiku ta' minoranzi reliġjużi mill-hekk imsejjaħ 'ISIS/Da'esh' ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja fl-2014 u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati fl-Ewropa ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-piena tal-mewt ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew ([13]),

---

([1]) http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=S/RES/1325(2000).
([2]) http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/69/167.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0337.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0300.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0201.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2016)0102.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2016)0051.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2015)0470.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2015)0317.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2015)0350.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2015)0348.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2015)0288.
([13]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 130.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2015 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq u fis-Sirja u l-attakk tal-IS, inkluża l-persekuzzjoni tal-minoranzi ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar l-użu ta' drones armati ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta ([4]) u r-rapport tat-28 ta' Jannar 2016 dwar il-minoranzi u d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar kwistjonijiet ta' minoranzi ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar il-libertà tal-istampa u tal-midja fid-dinja ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-appoġġ tal-UE għall-QKI: naffaċċjaw l-isfidi u negħlbu d-diffikultajiet ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar il-politiki esterni tal-UE favur id-Demokratizzazzjoni ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ([10]),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: l-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja", approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fir-riżoluzzjoni tiegħu 17/4 tas-6 ta' Lulju 2011 ([11]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2015 tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija ([12]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0355/2016),

A. billi l-Artikolu 21 tat-TUE jimpenja lill-Unjoni Ewropea fil-konfront ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) iggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-holqien tagħha stess, u li hija se taħdem biex tmexxi 'l quddiem fid-dinja: id-demokrazija, l-istat ta' dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali;

B. billi l-Artikolu 207 tat-TFUE jesiġi li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tissejjes fuq il-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea;

([1]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 178.
([2]) ĠU C 234, 28.6.2016, p. 25.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0172.
([4]) ĠU C 181, 19.5.2016, p. 69.
([5]) http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/HRC/RegularSessions/Session31/Documents/A_HRC_31_56_en.doc.
([6]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 105.
([7]) ĠU C 434, 23.12.2015, p. 24.
([8]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 115.
([9]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 165.
([10]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 69.
([11]) A/HRC/RES/17/4.
([12]) https://www.democracyendowment.eu/annual-report/.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

C. billi l-Artikolu 3 tat-TUE jiddikjara li "fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Hija għandha tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

D. billi r-rispett, il-promozzjoni u s-salvagwardja tal-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem huma fost il-miri prinċipali tal-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE, kif stabbiliti mill-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi;

E. billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp huma marbuta mill-qrib u jsaħħu lil xulxin;

F. billi l-politika ta' sostenn favur id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandha tkun integrata fil-politiki kollha tal-UE b'dimensjoni esterna, bħall-iżvilupp, il-migrazzjoni, is-sigurtà, l-antiterroriżmu, it-tkabbir u l-kummerċ, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet tad-drittijiet tal-bniedem;

G. billi l-koerenza interna u esterna fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem hija essenzjali għall-kredibilità tal-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE barra mill-Unjoni, u billi ż-żieda fil-koerenza bejn il-politiki interni u dawk esterni tal-UE hija wkoll rekwiżit indispensabbli għal politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u demokratizzazzjoni ta' suċċess u effettiva; billi l-konsistenza mtejba għandha tippermetti lill-UE tirrispondi aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti fil-fażijiet bikrin tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; u billi l-isfida ta' koerenza hija partikolarment impressjonanti fir-rigward tal-politika migratorja attwali;

H. billi l-valuri tal-libertà, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju li jsiru elezzjonijiet perjodiċi u ġenwini huma elementi essenzjali tad-demokrazija; billi, barra mill-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi, fost il-karatteristiċi ta' reġimi demokratiċi nsibu l-governanza trasparenti u responsabbli, ir-rispett tal-istat tad-dritt, il-libertà ta' espressjoni, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti u r-rispett tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

I. billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jinsab mhedded fid-dinja kollha, u billi l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem qed tiġi kkontestata b'mod serju minn għadd ta' reġimi awtoritarji; billi fid-dinja saru bosta tentattivi biex jiċkien l-ispazju tas-soċjetà ċivili, anki fi ħdan il-fora multilaterali; u billi n-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem għandu konsegwenzi negattivi għall-individwu jewgħal qrabatu u għas-soċjetà;

J. billi l-UE kellha rwol importanti fl-adozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li għandha l-għan li tikseb drittijiet tal-bniedem għal kulħadd;

K. billi Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015–2019 ġie adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015, bil-ħsieb li jippermetti lill-UE tindirizza tali sfidi permezz ta' approċċ aktar iffukat, sistematiku u kkoordinat tal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem tiegħu; billi dan il-pjan ta' azzjoni għandu jiġu implimentati skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020;

L. billi l-VP/RGħ iddikjarat li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu fost il-prijoritajiet globali tagħha u li għandha l-ħsieb li tużahom bħala gwida fir-rigward tar-relazzjonijiet kollha tagħha ma' pajjiżi terzi; billi hija tenniet ukoll l-impenn tal-UE li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet barranin "mingħajr eċċezzjoni";

M. billi l-impenn tal-UE favur il-multilateraliżmu effikaċi, bin-NU fil-qalba tiegħu, huwa parti integrali mill-politika esterna tal-Unjoni, abbażi tal-konvinzjoni li sistema multilaterali fuq sies ta' regoli u valuri universali hija l-aktar adatta biex tindirizza l-kriżijiet, l-isfidi u t-theddid globali; billi l-involviment ma' pajjiżi terzi, fil-fora bilaterali u multilaterali kollha, jikkostitwixxi waħda mill-għodod l-aktar effettivi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

N. billi s-sessjonijiet regolari tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC), il-ħatra ta' Rapporteurs Speċjali, il-mekkaniżmu ta' Eżami Perjodiku Universali (EPU) u l-Proċedura Speċjali li tittratta sitwazzjonijiet speċifiċi għal pajjiż jew kwistjonijiet tematiċi lkoll jikkontribwixxu għall-isforzi internazzjonali għall-promozzjoni u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

O. billi l-UE tqis li l-kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha biex javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u jiġu indirizzati ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

P. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili: l-involviment tal-Ewropa b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ([1]), il-Parlament jesprimi tħassib kbir dwar ir-repressjoni fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), jisħaq fuq l-importanza li tiġi ddefinita sistema ta' monitoraġġ għall-evwalwazzjoni tal-progress f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet regolatorji u ta' politika, u jitlob għall-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għall-OSĊ; billi ħafna pajjiżi reċentement għaddew leġiżlazzjoni rigoruża li tiddikjara li l-organizzazzjonijiet barranin mhumiex mixtieqa meta jitqiesu bħala theddida għall-ordni kostituzzjonali, għaad-difiża jew għas-sigurtà, u billi fl-2015, 185 attivist ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem inqatlu fid-dinja, li minnhom 66 % inqatlu fl-Amerika Latina;

Q. billi l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar sabiex id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) jitwaqqfu milli jattendu avvenimenti internazzjonali qed jintużaw minn għadd dejjem akbar ta' pajjiżi, partikolarment fl-Asja, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika;

R. billi l-Artikoli 18 u 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikonoxxu d-dritt ta' kulħadd għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, u l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, li jinkludu l-libertà li wieħed ikollu opinjoni mingħajr indħil u biex wieħed ifittex, jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat permezz ta' kwalunkwe media u irrispettivament mill-fruntieri; billi l-għadd ta' każijiet ta' persekuzzjoni li jirrigwardaw biss persuni li jeżerċitaw b'mod paċifiku d-dritt tagħhom għal-libertà ta' opinjoni u ta espressjoni żdied b'mod konsiderevoli;

S. billi l-Artikolu 20 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikonoxxi li kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni; billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU 21/16 tfakkar lill-Istati fl-obbligu tagħhom li jirrispettaw u jipproteġu bis-sħiħ id-drittijiet ta' individwi li jingħaqdu b'mod paċifiku u li jassoċjaw ruħhom liberament, kemm online kif ukoll offline, u billi l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin iridu jiġu appoġġati permezz ta' djalogi interreliġjużi u interkulturali;

T. billi r-regoli bażiċi tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem huma stabbiliti skont il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli addizzjonali, u huma fil-qalba tal-azzjonijiet umanitarji kollha; billi l-ħarsien ta' persuni ċivili u ta' persuni spostati f'żoni ta' kunflitt għandu jkun garantit b'newtralità u imparzjalità sħiħa, u billi l-indipendenza tal-għajnuna għandha tipprevali;

U. billi l-okkupazzjoni illegali ta' territorju hija ksur kontinwu tad-dritt internazzjonali, li, skont id-dritt umanitarju internazzjonali, tiskatta r-responsabilità tal-forzi okkupanti għall-popolazzjoni ċivili ta' dak it-territorju;

V. billi l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u ta' delitti kontra l-umanità hija diffiċli biex tiġi ppreservata – speċjalment fi żmien ta' flussi bla preċedent ta' refuġjati li qed jaħarbu mill-vjolenza; billi l-preservazzjoni ta' evidenza hija essenzjali biex il-ħatja jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

W. billi t-tentattivi li jingħalaq il-ħabs tal-Istati Uniti fil-Bajja ta' Guantánamo fallew u nħelsu jew ġew rilokati 20 detenut biss fl-2015;

X. billi, fid-dinja kollha, aktar u aktar nies qed jaħarbu minn gwerer, kunflitti armati jew kundizzjonijiet degradanti oħra, u billi dawn il-flussi ta' refuġjati u d-diversi forom ta' migrazzjoni jirrappreżentaw sfida sinifikanti, kemm għall-UE, kif ukoll f'termini globali, li jeħtieġu soluzzjonijiet immedjati, effikaċi u sostenibbli skont il-valuri komuni Ewropej tagħna; billi l-għajnuna umanitarja pprovduta mill-Kummissjoni, bħala d-donatur globali ewlieni, tgħin lir-refuġjati u n-nies spostati f'aktar minn 30 pajjiż;

([1]) ĠU C 208, 10.6.2016, p. 25.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Y. billi l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti, it-traffikar u l-isfruttament tax-xogħol tal-migranti teħtieġ kemm reazzjonijiet fil-perjodu qasir, medju u fit-tul, fosthom miżuri biex jiġu sfrattati n-netwerks kriminali u biex il-kriminali jinġiebu quddiem il-ġustizzja, il-ġbir u l-analiżi tad-data, miżuri ta' protezzjoni għall-vittmi u miżuri ta' ritorn għall-migranti residenti b'mod irregolari, kif ukoll kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u strateġiji aktar fit-tul sabiex tkun indirizzata d-domanda għal persuni traffikati u kuntrabandati u l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni li jġiegħlu lill-persuni jispiċċaw taħt idejn il-kuntrabandisti kriminali;

Z. billi l-ġustizzja hija essenzjali biex javvanza r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u l-UE u l-Istati Membri tagħha ilhom jappoġġaw mingħajr kundizzjonijiet lill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) sa mill-bidu tagħha, filwaqt li jippromwovu l-universalità tal-Istatut ta' Ruma u jiddefendu l-integrità tagħha bl-għan li jsaħħu l-indipendenza tal-Qorti;

AA. billi s'issa sar progress sostanzjali lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, u billi bosta pajjiżi ssospendew il-piena kapitali filwaqt li oħrajn adottaw miżuri leġiżlattivi f'dan ir-rigward; billi s-sena 2015 rat żieda drammatika fl-għadd ta' eżekuzzjonijiet globali, li kważi 90 % saru fi tliet pajjiżi biss, jiġifieri l-Iran, il-Pakistan u l-Arabja Sawdija; billi l-Belarussja tibqa' l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu ma abolixxiex il-piena kapitali;

AB. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija fil-qalba tal-valuri Ewropej u hija minquxa fi ħdan il-qafas politiku u ġuridiku tal-UE, kif ukoll fil-qalba tal-Aġenda 2030 tan-NU; billi l-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet żdiedu b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar snin, speċjalment f'żoni ta' gwerra u dawk taħt reġimi awtoritarji;

AC. billi, skont l-UNICEF, 250 miljun tifel u tifla madwar id-dinja qegħdin jgħixu f'pajjiżi milquta minn kunflitti, u kważi 50 miljun tifel u tifla jew ġew spostati b'mod furzat minħabba l-vjolenza, il-gwerra u l-atroċitajiet tagħha, it-terroriżmu u r-ribelljoni, jew emigraw b'mod transfruntier, u ħafna għadhom isofru mill-forom kollha ta' diskriminazzjoni, vjolenza, sfruttament, abbuż, xogħol furzat, faqar u malnutrizzjoni;

AD. billi, skont l-UNICEF, 1 minn kull 200 tifel u tifla madwar id-dinja huma tfal refuġjati, kważi terz tat-tfal kollha li jgħixu barra pajjiż twelidhom huma refuġjati u n-numru ta' tfal refuġjati rdoppja bejn l-2005 u l-2015;

AE. billi l-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikonoxxi d-dritt ta' kulħadd għal "livell ta' ħajja suffiċjenti biex jiżguralu saħħtu, għajxien tajjeb għalih u għall-familja tiegħu", li fiha l-maternità u t-tfulija jkollhom dritt għal attenzjoni u assistenza speċjali, u li tinkludi kura medika; billi l-aċċess għall-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-kura tas-saħħa għandu jiġi ggarantit lit-tfal kollha; billi r-riżoluzzjoni 26/28(36) tal-UNHRC titlob li l-laqgħa li jmiss tal-Forum Soċjali tal-UNHRC tiffoka fuq l-aċċess għall-mediċini fil-kuntest tad-dritt li kulħadd igawdi l-ogħla grad possibbli ta' saħħa fiżika u mentali; billi l-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa (WHO) tiddikjara li t-tgawdija tal-ogħla grad ta' saħħa possibbli huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem mingħajr ebda distinzjoni ta' razza, reliġjon, twemmin politiku, u kundizzjoni ekonomika jew soċjali;

AF. billi skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-awtoritajiet għandhom jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal li jiġu sseparati minn ġenitur jew mit-tnejn li huma;

AG. billi l-vjolenza kontra, u l-prosekuzzjoni tal-minoranzi, inklużi l-persuni LGBTI tibqa' teżisti f'bosta postijiet madwar id-dinja, u d-diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieg u setturi oħra hija mifruxa;

AH. billi r-rapporti dwar ksur tad-drittijiet ċivili u politiċi, ekonomiċi, tax-xogħol, soċjali u kulturali, kif ukoll ħsara ambjentali li tirriżulta minn prattiki ħżiena minn xi atturi mis-settur privat, jibqgħu jinstemgħu madwar id-dinja; billi hemm rabta qawwija bejn il-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa, il-flussi ta' kapital illeċiti u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

AI. billi l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem japplikaw għall-Istati u għall-impriżi kummerċjali kollha, kemm jekk transnazzjonali kif ukoll ta' natura oħra, indipendentement mid-daqs, mis-settur, mill-post, mis-sjieda u mill-istruttura tagħhom, għad li mekkaniżmi effikaċi ta' kontroll u ta' sanzjonijiet għadhom jirrappreżentaw sfida fl-implimentazzjoni ta' dawn il-Prinċipji Gwida; billi l-karatteristiċi speċjali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom jitqiesu sew u jiġu integrati f'approċċ flessibbli ta' responsabilità soċjali korporattiva (CSR) li jkun adattat għall-potenzjal tagħhom;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

AJ. billi f'Ottubru 2015, il-Kummissjoni ħarġet l-istrateġija kummerċjali l-ġdida "Kummerċ għal kulħadd", fejn tistabbilixxi l-għan tagħha li tuża l-kummerċ bħala mezz għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi;

AK. billi fl-2015, l-UE bdiet taħdem fuq leġiżlazzjoni li tindirizza l-kummerċ ta' minerali li jalimentaw il-kunflitti;

AL. billi avvenimenti sportivi nazzjonali u internazzjonali bħal-Logħob Olimpiku u t-Tazza tad-Dinja tal-Futbol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet politiċi, iżda għandhom jiġu organizzati fir-rispett sħiħ tad-drittijiet kollha tal-bniedem, kif minquxa fil-Karta Olimpika, u għandhom jimmiraw lejn l-iżvilupp armonjuż tal-umanità, bil-ħsieb li tiġi promossa soċjetà paċifika li tkun impenjata fil-preservazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-bniedem, u mingħajr ebda diskriminazzjoni bbażata fuq nazzjonalità, razza, reliġjon, politika, sess, identità sesswali, orjentazzjoni sesswali jew karatteristiċi tas-sess;

AM. billi l-bidliet ambjentali qed jikkompromettu aċċess għall-ilma, għar-riżorsi naturali u għall-ikel;

Iċ-ċentralità tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki esterni tal-UE

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi qed jiġu mhedda madwar id-dinja kollha, u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem qed tiġi serjament kkontestata f'ħafna partijiet tad-dinja, inklużi taħt reġimi awtoritarji kif ukoll minn gruppi terroristiċi bħal Da'esh;

2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-għadd kbir u dejjem jiżdied ta' tentattivi biex jiċkien l-ispazju tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, iż-żieda tal-limitazzjonijiet għal-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' espressjoni, u l-għadd dejjem jikber ta' liġijiet ripressivi li jaffettwaw lis-soċjetà ċivili madwar id-dinja f'pajjiżi bħalma huma r-Russja, it-Turkija u ċ-Ċina, inkluż bl-iskuża tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (permezz tal-introduzzjoni ta' liġijiet kontra t-terroriżmu, sitwazzjonijiet ta' emerġenza u miżuri ta' sigurtà), billi ħafna drabi jkun hemm impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-abbuż frekwenti ta' dawn il-liġijiet għal finijiet ta' repressjoni; ifakkar li tali leġiżlazzjoni bl-ebda mod m'għandha qatt tintuża biex jiċċekken l-ispazju li fih il-gruppi tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu joperaw; jitlob għal kundanna ċara ta' dawn l-abbużi u l-ksur;

3. Jenfasizza b'mod sod li l-UE hija impenjata favur il-PESK u l-politiki l-oħra kollha b'dimensjoni esterna fuq sies ta' avvanzi fid-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji ta' ugwaljanza u solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali; itenni li dawn il-prinċipji huma wkoll intrinsiċi għal azzjoni esterna lil hinn mill-PESK, inkluż fil-politiki tal-iżvilupp u dawk umanitarji;

4. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u lill-Istati Membri jaġixxu fuq l-impenji tagħhom biex jippromwovu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, iħarsu u jwettqu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-iżvilupp bil-mezzi kollha paċifiċi, u biex iqiegħdu d-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi terzi kollha, inklużi s-sħab strateġiċi tagħha — u dan fil-livelli kollha;

5. Itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri tal-UE biex imexxu bl-eżempju, billi jitkellmu b'vuċi waħda f'appoġġ għall-indiviżibilità, l-interrelazzjoni u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod partikolari, billi jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem stabbiliti min-NU;

6. Jenfasizza li sabiex l-UE tkun attur kredibbli fir-relazzjonijiet esterni, hija għandha tiżgura aktar koerenza bejn il-politiki interni u esterni tagħha fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi (bi strateġiji għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni LGBTI kruċjali għal dan l-għan), u għandha timmira lejn implimentazzjoni sistematikament konsistenti u koerenti tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

7. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenn fit-tul tiegħu li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u jsir progress fil-valuri demokratiċi, kif rifless, fost oħrajn, fl-għoti annwali tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, fix-xogħol tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Osservazzjoni Elettorali u Appoġġ Demokratiku u tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija, fid-dibattiti plenarji u r-riżoluzzjonijiet ta' kull xahar dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, u fil-ħafna delegazzjonijiet parlamentari;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

8. Jinsab imħasseb serjament li, attwalment, ħafna difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qed jiġu attakkati; jistieden lill-UE, u b'mod partikolari lill-VP/RGħ, biex tadotta politika li tiddenunzja, b'mod sistematiku u mingħajr ekwivoku, il-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u kwalunkwe tentattiv biex jiġu soġġetti għal kull forma ta' vjolenza, persekuzzjoni, theddid, fastidju, għajbien, priġunerija jew arrest arbitrarju, biex tikkundanna lil dawk li jikkommettu jew jittolleraw tali atroċitajiet, u biex tintensifika d-diplomazija pubblika miftuħa u ċara tagħha ta' appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, anki fejn jidħlu x-xhieda tagħhom fil-fora multilaterali; jistieden lill-UE toħroġ gwida dwar din il-politika, peress li dan iżid il-konsistenza tal-prijoritajiet attwali tal-UE kif stabbilit fid-diversi linji gwida eżistenti tal-UE; iħeġġeġ lill-persunal diplomatiku tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri biex ikomplu jappoġġaw b'mod attiv lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi jimmonitorjaw b'mod sistematiku l-proċessi, iżuru lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem miżmuma l-ħabs u joħorġu dikjarazzjonijiet dwar każijiet individwali, meta jkun xieraq; jitlob għat-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ tal-ispazju tas-soċjetà ċivili b'mod effettiv u b'punti ta' riferiment ċari u indikaturi; itenni l-importanza tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) għal appoġġ finanzjarju u materjali dirett urġenti għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju, u fond ta' emerġenza li jippermetti lid-delegazzjonijiet tal-UE jagħtu għotjiet diretti *ad hoc* lil difensuri li ħajjithom tkun taħt theddida imminenti;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (NHRI), skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mandat, riżorsi u għarfien espert suffiċjenti biex jissodisfaw is-salvagwardja u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

10. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar relazzjonijiet interparlamentari bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab tagħha f'qafas ta' djalogu onest msejjes fuq il-fehim u fiduċja reċiproċi, bl-għan li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem b'mod effettiv;

Qafas Strateġiku tal-UE u Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

11. Jilqa' l-adozzjoni tat-tieni Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019), u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex b'mod sħiħ, konsistenti, trasparenti u f'waqtu jimplimentaw l-azzjonijiet tiegħu, u biex issaħħaħu l-appoġġ għad-demokrazija; jissottolinja li kunsens u koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, huma meħtieġa għall-implimentazzjoni koerenti tal-Pjan ta' Azzjoni, u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri biex jieħdu aktar responsabilità fl-implimentazzjoni u r-rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtieġ li jirrapportaw lura dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni;

12. Jenfasizza li sabiex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid, l-UE trid talloka r-riżorsi u l-kompetenzi suffiċjenti, kemm f'termini ta' riżorsi umani speċifiċi fi ħdan id-delegazzjonijiet u fi ħdan il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), kif ukoll f'termini ta' fondi disponibbli għall-proġetti;

13. Iqis li soċjetà ċivili libera hija wieħed mill-pedamenti għall-protezzjoni u l-appoġġ tad-drittijiet tal-bniedem u tal-valuri demokratiċi u għalhekk jinsab imħasseb għall-fatt li l-ispazju pubbliku għas-soċjetà ċivili qiegħed jiċkien u li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti huma dejjem aktar attakkati madwar id-dinja; jilqa' l-inklużjoni, fil-Pjan ta' Azzjoni, ta' objettiv biex jiġi indirizzat it-theddid għall-ispazju tas-soċjetà ċivili, u jħeġġeġ lill-UE biex timplimenta l-azzjonijiet deskritti; jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha involuti fl-azzjoni esterna tal-UE jidentifikaw u jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u biex isaħħu l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, ma' parlamenti, ma' partiti politiċi u mal-awtoritajiet lokali, u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali fil-post; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni ma jinkludix objettiv separat dwar it-tisħiħ tal-istandards demokratiċi fil-pajjiżi sħab; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida tal-UE għal appoġġ għad-demokrazija;

Ir-Rapport Annwali tal-UE

14. Jilqa' l-isforzi li saru biex il-parti tematika tar-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija titjieb u tkun aktar konċiża u sistematika, u ssir aktar disponibbli b'mod mifrux għall-pubbliku ġenerali; itenni l-fehma tiegħu li r-Rapport Annwali għandu jiġi msaħħaħ permezz ta' approċċ aktar oġġettiv li permezz tiegħu, minbarra l-kisbiet u l-aħjar prattiki, ir-rapport jenfasizza l-isfidi speċifiċi ħafna u r-restrizzjonijiet li jeżistu f'pajjiżi terzi, kif ukoll jagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva u jagħti informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mis-SEAE biex jingħelbu dawn l-isfidi; itenni l-opinjoni tiegħu li r-rapporti tal-pajjiżi li jiffurmaw parti mir-rapport annwali għandhom ikunu deskrittivi mill-inqas u għandhom jirriflettu l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u jagħtu deskrizzjoni ġenerali tal-impatt tal-azzjoni tal-UE fil-post;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

15. Itenni t-talba tiegħu għal rappurtar sistematiku u komprensiv dwar il-passi li ttieħdu, ir-riżultati miksuba u l-konklużjonijiet politiċi li jirriżultaw minn azzjoni b'rispons għar-riżoluzzjonijiet adottati mill-Parlament dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat żvilupp rapidu u reazzjonijiet xierqa għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem anki fl-istadji bikrin ta' tali ksur; jilqa', f'dan ir-rigward, l-azzjoni ta' segwitu li saret mis-SEAE fi ħdan is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar riżoluzzjonijiet dwar dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt; ifakkar fit-talba tiegħu għal tweġiba komprensiva bil-miktub mill-Kummissjoni u mis-SEAE għar-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li jaqdi rwol importanti biex jingħata segwitu sistematiku u profond għall-punti kollha mqajma mill-Parlament, u għall-iskrutinju parlamentari; itenni l-istedina tiegħu lill-VP/RGħ biex tiddiskuti mal-Membri tal-Parlament Ewropew f'żewġ seduti plenarji kull sena, waħda meta jiġi ppreżentat ir-Rapport Annwali tal-UE, u l-oħra bħala reazzjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament;

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem

16. Ifakkar fl-importanza ta' mandat aktar b'saħħtu u aktar flessibbli għar-RSUE tal-UE biex tissaħħaħ l-effikaċja, il-konsistenza u l-viżibilità fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi fid-dinja kollha; itenni t-talba tiegħu biex dan il-mandat isir wieħed permanenti; iqis, barra minn hekk, li r-RSUE għandu jkollu d-dritt li jitkellem pubblikament, u li jkollu setgħat ta' inizjattiva proprja, aktar viżibilità pubblika u riżorsi adegwati u għarfien espert;

17. Jenfasizza l-importanza ta' appoġġ sistematiku għal, u konsultazzjoni approfondita u ġenwina, mas-soċjetà ċivili bi tħejjija ta' żjarat tar-RSUE fil-pajjiżi sħab; jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn qawwi tal-RSUE mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u mas-soċjetà ċivili, inklużi r-rappreżentanti lokali, iż-żgħażagħ u t-tfal, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, qabel, matul u wara żjarat tiegħu f'pajjiżi terzi, u jenfasizza l-importanza ta' impenn kontinwu u dejjem iżjed qawwi fuq dawn il-linji, kif ukoll il-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' segwitu ċari u trasparenti; jappoġġa bis-sħiħ il-fokus tar-RSUE, bħala prijorità ewlenija matul il-mandat tiegħu, dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' spazju miftuħ għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lir-RSUE jirrapporta b'mod regolari lill-Parlament wara ż-żjarat tiegħu; jiddispjaċih li l-ħidma u l-impatt tar-RSUE jistgħu jkunu biss parzjalment aċċessibbli permezz ta' rieżami tar-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-kontijiet tal-media soċjali u tad-diskorsi disponibbli; jiddispjaċih ukoll li ma hemm ebda informazzjoni uffiċjali dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet tiegħu u lanqas dwar ir-rapporti ta' progress jew ta' rieżami;

18. Jinkoraġġixxi lir-RSUE jkompli jappoġġa b'mod sistematiku l-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u jissaħħaħ l-impenn tal-UE għall-organizzazzjonijiet u l-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem reġjonali u internazzjonali kollha rilevanti; jistieden lill-Kunsill jadotta bħala prinċipju ġenerali l-prattika tal-inklużjoni sistematika tal-kooperazzjoni mar-RSUE fil-mandat ta' RSUEs ġeografiċi futuri;

Strateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (HRDCs) u r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE

19. Jilqa' ż-żieda fid-demokrazija tal-HRDCs bħala element neċessarju għal kwalunkwe analiżi komprensiva tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi sħab;

20. Itenni l-importanza li jitqiesu l-HRCS fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politiki fir-rigward tal-pajjiżi terzi, inkluż waqt it-tħejjija ta' djalogi politiċi ta' livell għoli, djalogi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u programmi ta' azzjoni annwali;

21. Itenni li l-HRDCs għandhom jikkorrispondu għal azzjonijiet tal-UE li għandhom jiġu implimentati f'kull pajjiż, skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jitkejlu, u għandhom jinkludu indikaturi ta' progress u l-possibilità li dawn jiġu aġġustati fejn meħtieġ; jenfasizza l-ħtieġa li l-HRDCs jiġu vvalutati b'mod kontinwu; jappella għal aktar titjib fil-kooperazzjoni, fil-komunikazzjoni u fl-iskambju ta' informazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE, l-ambaxxati tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-HRDCs; itenni t-talba tiegħu li l-Membri tal-Parlament Ewropew jingħataw aċċess għall-HRDCs u biex tinkiseb informazzjoni dwar kif l-UE timplimenta dawn l-istrateġiji, u li dawn għandhom jiġu ppreżentati f'format li jippermetti lill-Membri li jissodisfaw l-obbligu tagħhom ta' skrutinju b'mod xieraq;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

22. Jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' politika tal-UE koerenti u viżibbli fuq is-soċjetà ċivili, u jenfasizza l-ħtieġa ta' fehim aktar ċar dwar l-użu ta' diplomazija pubblika; iħeġġeġ il-pubblikazzjoni ta' HRDCs u pjanijiet direzzjonali, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv ta' reazzjoni, segwitu dwar il-każijiet u l-qsim ta' informazzjoni;

23. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħatra ta' punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem u/jew ta' punti ta' kuntatt għall-kwistjonijiet tal-ġeneru fid-delegazzjonijiet kollha tal-UE, u jfakkar fir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-VP/RGħ u lis-SEAE biex jiżviluppaw linji gwida operattivi ċari dwar ir-rwol tal-punti fokali għad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li x-xogħol tal-punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jiġi appoġġat wkoll mill-persunal diplomatiku tal-Istati Membri; jitlob li l-ħidma tal-punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandha tkun totalment indipendenti u ħielsa minn indħil politiku u minn fastidju min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi, speċjalment fil-kuntatti tagħhom mal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u mas-soċjetà ċivili; jinsisti fuq l-importanza ta' taħriġ għall-persunal tad-delegazzjonijiet kollha tal-UE dwar il-kontenut tal-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

24. Jilqa' ż-żieda fil-baġit u l-proċeduri simplifikati tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem EIDHR 2014-2020, u jitlob biex l-allokazzjoni prevista għal nofs it-terminu tal-EIDHR tinżamm għall-bqija tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali; itenni l-ħtieġa għal koerenza u komplementarjetà bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dan ir-rafforzamet ikun applikabbli għall-istrumenti kollha li jservu d-drittijiet tal-bniedem;

25. Jitlob li kull sena jiġu adottati Programmi Annwali ta' Azzjoni tal-EIDHR, pjuttost milli, kif ġara dan l-aħħar, kull sentejn (2016–2017), sabiex tiġi żgurata l-akbar flessibilità b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet li qed jiżviluppaw, u li jkun hemm l-aqwa kumplimentarjetà ma' strumenti finanzjarji esterni oħrajn tal-UE;

Djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet

26. Itenni l-appoġġ tiegħu għal djalogi speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jirrikonoxxi li dawn jistgħu jkunu strument effiċjenti u effikaċi għal impenn u kooperazzjoni bilaterali dment li dawn jippermettu lill-kontropartijiet tagħhom biex jimpenjaw ruħhom f'kwistjonijiet ta' sustanza, jibagħtu messaġġi politiċi serji u orjentati aktar lejn ir-riżultati, b'segwitu konsistenti, li għandu jmur lil hinn mis-sempliċi skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi u sfidi; jistieden lill-UE biex, b'mod sistemaku, tinkludi diskussjonijiet dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal fid-djalogi kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

27. Jirrikonoxxi l-importanza tal-involviment fi djalogi speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem anki ma' pajjiżi bi problemi serji dwar id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li l-UE tfassal konklużjonijiet politiċi ċari meta tali djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma jwasslux għal riżultati pożittivi; iwissi kontra l-marġinalizzazzjoni tad-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fi djalogi politiċi ta' livell għoli;

28. Jinsisti li d-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx ikunu subordinati għal interessi oħra f'diskussjonijiet politiċi ta' livell għoli; itenni l-appell tiegħu lis-SEAE biex jiżviluppa mekkaniżmu għar-reviżjoni ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li jitjiebu; jemmen li, jekk dawn id-djalogi jfallu b'mod persistenti, għandhom jintużaw għodod alternattivi għall-appoġġ tal-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ikkonċernat;

29. Iħeġġeġ lis-SEAE biex, b'mod sistematiku, iwettaq djalogi preparatorji mas-soċjetà ċivili, anki fuq livell lokali, bl-għan li jikkontribwixxu direttament għad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-importanza li l-VP/RGħ u s-SEAE jqajmu sistematikament każijiet individwali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem matul id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lis-SEAE jsegwi, b'mod sistematiku, l-impenji li saru matul id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jiġu ssistematizzati laqgħat ta' segwitu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

30. Jilqa' l-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala għodda ta' valur tal-politika barranija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem li jipprovdu gwida prattika għal delegazzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri; itenni t-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' linji gwida ġodda tal-UE dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal mingħajr aktar dewmien;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

31. Jenfasizza bil-qawwa l-importanza ta' valutazzjoni kontinwa tal-implimentazzjoni tal-linji gwida permezz ta' punti ta' riferiment ċari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq u tippubblika evalwazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-linji gwida mid-delegazzjonijiet tal-UE u mir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri fil-pajjiżi terzi kollha sabiex tidentifika d-differenzi u n-nuqqasijiet possibbli fl-implimentazzjoni u biex dawn jiġu rimedjati; iqis li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-linji gwida, huwa meħtieġ taħriġ sistematiku u effikaċi għall-persunal tas-SEAE u tad-delegazzjoni tal-UE;

Il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni

32. Jikkundanna bil-qawwa kull forma ta' diskriminazzjoni, inkluża dik ibbażata fuq ir-razza, il-kulur, is-sess, l-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru, il-lingwa, il-kultura, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-oriġini soċjali, il-kasta, it-twelid, l-età, id-diżabilità jew kwalunkwe status ieħor; itenni s-sejħa tiegħu għal politika u diplomazija msaħħa tal-UE u li għandha timmira li telimina kull forma ta' diskriminazzjoni, u biex tuża kull opportunità biex jiġi espress it-tħassib serju tagħha dwar tali diskriminazzjonijiet; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-UE tkompli tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet kollha rilevanti tan-NU, bħall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbilità; jilqa' x-xogħol tas-SEAE fuq il-manwal kontra d-diskriminazzjoni;

Missjonijiet u operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)

33. Ifakkar fl-impenn tal-UE li tintegra d-drittijiet tal-bniedem u l-aspetti dwar il-ġeneru fil-missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni importanti, skont ir-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, u r-Riżoluzzjoni 2242 adottata reċentement tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li skontha n-nisa huma komponent ċentrali fl-isforzi kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi globali; itenni, f'dan il-kuntest, l-istedina tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw, fil-proċess tal-bini ta' rikonċiljazzjoni sostenibbli, il-parteċipazzjoni sistematika tan-nisa bħala komponent vitali fil-proċessi tal-paċi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-UE tappoġġa fil-livell internazzjonali r-rikonoxximent tal-valur miżjud tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-prevenzjoni u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll fl-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi, fl-għajnuna umanitarja u fir-rikostruzzjoni wara l-kunflitti;

34. Jenfasizza li l-PSDK huwa strument li mhux biss jiżgura s-sigurtà Ewropea, iżda huwa parti minn strument tal-politika barranija tal-UE u għandu għalhekk jintuża favur it-tisħiħ ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi terzi;

35. Jitlob għal aktar integrazzjoni militari Ewropea biex isir titjib fid-disponibilità u l-flessibilità tal-forzi armati Ewropej, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal theddidiet u każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ta' ġenoċidju u ta' tindif etniku; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kunċett ta' "responsabilità ta' protezzjoni" għandu jiġi kkonsolidat fid-dritt internazzjonali u li l-UE, bħala komunità ta' valuri, għandha tmexxi inizjattivi u azzjonijiet sinifikanti li tipproteġi l-persuni ċivili, anki meta dawn huma mhedda mill-Istat tagħhom stess;

36. Jenfasizza li t-traffikar tal-migranti huwa marbut mat-traffikar tal-bnedmin u jikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-Bniedem; jirrimarka li missjonijiet tal-PSDK bħall-Forza Navali tal-Unjoni Ewropea – Operazzjoni militari Sophia fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED) huma mezzi effettivi kif jiġi indirizzat it-traffikar tal-migranti; jistieden lill-Unjoni tkompli u tintensifika dawn it-tip ta' operazzjonijiet;

37. Jistieden lill-Kunsill Affarijiet Barranin u lill-VP/RGħ jitlobu li l-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE, u r-rappreżentanti xierqa tal-UE (Kapijiet tal-Operazzjonijiet Ċivili tal-UE, Kmandanti tal-Operazzjonijiet Militari tal-UE u Rappreżentanti Speċjali tal-UE) jirraportaw dwar każijiet ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, u biex jippromwovu kodiċi ta' kondotta rigward azzjoni mill-Kunsill ta' Sigurtà kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, li jimpenja lill-Istati Membri tan-NU biex jappoġġaw l-azzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà li għandhom l-għan li jipprevjenu jew itemmu dawn id-delitti; jitlob li jkun hemm integrazzjoni ta' politiki ta' salvagwardja tat-tfal fl-operazzjonijiet kollha ċivili u militari tal-UE li jiġu f'kuntatt mat-tfal;

38. Jitlob li l-UE ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha man-NU fil-kuntest tat-tfassil ta' viżjoni strateġika komuni dwar is-sigurtà fuq il-bażi ta', fuq naħa waħda, l-istrateġija globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà u, fuq in-naħa l-oħra, ir-reviżjoni tan-NU tal-operazzjonijiet ta' paċi u tal-arkitettura ta' bini ta' paċi tagħha; jinsisti li jkun hemm kooperazzjoni fit-tisħiħ tar-rwol u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali fiż-żamma tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti, fil-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari, u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, u li l-proċeduri għall-użu tal-PSDK b'appoġġ

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

għall-operazzjonijiet tan-NU jiġu żviluppati aktar, inkluż permezz tal-iskjerament tal-gruppi tattiċi tal-UE, jew permezz tal-bini ta' kapaċità u inizjattivi ta' riforma fis-settur tas-sigurtà, filwaqt li d-drittijiet tal-bniedem u tal-ġeneru jkunu integrati fil-ħidma tal-missjoni u l-operazzjoni;

Involviment multilaterali għad-drittijiet tal-bniedem

39. Itenni bil-qawwa li d-drittijiet tal-bniedem, kif minquxa fil-konvenzjonijiet tan-NU, huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kif ġie miftiehem fid-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni tal-1993, u li r-rispett ta' dawn id-drittijiet irid jiġi infurzat; ifakkar l-impenn tal-Unjoni li tippromwovi u tiżviluppa d-dritt internazzjonali skont in-NU; jenfasizza li huwa importanti li l-Istati Membri jirratifikaw l-istrumenti internazzjonali kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem stabbiliti min-NU, inklużi dawk minquxa fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, u partikolarment, il-Protokoll Fakultattiv li jistabbilixxi mekkaniżmi għall-ilmenti u l-inkjesti, f'konformità mal-Artikolu 21 TUE;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li l-mexxejja tal-UE ikunu minn ta' quddiem fil-promozzjoni ta' riformi tan-NU bl-għan li jissaħħaħ l-impatt u l-qawwa ta' sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli, u li tiġi garantita protezzjoni aktar effiċjenti għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-avvanz tad-dritt internazzjonali; itenni, barra minn hekk, l-importanza li l-UE tinvolvi ruħha b'mod attiv u konsistenti fil-mekkaniżmi kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fit-Tielet Kumitat, fl-Assemblea Ġenerali (AĠNU) u fl-UNHRC, sabiex ittejjeb l-kredibilità tagħha; jirrikonoxxi l-isforzi li saru mis-SEAE, mid-delegazzjonijiet tal-UE fi New York u f'Ġinevra u mill-Istati Membri biex tiżdied ulterjorment il-koerenza tal-UE fil-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tan-NU; iħeġġeġ lill-UE tintensifika l-prattika ta' inizjattivi transreġjonali, li tibda u tappoġġa riżoluzzjonijiet, u biex issegwi mill-qrib l-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tan-NU; jikkundanna l-fatt li s-siġġijiet fuq l-UNHRC spiss huma okkupati minn pajjiżi b'rekord ipprovat ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE jippubbliċizzaw il-votazzjoni tagħhom fi ħdan l-UNHRC; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jirriflettu l-importanza ugwali tad-drittijiet fil-votazzjoni tagħhom, u biex isejsu l-vot tagħhom dwar riżoluzzjonijiet tal-UNHCR fuq is-sustanza ta' dawn it-testi, aktar milli fuq l-awturi tagħhom; jenfasizza l-importanza u l-ħtieġa għal rappreżentanza permanenti tal-UE fil-fora multilaterali kollha u għal viżibilltà aktar b'saħħitha tal-azzjoni tal-UE;

41. Jistieden lill-UE tagħti attenzjoni partikolari lit-territorji kkontestati fil-viċinat tal-Lvant tagħha, fejn madwar ħames miljun persuna jgħixu mingħajr protezzjoni reali tad-drittijiet tal-bniedem u aċċess għall-ġustizzja; jistieden lill-UE tpoġġi din il-kwistjoni fil-quċċata tal-aġenda bilaterali għal soluzzjonijiet mal-Istati kkonċernati u biex tuża l-firxa sħiħa tal-istrumenti tagħha biex tappoġġa soluzzjonijiet konkreti biex tavvanza d-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-entitajiet u tappoġġa x-xogħol tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hemmhekk;

Il-promozzjoni ta' spazju ħieles għas-soċjetà ċivili, appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

42. Jikkundanna bil-qawwa kull attakk, intimidazzjoni, arrest, qtil, fastidju jew ripressjoni ta' prosekuturi, imħallfin, avukati, akkademiċi u ġurnalisti, jew ta' membri ta' kull professjoni oħra li l-indipendenza u l-libertà professjonali tagħhom huma essenzjali għall-bini ta' soċjetà demokratika;

43. Jiddispjaċih dwar iż-żieda fin-numru ta' attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent madwar id-dinja; jikkundanna bil-qawwa l-impunità fir-rigward tal-qtil tagħhom u jistieden lis-SEAE jippromwovi t-talba li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

44. Jikkundanna bil-qawwa l-fatt li ħafna pajjiżi madwar id-dinja għadhom kemm għaddew liġijiet stretti dwar l-NGOs li jdgħajfu s-soċjetà ċivili u jwasslu għall-applikazzjoni arbitrarja tagħhom, b'penali li jinkludu l-ħabs, l-iffriżar ta' assi u l-projbizzjoni ta' aċċess għal membri tal-persunal tal-NGO, speċjalment lejn dawk li jirċievu fondi pubbliċi barranin;

45. Jikkundanna bil-qawwa l-ħruġ ta' projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mill-awtoritajiet bħala strument biex jiġu intimidati u jissiktu l-ilħna indipendenti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti, kif ukoll ta' avukati u ġurnalisti, u jenfasizza li dawn il-miżuri huma ta' spiss meħuda arbitrarjament u mingħajr ebda bażi ġudizzjarja;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

46. Jenfasizza r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE biex jaffermaw mill-ġdid u jippromwovu r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili f'demokrazija, u fil-ħolqien ta' ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili, li jeħtieġu livell massimu ta' trasparenza u jiddaħħlu fil-programmi ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih, għalhekk, li, għaxar snin wara l-adozzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-uffiċjali ta' kollegament għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għadhom ma ġewx inklużi fuq is-siti web tad-delegazzjonijiet kollha tal-UE;

47. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-ministri għall-affarijiet barranin tal-UE ipożżu fuq l-aġenda tal-Kunsill Affarijiet Barranin b'mod regolari d-diskussjoni dwar l-isforzi tal-UE biex issegwi l-ħelsien ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, attivisti politiċi u oħrajn, u biex jiżguraw li jsir Kunsill tal-Affarijiet Barranin pubbliku annwali, b'aġenda li tinkludi l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili u s-sentenza ta' ħabs għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'attenzjoni partikolari għal każijiet li tqajmu fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

48. Jistieden lill-komunità internazzjonali tressaq lill-mexxejja politiċi quddiem il-ġustizzja meta jabbużaw mill-qawwa tal-pulizija u dik militari b'mod strutturali biex jissiktu protesti kontra t-tmexxija tagħhom jew li tittawwal tali tmexxija;

Migranti, refuġjati, persuni li jfittxu l-asil u persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs)

49. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mar-refuġjati u mal-migranti li jsofru ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem f'għadd kbir, bħala vittmi ta' kunflitti, nuqqas ta' governanza u netwerks tat-traffikar; jikkundanna l-għadd drammatiku ta' mwiet fuq il-baħar fil-Mediterran; jinsab estremament imħasseb dwar ir-rapporti ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-immigranti u dawk li jkunu qed ifittxu l-asil fi triqthom lejn l-Ewropa; jenfasizza l-fatt li n-nisa u tfal refuġjati, persuni li jfittxu asil u l-migranti mingħajr dokumenti huma partikolarment vulnerabbli fuq ir-rotot migratorji u fi ħdan l-UE nnifisha; isejjaħ b'mod urġenti għal miżuri biex tittejjeb il-koerenza tal-politiki ta' migrazzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ olistiku biex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli, fit-tul u koerenti, ibbażati fuq l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-kriżi tar-refuġjati; jenfasizza l-ħtieġa għas-solidarjetà sabiex jiġu mħarsa l-migranti u r-refuġjati, b'konformità mal-politiki tal-UE bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li ssir distinzjoni bejn refuġjati u migranti;

50. Jenfasizza l-fatt li kunflitti, gwerer, fallimenti tal-governanza u n-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma l-kawżi prinċipali għall-migrazzjoni u l-ispostament; jenfasizza li aċċess sħiħ, liberu u ta' kwalità għall-edukazzjoni u għas-servizzi ta' kura tas-saħħa, inklużi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, kif ukoll l-aċċess għas-suq tax-xogħol, u għal akkomodazzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tar-refuġjati, għandhom jiġu pprovduti mill-pajjiżi ospitanti; jenfasizza li r-rieda tal-migranti u tar-refuġjati li jintegraw ruħhom, flimkien ma' politiki ta' protezzjoni soċjali xierqa, huma essenzjali għall-integrazzjoni; jistieden lill-UE żżid l-isforzi biex tappożża l-Libanu u l-Ġordan, li qed jipprovdu kenn għal numru bla preċedent ta' refuġjati, li sikwit iħabbtu wiċċhom ma' diversi theddidiet;

51. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu sabiex jiġu ffaċilitati kemm il-ġestjoni strutturata tal-flussi ta' migrazzjoni, kif ukoll azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti ta' emigrazzjoni; jenfasizza li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-gruppi involuti fit-traffikar tal-migranti; jirrimarka li l-UE għandha theġġeġ lill-pajjiżi kkonċernati biex jiffirmaw il-Protokoll ta' Palermo kontra t-traffikar tal-migranti; ifakkar l-impenji miftiehma fis-Summit tal-Belt Valletta;

52. Jisħaq dwar il-ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata u introdotta, b'mod komprensiv, koerenti u kkoordinat, Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li tikkondividi r-responsabilità bejn l-Istati Membri;

53. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jistabbilixxu trasparenza totali dwar il-fondi allokati għal pajjiżi terzi għal kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, u jikkomunikaw is-salvagwardji stabbiliti biex jiżguraw li din il-kooperazzjoni ma tkunx ta' benefiċċju, direttament jew indirettament, għas-sistemi ta' sigurtà, tal-ġustizzja u għall-pulizija involuti fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

54. Jirrikonoxxi l-proposta reċenti tal-Kummissjoni biex ikun hemm lista tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu, li temenda d-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil;

55. Iqis li, sabiex tiżdied l-effiċjenza tar-riammissjonijiet u sabiex tiġi żgurata l-koerenza tar-ritorni fil-livell Ewropew, se jkun meħtieġ li jiġu adottati ftehimiet ġodda ta' riammissjoni tal-UE, li jieħdu preferenza fuq ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi;

56. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn timxi id f'id mar-rispett lejn il-proċeduri, l-istandards u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li jippermettu lill-UE tiżgura trattament uman u dinjituż lill-persuni rimpatrijati, f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-każijiet ta' asil relatati ma' persekuzzjoni politika possibbli, sabiex ma jkunx hemm rimpatrijazzjonijiet li potenzjalment jinvolvu ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ta' oriġini jew f'pajjiż terz;

57. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u ta' riammissjoni ma' stati mhux tal-UE jkunu konformi mad-dritt internazzjonali, mad-dritt dwar ir-refuġjati u mad-dritt marittimu internazzjonali, kif ukoll mal-prinċipji u l-valuri tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipju tan-non-refoulement, f'konformità mad-dritt internazzjonali; jitlob li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ jiġu integrati b'tali mod li jippermettu l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni ma' stati li mhumiex fl-UE, u ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom jiġu evalwati; jinsisti li d-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu integrati u sorveljati matul l-attivitajiet kollha mwettqa mill-Frontex; jistieden lill-UE tipparteċipa b'mod attiv fid-dibattitu dwar it-terminu "refuġjat minħabba l-klima", inkluż dwar id-definizzjoni ġuridika possibbli tiegħu fid-dritt internazzjonali;

58. Jitlob, barra minn hekk, għal klawżola li tindika li dawn il-ftehimiet jistgħu jiġu sospiżi sakemm il-partijiet effettivament jagħtu garanziji biżżejjed għall-eżami individwali tat-talbiet għall-asil u, b'mod aktar ġenerali, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ta' dawk li jfittxu l-asil u r-refuġjati;

59. Ifakkar, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi rispettat il-prinċipju ta' non-refoulement fl-ibħra Ewropej u internazzjonali, kif ikkonfermat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE; ifakkar fl-impenn li jiġu żviluppati kanali adegwati ta' migrazzjoni legali u sikura filwaqt li jiġu pprotetti aħjar il-fruntieri esterni tal-UE; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi żviluppati terzi sabiex jikkonkludu ftehimiet ta' sħubija ma' pajjiżi oħrajn biex jiġu ffaċilitati r-riunifikazzjoni tal-familji u l-mobilità għal persuni fil-livelli kollha tal-ħiliet, inklużi dawk l-inqas kwalifikati;

60. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jimplimentaw bis-sħiħ il-pakkett komuni dwar l-ażil li l-UE adottat u l-leġiżlazzjoni komuni dwar il-migrazzjoni, partikolarment biex jitħarsu l-persuni vulnerabbli li jfittxu l-asil bħalma huma t-tfal, in-nisa, l-anzjani u l-persuni LGBTI, kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni waqt il-proċess tal-asil, u biex jipprovdu taħriġ xieraq għall-Istati Membri li jippermettu rikors xieraq u raġonevoli; jappella lill-Istati Membri biex jieħdu sehem fil-programmi ta' risistemazzjoni, li jagħti aċċess għal riunifikazzjoni tal-familja u l-għoti ta' viżi umanitarji; jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-ostakoli amministrattivi u politiċi għall-implimentazzjoni rapida tal-impenji ta' rilokazzjoni; jifhem li għandu jitwettaq ir-ritorn sikur għal dawk li, wara valutazzjoni individwali tal-applikazzjoni tagħhom għall-asil, mhumiex eliġibbli għal protezzjoni fl-Unjoni;

61. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd dejjem jikber ta' tfal refuġjati u dwar is-sitwazzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati, neqsin jew separati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmluha prijorità assoluta biex, b'mod rapidu, il-minorenni mhux akkumpanjati jiġu riunifikati ma' membri tal-familja; jenfasizza l-importanza li t-tfal ikollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni bħala parti minn programmi tal-UE biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni; jistieden lill-Istati biex itemmu d-detenzjoni tat-tfal, kif ukoll biex jieħdu kont tal-aħjar interess tat-tfal fil-proċeduri kollha u jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal skont id-dritt internazzjonali; jenfasizza l-importanza li jiġu allokati riżorsi adegwati għall-protezzjoni tat-tfal refuġjati u tal-migranti mill-vjolenza, l-isfruttar u l-abbuż; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-minuri mhux akkumpanjati ma jgħajbux, u biex titfassal strateġija biex jiġi evitat li, fil-futur, minorenni migranti mhux akkumpanjati jgħibu fit-territorju tal-UE u biex isibu t-tfal li għebu;

62. Jirrikonoxxi li matul il-vjaġġ u mal-wasla fil-pajjiż fejn qed ifittxu l-asil, il-persuni LGBTI li qed ifittxu l-asil spiss huma f'riskju ta' perikli addizzjonali, li jistgħu jieħdu l-forma ta' fastidju, esklużjoni, vjolenza sesswali jew forom oħra ta' vjolenza; ifakkar li għadd ta' pajjiżi terzi meqjusa bħala "siguri" għal dawk li jfittxu l-asil jiddiskriminaw kontra persuni LGBTI jew saħansitra jikkriminalizzaw l-omosesswalità; jenfasizza li gruppi vulnerabbli jeħtieġu salvagwardji addizzjonali, u jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-refuġjati LGBTI huma protetti skont id-dritt umanitarju internazzjonali;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

63. Jenfasizza l-importanza li jsir investiment f'miżuri preventivi, jiġifieri permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji ta' integrazzjoni u ta' inklużjoni soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati programmi speċifiċi ta' deradikalizzazzjoni u ta' riintegrazzjoni mmirati lejn dawk li jirritornaw;

64. Jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni problematika rigward ir-refuġjati fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja, u jqis li huwa importanti għall-UE li tagħmel dak kollu fis-setgħa tagħha biex tiżgura li r-refuġjati f'dawn il-pajjiżi jiġu garantiti kundizzjonijiet tal-għajxien diċenti, u, b'mod partikolari, aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u possibilitajiet ta' impjieg;

65. Jenfasizza s-sitwazzjoni drammatika tal-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs), speċjalment tal-għadd enormi ta' IDPs fl-Iraq u fis-Sirja, kif ukoll l-għadd dejjem jikber ta' IDPs fl-Ukrajna, li flimkien jammontaw għal 1,4 miljun fl-2015; jenfasizza li l-programmi dwar refuġjati f'reġjun għandhom jirrikonoxxu u jinkorporaw id-destin potenzjali tal-IDP ukoll; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jieħdu passi biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom fil-post u jiġi żgurat li l-persuni spostati jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni, ikel, kura tas-saħħa u edukazzjoni;

66. Ifakkar kif, skont iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ dwar l-Ispostament Intern (IDMC), 19,3 miljun persuna ġiet spostata fl-2015 biss b'riżultat ta' diżastri ambjentali; ifakkar li dan l-ispostament jikkonċerna b'mod partikolari r-reġjuni tan-Nofsinhar; jindika li 85 % ta' dawn l-ispostamenti jseħħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, primarjament f'pajjiż wieħed jew f'partijiet minn pajjiżi;

It-traffikar ta' persuni

67. Jistieden lill-UE tagħmel il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin prijorità fil-politiki esterni tagħha, li tindirizza kemm in-naħa tad-domanda, kif ukoll tal-provvista ta' dan il-fenomenu, biex tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-vittmi u biex tiżdied il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni ma' atturi rilevanti fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; itenni l-ħtieġa li l-Istati Membri kollha tal-UE jimplimentaw id-Direttiva 2011/36/UE u l-Istrateġija tal-UE għall-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin;

68. Ifakkar li n-netwerks kriminali qed jieħdu vantaġġ ta' iżjed pressjonijiet ta' migrazzjoni, tan-nuqqas ta' kanali ta' migrazzjoni sikuri u mill-vulnerabilità tal-migranti u r-refuġjati, b'mod speċjali n-nisa, il-bniet u t-tfal, sabiex jiġu suġġetti għat-traffikar tal-bnedmin, skjavitù u sfruttament sesswali;

69. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu attenzjoni għall-identifikazzjoni ta' refuġjati u migranti bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew vittmi ta' ksur u abbuż fil-kuntest ta' traffikar; jitlob, f'dan il-kuntest, għal taħriġ għall-gwardji tal-fruntiera biex jiżguraw l-identifikazzjoni preċiża, li hija fundamentali għall-applikazzjoni tad-drittijiet li għalihom huma legalment intitolati;

70. Jilqa' ż-żieda ta' riżorsi għall-operazzjonijiet Triton u Poseidon; josserva t-tnedija tal-Operazzjoni Sophia EUNAVFOR MED kontra l-kuntrabandisti u t-traffikanti fil-Mediterran, u jsostni t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni;

71. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom;

Ir-rabtiet bejn l-iżvilupp, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem

72. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar iż-żieda fil-faqar estrem u fl-inugwaljanza f'xi partijiet tad-dinja, li jipperikolaw it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jemmen li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt għall-iżvilupp huma intrinsikament marbuta ma' xulxin; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet soċjali u ekonomiċi u l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll il-paċi u s-sigurtà huma prerekwiżiti għall-qerda tal-faqar u tal-inugwaljanzi;

73. Jilqa' l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli jenfasizza li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-pajjiżi terzi għandha timmira li toħloq ambjent internazzjonali li jiffavorixxi t-twettiq tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, u jitlob għall-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tan-NU tal-1986 dwar id-dritt għall-iżvilupp; ifakkar fl-importanza kruċjali tal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, kif imnaqqax fl-Artikolu 208 tat-TFUE, fil-kisba tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE tiżgura li l-linji gwida neċessarji, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rappurtar jirriżultaw sabiex il-prinċipju tal-koerenza tal-politiki ikun ta' realtà fil-politiki tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; jemmen li l-implimentazzjoni tal-PCD, kif minquxa fl-Artikolu 208 tat-TFUE, u oqfsa tar-riżultati definiti b'mod ċar fl-istrumenti u l-mekkaniżmi kollha tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem huma kruċjali għat-twettiq tal-Aġenda 2030, biex tiġi żgurata l-inklużjoni tal-gruppi emarġinati u vulnerabbli, u jiġi integrat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem; jinsisti

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

fuq it-tisħiħ tal-koerenza u l-koordinazzjoni fost il-politiki u l-istrumenti esterni kollha tal-UE meta jiġi implimentat l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni fl-ambitu tas-setgħat tagħhom u f'konformità mal-impenji għall-iżvilupp li huma ħadu u mal-politiki tal-UE f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-użu ta' sett ta' għodda dwar l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fid-delegazzjonjiet u tipprovdi ħarsa ġenerali ta' din l-evalwazzjoni lill-Parlament;

74. Ifakkar fl-introduzzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-politika tal-iżvilupp tal-UE, bl-għan li jiġu integrati l-prinċipji dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet operattivi tal-UE għall-iżvilupp, biex b'hekk jiġu koperti arrangamenti fis-sede kif ukoll fil-qasam għas-sinkronizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivitajiet tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp; jappella għal aktar tixrid tas-sett ta' għodda dwar l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fost is-sħab tagħna, inkluż l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, u sabiex l-implimentazzjoni tiegħu tiġi mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni;

75. Jemmen li d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd għandhom jkunu fattur trasversali fil-kisba tal-għanijiet u l-miri kollha tal-Aġenda 2030; jappella biex jiġi stabbilit qafas inklużiv ta' indikaturi tal-SDGs, li jkun sensittiv għad-drittijiet tal-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet, fil-livell nazzjonali u internazzjonali, biex jiżgura trasparenza u responsabilità b'saħħithom f'dan ir-rigward, b'mod li r-riżorsi allokati għall-iżvilupp verament jaslu għand il-persuni fil-bżonn;

76. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-isfida globali tal-faqar u tal-mard relatat mal-malnutrizzjoni u mard li ġie traskurat; jappella għal strateġija politika fit-tul u ambizzjuża u pjan ta' azzjoni dwar is-saħħa fil-livell dinji, għall-innovazzjoni u l-aċċess għall-mediċini, li jinkludu fost oħrajn l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, biex b'hekk jiġi salvagwardjat id-dritt għal standard ta' ghajxien adegwat għas-saħħa u l-benesseri ta' kull bniedem, minghajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' razza, reliġjon, twemmin politiku, kundizzjoni ekonomika jew soċjali, l-identità tal-ġeneru jew l-orjentament sesswali;

77. Jinsab imħasseb dwar kwalunkwe attentat ta' użu ta' fondi li huma allokati għall-azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-faqar u t-trawwim tal-iżvilupp – li tagħti wkoll effett prattiku lill-politiki li l-għan aħħari tagħhom huwa li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem – għal skopijiet li mhumiex relatati mal-iżvilupp; jenfasizza li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha l-għan li telimina l-faqar, u mhux biss issir strument maħsub biex jikkontrolla l-migrazzjoni, u jfakkar l-importanza tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 dwar il-paċi, il-ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom għal titjib fid-drittijiet tal-bniedem u fil-governanza demokratika effettiva; jemmen li sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-għajnuna tal-UE u r-responsabilità tal-pajjiżi benefiċjarji, għandha tiġi introdotta klawżola kontra l-korruzzjoni fil-programmi kollha ta' żvilupp, u li l-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-kapaċitajiet istituzzjonali u l-użu tal-appoġġ baġitarju, il-parteċipazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod demokratiku u rappreżentattiv, l-istabilità, il-ġustizzja soċjali, u tkabbir inklużiv u sostenibbli, u ridistribuzzjoni ġusta tal-ġid, għandhom ikunu objettivi ewlenin tal-politiki esterni kollha tal-UE; iwissi kontra l-populiżmu, l-estremiżmu u l-abbużi kostituzzjonali li jilleġittimizzaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

78. Jinnota d-diskrepanza finanzjarja persistenti, minħabba ż-żieda fil-ħtiġijiet umanitarji, fir-rigward tal-għajnuna umanitarja, u n-nuqqasijiet tal-Programm Dinji tal-Ikel li rriżultaw fi tnaqqis tal-provvisti tal-ikel; jistieden lill-pajjiżi membri tan-NU, u lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha, biex bħala minimu, jonoraw l-impenji finanzjarji tagħhom; jinnota, f'dan ir-rigward, li ħafna Stati Membri tal-UE ma laħqux l-impenn ta' 0,7 % tal-PDG tagħhom għall-għajnuna għall-iżvilupp, iżda jilqa' l-impenn tal-UE fir-rigward tal-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, minħabba li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donaturi;

79. Jilqa' l-Pjan il-ġdid ta' Investiment Estern Ewropew (PIE) kif ukoll il-Fond Fiduċjarju għall-Afrika li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-faqar, l-inugwaljanzi u l-migrazzjoni irregolari billi jinħolqu tkabbir sostenibbli u impjiegi, u biex jinkoraġġixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-investiment privat fl-Afrika u l-Viċinat tal-UE; jitlob li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jintuża temporanjament fil-pajjiżi ġirien tal-UE sabiex jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tagħhom;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

80. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' kapitolu dwar l-iżvilupp fir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2015, u jitlob li din il-prattika tkun ġeneralizzata għas-snin li ġejjin;

Il-kummerċ, in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem

81. Jitlob għall-implimentazzjoni rapida, effikaċi u komprensiva tal-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; iħeġġeġ lill-istati membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali; iqis li l-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jmorru id f'id u li l-komunità kummerċjali għandha rwol importanti x'tiżvolġi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija;

82. Jafferma mill-ġdid il-bżonn urġenti ta' azzjoni kontinwa, effikaċi u koerenti fil-livelli kollha, inklużi fil-livelli nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, bl-għan li jiġu affrontati b'mod effikaċi l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-korruzzjoni kommessi mill-kumpaniji internazzjonali meta jfeġġu, u li jiġi żgurat li dawn jerfgħu r-responsabilità tagħhom, inkluż li jiġu indirizzati l-problemi ġuridiċi li jirriżultaw mid-dimensjoni extraterritorjali tal-kumpaniji u tal-imġiba tagħhom;

83. Jistieden lin-NU, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw kwistjonijiet mal-intrapriżi multinazzjonali u Ewropej dwar ħtif tal-art u dwar it-trattament ta' difensuri tad-drittijiet tal-art, li spiss huma vittmi ta' rappreżalji, inkluzi theddid, fastidju, arrest arbitrarju, attakki u qtil;

84. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma li nbdiet fit-tħejjija ta' Trattat vinkolanti tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; jiddeplora kull ostruzzjoniżmu f'dan il-proċess u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod kostruttiv f'dawn in-negozjati;

85. Ifakkar fir-rwoli differenti iżda komplementari tal-Istati u tal-kumpaniji fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jerġa' jtenni bis-sħiħ li, fejn isir ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-Istati għandhom jagħtu lill-vittmi l-aċċess għal rimedju effettiv; ifakkar, f'dan il-kuntest, li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-pajjiżi terzi, inklużi l-garanziji ta' rimedju effettiv għall-vittmi kollha ta' tali abbużi, jikkostitwixxi element essenzjali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE ma' dawn il-pajjiżi; jilqa' l-fatt li l-UE kellha rwol ewlieni fin-negozjati u fl-implimentazzjoni ta' numru ta' inizjattivi ta' responsabilità globali li jmorru id f'id mal-promozzjoni u mar-rispett tal-istandards internazzjonali; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, adottati fl-20 ta' Ġunju 2016 u l-fatt li huma qed jitolbu li l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (PAN) dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem jinkludu l-aċċess għal rimedju;

86. Itenni li jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-karatteristiċi speċjali tal-SMEs, li joperaw prinċipalment fil-livell lokali jew reġjonali f'setturi partikolari; iqis li huwa essenzjali, għalhekk, li l-politiki tal-Unjoni dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji, jikkunsidraw sewwa l-ħtiġijiet essenzjali tal-SMEs, bi qbil mal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir", u jirrikonoxxu l-approċċ informali u intuwittiv tal-SMEs fil-konfront tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji; jesprimi l-oppożizzjoni tiegħu għal kull miżura li tista' tikkawża piżijiet amministrattivi jew finanzjarji addizzjonali għall-SMEs, filwaqt li juri l-appoġġ tiegħu favur miżuri li jħallu lill-SMEs jieħdu azzjonijiet konġunti;

87. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu koerenza fil-politiki fil-qasam tan-negozju u tad-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha, partikolarment fir-rigward tal-politika kummerċjali tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrapportaw regolarment dwar il-passi meħuda biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest ta' attività kummerċjali;

88. Itenni s-sejħa qawwija tiegħu għall-introduzzjoni sistematika ta' klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali kollha, inklużi fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment konklużi jew li għandhom iridu jiġu konklużi, bejn l-UE u pajjiżi terzi; iqis, barra minn hekk, li hemm il-bżonn li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ *ex ante* ta' qabel ma jiġi konkluż ftehim qafas, u li jikkundizzjonaw il-konklużjoni ta' tali bħala karatteristika fundamentali tal-ftehim, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' kontroll *ex post*, jippermettu li tittieħed azzjoni tanġibbli fil-każ ta' ksur ta' dawn il-klawżoli, bħal sanzjonijiet xierqa kif stipulati fil-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-ftehim, inkluża s-sospensjoni (temporanja) tal-ftehim;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

89. Jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi mmirati lejn l-iżgurar tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mill-istati u mill-kumpaniji, u għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' lmenti għal persuni li jsir ksur tad-drittijiet tagħhom minn ftehimiet kummerċjali u ta' investiment;

90. Jinnota l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2016 li temenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 dwar il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju (COM(2016)0616), li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kontroll minħabba l-fatt li ċerti oġġetti u teknoloġiji jistgħu jintużaw ħażin biex jitwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

91. Jilqa' l-ftehim biex jiġu aġġornati l-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE fir-rigward ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura u trattament jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti, u jitlob għall-implimentazzjoni effettiva u sħiħa ta' din il-leġiżlazzjoni ewlenija; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu lil pajjiżi terzi jikkunsidraw li jadottaw leġiżlazzjoni simili, kif ukoll biex iniedu inizjattiva biex jiġi promoss qafas internazzjonali dwar strumenti tat-tortura u l-piena kapitali; jilqa' l-inizjattiva marbuta mar-regolament li jistabbilixxi sistema ta' diligenza dovuta għall-katina ta' provvista għall-provenjenza responsabbli ta' minerali minn żoni milquta mill-kunflitti; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li taġġorna l-leġiżlazzjoni tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju; jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem bħala kriterju ta' liċenzji ta' esportazzjoni hija prijorità għall-Parlament Ewropew, u jitlob lill-Istati Membri biex jaqblu li jimxu lejn approċċ aktar modern, flessibbli u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-politika tal-esportazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jissorveljaw, b'mod aktar strett u b'aktar kontrolli bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-esportazzjoni ta' armi, partikolarment fil-każ ta' pajjiżi b'rekord ippruvat ta' repressjoni vjolenti u ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

92. Jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Kummissjoni "Kummerċ għal Kulħadd", li għandha l-għan li tintegra d-drittijiet tal-bniedem fil-politika kummerċjali u li tuża l-pożizzjoni tal-UE bħala blokk kummerċjali għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jenfasizza li dan se jeħtieġ il-konsistenza sħiħa u l-komplementarjetà tal-inizjattivi ta' politika kummerċjali u ta' politika estera, inkluża kooperazzjoni mill-qrib bejn id-Direttorati Ġenerali, is-SEAE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri; jinnota l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-diplomazija ekonomika Ewropea u jenfasizza li l-politika tal-kummerċ għandha tikkontribwixxi wkoll għat-tkabbir sostenibbli f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha mal-partijiet interessati kollha fid-diskussjoni dwar il-qafas regolatorju u l-obbligi kummerċjali f'pajjiżi fejn l-investiment privat u l-investiment pubbliku x'aktarx li se jiżdiedu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-proġetti appoġġati mill-BEI jkunu konformi mal-politiki tal-UE, u jirrakkomanda titjib tal-kontrolli ex-post għall-valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-proġetti appoġġati mill-BEI;

93. Jilqa' r-Regolament il-ġdid dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, bħala strument ewlieni tal-politika kummerċjali tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-governanza tajba f'pajjiżi li qed jiżviluppaw vulnerabbli; jilqa', b'mod partikolari, l-fatt li l-benefiċċji kummerċjali tal-SĠP+ huma minnhom infushom u legalment kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni kontinwa tal-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport biennali tal-Kummissjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-SĠP+, u d-djalogu preċedenti dwar dan ir-rapport mal-Parlament qabel ma ġie ppubblikat; jinnota li ġie rrappurtat ksur tal-istandards tax-xogħol ewlenin f'diversi pajjiżi bl-istatus tal-SĠP+, u jħeġġeġ sabiex jiġi implimentat l-infurzar effettiv tal-SĠP+; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibilitajiet li l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali jiġi inkluż fil-lista ta' konvenzjonijiet meħtieġa għall-istatus tal-SĠP+, u jistieden lill-applikanti tal-SĠP+ li mhumiex stati partijiet għall-Istatut biex jirratifikawh;

94. Jilqa' l-fatt li 14-il pajjiż ingħataw preferenzi kummerċjali partikolarment vantaġġużi taħt l-SĠP+ il-ġdida, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, u jilqa' wkoll il-konformità tant imħeġġa ma' 27 konvenzjoni internazzjonali (inklużi konvenzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol);

95. Itenni t-talba qawwija tiegħu għal valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem komprensivi u minn qabel, li b'mod sostantiv jieħdu kont tal-fehmiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment kollha;

96. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' linji gwida ġodda dwar l-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt għal inizjattivi ta' politika marbuta mal-kummerċ ([1]), iżda jinsab imħasseb serjament bil-kwalità tal-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibilità (VIS) tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti bejn l-UE u l-Myanmar, u bil-fatt li l-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt tad-

([1]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/july/tradoc_153591.pdf.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

drittijiet tal-bniedem għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam; itenni l-appoġġ tiegħu għal valutazzjoni komprensiva li trid issir bħala parti mill-evalwazzjoni *ex-post* ta' dawn il-ftehimiet;

L-isport u d-drittijiet tal-bniedem

97. Huwa mħasseb dwar il-fatt li pajjiżi bi storja ħażina fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jingħataw l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar, bħat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fir-Russja fl-2018 u fil-Qatar fl-2022, kif ukoll il-Logħob Olimpiku f'Beijing fl-2022, u dwar l-abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem ikkawżati minn avvenimenti sportivi kbar, inklużi l-iżgumbramenti sfurzati mingħajr konsultazzjoni jew kumpens tal-popolazzjonijiet ikkonċernati, l-isfruttament ta' gruppi vulnerabbli bħat-tfal u l-ħaddiema migranti, li jista' jammonta għal skjavitù, u t-trażżin ta' OSĊ li jiddenunzjaw tali ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Federazzjonijiet tal-Futbol (FIFA) biex jallinjaw il-prattiki tagħhom mal-ideali sportivi billi jistabbilixxu mekkaniżmi ta' salvagwardja sabiex jevitaw, jissorveljaw u jipprovdu rimedju għal kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta ma' avvenimenti sportivi kbar; jappella għall-iżvilupp ta' qafas ta' politika tal-UE dwar l-isport u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jidħlu fi djalogu mal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, mal-atturi korporattivi u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti bħal dawn;

Il-persuni b'diżabilità

98. Jilqa' l-Objettivi l-ġodda 12 u 16, speċjalment is-subpunt 16f, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) titqajjem b'mod sistematiku fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; jinnota li teħtieġ li tiġi kkunsidrata n-natura speċifika tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità fil-kuntest tal-isforzi favur in-nondiskriminazzjoni; iħeġġeġ l-eżami bir-reqqa tal-effikaċja tal-proġetti relatati mad-diżabilità, u tal-involviment xieraq tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti;

99. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom libertà tal-moviment ġenwina fl-ispazji pubbliċi u b'hekk ikollhom opportunitajiet ugwali biex jipparteċipaw fil-ħajja pubblika;

100. Iħeġġeġ bil-qawwa l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabilità fl-azzjonijiet u l-politiki esterni kollha tal-UE, speċjalment fil-politiki tal-migrazzjoni u tar-refuġjati tal-UE, filwaqt li tingħata reazzjoni xierqa għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, minħabba li jsofru minn diskriminazzjoni multipla; ifakkar li n-nisa u t-tfal b'diżabilità jesperjenzaw diskriminazzjoni multipla u ta' spiss ikunu f'riskju ikbar li jsofru vjolenza, abbuż, trattament ħażin jew sfruttament; jappoġġa bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fl-istrateġiji kollha tal-UE dwar id-diżabilità, inkluż fl-azzjonijiet u l-politiki esterni tagħha;

101. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ tkompli tappoġġa l-proċess ta' ratifika u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità min-naħa ta' dawk il-pajjiżi li s'issa għadhom ma rratifikawhiex jew li għadhom ma implimentawhiex; jinnota li l-UE għandha tmexxi bl-eżempju permezz tal-implimentazzjoni nazzjonali effettiva tal-UN CRPD; jistieden lill-UE tieħu rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni ta' Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli inklużiva li tiżgura li ħadd ma jibqa' lura, kif rakkomandat mill-Kumitat CRPD fl-Osservazzjonijiet Konklużivi tar-rieżami tiegħu tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-UE;

Id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal

102. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016-2020) li jipprovdi lista komprensiva ta' azzjonijiet biex tittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa b'rabta mad-drittijiet indaqs u l-awtonomizzazzjoni; jenfasizza li dan għandu jiġi implimentat flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tan-nisa jiġu rikonoxxuti bħala tali; jilqa' wkoll l-adozzjoni tal-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016-2019), li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja; itenni li d-drittijiet tan-nisa ma jistgħux jiġu kompromessi f'isem projbizzjonjiiet speċifiċi imposti minn kwalunkwe reliġjon jew twemmin; jitlob li l-UE tintensifika l-appoġġ tagħha favur l-implimentazzjoni tal-obbligi u tal-impenji fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa li joħorġu mill-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), mill-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, mid-Dikjarazzjoni tal-Kajr dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u r-rieżamijiet tal-eżiti tagħhom, u mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jisħaq dwar l-importanza li ma jiġix imminat l-acquis tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u tal-Kajr fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u s-saħħa bħala dritt bażiku tal-bniedem, u l-protezzjoni tad-drittijiet

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

sesswali u riproduttivi, u li jiġi żgurat li tingħata l-assistenza medika u psikoloġika sikura meħtieġa lin-nisa vittmi ta' stupru waqt gwerra, inklużi aborti sikuri, kif previst mid-Dritt Umanitarju Internazzjonali; jindika li l-ippjanar tal-familja, is-saħħa materna, l-aċċess faċli għall-kontraċezzjoni u aborti sikuri, u l-firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva huma elementi importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nisa, kif ukoll biex titnaqqas il-mortalità materna u tat-trabi; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-politiki jitpoġġew fil-qalba tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi; jenfasizza li l-ħarsien tad-drittijiet tan-nisa kollha, u l-ħarsien tar-rispett tad-dinjità umana tagħhom, u l-eliminazzjoni tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontrihom huma essenzjali għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jenfasizza d-dritt ta' kull individwu li jiddeċiedi b'mod liberu dwar kwistjonijiet marbutin mas-sesswalità u mas-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, li d-drittijiet inaljenabbli tan-nisa għal teħid ta' deċiżjonijiet b'mod awtonomu, inkluż dwar l-aċċess għall-ippjanar tal-familja;

103. Jafferma mill-ġdid il-kundanna tiegħu tal-forom kollha ta' abbuż u vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, u tal-vjolenza sessista, inklużi l-prattiki dannużi ta' żwiġijiet bikrin u sfurzati, il-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), l-isfruttament u l-iskjavitù, il-vjolenza domestika, kif ukoll l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra; iqis li l-vjolenza kontra n-nisa tiġi espressa wkoll b'mod psikoloġiku, u jenfasizza l-bżonn li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet tal-ġeneru li, *inter alia*, jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fl-għajnuna umanitarja, u jinkorporaw l-istrateġiji ta' protezzjoni kontra l-vjolenza sesswali u sessista, kif ukoll miżuri tas-saħħa bażiċi inklużi servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva; jenfasizza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu mhux biss jiġġieldu kontra kull tip ta' vjolenza mwettqa kontra n-nisa, iżda jridu wkoll, bħala kwistjoni ta' prijorità, jippromwovu l-aċċess għall-edukazzjoni u jiġġieldu kontra l-isterjotipi bbażati fuq il-ġeneru għall-bniet u s-subien minn età bikrija; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jirratifikaw malajr il-Konvenzjoni ta' Istanbul, sabiex tiġi żgurata koerenza bejn l-azzjoni interna u dik esterna tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza sessista; jilqa' l-proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2016 biex l-UE taderixxi għall-Konvenzjoni ta' Istanbul, li hija l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti favur il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; jemmen li dan se jwassal għal aktar effikaċja u koerenza fil-politiki interni u esterni tal-UE, u se jsaħħaħ ir-responsabilità u r-rwol tal-UE fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza sessista fil-livell internazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu l-almu tagħhom sabiex l-UE tkun tista' tiffirma u tikkonkludi l-Konvenzjoni, filwaqt li jħeġġu wkoll lill-14-il Stat Membru li għadhom m'għamlux dan biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul u jiżguraw li l-Konvenzjoni tiġi implimentata kif suppost; jinnota l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa, il-forzi tal-pulizija, il-prosekuturi, l-imħallfin, id-diplomatiċi u l-attivisti favur iż-żamma tal-paċi, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi, ikunu mħarrġa kif xieraq biex jgħinu u jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza, speċjalment in-nisa u t-tfal, f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u operazzjonijiet fuq l-art;

104. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta man-nisa u l-bniet fil-kampijiet tar-refuġjati u ċ-ċentri ta' akkoljenza, inklużi l-każijiet rappurtati ta' vjolenza sesswali u inugwaljanza fit-trattament tan-nisa u t-tfal; jitlob lis-SEAE jinsisti favur regoli aktar stretti u prattiki tajbin f'pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa ta' aċċess għall-kura tas-saħħa u psikoloġika għan-nisa u t-tfal li jisfaw vittmi ta' abbuż f'kunflitti, b'konformità mad-dritt internazzjonali, u l-ħtieġa ta' kontinwità fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fil-provvista tal-ikel tat-tfal fil-kampijiet tar-refuġjati, fiż-żoni ta' kunflitt, fiż-żoni milquta minn faqar estrem u fiż-żoni b'kundizzjonijiet ambjentali estremi;

105. Jinnota li l-miżuri biex tiġi ttrattata l-vjolenza sessista għandhom jindirizzaw ukoll il-vjolenza fuq l-internet, inkluż il-fastidju, il-bullying u l-intimidazzjoni, u għandhom jaħdmu biex joħolqu ambjent online sikur għan-nisa u l-bniet;

106. Jilqa' l-adozzjoni, u jappoġġa l-implimentazzjoni, tar-riżoluzzjoni 2242 reċenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tpoġġi lin-nisa bħala komponent ċentrali f'kull sforz biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, u jappella għal aktar sforzi biex jiġu integrati l-aġendi dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà fid-dimensjonijiet differenti kollha taż-żamma tal-paċi; jisħaq dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa u attiva tan-nisa fil-prevenzjoni u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fin-negozjati ta' paċi kif ukoll fil-proċess tal-konsolidament tal-paċi; jirrakkomanda li tiġi introdotta sistema ta' kwoti sabiex jiġi pprovdut mezz ta' promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli politiċi kollha;

107. Jiddispjaċih ħafna li n-nies Rom, u b'mod partikolari n-nisa Rom, għadhom ibatu minn diskriminazzjoni mifruxa u anti-Żingariżmu, u dan jalimenta ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ, l-esklużjoni, is-segregazzjoni u l-emarginazzjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tan-nies Rom billi jiżguraw id-dritt għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, għall-impjieg, għall-akkomodazzjoni u għall-protezzjoni soċjali;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

108. Jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isfera politika u n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi, peress li dan idgħajjef id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; iqis li l-gvernijiet għandhom jimmiraw għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċessi ta' bini u għaż-żamma tad-demokrazija, u għandhom jiġġieldu kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fi ħdan is-soċjetà; jenfasizza li r-rapporti tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali joffru linji gwida preċiżi għad-djalogu politiku tal-UE ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li tittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess elettorali u fil-ħajja demokratika tal-pajjiż;

109. Jiddeplora l-fatt li xi pajjiżi għadhom jillimitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet;

110. Jiddeplora l-fatt li n-nisa madwar id-dinja għadhom jiffaċċjaw sfidi enormi biex isibu u jżommu impjiegi diċenti, kif jixhed ir-rapport tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) "Women at work 2016" (In-nisa fuq ix-xogħol 2016);

111. Jiddispjaċih li s-saqaf tal-ħġieġ għan-nisa fin-negozju, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u l-iskoraġġiment soċjetali ta' intraprenditorija femminili għadhom fenomeni globali; jitlob inizjattivi li jawtonomizzaw lin-nisa, speċjalment fl-oqsma tal-impjieg indipendenti u l-SMEs;

112. Ifakkar li l-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali u l-mikrokreditu huma għodod essenzjali għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

113. Iħeġġeġ lin-nisa biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-għaqdiet tal-ħaddiema u organizzazzjonijiet oħra, peress li dan jgħin ħafna biex jintroduċi aspetti tal-ġeneru fil-kundizzjonijiet tax-xogħol;

114. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiffokaw fuq l-emanċipazzjoni ekonomika u politika tan-nisa fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, billi jippromwovu l-involviment tagħhom fil-kumpaniji u fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp reġjonali u lokali;

115. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw sistema ta' bbaġitjar skont il-ġeneru fil-fondi kollha rilevanti tal-UE;

116. Jitlob li jkun hemm investiment fin-nisa u ż-żgħażagħ, peress li dan huwa mezz effikaċi biex jiġi miġġieled il-faqar, u l-faqar tan-nisa b'mod partikolari;

117. Huwa mħasseb ħafna li t-theddida li qed tikber malajr ta' reżistenza għall-anitmikrobiċi (AMR) mistennija ssir l-akbar kawża ta' mewt fid-dinja, li tivvittimizza partikolarment lill-persuni vulnerabbli u lill-persuni dgħajfa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mingħajr dewmien strateġija verament effettiva għas-saħħa pubblika;

Id-drittijiet tat-tfal

118. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti għar-ratifikazzjoni universali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokolli Fakultattivi tagħha, jitlob li l-UE tikkonsulta b'mod sistematiku, mal-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali favur id-drittijiet tat-tfal, u tqajjem, fid-djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, il-kwistjoni tal-obbligi tal-Istati Partijiet li jimplimentaw il-Konvenzjoni; jilqa' r-ratifika tal-Konvenzjoni mis-Sudan t'Isfel u s-Somalja; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ biex jesploraw modi u mezzi kif l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

119. Jitlob li l-UE tkompli tippromwovi s-sett ta' għodod għad-Drittijiet tat-Tfal tal-UE u l-UNICEF "Integrating Child Rights in Development Cooperation" (L-Integrazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) permezz tad-Delegazzjonijiet esterni tagħha, u li tħarreġ il-persunal tad-Delegazzjonijiet tal-UE b'mod adegwat f'dan il-qasam; jenfasizza l-problema serja ta' tfal mhux irreġistrati li jitwieldu 'l bogħod mill-pajjiż ta' oriġini tal-ġenituri tagħhom, kwistjoni partikolarment serja fir-rigward tar-refuġjati, u jistieden lill-UE biex tqajjem il-kwistjoni fid-djalogi politiċi tagħha ma' pajjiżi terzi, meta dan ikun rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politiki dwar, u tippromwovi fil-fora internazzjonali, il-protezzjoni tat-tfal ta' ġenituri li jkunu l-ħabs, sabiex tingħeleb id-diskriminazzjoni u l-istigmatizzazzjoni tagħhom; jenfasizza li miljuni ta' tfal għadhom isofru malnutrizzjoni, b'numri kbar li qed jiffaċċjaw konsegwenzi irriversibbli u fit-tul

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

u saħansitra l-mewt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-komunità internazzjonali biex jintroduċu modi innovattivi biex jindirizzaw il-malnutrizzjoni b'mod effettiv, b'mod partikolari fost it-tfal, permezz tal-ikbar użu possibbli tal-katina alimentari kollha, u għalhekk bl-inklużjoni tas-sħubijiet pubbliċi-privati-ċittadini (PPPPs), u r-riżorsi disponibbli l-oħra kollha, b'mod partikolari l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali;

120. Jesprimi l-ħtieġa ta' assistenza internazzjonali fl-isforzi biex jinstabu u jinħelsu n-nisa u t-tfal li għadhom maqbuda mid-Da'esh u minn gruppi terroristiċi u organizzazzjonijiet paramilitari oħra, u fil-promozzjoni ta' programmi speċjali għat-trattament ta' ex priġunieri fl-UE u madwar id-dinja; jesprimi tħassib dwar ir-reklutaġġ tat-tfal u l-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet terroristiċi u militari; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita politika biex tiggwida t-tiftix, il-ħelsien, ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawn it-tfal; jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġu promossi politiki favur id-diżarm, ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tas-suldati tfal; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni u Strateġija għad-Drittijiet tat-Tfal komprensiva għall-ħames snin li ġejjin, sabiex tagħti prijorità lid-drittijiet tat-tfal fi ħdan il-politiki esterni u interni tal-UE, u biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi biex tiżgura l-aċċess tat-tfal għall-ilma, is-sanità, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, inkluż fiż-żoni ta' kunflitt u fil-kampijiet tar-refuġjati;

Id-drittijiet tal-anzjani

121. Jilqa' l-Objettiv 16 g tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019 li għandu l-għan li jżid is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni anzjani; jinsab imħasseb dwar l-effetti negattivi ta' diskriminazzjoni abbażi tal-età; jenfasizza l-isfidi partikulari li l-persuni anzjani jiffaċċjaw fit-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, bħal meta jaċċessaw il-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jużaw ir-rieżami attwali tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ, biex tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-istrumenti eżistenti u jiġu identifikati l-lakuni potenzjali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikunu involuti b'mod attiv fil-Grupp ta' Ħidma miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ u biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet ta' persuni akbar fl-età, inkluż billi jikkunsidraw l-elaborazzjoni ta' strument ġuridiku ġdid;

Drittijiet tal-bniedem ta' persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI)

122. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI; jikkundanna bil-qawwa ż-żieda riċenti ta' liġijiet diskriminatorji u atti ta' vjolenza kontra individwi abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità tal-ġeneru u tal-karatteristiċi tas-sess tagħhom, u l-fatt li 73 pajjiż għadhom jikkriminalizzaw l-omosesswalità (inkluż b'akkużi ta' "debuxxar" kontra persuni LGBTI), li minnhom 13-il pajjiż ([1]) jippermettu l-piena tal-mewt, filwaqt li 20 pajjiż għadhom jikkriminalizzaw l-identitajiet transġeneri; jesprimi tħassib qawwi dwar l-hekk imsejħa "liġijiet ta' propaganda" li għandhom l-għan li jillimitaw il-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda tal-persuni LGBTI, u ta' dawk li jappoġġaw id-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Istati kollha b'tali liġijiet biex jirtiraw dawn id-dispożizzjonijiet; jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fir-restrizzjonijiet, u l-kondizzjonijiet operattivi diffiċili fir-rigward tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni ta' gruppi LGBTI u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u avvenimenti u protesti bħal Pride marches, fejn f'xi każijiet id-dimostranti ntlaqgħu b'reazzjonijiet vjolenti min-naħa tal-awtoritajiet; jafferma mill-ġdid ir-rwol kruċjali ta' dawn il-libertajiet fundamentali fil-funzjonament tas-soċjetajiet demokratiċi, kif ukoll ir-responsabilità tal-Istati li jiżguraw li dawn id-drittijiet jitħarsu u li dawk li jeżerċitawhom ikunu protetti; jitlob li s-SEAE jagħti prijorità u jsaħħaħ l-azzjonijiet tiegħu f'pajjiżi bi prevalenza ta' vjolenza, qtil, abbuż u diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI, billi jikkundanna dawn il-prattiki b'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt u l-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, u billi jkompli jaħdem mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-qasam; jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI permezz ta' appoġġ u riżorsi ulterjuri għal programmazzjoni effettiva, permezz tat-tnedija ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, iffinanzjati wkoll permezz tal-EIDHR, tal-pubbliku ġenerali dwar id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra persuni LGBTI, u billi jiġi żgurat l-għoti ta' assistenza ta' emerġenza lil dawk fi bżonn ta' dan l-appoġġ; jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-istituzzjonijiet rilevanti jippromwovu b'mod attiv dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

([1]) L-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda, in-Niġerja, is-Somalja, il-Mauritania, is-Sudan, Sierra Leone, il-Jemen, l-Afganistan, il-Pakistan, il-Qatar, l-Iran u l-Maldivi.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

123. Jilqa' l-Linji Gwida tal-Kunsill Affarijiet Barranin għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI, adottati fl-24 ta' Ġunju 2013; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jinsistu favur approċċ aktar strateġiku u sistematiku rigward l-implimentazzjoni tal-linji gwida, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni u tat-taħriġ tal-persunal tal-UE f'pajjiżi terzi, sabiex b'hekk iqajmu l-kwistjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTI fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, u f'fora multilaterali; jenfasizza l-importanza li l-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha disponibbli b'mod wiesa' għal persuni LGBTI; jappella għal azzjonijiet konkreti biex tiżdied il-koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE dwar id-drittijiet ta' persuni LGBTI;

124. Jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkontribwixxu ulterjorment għar-rikonoxximent taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess jew ta' unjonijiet ċivili bejn persuni tal-istess sess bħala kwistjoni politika, soċjali u tad-drittijiet ċivili u tal-bniedem; jilqa' l-fatt li numru dejjem akbar ta' pajjiżi jirrispettaw id-dritt li wieħed jibni familja permezz ta' żwieġ, sħubija ċivili u adozzjoni mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu proposti għar-rikonoxximent reċiproku ta' dawn l-unjonijiet u ta' familji tal-istess sess madwar l-UE sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali fir-rigward tax-xogħol, tal-moviment liberu, tat-tassazzjoni u tas-sigurtà soċjali, u jiġi protett id-dħul tal-familji u t-tfal;

Drittijiet ta' popli indiġeni u ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi

125. Jinsab imħasseb ħafna minħabba li l-popli indiġeni għadhom f'periklu partikolari li ssir diskriminazzjoni kontrihom, u huma partikolarment vulnerabbli għall-bidliet u t-taqlib politiċi, ekonomiċi, ambjentali u marbuta max-xogħol; jinnota li l-parti l-kbira tagħhom jgħixu taħt is-soll tal-faqar u għandhom ftit jew xejn aċċess għal sistemi ta' rappreżentanza u teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, bi ksur tad-dritt tagħhom għal kunsens ħieles, minn qabel u infurmat, kif żgurat fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u kif rikonoxxut fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp 2005; huwa partikolarment imħasseb dwar ir-rapporti ta' abbużi mifruxa u li qed jikbru tad-drittijiet tal-bniedem kontra popli indiġeni, bħall-persekuzzjoni, l-arresti arbitrarji u l-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u l-ispostamenti furzati, il-ħtif tal-art u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn intrapriżi jew kumpaniji;

126. Jinnota bi tħassib kbir li l-popli indiġeni huma partikolarment milqutin minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatat mal-estrazzjoni ta' riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jappoġġaw inizjattivi u oqfsa legali rigorużi mmirati lejn l-iżgurar tat-trasparenza u l-governanza tajba fis-settur tal-estrazzjoni u f'setturi ta' riżorsi oħra, u għaldaqstant ir-rispett tal-kunsens liberu, minn qabel u informat tan-nies lokali u tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni; jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex ikomplu jsaħħu d-djalogu ma' popli indiġeni fil-post sabiex jidentifikaw u jipprevjenu l-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

127. Jenfasizza li peress li l-komunitajiet minoritarji għandhom ħtiġijiet speċifiċi, l-ugwaljanza sħiħa u effikaċi bejn il-persuni li jappartjenu għal minoranza u dawk li jappartjenu għall-maġġoranza għandha tiġi promossa f'kull qasam tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' tkabbir;

Id-drittijiet ta' persuni milquta minn diskriminazzjoni abbażi tal-kasti

128. Jikkundanna l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni li jsofru ġerarkiji ta' kasti u diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti, inklużi ċ-ċaħda tal-ugwaljanza u ta' aċċess għas-sistema legali u għax-xogħol, u s-segregazzjoni li għadha għaddejja u l-ostakli indotti mill-kasti għall-kisba tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u tal-iżvilupp; jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rata allarmanti ta' attakki vjolenti abbażi tal-kasti kontra d-Dalits u ta' diskriminazzjoni istituzzjonalizzata b'impunità; itenni t-talba tiegħu għall-iżvilupp ta' politika tal-UE dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasti, u jitlob lill-UE tuża kull opportunità biex tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasti;

Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) / ġustizzja tranżizzjonali

129. Ifakkar fl-universalità tal-QKI u jtenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tagħha; jenfasizza r-rwol importanti li taqdi biex tintemm l-impunità għal min iwettaq l-aktar delitti gravi li huma ta' tħassib għall-komunità internazzjonali u biex tagħmel ġustizzja mal-vittmi ta' delitti tal-gwerra, ta' delitti kontra l-umanità u ta' ġenoċidju; jibqa' attent rigward ta' kwalunkwe tentattiv biex tiġi imminata l-leġittimità jew l-indipendenza tal-QKI;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

130. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 li tappella lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jappoġġaw riferiment tal-Kunsill tas-Sigurtà lill-QKI biex tinvestiga ksur imwettaq fl-Iraq u fis-Sirja mill-hekk imsejjaħ "ISIS/Da'esh kontra l-Insara (Kaldej/Sirjaċi/Assirjani), il-Yazidi u minoranzi reliġjużi u etniċi oħra;

131. Jilqa' d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Ukrajna, fejn taċċetta l-ġuriżdizzjoni tal-QKI għad-delitti mwettqa fil-pajjiż sa mill-20 ta' Frar 2014, peress li din id-dikjarazzjoni twitti t-triq biex il-prosekutur tal-QKI jikkunsidra jekk il-qorti tistax tinvestiga l-abbużi mwettqa matul il-kunflitt armat, anki jekk l-Ukrajna għadha mhux pajjiż membru tal-QKI;

132. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ tal-UE għall-ġustizzja tranżizzjonali, u jilqa' l-Qafas ta' Politika tal-UE dwar appoġġ għall-ġustizzja tranżizzjonali, fejn l-UE hija l-ewwel organizzazzjoni reġjonali li adottat tali politika; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lir-Rappreżentanti Speċjali tagħha jippromwovu b'mod attiv il-QKI, l-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħha u l-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti elenkati fl-Istatut ta' Ruma, u jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li diversi mandati ta' arrest għadhom ma ġewx eżegwiti; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkooperaw mal-Qorti, u jkomplu jagħtu appoġġ politiku u diplomatiku qawwi favur l-isforzi għat-tisħiħ u l-espansjoni tar-relazzjoni bejn il-QKI u n-NU, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u biex jieħdu passi biex jipprevjenu u jirreaġixxu b'mod effettiv fir-rigward tal-istanzi ta' nonkooperazzjoni mal-QKI; itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tadotta pożizzjoni komuni dwar id-delitt ta' aggressjoni u dwar l-Emendi ta' Kampala, u jistieden lill-Istati Membri biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Emendi ta' Kampala, u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-Qorti; jiddeplora l-atteġġament ta' sfida fil-konfront tal-QKI muri minn diversi pajjiżi permezz tal-irtirar jew permezz ta' theddid ta' rtirar mill-ġurisdizzjoni tal-QKI;

133. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE dwar il-Ġustizzja Internazzjonali u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali biex dawn is-suġġetti jingħataw il-prominenza u l-viżibilità li jistħoqqilhom, biex l-aġenda tal-UE tiġi promossa b'mod effettiv u biex l-impenn tal-UE favur il-ġlieda kontra l-impunità u favur il-QKI jiġi integrat fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE;

134. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jipprovdu lill-QKI b'finanzjament adegwat u biex isaħħu l-appoġġ tagħhom favur is-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, inkluża l-ġustizzja tranżizzjonali;

Id-dritt umanitarju internazzjonali

135. Jikkundanna n-nuqqas ta' rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali, u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rata dejjem tiżdied b'mod allarmanti ta' ħsara kollaterali f'kunflitti armati madwar id-dinja, u ta' attakki fatali kontra sptarijiet, skejjel, konvojs umanitarji u kontra miri ċivili oħrajn; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-influwenza dejjem akbar tal-azzjonijiet ta' atturi mhux statali f'kunflitti madwar id-dinja, u jħeġġeġ lill-UE biex tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex ittejjeb il-konformità tal-atturi statali u mhux statali mad-dritt umanitarju internazzjonali; jilqa' l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) biex jappoġġaw bis-sħiħ it-twaqqif ta' mekkaniżmu effikaċi għat-tisħiħ tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, u jitlob lill-VP/RGħ biex tirrapporta lill-Parlament dwar l-objettivi u l-istrateġija mfassla sabiex iwettqu dan l-impenn; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tlaqqa' konferenza internazzjonali biex tipprepara għal mekkaniżmu internazzjonali ġdid ta' monitoraġġ u ġbir ta' data, u biex għar-rappurtar pubbliku dwar il-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi attakki fuq sptarijiet, ħaddiema mediċi u ambulanzi; hu tal-fehma li tali mekkaniżmu jista' jibni fuq il-mekkaniżmu eżistenti għat-tfal affettwati mill-kunflitti armati (CAAC); jitlob lill-VP/RGħ biex tippreżenta, fuq bażi annwali, lista pubblika ta' awturi allegati ta' attakki fuq skejjel u sptarijiet, sabiex tiddefinixxi l-azzjoni tal-UE xierqa biex jiġu mwaqqfa dawn l-attakki;

136. Jiddeplora l-fatt li seba' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw projbizzjoni globali fuq l-użu tal-fosforu abjad, b'mod partikolari permezz tal-konklużjoni ta' protokoll ġdid għall-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali li jipprojbixxi l-użu ta' tali armi;

137. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw l-istrumenti prinċipali tad-dritt umanitarju internazzjonali u strumenti ġuridiċi rilevanti oħrajn li għandhom impatt fuq id-dritt umanitarju internazzjonali; jirrikonoxxi l-importanza tal-Linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, u jtenni l-istedina tiegħu lill-VP/RGħ u lis-SEAE biex jirrevedu l-implimentazzjoni tagħhom fid-dawl tal-avvenimenti traġiċi fil-Lvant Nofsani, partikolarment fil-kuntest ta' impunità mifruxa u sistematika għal ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE biex tappoġġa inizjattivi bl-għan li jinxtered l-għarfien tad-dritt umanitarju internazzjonali u ta' prattiki tajbin fl-applikazzjoni tiegħu, u jistieden lill-UE biex tisfrutta l-għodda bilaterali kollha għad-dispożizzjoni tagħha b'mod effikaċi għall-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

mis-sħab tagħha, inkluż permezz ta' djalogu politiku; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jingħaqdu l-isforzi internazzjonali biex jipprevjenu attakki kontra, u l-użu militari ta', skejjel minn atturi armati, billi japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Iskejjel Sikuri, li hija mfassla biex tgħin fil-waqfien tal-attakki militari mifruxa fuq skejjel waqt kunflitt armat;

138. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tlaqqa' konferenza internazzjonali bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effikaċja ta' regoli umanitarji internazzjonali;

139. Itenni l-istedina tiegħu lill-VP/RGħ biex tvara inizjattiva mmirata biex jiġi impost embargo tal-armi tal-UE kontra l-pajjiżi li jiġu akkużati b'allegazzjonijiet serji ta' ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, partikolarment fir-rigward tat-tqegħid fil-mira intenzjonat ta' infrastruttura ċivili; jenfasizza li l-fatt li qed ikompli jiġi liċenzjat il-bejgħ ta' armi lejn dawn il-pajjiżi jirrappreżenta ksur tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li jaċċettaw priġunieri ta' Gwantanamo fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jingħalaq il-ħabs tal-Bajja ta' Guantanamo malajr kemm jista' jkun;

Il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew tat-twemmin

140. Jikkundanna, f'konformità mal-Artikolu 10 TFUE, l-atti kollha ta' vjolenza u persekuzzjoni, nuqqas ta' tolleranza u diskriminazzjoni abbażi ta' ideoloġija, reliġjon jew twemmin; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rapporti kontinwi ta' vjolenza u persekuzzjoni, intolleranza u diskriminazzjoni kontra minoritajiet reliġjużi madwar id-dinja; jisħaq fuq il-fatt li d-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, u tar-reliġjon jew tat-twemmin huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, interrelatati ma' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali oħrajn u li jħaddnu d-dritt għal kull individwu li jemmen jew li ma jemminx, li jimmanifesta jew li ma jimmanifestax kwalunkwe reliġjon jew twemmin, u li jadotta, jibdel jew jabbanduna twemmin tal-għażla tiegħu jew jerġa' lura għalih, kif minqux fl-Artikolu 18 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimpenjaw ruħhom f'diskussjonijiet politiċi biex jirrevokaw il-liġijiet dwar atti blasfemi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-minoranzi jiġu rrispettati u protetti madwar id-dinja, inkluż fil-Lvant Nofsani, fejn il-minoranzi Yazidi, Insara u Musulmani u l-atei qed jiġu ppersegwitati mid-Da'esh u minn gruppi terroristiċi oħra; jiddeplora l-abbuż tar-reliġjon jew tat-twemmin għal finijiet terroristiċi;

141. Jappoġġa l-impenn tal-UE li tippromwovi d-dritt għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fi ħdan fora internazzjonali u reġjonali inklużi n-NU, l-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa u mekkaniżmi reġjonali oħrajn, u jinkoraġġixxi lill-UE tkompli tressaq ir-riżoluzzjoni annwali tagħha dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fil-livell tan-NU u tappoġġa l-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ u lis-SEAE jidħlu fi djalogu permanenti mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, mal-gruppi reliġjużi jew tat-twemmin u mal-mexxejja reliġjużi;

142. Jappoġġa bis-sħiħ il-prattika tal-UE li tmexxi r-riżoluzzjonijiet tematiċi fl-UNHRC u fl-AĠNU dwar il-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, iħeġġeġ lill-UE biex tappoġġa l-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, u jħeġġeġ lill-pajjiżi li bħalissa mhux qed jaċċettaw talbiet għal żjarat mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin biex jagħmlu dan;

143. Jitlob lill-UE tirrinforza l-istrumenti eżistenti tagħha, u tadotta kwalunkwe strument ieħor fl-ambitu tal-mandat tagħha, biex jiġi żgurat li l-protezzjoni tal-minoranzi reliġjużi hija effikaċi madwar id-dinja;

144. Jitlob li tittieħed azzjoni konkreta għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Libertà tar-Reliġjon jew tat-Twemmin, inkluż: taħriġ sistematiku u konsistenti tal-persunal tal-UE fis-Sede ċentrali u fid-Delegazzjonijiet; rappurtar dwar il-pajjiż u s-sitwazzjonijiet lokali; u l-impenn f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi lokali, speċjalment il-mexxejja ta' gruppi reliġjużi jew ta' twemmin;

145. Jinsab imħasseb ħafna li f'xi partijiet tad-dinja l-pożizzjoni ta' komunitajiet ta' reliġjon jew twemmin tinsab fil-periklu, fejn komunitajiet reliġjużi sħaħ jgħibu jew jaħarbu;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

146. Jenfasizza l-fatt li bħalissa l-Insara huma l-aktar grupp reliġjuż ffastidjat u intimidat f'pajjiżi madwar id-dinja, inkluż fl-Ewropa, fejn refuġjati Nsara regolarment jsofru persekuzzjoni reliġjuża motivata, u li wħud mill-eqdem komunitajiet Insara huma fil-periklu li jgħibu, speċjalment fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani;

147. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali u lill-UE biex jipprovdu protezzjoni lill-minoranzi u biex jistabbilixxu żoni sikuri; jitlob ir-rikonoxximent, l-amministrazzjoni awtonoma u l-protezzjoni ta' minoranzi etniċi u reliġjużi li qed jgħixu f'żoni fejn storikament kellhom preżenza qawwija u għexu fil-paċi maġenb xulxin – pereżempju fuq il-muntanji Sinjar (Yazidi) u l-pjanuri ta' Nineveh (il-popli Kaldej-Sirjani-Assirjani); jitlob għal għajnuna speċjali fl-isforzi biex jiġu preservati oqbra (tal-massa) f'żoni ta' kunflitti attwali jew riċenti, bl-għan li jiġu eżumati u analizzati b'mod forensiku kwalunkwe fdalijiet tal-bniedem li baqa' fihom, sabiex jippermettu d-dfin deċenti, jew l-għoti tal-fdalijiet tal-vittmi lill-familja; jitlob li jiġi stabbilit fond apposta li jista' jgħin biex jiffinanzja inizjattivi biex jippreservaw il-provi, sabiex jippermetti investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' każijiet suspettati ta' reati kontra l-umanità; jitlob għal azzjonijiet mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu, bħala kwistjoni ta' urġenza, grupp ta' esperti biex jiġbor il-provi kollha ta' kull reat internazzjonali li jkun għaddej, inkluż il-ġenoċidju, kontra minoranzi reliġjużi u etniċi, kull fejn iseħħu, inklużi l-preservazzjoni ta' oqbra tal-massa f'żoni ta' kunflitti attwali jew riċenti, bl-għan li titħejja prosekuzzjoni internazzjonali ta' dawk responsabbli;

Il-libertà ta' espressjoni online u offline, u permezz ta' sorsi awdjoviżivi u mezzi oħra

148. Jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma universali u għandhom jiġu difiżi globalment f'kull dimensjoni tal-manifestazzjoni tagħhom;

149. Jenfasizza r-rwol ta' libertà tal-espressjoni, l-indipendenza tal-midja u l-pluraliżmu bħala elementi fundamentali lejn id-demokrazija, u l-bżonn tal-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini kif ukoll tas-soċjetà ċivili biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabilità fis-settur pubbliku;

150. Jesprimi tħassib dwar iż-żieda ta' arresti u intimidazzjoni ta' ġurnalisti f'ħafna pajjiżi, u jenfasizza li dawn il-prattiki jfixklu serjament il-libertà tal-istampa; jħeġġeġ lill-UE u lill-komunità internazzjonali biex jipproteġu lill-ġurnalisti u lill-bloggers indipendenti, inaqqsu d-distakk diġitali u jiffaċilitaw aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni u aċċess mingħajr ċensura għall-internet (libertà diġitali);

151. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-proliferazzjoni u t-tifrix ta' teknoloġiji ta' monitoraġġ, sorveljanza, ċensura u filtraġġ, li jirrappreżentaw theddida dejjem tikber għall-attivisti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'pajjiżi awtokratiċi;

152. Jikkundanna bil-qawwa n-numru dejjem jiżdied ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jħabbtu wiċċhom ma' theddid diġitali, inkluża data kompromessa permezz ta' konfiska ta' tagħmir, is-sorveljanza remota u t-tixrid ta' data; jikkundanna l-prattika ta' hacking u ta' sorveljanza online biex tinġabar informazzjoni li tista' tintuża f'każijiet legali jew kampanji ta' malafama, kif ukoll f'kawżi ta' malafama;

153. Jikkundanna bil-qawwa l-kontroll tal-awtoritajiet tal-internet, tal-mezzi tax-xandir u tad-dinja akkademika, u ż-żieda ta' intimidazzjoni, fastidju u arresti arbitrarji li jħabbtu wiċċhom magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati u l-ġurnalisti;

154. Jikkundanna r-restrizzjonijiet fuq il-komunikazzjoni diġitali, inklużi l-għeluq ta' siti web u l-ibblokkar ta' kontijiet personali minn reġimi awtoritarji sabiex jirrestriġġu l-libertà tal-espressjoni u bħala mezz biex isikktu lill-oppożizzjoni u jrażżnu lis-soċjetà ċivili; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkundannaw pubblikament reġimi li jirrestriġġu l-komunikazzjoni diġitali tal-kritiċi u l-oppożizzjoni tagħhom;

155. Jenfasizza l-importanza li jiġi promoss l-aċċess għall-internet mingħajr restrizzjonijiet f'kull forma ta' kuntatt ma' pajjiżi terzi, inkluż fin-negozjati tal-adeżjoni, fin-negozjati kummerċjali, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-kuntatti diplomatiċi, u li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija tkun aċċessibbli kemm jista' jkun għan-nies fid-dinja kollha;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

156. Huwa mħasseb dwar iż-żieda ta' diskors ta' mibegħda, speċjalment fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw li l-fehmiet tagħhom jiġu kkunsidrati fin-negozjati dwar il-kodiċijiet ta' kondotta; jikkundanna bil-qawwa t-tixrid ta' messaġġi ta' mibegħda li jinċitaw il-vjolenza jew it-terroriżmu;

157. Jappella għal iżjed appoġġ fl-oqsma tal-promozzjoni tal-libertà medjatika, il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-bloggers u l-informaturi indipendenti, it-tnaqqis tad-distakk diġitali u l-iffaċilitar ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni u s-salvagwardja tal-aċċess mingħajr ċensura għall-internet (libertà diġitali);

158. Jappella għall-iżvilupp u t-tixrid attiv ta' teknoloġiji li jgħinu biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u li jiffaċilitaw id-drittijiet u l-libertajiet diġitali tan-nies kif ukoll is-sigurtà u l-privatezza tagħhom;

159. Jistieden lill-UE tadotta softwer mingħajr ħlas u b'sors miftuħ, u tinkoraġġixxi atturi oħra biex jagħmlu l-istess, peress li softwer bħal dan jipprovdi sigurtà aħjar u rispett akbar għad-drittijiet tal-bniedem;

160. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqajmu l-kwistjonijiet ta' libertà tal-espressjoni online, il-libertajiet diġitali u l-importanza ta' internet liberu u miftuħ, fil-fora internazzjonali kollha, inklużi l-Forum dwar il-Governanza tal-Internet tan-NU, il-G8, il-G20, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa;

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

161. Itenni l-kundanna inekwivokabbli tiegħu tat-terroriżmu u l-appoġġ sħiħ tiegħu favur azzjonijiet immirati biex jeqirdu l-organizzazzjonijiet terroristiċi, b'mod partikolari d-Da'esh, li jikkostitwixxu theddida ċara għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali, filwaqt li jitfakkar li dawn l-azzjonijiet għandhom dejjem jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jappoġġa l-promozzjoni tal-aspetti kollha tar-riżoluzzjoni 2178(2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar il-ġlieda kontra t-theddid rappreżentat mill-ġellieda terroristi barranin u tal-Prinċipji Gwida ta' Madrid biex jitwaqqaf il-fluss tal-ġellieda terroristi barranin;

162. Ifakkar li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jissottolinja l-ħtieġa biex jiġi żgurat li r-rispett għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni jiġu integrati fl-iżvilupp ta' politiki u ta' programmi relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza diġitali; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti biex jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej, u għandhom jiżviluppaw programmi effikaċi għall-ġlieda kontra l-propaganda terroristika u estremista u l-metodi ta' reklutaġġ, speċjalment fuq l-internet, u għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; jenfasizza li hija meħtieġa azzjoni kollettiva tal-UE, bħala kwistjoni ta' urġenza, u jinsisti li l-Istati Membri għandhom jikkooperaw f'oqsma sensittivi, b'mod partikolari, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-intelligence;

163. Jitlob li l-UE tkompli taħdem man-NU fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż permezz tal-użu tal-mekkaniżmi eżistenti maħsuba biex jidentifikaw l-individwi u l-organizzazzjonijiet terroristiċi u jsaħħu l-mekkaniżmi tal-iffriżar tal-assi fid-dinja kollha u fl-istess ħin jiddefendu l-istandards internazzjonali fil-qasam tal-proċess ġust u tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod effikaċi u urġenti jqajmu din il-kwistjoni ma' dawk l-Istati li jiffinanzjaw jew jappoġġaw organizzazzjonijiet terroristiċi, jew li jippermettu liċ-ċittadini tagħhom li jagħmlu dan;

Il-piena tal-mewt

164. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-UE dwar tolleranza żero għall-piena tal-mewt u jtenni l-oppożizzjoni li ilu jħaddan kontra l-piena tal-mewt, it-tortura, it-trattament u l-pieni krudili, inumani jew degradanti fil-każijiet kollha u f'kull ċirkostanza;

165. Jilqa' wkoll it-tneħħija tal-piena tal-mewt f'Fiġi, fis-Suriname, fil-Mongolja u fl-Istat ta' Nebraska fl-Istati Uniti;

166. Jinsab imħasseb sew dwar l-istituzzjoni mill-ġdid tal-eżekuzzjonijiet f'ċerti pajjiżi matul dawn l-aħħar snin; jiddeplora l-fatt li l-mexxejja politiċi f'pajjiżi oħra qed jikkunsidraw ukoll li jintroduċu mill-ġdid il-piena tal-mewt; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar iż-żieda rappurtata fl-għadd ta' sentenzi ta' mewt mogħtija madwar id-dinja fl-2015, b'mod partikolari fiċ-Ċina, fl-Eġittu, fl-Iran, fin-Niġerja, fil-Pakistan u fl-Arabja Sawdija; ifakkar lill-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi li huma firmatarji tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li tipprojbixxi b'mod strett l-użu tal-piena tal-mewt għal reati li jsiru minn persuna taħt it-18-il sena;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

167. Huwa partikolarment imħasseb dwar l-għadd dejjem jikber ta' sentenzi tal-mewt imposti fi proċessi tal-massa, mingħajr garanziji tal-istandards minimi ta' proċċess ġust meħtieġa mid-dritt internazzjonali;

168. Jiddenunzja bil-qawwa ż-żieda fis-sentenzi tal-mewt li ngħataw għal reati relatati mad-drogi u jappella għall-esklużjoni tal-użu tal-piena kapitali u l-eżekuzzjonijiet sommarji għal tali reati;

169. Jappella lil dawk l-Istati li abolixxew il-piena tal-mewt, jew li għandhom moratorju għal żmien twil fuqha, biex jonoraw l-impenji tagħhom u ma jerġgħux idaħħluha mill-ġdid; jitlob lill-UE tkompli tuża l-kooperazzjoni u d-diplomazija fil-fora kollha possibbli madwar id-dinja biex tappoġġa l-ġlieda kontra l-piena tal-mewt, filwaqt li tipprova tiżgura li d-dritt għal proċess ġust jiġi rrispettat bis-sħiħ għal kull persuna li qed tiffaċċa eżekuzzjoni; jisħaq fuq l-importanza li l-UE tkompli timmonitorja l-kundizzjonijiet li bihom jitwettqu eżekuzzjonijiet f'dawk il-pajjiżi li għadhom jimponu l-piena tal-mewt, sabiex jiġi żgurat li l-lista ta' persuni kkundannati għall-mewt ssir pubblika u li ġisimhom jiġi rritornat lill-familji tagħhom;

170. Jinsisti li huwa importanti li l-UE żżomm politika ta' livell għoli mmirata lejn l-abolizzjoni globali tal-piena tal-mewt, skont il-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt tal-2013, u li tkompli taħdem kontra l-piena tal-mewt; jistieden lill-UE biex tkompli taħdem lejn l-abolizzjoni universali tagħha, biex tesplora modi ġodda kif tikkampanja għal dan l-għan u tappoġġa azzjonijiet, fil-kuntest tal-EIDHR, immirati biex jipprevjenu s-sentenzi ta' mewt jew l-eżekuzzjonijiet; jitlob li d-Delegazzjonijiet tal-UE jkomplu jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal dan l-għan;

Il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin

171. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-użu kontinwu tat-tortura u tat-trattament ħażin kontra persuni miżmuma f'detenzjoni, fost l-oħrajn bl-għan li jinsiltu konfessjonijiet li mbagħad jintużaw fi proċessi kriminali li żgur ma jissodisfawx l-istandards internazzjonali ta' korrettezza;

172. Jiddeplora l-użu mifrux tat-tortura u tat-trattament ħażin kontra membri tas-soċjetà li huma dissidenti biex isikktuhom u kontra gruppi vulnerabbli bħalma huma minoranzi etniċi, lingwistiċi u reliġjużi, persuni LGBTI, nisa, tfal, dawk li jfittxu asil u migranti;

173. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli t-tortura u t-trattament ħażin ikkawżati mid-Da'esh u organizzazzjonijiet terroristiċi jew paramilitari oħra; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi u l-komunitajiet milquta minn tali vjolenza; jikkundanna l-prattiki tad-Da'esh u organizzazzjonijiet terroristiċi jew paramilitari oħra li jinvolvu diskriminazzjoni u l-immirar ta' gruppi ta' minoranza; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-ħtieġa urġenti li jipprevjenu aktar tbatija b'mod effikaċi;

174. Iqis li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-istat tal-ħabsijiet f'għadd ta' pajjiżi huma kwistjoni ta' tħassib serju; iqis li huwa essenzjali li tiġi miġġielda kull forma ta' tortura u trattament ħażin tad-detenuti, inkluż tortura psikoloġika, u jiżdiedu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw ir-rispett tad-dritt internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari rigward l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-mediċini; jikkundanna bil-qawwa l-ksur ta' din id-dritt u jemmen li r-rifjut li jiġu trattati d-detenuti għal mard bħall-epatite u l-HIV huwa ekwivalenti għal nuqqas ta' assistenza lil persuni li jkunu fil-periklu;

175. Iħeġġeġ lis-SEAE, fid-dawl tar-rapporti riċenti kontinwi ta' prattiki mifruxa ta' eżekuzzjonijiet sommarji, tortura u ta' trattament ħażin madwar id-dinja, biex iżidu, fil-livelli kollha ta' djalogu u fil-fora kollha, l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-eżekuzzjonijiet sommarji, it-tortura u trattament ħażin ieħor, f'konformità mal-linji gwida għall-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattamenti jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti;

176. Iħeġġeġ lis-SEAE biex, b'mod sistematiku, ikompli jqajjem kuxjenza dwar it-tortura u t-trattament ħażin fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi kkonċernati u fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi, u jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri fuq il-post, biex jissorveljaw każijiet ta' tortura u ta' trattament ħażin, biex jieħdu passi konkreti biex jippromwovu l-eradikazzjoni sħiħa tagħhom, biex isegwu l-proċessi kriminali relatati u biex jużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jgħinu lill-individwi kkonċernati;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Id-drones

177. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-użu ta' drones armati barra l-qafas ġuridiku internazzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jartikolaw il-pożizzjonijiet ġuridiċi u ta' politika ċari dwar drones armati, u jtenni t-talba tiegħu għal pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-użu ta' drones armati li tappoġġa d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u li għandha tindirizza kwistjonijiet bħalma huma l-qafas ġuridiku, il-proporzjonalità, ir-responsabilità, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u t-trasparenza; iħeġġeġ għal darb'oħra lill-UE biex tipprojbixxi l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' armi kompletament awtonomi li jippermettu li jsiru attakki mingħajr intervent uman; jappella lill-UE biex topponi u tipprojbixxi l-prattika ta' qtil extraġudizzjarju u mmirat, u biex timpenja ruħha li tiżgura miżuri adegwati, skont l-obbligi ġuridiċi nazzjonali u internazzjonali, meta jkun hemm provi biżżejjed li wieħed jemmen li individwu jew entità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha huma marbuta ma' qtil immirat illegali lil hinn minn xtutha; jistieden lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex jinkludu armi kompletament awtonomi u drones armati f'diżarm internazzjonali u Ewropew rilevanti u mekkaniżmi ta' kontroll tal-armi, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom fi u jsaħħu dawn il-mekkaniżmi ta' kontroll; jitlob lill-UE tiggarantixxi aktar trasparenza u responsabilità min-naħa tal-Istati Membri tagħha, mhux l-inqas fir-rigward ta' pajjiżi terzi fl-użu ta' drones armati fir-rigward tal-bażi ġuridika għall-użu tagħhom u għar-responsabilità operattiva, li tipprevedi rieżami ġudizzjarju tal-attakki bid-drones u tiżgura li l-vittmi ta' attakki illegali bid-drones ikollhom aċċess effikaċi għal rimedji;

178. Jenfasizza l-projbizzjoni tal-UE fuq l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' armi kompletament awtonomi li jippermettu li jsiru attakki mingħajr intervent uman; jappella li l-UE topponi u tipprojbixxi l-prattiki ta' qtil illegali u ta' qtil immirat;

179. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat sew dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-proġetti kollha ta' riċerka u żvilupp assoċjati mal-kostruzzjoni tad-drones għal finijiet ċivili kif ukoll dawk militari; jappella biex isiru valutazzjonijiet tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem fil-proġetti futuri ta' żvilupp ta' drones;

180. Jenfasizza li l-impatt tat-teknoloġiji fuq it-titjib tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkun integrat fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE, jekk applikabbli, sabiex javvanzaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

Appoġġ għad-demokrazija u l-elezzjonijiet, u missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali

181. Ifakkar li spazju miftuħ għas-soċjetà ċivili, il-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt huma elementi ewlenin ta' elezzjonijiet demokratiċi u ġusti; jistieden lill-UE tiżgura li l-NGOs lokali jkollhom spazju għal osservazzjoni u monitoraġġ leġittimi tal-elezzjonijiet; jenfasizza li l-korruzzjoni hija theddida għat-tgawdija ugwali tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u timmina l-proċessi demokratiċi; iqis li l-UE għandha tenfasizza l-importanza tal-integrità, ir-responsabilità u l-ġestjoni tajba tal-affarijiet pubbliċi, fid-djalogi kollha ma' pajjiżi terzi, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC); ifakkar fil-ħtieġa għall-UE li żżomm l-impenn tagħha mas-sħab tagħha, partikolarment fil-viċinat tagħha, biex tappoġġa r-riforma ekonomika, soċjali u politika, sabiex tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u biex tistabbilixxi l-istat tad-dritt, bħala l-aħjar mezzi sabiex tissaħħaħ l-ordni internazzjonali u tiġi żgurata l-istabilità tal-viċinat tagħha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ta l-opportunità li jiġi ddikjarat mill-ġdid li d-difiża ta' valuri universali u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma objettivi ewlenin tal-Unjoni; ifakkar li l-esperjenza miksuba mill-UE, mill-politiċi, mid-dinja akkademika, mill-midja, mill-NGOs u mis-soċjetà ċivili, u t-tagħlimiet misluta mit-tranżizzjoni għad-demokrazija fil-qafas tal-politiki ta' tkabbir u tal-viċinat, jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod pożittiv għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jintużaw għall-appoġġ u l-konsolidament ta' proċessi oħrajn ta' demokratizzazzjoni fid-dinja kollha; jilqa', f'dan il-kuntest, il-ħidma tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija u tal-programmi tal-UE biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-EIDHR;

182. Jirrakkomanda li l-UE tiżviluppa approċċ aktar komprensiv lejn il-proċessi ta' demokratizzazzjoni, peress li l-osservazzjoni elettorali hija biss dimensjoni waħda ta' ċiklu usa' u itwal; itenni li t-tranżizzjoni politika u d-demokratizzazzjoni jistgħu ikunu sostenibbli u jirnexxu biss meta jkunu marbuta mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-aċċess ugwali għall-proċess demokratiku għan-nisa, persuni b'diżabilità u gruppi oħra emarġinati, il-promozzjoni tal-ġustizzja, it-trasparenza, is-sens ta' responsabilità, ir-rikonċiljazzjoni, l-istat tad-dritt, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, miżuri kontra l-faqar estrem, u t-twaqqif ta' istituzzjonijiet demokratiċi; jenfasizza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'pajjiżi għaddejjin minn proċessi ta' demokratizzazzjoni għandha tingħata prijorità mill-UE peress li dan il-fenomenu jxekkel il-

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

protezzjoni u l-promozzjoni tal-governanza tajba, joħloq il-kriminalità organizzata u huwa marbut mal-frodi elettorali;

183. Jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u jfakkar li, kif previst fit-TUE, ir-relazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-viċinat tagħha għandha tkun ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni, li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jenfasizza li l-kontribuzzjoni għall-istabbilizzazzjoni tal-viċinat u l-promozzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tal-governanza tajba u tad-drittijiet tal-bniedem jimxu id f'id;

184. Jenfasizza li l-UE għandha tkompli tappoġġa lill-istituzzjonijiet demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem effettivi u lis-soċjetà ċivili tal-pajjiżi tal-viċinat; jinnota b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest l-impenn konsistenti tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE fil-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tal-prinċipji demokratiċi;

185. Jenfasizza li l-politika tat-tkabbir hija waħda mill-għodod l-aktar b'saħħithom għat-tisħiħ tar-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa t-tisħiħ tal-kulturi politiċi demokratiċi, ir-rispett tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-midja, kif ukoll tal-ġudikatura, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati;

186. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jkomplu jipprovdu appoġġ sħiħ lill-proċessi demokratiċi għaddejjin f'pajjiżi terzi, kif ukoll lid-djalogu politiku bejn il-partiti fil-gvern u fl-oppożizzjoni, u s-soċjetà ċivili; jinsisti fuq l-importanza ta' segwitu konsistenti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali bħala parti mill-impenn tal-UE f'appoġġ għad-demokrazija, u bħala parti minn strateġiji skont il-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-pajjiżi kkonċernati; jitlob għal koordinazzjoni u kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn il-Parlament u l-Kummissjoni/SEAE biex jiġi żgurat segwitu tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kif ukoll l-użu ta' assistenza finanzjarja u teknika speċifika li l-UE tista' toffri; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni globali tal-proċessi ta' monitoraġġ elettorali;

187. Jistieden lill-Kunsill u lis-SEAE biex jinkludu fil-parti ġeografika tar-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja taqsima speċifika – fil-pajjiżi kkonċernati – li tindirizza l-kwistjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet adottati fil-qafas tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali; ifakkar fl-impenn li sar fil-Pjan ta' Azzjoni mis-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom b'mod aktar sod u konsistenti ma' korpi tal-ġestjoni elettorali, mal-istituzzjonijiet parlamentari u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi, sabiex jikkontribwixxu għall-awtonomizzazzjoni u, għaldaqstant, biex isaħħu l-proċessi demokratiċi;

188. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-ħidma tagħha fl-elezzjonijiet – għajnuna u osservazzjoni – flimkien ma' appoġġ simili għal atturi importanti oħra fi ħdan sistema demokratika bħall-partiti politiċi, il-parlamenti, l-awtoritajiet lokali, il-mezzi tax-xandir indipendenti u s-soċjetà ċivili;

189. Jistieden lill-UE tkompli taħdem għad-definizzjoni tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam, inkluż fil-kuntest ta' miżuri ta' prevenzjoni ta' kunflitti, il-medjazzjoni u l-faċilitazzjoni tad-djalogu, sabiex jiżviluppaw politika koerenti, flessibbli u kredibbli tal-UE;

190. Jirrikonoxxi l-ħidma b'suċċess tas-SEAE u tad-Delegazzjonijiet tal-UE fit-tlestija tat-tieni ġenerazzjoni tal-Analiżi tad-Demokrazija, u l-progress li sar rigward il-Pjanijiet ta' Azzjoni għad-Demokrazija, u jistieden lill-VP/RGħ sabiex tiżgura li l-Pjanijiet ta' Azzjoni jissarrfu f'appoġġ konkret għad-demokrazija fil-qasam;

191. Jistieden lis-SEAE biex jibni fuq l-esperjenza tal-Analiżi tad-Demokrazija biex iwitti t-triq għall-integrazzjoni ta' din l-analiżi fl-azzjoni barranija tiegħu, u jinnota li, filwaqt li żieda tad-demokrazija għal Strateġiji tal-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija hija milqugħa b'sodisfazzjon, din mhijiex suffiċjenti għal fehim verament komprensiv ta' demokrazija f'pajjiż sieħeb;

o

o o

192. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lir-RGħ/VP, u lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0503

Implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (Artikolu 36 TUE)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (2016/2036(INI))

(2018/C 238/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar l-obbligu ta' rendikont fil-qasam politiku,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal tal-21 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Gender equality and women's empowerment: transforming the lives of girls and women through EU external relations 2016-2020" (SWD (2015)0182),

— wara li kkunsidra d-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata mill-VP/RGħ, Federica Mogherini fit-28 ta' Ġunju 2016, u l-proposti tagħha waqt il-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin li saret fi Bratislava fit-2 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-summit ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa informali tal-Ministri tad-Difiża tal-UE fi Bratislava fis-27 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi – l-involviment tal-UE man-NU u l-Unjoni Afrikana ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tat-Trijanglu ta' Weimar, Frank-Walter Steinmeier (il-Ġermanja), Jean-Marc Ayrault (Franza) u Witold Waszczykowski (il-Polonja), dwar il-futur tal-Ewropa f'Weimar, fit-28 ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva Franko-Ġermaniża dwar id-difiża ta' Settembru 2016 bit-titolu "It-tiġdid tal-PSDK",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0360/2016),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0249.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

A. billi l-Unjoni Ewropea qed tħabbat wiċċha ma' sfidi interni u esterni bla preċedent, inklużi kunflitti interstatali, falliment statali, terroriżmu, theddid ibridu, nuqqas ta' sigurtà mil-lat ċibernetiku u tal-enerġija, kriminalità organizzata u tibdil fil-klima; billi l-UE tkun f'qagħda li tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi l-ġodda biss jekk l-istrutturi u l-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien fi sforz komuni u verament koordinat fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK);

B. billi l-UE hija mdawra b'ark ta' instabbiltà, hekk kif partijiet kbar mil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA) huma maħkuma minn kunflitti etniċi u reliġjużi u gwerer bi prokura, filwaqt li gruppi terroristiċi bħalma huwa l-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku (IS)/Daesh u Jabhat Fateh al-Sham Front qed jinfiltraw ir-reġjun kollu; billi l-grupp Al-Qaeda qed jieħu vantaġġ min-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tal-MENA biex jissaħħaħ aktar, u l-impenn tiegħu għal ġiħad globali għadu intatt;

C. billi dawn il-kunflitti għandhom konsegwenzi diretti u serji għas-sigurtà u l-benessri taċ-ċittadini tal-UE, hekk kif dawn qed jinfirxu dejjem aktar fl-UE, kemm jekk fil-forma ta' terroriżmu, fluss enormi ta' rifuġjati, jew kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati biex jifirdu s-soċjetajiet tagħna;

D. billi l-Ewropa qed tiffaċċja t-theddida tat-terroriżmu fit-territorju tagħha; billi l-attakki terroristiċi reċenti fi bliet Ewropej imwettqa minn ġiħadisti radikali marbuta mal-IS/Daesh huma parti mill-istrateġija komprensiva ta' dak il-grupp, u jikkomplementaw gwerra fuq l-art fis-Sirja, l-Iraq u l-Libja, gwerra ekonomika mmirata lejn l-industrija tat-turiżmu fl-Afrika ta' Fuq, kif ukoll propaganda online u attakki ċibernetiċi; billi eluf ta' ċittadini tal-UE li ngħaqdu ma' gruppi terroristiċi bħal dawn huma theddida dejjem tikber għas-sigurtà interna tagħna, kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja;

E. billi Russja aggressiva qed tkompli tikser is-sovranità u l-indipendenza tal-ġirien tagħha u tisfida b'mod miftuħ l-ordni tas-sigurtà u l-paċi Ewropea u globali; billi r-Russja llum il-ġurnata hija awtokratika u aggressiva mal-ġirien tagħha aktar minn qatt qabel mindu waqgħet l-Unjoni Sovjetika fl-1991; billi l-propaganda uffiċjali Russa tpinġi lill-Punent bħala għadu u tipprova b'mod attiv tippreġudika l-għaqda fl-Unjoni Ewropea u l-koerenza fl-alleanza transatlantika, kemm jekk fil-forma ta' kampanji ta' diżinformazzjoni jew permezz tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil gruppi ewroxettiċi u faxxisti fl-Unjoni u l-pajjiżi kandidati;

Inkomplu l-istorja ta' suċċess tal-UE: trasformazzjoni permezz tal-azzjoni

1. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea hija waħda mill-akbar suċċessi fl-istorja Ewropea u li l-qawwa ta' trasformazzjoni li għandha l-UE ġabet il-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità għaċ-ċittadini tagħha u għall-pajjiżi ġirien tagħha, li ħafna minnhom saru Stati Membri tal-UE; jenfasizza li l-UE għadha l-akbar qawwa ekonomika, l-aktar donatur ġeneruż fejn tidħol għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp, kif ukoll hija minn ta' quddiem fid-diplomazija multilaterali globali għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet bħalma huma t-tibdil fil-klima, il-ġustizzja internazzjonali, in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u d-drittijiet tal-bniedem; jappella li tiġi intensifikata l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma;

2. Iqis li l-kriżi interna u esterna attwali tirrappreżenta wkoll opportunità għall-UE, jekk din tintuża biex l-UE tibda taħdem u tikkoopera aħjar; iqis li l-isfidi attwali jeħtieġu riforma li ttejjeb lill-UE u tagħmilha aktar demokratika u kapaċi twettaq dak li ċ-ċittadini jistennew minnha; ifakkar li ċ-ċittadini Ewropej iħarsu lejn politika estera u ta' sigurtà komuni effikaċi bħala qasam prijoritarju ta' azzjoni għall-UE u wieħed mill-oqsma li fih il-kooperazzjoni Ewropea tista' l-aktar li trendi valur miżjud; jenfasizza, għalhekk, li l-Istati Membri jeħtiġilhom ibiddlu l-mentalità tagħhom, peress li llum il-ġurnata li wieħed iħares lejn il-politika estera u s-sigurtà minn perspettiva nazzjonali dejqa huwa kunċett skadut; jinsab konvint li l-ebda Stat Membru waħdu ma huwa kapaċi jindirizza l-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom illum; jinsab konvint bis-sħiħ li l-vulnerabbiltà tal-UE hija riżultat dirett ta' integrazzjoni mhux kompluta u nuqqas ta' koordinament; jenfasizza l-fatt li l-globalizzazzjoni u l-multipolarità jeħtieġu proċessi ta' integrazzjoni, bħalma huwa dak tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex finalment juru livelli sufficjenti ta' għaqda, rieda politika u fiduċja f'xulxin sabiex jagħmluha possibbli li jużaw l-għodod disponibbli b'mod ikkoordinat ħalli b'hekk jaħdmu għall-interessi u l-valuri tagħna; itenni li l-UE tista' biss tkun attur globali b'saħħtu fuq l-istess livell ma' potenzi ewlenin oħrajn jekk l-Istati Membri kollha jitkellmu b'leħen wieħed u jaġixxu flimkien fil-qafas ta' politika estera u tas-sigurtà b'saħħitha tal-UE;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

3. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali u l-impenji tas-summit ta' Bratislava, u jistenna li l-Istati Membri jieħdu impenn speċifiku għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali;

4. Ifakkar fil-bżonn li l-politiki esterni tal-UE jkunu konsistenti bejniethom kif ukoll ma' politiki oħrajn li għandhom dimensjoni esterna, u li jsegwu l-objettivi definiti fl-Artikolu 21 tar-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; josserva li, peress li l-bini ta' reżiljenza għandu jkun wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-PESK, dan jeħtieġ approċċ komprensiv li fih setturi differenti jisfidaw approċċi tradizzjonali għall-politika estera u ta' sigurtà bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' strumenti diplomatiċi, ta' sigurtà, difiża, ekonomiċi, kummerċjali, tal-iżvilupp u umanitarji, kif ukoll indipendenza dejjem akbar fis-sigurtà tal-enerġija; huwa tal-fehma li l-PESK għandha tkun aktar assertiva, effettiva u bbażata fuq il-valuri; jenfasizza li l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp hija strument uniku biex jinkiseb approċċ komprensiv operazzjonali tal-UE skont l-Aġenda 2030 għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

5. Jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija kummerċjali l-ġdida tal-Kummissjoni "Kummerċ għal kulħadd", li għandha l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet tal-bniedem fil-politika kummerċjali u tuża l-pożizzjoni tal-UE bħala blokk kummerċjali għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jenfasizza li dan se jeħtieġ konverġenza u komplementarjetà sħiħa tal-inizjattivi tal-politika kummerċjali u estera, inkluża kooperazzjoni mill-qrib bejn id-Direttorati Ġenerali, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri; jenfasizza l-importanza tal-Grupp tal-Kummissarji dwar l-Azzjoni Esterna mmexxi mill-VP/RGħ biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv; jitlob lill-VP/RGħ tirrapporta regolarment dwar il-ħidma ta' dan il-grupp lill-Parlament Ewropew; jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE jimplimentaw programmazzjoni konġunta fl-oqsma ta' politika kollha tal-azzjoni esterna sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, isir iffrankar, tissaħħaħ l-effiċjenza u jiġu identifikati lakuni possibbli;

6. Jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima jista' jkollu effett serju fuq l-istabbiltà reġjonali u globali, billi t-tisħin globali jaffettwa t-tilwim marbut mat-territorju, l-ikel, l-ilma u riżorsi oħra, idgħajjef l-ekonomiji, jhedded is-sigurtà reġjonali, u huwa sors ta' flussi migratorji; iħeġġeġ ulterjorment lill-UE u lill-Istati Membri jqisu kif l-ippjanar militari nazzjonali u tal-UE jista' jinkludi strateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima u x'jista' jitqies bħala kapaċità, prijorità u reazzjoni adegwati;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jegħlbu l-kampanji ta' diżinformazzjoni u ta' propaganda li qed jilħqu l-persuni fl-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu li l-gwerra ta' informazzjoni li għaddejja mhijiex biss kwistjoni esterna tal-UE iżda anke waħda interna; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' kapaċità tal-UE li tikkomunika u tippreżenta b'mod xieraq lill-pubbliku Ewropew l-azzjonijiet, il-merti u l-kisbiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni; iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimlew dan il-vojt billi jagħmlu l-azzjoni esterna tal-UE aktar responsabbli u viżibbli;

8. Jirrikonoxxi li l-gwerra tal-informazzjoni u dik ċibernetika tirrappreżenta tentattiv apposta fil-livell statali u mhux statali biex jiddestabbilizza u jiskredita l-istrutturi politiċi, ekonomiċi u soċjali; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa urġenti li fil-politiki interni u esterni tal-UE kif ukoll fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi jiġu inklużi ċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema awtomatizzata għall-iskambju tal-informazzjoni dwar it-theddid u l-attakki ċibernetiċi u ibridi; jistieden lill-UE tiddefendi fil-fora internazzjonali l-idea li infrastruttura ewlenija miftuħa u globali tal-internet hija żona newtrali; jinsab konvint ukoll li l-UE għandha taħdem mas-sħab tagħha u żżid l-assistenza tagħha għall-bini tal-kapaċità fl-oqsma taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberterroriżmu;

9. Ifakkar fl-impenn tal-UE biex tiżviluppa Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ggwidata mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-konformità mal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali; ifakkar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li jenfasizza l-importanza li l-UE tinkludi l-politiki tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ġeneri fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet ta' immaniġġar tal-kriżijiet; ifakkar fl-importanza tal-hekk imsejħa 'klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem', inkluża f'kull ftehim qafas iffirmat ma' pajjiżi terzi sa mill-bidu tas-snin disgħin;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

10. Ifakkar li l-politika ta' tkabbir hija waħda mill-aktar politiki tal-UE li kellha suċċess u kkontribwixxiet biex tiġi żgurata l-istabbiltà, id-demokrazija u l-prosperità fil-kontinent Ewropew; itenni għalhekk l-appoġġ qawwi tiegħu għall-proċess tat-tkabbir, bil-kundizzjoni li l-kriterji ta' Copenhagen, inkluża l-kapaċità ta' integrazzjoni, jiġu sodisfatti; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi kandidati u dawk potenzjali dwar kwistjonijiet bħalma huma l-migrazzjoni, is-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jistieden lill-pajjiżi kandidati biex jagħmlu l-isforzi kollha biex jallinjaw mal-PESK/PSDK tal-UE;

11. Jissottolinja l-impenn tal-UE għal ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u multilateraliżmu effettiv immexxi min-NU; jirrikonoxxi s-sħubija strateġika fiż-żamma tal-paċi u l-ġestjoni tal-kriżijiet bejn l-UE u n-NU mill-2003 'l hawn; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi tan-NU u jikkooperaw man-NU biex jissaħħu l-kapaċitajiet taż-żamma tal-paċi tal-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikulari l-Unjoni Afrikana, u b'kunsiderazzjoni tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jżidu b'mod sinifikanti l-kontributi militari u tal-pulizija tagħhom għall-missjonijiet taż-żamma tal-paċi tan-NU; Jilqa' l-impenn tal-Istrateġija Globali tal-UE lejn in-NATO u jqisha bħala l-pedament tas-sigurtà kollettiva tal-Ewropa, u lejn it-tisħiħ tan-Nazzjonijiet Uniti bħala l-qafas tal-ordni internazzjonali;

12. Jenfasizza kif il-kriżijiet reċenti urew il-limiti tan-Nazzjonijiet Uniti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu kull ma jistgħu biex jippruvaw jirriformaw il-Kunsill tas-Sigurtà, b'mod partikolari bil-ħsieb li titneħħa veto fir-rigward tal-atroċitajiet tal-massa;

13. Jisħaq fuq il-fatt li implimentazzjoni effikaċi tal-Istrateġija Globali tal-UE ppreżentata mill-VP/RGħ f'Ġunju 2016 mhijiex possibbli mingħajr impenn, sjieda, rieda politika u sens ta' tmexxija qawwija min-naħa tal-Istati Membri; jenfasizza li l-Istati Membri hemm bżonn li jallokaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija, b'mod partikolari f'oqsma kruċjali tal-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sigurtà u d-difiża; jenfasizza l-benefiċċji prattiċi u finanzjarji ta' aktar integrazzjoni tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej;

14. Jilqa' l-intenzjoni li jitfassal pjan ta' implimentazzjoni għas-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li dan il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkomplementat bi proċess ta' White Book, li jispeċifika l-livell ta' ambizzjoni, il-kompiti, ir-rekwiżiti u l-prijoritajiet fil-qasam tal-kapaċitajiet għad-difiża Ewropea; jistieden lill-VP/RGħ biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, tibda taħdem fuq tali White Book bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex fl-2017 jiġu ġġenerati l-ewwel riżultati;

15. Jilqa' l-proposta għal riflessjoni ta' kull sena dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-istrateġija; jemmen li din ir-riflessjoni għandha sseħħ fil-qafas ta' dibattitu annwali fil-Parlament u abbażi ta' rapport ta' implimentazzjoni mfassal mill-VP/RGħ;

16. Huwa tal-opinjoni li l-Istrateġija Globali għandha tiġi riveduta regolarment u għandha tiġi pprovduta analiżi dwar l-implimentazzjoni tagħha, f'sinkronija maċ-ċiklu elettorali u l-bidu ta' kull Kummissjoni ġdida, sabiex jiġi vverifikat jekk l-objettivi u l-prijoritajiet tagħha għadhomx jikkorrispondu għall-isfidi u t-theddid;

17. Jenfasizza li l-azzjoni esterna tal-UE hemm bżonn tkun imsejsa fuq dawn it-tliet pilastri: id-diplomazija, l-iżvilupp u d-difiża;

It-teħid tar-responsabbiltà għas-sigurtà tagħna: Nipprevjenu, niddefendu, nevitaw, nirreaġixxu

18. Jenfasizza li l-UE jeħtiġilha ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża tagħha, peress li din tista' tuża l-potenzjal sħiħ tagħha bħala potenza globali biss jekk tgħaqqad is-setgħa tal-persważjoni unika tagħha mas-setgħa ta' koerzjoni, bħala parti mill-approċċ komprensiv tal-UE; ifakkar li kapaċitajiet ċivili u militari aktar b'saħħithom huma elementi ewlenin biex l-UE tkun tista' tirreaġixxi bis-sħiħ għall-kriżijiet, tibni r-reżiljenza ta' sħabha u tipproteġi lill-Ewropa; jinnota li peress li l-politika tal-poter qiegħda għal darb'oħra tiddomina r-relazzjonijiet internazzjonali, il-kapaċitajiet ta' difiża u ta' deterrenza huma importanti għall-influwenza tagħna f'taħdidiet diplomatiċi; itenni f'dan ir-rigward li l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni teħtieġ li tissaħħaħ u tiġi approfondita, billi l-uniku mod realistiku biex jissaħħu l-kapaċitajiet militari tagħna fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji huwa li jiżdiedu s-sinerġiji billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha u permezz tal-immirar tal-investimenti; jemmen li aktar kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża se twassal għal aktar effikaċja, għaqda u effiċjenza, u li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jiksbu l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali biss permezz ta' tali kooperazzjoni aktar profonda;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

19. Jinsab konvint li, fid-dawl ta' baġit tal-UE li diġà huwa sottofinanzjat, hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali għal operazzjonijiet, spejjeż amministrattivi, azzjonijiet preparatorji u proġetti pilota fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, finanzjament addizzjonali mill-Istati Membri, kif ukoll sforzi biex jissaħħu s-sinerġiji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħtfu l-opportunità tar-reviżjoni attwali/rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet baġitarji tal-isfidi globali dejjem jikbru għas-sigurtà; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-infiq tad-difiża tagħhom sabiex jilħqu l-miri tal-kapaċità tan-NATO, li jirrikjedu livell minimu ta' nfiq għad-difiża ta' tnejn fil-mija tal-PDG; jenfasizza li koordinament aħjar u inqas duplikazzjoni bejn l-attivitajiet tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jippermettu ffrankar u allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi;

20. Huwa tal-fehma li huwa ta' importanza kruċjali li l-istrumenti pprovduti mit-Trattat ta' Lisbona finalment jiġu implimentati, b'mod partikolari l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO); huwa tal-fehma li approċċ flessibbli u inklużiv li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni miftuħa u proattiva mill-Istati Membri kollha huwa essenzjali fl-implimentazzjoni tal-PESCO; jilqa' d-dokument konġunt tal-Ministri għad-Difiża ta' Franza u l-Ġermanja dwar it-tiġdid tal-PSDK, u l-proposta Taljana għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha, u jappoġġa bis-sħiħ l-għan tagħhom fir-rigward ta' deċiżjoni pożittiva dwar l-istabbiliment tal-PESCO fil-Kunsill Affarijiet Barranin u Difiża ta' Novembru 2016; jistieden lill-VP/RGħ ikollha rwol ta' tmexxija f'din l-inizjattiva, kif ukoll fi proposti oħrajn reċenti għat-tisħiħ tal-PSDK, bil-ħsieb li twitti t-triq lejn aktar deċiżjonijiet ambizzjużi dwar il-PSDK meħuda fil-Kunsill Affarijiet Barranin u Difiża ta' Novembru 2016 u fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016, inklużi dawn li ġejjin:

— il-ħolqien ta' kwartieri ġenerali permanenti ċivili u militari, b'Kapaċità Militari ta' Ppjanar u ta' Kondotta (MPCC) u Kapaċità Ċivili ta' Ppjanar u Kondotta (CPCC) daqstant ieħor importanti, li jsaħħu l-ippjanar strateġiku u operazzjonali tul iċ-ċiklu kollu tal-ippjanar, itejbu l-koperazzjoni ċivili-militari kif ukoll il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi malajr għall-kriżijiet;

— it-tisħiħ tal-għodod ta' reazzjoni rapida tal-UE, notevolment billi jitjieb l-użu tal-gruppi tattiċi, jitħaddem l-Artikolu 44 u billi jissaħħu u jsir użu akbar tal-Eurocorps għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK;

— l-estensjoni tal-finanzjament komuni tal-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż permezz ta' rieżami urġenti u sħiħ tal-mekkaniżmu Athena, bl-inklużjoni tad-dikjarazzjoni dwar il-gruppi tattiċi u li hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-missjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati minn fondi kollettivi minflok minn Stati Membri parteċipanti individwali, u b'hekk jitneħħa ostakolu potenzjali għall-Istati Membri li jieħdu impenji;

— it-twaqqif ta' konfigurazzjoni tad-Difiża tal-Kunsill;

21. Jinkoraġġixxi rieżami tal-approċċ tal-UE għal missjonijiet ċivili tal-PSDK min-natura ta' interventi, għall-għanijiet u l-persuni involuti, sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu mfassla, implimentati u appoġġati b'mod adegwat; jilqa' l-progress li sar fir-rigward ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, minkejja n-nuqqasijiet tagħhom; jappella għal aktar flessibbiltà fir-regoli finanzjarji tal-UE, biex jappoġġaw il-kapaċità tagħha biex tirreaġixxi għall-kriżijiet, u għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona eżistenti; jappoġġa l-ħolqien ta' fondi inizjali għal finanzjament urġenti tal-ewwel fażijiet ta' operazzjonijiet militari; jemmen li proċedura ġdida u aktar effettiva għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar missjonijiet militari tal-UE għandhom itejbu l-aġilità u s-saħħa tal-UE biex tirreaġixxi għat-theddid u l-kriżijiet, filwaqt li jirrikonoxxi li d-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu pprovduti truppi għal tali missjonijiet għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri;

22. Jinsisti li kwalunkwe deċiżjoni lejn Unjoni Ewropea ta' Difiża, inkluż l-iżvilupp ta' aktar kooperazzjoni strutturata permanenti u l-ħolqien ta' strumenti ta' difiża komuni, għandha tittieħed fuq il-bażi ta' unanimità fost l-Istati Membri tal-UE;

23. Jiddispjaċih li l-eżerċizzji impenjattivi komprensivi li rriżultaw mill-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Novembru 2013 u l-Kunsilli Ewropej tal-2013 u l-2015 għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ mill-Kummissjoni, is-SEAE, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Istati Membri; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissarju għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs jippreżentaw valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet preċedenti lill-Parlament qabel ma jissuġġerixxu kompiti ġodda; jilqa' l-ħidma li għaddejja bħalissa dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża u l-isforzi tal-Kummissjoni biex timmassimizza l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, inkluż permezz ta' inċentivi f'oqsma bħal dawk tas-suq intern, l-akkwist pubbliku, ir-riċerka, it-trasport, l-ispazju, iċ-ċibernetika, l-enerġija u l-politiki industrijali; jinnota l-

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

proposta tal-President Franċiż għal Fond Ewropew għas-Sigurtà u d-Difiża u jappoġġa l-iżvilupp ta' kunċetti ġodda u innovattivi ta' finanzjament u ta' investiment, inkluż permezz tal-Bank Ewropew għall-Investiment u sħubiji pubbliċi u privati;

24. Jinnota li filwaqt li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw diffikultajiet fit-tentattiv biex iżommu firxa wiesgħa ta' kapaċitajiet ta' difiża kompletament operazzjonali, hemm il-ħtieġa għal aktar koordinament u għażliet aktar ċari dwar liema kapaċitajiet għandhom jinżammu, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jispeċjalizzaw f'ċerti kapaċitajiet; jenfasizza l-benefiċċji prattiċi u finanzjarji ta' integrazzjoni ulterjuri tal-kapaċitajiet Ewropej ta' difiża, u jinnota l-inizjattivi varji li qed isiru f'dan ir-rigward li għandhom jitqiegħdu f'qafas usa' biex jiġi stabbilit pjan direzzjonali intelligenti; jappoġġa l-proposti għal "Semestru Ewropew għad-Difiża", u jistieden lill-VP/RGħ tressaq proposti konkreti għal dan il-għan; jemmen li l-interoperabbiltà hija kruċjali biex il-forzi tal-Istati Membri jkunu aktar kompatibbli u integrati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu aktar modi għax-xiri, il-manutenzjoni u ż-żamma konġunti ta' forzi u ta' materjal;

25. Ifaħħar ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fil-promozzjoni u l-koordinament tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet u jappella għat-tisħiħ tagħha, b'mod partikolari billi jiżdied il-baġit tagħha; jinsisti li l-ispejjeż tal-persunal u tat-tmexxija tal-Aġenzija għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri biex jeżaminaw mill-ġdid l-organizzazzjoni, il-proċeduri u l-attivitajiet tal-passat tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;

26. Ifakkar fil-ħtieġa li l-Ewropa jibqa' jkollha bażi industrijali u teknoloġika kompetittiva u innovattiva li tkun kapaċi tiżviluppa u tipproduċi l-kapaċitajiet meħtieġa; ifakkar li suq tad-difiża integrat u t-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea huma assolutament meħtieġa għal ekonomiji ta' skala u effiċjenza mtejba;

27. Jilqa' l-proposta tal-President Juncker biex jinħoloq Fond Ewropew tad-Difiża biex jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni; jilqa' l-ħidma li għaddejja dwar l-istabbiliment ta' azzjoni preparatorja dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża, li għandha tiġi segwita minn Programm Ewropew tar-Riċerka dwar id-Difiża ddedikat u ewlieni ffinanzjat mill-UE fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, inkluži riżorsi finanzjarji addizzjonali pprovduti mill-Istati Membri;

28. Jappella għal rwol aktar attiv mill-UE fil-qasam tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi; jistieden lill-Kunsill jippermetti lill-VP/RGħ jkollha rwol aktar attiv fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-kunflitt u l-bini tal-paċi;

29. Ifakkar li l-Istrateġija Globali tal-UE tappella għal investimenti fil-prevenzjoni tal-kunflitti iżda fir-realtà ġie propost tnaqqis estensiv kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-Kunsill għall-baġit tal-2017 għall-istrument uniku tal-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti (IcSP); jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rduppjati l-isforzi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni u r-rikonċiljazzjoni, minħabba l-bosta sfidi marbuta mas-sigurtà fil-viċinat Ewropew u lil hinn minnu;

30. Jirrikonoxxi l-interdipendenza dejjem tikber bejn is-sigurtà interna u dik esterna, u huwa tal-fehma li l-isfidi attwali fil-qasam tas-sigurtà jeħtieġu analiżi kritika profonda tal-politiki ta' sigurtà tagħna, bil-ħsieb li tinħoloq politika konsistenti u unifikata li tkopri kemm id-dimensjonijiet interni kif ukoll dawk esterni, inkluži aspetti bħalma huma l-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà, is-sigurtà enerġetika, it-theddid ibridu, il-komunikazzjoni strateġika, u l-infrastrutturi kritiċi; iħeġġeġ lis-servizzi tas-sigurtà tal-Istati Membri jsaħħu l-koordinament u l-kooperazzjoni u jżidu l-iskambju tal-intelligence u tal-informazzjoni, u jistieden lill-Istati Membri kollha jkunu konformi mal-obbligu ġuridiku tagħhom li jaqsmu l-intelligence mal-Europol u l-Eurojust fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; iħeġġeġ lill-UE tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni u l-qsim tal-intelligence ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, filwaqt li jiġu rispettati d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; ifaħħar it-tnedija tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;

31. Jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar kooperazzjoni bejn in-NATO u l-UE adottata waqt is-Summit ta' Varsavja; jappoġġa bis-sħiħ kooperazzjoni aktar fil-fond bejn in-NATO u l-UE fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, il-migrazzjoni, il-komunikazzjoni strateġika u r-reazzjoni għal theddid ibridu; jistieden lill-VP/RGħ tippreżenta proposti speċifiċi għas-segwitu għad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Varsavja sal-aħħar tal-2016; jinsab konvint li n-NATO hija kruċjali għas-sigurtà kollettiva tal-Ewropa, filwaqt li jinsisti dwar il-ħtieġa li jinżammu kapaċitajiet ta' reazzjoni xierqa tal-UE; ifakkar li NATO aktar b'saħħitha u UE aktar b'saħħitha jsaħħu u jikkumplementaw lil xulxin; jilqa' l-impenn tal-Istrateġija Globali tal-UE lejn in-NATO u jqisha bħala l-pedament tas-sigurtà kollettiva tal-Ewropa; jenfasizza li l-UE għandha tagħmel l-aħjar użu mir-

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

riżorsi disponibbli dwar is-sigurtà u d-difiża u tevita l-possibbiltà ta' duplikazzjoni; jemmen ukoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu aktar mill-qrib man-NATO biex ikun żgurat li d-Difiża Intelliġenti tal-Alleanza u l-inizjattivi ta' Akkomunament u ta' Kondiviżjoni tal-UE jkunu komplementari u jsaħħu lil xulxin;

32. Jenfasizza li s-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE hija indiviżibbli u li, f'konformità mal-Artikolu 42(7) tat-TUE, l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom igawdu l-istess livell ta' sigurtà, u għalhekk għandhom jipprovdu u jipparteċipaw b'mod ugwali fuq bażi proporzjonali għas-sigurtà tal-UE u jonoraw ċerti impenji; jinnota wkoll li dan l-Artikolu jgħid ukoll li dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri;

33. Jagħraf il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet kreattivi għall-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qasam tal-PESK/PSDK;

34. Jemmen li huwa kruċjali li tissaħħaħ l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea, li hija bbażata fuq l-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1975 u l-erba' 'pakketti' tagħha, u li saritilha ħsara severa bl-interventi militari illegali tar-Russja fil-Krimea u fl-Ukrajna tal-Lvant;

35. Huwa tal-fehma li wasal iż-żmien li tiġi definita strateġija ġdida u aktar realistika għar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, ibbażata fuq deterrenza kredibbli iżda wkoll fuq djalogu f'oqsma ta' interess komuni, bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni u l-kummerċ; jissottolinja fl-istess ħin l-importanza ta' investiment akbar fil-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili Russa u fl-appoġġ għalihom, biex tissaħħaħ il-bażi fit-tul tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza li s-sanzjonijiet kienu meħtieġa b'reazzjoni għall-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, u kienu mezz effettiv biex jiskoraġġixxu aktar aggressjoni; ifakkar li s-sospensjoni tas-sanzjonijiet relatati tiddependi mill-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk; jappoġġa bis-sħiħ l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE kontra individwi u entitajiet fir-Russja b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni intenzjonata tal-Ukrajna, u jinsisti li l-UE għandha tibqa' miftuħa għall-possibbiltà ta' aktar sanzjonijiet gradwali, b'mod partikolari kontra prodotti ta' teknoloġija għolja taż-żejt u l-gass, u fis-setturi tal-IT u tal-armi, jekk ir-Russja tkompli tikser id-dritt internazzjonali; jemmen li huwa fl-interess komuni tal-UE u tar-Russja li jiksbu relazzjoni aħjar bejniethom, dment li jiġi applikat id-dritt internazzjonali;

36. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-komunità internazzjonali jitkellmu b'vuċi waħda biex jibgħatu sinjal ċar lill-gvern Russu li l-azzjonijiet tiegħu se jġorru spejjeż u konsegwenzi; jitlob ukoll li titnaqqas il-kriżi attwali u jinsisti li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu mas-sħab internazzjonali biex jitfgħu pressjoni diplomatika, politika u ekonomika fuq il-Gvern Russu biex itemm l-agressjoni tiegħu; jilqa' d-deċiżjonijiet tas-Summit tan-NATO f'Varsavja f'dan il-kuntest; jissottolinja l-impenn tiegħu favur l-għaqda, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna; jenfasizza li l-elezzjonijiet f'territorji okkupati tal-Krimea huma invalidi;

37. Jemmen li huwa importanti li jinstabu modi biex jikkalmaw it-tensjonijiet attwali u jkun hemm djalogu kostruttiv mar-Russja sabiex jiġu identifikati miżuri bil-għan li jnaqqsu r-riskju ta' każijiet perikolużi ta' nuqqas ta' ftehim u kalkoli ħżiena; jissottolinja l-importanza ta' iżjed trasparenza reċiproka fl-attivitajiet militari sabiex jiġu evitati inċidenti marittimi u tal-ajru mar-Russja u l-bżonn li jiġu żviluppati standards komuni għall-ġestjoni ta' aċċidenti u inċidenti possibbli; iqis li t-titjiriet militari mhux kooperattivi mingħajr transponders attivi huma ta' periklu serju għall-avjazzjoni ċivili u jqis li hemm bżonn jitfasslu miżuri għall-individwazzjoni ta' tali titjiriet malajr kemm jista' jkun u biex tinstab triq 'il quddiem internazzjonali sabiex jintemmu dawn ir-riskji għas-sikurezza; jemmen ukoll li l-kooperazzjoni mar-Russja dwar il-ftehim nukleari reċenti mal-Iran joffri tama għal titjib fir-relazzjonijiet f'oqsma oħra, inkluż man-NATO, sabiex jonqsu t-tensjonijiet bħal dawk fil-Baltiku, is-Sirja u l-Ukrajna;

38. Iħeġġeġ lill-UE żżid il-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-reżiljenza u l-indipendenza tagħhom, inkluż permezz tat-tnedija ta' missjonijiet tal-PSDK kompluti u ambizzjużi bil-kompitu li jsaħħu s-sigurtà u l-istabbiltà; jistieden lill-UE jkollha rwol aktar attiv u effettiv fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-kunflitt u l-bini tal-paċi; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għajnuna lill-Ukrajna, inklużi sistemi ta' difiża adegwata, sabiex jiskoraġġixxu eskalazzjoni militari fil-Lvant tal-Ukraina, ibiddlu l-EU East StratCom fi struttura tal-UE permanenti u jallokaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għat-tħaddim aħjar tiegħu; jappoġġa wkoll l-aspirazzjonijiet Ewropej ta' dawk il-pajjiżi u l-aġenda ta' riforma f'oqsma bħall-istat tad-dritt, l-ekonomija, l-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-minoranzi;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

39. Ifakkar fl-impenn tal-UE mas-sħab tagħha fil-viċinat tagħha u li l-appoġġ tar-riforma politika u soċjali, il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku huma l-aqwa mezzi biex tissaħħaħ l-ordni internazzjonali u tiġi żgurata l-istabbiltà tal-viċinat tagħha; jirrikonoxxi li l-politika tal-UE m'għandhiex tadotta approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd, u għalhekk għandha tkun aktar flessibbli u reattiva għal sitwazzjonijiet li qegħdin jinbidlu fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar; jinnota li l-Istrument Ewropew ta' Viċinat rivedut għadu ma laħaqx l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari fejn jidħol il-prinċipju ta' 'aktar għal aktar'; iħeġġeġ sabiex titqies il-politika ta' anqas għal anqas fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi li jmorru lura f'termini ta' governanza, demokrazija u drittijiet tal-bniedem;

40. Jenfasizza li l-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-Istati Uniti u l-Kanada huwa ta' interess strateġiku għall-UE, filwaqt li fl-istess ħin huwa importanti għall-UE li ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mal-Amerika Ċentrali u t'Isfel sabiex mhux biss tissaħħaħ is-sħubija bireġjonali, iżda wkoll biex flimkien jindirizzaw sfidi globali ewlenin; jirrikonoxxi li l-UE hija l-aktar sieħeb ekonomiku importanti għall-Istati Uniti u viċi versa, filwaqt li t-tnejn huma alleati ewlenin internazzjonali kemm bilateralment kif ukoll permezz tan-NATO, u f'oqsma bħalma huma l-ftehim nukleari mal-Iran, is-Sirja u l-Ukrajna; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li din ir-relazzjoni tkompli, fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi, wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-Istati Uniti ta' Novembru 2016;

Il-bini tar-reżiljenza u investiment f'approċċ komprensiv ġenwin: żvilupp, appoġġ u tisħiħ

41. Jenfasizza li l-iżgurar tal-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent tagħna, fil-viċinat tagħna u fl-Afrika issa jrid ikun fil-qalba tal-azzjoni tal-Ewropa; jirrikonoxxi li ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli mingħajr is-sigurtà, u li l-iżvilupp sostenibbli hu rekwiżit għas-sigurtà, l-istabbiltà, il-ġustizzja soċjali u d-demokrazija; huwa tal-fehma li hemm bżonn jiġu ttrattati l-kawżi fundamentali tal-instabbiltà u tal-migrazzjoni irregolari u furzata, jiġifieri l-faqar, in-nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi, il-kunflitt armat, il-governanza ħażina, it-tibdil fil-klima, l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, l-inugwaljanza u politiki kummerċjali li ma jindirizzawx dawn l-isfidi; jemmen li s-sigurtà, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-kummerċ huma partijiet tal-istess strateġija komprensiva u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp kif minqux fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona; jappella għal azzjoni Ewropea u internazzjonali (NU/G20) kontra t-trasferimenti finanzjarji illegali barra mill-Afrika;

42. Jisħaq fuq il-fatt li l-UE jeħtiġilha tagħti attenzjoni partikolari għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-viċinat tagħha, bl-użu tal-għodod tal-politika kollha disponibbli, inklużi l-kummerċ, l-għajnuna għall-iżvilupp, il-politika ambjentali u d-diplomazija, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet; jilqa' f'dan ir-rigward, is-sħubiji ta' migrazzjoni ġodda tal-UE u Pjan ta' Investiment Estern, u jitlob li jkun involut fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ġdid lejn l-Afrika, ibbażat fuq il-valuri u l-prinċipji tal-UE, biex b'hekk jiġu pprovduti opportunitajiet aħjar għall-kummerċ, l-investiment, l-aċċess għall-enerġija u t-tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-pajjiżi Afrikani fil-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi, trasparenti u effettivi u miżuri biex jittaffa l-impatt tat-tibdil fil-klima; jinsab konvint li l-UE għandha teżamina mill-ġdid il-politiki tagħha dwar l-iżvilupp u l-kummerċ sabiex tiżgura li dawn huma skont il-valuri tagħna u jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet; jistieden lill-UE, u b'mod partikolari l-Istati Membri, jiġġieldu kontra t-trasferimenti finanzjarji illeċiti u biex iżidu b'mod sinifikanti l-impenji finanzjarji tagħhom fir-reġjun, inkluż permezz tal-Fond Fiduċjarju għall-Afrika u l-Pjan ta' Investiment Estern u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; jissottolinja r-rwol importanti tal-UE fl-ilħuq tal-objettivi tal-Aġenda 2030; jemmen li s-settur privat jista' jkollu rwol importanti fl-iżvilupp jekk jaġixxi fi ħdan qafas legalment vinkolanti li jiddefinixxi r-responsabbiltajiet tas-settur tan-negozju fir-rigward tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, dawk soċjali u ambjentali;

43. Jirrikonoxxi li l-għoti ta' għajnuna lill-vittmi ta' diżastri, ir-rifuġjati u oħrajn fil-bżonn min-naħa tal-UE wassal għal riżultati mħallta;

44. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-kawżi bażiċi tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni, li l-aktar li jaffetwaw l-Afrika tal-Punent, is-Saħel, il-Qarn tal-Afrika u l-Lvant Nofsani, u li huma mmirati lejn l-Ewropa fuq livell mingħajr preċedent; iħeġġeġ lill-UE twettaq sforzi diplomatiċi koordinati, flimkien mal-Istati Uniti u alleati internazzjonali oħrajn, biex tikkonvinċi lis-sħab fir-reġjun, bħat-Turkija, l-Arabja Sawdija u l-Iran, dwar il-bżonn ta' strateġija komuni u b'bażi ġuridika fir-rigward ta' din l-isfida globali; jinkoraġġixxi aktar sforzi biex ikun hemm kooperazzjoni u koordinament ma' pajjiżi oħra f'din il-ġlieda u jħeġġeġ lill-atturi statali u mhux statali fir-reġjun joqogħdu lura milli jalimentaw aktar it-tensjonijiet settarji u etniċi; jesprimi tħassib serju dwar il-ksur gravi tad-dritt internazzjonali umanitarju u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Jemen, inkluż l-attakk bil-bombi tal-funeral f'Sanaa fit-8 ta' Ottubru 2016; jitlob

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

b'urġenza investigazzjoni internazzjonali indipendenti dwar dan u ksur ieħor tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jissospendu kull kooperazzjoni fil-Jemen sakemm tali ksur jiġi investigat u dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja; jitlob it-tmiem immedjat tal-imblokk tal-Jemen u jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt jerġgħu jibdew id-djalogu u jaħdmu lejn waqfien mill-ġlied sostenibbli; jinsisti li m'hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-kunflitt;

45. Iħeġġeġ sabiex jiġu stabbiliti oqfsa tematiċi biex joffru kooperazzjoni bejn l-Unjoni, il-pajjiżi sħab fil-Viċinat tan-Nofsinhar u atturi reġjonali ewlenin, speċjalment fl-Afrika, dwar kwistjonijiet reġjonali bħas-sigurtà, l-iżvilupp, l-enerġija u l-ġestjoni tal-flussi migratorji; jemmen li l-viċinat tagħna jaf ikun aktar reżiljenti jekk ikun jista' jiġi organizzat fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni reġjonali li jippermetti li jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi tal-migrazzjoni, it-terroriżmu u l-iżvilupp, fost affarijiet oħra; jistieden għalhekk lill-UE taħdem mal-pajjiżi ġirien tagħha tal-Magreb biex terġa' tniedi u tiżviluppa aktar l-Unjoni tal-Magreb Għarbi;

46. Ifakkar li r-reġjun tas-Saħel u żoni ġeografiċi oħrajn konnessi huma reġjuni ta' prijorità għall-iżgurar tas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, u jenfasizza l-fraġilità tas-sitwazzjoni tas-sigurtà hemmhekk u l-konsegwenzi possibbli ta' dan it-taqlib attwali; jistieden lill-UE taħdem biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u s-Saħel fil-ġlieda kontra ż-żieda tal-attivitajiet terroristiċi fir-reġjun Saħel-Saħara; jenfasizza li l-kundizzjonijiet ħorox tal-għajxien f'ċerti postijiet jistgħu jixprunaw lil sezzjoni tal-popolazzjoni lejn l-alternattiva tat-terroriżmu Iżlamiku; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' strateġija koerenti u robusta għar-reġjun tas-Saħel bl-għan li titjieb il-governanza u l-obbligu ta' rendikont u l-leġittimità tal-istati u tal-istituzzjonijiet reġjonali, tissaħħaħ is-sigurtà, jiġu indirizzati r-radikalizzazzjoni, it-traffikar tal-persuni, l-armi u d-droga, u jissaħħu l-politiki ekonomiċi u tal-iżvilupp; jinsab konvint li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali, speċjalment fl-Afrika, huwa kruċjali fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-kooperazzjoni fis-sigurtà; jenfasizza li l-UE jeħtieġ tagħti tweġiba reali għal din is-sitwazzjoni tas-sigurtà, mhux biss ekonomikament, iżda wkoll politikament u militarment;

47. Jenfasizza l-importanza li tinstab soluzzjoni sostenibbli għall-kunflitt fis-Sirja f'konformità mal-proċess ta' transizzjoni stabbilit fil-Communiqué ta' Ġinevra u r-riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU); jappoġġa l-isforzi mmexxija min-NU bil-ħsieb li jiffaċilitaw in-negozjati bejn il-partijiet kollha involuti fil-kunflitt Sirjan dwar ftehim politiku inklużiv; jitlob lill-VP/RGħ tħejji b'mod urġenti strateġija Ewropea għas-Sirja; jinsab konvint li n-negozjati bilaterali bejn ir-Russja u l-Istati Uniti mhux se jkunu biżżejjed biex ikun hemm risposta sostenibbli għall-kriżi Sirjana; jistieden lill-UE tmur lil hinn mill-pożizzjoni tagħha ta' marġinalizzazzjoni diplomatika u tuża l-influwenza tagħha fuq atturi ewlenin bħall-Iran, l-Arabja Sawdija, it-Turkija, il-Qatar u r-Russja sabiex tiżgura li jieħdu pożizzjoni kostruttiva u jżommu lura milli jikkontribwixxu għal deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni; ikompli jħeġġeġ lill-membri kollha tal-KSNU jonoraw ir-responsabbilitajiet tagħhom rigward il-kriżi; ifakkar fl-użu ripetut tal-veto mir-Russja u oħrajn fil-KSNU u jqis li dan l-użu jmorru kontra l-isforzi internazzjonali għall-paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fis-Sirja u fir-reġjun; jenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati sanzjonijiet kontra dawk l-individwi u entitajiet involuti kollha f'delitti kontra l-umanità fis-Sirja; jesprimi tħassib serju dwar il-ksur kbir u mifrux tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem imwettaq min-naħat kollha tal-kunflitt Sirjan u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal abbużi bħal dawn; itenni l-appoġġ tiegħu lill-pajjiżi ġirien tas-Sirja li qed jiffaċċjaw sfidi enormi biex jospitaw miljuni ta' rifuġjati; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-indipendenza, l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Iraq u s-Sirja, fejn id-drittijiet tal-gruppi etniċi u reliġjużi kollha jkunu rispettati bis-sħiħ;

48. Jirrikonoxxi r-rwol tat-Turkija bħala sieħeb importanti fis-soluzzjoni tal-kunflitt Sirjan, fil-ġlieda kontra l-IS/Daesh fis-Sirja u l-Iraq u l-kriżi tal-migrazzjoni; jikkundanna bil-qawwa t-tentattiv ta' kolp ta' stat kontra l-gvern elett demokratikament tat-Turkija; iħeġġeġ lill-Gvern Tork iħares l-ordni kostituzzjonali, filwaqt li jissottolinja l-importanza tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-midja wara l-kolp ta' stat, skont l-impenji tiegħu bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa; jenfasizza li t-Turkija għandha tikkoopera mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropea sabiex tiżgura li l-proċeduri kollha jirrispettaw l-istat tad-dritt; jinsab allarmat minħabba n-natura repressiva u l-grad ta' purifikazzjoni mnedija wara l-attentat ta' kolp ta' stat, li tefa' lura b'mod serju l-libertajiet

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkija; jinsab partikolarment imħasseb dwar l-għadd dejjem jikber ta' każijiet ta' użu eċċessiv ta' forza mill-pulizija u t-trattament ħażin tad-detenuti, l-impunità persistenti għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u l-indipendenza dejjem tonqos tal-ġudikatura;

49. Jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb soluzzjoni ta' żewġ stati għall-kunflitt fil-Lvant Nofsani – abbażi ta' parametri stipulati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2014 – li tiggarantixxi Stat tal-Iżrael sikur u Stat Palestinjan vijabbli fuq il-bażi tal-fruntieri tal-1967 u ssolvi l-kwistjonijiet kollha dwar status permanenti sabiex jintemm il-kunflitt; jistieden lill-UE terfa' r-responsabbiltà tagħha u ssir attur u faċilitatur ġenwin fil-proċess demokratiku; jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE jieħdu passi b'mod urġenti biex iħarsu l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati u joħolqu dinamika pożittiva lejn negozjati ta' paċi ġenwini; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani biex immedjatament itemmu u jreġġgħu lura l-politika ta' insedjament tagħhom; jenfasizza li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-partijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha jibqa' prekundizzjoni essenzjali biex tintlaħaq paċi ġusta u dejjiema; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika tal-UE fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jinvolvu okkupazzjoni jew annessjoni tat-territorju;

50. Jemmen li l-ġlieda kontra t-traffikanti tal-bnedmin hija possibbli biss meta jkun hemm kooperazzjoni mal-pajjiżi fuq in-naħa l-oħra tal-Mediterran u fl-Afrika kollha li hija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jemmen, f'dan ir-rigward, li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkooperaw mas-sħab internazzjonali biex jindirizzaw il-fatturi li qed iwasslu għall-migrazzjoni;

51. Jappoġġa bil-qawwa t-tisħiħ tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (R2P) bħala prinċipju ta' tmexxija importanti fil-ħidma tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tul l-ispettru tal-kunflitt, kif ukoll dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp;

Is-saħħa tad-diplomazija Ewropea: għarfien, impenn u impatt

52. Jenfasizza l-potenzjal enormi tal-UE bħala superpotenza diplomatika, li huwa bbażat fuq firxa wiesgħa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħna u fuq is-setgħa tagħna bbażata fuq il-valuri fil-qasam tad-demokrazija, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza f'dan il-kuntest, ir-rwol ċentrali ta' koordinament tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, is-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi;

53. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-prevenzjoni tal-kunflitti, l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-instabbiltà u l-iżgurar tas-sigurtà tal-bniedem; jirrikonoxxi li azzjonijiet preventivi bikrija kontra riskji fit-tul ta' kunflitt vjolenti huma aktar effettivi, jieħdu inqas żmien u huma anqas għaljin minn operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi; iħeġġeġ lill-UE turi tmexxija politika fid-diplomazija preventiva u l-medjazzjoni f'kunflitti; jilqa' f'dan ir-rigward ir-rwol tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Kunflitti tal-UE, il-Grupp ta' Appoġġ għall-Medjazzjoni tas-SEAE u l-Istitut Ewropew għall-Paċi; jitlob l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet tal-prevenzjoni tal-kunflitti u ta' medjazzjoni tal-UE; jenfasizza li l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħdidiet ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti hija kruċjali għall-promozzjoni tad-drittijiet u l-parteċipazzjoni tan-nisa, u li hija l-ewwel pass lejn l-inklużjoni sħiħa tagħhom fil-proċessi ta' tranżizzjoni futuri; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni jżidu r-riżorsi finanzjarji u amministrattivi maħsuba biex jittrattaw il-medjazzjoni, id-djalogu, ir-rikonċiljazzjoni u r-reazzjoni għall-kriżijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu b'mod strett man-normi stabbiliti mill-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi u sabiex iwaqqfu l-kummerċ tal-armi ma' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kriterji elenkati; jinsisti li l-UE tintensifika d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni dwar id-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi;

54. Iħeġġeġ bil-qawwa aktar negozjati dwar ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru sabiex tintlaħaq konklużjoni rapida u ta' suċċess;

55. Jemmen li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jridu jiżviluppaw politika estera, ta' sigurtà u difiża li tirrispetta l-interessi nazzjonali iżda wkoll tfittex li taħdem ma' sħab internazzjonali, in-Nazzjonijiet Uniti, l-NGOs, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn dwar kwistjonijiet ta' interess komuni u sabiex jiġu promossi l-paċi, il-prosperità u l-istabbiltà madwar id-dinja; jisħaq fuq il-bżonn ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' potenzi globali u reġjonali oħrajn dwar theddidiet u sfidi globali; jenfasizza b'mod partikolari l-importanza kruċjali tar-relazzjoni trans-Atlantika, li hija bbażata fuq interessi u valuri komuni; jirrimarka li t-tiġdid ta' dawn is-sħubijiet strateġiċi, bl-għan li jinbidlu fi strument effettiv ta' politika estera, għandu jkun prijorità għall-UE;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

56. Huwa tal-fehma li l-UE għandha ttejjeb u tintensifika l-isforzi diplomatiċi tagħha fl-Asja, inkluż mal-ASEAN, sabiex tikkontribwixxi għal aktar stabbiltà u sigurtà f'żoni ta' kunflitt b'tensjonijiet imġedda, filwaqt li taħdem mill-qrib ma' sħabha fir-reġjun u tiddefendi d-dritt internazzjonali, inkluż fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar u fl-Oċean Indjan, sabiex tindirizza kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; jinnota l-ħtieġa li l-UE tkompli tappoġġa l-iżvilupp ta' relazzjonijiet paċifiċi bejn iċ-Ċina u l-pajjiżi ġirien tagħha madwar il-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, inkluż il-Vjetnam, it-Tajwan u l-Filippini, permezz ta' mekkaniżmi multilaterali kostruttivi bilaterali u inklużivi; jemmen li ma jistax ikun hemm tisħiħ u tiġdid tal-istrutturi ta' ordni internazzjonali mingħajr l-Asja, u b'mod partikolari ċ-Ċina; jenfasizza li, fid-dawl tal-ambizzjonijiet globali taċ-Ċina, ir-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina għandha testendi lil hinn mir-rabtiet ekonomiċi biex issir aktar komprensiva u tiffoka fuq ir-rwol taċ-Ċina fin-NU, l-influwenza tagħha f'kunflitti reġjonali fil-viċinat tagħha, u l-kontribut tagħha biex tindirizza l-isfidi globali;

57. Jistieden lill-UE ma tirtirax kompletament minn żoni li attwalment huma ta' inqas interess strateġiku, iżda li jistgħu jerġgħu jsiru importanti fil-futur, kemm mil-lat ekonomiku jew mil-lat uman jew militari – bħal pereżempju l-Asja Ċentrali, l-Afrika sub-Saħarjana jew l-Artiku, u li qed jattiraw l-interess ta' setgħat oħra fid-dinja;

58. Ifakkar fl-importanza tas-setgħa bbażata fuq il-valuri tal-Ewropa, u jappella għal aktar tisħiħ tad-diplomazija tal-UE fil-qasam kulturali u xjentifiku sabiex jiġu pproġettati u promossi l-kwalitajiet u l-valuri Ewropej lil hinn mill-fruntieri tagħna; jinnota wkoll is-setgħa ta' diplomazija ekonomika, fost l-oħrajn is-sanzjonijiet, bħala għodda għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE;

59. Jenfasizza r-rwol tad-diplomazija parlamentari għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni politika mas-sħab tal-UE;

60. Jenfasizza l-ħtieġa għal rwol imsaħħaħ tal-parlamenti nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni intensifikata bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà tal-UE;

61. Jenfasizza r-rwol tal-atturi mhux statali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala atturi fid-diplomazija u sħab ewlenin tal-UE, u jenfasizza l-importanza li tingħatalhom għajnuna mill-UE u li jkun hemm involviment magħhom;

62. Jisħaq fuq il-bżonn li titħaffef il-konsolidazzjoni tas-Servizz Diplomatiku Ewropew komplut, u b'mod partikolari li jissaħħu l-għarfien espert tematiku tiegħu u l-kapaċità tiegħu ta' ppjanar politiku strateġiku u ta' tbassir, kif ukoll il-qasam tal-intelligence; iqis li huwa importanti li r-rappreżentazzjonijiet tas-SEAE f'żoni ta' kriżi jingħatalhom rwol konsulari bil-ħsieb li jgħinu liċ-ċittadini tal-UE; jinsisti fuq il-bżonn ta' bilanċ ġust bejn id-diplomatiċi ssekondati mill-Istati Membri u l-uffiċjali tal-UE fis-SEAE, inkluż f'pożizzjonijiet maniġerjali;

63. Jisħaq fuq il-fatt li l-mezzi finanzjarji disponibbli għall-azzjoni esterna tal-UE ma jikkorrispondux mal-isfidi li qed niffaċċjaw; jappella, f'dan ir-rigward, għal żieda sostanzjali fir-riżorsi disponibbli fl-Intestatura IV tal-QFP fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss;

64. Jappella wkoll għal aktar obbligu ta' rendikont u trasparenza, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam man-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali;

65. Jiddispjaċih ħafna dwar il-baġit limitat ta' madwar EUR 320 miljun (0,2 % tal-baġit tal-UE) fuq il-PESK tal-UE, u jitlob li jkun hemm ġestjoni aħjar tal-flussi finanzjarji biex jimplimentaw dan il-baġit; jenfasizza li l-allokazzjonijiet tal-baġit deċiżi għall-2016 baqgħu fl-istess livell tal-2015 u li, b'EUR 5 miljun addizzjonali f'miżuri ta' sigurtà approvati għall-missjoni EUCAP Saħel Mali u EUR 10 miljun għall-EUBAM Libya, il-marġni disponibbli fl-aħħar ta' Marzu 2016 kien jammonta għal EUR 170 miljun; jesprimi t-tħassib tiegħu għan-nuqqas ta' riżorsi disponibbli fid-dawl tal-impenji li jridu jiġu ssodisfati matul l-2016, b'baġit addizzjonali ta' EUR 169 miljun previst sempliċement biex jitkomplew dawk il-missjonijiet li jintemmu fl-2016;

66. Jenfasizza r-rwol importanti tal-kultura fil-politika estera tal-UE fil-promozzjoni ta' djalogu u ta' fehim u tagħlim reċiproku; jenfasizza li politiki kulturali u edukattivi mmirati jistgħu jappoġġaw objettivi ewlenin tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; itenni r-rwol tad-djalogu interkulturali u interreliġjuż fil-ġlieda kontra l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-marġinalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE iqisu d-diplomazija kulturali u d-djalogu interkulturali fl-istrumenti tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u fl-aġenda tal-UE għall-iżvilupp; jistieden lis-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja kollha biex jaħtru uffiċjal għall-kultura f'kull rappreżentanza tal-UE f'pajjiżi terzi sħab; jenfasizza ulterjorment ir-rwol kruċjali tal-edukazzjoni biex jitrawmu ċ-ċittadinanza u l-ħiliet interkulturali, kif ukoll biex jissawru prospetti ekonomiċi aħjar u titjieb

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

is-saħħa; iħeġġeġ l-isforzi attwali tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ ir-rwol tax-xjenza u l-kooperazzjoni fir-riċerka bħala għodda ta' setgħa ta' persważjoni fir-relazzjonijiet esterni Ewropej; jenfasizza l-mod li bih l-iskambju xjentifiku jista' jikkontribwixxi għall-bini ta' koalizzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, partikolarment fir-relazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat tal-UE;

o

o o

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0504

Għodod tal-PAK biex titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-għodod tal-PAK biex titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli (2016/2034(INI))

(2018/C 238/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu l-politika agrikola komuni tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Marzu 2016 imħejji għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Parlament Ewropew bit-titolu "*State of Play of Risk Management Tools Implemented by Member States during the period 2014-2020: National and European Frameworks*" (Sitwazzjoni attwali dwar l-għodod għall-ġestjoni ta' riskji implimentati mill-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020: Oqfsa nazzjonali u Ewropej),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0339/2016),

A. billi l-instabilità u l-volatilità tal-prezzijiet minn dejjem ikkaratterizzaw is-swieq agrikoli, u f'dawn l-aħħar ftit snin, dovut għal għadd ta' xokkijiet tad-domanda, offerta u prezzijiet b'suċċessjoni rapida, saru fattur strutturali tal-agrikoltura kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak dinji;

B. billi l-agrikoltura trid tilqa' l-isfida ewlenija tat-tkabbir fil-popolazzjoni dinjija, filwaqt li parti kbira tal-popolazzjoni dinjija għadha nieqsa mill-ikel, u billi l-volatilità tas-swieq agrikoli b'rabta ma' varjazzjonijiet fil-produzzjoni u żbilanċi bejn il-provvista u d-domanda ser ikomplu jikbru;

C. billi t-tibdil fil-klima u pesti agrikoli jaffettwaw b'mod negattiv il-livelli ta' produzzjoni agrikola, u l-manifestazzjonijiet ta' tibdil fil-klima bħal nixfiet u għargħar jikkontribwixxu għall-volatilità tal-prezzijiet;

D. billi l-kundizzjonijiet makroekonomiċi jista' jkollhom rwol ewlieni fil-volatilità tal-prezzijiet, inklużi l-fatturi strutturali bħal rati tal-kambju, prezzijiet tal-enerġija u fertilizzanti, rati tal-imgħax u spekulazzjoni fis-swieq agrikoli;

E. billi barra l-UE l-atturi ewlenin fis-swieq agrikoli qed jintroduċu politiki li għandhom l-għan li jrażżnu l-volatilità, u billi l-G20 dwar l-agrikoltura impenjat ruħha wkoll li tindirizza din il-kwistjoni, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, billi tittieħed azzjoni biex jiġi miġġieled l-impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel tal-volatilità eċċessiva tal-prezzijiet ta' materja prima agrikola;

F. billi kull reġjun fid-dinja għandu l-mudelli ta' produzzjoni tiegħu, kif ukoll miżuri differenti stabbiliti fir-rigward tal-ambjent u l-benessri tal-annimali, li jista' jkollhom implikazzjonijiet serji għall-ispejjeż u l-prezzijiet tal-produzzjoni, u billi l-bdiewa Ewropej għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fis-suq dinji;

G. billi l-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli tista' tissaħħaħ permezz ta' għażliet politiċi, bħall-impożizzjoni ta' embargoes kummerċjali;

H. billi l-Unjoni Ewropea bħalissa m'għandhiex sistema ta' sikurezza ġenwina biex trażżan il-volatilità tas-suq, li sservi ta' diżinċentiv qawwi biex il-bdiewa jkomplu jaħdmu fit-territorju tal-UE;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

I. billi f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, il-ftuħ tas-suq u l-għażliet li jwasslu għal globalizzazzjoni ekonomika, speċjalment taħt l-impuls tal-ftehimiet tad-WTO u ta' ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ, ippermettew fluwiditá akbar fis-suq iżda kellhom ukoll rwol fiż-żieda tal-fenomenu tal-volatilità tal-prezzijiet fl-agrikoltura;

J. billi l-bdiewa qed iġarrbu spejjeż ta' produzzjoni dejjem ogħla u żieda fid-dejn tal-azjendi agrikoli, u billi 2,4 miljun razzett fl-UE għalqu bejn l-2005 u l-2010, li wassal għal telf ta' għadd kbir ta' impjiegi f'żoni rurali;

K. billi s-swieq agrikoli, bħala l-punt ta' lqugħ bejn il-provvista u d-domanda, huma intrinsikament instabbli, u billi l-preżenza ta' atturi finanzjarji għandha t-tendenza li ssaħħaħ din l-instabilità, u l-elastiċità limitata tad-domanda globali għall-ikel u l-provvista tal-prodotti agrikoli jikkontribwixxu għal żieda fl-effett ta' żbilanċi reali jew ipperċepiti fuq il-parteċipanti fis-suq, b'impatt xi kultant xokkanti fuq il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli;

L. billi l-finanzjalizzazzjoni tal-ekonomija dinjija u l-ispekulazzjoni li takkumpanjaha jista' jkollhom impatt fuq is-swieq agrikoli u jistgħu jikkontribwixxu biex iżidu l-iżbilanċ tagħhom u l-volatilità tal-prezzijiet, b'materja prima agrikola li qed tintuża biss bħala assi finanzjarji; kif ġie enfasizzat mill-irvellijiet tal-ġuħ terribbli fl-2008, dan il-finanzjalizzazzjoni eċċessiva tista' tkun devastanti u etikament kundannabbli jekk thedded is-sigurtà tal-ikel tal-ifqar nies u dawk mingħajr ikel fid-dinja;

M. billi l-Unjoni Ewropea għandha r-responsabilità li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa u l-pożizzjoni kompetittiva tal-bdiewa tal-Ewropej u l-ortikulturi tas-suq fis-suq dinji;

N. billi s-settur tal-agrikoltura u dak agroalimentari huma importanti għall-ekonomija tal-UE u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli;

O. billi l-volatilità tal-prezzijiet toħloq livell għoli ta' inċertezza fost il-produtturi u l-konsumaturi, b'tal-ewwel jaraw id-dħul tagħhom u l-kapaċità li jinvestu, u għalhekk il-vijabilità fit-tul tal-attivitajiet tagħhom, mhedda meta l-prezzijiet ikunu baxxi, filwaqt li l-kapaċità tal-konsumaturi li jitimgħu lilhom infushom u li jkollhom aċċess għal oġġetti bażiċi tista' tiġi kompromessa miż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, u b'hekk jingħata lok għal sitwazzjonijiet ta' kriżi;

P. billi l-volatilità tal-prezzijiet hija ta' ħsara għas-setturi tal-biedja u agroalimentari, li huma ta' detriment għall-investiment, it-tkabbir u l-impjiegi u li jista' wkoll jaffettwa serjament il-provvista tal-konsumatur, is-sigurtà tal-ikel u l-operat bla xkiel tal-PAK;

Q. billi l-volatilità tal-prezzijiet jolqot il-kapaċità tal-bdiewa li jinvestu u joħolqu l-impjiegi, li jiskoraġġixxi l-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni, lill-bdiewa żgħażagħ u t-tiġdid ġenerazzjonali;

R. billi l-biedja sostenibbli bħala sors ta' ikel ta' kwalità għolja tista' tiġi żgurata biss jekk il-bdiewa jirċievu prezz mal-ħruġ mill-azjenda agrikola li jkopri l-ispejjeż kollha ta' produzzjoni sostenibbli;

S. billi fil-kuntest tar-"rivoluzzjoni diġitali", aktar trasparenza fis-swieq Ewropej u aċċess f'waqtu għal informazzjoni jistgħu jikkontribwixxu, fost għodda oħrajn, biex jillimitaw il-volatilità tas-swieq u tal-prezzijiet permezz ta' aċċess imtejjeb u aktar oġġettiv għal operaturi ekonomiċi għall-iżvilupp tas-swieq agrikoli, billi jgħinu biex tingħata protezzjoni aħjar għad-dħul tal-bdiewa u għall-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni fis-swieq agrikoli;

T. billi tal-PAK kif riformata fl-2013 tinkludi għodda għall-ġestjoni tar-riskju fi ħdan il-qafas tal-politika għall-iżvilupp rurali, u billi 2 % biss tal-baġit tat-tieni pilastru u 0,4 % tal-baġit tal-PAK bħalissa jintefqu fuq din l-għodda;

Is-sitwazzjoni attwali u l-objettivi

1. Iqis li l-bdiewa se jkunu dejjem aktar esposti għall-volatilità tal-prezzijiet, li tirriżulta minn diversi raġunijiet bħall-instabilità u imperfezzjonijiet tas-swieq agrikoli, il-globalizzazzjoni u s-sofistikazzjoni tas-swieq agrikoli, il-varjabilità ikbar tal-provvista minħabba l-instabilità klimatika, żieda fir-riskji tas-saħħa u l-ekwilibriju inċert fil-provvista tal-ikel;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

2. Iqis li huwa meħtieġ li tiġi adottata politika aktar inċiżiva u koerenti, bi strumenti mmirati fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, sabiex tiġi żgurata produzzjoni agrikola multifunzjonali u sostenibbli fl-Unjoni kollha, flimkien ma' prezzijiet ġusti u remunerattivi, billi jitnaqqsu l-effetti negattivi għal dawk l-operaturi li l-aktar li huma esposti għall-volatilità tal-prezzijiet b'mod partikolari;

3. Jinnota li s-setturi agrikoli varji għandhom livelli differenti ta' esponiment għall-volatilità tal-prezzijiet u li l-kalibrazzjoni ta' għodod ta' politika pubblika jew strateġiji ta' mitigazzjoni tal-atturi involuti jridu jiġu adattati għal kull settur u għal riskji reali, attwali u futuri li jiffaċċjaw il-bdiewa;

4. Jinnota li, filwaqt li l-Unjoni Ewropea qed tnaqqas l-appoġġ strateġiku tagħha għall-agrikoltura, il-kompetituri tagħha fis-suq dinji, b'mod partikolari l-Istati Uniti, il-Brażil u ċ-Ċina, jagħmlu disponibbli żieda konsiderevoli ħafna, u li kull ma jmur qed tikber, ta' somom ta' flus pubbliċi għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' politika b'rabta mar-riskju, u jipprovdu strumenti li jipproteġu lill-bdiewa mill-effetti tal-volatilità tal-prezzijiet;

5. Jinnota li l-Unjoni Ewropea hija l-unika attur agrikou li jibbaża l-politika agrikola tiegħu fuq appoġġ diżakkoppjat mill-produzzjoni, filwaqt li fl-istess ħin neħħiet l-appoġġi strateġiċi tagħha għall-agrikoltura matul is-snin;

6. Jinnota li fil-Farm Bill tagħhom għall-2014, l-Istati Uniti żviluppaw politiki speċifiċi ta' assigurazzjoni għal setturi agrikoli differenti;

7. Jinnota li l-PAK evolviet b'mod konsistenti matul l-aħħar deċennji, filwaqt li jibqgħu validi l-objettivi ewlenin tagħha li jiġi żgurat livell ta' għajxien deċenti għall-bdiewa u li jkun hemm provvista stabbli u sikura ta' ikel bi prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi;

8. Jenfasizza f'dan ir-rigward il-fatt li politika Ewropea komuni hija vitali għal settur li huwa responsabbli biex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel u li għandha rwol ewlieni fl-użu ta' riżorsi naturali u l-iżvilupp ekonomiku u ambjentali sostenibbli ta' żoni rurali;

9. Jenfasizza l-importanza li jintużaw sinerġiji bejn il-PAK u politiki oħra tal-UE;

10. Jinnota li l-aħħar riformi tal-PAK diżakkoppjaw kważi kompletament l-għajnuna diretta mill-produzzjoni, komplew il-proċess ta' konverġenza għal pagamenti diretti u adottaw problemi soċjali u, b'mod partikolari, ambjentali b'mod aktar wiesa';

11. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis tar-riżorsi tal-PAK matul is-snin, b'mod partikolari dawk iddedikati għal miżuri ta' organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS), il-ftuħ tal-prospett ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK, u l-imminar ta' kundizzjonijiet ġusti u ekwi fis-suq uniku tal-UE;

12. Jenfasizza li d-dħul annwali medju tal-bdiewa tal-UE staġna jew saħansitra naqas matul l-aħħar 10 snin, filwaqt li l-ispejjeż tal-produzzjoni żdiedu b'mod kontinwu, li rriżulta fi tnaqqis sostanzjali fl-għadd ta' azjendi agrikoli, bit-theddida ta' ħafna telf ta' impjiegi f'żoni rurali;

13. Iqis li l-Kummissjoni għandha tuża l-marġini ta' manuvra finanzjarja kollha għad-dispożizzjoni tagħha fl-OKS unika;

14. Jiddispjaċih dwar ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-għodod tal-OKS unika biex jitnaqqas l-impatt negattiv tal-volatilità tal-prezzijiet u jingħeleb it-tfixkil tas-suq;

15. Jirrimarka li l-biċċa l-kbira tal-istrumenti għall-ġestjoni tar-riskju, il-fondi mutwi, l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tad-dħul u ta' assigurazzjoni mogħtija taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali qed jiġu implimentati b'mod mhux uniformi u b'baġit limitat ta' finanzjament;

16. Jirrakkomanda, għalhekk, li l-miżuri tat-tieni pilastru attwali jkunu msaħħa sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea u biex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu involuti mill-qrib fil-proċess ta' implimentazzjoni;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

17. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tar-raġunijiet ta' assorbiment dgħajfa tal-għodod disponibbli taħt it-tieni pilastru tal-PAK u tal-implimentazzjoni mhux ottimali tal-OKS unika, bl-għan li tirrevedi d-dispożizzjonijiet rilevanti b'mod xieraq;

18. Jenfasizza l-importanza li jinżammu l-għajnuniet diretti diżakkoppjati skont il-PAK attwali kif ukoll l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, li tikkostitwixxi kumpens għas-servizzi pubbliċi u komponent vitali biex jiġi żgurat id-dħul tal-bdiewa kif ukoll biex jingħatalhom grad ta' stabilità finanzjarja;

19. Jenfasizza, madankollu, li l-PAK attwali, li hija nieqsa minn għodod effettivi, responsivi, għadha ma tindirizzax adegwatament il-volatilità akbar li dehret fis-swieq agrikoli u lanqas ma ppermettiet lill-bdiewa jwieġbu għas-sinjali tas-suq jew jiżviluppaw soluzzjonijiet biex ilaħħqu ma' tibdil fil-prezzijiet;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni urġenti biex tappoġġa s-settur agrikolu tar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni muntanjużi u reġjuni żvantaġġati, fejn l-ispejjeż ta' produzzjoni, ħsad u tqegħid fis-suq tal-prodotti barra ż-żoni fejn ikunu ġew prodotti huma ħafna ogħla minn dawk f'oqsma oħra, u tipprovdi indikaturi speċifiċi għall-attivazzjoni ta' miżuri li jservu ta' xibka ta' sigurtà għal swieq agrikoli f'dawn ir-reġjuni;

21. Iqis li l-awtonomija u s-sigurtà tal-ikel tal-UE, kif ukoll l-iżvilupp ta' settur tal-biedja kompetittiv u sostenibbli madwar l-Unjoni li jissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini, għandhom jibqgħu objettivi strateġiċi għall-futur tal-PAK, filwaqt li jiġi garantit standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa bħala kwistjoni ta' urġenza;

22. Iqis li produzzjoni vijabbli tal-ikel ma tistax teżisti mingħajr il-bdiewa Ewropej, li huma kontinwament esposti għall-volatilità tal-prezzijiet u jiddependu ħafna minn swieq u prezzijiet stabbli, kif ukoll minn finanzjament pubbliku adegwat u miżuri li jippreservaw il-kompetittività tal-azjendi agrikoli u l-irziezet tal-familja;

23. Jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol importanti ta' bdiewa żgħażagħ u ġodda biex jiġi ggarantit il-futur tal-agrikoltura Ewropea;

Proposti

L-organizzazzjoni tas-setturi u l-kuntrattwalizzazzjoni

24. Iqis li l-produtturi primarji huma l-aktar ħolqa dgħajfa fil-katina tal-provvista tal-ikel, speċjalment fid-dawl ta' settur tal-ħwienet kbar dejjem aktar ikkonċentrat fil-livell Ewropew u nazzjonali, u għandhom ikunu permessi li jiltaqgħu f'korpi bħalma huma l-kooperattivi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet interprofessjonali proprji;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-introduzzjoni ta' sistemi kuntrattwali permezz ta' aġġustament, skont l-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur agrikolu, b'regoli u implimentazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha; iqis li l-objettivi tal-PAK għandhom jibqgħu jipprevalu fuq ir-regoli tal-kompetizzjoni u li kwalunkwe inizjattiva sabiex il-liġi tal-kompetizzjoni tiġi adattata għall-ispeċifiċitajiet tas-settur agrikolu għandha tkun ibbażata fuq ir-Regolament dwar OKS unika;

26. Jenfasizza li s-setgħa ta' negozjar tal-produtturi għandha tissaħħaħ fil-katina tal-ikel, permezz ta' kuntratti standard, trasparenti, bilanċjati u nnegozjati b'mod kollettiv, sabiex il-bdiewa jitqiegħdu f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu jikkontrobilanċjaw prattiki kummerċjali inġusti, tingħata spinta lill-kompetittività tagħhom, tittejjeb l-istabilità tad-dħul tagħhom, jiġi ġenerat valur miżjud u jsir investiment fl-innovazzjoni;

27. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas leġiżlattiv tal-UE li jipprojbixxi prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel, li jistgħu jikkawżaw volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli;

28. Jenfasizza li dawn il-kuntratti għandhom ikunu twal biżżejjed u għandhom jistabbilixxu l-prezzijiet, il-perjodi ta' pagament u termini oħra għall-provvista ta' prodotti agrikoli;

29. Iqis li l-bdiewa fid-diversi setturi agrikoli għandhom ikunu jistgħu jinnegozjaw it-termini ta' kuntratti kollettivament permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' daqs li jikkorrispondi mad-daqs tal-gruppi industrijali jew ta' distribuzzjoni li jkunu qed jinnegozjaw magħhom;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

30. Jinnota li l-potenzjal offrut minn kuntratti integrati tal-katina ta' provvista fuq terminu twil, kuntratti forward, kuntratti b'marġni fiss, u l-opportunità li "jiġu blukkati" l-prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż tal-produzzjoni għal perjodu ta' żmien stabbilit jista' joffri lill-produtturi għodda biex jimmaniġġjaw l-impatt tal-volatilità fuq il-marġini tagħhom;

31. Jemmen li l-għażla li jsir użu minn strumenti ġodda fir-relazzjonijiet kuntrattwali għandha tkun disponibbli u li għodod għall-medjazzjoni kuntrattwali għandhom ukoll isiru disponibbli;

32. Jinnota li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jħeġġu l-fiduċja u d-djalogu fost il-partijiet interessati differenti (produtturi, proċessuri u distributuri) u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' valur miżjud permezz ta' inizjattivi konġunti li jgħinu lill-bdiewa jifhmu aħjar is-swieq u l-produzzjoni, il-promozzjoni ta' prattiki tajba u t-trasparenza tas-suq, il-previżjonijiet tal-produzzjoni potenzjali, jgħinu biex tittejjeb il-ġestjoni tal-provvista u jitħejjew kuntratti standard li jkunu kompatibbli mar-regoli u r-regolamenti tal-UE;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi organizzazzjonijiet intersettorjali fil-livell tal-UE biex jiddefendu b'mod konġunt l-interessi tal-produtturi fis-setturi l-aktar orjentati lejn swieq transfruntiera, bħas-settur tal-frott u l-ħaxix;

34. Jirrikonoxxi l-isforzi magħmula minn kooperattivi Ewropej biex jgħaqqdu u jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur, u jemmen li huwa neċessarju li jitħeġġu jaqdu rwol akbar f'setturi agrikoli, biex b'hekk itaffu l-effetti tal-volatilità eċċessiva tas-suq;

Għodod tal-ġestjoni tar-riskju

35. Jirrakkomanda li l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju dwar il-klima, is-saħħa u l-ekonomija, b'mod partikolari d-diversi tipi ta' riskju tal-assigurazzjoni kontra r-riskju għall-produzzjoni agrikola, l-għodod ta' stabbilizzazzjoni tad-dħul, il-forniment individwali ta' mekkaniżmi u fondi mutwi, għandhom jiġu żviluppati aktar f'PAK orjentata lejn is-suq sabiex jiġu llimitati l-effetti tal-volatilità tal-prezzijiet u jinkoraġġixxu l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli li jħarsu 'l quddiem;

36. Jistieden lill-Kummissjoni trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u tiżviluppa għodod ġodda, li għandhom mhux biss ikunu ġusti, effiċjenti u reattivi, iżda wkoll bi prezz raġonevoli u aċċessibbli għall-bdiewa, sabiex jipprevjenu u jimmaniġġjaw ir-riskji assoċjati mal-volatilità tal-prezzijiet u b'hekk tinħoloq il-bażi għal diskussjoni dwar ir-riformi futuri tal-PAK;

37. Jenfasizza li dawn l-għodod, flimkien ma' sistema ta' pagament dirett, għandhom ikunu mgħammra b'biżżejjed riżorsi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-biedja mingħajr ma titnaqqas il-ħtieġa għal ġestjoni ta' kriżijiet *ex-post*;

38. Iqis li fondi mutwi amministrati settorjalment, imwaqqfa fuq l-inizjattiva ta' bdiewa, jistgħu jistabbilizzaw id-dħul tal-bdiewa, sa ċertu punt, peress li l-marġini ta' qligħ fuq il-prodott tagħhom ivarjaw;

39. Iqis, barra minn hekk, li dawk il-fondi mutwi ma għandhomx jissostitwixxu l-appoġġ mogħti mill-Unjoni u għandhom ikunu kombinati ma' appoġġ nazzjonali;

40. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi billi toffri inċentivi biex jiġu stabbiliti dawn il-fondi, filwaqt li tiggarantixxi li kwalunkwe skema ta' mmaniġġjar tar-riskju għandha tikkonforma mas-sistemi ta' assigurazzjoni adottati fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri, u fejn meħtieġ tikkompletahom;

41. Iqis li l-volatilità tal-prezzijiet tista' wkoll tiġi ġestita fil-livell nazzjonali, u jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-volatilità tas-suq fir-regoli fiskali tagħhom billi jippermettu lill-bdiewa joħolqu mekkaniżmi ta' forniment individwali li jistgħu ikunu mingħajr taxxa;

42. Iqis li l-bdiewa huma fost l-aktar atturi vulnerabbli ekonomikament fis-swieq, b'mod partikolari dawk li investew fl-iżvilupp tal-impriżi tagħhom;

43. Iqis, barra minn hekk, li għandhom jiġu stabbiliti għodod tal-PAK, bħall-assistenza effettiva f'termini ta' likwidità jew l-iskema ta' tfaddil ta' prekawzjoni, sabiex jipprevjenu t-telf tal-impetu għall-investiment;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

44. Jenfasizza l-fatt li l-azjendi agrikoli jistgħu biss jinnovaw jekk l-ispejjeż kapitali huma baxxi u jekk ikun hemm grad ta' likwidità disponibbli; jenfasizza f'dan ir-rigward li dħul stabbli jikkostitwixxi waħda mill-prekundizzjonijiet li jippermettu lill-bdiewa jiksbu aċċess għal self;

45. Jinnota li r-rwol u l-azzjonijiet tas-settur bankarju għandhom impatt kbir fuq il-produtturi u li ż-żieda fil-livelli ta' dejn tal-azjendi agrikoli żżid piżijiet addizzjonali għas-settur fi żminijiet ta' volatilità;

46. Jenfasizza l-importanza li l-bdiewa jiġu infurmati aħjar dwar ir-rwol ewlieni tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-appoġġ u l-iżvilupp tal-ekonomija rurali u dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji innovattivi;

47. Iqis li għandha tkun disponibbli informazzjoni aħjar dwar il-modernizzazzjoni, is-sostenibilità u l-kompetittività tal-azjendi għall-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, filwaqt li fl-istess ħin jiġu provduti korsijiet ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tar-riskju, id-dejta tas-suq, il-marġini u l-volatilità;

48. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u l-gruppi agrikoli, tadotta pjan ta' sensibilizzazzjoni dwar l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju disponibbli fil-qafas tat-tieni Pilastru u fl-OKS unika;

49. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jsaħħu l-aspetti msemmija hawn fuq fil-programmi tagħhom ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali;

50. Jemmen li wieħed mill-modi biex jiġu stabbilizzati s-swieq u titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet huwa li jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn il-provvista u d-domanda;

Osservatorji tas-suq u tal-prezzijiet agrikoli

51. Iqis li s-swieq agrikoli għandhom ikunu trasparenti, u dan jista' jinkiseb prinċipalment billi l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni eżistenti dwar il-prezzijiet u l-ispejjeż tkun aktar f'waqtha, faċilment aċċessibbli u utli għall-partijiet interessati kollha fil-katina ta' provvista, mill-produzzjoni sad-distribuzzjoni, biex b'hekk jiġu limitati l-ispekulazzjoni fil-prezzijiet u l-volatilità tal-prezzijiet;

52. Jinnota, madanakollu, li t-trasparenza tal-prezzijiet fiha nnifisha ma tgħinx biex ittejjeb ir-reżiljenza tal-bdiewa kontra l-volatilità tal-prezzijiet jew biex issolvi difetti strutturali f'organizzazzjoni tas-suq bħall-iżbilanċi bejn il-provvista u d-domanda;

53. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' mappa Ewropea b'informazzjoni f'ħin reali dwar id-disponibilità ta' prodotti agrikoli;

54. Jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni ta' strumenti addizzjonali ta' monitoraġġ tas-suq f'setturi oħra;

55. Jenfasizza l-vantaġġ importanti għall-bdiewa li jkunu konxji mill-formazzjoni u ċ-ċaqliq tal-prezzijiet, kif ukoll mit-tendenzi tal-provvista, meta jinnegozjaw kuntratti mal-partijiet interessati l-oħrajn kollha;

56. Jirrakkomanda l-istabbiliment ta' osservatorji tal-prezzijiet agrikoli Ewropej li jkopru l-katina kollha, mill-prezz tal-produttur sal-prezz finali tal-bejgħ, sabiex tiġi provduta analiżi kontinwa u segment b'segment ta' swieq agrikoli;

57. Jirrakkomanda l-involviment ta' atturi ekonomiċi meta data aġġornata u rilevanti dwar il-movimenti u l-previżjonijiet fuq medda qasira u medja ta' żmien issir disponibbli f'intervalli ta' kull xahar jew kull xahrejn korrispondenti għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur rilevanti;

58. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi r-riżorsi meħtieġa biex l-osservatorji ikunu jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet, u mhux biss sempliċement jimmonitorjaw it-tfixkil;

Għodod ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet

59. Huwa tal-fehma li l-għodod tradizzjonali tal-PAK għall-ġestjoni tal-kriżijiet (intervent pubbliku u ħżin privat) mhumiex effettivi biżżejjed f'ekonomija globalizzata;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

60. Jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod kombinabbli u/jew kumplimentari fis-settur pubbliku u f'dak privat, flimkien ma' mekkaniżmu ta' twissija bikrija speċifiku u vinkolanti sabiex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-swieq u tikkontrobatti l-kriżijiet tas-suq;

61. Iqis li l-Kummissjoni għandha tuża l-għodod kollha li diġà għandha għad-dispożizzjoni tagħha fl-OKS unika biex tiġġieled il-kriżijiet;

62. Jiddispjaċih dwar l-użu baxx tar-riżerva ta' kriżi, prinċipalment dovut għar-regoli baġitarji, b'mod partikolari r-regola tal-annwalità, u għas-setgħa diskrezzjonali li tgawdi l-Kummissjoni meta tiġi biex jirrilaxxa l-fondi mir-riżerva;

63. Jitlob, għalhekk, biex ir-riżerva ta' kriżi tiġi kostitwita barra l-baġit tal-PAK, u biex din isservi bħala sors ta' finanzjament għal għodod għall-ġestjoni ta' kriżijiet;

64. Iħares lejn miżuri kontroċikliċi bħala għodod ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, flimkien ma' għodod ta' ġestjoni tar-riskju, li permezz tagħhom l-UE tista' tintervjeni fi swieq agrikoli f'każijiet ta' kriżijiet ta' forza maġġuri, sabiex jiġi evitat tnaqqis sostanzjali fil-prezzijiet;

65. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar kif għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi biex jevitaw u jiġġieldu l-kriżijiet dovuti għall-volatilità tal-prezzijiet bl-użu ta' għajnuniet kontroċikliċi, u tipprovdi għal aktar flessibilità fil-baġit annwali, fil-limiti tal-pakkett finanzjarju pluriennali, sabiex jitqiesu l-għajnuniet kontroċikliċi;

o

o o

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0505

Il-każijiet tal-Akkademja Buddista Tibetana Larung Gar u ta' Ilham Tohti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-każijiet tal-Akkademja Buddista Tibetana ta' Larung Gar u Ilham Tohti (2016/3026(RSP))

(2018/C 238/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Tibet, b'mod partikolari dik tal-25 ta' Novembru 2010 dwar it-Tibet: pjanijiet biex iċ-Ċiniż isir il-lingwa uffiċjali tat-tagħlim ([1]), dik tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-Tibet, b'mod partikolari r-reliġjużi nisa u rġiel li jaħarqu lilhom infushom ([2]) u dik tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 dwar iċ-Ċina: drittijiet tal-minoranzi u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt ([4]) u tal-10 ta' Marzu 2011 dwar is-sitwazzjoni u l-wirt kulturali f'Kashgar (ir-Reġjun Awtonomu Xinjiang Uyghur, iċ-Ċina) ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ċina ([6]),

— wara li kkunsidra d-disa' ċikli ta' taħditiet li saru bejn l-2002 u l-2010 bejn rappreżentanti ta' livell għoli tal-gvern Ċiniż u d-Dalai Lama; wara li kkunsidra l-White Paper taċ-Ċina dwar it-Tibet, bit-titolu "Tibet's Path of Development Is Driven by an Irresistible Historical Tide" (Il-Passaġġ tat-Tibet lejn l-Iżvilupp hu Xprunat minn Marea Storika Irreżistibbli), li ġiet ippubblikata mill-Uffiċċju ta' Informazzjoni tal-Kunsill tal-Istat Ċiniż nhar il-15 ta' April 2015; wara li kkunsidra l-Memorandum tal-2008 u n-Nota dwar Awtonomija Ġenwina tal-2009, it-tnejn li huma ppreżentati mir-Rappreżentanti tal-14-il Dalai Lama;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jiggarantixxi liċ-ċittadini kollha d-dritt għal-libertà tat-twemmin reliġjuż, u l-Artikolu 4 li jiddefendi d-drittijiet tan-"nazzjonalitajiet ta' minoranza",

— wara li kkunsidra r-rimarki ta' Donald Tusk, President tal-Kunsill Ewropew, nhar id-29 ta' Ġunju 2015 fil-konferenza konġunta għall-istampa mal-Prim Ministru Ċiniż Li Keqiang b'segwitu għas-17-il Summit bejn l-UE u ċ-Ċina, fejn esprima t-tħassib tal-UE dwar il-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni fiċ-Ċina, inkluża s-sitwazzjoni tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi bħat-Tibetani u l-Uighur, u ħeġġeġ liċ-Ċina terġa' tniedi djalogu sinifikanti mar-rappreżentanti tad-Dalai Lama,

— wara li kkunsidra s-Sitt Forum ta' Ħidma dwar it-Tibet organizzat mill-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż f'Awwissu 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Settembru 2014 mill-kelliem tas-SEAE li tikkundanna s-sentenza ta' għomor ħabs mogħtija lill-professur tal-ekonomija Uighur Ilham Tohti u tappella għall-ħelsien immedjat u inkondizzjonat tiegħu,

— wara li kkunsidra d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina rigward id-drittijiet tal-bniedem, imniedi fl-1995, u l-34 sessjoni li ġiet organizzata f'Beijing fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-fatt li fil-11 ta' Ottubru 2016 Ilham Tohti ngħata l-Premju Martin Ennals talli ddefenda d-drittijiet tal-bniedem, u f'Settembru 2016 ġie nnominat għall-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb,

---

([1]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 118.
([2]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 121.
([3]) ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 69.
([4]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 80.
([5]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 185.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0458.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina mnedija fl-2003 u l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2016, intitolata "Elementi għal strateġija ġdida tal-UE dwar iċ-Ċina",

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt għandhom jibqgħu fiċ-ċentru tas-sħubija li ilha għaddejja bejn l-UE u ċ-Ċina, f'konformità mal-impenn tal-UE li tiddefendi dawn il-valuri fl-azzjoni esterna tagħha u l-interess li wriet iċ-Ċina li tikkonforma ma' dawn l-istess valuri fl-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħha;

B. billi, skont l-objettivi ta' żvilupp tiegħu, il-Gvern Ċiniż indika li qed ifittex rwol akbar fl-indirizzar ta' sfidi globali, bħalma huma l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u t-tibdil fil-klima, u influwenza akbar fuq il-governanza globali kemm politika kif ukoll ekonomika, u impenja ruħu li jsaħħaħ l-istat tad-dritt;

C. billi s-17-il Summit bejn l-UE u ċ-Ċina tad-29 ta' Ġunju 2015 tella' r-relazzjonijiet bilaterali fuq livell ġdid, u billi l-UE, fil-qafas strateġiku tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, wiegħdet li se tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi kollha, inklużi s-sħab strateġiċi tagħha; billi t-18-il Summit bejn l-UE u ċ-Ċina tat-12-13 ta' Lulju 2016 ikkonkluda li kien se jsir ċiklu ieħor ta' djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina qabel tmiem l-2016;

D. billi ċ-Ċina għamlet progress matul l-aħħar deċennji fit-twettiq tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, li jirrifletti l-prijoritajiet iddikjarati tagħha dwar id-drittijiet tal-poplu għas-sussistenza u l-żvilupp, iżda l-kisbiet tagħha fil-qasam tad-drittijiet politiċi u ċivili, flimkien mal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, huma limitati;

E. billi, matul l-34 Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar f'Beijing fit-2 ta' Diċembru 2015, l-UE leħħnet it-tħassib tagħha rigward ir-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, speċjalment fit-Tibet u f'Xinjiang, u rigward ir-rispett għal-libertà tar-reliġjon jew twemmin; billi l-każ ta' Ilham Tohti ġie diskuss matul l-34 Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

F. billi l-Istitut ta' Larung Gar, imwaqqaf fl-1980, hu l-akbar ċentru Buddist Tibetan fid-dinja u attwalment qed iħabbat wiċċu ma' demolizzjoni estensiva min-naħa tal-Gvern Ċiniż bl-għan li l-akkademja tiċċekken b'ħamsin fil-mija, l-iżgumbrar ta' madwar 4 600 resident bil-forza u l-qerda ta' madwar 1 500 abitazzjoni; billi skont l-awtoritajiet Ċiniżi din id-demolizzjoni hija meħtieġa sabiex jitwettqu "korrezzjoni u rettifika";

G. billi l-persuni żgumbrati qed jiġu reġistrati b'mod furzat f'eżerċizzji magħrufa bħala "edukazzjoni patrijottika"; billi tliet reliġjużi nisa fl-akkademja għamlu suwiċidju bi protesta kontra d-demolizzjonijiet fuq skala kbira li għaddejjin f'Larung Gar;

H. billi ġie rappurtat li mill-2009 għadd enormi ta' Tibetani, fil-parti l-kbira reliġjużi nisa u rġiel, taw in-nar lilhom infushom bħala protesta kontra l-politiki restrittivi taċ-Ċina fit-Tibet, u b'appoġġ għar-ritorn tad-Dalai Lama u d-dritt għal-libertà reliġjuża fil-prefettura tal-kontea ta' Aba/Ngaba fil-Provinċja ta' Sichuan u f'partijiet oħra tal-plateau tat-Tibet;

I. billi l-emissarji tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama kkuntattjaw lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex tinstab soluzzjoni paċifika u reċiprokament benefika għall-kwistjoni tat-Tibet; billi ma sar l-ebda progress għar-riżoluzzjoni tal-kriżi Tibetana f'dawn l-aħħar ftit snin, peress li l-aħħar ċiklu ta' taħdidiet sar fl-2010 u n-negozjati bħalissa huma ffriżati;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

J. billi l-professur tal-ekonomija Uighur Ilham Tohti ġie kkundannat għal għomru l-ħabs fit-23 ta' Settembru 2014 fuq akkuża ta' separatiżmu allegat wara li ġie arrestat f'Jannar tal-istess sena; billi seba' studenti preċedenti tiegħu wkoll ġew arrestati u ngħataw sentenzi ta' ħabs ta' bejn tliet snin u tmien snin għal allegata kollaborazzjoni mas-Sur Tohti;

K. billi hemm allegazzjonijiet li l-proċess dovut tal-liġi ma ġiex rispettat, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal difiża xierqa;

L. billi r-reġjun ta' Xinjiang, fejn hija bbażata l-parti l-kbira tal-minoranza etnika Musulmana Uighur, esperjenzat episodji ripetuti ta' kunflitti u vjolenza etniċi; billi Ilham Tohti dejjem ċaħad is-separatiżmu u l-vjolenza u fittex ir-rikonċiljazzjoni bbażata fuq ir-rispett tal-kultura Uighur;

1. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jwaqqfu d-demolizzjoni ta' Larung Gar u l-iżgumbrament tar-residenti tiegħu u, b'dan il-mod, jirrispettaw il-libertà tar-reliġjon f'konformità mal-impenji internazzjonali taċ-Ċina fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jibdew djalogu u jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fir-rigward tal-iżviluppi f'Larung Gar mal-komunità lokali u l-mexxejja reliġjużi tagħha, u biex jindirizzaw it-tħassib dwar istituti reliġjużi ffullati billi jippermettu lit-Tibetani jistabbilixxu aktar istituti u jibnu aktar faċilitajiet; jitlob kumpens adegwat u akkomodazzjoni mill-ġdid għat-Tibetani li ġew żgumbrati matul id-demolizzjonijiet f'Larung Gar fil-post tal-għażla tagħhom biex ikomplu għaddejjin bl-attivitajiet reliġjużi tagħhom;

3. Jiddeplora l-kundanna ta' għaxar Tibetani mill-Qorti Intermedja tal-Poplu f'Barkham għal sentenzi ta' bejn 5 u 14-il sena ħabs talli ħadu sehem f'ċelebrazzjoni ta' għeluq it-80 sena tal-Qdusija Tiegħu d-Dalai Lama fil-Kontea ta' Ngaba;

4. Jinsab imħasseb profondament dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tibet, li wassal għal żieda fl-għadd ta' każijiet ta' persuni li jaħarqu lilhom infushom; jikkritika ż-żieda fil-wirjiet militari fil-plateau tat-Tibet, li se twassal biss għal żieda fit-tensjoni f'dan ir-reġjun; jikkundanna ż-żieda fl-użu tas-sistemi ta' sorveljanza fid-djar privati Tibetani;

5. Jinsab imħasseb dwar ir-reġim dejjem aktar ripressiv li qed iħabbtu wiċċhom miegħu l-minoranzi differenti, b'mod partikolari t-Tibetani u l-Uighur, ħekk kif jiżdiedu r-restrizzjonijiet fuq il-garanziji kostituzzjonali tad-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni kulturali u ta' twemmin reliġjuż, u tal-libertà tal-kelma u ta' espressjoni, ta' għaqda paċifika u assoċjazzjoni, filwaqt li jqumu dubji dwar l-impenn iddikjarat taċ-Ċina favur l-istat tad-dritt u r-rispett lejn obbligi internazzjonali; jitlob li l-awtoritajiet jirrispettaw dawn il-libertajiet fundamentali;

6. Jinsab imħasseb dwar l-adozzjoni tal-pakkett ta' liġijiet dwar is-sigurtà u l-impatt tiegħu fuq il-minoranzi fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-liġi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu li taf twassal għall-penalizzazzjoni tal-espressjoni paċifika tal-kultura u r-reliġjon Tibetani u l-liġi dwar il-ġestjoni tal-NGOs internazzjonali li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017 u se tpoġġi lill-gruppi tad-drittijiet tal-bniedem taħt il-kontroll strett tal-gvern, peress li dan jikkostitwixxi approċċ purament minn fuq għal isfel minflok ma jinkoraġġixxi s-sħubija bejn il-gvern lokali u ċentrali u s-soċjetà ċivili;

7. Iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż jemenda d-dispożizzjonijiet tal-pakkett ta' liġijiet dwar is-sigurtà li jċekknu l-ispazju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jżidu l-kontroll tal-gvern fuq il-prattiki reliġjużi; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jipprovdi u jiggarantixxi ambjent ġust u sikur għall-NGOs u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ħalli dawn ikunu jistgħu joperaw liberament fil-pajjiż, u dan għandu mnejn jikkomplementa bil-kbir it-twettiq mill-istat ta' servizzi soċjali b'approċċ minn isfel għal fuq u jikkontribwixxi għall-progress tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, politiċi u ċivili;

8. Jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jerġa' jibda d-djalogu mar-rappreżentanti Tibetani, li ntemm miċ-Ċina fl-2010, bl-għan li tinstab soluzzjoni politika inklużiva għall-kriżi fit-Tibet; jitlob ir-rispett lejn il-libertajiet ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' reliġjon tal-poplu Tibetan, kif minqux fil-Kostituzzjoni; jemmen li r-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi huwa element kruċjali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt li hu indispensabbli għall-istabbiltà politika;

9. Jikkundanna bil-qawwa l-priġunerija ta' Ilham Tohti li qed jiskonta sentenza ta' għomru l-ħabs fuq allegati akkużi ta' separatiżmu; jiddeplora l-fatt li l-proċess dovut tal-liġi ma ġiex rispettat u li Ilham Tohti ma bbenefikax mid-dritt għal difiża xierqa; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jirrispettaw in-norma li jippermettu żjara fix-xahar għall-membri tal-familja;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

10. Jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' Ilham Tohti u tal-partitarji tiegħu miżmuma b'rabta mal-każ tiegħu; jitlob, barra minn hekk, li Ilham Tohti jingħata lura l-permess tat-tagħlim tiegħuu li l-moviment ħieles tiegħu jiġi garantit fi ħdan iċ-Ċina u barra minnha;

11. Ifakkar kemm hu importanti li l-UE tqajjem il-kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari l-każ tal-minoranzi fit-Tibet u f'Xinjiang, f'kull djalogu politiku u tad-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet Ċiniżi, f'konformità mal-impenn tal-UE li tipproġetta leħen sod, ċar u unifikat fl-approċċ tagħha lejn il-pajjiż, inklużi d-Djalogi annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jirrimarka wkoll li, bħala parti mill-proċess ta' riforma kontinwa tagħha u ż-żieda fl-impenn globali tagħha, iċ-Ċina għażlet li tieħu sehem fil-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem billi ffirmat firxa wiesgħa ta' trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u għalhekk jitlob li jibqa' jkun hemm djalogu maċ-Ċina biex dawn l-impenji jitwettqu;

12. Jiddeplora l-fatt li l-35 ċiklu tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina probabbilment mhux se jsir qabel tmiem l-2016, kif kien miftiehem; iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż biex jaqbel li jsir djalogu ta' livell għoli fl-ewwel ġimgħat tal-2017;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0506

Is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya fil-Myanmar

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya fil-Myanmar (2016/3027(RSP))

(2018/C 238/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Myanmar u dwar is-sitwazzjoni tal-Musulmani Rohingya, b'mod partikolari dik tas-7 ta' Lulju 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE fir-rigward tal-Myanmar/Burma tal-20 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Elementi għal Strateġija tal-UE fil-konfront tal-Mjanmar/Burma: sħubija speċjali għad-demokrazija, il-paċi u l-prosperità",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, dwar l-assunzjoni tal-kariga tal-Gvern il-ġdid tal-Unjoni tal-Myanmar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Kelliem tal-VP/RGħ dwar iż-żieda reċenti tal-vjolenza fil-Myanmar tat-2 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta għall-istampa dwar it-tielet Djalogu bejn l-UE u l-Myanmar dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-25 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-apolidija tal-4 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra t-tgħarrif reċenti tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar, rispettivament tad-29 u tat-18 ta' Novembru 2016, dwar is-sitwazzjoni deterjoranti tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tramuntana tal-Istat ta' Rakhine,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem bit-titolu "Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-Musulmani Rohingya u minoranzi oħrajn fil-Myanmar/Burma" tal-20 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fl-24 ta' Marzu 2016 (31/24), bit-titolu "Is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Myanmar",

— wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' Marzu 2016 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi tal-1954 u l-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija tal-1961,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Globali 2014-1924 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati (UNHCR) biex Tintemm l-Apolidija,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0316.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Artikoli 18 sa 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966 u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Karta tal-ASEAN,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) ta' April 2015 bit-titolu "Il-kriżi tar-Rohingya u r-riskju ta' atroċitajiet fil-Myanmar/Burma: sfida għall-ASEAN u appell għal azzjoni",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Zeid Ra'ad Al Hussein, fir-rapport tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2016, iddeskriva l-ksur serju u kontinwu tad-drittijiet kontra r-Rohingya, inklużi l-privazzjoni arbitrarja tan-nazzjonalità, li tagħmilhom mingħajr Stat, restrizzjonijiet severi tal-libertà ta' moviment, theddid għall-ħajja u s-sigurtà, iċ-ċaħda tad-drittijiet għas-saħħa u l-edukazzjoni, ix-xogħol furzat, il-vjolenza sesswali u limitazzjonijiet fuq id-drittijiet politiċi tagħhom, "li jistgħu jitqiesu bħala delitti kontra l-umanità"; billi s-Sur Al Hussein indika li r-Rohingya huma eskluži minn bosta professjonijiet u jeħtieġu dokumenti speċjali biex ikollhom aċċess għall-isptarijiet, u dan wassal għal dewmien u għall-imwiet ta' trabi u ta' ommijiethom waqt il-ħlas; billi John McKissick, il-Kap tal-Uffiċċju tal-Aġenzija tar-Rifuġjati tan-NU fil-belt tal-Bangladesh bl-isem ta' Cox's Bazar, reċentement stqarr li l-Myanmar qed jipprova jwettaq tindif etniku tal-minoranza ta' Musulmani Rohingya mit-territorju tiegħu; billi l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-minoranza Rohingya jammonta għal kastig kollettiv;

B. billi fid-9 ta' Ottubru 2016 irġiel armati attakkaw tliet stakkamenti tal-pulizija qrib il-fruntiera tal-Bangladesh, u qatlu disa' uffiċjali tal-pulizija filwaqt li serqu ħafna armi; billi l-Gvern tal-Myanmar qal li l-irġiel armati kienu membri tal-milizzja Rohingya u, wara dan, iddikjarat id-distrett ta' Maungdaw bħala "żona ta' operazzjoni" b'restrizzjonijiet fil-ħin u restrizzjonijiet severi oħra, inkluż għall-ġurnalisti u l-osservaturi minn barra, li mhumiex jitħallew jaċċedu għaż-żona;

C. billi skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, is-sorsi lokali jirrappurtaw abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tal-gvern fl-hekk imsejħa żona ta' operazzjoni; billi l-Gvern tal-Myanmar irrapporta l-mewt ta' 69 persuna li kienu allegatament attivisti militanti u 17-il membru tal-forzi tas-sigurtà, dikjarazzjoni li ma tistax tiġi verifikata b'mod indipendenti minħabba restrizzjonijiet ta' aċċess;

D. billi fit-3 ta' Novembru 2016, it-tieni attakk fuq postazzjoni tal-gwardja tal-fruntiera rriżulta fil-mewt ta' uffiċjal tal-pulizija;

E. billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment il-Human Rights Watch, bl-użu ta' ritratti mis-satelliti, irrappurtaw qerda fuq skala kbira ta' djar u tipi oħra ta' bini f'partijiet tat-Tramuntana tal-Istat ta' Rakhine, li attwalment huma inaċċessibbli għall-NGOs u l-osservaturi indipendenti;

F. billi l-Gvern tal-Myanmar wettaq żjara sorveljata ta' xi siti milquta f'Maungdaw fit-2 u fit-3 ta' Novembru 2016 ma' delegazzjoni ta' disa' membri fost ambaxxaturi barranin, inkluż il-Koordinatur Residenti tan-NU, li kkonfermaw li raw strutturi maħruqa f'diversi bliet;

G. billi f'dawn l-aħħar ġimgħat mill-inqas 25 000 persuna Rohingya ħarbu lejn il-pajjiż ġar tal-Bangladesh ġar, u huwa stmat li madwar 30 000 resident tal-Istat ta' Rakhine ġew spostati minħabba l-vjolenza; billi aktar minn 56 000 persuna Rohingya bħalissa huma rreġistrati mal-UNHCR fil-Malasja;

H. billi mill-2011 il-Myanmar ħa passi biex jirriforma l-ekonomija u s-sistema politika tiegħu; billi, madankollu, l-armata għad għandha setgħa sproporzjonata fil-pajjiż; billi f'Novembru 2015 ġie elett parlament nazzjonali ġdid, u f'Marzu 2016 tela' fil-poter Gvern nazzjonali elett demokratikament;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

I. billi, bħala risposta, l-UE u atturi globali oħra neħħew is-sanzjonijiet u ppermettew lill-Myanmar jerġa' jintegra ruħu fl-istrutturi politiċi u ekonomiċi globali; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha kellhom rwol sinifikanti fil-proċess ta' riforma u liberalizzazzjoni u kkontribwew, fost affarijiet oħra, b'għajnuna għall-iżvilupp, taħriġ u kooperazzjoni teknika sinifikanti, promozzjoni ta' waqfien inklużiv mill-ġlied fil-pajjiż kollu u kummerċ taħt il-faċilità Kollox Ħlief Armi (EBA); billi l-UE u l-Myanmar jorganizzaw djalogi annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

J. billi, madankollu, għad hemm ħafna problemi, inkluż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-minoranza Musulmana Rohingya; billi aktar minn miljun Musulman Rohingya għexu fil-Myanmar għal ġenerazzjonijiet sħaħ, iżda bħalissa huma fost l-aktar minoranzi ppersegwitati fid-dinja; billi dawn saru uffiċjalment apolidi sa mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza Burmiża tal-1982; billi l-persuni Rohingya mhumiex aċċettati mill-awtoritajiet tal-Myanmar u mill-pajjiżi ġirien, għalkemm xi wħud minn dawn tal-aħħar jospitaw popolazzjonijiet kbar ta' rifuġjati; billi l-qafas ġuridiku tal-Myanmar jistituzzjonalizza d-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi u b'mod partikolari jagħmel lill-persuni Rohingya apolidi, peress li l-karti tal-identità temporanji tagħhom (karti bojod) ġew iddikjarati li skadew f'Marzu 2015 u ilhom mill-2012 ma jistgħu jiksbu ċertifikati tat-twelid għal uliedhom;

K. billi l-awtoritajiet tal-Myanmar qed jibqgħu jċaħħdu lill-persuni Rohingya mill-aktar drittijiet bażiċi tagħhom; billi, skont rapport ta' April 2015 mill-Parlamentari tal-ASEAN għad-Drittijiet tal-Bniedem, waqt li kien qed jinkiteb ir-rapport, madwar 120 000 persuna Rohingya kienu għadhom f'aktar minn 80 kamp ta spostament intern fl-Istat ta' Rakhine, b'aċċess limitat għal għajnuna umanitarja, filwaqt li aktar minn 100 000 persuna kienu ħarbu bil-baħar jew bl-art, spiss f'idejn traffikanti tal-bnedmin, lejn pajjiżi oħra f'dawn l-aħħar snin u ħafna minnhom imutu matul dawn il-vjaġġi perikolużi;

L. billi huwa allegat li l-istupru jintuża ta' spiss fil-Myanmar mill-forzi armati bħala arma tal-gwerra biex jintimidaw lill-minoranzi etniċi, b'konsegwenzi devastanti għall-vittmi; billi r-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti, Zainab Hawa Bangura, esprimiet it-tħassib profond tagħha f'dan ir-rigward; billi l-Qorti Kriminali Internazzjonali tinkludi l-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali fil-lista tagħha ta' delitti tal-gwerra u atti li jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità; billi għandu jiġi enfasizzat b'mod partikolari li n-nisa Rohingya huma vittmi ta' diversi forom ta' diskriminazzjoni, inkluż abbuż sesswali u sterilizzazzjoni furzata;

M. billi jeżisti tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tal-komunità LGBTI fil-Myanmar, fosthom persuni Rohingya, li għadhom qed jiġu pproċessati u kriminalizzati bil-pretest ta' dispożizzjoni minn żmien l-era kolonjali – it-Taqsima 377 tal-Kodiċi Penali – u li għadhom qed jiffaċċjaw arrest u detenzjoni arbitrarji, intimidazzjoni, attakki fiżiċi u sesswali u ċ-ċaħda ta' servizzi tas-saħħa;

N. billi Aung San Suu Kyi, f'laqgħa ma' Yanghee Lee, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar, ħabbret li l-kelma Rohingya mhix se tintuża mill-Gvern (b'kontinwazzjoni għall-politika mħaddna taħt id-dittatorjat militari), għaliex hija meqjusa bħala ultraġġuża, bħalma huwa l-każ għall-kelma "Bengali", u minflok qed jiġi ssuġġerit it-terminu l-ġdid: "komunità Musulmana fl-Istat ta' Rakhine";

O. billi l-Myanmar għamel xi sforzi biex isir progress fil-proċess ta' paċi, minbarra l-preparazzjonijiet tiegħu għal konferenza nazzjonali ta' paċi; billi huwa essenzjali li jinżamm il-waqfien mill-ġlied nazzjonali u li jiġu inklużi l-gruppi armati etniċi kollha bil-għan li jiġu żgurati l-paċi, il-prosperità u l-għaqda fil-pajjiż;

1. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-rapporti ta' kunflitti vjolenti fit-Tramuntana tal-Istat ta' Rakhine, u jiddeplora t-telf ta' ħajjiet, ta' għajxien u ta' kenn u r-rapporti ta' użu sproporzjonat tal-forza mill-forzi armati tal-Myanmar; jikkonferma li l-awtoritajiet tal-Myanmar għandhom id-dmir li jinvestigaw l-attakki tad-9 ta' Ottubru 2016 u jressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk responsabbli, iżda li dan għandu jsir skont l-istandards u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Iħeġġeġ lill-forzi militari u tas-sigurtà biex iwaqqfu immedjatament il-qtil, l-intimidazzjoni u l-istupru tal-persuni Rohingya, u l-ħruq ta' djarhom;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

3. Jilqa' t-tħabbir mill-Gvern tal-Myanmar b'rabta mat-twaqqif ta' Kummissjoni ta' Inkjesta dwar il-vjolenza reċenti fl-Istat ta' Rakhine; jitlob lill-Gvern tal-Myanmar biex jippermetti lin-NU u osservaturi oħrajn minn barra jgħinu fl-investigazzjoni ta' avvenimenti reċenti fid-Distrett ta' Maungdaw fl-Istat ta' Rakhine, inklużi l-attakki tad-9 ta' Ottubru 2016 u l-azzjonijiet tal-gvern wara dawn l-attakki; jissottolinja l-ħtieġa li wieħed jipproċedi kif xieraq kontra dawk responsabbli, u li jiġi pprovdut rimedju adegwat għall-vittmi ta' ksur;

4. Jinsisti li dan ikun biss l-ewwel pass f'impenn usa' sabiex tintemm l-impunità għal delitti kontra l-minoranza Rohingya; huwa partikolarment iddiżgustat bir-rapporti ta' vjolenza sesswali bħala mezz ta' intimidazzjoni u arma tal-gwerra fit-trażżin tal-minoranza Rohingya, u jitlob il-prosekuzzjoni ta' dawk li jwettqu dawn id-delitti;

5. Jitlob, barra minn hekk, li l-Gvern tal-Myanmar jippermetti b'mod immedjat lill-għajnuna umanitarja tilħaq iż-żoni kollha ta' kunflitt u lill-persuni spostati kollha;

6. Jitlob lill-gvern u l-awtoritajiet ċivili tal-Myanmar biex immedjatament itemmu d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni terribbli tal-minoranza Rohingya;

7. Jitlob, għalhekk, lill-Gvern tal-Myanmar biex jirriforma l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-1982 u biex terġa' tingħata ċ-ċittadinanza lill-minoranza Rohingya; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Myanmar u lill-awtoritajiet tal-Istat ta' Rakhine biex jibdew minnufih jirreġistraw it-tfal mat-twelid;

8. Jistieden lill-Gvern tal-Myanmar ineħħi r-restrizzjonijiet diskriminatorji u sproporzjonati kollha fl-Istat ta' Rakhine;

9. Jistieden lill-Gvern tal-Myanmar jiġġieled it-traffikar tal-persuni u l-kriminalità organizzata transnazzjonali;

10. Jistieden lill-Gvern tal-Myanmar itejjeb il-kooperazzjoni tiegħu man-NU, inklużi l-UNHCR u d-detenturi tal-Mandat tal-Proċeduri Speċjali; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Myanmar jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 31/24 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar; jitlob lill-Gvern tal-Myanmar jistieden lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jiftaħ uffiċċju fil-pajjiż, b'mandat sħiħ u persunal adegwat;

11. Jistieden lill-Gvern tal-Myanmar jikkundanna b'mod ċar kull inċitament għall-mibeġħda razzjali jew reliġjuża, jieħu passi biex itemm id-diskors ta' mibeġħda, inkluż minn gruppi Buddisti radikali, u jikkumbatti d-diskriminazzjoni u l-ostilità kontra l-minoranza Rohingya; jistieden, barra minn hekk, lill-Gvern tal-Myanmar jirrispetta d-dritt universali għal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin;

12. Jistieden lir-rebbieħa tal-Premju Sakharov, Aung San Suu Kyi, tuża l-pożizzjoni importanti tagħha fil-Gvern tal-Myanmar biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya; ifakkar fid-dikjarazzjoni tat-18 ta' Mejju 2015 mill-kelliem tal-partit ta' Aung San Suu Kyi li l-Gvern tal-Myanmar għandu jagħti ċ-ċittadinanza lill-minoranza Rohingya;

13. Jirrakkomanda li l-gvernijiet tal-pajjiżi li jaffrontaw l-influss ta' rifuġjati Rohingya jikkooperaw mill-qrib mal-UNHCR, li għandu l-kompetenza teknika biex jiskrinja għall-istatus ta' rifuġjat u l-mandat li jipproteġi lir-rifuġjati u l-persuni apolidi; iħeġġeġ lil dawk il-pajjiżi jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement u ma jimponux it-tluq lura tar-rifuġjati Rohingya, għall-inqas sakemm ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti u dinjituża għas-sitwazzjoni tagħhom; jistieden b'mod partikulari lill-Bangladesh jippermetti d-dħul ta' rifuġjati Rohingya, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li diġà saru mill-Bangladesh biex jospita diversi mijiet ta' eluf ta' rifuġjati;

14. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2016 dwar strateġija tal-UE fil-konfront tal-Myanmar; jemmen li l-UE tassew għandha interess strateġiku fit-tisħiħ tar-relazzjoni tagħha mal-Myanmar; jemmen li l-Gvern il-ġdid għandu opportunità storika kif ukoll dover li jikkonsolida d-demokrazija u jikseb il-paċi, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-prosperità; huwa tal-fehma li l-approfondiment ulterjuri tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Myanmar għandu jkun kondizzjonali fuq titjib reali tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż;

15. Itenni, barra minn hekk, l-appelli fil-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-bini ta' istituzzjonijiet demokratiċi effettivi u soċjetà ċivili b'saħħitha, ir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet bażiċi, u l-promozzjoni ta' governanza tajba;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

16. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ikompli d-djalogu bilaterali regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jiddiskuti s-sitwazzjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni problematika u d-diskriminazzjoni tal-minoranzi, b'mod partikolari l-minoranza Rohingya, fid-dettall u biex jirrapporta lura lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet;

17. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu bl-appoġġ tagħhom għall-istrutturi demokratiċi ġodda tal-Myanmar u jiffokaw b'mod partikolari fuq il-kooperazzjoni teknika biex jgħinu fit-titjib ta' diversi funzjonijiet tal-istat;

18. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jwettqu skrutinju tal-Myanmar fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU taħt punt 4 tal-aġenda;

19. Jistieden lill-UE tappoġġja lill-UNHRC fl-isforzi tiegħu biex jgħin lir-rifuġjati Rohingya fin-Nofsinhar u x-Xlokk tal-Asja;

20. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw il-Pjan ta' Azzjoni Globali 2014-24 tal-UNHRC biex Tintemm l-Apolidija;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u lill-Parlament tal-Myanmar, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN, lill-Kummissjoni Intergovernattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-ASEAN, lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0507

Oqbra tal-massa fl-Iraq

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-oqbra tal-massa fl-Iraq (2016/3028(RSP))

(2018/C 238/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016 dwar is-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Iraq/Mosul ([1]), tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq ([2]), tat-18 ta' Settembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq u fis-Sirja, u l-offensiva tal-IS, inkluża l-persekuzzjoni tal-minoranzi ([3]), tat-12 ta' Frar 2015 dwar il-kriżi umanitarja fl-Iraq u s-Sirja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-IS ([4]), tat-12 ta' Marzu 2015 dwar l-attakki u ħtif reċenti minn ISIS/Da'esh fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari tal-Assirjani ([5]), u tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-qtil tal-massa sistematiku ta' minoranzi reliġjużi mill-hekk imsejħa 'ISIS/Da'esh' ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2016 dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh, tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar l-Iraq, tas-16 ta' Marzu 2015 dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tal-ISIS/Da'esh, tal-20 ta' Ottubru 2014 dwar il-kriżi tal-ISIS/Da'esh fis-Sirja u fl-Iraq, tal-14 ta' April 2014 u tat-12 ta' Ottubru 2015 dwar is-Sirja, u tal-15 ta' Awwissu 2014 dwar l-Iraq, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Awwissu 2014 dwar l-Iraq u s-Sirja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar l-Iraq u s-Sirja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Uffiċċju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Missjoni ta' Assistenza tan-NU għall-Iraq (UNAMI) bit-titolu "A Call for Accountability and Protection: Yezidi Survivors of Atrocities Committed by ISIL" (Talba għal Responsabbiltà u Protezzjoni: Superstiti Yazidi ta' Atroċitajiet Imwettqa mill-ISIL) ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tal-1998 u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-ġurisdizzjoni fir-rigward tad-delitt ta' ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u d-delitt ta' aggressjoni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Iraq,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2253 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu li jagħti l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2016 lill-attivisti Yazidi Iraqin u li kienu miżmuma priġunieri mill-ISIS/Da'esh, Nadia Murad u Lamiya Aji Bashar,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0422.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0171.
([3]) ĠU C 234, 28.6.2016, p. 25.
([4]) ĠU C 310, 25.8.2016, p. 35.
([5]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 113.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2016)0051.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

A. billi f'Awwissu 2014 l-ISIS/Da'esh attakka lil komunitajiet Yazidi madwar il-belt ta' Sinjar fil-provinċja ta' Nineveh fl-Iraq, fejn kien irrappurtat li nqatlu eluf ta' nies; billi nstabu diversi oqbra tal-massa wara li forzi Kurdi ħadu lura żoni fit-Tramuntana tal-Muntanja Sinjar f'Diċembru 2014; billi, meta l-forzi Kurdi ħadu lura l-belt ta' Sinjar f'nofs Novembru 2015, instabu aktar siti ta' qtil u oqbra tal-massa evidenti;

B. billi l-atroċitajiet imwettqa mill-ISIS/Da'esh b'mod sistematiku u mifrux kellhom fil-mira, u ppruvaw jeqirdu, lill-poplu Yazidi; billi, skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari b'konformità mal-Artikolu II tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1948 dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, tali atroċitajiet jikkostitwixxu ġenoċidju;

C. billi mal-Parlament, li fl-4 ta' Frar 2016 irrikonoxxa li l-ISIS/Da'esh qed iwettaq ġenoċidju kontra l-Insara u l-Yazidi u persuni oħra li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi, issieħbu l-Kunsill tal-Ewropa, id-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti, il-Kungress tal-Istati Uniti, il-Parlament tar-Renju Unit, il-Parlament Awstraljan u istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħra fir-rikonoxximent li l-atroċitajiet imwettqa mill-ISIS/Da'esh kontra minoranzi reliġjużi u etniċi fl-Iraq jinkludu delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju;

D. billi l-Pjanura ta' Nineveh, Tal Afar u Sinjar, kif ukoll ir-reġjun usa', ilhom art twelid l-antenati ta' gruppi Nsara (Kaldej/Sirjaki/Assirjani), Yazidi, Għarab Sunniti u Xiiti, Kurdi, Shabak, Turkmeni, Kaka'i, Sabejani-Mandjani u oħrajn, fejn huma għexu għal sekli sħaħ fi spirtu ta' pluraliżmu ġenerali, stabilità u kooperazzjoni komunali, minkejja perjodi ta' vjolenza u persekuzzjoni esterni, sal-bidu ta' dan is-seklu u l-okkupazzjoni ta' parti kbira tar-reġjun mill-ISIS/Da'esh fl-2014;

E. billi mis-27 ta' Ottubru 2016 l-ISIS/Da'esh beda jieħu lin-nisa maħtufa, inklużi in-nisa Yazidi, lejn il-bliet ta' Mosul u Tel Afar; billi ġie rrappurtat li wħud minn dawn in-nisa kienu "mqassma" lil ġellieda tal-ISIS/Da'esh, filwaqt li oħrajn ġew infurmati li se jintużaw biex jakkumpanjaw il-konvojs tal-ISIS/Da'esh;

F. billi l-protezzjoni, il-preservazzjoni u l-analiżi tal-oqbra kollha tal-massa fl-Iraq, kif ukoll fis-Sirja, huma essenzjali għall-preservazzjoni u l-ġbir ta' evidenza ta' delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju mwettqa mill-ISIS/Da'esh u sabiex l-awturi tad-delitti jwieġbu għal għemilhom; billi jenħtieġ li l-qraba tal-vittmi jingħataw appoġġ psikoloġiku u loġistiku;

G. billi diversi organizzazzjonijiet lokali qed jiddokumentaw id-delitti tal-ISIS/Da'esh kontra l-komunità Yazidi, iżda għandhom biss kapaċità limitata; billi, skont organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem bħal Human Rights Watch, l-ebda espert forensiku internazzjonali ma wettaq ħidma fiż-żona, minkejja l-appoġġ politiku għal tali missjoni minn għadd ta' pajjiżi, inklużi l-Istati Uniti u l-Ġermanja;

H. billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjara, fil-11 ta' Novembru 2016 li, "Billi s-sitwazzjoni fl-Iraq tinġieb quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali; billi l-qrati Iraqin jingħataw ġurisdizzjoni fuq id-delitti internazzjonali; billi tiġi riformata s-sistema tal-ġustizzja kriminali u billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-uffiċjali ġudizzjarji li jiddokumentaw, jinvestigaw u jipproċedu kontra ksur, il-Gvern tal-Iraq jista' jiżgura l-ġustizzja u jassigura l-pedamenti għal paċi dejjiema għall-pajjiż. In-nuqqas li dan isir jista' jipperikola serjament il-paċi u s-sigurtà fit-tul li ħaqqu l-poplu tal-Iraq";

I. billi l-armata Iraqija, bl-appoġġ tal-koalizzjoni dinjija kontra l-ISIS/Da'esh u l-forzi Peshmerga tal-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan (KRG), tat bidu għal operazzjoni biex tillibera lil Mosul, it-tieni l-akbar belt tal-Iraq, u lill-bqija tat-territorju Iraqi li għadu taħt l-okkupazzjoni tal-ISIS/Da'esh;

1. Jikkundanna mingħajr riżerva l-atroċitajiet u l-ksur flagranti kontinwi tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-ISIS/Da'esh; jinnota b'dispjaċir kbir ħafna l-iskoperti kontinwi ta' oqbra tal-massa ġodda fl-Iraq u s-Sirja, li huma evidenza tal-atti ta' terrur imwettqa mill-ISIS/Da'esh; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lil dawk kollha fl-Iraq li tilfu lil qrabathom b'riżultat tad-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra mwettqa mill-ISIS/Da'esh u l-affiljati tiegħu;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

2. Jappella b'mod qawwi lill-komunità internazzjonali, b'mod partikolari lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex tikkunsidra l-oqbra tal-massa rrappurtati fl-Iraq bħala evidenza ulterjuri ta' ġenoċidju u biex tibda proċedimenti kontra l-ISIS/Da'esh quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI);

3. Jistieden lill-awtoritajiet Iraqin, inkluż il-KRG, jieħdu passi urġenti biex jipproteġu l-oqbra madwar il-Muntanja Sinjar li saru aċċessibbli wara li ż-żona reġgħet ittieħdet mill-ISIS/Da'esh, u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippreservaw l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità mwettqa mill-ISIS/Da'esh, sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Iraqin jistiednu lil esperti forensiċi internazzjonali, fosthom dawk b'esperjenza ta' ħidma quddiem tribunali kriminali, jimmappjaw l-oqbra tal-massa kollha u jgħinu fil-preservazzjoni u l-analiżi tal-evidenza misjuba f'oqbra tal-massa li saru aċċessibbli, peress li l-eżumazzjonijiet mingħajr esperti forensi jistgħu jeqirdu evidenza kritika u jikkomplikaw bil-kbir l-identifikazzjoni tal-iġsma;

5. Jitlob lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lil donaturi internazzjonali potenzjali oħra jiffaċilitaw u jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-Gvern tal-Iraq biex jistabbilixxi r-riżorsi umani u l-infrastruttura meħtieġa għall-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza li tista' tkun vitali għal proċessi ta' responsabbiltà nazzjonali u internazzjonali fil-futur bl-għan li jindirizzaw delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidju;

6. Huwa partikolarment allarmat dwar is-sitwazzjoni tan-nisa u tat-tfal fil-kunflitt, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal Yazidi li huma vittmi ta' persekuzzjoni, eżekuzzjonijiet, tortura, sfruttament sesswali u atroċitajiet oħra; jinsisti li għandha ssir disponibbli firxa sħiħa ta' servizzi mediċi, b'mod partikolari għall-vittmi ta' stupru; jitlob, bħala kwistjoni ta' urġenza, li l-UE u l-Istati Membri tagħha jaħdmu mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u jappoġġjawha għal dan l-għan; jitlob li jinħelsu minnufih in-nisa u t-tfal kollha li għadhom qed jinżammu priġunieri mill-ISIS/Da'esh;

7. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-armata Iraqija, lill-armati tal-koalizzjoni dinjija kontra l-ISIS/Da'esh, lill-forzi Peshmerga tal-KRG u lill-alleati tagħhom fl-isforzi tagħhom biex jilliberaw lil Mosul u lil partijiet oħra tal-pajjiż mill-preżenza tal-ISIS/Da'esh, u jtenni wkoll l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza, l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Iraq;

8. Ifakkar li l-awtoritajiet Iraqin iridu jieħdu passi konkreti sabiex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili matul il-kampanja, anke billi jieħdu l-prekawzjonijiet fattibbli kollha biex jiġi evitat li jkun hemm vittmi ċivili u ksur tad-drittijiet tal-bniedem matul l-attakk; jenfasizza li l-forzi fil-post iridu josservaw id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem matul l-operazzjonijiet tagħhom;

9. Jesprimi l-appoġġ tiegħu lir-Repubblika tal-Iraq u lill-poplu ta' dan il-pajjiż fir-rikonoxximent ta' provinċja politikament, soċjalment u ekonomikament vijabbli u sostenibbli fir-reġjuni tal-Pjanura ta' Nineveh, Tal Afar u Sinjar, bi qbil mal-espressjonijiet legali ta' awtonomija reġjonali, kif iggarantita mill-kostituzzjoni tal-Iraq;

10. Jenfasizza li d-dritt tal-popli indiġeni spostati tal-Pjanura ta' Nineveh, Tal Afar u Sinjar – li ħafna minnhom huma spostati fl-Iraq – li jmorru lura lejn art l-antenati tagħhom għandu jkun prijorità politika tal-Gvern tal-Iraq, appoġġat mill-UE, inklużi l-Istati Membri tagħha, u l-komunità internazzjonali; jenfasizza li, bl-appoġġ tal-Gvern tal-Iraq u tal-KRG, dawn il-popli għandu jkollhom id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, inkluża l-ugwaljanza politika, iggarantiti bis-sħiħ, kif ukoll id-drittijiet ta' proprjetà tagħhom, li għandhom jieħdu prijorità fuq kwalunkwe pretensjoni ta' drittijiet għall-proprjetà minn oħrajn;

11. Iħeġġeġ lill-Iraq isir membru tal-QKI sabiex ikun possibbli li jinbdew proċedimenti kontra l-ISIS/Da'esh għal delitti tal-gwerra, ġenoċidju u delitti kontra l-umanità;

12. Jistieden lill-komunità internazzjonali, inklużi l-Istati Membri tal-UE, biex jibdew proċedimenti kontra membri tal-ISIS/Da'esh fil-ġurisdizzjoni tagħhom, anke billi japplikaw il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Kunsill tar-Rappreżentanti tal-Iraq u lill-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0509

Miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (D047308/01 – 2016/3010(RSP))

(2018/C 238/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (D047308/01,

— wara li kkunsidra id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti, u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-punti (c) u (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 u l-Artikolu 18(2) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/715 tal-11 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi miżuri fir-rigward ta' ċertu frott f'xi pajjiżi terzi biex jipprevjenu l-introduzzjoni fl-Unjoni u t-tixrid tal-organiżmu ta' ħsara Phyllosticta citricarpa (McAlpine) Van der Aa ([4]);

— wara li kkunsidra l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tat-30 ta' Jannar 2014 ([5]),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandha l-għan li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva 2000/29/KE; billi d-Direttiva 2000/29/KE se titħassar u tiġi sostitwita bir-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti hekk kif ir-regolament isir applikabbli;

B. billi l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tmur kontra l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 2016/2031, peress li timmina r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċertu frott suxxettibbli għall-pesti, b'mod partikolari fir-rigward tat-tikek suwed fuq iċ-ċitru u l-kankru taċ-ċitru (*Xanthomonas citri*);

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([3]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.
([4]) ĠU L 125, 13.05.2016, p. 16.
([5]) Scientific opinion, on request from the European Commission (Question No EFSA-Q-2013-00334), on the risk of *Phyllosticta citricarpa (Guignardia citricarpa)* for the EU territory with identification and evaluation of risk reduction options. EFSA Journal 2014; 12(2): 3557.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

1. Iqis li l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-Dritt tal-Unjoni, fis-sens li mhuwiex kompatibbli mal-objettiv tar-Regolament (UE) Nru 2016/2031, li huwa li jiġu determinati r-riskji fitosanitarji maħluqa minn kwalunkwe speċi, varjant jew bijotip ta' aġenti patoġeniċi, annimali jew pjanti parassiti noċivi għall-pjanti jew għall-prodotti mill-pjanti ("pesti") u miżuri li jnaqqsu dawn ir-riskji għal livell aċċettabbli; ifakkar, f'dan ir-rigward, li r-Regolament (UE) Nru 2016/2031, hekk kif isir applikabbli (jiġifieri fl-14 ta' Diċembru 2019), se jħassar u jissostitwixxi d-Direttiva 2000/29/KE;

2. Jitlob lill-Kummissjoni temenda l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tagħha [1] kif ġej:

Modifika 1

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni

Anness – paragrafu 4(a)(i) – punt 6 – punt 16.2. – punt (e)

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
or	***imħassar***
(e) in the case of fruits destined for processing, official inspections prior to export have shown that the fruits are free from symptoms of Xanthomonas citri pv. citri and Xanthomonas citri pv. aurantifolii,	
and	
transport and processing takes place under conditions, approved in accordance with the procedure referred to in Article 18(2).	

Modifika 2

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni

Anness – paragrafu 4(a)(i) – punt 7 – punt 16.4. – punt (d) – punt 4a (ġdid)

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
	L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' frott speċifikat li joriġina f'pajjiżi terzi

[1] Il-Kummissjoni ttrażmettiet biss il-verżjoni Ingliża tal-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni tagħha lill-Parlament, peress li l-abbozz ma kienx ġie tradott fil-lingwi uffiċjali l-oħra.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
	Frott speċifikat li joriġina f'pajjiżi terzi għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat fitosanitarju, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-punt (ii) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, bl-inklużjoni tal-elementi li ġejjin taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali":
	(i) dikjarazzjoni li l-frott joriġina f'erja ta' produzzjoni li kienet ġiet soġġetta għal trattamenti xierqa kontra l-Phyllosticta citricarpa u metodi ta' kultivazzjoni mwettqa fi żmien debitu mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni, li għandha tiġi adottata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2);
	(ii) dikjarazzjoni li tkun saret ispezzjoni uffiċjali adegwata fl-erja ta' produzzjoni waqt l-istaġun tat-tkabbir, u li ma jkun instab l-ebda sintomu ta' Phyllosticta citricarpa fil-frott speċifikat mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta' veġetazzjoni;
	(iii) dikjarazzjoni li jkun ittieħed kampjun tul iż-żmien bejn il-wasla u l-ippakkjar fil-faċilitajiet ta' ppakkjar ta' mill-inqas 600 frotta ta' kull speċi għal kull 30 tunnellata, jew parti minnha, magħżula kemm jista' jkun abbażi ta' kwalunkwe sintomu possibbli ta' Phyllosticta citricarpa, u l-frott kollu li jkun ittieħed kampjun tiegħu u li juri sintomi jkun ġie eżaminat u misjub ħieles minn dak l-organiżmu ta' ħsara;
	(iv) fil-każ ta' Citrus sinensis (L.) Osbeck 'Valencia', flimkien mad-dikjarazzjonijiet imsemmija f'(a), (b) u (c): dikjarazzjoni li kampjun għal kull 30 tunnellata, jew parti minnu, ikun ġie ttestjat għal infezzjoni moħbija u misjub ħieles minn Phyllosticta citricarpa.
	Rekwiżiti li jikkonċernaw l-ispezzjoni ta' frott speċifikat li joriġina f'pajjiżi terzi fi ħdan l-Unjoni
	Frott speċifikat li joriġina f'pajjiżi terzi għandu jiġi spezzjonat viżwalment fil-punt tad-dħul jew fil-post ta' destinazzjoni stabbilit f'konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom isiru fuq kampjuni ta' 200 frotta ta' kull speċi ta' frott speċifikat, f'lottijiet ta' 30 tunnellata, jew parti minnhom, magħżula abbażi ta' kwalunkwe sintomu possibbli ta' Phyllosticta citricarpa. Jekk sintomi ta' Phyllosticta citricarpa jiġu identifikati waqt l-ispezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-preżenza ta' dak l-organiżmu ta' ħsara għandha tiġi kkonfermata jew imwarrba permezz tal-ittestjar tal-frott li juri sintomi. Jekk il-preżenza ta' Phyllosticta citricarpa tkun konfermata, il-lott li jkun ittieħed minnu l-kampjun għandu jkun soġġett għal rifjut ta' dħul fl-Unjoni.
	Rekwiżiti ta' traċċabbiltà

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
	Għal finijiet ta' traċċabbiltà, il-frott speċifikat għandu jiġi introdott fl-Unjoni biss jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(i) l-erja ta' produzzjoni, il-faċilitajiet tal-ippakkjar, l-esportaturi u kwalunkwe operatur ieħor involut fit-trattament tal-frott speċifikat ikunu ġew irreġistrati uffiċjalment għal dak il-għan;
	(ii) matul il-passaġġ tiegħu mill-erja ta' produzzjoni sal-punt tad-dħul fl-Unjoni, il-frott speċifikat ikun ġie akkumpanjat b'dokumenti maħruġin taħt is-sorveljanza tal-Organizzazzjoni nazzjonali tal-Protezzjoni tal-Pjanti;
	(iii) fil-każ tal-frott speċifikat li joriġina f'pajjiżi terzi, minbarra l-punti (a) u (b), tkun inżammet informazzjoni dettaljata dwar it-trattamenti ta' qabel u ta' wara l-ħsad

Modifika 3

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni

Anness – paragrafu 4(a)(i) – punt 7 – punt 16.4. – punt (e)

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
or	***imħassar***
(e) in the case of fruits destined for processing, official visual inspections prior to export have shown that the fruits are free from symptoms of Phyllosticta citricarpa (McAlpine) Van der Aa,	
and	
a statement that the specified fruits originate in a field of production subjected to appropriate treatments against Phyllosticta citricarpa carried out at the appropriate time is included in the certificates referred to in Article 13(1)(ii) under the rubric "Additional declaration",	
and	
transport and processing takes place under conditions, approved in accordance with the procedure referred to in Article 18(2).	

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

Modifika 4

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni

Anness – paragrafu 4(a)(i) – punt 8 – punt 16.4. – punt (d)

Abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni	*Modifika*
(d) have been subjected to an effective treatment to ensure freedom from Thaumatotibia leucotreta (Meyrick). The treatment data to be indicated on the certificates referred to in Article 13(1) (ii).	(d) ġew soġġetti għal trattament effettiv biex jassiguraw il-ħelsien minn Thaumatotibia leucotreta (Meyrick). ***Fil-każ ta' frott ta' Citrus L., għajr Citrus limon (L.) Osbeck. u Citrus aurantifolia (Christm.) Swingle, dikjarazzjoni uffiċjali li l-frott ikun ġie suġġett għal trattament bil-kesħa (24 jum f'0,55 °C bi 3 ijiem ta' tkessiħ minn qabel) jew għal trattament alternattiv, sostenibbli u effettiv li għandu l-istess effett, u li jkun ġie vvalidat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2), abbazi ta' valutazzjoni tal-EFSA, biex tiġi żgurata l-assenza ta' Thaumatotibia leucotreta (Meyrick).*** Id-dejta dwar it-trattament li għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13(1)(ii).

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0510

Appoġġ għall-vittmi tat-thalidomide

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ għas-superstiti tat-thalidomide (2016/3029(RSP))

(2018/C 238/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-emendar mistenni tal-Att dwar il-Fondazzjoni tat-Thalidomide, li jista' jintuża mill-Gvern Ġermaniż biex jippermetti lil dawk is-superstiti tat-thalidomide li ġew akkreditati bħala tali minn skemi fiduċjarji maħtura mill-qrati, jew inkella huma benefiċjarji ta' skemi ta' gvernijiet nazzjonali, ikollhom aċċess kollettiv għall-Fond Speċjali tas-Saħħa tal-Conterganstiftung (Fondazzjoni tat-Thalidomide) tal-Ġermanja,

— wara li kkunsidra d-Digriet Irjali Spanjol 1006/2010 tal-5 ta' Awwissu 2010, li jirregola l-proċedura għall-għoti ta' għajnuna lil persuni affettwati mit-thalidomide fi Spanja matul il-perjodu 1960-1965,

— wara li kkunsidra l-għadd approssimattiv ta' superstiti tat-thalidomide fl-UE (madwar 2 700 ruħ fil-Ġermanja (sors: il-Gvern Ġermaniż), madwar 500 ruħ fl-Italja (sors: VITA – Associazione Vittime Italiane Thalidomide), 500 ruħ fir-Renju Unit, 100 ruħ fl-Iżvezja (sors: studju ta' DLA Piper), u 200 ruħ fi Spanja (sors: Avite Spain)),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Università ta' Heidelberg bit-titolu "*Wiederholt durchzuführende Befragungen zu Problemen, speziellen Bedarfen und Versorgungsdefiziten von contergangeschädigten Menschen (2010-2013)*" (Stħarriġ li għandu jsir ripetutament dwar il-problemi, il-ħtiġijiet speċjali u n-nuqqasijiet ta' kura esperjenzati mill-vittmi tat-thalidomide), li jagħti tagħrif dettaljat dwar il-problemi jikbru tas-saħħa, il-ħtiġijiet speċifiċi u n-nuqqasijiet fl-appoġġ għas-superstiti tat-thalidomide,

— wara li kkunsidra r-Rapport Firefly ta' Jannar 2015 li rrileva d-deterjorament fis-saħħa fiżika u emozzjonali tas-superstiti tat-thalidomide u l-ħtiġijiet futuri tagħhom ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport ikkummissjonat mid-Dipartiment tas-Saħħa tal-Istat Ġermaniż ta' Nordrhein-Westfalen f'Mejju 2015, li jinvestiga l-kwalita tal-ħajja ta' superstiti tat-thalidomide u jipprevedi l-ħtiġijiet tagħhom fil-ġejjieni (Rapport tal-Università ta' Cologne) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ittri Miftuħa mill-Presidenti tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew, li jenfasizzaw li s-superstiti tat-thalidomide jgħixu b'uġigħ kroniku debilitanti u jbatu minn ħtiġijiet mhux moqdija,

— wara li kkunsidra l-konferenza stampa li saret fis-27 ta' Mejju 2015 fil-Parlament Ewropew fi Brussell, li matulha Membri tal-PE mill-gruppi politiċi kollha saħqu fuq il-ħtieġa li s-superstiti tat-thalidomide jingħataw appoġġ għall-ħtiġijiet tas-saħħa tagħhom ([3]),

— wara li kkunsidra ċ-ċelebrazzjonijiet kommemorattivi tal-UE f'Settembru 2015, fl-okkażjoni tal-50 sena mill-adozzjoni tal-ewwel regolamenti farmaċewtiċi fl-Ewropa bl-għan li jipproteġu ċ-ċittadini tal-UE, li huwa rikonoxximent ulterjuri li leġiżlazzjoni farmaċewtika effikaċi hija legat dejjiemi għall-eluf ta' mwiet ta' trabi tat-twelid u għad-difetti gravi fit-twelid li rriżultaw mill-konsum tat-thalidomide matul it-tqala,

([1]) http://www.thalidomidetrust.org/wp-content/uploads/2014/01/Firefly-report-March-2015.pdf
([2]) http://www.thalidomidetrust.org/wp-content/uploads/2016/04/The-Cologne-Report.pdf
([3]) http://www.fiftyyearfight.org/latest/europe-speaks-loudly-with-one-voice:-press-conference

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

— wara li kkunsidra l-Mistoqija lill-Kummissjoni (O-000035/2016 – B8-0120/2016) u lid-dibattitu fil-plenarja dwar it-thalidomide fid-9 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-5 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-avukati internazzjonali Ince and Co., li tiddeskrivi kif in-nuqqas ta' sorveljanza farmaċewtika u t-tneħħija ta' evidenza dwar l-effetti tat-thalidomide kellhom impatt fuq is-saħħa tal-vittmi tal-mediċina ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Ġunju 2016 tal-Gvern Federali Ġermaniż dwar il-ħtieġa li tittieħed responsabbiltà għas-superstiti tat-thalidomide u li dawn jingħataw appoġġ mhux burokratiku ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-mediċina thalidomide kienet ikkummerċjalizzata minn Chemie Grünenthal GmbH fi tmiem il-ħamsinijiet u fil-bidu tas-sittinijiet bħala mediċina sikura għat-trattament tad-dardir ta' filgħodu, l-uġigħ ta' ras, is-sogħla, l-insomnja u l-irjiħat; billi rriżultat fil-mewt u l-malformazzjoni ta' eluf ta' trabi meta ttieħdet minn nisa tqal f'ħafna pajjiżi Ewropej;

B. billi dokumenti minn żmien l-iskandlu tat-thalidomide, li ġew ivverifikati b'mod indipendenti mill-uffiċċju tal-avukati internazzjonali Ince and Co., juru li kien hemm nuqqas kbir ta' sorveljanza farmaċewtika effikaċi fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bil-kontra ta' pajjiżi oħra bħall-Istati Uniti tal-Amerika, Franza, il-Portugall u t-Turkija;

C. billi riċerka vverifikata b'mod indipendenti ([3]) twassal għal inferenza ineżorabbli li fl-1970, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja interferiet fil-proċedimenti kriminali kontra Chemie Grünenthal GmbH, il-manifattur Ġermaniż tat-thalidomide, u, b'konsegwenza, ma setgħetx tiġi stabbilita sew il-ħtija tal-manifattur; billi, barra minn hekk, ittieħdu passi biex jiġu evitati proċedimenti ċivili kontra din il-kumpanija, li probabbilment ma ppermettewx li ssir ġustizzja mal-vittmi jew li dawn jingħataw appoġġ finanzjarju xieraq għall-problemi tas-saħħa kurrenti u futuri tagħhom;

D. billi rapporti indipendenti ppubblikati reċentement fil-Ġermanja (Rapport tal-Università ta' Heidelberg u Rapport tal-Università ta' Cologne) u fir-Renju Unit (Rapport Firefly) jikkonkludu li s-superstiti tat-thalidomide jeħtieġu aktar appoġġ għall-ħtiġijiet tas-saħħa mhux moqdija tagħhom, għall-mobilità u għal għajxien indipendenti, peress li ġisimhom qed jiddeterjora rapidament minħabba n-natura tad-diżabilitajiet tagħhom u n-nuqqas ta' appoġġ matul is-snin sa minn twelidhom;

E. filwaqt li jirrikonoxxi li, waqt li l-Ġermanja ġġorr responsabblità partikolari, gvernijiet nazzjonali oħra huma responsabbli wkoll biex jiżguraw it-trattament ġust tas-superstiti tat-thalidomide tagħhom stess;

F. filwaqt li jirrikonoxxi li l-Presidenti tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew, f'Ittri Miftuħa, appoġġaw l-isforzi intiżi biex jgħinu lis-superstiti tat-thalidomide fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-saħħa tagħhom;

G. filwaqt li jfakkar fil-konferenza stampa li saret f'Mejju 2015 fi Brussell, appoġġata mill-gruppi politiċi kollha tal-Parlament Ewropew, li enfasizzat il-ħtiġijiet tas-saħħa li baqgħu ma nqdewx tas-superstiti tat-thalidomide;

H. filwaqt li jfakkar illi fi Brussell, f'Settembru 2015, il-Kummissjoni ċċelebrat il-50 anniversarju mill-adozzjoni tal-ewwel biċċa leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE, li fil-biċċa l-kbira nħolqot b'riżultat tal-iskandlu tat-thalidomide; filwaqt li jenfasizza li waqt li l-istrutturi regolatorji li ġew żviluppati sussegwentement kienu strumentali fil-protezzjoni ta' miljuni ta' ċittadini tal-UE minn diżastri simili matul l-aħħar 50 sena, is-superstiti tat-thalidomide ilhom jgħixu bil-konsegwenzi debilitanti u li jikkawżaw l-uġigħ tal-mediċina;

I. filwaqt li jfakkar li matul id-dibattitu fil-plenarja fi Strasburgu f'Marzu 2016, Membri tal-PE mill-gruppi politiċi kollha enfasizzaw l-urġenza li jiġu appoġġati l-ħtiġijiet mhux moqdija tas-superstiti tat-thalidomide, u l-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Vytenis Andriukaitis, qal li jirrikonoxxi r-rieda li tinstab soluzzjoni xierqa għas-superstiti kollha tat-thalidomide li ttejjeb il-kwalità ta' ħajjithom;

([1]) http://www.fiftyyearfight.org/images/Appendix_1._Ince_letter.pdf
([2]) http://www.bmfsfj.de/BMFSFJ/kinder-und-jugend,did=225796.html
([3]) http://www.fiftyyearfight.org/images/Appendix_1._Ince_letter.pdf

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

J. filwaqt li jinnota li issa hemm kemm l-opportunità kif ukoll ir-rieda fil-Parlament Ewropew u fil-Kummissjoni, skont standards etiċi u umanitarji, li jinstab rimedju għall-ħsara li saret minħabba n-nuqqas ta' kontroll farmaċewtiku u t-tneħħija sussegwenti tal-evidenza, li wasslu għat-traġedja tat-thalidomide;

K. filwaqt li jtenni d-dikjarazzjoni li saret f'Ġunju 2016 mill-Gvern Federali Ġermaniż ([1]) li jrid jerfa' r-responsabbiltà u jipprovdi appoġġ finanzjarju, mingħajr proċeduri amministrattivi burokratiċi u testijiet individwali li jdumu ħafna;

L. filwaqt li jinnota li l-Gvern Federali Ġermaniż irrikonoxxa wkoll, f'Ġunju 2016, li bidla fl-Att dwar il-Fondazzjoni tat-Thalidomide fil-Ġermanja kienet meħtieġa u fattibbli qabel Jannar 2017;

M. filwaqt li jinnota li ħafna superstiti madwar l-UE spiss ma jkunux jistgħu japplikaw għal finanzjament biex ikopru l-ispejjeż tas-servizzi soċjali, li bħalissa huma l-akbar tħassib għas-superstiti tat-thalidomide li, illum li għandhom etajiet li jvarjaw bejn il-ħamsin u s-sebgħin sena, se jiġu bżonn dawn is-servizzi ħafna aktar spiss fis-snin li ġejjin, billi dawk li jieħdu ħsiebhom, li ħafna drabi jkunu s-sħab jew il-qraba tagħhom, jistgħu jimirdu jew imutu huma stess;

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkoordinaw azzjonijiet u miżuri intiżi biex is-superstiti tat-thalidomide jiġu rikonoxxuti formalment u jingħataw kumpens;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern Federali Ġermaniż juża l-opportunità ippreżentata mill-emendar mistenni tal-Att dwar il-Fondazzjoni tat-Thalidomide biex jippermetti lis-superstiti tat-thalidomide, li ġew akkreditati bħala tali minn skemi fiduċjarji maħtura mill-qrati, jew inkella huma benefiċjarji ta' skemi ta' gvernijiet nazzjonali, ikollhom aċċess għall-Fond Speċjali tas-Saħħa tal-Conterganstiftung für behinderte Menschen (Fondazzjoni tat-Thalidomide għal Persuni b'Diżabilitajiet) tal-Ġermanja;

3. Jitlob li s-superstiti tat-thalidomide mir-Renju Unit, Spanja, l-Italja, l-Iżvezja u Stati Membri oħra jitħallew jużaw l-iskema fuq bażi ta' grupp meta l-istatus tagħhom bħala individwi affettwati mit-thalidomide ikun ġie aċċettat bħala bona fide f'pajjiżhom stess;

4. Jitlob lill-awtoritajiet Spanjoli jirrieżaminaw il-proċess mibdi mill-gvern fl-2010, u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u l-kumpens xierqa tas-superstiti Spanjoli tat-thalidomide fl-iskema nazzjonali tagħhom, kif iddikjarat fil-Proposta Mhux Leġiżlattiva dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Affettwati mit-Thalidomide (161/000331), approvata b'mod unanimu mill-Kungress Spanjol fl-24 ta' Novembru 2016;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq protokoll qafas fil-livell Ewropew, li permezz tiegħu ċ-ċittadini Ewropej kollha affettwati mit-thalidomide jirċievu ammonti simili ta' kumpens, irrispettivament minn liema Stat Membru jkunu ġejjin, u tfassal programm tal-UE ta' assistenza u appoġġ (inklużi dispożizzjonijiet kemm finanzjarji kif ukoll ta' welfare) għall-vittmi tat-thalidomide u l-familji tagħhom;

6. Jitlob lill-kumpanija Grünenthal terfa' r-responsabbiltajiet tagħha billi tipprovdi kumpens u kura xierqa lil dawk il-vittmi li għad iridu jiġu rikonoxxuti, tirrevedi l-proċess għar-rikonoxximent tal-istatus ta' vittma, u tibda djalogu mal-vittmi sabiex tissewwa l-ħsara kkawżata;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

([1]) https://www.bmfsfj.de/bmfsfj/aktuelles/alle-meldungen/leistungen-sollen-gerechter-verteilt-werden/90418?view=DEFAULT

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0511

Mediċini pedjatriċi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar ir-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi (2016/2902(RSP))

(2018/C 238/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1902/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku ([1]) ("ir-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi"),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Mediċini Aħjar għat-Tfal – Mill-Kunċett għar-Realtà – Rapport Ġenerali dwar l-esperjenza miksuba b'riżultat tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar prodotti mediċinali għal użu pedjatriku" (COM(2013)0443),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar "It-tisħiħ tal-bilanċ fis-sistemi farmaċewtiċi fl-UE u l-Istati Membri tagħha",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Panel ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Aċċess għall-Mediċini bit-titolu "Promoting innovation and access to health technologies" (Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-aċċess għat-teknoloġiji tas-saħħa), ippubblikat f'Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi (O-000135/2016 – B8-1818/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi kellu impatt sostanzjali fuq l-iżvilupp tal-mediċini pedjatriċi, peress li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji farmaċewtiċi jikkunsidraw l-iżvilupp pedjatriku bħala parti integrali mill-iżvilupp ġenerali ta' prodott; billi l-għadd ta' proġetti ta' riċerka pedjatrika żdied konsiderevolment u billi issa hemm aktar informazzjoni ta' kwalità għolja disponibbli rigward l-użu pedjatriku ta' mediċini approvati; billi l-għadd relattiv ta' provi kliniċi pedjatriċi żdied ukoll;

B. billi r-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi għen biex is-sitwazzjoni ġenerali titjieb u wassal għal benefiċċji tanġibbli fir-rigward ta' sensiela ta' mard tat-tfal; billi, madankollu, f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari fl-onkoloġija pedjatrika u n-neonatoloġija, ma sarx biżżejjed progress;

C. billi l-kanċer fit-tfulija għadu l-akbar kawża ta' mewt mill-mard fit-tfal minn sena 'l fuq, u billi 6 000 żagħżugħ u żagħżugħa jmutu bil-kanċer kull sena fl-Ewropa; billi żewġ terzi ta' dawk li jibqgħu ħajjin ibatu minn effetti kollaterali relatati mat-trattament minħabba t-trattamenti eżistenti (li hu rappurtat li huma severi għal sa 50 % tas-superstiti) u billi hemm bżonn li l-kwalità tal-ħajja tas-superstiti tal-kanċer fit-tfulija tittejjeb kontinwament;

D. billi r-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi ħeġġeġ aktar djalogu u kooperazzjoni bejn id-diversi partijiet ikkonċernati rigward l-iżvilupp tal-mediċini pedjatriċi;

E. billi anqas minn 10 % tat-tfal b'rikaduta inkurabbli u ta' theddida għall-ħajja għandhom aċċess għal mediċini sperimentali ġodda fi provi kliniċi li jistgħu jibbenefikaw minnhom;

F. billi żieda sinifikanti fl-aċċess għal terapiji innovattivi tista' ssalva l-ħajja ta' tfal u adolexxenti b'mard li hu ta' theddida għall-ħajja bħall-kanċer, u billi għaldaqstant jeħtieġ li dawn it-terapiji jiġu investigati mingħajr dewmien żejjed permezz ta' studji xierqa fuq it-tfal;

([1]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 20.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

G. billi l-użu mhux skont it-tikketta tal-mediċini fuq it-tfal għadu mifrux fl-UE f'diversi oqsma terapewtiċi; billi, għalkemm l-istudji dwar il-firxa tal-użu mhux skont it-tikketta fil-popolazzjoni pedjatrika jvarjaw fir-rigward tal-ambitu u l-popolazzjoni tal-pazjenti, ma kienx hemm tnaqqis fil-preskrizzjoni mhux skont it-tikketta minn meta ġie introdott ir-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi; billi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) diġà saritilha talba biex tiżviluppa linji gwida dwar l-użu mhux skont it-tikketta/l-użu mhux liċenzjat ta' mediċini abbażi tal-ħtieġa medika, kif ukoll biex toħloq lista ta' mediċini li jintużaw mhux skont it-tikketta minkejja l-alternattivi liċenzjati;

H. billi r-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet terapewtiċi speċifiċi tal-popolazzjoni pedjatrika;

I. billi, minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi, huma biss tnejn il-mediċini mmirati u innovattivi kontra l-kanċer li ġew awtorizzati għal tumur malinn pedjatriku abbażi ta' pjan ta' investigazzjoni pedjatrika (PIP) miftiehem;

J. billi skont il-qafas regolatorju attwali, ir-rekwiżit ġuridiku għall-iżvilupp ta' mediċini pedjatriċi jitneħħa meta jiġu żviluppati mediċini għal kundizzjonijiet fl-adulti li ma jokkorrux fit-tfal; billi dan l-approċċ regolatorju mhuwiex sodisfaċenti fil-każ ta' mard speċifiku li jokkorri biss fit-tfal; billi, barra minn hekk, l-għadd ta' rapporti annwali dwar miżuri diferiti ppreżentati lill-EMA skont l-Artikolu 34(4) tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi qed jiżdied kull sena;

K. billi ħafna tipi ta' kanċer tat-tfulija ma jokkorrux fl-adulti; billi, madankollu, il-mekkaniżmu ta' azzjoni ta' mediċina li hija effettiva biex tikkura tip ta' kanċer li jokkorri fl-adulti jaf ikun rilevanti għal xi tip ta' kanċer li jokkorri fit-tfal;

L. billi għal dak il-mard li jokkorri biss fit-tfal, bħall-kanċers pedjatriċi, is-suq jipprovdi inċentivi finanzjarji limitati għall-iżvilupp ta' mediċini pedjatriċi speċifiċi;

M. billi t-tielet Programm tal-UE dwar is-Saħħa (2014-2020) jinkludi impenn biex jittejbu r-riżorsi u l-għarfien espert għal pazjenti milquta minn mard rari;

N. billi jeżisti dewmien kbir biex jinbdew provi kliniċi pedjatriċi għal mediċini onkoloġiċi, minħabba li l-iżviluppaturi jistennew sakemm il-mediċina turi li hija promettenti f'pazjenti tal-kanċer adulti;

O. billi m'hemm xejn li jwaqqaf lill-investigatur milli jtemm prova pedjatrika promettenti qabel il-waqt jekk mediċina tonqos milli tagħti riżultati pożittivi fil-popolazzjoni adulta fil-mira;

P. billi l-premjijiet u l-inċentivi finanzjarji għall-iżvilupp ta' mediċini fil-popolazzjoni pedjatrika, bħall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-użu pedjatriku (PUMA), jaslu tard u għandhom effett limitat; billi, filwaqt li jeħtieġ jiġi żgurat li l-premjijiet u l-inċentivi ma jiġux użati ħażin jew abbużati mill-kumpaniji farmaċewtiċi, is-sistema eżistenti ta' premjijiet trid tiġi vvalutata biex jiġi determinat kif tista' tittejjeb sabiex jiġu stimulati aħjar ir-riċerka u l-iżvilupp ta' mediċini pedjatriċi, speċjalment fil-qasam tal-onkoloġija pedjatrika;

Q. billi d-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom l-obbligu jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-prodott biex iqisu l-aktar għarfien xjentifiku reċenti;

R. billi l-PIPs jiġu approvati wara negozjati kumplessi bejn l-awtoritajiet regolatorji u l-kumpaniji farmaċewtiċi u spiss iżżejjed ma jkunux fattibbli u/jew ikunu nbdew tard wisq minħabba l-użu ħażin tagħhom permezz ta' enfasi fuq l-okkorrenza rari ta' kanċer tal-adulti fit-tfal, aktar milli fuq l-użu potenzjalment usa' tal-mediċina l-ġdida f'kanċers rilevanti oħra tat-tfal; billi mhux il-PIPs kollha approvati jitlestew, minħabba li r-riċerka dwar sustanza attiva ta' spiss tiġi abbandunata fi stadju aktar tard jekk it-tamiet inizjali fir-rigward tas-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott mediċinali ma jiġux ikkonfermati; billi sal-lum tlestew biss 12 % tal-PIPs approvati;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

S. billi r-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jipprevedi l-istabbiliment ta' portal ta' applikazzjoni unika li jippermetti lill-isponsors jippreżentaw applikazzjoni unika għal provi mwettqa f'aktar minn Stat Membru wieħed; billi dawn il-provi transfruntiera huma partikolarment importanti għal mard rari, bħall-kanċers pedjatriċi, minħabba l-possibbiltà li ma jkunx hemm biżżejjed pazjenti f'pajjiż wieħed biex prova tkun vijabbli;

T. billi jsir għadd kbir ta' modifiki fil-PIPs; billi, madankollu, jekk il-modifiki f'PIP jkunu estensivi, dawn jiġu diskussi mal-Kumitat Pedjatriku, filwaqt li meta il-modifiki jkollhom inqas impatt, il-kwistjoni mhix definita b'mod daqstant ċar;

U. billi, skont l-Artikolu 39(2) tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi, l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprovdu lill-Kummissjoni prova dettaljata ta' impenn konkret favur l-appoġġ għar-riċerka dwar prodotti mediċinali għal użu pedjatriku kif ukoll għall-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' tali prodotti;

V. billi, skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi, il-fondi għar-riċerka dwar prodotti mediċinali għall-popolazzjoni pedjatrika għandhom jiġu previsti fil-baġit tal-Komunità, sabiex jiġu appoġġjati studji relatati ma' prodotti mediċinali jew sustanzi attivi mhux koperti minn privattiva jew ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni;

W. billi, skont l-Artikolu 50 tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi, l-Kummissjoni għandha l-obbligu tippreżenta, sas-26 ta' Jannar 2017, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikoli 36, 37 u 38, inkluża analiżi tal-impatt ekonomiku u tal-premjijiet u l-inċentivi, flimkien ma' analiżi tal-impatt stmat ta' dan ir-Regolament fuq is-saħħa pubblika, bil-ħsieb li tiġi proposta kwalunkwe emenda meħtieġa;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-rapport previst fl-Artikolu 50 tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi fi żmien debitu; jenfasizza l-ħtieġa li dan ir-rapport jipprovdi identifikazzjoni komprensiva u analiżi profonda tal-ostakoli li attwalment qed ifixklu l-innovazzjoni fil-prodotti mediċinali mmirati lejn il-popolazzjoni pedjatrika; jenfasizza l-importanza ta' bażi ta' evidenza soda ta' dan it-tip għal tfassil ta' politika effettiv;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, abbażi ta' dawn is-sejbiet, tikkunsidra li tagħmel bidliet, anke permezz ta' reviżjoni leġiżlattiva tar-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi, li jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta għal (a) pjanijiet ta' żvilupp pedjatriku abbażi tal-mekkaniżmu ta' azzjoni u mhux biss abbażi tat-tip ta' mard, (b) mudelli ta' prijoritizzazzjoni tal-mard u tal-mediċini li jqisu l-ħtiġijiet mediċi pedjatriċi mhux moqdija u l-fattibilità, (c) PIPs aktar bikrija u aktar fattibbli, (d) inċentivi li jistimolaw aħjar ir-riċerka u jaqdu b'mod aktar effettiv il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni pedjatrika, filwaqt li jiżguraw evalwazzjoni tal-infiq tar-riċerka u tal-iżvilupp u trasparenza sħiħa tar-riżultati kliniċi, u (e) strateġiji biex jiġi evitat l-użu pedjatriku mhux skont it-tikketta fejn jeżistu mediċini pedjatriċi awtorizzati;

3. Jenfasizza l-benefiċċji li jsalvaw il-ħajja, fl-onkoloġija pedjatrika, ta' żvilupp pedjatriku obbligatorju bbażat fuq il-mekkaniżmu ta' azzjoni ta' mediċina mfassla speċifikament skont il-bijoloġija ta' tumur aktar milli fuq indikazzjoni li tillimita l-użu tal-mediċina għal tip speċifiku ta' kanċer;

4. Jenfasizza li l-ħtiġijiet u l-mediċini pedjatriċi minn kumpaniji differenti għandhom jiġu prijoritizzati, abbażi ta' data xjentifika, sabiex l-aħjar terapiji disponibbli jitqabblu mal-bżonnijiet terapewtiċi tat-tfal, speċjalment dawk milquta minn xi tip ta' kanċer, u jingħata lok li r-riżorsi użati għar-riċerka jiġu ottimizzati;

5. Jenfasizza l-importanza ta' provi transfruntiera għar-riċerka għal ħafna mard pedjatriku u rari; jilqa', għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 536/2014, li se jagħmilha aktar faċili li jsiru dawn it-tipi ta' provi, u jistieden lill-EMA tiżgura li l-infrastruttura meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu titfassal kemm jista' jkun malajr;

6. Jenfasizza li t-twettiq ta' PIPs bikrija, u d-djalogu u l-interazzjoni xjentifiċi u regolatorji bikrin mal-EMA, jippermettu li l-kumpaniji jottimizzaw l-iżvilupp pedjatriku globali, u b'mod partikolari li jiżviluppaw PIPs aktar fattibbli;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li temenda r-Regolament dwar il-Mediċini Pedjatriċi sabiex provi promettenti fil-popolazzjoni pedjatrika ma jkunux jistgħu jiġu terminati qabel il-waqt minħabba riżultati diżappuntanti fil-popolazzjoni adulta fil-mira;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

8. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi vvalutat kif tipi differenti ta' finanzjament u premjijiet – inklużi d-diversi strumenti bbażati fuq mekkaniżmi ta' separazzjoni – jistgħu jintużaw bl-aħjar mod biex jixprunaw u jaċċelleraw l-iżvilupp ta' mediċini pedjatriċi f'oqsma fejn jeżisti l-bżonn, b'mod partikolari l-mediċini għan-neonatoloġija u għall-kanċers fit-tfulija, speċjalment dawk il-kanċers li jokkorru biss fit-tfal; jemmen li l-premjijiet għandhom jixprunaw l-iżvilupp pedjatriku ta' dawn il-mediċini mill-aktar fis possibbli hekk kif ikunu disponibbli biżżejjed evidenza xjentifika għall-użu f'popolazzjoni pedjatrika u data dwar is-sikurezza fl-adulti, u m'għandhomx jiddependu minn valur terapewtiku ppruvat b'indikazzjoni fl-adulti;

9. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem bħala kwistjoni ta' urġenza fuq kwalunkwe bidla regolatorja possibbli li tista' tgħin biex sadanittant tittejjeb is-sitwazzjoni;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-ambitu ta' Orizzont 2020, iġġedded id-dispożizzjonijiet ta' finanzjament żviluppati bħala appoġġ għar-riċerka klinika pedjatrika ta' kwalità għolja, wara rieżami kritiku tal-proġetti ffinanzjati attwalment;

11. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rwol tan-netwerking Ewropew għar-riċerka klinika pedjatrika u tiżgura li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jappoġġaw ir-riċerkadwar prodotti mediċinali għal użu pedjatriku kif ukoll l-iżvilupp u d-disponibilità ta' tali prodotti;

12. Jagħti istruzzjonjijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0512

Attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2015

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2015 (2016/2146(INI))

(2018/C 238/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-importanza tad-dritt ta' petizzjoni u l-utilità li l-Parlament ikun immedjatament infurmat bit-tħassib speċifiku taċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni Ewropea, kif previst fl-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur, partikolarment l-Artikoli 258 u 260 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 u l-l-Artikolu 216(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0366/2016),

A. billi r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu l-għan li jippreżenta analiżi tal-petizzjonijiet li waslu fl-2015, ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħra u li jippreżenta stampa vera tal-objettivi milħuqa matul is-sena 2015;

B. billi fl-2015 tressqu 1 431 petizzjoni, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' madwar 47 % fir-rigward tal-2014, li fiha l-Parlament irċieva 2 714-il petizzjoni; billi 943 petizzjoni ġew ikkunsidrati ammissibbli; li minnhom 424 petizzjoni kellhom eżami rapidu u ngħalqu wara li l-petizzjonant ġie informat kif xieraq dwar il-kwistjoni li kienet tikkonċernah, u billi 519-il petizzjoni għadhom miftuħa sabiex jiġu diskussi fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet; billi 483 petizzjoni ġew iddikjarati inammissibbli;

C. billi l-għadd ta' petizzjonijiet irċevuti huwa modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan jindika li l-maġġoranza taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE sfortunatament għadhom ma jafux dwar l-eżistenza tad-dritt ta' petizzjoni u dwar l-utilità possibbli tiegħu bħala mezz biex tinġibed l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet li jolqtuhom u jħassbuhom, u li jaqgħu fil-qasam ta' attività tal-Unjoni;

D. billi fl-2015, 483 petizzjoni ġew iddikjarati inammissibbli u billi għad hemm konfużjoni kbira dwar il-qasam tal-attivitajiet tal-UE, kif muri mill-għadd għoli ta' petizzjonijiet inammissibbli li tressqu (33,8 %); billi sabiex dan jiġi rrimedjat jeħtieġ li titħeġġeġ u titjieb il-komunikazzjoni maċ-ċittadini u li jiġu spjegati l-oqsma differenti ta' kompetenza – dak Ewropew, dak nazzjonali u dak lokali;

E. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

F. billi l-petizzjonanti għandhom it-tendenza li jkunu ċittadini li jimpenjaw ruħhom favur is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u t-titjib u l-benesseri tal-ġejjieni tas-soċjetajiet tagħna; billi l-esperjenza ta' dawn iċ-ċittadini fir-rigward ta' kif jiġu pproċessati l-petizzjonijiet tagħhom hija influwenti ħafna fid-determinazzjoni tal-perċezzjoni tagħhom dwar l-istituzzjonijiet tal-UE u r-rispett għad-dritt ta' petizzjoni stabbilit fid-dritt tal-UE;

G. billi l-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjoni tal-UE li hija eletta direttament miċ-ċittadini, u billi d-dritt ta' petizzjoni joffrilhom il-mezzi biex jiġbdu l-attenzjoni tar-rappreżentanti eletti tagħhom dwar kwistjonijiet li jikkonċernawhom;

H. billi, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi promossa l-governanza tajba u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom iwettqu l-ħidma tagħhom bl-aktar mod miftuħ possibbli;

I. billi d-dritt ta' petizzjoni għandu jkun element kruċjali għal demokrazija parteċipattiva li fiha d-dritt ta' kull ċittadin li jkollu parteċipazzjoni diretta fil-ħajja demokratika tal-Unjoni jiġi protett b'mod effettiv; billi governanza demokratika u parteċipattiva ġenwina għandha tiżgura trasparenza shiħa, protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali u involviment prattiku tal-pubbliku fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet; billi permezz tal-petizzjonijiet il-Parlament Ewropew jista' jisma', jagħti informazzjoni u jgħin biex jiġu indirizzati l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini tiegħu, filwaqt li jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u lill-istituzzjonijiet fl-Istati Membri biex jagħmlu ħilithom kollha f'dan ir-rigward fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom; billi għandu jiġi evalwat l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum ta' dawk li jgħixu fl-UE permezz tal-petizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

J. billi l-fiduċja fis-sistema u fil-proġett Ewropew kollu kemm hu qed tiġi affettwata b'mod negattiv mill-kriżi umanitarja tar-rifuġjati, l-impatt soċjali u ekonomiku serju ħafna tal-kriżi finanzjarja u ż-żieda fil-ksenofobija u r-razziżmu fl-Ewropa kollha,; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu r-responsabilità u l-isfida kbira li jżomm u jsaħħaħ id-djalogu kostruttiv maċ-ċittadini Ewropej fuq kwistjonijiet Ewropej;

K. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa fl-aħjar pożizzjoni biex juri liċ-ċittadini dak li l-UE qed tagħmel għalihom u liema soluzzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti fil-livell Ewropew, nazzjonali jew lokali; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jista' jagħmel ħidma sinifikanti biex jispjega u possibilment juri bil-provi l-kisbiet u l-benefiċċji tal-proġett Ewropew;

L. billi d-dritt ta' petizzjoni għandu jsaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament Ewropew biex jirreaġixxi għall-problemi relatati primarjament mal-applikazzjoni u t-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE u biex jgħin biex dawn jissolvew; billi l-petizzjonijiet jirrappreżentaw sors siewi ta' informazzjoni diretta bbażat fuq l-esperjenzi taċ-ċittadini stess li jgħinu biex jiġu identifikati ksur u nuqqasijiet potenzjali dwar kif il-leġiżlazzjoni tal-UE hija implimentata fil-livell nazzjonali u, fl-aħħar mill-aħħar, immonitorjata mill-Kummissjoni fir-rwol tagħha ta' gwardjana tat-Trattati; billi l-petizzjonijiet li huma bbażati fuq l-oqsma ta' attività tal-UE u li jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibilità huma għodda bażika fl-iskoperta bikrija ta' dewmien fit-traspożizzjoni u fl-infurzar veru tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri; billi, permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;

M. billi, għaldaqstant, il-petizzjonijiet għandhom importanza kbira fil-proċess leġiżlattiv peress li jipprovdu lil kumitati oħra tal-Parlament b'informazzjoni utli u diretta għall-ħidma leġiżlattiva tagħhom fl-oqsma rispettivi tagħhom; billi l-petizzjonijiet mhumiex biss ir-responsabilità tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, iżda għandhom ikunu impenn kondiviż mill-kumitati kollha tal-Parlament Ewropew;

N. billi, permezz tal-użu ta' petizzjonijiet, iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE jistgħu jirrapportaw applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE; billi wkoll b'dan il-mod iċ-ċittadini huma sors siewi ta' informazzjoni biex ikun identifikat il-ksur tad-dritt tal-UE;

O. billi minbarra li jipprovdu feedback rilevanti dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, il-petizzjonijiet jistgħu wkoll jgħinu biex jiġu identifikati lakuni fid-dritt tal-UE u biex jiġu vvalutati l-impatti tan-nuqqas ta' regolamentazzjoni f'ċerti oqsma, u b'hekk isiru impetu għal aktar sforzi leġiżlattivi;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għamel użu akbar mill-istrumenti speċifiċi disponibbli għalih bħala kumitat, bħall-mistoqsijiet b'talba għal tweġiba orali u r-riżoluzzjonijiet qosra, sabiex jagħti viżibilità lill-kwistjonijiet differenti ta' tħassib għaċ-ċittadini, jew billi jibgħat mistoqsijiet u riżoluzzjonijiet lis-sessjoni plenarja tal-Parlament, bħal pereżempju r-riżoluzzjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni ipotekarja u l-istrumenti finanzjarji riskjużi fi Spanja jew dwar l-aħjar interessi tat-tfal fl-Ewropa;

Q. billi fl-2015 il-petizzjonijiet sottomessi miċ-ċittadini ġew ipproċessati aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti billi l-ħin għall-korrispondenza mal-petizzjonanti tqassar; billi s-segretarjat għamel sforz notevoli sabiex jikseb dan it-titjib;

R. billi l-petizzjonanti jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat billi jipprovdu informazzjoni diretta supplementari lill-Membri tal-Kumitat u lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri li huma preżenti; billi, bil-fatt li jieħdu sehem f'diskussjonijiet u jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom flimkien ma' informazzjoni aktar dettaljata, huma jikkontribwixxu biex jiġi stabbilit djalogu mexxej u kostruttiv mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea; billi fl-2015, 191 petizzjonant attendew id-deliberazzjonijiet tal-kumitat u ppartečipaw fihom; billi, għalkemm dan in-numru jidher li huwa relattivament baxx, wieħed m'għandux jinsa li l-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiġu trażmessi u jippermettu lill-petizzjonanti jsegwu d-dibattiti live kemm f'ħin reali kif ukoll wara b'ripetizzjonijiet permezz ta' streaming tal-internet;

S. billi ġie adottat metodu speċifiku ta' pproċessar tal-petizzjonijiet li jikkonċernaw il-benesseri tat-tfal, u nħoloq grupp speċjali ta' ħidma dwar dan is-suġġett, li ġie konstitwit fis-17 ta' Settembru 2015 u b'Eleonora Evi bħala l-President tiegħu; jenfasizza li kwalunkwe grupp ta' ħidma għandu jkollu mandat ċar biex jinkisbu riżultati tanġibbli u jiġi evitat kwalunkwe dewmien mhux ġustifikat fit-trattament tal-petizzjonijiet;

T. billi s-sottomissjoni ta' petizzjoni spiss issir fl-istess ħin mal-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni Ewropea li tista' twassal għal proċedimenti ta' ksur; billi fl-2015 il-Parlament Ewropew wissa, permezz ta' petizzjonijiet u mistoqsijiet, lill-Kummissjoni dwar in-nuqqasijiet fil-mod li bih xi Stati Membri kien qed japplikaw u jimplimentaw ċerti liġijiet tal-UE;

U. billi dawn il-petizzjonijiet wasslu għal ilmenti fil-qasam tal-ambjent; billi l-Kummissjoni bagħtet ittra ta' avviż formali lill-Finlandja għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent; billi f'ħames każijiet oħra fi kwistjonijiet ambjentali l-Kummissjoni bdiet djalogi bilaterali mal-Istati Membri kkonċernati; billi l-każijiet kienu relatati mal-gass tax-shale, il-ġestjoni tal-popolazzjoni tal-lupu, l-applikazzjoni żbaljata tad-Direttiva dwar il-valutazzjoni strateġika ambjentali u l-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali;

V. billi l-petizzjonijiet sottomessi miċ-ċittadini jittrattaw ukoll kwistjonijiet ta' ġustizzja u kooperazzjoni ġudizzjarja peress li, bħala riżultat ta' petizzjoni, il-Kummissjoni bdiet djalogu bilaterali ma' Stat Membru dwar ir-restrizzjonijiet tiegħu dwar il-bidla fl-isem wara ż-żwieġ;

W. billi l-Kummissjoni bdiet ukoll taħdidiet bilaterali fuq il-bażi ta' diversi petizzjonijiet ma' bosta Stati Membri dwar it-taxxi fuq il-proprjetà immobbli u dwar it-taxxa lokali ta' residenza mħallsa mill-istudenti;

X. billi l-Kummissjoni bi ħsiebha ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq il-bażi tat-traspożizzjoni u ta' kontrolli sistematiċi dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali; billi l-Kummissjoni ddikjarat li se tieħu miżuri xierqa, inkluża t-tnedija ta' każijiet ġodda tal-EU Pilot u proċedimenti ta' ksur meta tiskopri ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

Y. billi l-involviment tal-Parlament f'dawn il-proċedimenti jippermetti skrutinju akbar fuq il-ħidma investigattiva tal-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE; billi l-ebda petizzjoni m'għandha tingħalaq meta tkun għadha qed tiġi investigata mill-Kummissjoni;

Z. billi l-Kummissjoni fir-rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tippubblika l-azzjonijiet relatati mal-ksur tad-dritt tal-UE u tiżvela informazzjoni dwar il-proċedimenti ta' ksur f'forma ta' stqarrijiet għall-istampa; billi dawn id-deċiżjonijiet dwar il-proċedimenti ta' ksur jistgħu jiġu kkonsultati fil-bażi tad-data tal-Kummissjoni disponibbli fuq is-sit web Europa; billi informazzjoni aktar min-naħa tal-Kummissjoni fl-

interventi tagħha fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'każijiet relatati ma' petizzjonijiet tikkontribwixxi għal aktar trasparenza u kooperazzjoni b'anqas xkiel bejn iż-żewġ istituzzjonijiet;

AA. billi l-kwistjonijiet ewlenin imqajma fil-petizzjonijiet ikopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħall-protezzjoni tal-ambjent (b'mod partikolari t-trattament tal-ilma tad-drenaġġ, il-ġestjoni tal-iskart, l-immaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-gass u taż-żejt), każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-konsumatur, l-applikazzjoni tal-ġustizzja (b'mod partikolari id-drittijiet ta' kustodja fir-rigward tal-minuri) id-drittijiet fundamentali (b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal, tal-persuni b'diżabilità u tal-minoranzi), il-moviment liberu tal-persuni, id-diskriminazzjoni, l-immigrazzjoni, l-impjiegi u l-benesseri tal-annimali;

AB. billi l-portal tal-internet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li beda jopera lejn l-aħħar tal-2014, huwa operattiv iżda mhux finalizzat; billi l-portal għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lir-residenti tal-UE b'għodda elettronika biex ikunu jistgħu jressqu petizzjonijiet u jsegwu kontinwament l-ipproċessar tagħhom, kif ukoll jiffirmaw elettronikament il-petizzjonijiet tagħhom stess u jżidu l-appoġġ tagħhom f'dawk ta' petizzjonanti oħra li s-suġġett tagħhom jinteressahom; billi n-nuqqasijiet f'ċerti funzjonalitajiet bażiċi, bħall-magna tat-tiftix, ippersistew matul l-2015 u sa ftit ilu xekklu r-rwol tal-portal bħala spazju interattiv ta' skambju bejn iċ-ċittadini; billi din il-problema finalment ġiet solvuta;

AC. billi l-portal tfassal biex tiżdied t-trasparenza u l-interattività tal-proċedura ta' petizzjoni, u billi dan jagħmel l-amministrazzjoni aktar effettiva fl-interess tal-petizzjonanti, tal-Membri u tal-pubbliku ġenerali; billi t-tieni fażi tal-proġett hija maħsuba primarjament sabiex issaħħaħ l-ipproċessar amministrattiv tal-petizzjonijiet;

AD. billi d-dewmien suċċessiv fil-fażijiet sussegwenti tal-proġett iġġenera volumi addizzjonali ta' xogħol fis-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, minħabba l-bżonn li l-fajls rilevanti jittellgħu manwalment fil-bażijiet tad-data differenti; billi għad hemm petizzjonijiet pendenti x'jittellgħu, peress li s'issa l-petizzjonijiet miftuħa kollha rċevuti fl-2013, l-2014 u l-2015 biss iddaħħlu fil-portal, u billi attwalment qed issir ħidma biex jittellgħu l-petizzjonijiet li waslu fl-2016;

AE. billi ċerti nuqqasijiet ġew rettifikati, b'mod konkret fir-rigward tal-funzjoni ta' tiftix u tal-kunfidenzjalità tal-petizzjonant, u billi saret ħidma kif skedata mit-tieni nofs tal-2016 biex jitjiebu l-utilità u l-viżibilità tas-servizz għaċ-ċittadini;

AF. billi l-ammissibilità tal-petizzjonijiet hija bbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE; billi l-kunċett tal-qasam ta' attività tal-Unjoni jmur ferm lil hinn mil-lista twila ta' kompetenzi; billi dikjarazzjoni ta' inammissibilità tista' tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju jekk ma tkunx iġġustifikata kif xieraq bi qbil ma' dawn il-kriterji;

AG. billi l-qrati nazzjonali huma primarjament responsabbli biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi implimentata korrettament fl-Istati Membri; billi, f'dan il-kuntest, sentenza preliminari mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija għodda siewja disponibbli għas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali; billi f'xi Stati Membri din il-proċedura ftit li xejn intużat, jekk mhux qatt; billi din ir-responsabbiltà inizjali bl-ebda mod m'għandha tipprekludi rwol aktar proattiv mill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżgurar ta' konformità mad-dritt tal-UE, fil-kapaċità tagħha ta' gwardjan tat-Trattati; billi l-petizzjonijiet jipprovdu possibilità alternattiva u indipendenti biex isiru inkjesti u kontrolli fuq il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u billi dawn iż-żewġ proċeduri alternattivi għalhekk m'għandhomx jeskludu lil xulxin;

AH. billi l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej għandha tkun għodda importanti li tippermetti li ċ-ċittadini jipparteċipaw direttament fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE, u billi l-potenzjal tagħha għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu informati bis-sħiħ dwar kwistjonijiet li huma ta' kompetenza tal-UE u ta' kompetenza nazzjonali; billi d-differenzi ewlenin bejn l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u d-dritt ta' petizzjoni għandhom jiġu kkomunikati aħjar liċ-ċittadini; billi l-Parlament għandu responsabilità speċifika li jagħmel dan l-istrument suċċess reali; billi, kif intwera fid-dikjarazzjonijiet tas-smigħ pubbliku tat-22 ta' Frar 2015, hemm sentiment ġenerali fost l-organizzazzjonijiet li

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

jirreġistraw inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej li l-ostakoli amministrattivi jridu jitneħħew jekk iridu nikisbu l-aħjar riżultati possibbli f'termini ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini;

AI. billi, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, aktar minn tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni fl-1 ta' April 2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa tal-fehma li għandha tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tiegħu sabiex jinstabu n-nuqqasijiet u jiġu proposti soluzzjonijiet konkreti vijabbli għar-reviżjoni rapida tiegħu sabiex jitjieb il-funzjonament tiegħu;

AJ. billi fl-2015, minħabba l-piż tax-xogħol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, saret biss żjara waħda ta' ġbir ta' informazzjoni fir-rigward tal-petizzjonijiet li ġew investigati fl-2015; billi l-investigazzjoni mwettqa fir-Renju Unit fil-5 u s-6 ta' Novembru 2015 dwar il-kwistjoni tal-adozzjoni mingħajr il-kunsens tal-ġenituri għamlitha possibbli li l-membri tad-delegazzjoni jifhmu s-sitwazzjoni aħjar, peress li setgħu jiddiskutu l-kwistjoni mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet differenti fir-Renju Unit involuti fil-kwistjoni;

AK. billi żjarat bħal dawn huma prerogattiva speċifika tal-Kumitat u parti fundamentali mill-ħidma tiegħu, li tinkludi l-interazzjoni mal-petizzjonanti u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati; billi l-membri ta' dawn id-delegazzjonijiet jieħdu sehem b'importanza indaqs fl-attivitajiet kollha, inkluż fl-abbozzar tar-rapport finali;

AL. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jassumi r-responsabilitajiet fir-rigward tal-Ombudsman Ewropew, li hu responsabbli mill-investigazzjoni ta' lmenti minn ċittadini u residenti tal-UE dwar il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u li dwarhom joħroġ ukoll rapport annwali, ibbażat fuq ir-Rapport Annwali proprju tal-Ombudsman Ewropew;

AM. billi fis-26 ta' Mejju 2015 Emily O'Reilly, l-Ombudsman Ewropew, ippreżentat ir-rapport tagħha annwali għall-2014 lil Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew; u billi fit-23 ta' Ġunju 2015 l-Ombudsman ippreżentat ir-rapport tagħha fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli mir-relazzjonijiet mal-istituzzjoni tagħha;

AN. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, li jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, il-kumitati għall-petizzjonijiet u korpi simili tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni fl-UE, u pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea u/jew taż-żona Schengen. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa membru sħiħ ta' dan in-netwerk, li bħalissa għandha 94 uffiċċju f'36 pajjiż;

AO. billi kull petizzjoni tiġi eżaminata u indirizzata b'attenzjoni u kull petizzjonant irid jirċievi tweġiba f'perjodu raġonevoli ta' żmien; billi kull petizzjonant għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet għal għeluq ta' petizzjoni;

AP. billi l-petizzjonanti kollha għandu jkollhom il-possibilità li jippreżentaw direttament il-każijiet tagħhom lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

1. Jenfasizza li d-dritt ta' petizzjoni jrid isaħħaħ il-kapaċità ta' reazzjoni tal-Parlament Ewropew biex jgħinu jsolvi l-problemi relatati primarjament mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, peress li l-petizzjonijiet, li huma bbażati fuq l-oqsam ta' attività tal-UE u jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibilità, jirrappreżentaw sors siewi ta' informazzjoni biex jinstab il-ksur potenzjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu akbar mis-setgħat tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE, pereżempju billi tfittex tagħmel użu aktar effiċjenti mill-proċedura ta' ksur skont l-Artikoli 258 u 260 tat-TFUE;

2. Jenfasizza r-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jisma' u jgħin biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini; jemmen li l-petizzjonijiet jistgħu jgħinu biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies billi jaġixxu bħala pont bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet;

3. Jenfasizza l-fatt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu l-opportunità u l-isfida kbira li jidħol fi djalogu affidabbli u siewi maċ-ċittadini, flimkien mal-possibilità li jqarreb lill-istituzzjonijiet tal-UE lejn iċ-ċittadini tagħha; jinnota li dan għandu jgħin biex tiġi promossa d-demokrazija parteċipattiva; iqis li sabiex jintlaħaq dan l-għan huwa kruċjali li jkun hemm reazzjoni adegwata għall-petizzjonijiet, kemm f'termini ta' żmien kif ukoll ta' kwalità tat-tweġiba;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

4. Ifakkar li r-rappreżentanza ndaqs u proporzjonata tan-nazzjonalitajiet tal-petizzjonanti fid-dibattiti pubbliċi tal-kumitat għandha tiġi rrispettata; sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-kumitat, għandha titħeġġeġ rappreżentazzjoni xierqa u ġusta tal-Istati Membri kollha fid-dibattiti pubbliċi tiegħu; jenfasizza li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jittratta l-petizzjonijiet ammissibbli kollha b'importanza u oġġettività ugwali; jenfasizza li l-petizzjonijiet li huma relatati ma' kampanja elettorali fi Stat Membru m'għandhomx ikunu ttrattati skont il-proċedura urġenti;

5. Jenfasizza li l-petizzjonijiet huma wkoll ta' importanza fil-proċess leġiżlattiv, billi jidentifikaw lakuni u nuqqasijiet eżistenti fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u billi jipprovdu lil kumitati oħra tal-Parlament b'informazzjoni utli u diretta għall-ħidma leġiżlattiva tagħhom fl-oqsma rispettivi tagħhom; jilqa' l-interazzjoni akbar tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet mal-kumitati parlamentari l-oħra, kif ukoll il-preżenza aktar frekwenti ta' kwistjonijiet relatati mal-petizzjonijiet fil-plenarja; iqis li l-petizzjonijiet mhumiex biss ir-responsabilità tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, iżda għandhom ikunu sforz komuni min-naħa tal-kumitati kollha tal-Parlament; jilqa' l-intenzjoni li jitwaqqaf netwerk informali ta' petizzjonijiet fil-Parlament, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti minn kull kumitat parlamentari, sabiex tkun garantita koordinazzjoni bla xkiel u effettiva tal-ħidma relatata mal-petizzjonijiet; jemmen li n-netwerk irid jippermetti li jinkiseb fehim aħjar tar-rwol tal-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari, u jrid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-kumitati fi kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonanti; jistieden lill-kumitati parlamentari kkonċernati kollha biex jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-petizzjonijiet mibgħuta lilhom u biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-ipproċessar korrett tal-petizzjonijiet;

6. Jirrikonoxxi li l-Parlament għandu wkoll rwol politiku kruċjali x'jaqdi fir-rigward tal-azzjonijiet ta' infurzar tal-Kummissjoni, billi jwettaq skrutinju tar-rapporti annwali dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jadotta riżoluzzjonijiet parlamentari rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament imressqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li jidentifikaw diskrepanzi speċifiċi fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fuq il-bażi ta' petizzjonijiet u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa u tirrapporta lura lill-Parlament dwar is-segwitu tagħha; jistieden, barra minn hekk, lill-Kunsill u lill-Parlament jieħdu azzjoni speċifika fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) …/… [proċedura 2013/0140(COD)] dwar l-eżenzjoni ta' *Drosophila melanogaster* minn kontrolli veterinarji fil-fruntieri esterni, kif issuġġerit mir-rebbieħa tal-Premju Nobel (professuri tal-bijokimika) fil-Petizzjoni 1358/2011;

7. Jilqa' l-fatt li fl-2015 iż-żmien għall-ipproċessar tal-petizzjonijiet naqas, iżda jsostni madankollu li s-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu bżonn immedjat ta' aktar riżorsi tekniċi u aktar persunal sabiex jiggarantixxi l-eżami diligenti u tnaqqis ulterjuri fil-ħin tal-ipproċessar tal-petizzjonijiet, filwaqt li jiżgura l-kwalità tat-trattament tagħhom; jitlob għad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar ta' petizzjonijiet, notevolment bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda ta' informazzjoni u komunikazzjoni biex jiġi ggarantit it-trattament effiċjenti u f'waqtu u l-aħjar użu tar-riżorsi umani eżistenti, filwaqt li jinżamm id-dritt taċ-ċittadini li jressqu petizzjoni permezz tal-posta tradizzjonali;

8. Ikompli jqis li huwa obbligu partikolari li jiġi żgurat li l-inammissibilità jew l-għeluq ta' petizzjonijiet minħabba li jkunu infondati trid tkun ġustifikata bir-reqqa fir-rigward tal-petizzjonant;

9. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni hija involuta u timpenja ruħha fil-proċess ta' petizzjoni u li hi tirreaġixxi mill-aktar fis possibbli għall-petizzjonijiet il-ġodda lilha mibgħuta mill-Parlament; jinnota li t-tweġibiet tal-Kummissjoni sikwit ikunu ddettaljati u jittrattaw il-petizzjonijiet li huma fil-kompetenza tagħha; jinnota, madankollu, li f'bosta każijiet il-Kummissjoni ma tipprovdix elementi ġodda fit-tweġibiet tagħha għall-petizzjonijiet li dwarhom jintalab rieżami sabiex jinbidel l-istat u l-kuntest tagħhom; jiddispjaċih mill-okkażjonijiet meta l-Kummissjoni tiffoka essenzjalment fuq aspetti proċedurali u ma tidħolx fis-sustanza tal-kwistjoni; ifakkar lill-Kummissjoni li l-petizzjonijiet li jqajmu ksur potenzjali tad-dritt tal-UE jistgħu jingħalqu biss wara li tintemm l-analiżi xierqa tagħhom; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tibgħat uffiċjali ġeneralment kompetenti ghal-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, peress li l-kwalità tat-trattament globali tal-petizzjonijiet tiżdied meta l-uffiċjali tal-ogħla gradi disponibbli jirrappreżentaw lill-Kummissjoni fid-dibattiti; jiddispjaċih li matul il-laqgħat tal-kumitat it-tweġibiet tal-Kummissjoni ġeneralment ikunu limitati ghall-kontenut tat-tweġiba uffiċjali mibgħuta lill-Kumitat u ma jagħtu l-ebda informazzjoni ġdida jew rilevanti li tkun tista' tagħmilha possibli li jissolvew il-kwistjonijiet imqajma; jinnota li t-tweġibiet bil-miktub jiġu kkunsidrati serjament, kif ukoll l-ispjegazzjonijiet mogħtija matul id-dibattiti orali li jsiru mill-Kumitat ghall-Petizzjonijiet;

10. Iqis li fir-rwol tagħha bħala gwardjana tat-trattati, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ambjentali, il-Kummissjoni ghandha tmur lil hinn minn sempliċi eżami tal-konformità proċedurali, u tiffoka aktar fuq il-kontenut propju tal-kwistjoni ewlenija; ifakkar li l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-ispirtu finali tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE ta' prevenzjoni ta' ħsara irrimedjabbli fuq żoni ekoloġikament sensittivi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jippermettilha tagħmel użu mis-setgħat u mill-prerogattivi tagħha fuq bażi ex ante;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

11. Ma' jaqbilx mal-interpretazzjoni dejjem iktar rikorrenti mill-Kummissjoni dwar is-sebgħa u għoxrin rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea (2009), fejn hija jkollha d-dritt li tagħlaq fajls fuq liema ma jkun għadu ttieħed l-ebda pass formali fir-rigward tal-proċedimenti ta' ksur, jew li tissuspendi proċedimenti ta' ksur attivi f'każijiet pendenti quddiem qorti nazzjonali; jafferma mill-ġdid l-ispirtu oriġinali tal-imsemmi rapport fejn talab li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE, fi ħdan il-kapaċitajiet tagħha, bl-użu ta' mekkaniżmi ta' ksur indipendentement mill-eżistenza ta' proċedimenti ġudizzjarji fil-livell nazzjonali;

12. Se jieħu aktar ħsieb fil-futur biex jiżgura li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament b'mod regolari dwar il-progress tal-proċeduri ta' ksur imressqa kontra Stati Membri individwali, sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni aħjar u sabiex il-petizzjonanti kkonċernati jkunu jistgħu jiġu infurmati dwar il-progress fi stadju bikri;

13. Iqis li, għal raġunijiet ta' trasparenza, fi spirtu ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet differenti tal-UE u skont il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissjoni, fuq talba u meta jkun meħtieġ, għandha tagħti lill-Parlament sommarju tal-każijiet individwali relatati mal-proċedimenti tal-EU Pilot; ifakkar fit-talbiet preċedenti li għamel il-Kumitat għall-Petizzjonijiet sabiex jiġi żgurat aċċess għad-dokumenti proċedurali ta' ksur u tal-EU Pilot, peress li spiss il-petizzjonijiet iwasslu għall-ftuħ ta' proċeduri bħal dawn; jerġa' jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżviluppi fil-proċeduri ta' ksur li huma marbuta direttament mal-petizzjonijiet; jagħraf il-ħtieġa li tiġi żgurata trasparenza massima fid-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il-proċedimenti tal-EU Pilot u l-proċeduri ta' ksur li diġà ntemmew;

14. Iqis li l-informazzjoni neċessarja dwar il-proċeduri ta' ksur miftuħa minħabba inkjesti relatati mal-petizzjonijiet għandha tiġi pprovduta lill-Parlament fil-ħin dovut, u b'mod partikolari fuq talba mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

15. Iqis li huwa essenzjali li titjieb il-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali u mal-kumitati rilevanti tagħhom, kif ukoll mal-gvernijiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari sabiex din tgħin ħalli jiġi żgurat li l-petizzjoni tiġi indirizzata mill-awtoritajiet rilevanti u kompetenti; itenni l-istedina tiegħu għat-tnedija ta' djalogu strutturat mal-Istati Membri fil-forma ta' laqgħat regolari mal-kumitati parlamentari nazzjonali rilevanti; jilqa' l-fatt li delegazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Bundestag Ġermaniż kienet preżenti waqt il-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-4 ta' Mejju 2015; jittama li tali djalogu jista' jikkontribwixxi għal kooperazzjoni leali fis-sejba ta' soluzzjonijiet siewja għal każijiet rikorrenti riċevuti, bħalma huma l-petizzjonijiet dwar il-Jugendamt; iħeġġeġ lir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali kkonċernati jattendu l-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; itenni l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni waqt il-laqgħat u s-seduti ta' smigħ tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

16. Jirrikonoxxi l-impatt tal-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE fuq it-tisħiħ tal-kredibilità tal-istituzzjonijiet tal-UE; ifakkar li d-dritt ta' petizzjoni, minqux fit-Trattat ta' Lisbona, huwa element importanti taċ-ċittadinanza Ewropea u barometru reali għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u għall-identifikazzjoni tal-lakuni possibbli; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jorganizza laqgħa regolari mal-kumitati nazzjonali dwar il-petizzjonijiet sabiex iżid l-għarfien dwar it-tħassib taċ-ċittadini Ewropej fl-UE u fl-Istati Membri u sabiex isaħħaħ aktar id-drittijiet tagħhom permezz ta' tfassil u implimentazzjoni aħjar tal-liġijiet Ewropej;

17. Itenni t-talba li saret fir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-2013 ([1]) biex jinbeda djalogu strutturat imtejjeb mal-Istati Membri, pereżemjpu billi jsiru laqgħat regolari ma' membri tal-kumitati nazzjonali għall-petizzjonijiet jew ma' awtoritajiet kompetenti oħra; jistieden lill-Istati Membri jieħdu nota tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti tal-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni u matul id-djalogi;

18. Jilqa' l-fatt li fl-2015, 191 ċittadin ressqu l-petizzjonijiet tagħhom direttament lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar u jappoġġja r-rikors għall-vidjokonferenzi jew għal kwalunkwe mezz ieħor li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jekk dawn ma jkunux jistgħu jkunu preżenti fiżikament;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0204.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

19. Jinnota l-interpretazzjoni restrittiva u dejqa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tistabbilixxi, fost oħrajn, li l-Karta hija indirizzata lill-Istati Membri "meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni biss"; jinnota li l-Artikolu 51(2) tal-Karta jiddisponi li l-Karta "ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni"; ifakkar li l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE spiss imorru lil hinn mill-Karta, u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra approċċ ġdid li huwa aktar konsistenti ma' dawk l-aspettattivi; iħeġġeġ interpretazzjoni usa' tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, u li finalment terġa' tiġi vvalutata l-pertinenza ta' dan l-artikolu f'reviżjonijiet futuri tal-Karta u tat-trattati; jenfasizza li xejn ma jżomm lill-Istati Membri milli japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Karta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħhom lil hinn mill-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u jfakkarhom li huma marbuta wkoll b'obbligi internazzjonali oħrajn;

20. Jiddispjaċih li l-petizzjonanti ma għadhomx informati biżżejjed dwar x'inhuma r-raġunijiet biex petizzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli;

21. Jiddeplora l-interpretazzjoni stretta u restrittiva tal-Kummissjoni Ewropea tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprevedi li "d-dispożizzjonijiet [tal]-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni"; ifakkar li, minħabba l-eżistenza tal-Artikolu 51 tal-Karta, l-aspettattivi taċ-ċittadini sikwit imorru lil hinn minn dak li huwa strettament permess mid-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-Karta u li dawn spiss ma jiġux issodisfati, preċiżament minħabba din l-interpretazzjoni stretta u restrittiva; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ ġdid aktar adattat għal dawn l-aspettattivi;

22. Jiddispjaċih li ċ-ċittadini tal-Polonja u tar-Renju Unit għadhom mhumiex protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

23. Jenfasizza li f'Jannar 2015, inħatru żewġ Membri bħala membri rappreżentattivi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-istrutturi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CPRD) u li fis-27 u t-28 ta' Awwissu 2015 dawn ħadu sehem fl-analiżi tar-rapport preliminari tal-Unjoni Ewropea u l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità f'Ġinevra, l-Iżvizzera; jenfasizza l-ħidma importanti mwettqa b'mod kontinwu mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jieħu debitament nota tal-fatt li l-2015 kienet sena sinifikanti ħafna, peress li għall-ewwel darba aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti rrieżaminat il-konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE; jilqa' l-fatt li kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti kellu l-opportunità li jisma' d-dettalji kollha dwar il-funzjoni ta' protezzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jenfasizza li l-Kummissjoni bdiet tinkorpora l-Osservazzjonijiet Finali tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-NU fil-proċess tal-ipproċessar tal-petizzjonijiet ([1]); jilqa' l-fatt li s-seduta pubblika bl-isem "Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità mill-perspettiva tal-petizzjonjijiet mibgħuta", organizzata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-15 ta' Ottubru 2015, kellha livell għoli ta' aċċessibilità; jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza tal-konklużjonijiet tal-istudju mwettaq mid-Dipartiment Tematiku Ċ bl-isem "Ir-rwol ta' protezzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità"; iqis li huwa importanti li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikompli jorganizza avvenimenti li jiffokaw fuq il-petizzjonijiet fil-qasam ta' diżabilità; jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u tas-segretarjat tiegħu sabiex dan ikun jista' jaqdi b'mod xieraq ir-rwol tiegħu ta' protezzjoni; jitlob li jinħatar uffiċjal responsabbli mill-ipproċessar tal-problemi relatati mad-diżabilità; jieħu nota tal-pjan ta' azzjoni sinifikanti ta' segwitu magħmul mill-kumitat fl-2015 fir-rigward tad-diżabilità f'suġġetti aktar speċifiċi, bħalma, pereżempju, ir-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Marrakexx, l-iżblukkar tad-Direttiva kontra d-Diskriminazzjoni, l-eżenzjoni mid-dazji doganali għal ċerti oġġetti maħsuba għat-titjib kulturali, edukattiv jew xjentifiku tal-persuni b'diżabilità jew l-indukraturi tal-familja;

24. Iħeġġeġ ratifika minnufih fil-livell tal-UE tat-Trattat ta' Marrakexx sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati għal persuni li huma għomja, li għandhom vista batuta, jew persuni b'diffikultà biex jaqraw materjal stampat, ikun xi jkun il-kunflitt fuq il-kompetenzi quddiem il-QtĠ-UE; li fl-Osservazzjonijiet Finali tiegħu f'Settembru 2015, il-Kumitat tas-CPRD semma' ċerti nuqqasijiet fl-UE fir-rigward tal-konformità sħiħa mal-Konvenzjoni; jinnota li l-UE hija meħtieġa tadotta minnufih Att Ewropew emendat dwar l-Aċċessibilità li jkun jinkludi mekkaniżmi effettivi u aċċessibbli ta' infurzar u ta' lment; jinnota r-rekwiżit li jiġu diżakkoppjati r-rwoli tal-Kummissjoni billi titneħħa mill-qafas ta' monitoraġġ indipendenti, sabiex jiġi żgurat li l-qafas ikollu riżorsi adegwati għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu;

([1]) Adottati mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti fl-erbatax-il sessjoni tiegħu (mis-17 ta' Awwissu sal-4 ta' Settembru 2015); ara: http://tbinternet.ohchr.org/_layouts/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CRPD%2fC%2fEU%2fCO%2f1&Lang=en

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

25. Jenfasizza d-diversità tas-suġġetti li jitqajmu fil-petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini, bħad-drittijiet fundamentali, il-benesseri tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, id-drittijiet tat-tfal, is-suq intern, il-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, ir-relazzjonijiet industrijali, il-politiki dwar il-migrazzjoni, il-ftehimiet kummerċjali, il-kwistjonijiet dwar is-saħħa pubblika, it-trasport, id-drittijiet tal-annimali u d-diskriminazzjoni;

26. Jiddispjaċih għall-approċċ restrittiv ħafna meħud mill-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għall-petizzjonijiet relatati ma' aspetti differenti tat-trattament xieraq tal-annimali, f'dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikolu 13 tat-TFUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-approċċ attwali tgħagħha u tkompli tanalizza l-bażi ġuridika tiegħu sabiex jaqdi rwol fl-iżgurar tal-protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-annimali madwar l-UE;

27. Jenfasizza l-karattru sensittiv tal-petizzjonijiet relatati mad-drittijiet tat-tfal, peress li f'każijiet bħal dawn hemm bżonn ta' tweġiba urġenti u adegwata għat-tħassib tal-petizzjonanti filwaqt li jinżammu l-aħjar interessi tat-tfal, fil-kuntest taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jista' jorganizza meta jkun qed jinvestiga petizzjonijiet;

28. Iqis li l-organizzazzjoni ta' seduti pubbliċi tikkostitwixxi mod importanti kif jiġu eżaminati f'aktar dettall il-problemi mqajma mill-petizzjonanti li jaqgħu taħt l-oqsma ta' attività tal-UE, kif ukoll l-aspetti ġenerali tal-funzjonament tal-UE u n-nuqqasijiet sottostanti fihom; jiġbed l-attenzjoni għas-seduti pubbliċi organizzati fis-26 ta' Frar 2015 flimkien mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, fit-23 ta' Ġunju 2015 dwar id-dritt ta' petizzjoni, fil-15 ta' Ottubru 2015 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, tal-11 ta' Mejju 2015 ma' tliet kumitati oħrajn dwar l-ECI "Inwaqqfu l-Vivisezzjoni", u jqis ukoll bħala utli s-sessjoni ta' ħidma li saret fl-1 ta' Diċembru 2015 flimkien mal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-adozzjonijiet transfruntiera;

29. Iqis li l-ECI hija dritt politiku ġdid għaċ-ċittadini kif ukoll għodda rilevanti biex tiġi definita l-aġenda politika fil-qasam ta' demokrazija parteċipattiva fl-Unjoni Ewropea, li tippermetti liċ-ċittadini jkunu involuti direttament u b'mod attiv fil-proġetti u l-proċessi li jaffettwawhom, u li l-potenzjal tagħha għandu bla dubju jiġi sfruttat bis-sħiħ u għandu jitjieb b'mod sinifikanti sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli u sabiex l-akbar numru possibbli ta' ċittadini tal-Unjoni jitħeġġu jipparteċipaw fl-iżvilupp ulterjuri tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea; iqis bl-istess mod li t-tisħiħ tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, tal-leġittimità demokratika u tat-trasparenza tal-istituzzjonijiet għandu jkun fost l-objettivi prijoritarji tal-UE; ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tagħti segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li saru mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]) sabiex jiġi żgurat li d-dritt ta' sottomissjoni tal-ECI jiġi implimentat kif suppost; itenni l-impenn tiegħu li jipparteċipa b'mod proattiv fl-organizzazzjoni ta' seduti pubbliċi dwar inizjattivi ta' suċċess; jintrabat li jagħti prijorità fil-livell istituzzjonali lill-effettività ta' dan il-proċess ta' parteċipazzjoni u li jiggarantixxi segwitu leġiżlattiv xieraq;

30. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni tqis li huwa kmieni wisq biex tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 211/2011 li sar applikabbli aktar minn tliet snin ilu tal-1 ta' April 2012; iqis li jeħtieġ li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi evalwata bir-reqqa sabiex jiġu solvuti n-nuqqasijiet possibbli identifikati u jiġu proposti soluzzjonijiet vijabbli sabiex dan jiġi rivedut immedjatament, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ikunu ġenwinament ċari, sempliċi, proporzjonati u jkunu faċilment applikabbli; jilqa' r-rapport tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2015 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u d-Deċiżjoni OI/9/2013/TN tal-Ombudsman Ewropew, u jitlob lill-Kummissjoni biex fir-reviżjoni ta' dan l-istrument tiżgura li l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tipprovdi kontribut effettiv lill-Unjoni f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li jiġu adottati l-miżuri legali kollha rilevanti sabiex jingħata segwitu xieraq meta jitqies li inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tkun ġiet ikkompletata b'suċċess; jitlob lill-Kummissjoni biex, fid-dawl tal-bosta nuqqasijiet li tqajmu, tressaq malajr kemm jista' jkun proposta għal riforma tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;

31. Jiġbed l-attenzjoni għar-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-leġiżlazzjoni ipotekarja u l-istrumenti finanzjarji riskjużi fi Spanja ([2]) fid-dawl tal-petizzjonijiet li waslu, fejn il-Parlament għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-dritt ipotekarju u l-ġlieda kontra l-abbużi bankarji; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha tad-Direttiva 2014/17/UE dwar kuntratti ta' kreditu ipotekarju u tad-Direttiva 93/13/KEE dwar klawsoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, u biex tikkondividi l-aħjar prattika biex titjieb il-protezzjoni taċ-ċittadini f'diffikultà finanzjarja,

32. Huwa mħasseb dwar l-evidenza ta' nuqqasijiet dwar l-aċċess xieraq għall-ġustizzja f'ċerti Stati Membri li nstabu bħala riżultat tal-ipproċessar tal-petizzjonijiet; iqis li din hija kwistjoni essenzjali li għandha tiġi indirizzata minnufih sabiex jiġi garantit funzjonament demokratiku xieraq tal-Unjoni u l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali miċ-ċittadini u mir-residenti tagħha; iqis li l-Unjoni għandha tagħti eżempju billi tintroduċi l-pilastru tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-ġustizzja dwar kwistjonijiet ambjentali;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0382.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0347.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

33. Jiġbed l-attenzjoni għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2014 ([1]), kif ukoll għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016 dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2014 ([2]);

34. Jilqa' l-issoktar ta' livell aktar normali ta' attività fil-qasam taż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, u jistenna li l-potenzjal sħiħ ta' din il-prerogattiva speċifika tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiġi sfruttat fis-snin li ġejjin sal-aħħar nett tal-perjodu leġiżlattiv; jisħaq fuq l-importanza tad-Dokumenti ta' Ħidma prodotti wara kull żjara, inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet differenti kkonċernati sabiex iqisuhom; iqis li l-grad ta' konformità ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandu jiġi vvalutat perjodikament;

35. Jenfasizza l-ħidma mwettqa fl-2015 mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jagħmel disponibbli għall-petizzjonanti portal tal-internet li permezz tiegħu jkollhom l-opportunità li jirreġistraw ruħhom, iressqu petizzjoni, iniżżlu d-dokumenti ta' akkumpanjament u jinkitbu fil-petizzjonijiet li diġà ġew iddikjarati ammissibbli; jenfasizza l-aġġornament ta' dan il-portal, fejn diġà ttellgħu il-petizzjonijiet irreġistrati fl-2013, l-2014 u l-2015; jilqa' l-fatt li l-funzjonalitajiet il-ġodda ta' tiftix, ta' adeżjoni ma' petizzjoni eżistenti u tal-kunfidenzjalità tal-petizzjonant iġġeddu u tjiebu;

36. Ifakkar fil-passi li għadhom meħtieġa biex jiġu konklużi l-fażijiet pendenti tal-proġett tal-portal tal-petizzjonijiet, fejn il-petizzjonanti se jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni f'ħin reali dwar l-istatus tal-petizzjoni tagħhom u se jiġu notifikati awtomatikament dwar bidliet fil-proċess ta' pproċessar bħad-dikjarazzjoni ta' ammissibilità, ir-riċevuta ta' tweġiba mingħand il-Kummissjoni jew l-inklużjoni tal-petizzjoni tagħhom fl-aġenda ta' laqgħa tal-kumitat u l-link għax-xandir fuq il-web, u għaldaqstant jingħataw informazzjoni ċara u diretta mis-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jisħaq li l-portal fuq il-web huwa sors ta' informazzjoni kruċjali għaċ-ċittadini tal-UE, u li għalhekk għandha tiġi provduta informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-petizzjoni;

37. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern; jisħaq li d-dokumenti ppreżentati u ffirmati b'firma elettronika minn kull wieħed mit-28 Stat Membru għandhom jiġu aċċettati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, kif ukoll mill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea;

38. Jenfasizza r-rwol importanti tan-netwerk SOLVIT, li huwa netwerk għal soluzzjoni tal-problemi bejn l-Istati Membri, u li għandu jiġi żviluppat sew biex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu f'kollaborazzjoni ma' dawn l-Istati Membri u maċ-ċentri nazzjonali SOLVIT tagħhom li jirrapportaw lill-amministrazzjonijiet nazzjonali, u jitlob li dan jiġi mogħni b'riżorsi miżjuda u li ssir analiżi aktar sistematika tal-problemi identifikati permezz tas-SOLVIT, peress li dan in-netwerk jikkontribwixxi biex tingħata stampa reali tal-funzjonament ħażin tas-suq uniku;

39. Jistieden lir-Renju Unit jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport dwar iż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni f'Londra fil-5 u s-6 ta' Novembru 2015 li ġie adottat minn dan il-Kumitat fid-19 ta' April 2016;

40. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mal-Ombudsman Ewropew kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Parlament fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen; ifaħħar ir-relazzjonijiet tajba miżmuma fl-ambitu interistituzzjonali bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifaħħar il-ħidma tal-Ombudsman biex ittejjeb l-amministrazzjoni tajba fl-UE, u apprezza b'mod partikolari l-kontribut regolari tagħha għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena kollha;

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-kumitati għall-petizzjonijiet tagħhom u lill-ombudsmen nazzjonali tagħhom jew lil korpi simili kompetenti.

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0021.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0062.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0513

Ftehimiet dwar l-avjazzjoni internazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar ftehimiet dwar l-avjazzjoni internazzjonali (2016/2961(RSP))

(2018/C 238/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016 li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tibda negozjati dwar ftehimiet ta' sikurezza tal-avjazzjoni mal-Ġappun u ċ-Ċina,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2016 li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tibda negozjati dwar il-ftehimiet ta' servizzi bl-ajru fil-livell tal-UE mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), it-Turkija, il-Qatar u l-Emirati Għarab Magħquda,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur" (COM(2012)0556),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa" (COM(2015)0598),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-avjazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([2]) ("il-Ftehim Qafas") u b'mod partikolari l-punti 23 sa 29, l-Anness II u l-Anness III tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari s-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2014 fil-każ tal-Mauritius (C-658/11) u tal-14 ta' Ġunju 2016 fil-każ tat-Tanzanija (C-263/14),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-12 ta' Marzu 2014 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni ([3]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2013 rigward ir-regoli li jindirizzaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-arranġamenti prattiċi għall-għoti ta' informazzjoni dwar negozjati dwar l-avjazzjoni internazzjonali, inkluż l-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali, kif maqbul bejn il-President tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kummissarju għat-Trasport fil-forma ta' skambju ta' ittri fid-19 ta' Jannar 2016 u fit-18 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 218 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet dwar l-avjazzjoni internazzjonali (O-000128/2016 – B8-1807/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0394.
([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([3]) ĠU C 95, 1.4.2014, p. 1.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

A. billi l-Kummissjoni pproponiet Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa biex tiftaħ negozjati dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili mal-Ġappun u ċ-Ċina, u ta' servizzi bl-ajru fil-livell tal-UE maċ-Ċina, it-Turkija, il-Messiku, sitt membri tal-istati tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, l-Armenja u l-ASEAN;

B. billi l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għal ftehimiet dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni mal-Ġappun u maċ-Ċina u ta' ftehimiet ta' servizzi bl-ajru fil-livell tal-UE mal-ASEAN, it-Turkija, il-Qatar u l-Emirati Għarab Magħquda;

C. billi l-approvazzjoni tal-Parlament hi meħtieġa għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jkopru l-oqsma li tapplika għalihom il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

D. billi, meta l-Kummissjoni tkun qed tinnegozja ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Parlament għandu "jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura" (l-Artikolu 218(10) tat-TFUE);

E. billi l-Ftehim Qafas għandu jiżgura li s-setgħat u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet jiġu eżerċitati b'mod kemm jista' jkun effikaċi u trasparenti;

F. billi f'dak il-Ftehim Qafas il-Kummissjoni ntrabtet li tirrispetta l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-Parlament u tal-Kunsill rigward kwistjonijiet leġiżlattivi u baġitarji, speċjalment rigward l-aċċess għal laqgħat u t-trażmissjoni ta' kontribuzzjonijiet jew informazzjoni oħra;

1. Jisħaq fuq il-fatt li, sabiex il-Parlament ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar jekk jagħtix l-approvazzjoni tiegħu jew le fl-aħħar tan-negozjati, hemm bżonn li hu jsegwi l-proċess mill-bidu; jikkunsidra li hu wkoll fl-interess tal-istituzzjonijiet l-oħra li kwalunkwe tħassib ta' ċerta importanza li jqajjem dubji dwar ir-rieda tal-Parlament li jagħti l-approvazzjoni tiegħu jeħtieġ jiġi identifikat u indirizzat fi stadju bikri;

2. Ifakkar li l-Ftehim Qafas rivedut jiddikjara, b'mod partikolari, li l-Parlament mill-bidu għandu jirċievi, b'mod regolari u, fejn meħtieġ, fuq bażi kunfidenzjali, id-dettalji sħaħ dwar il-proċedura li tkun għaddejja fl-istadji kollha tan-negozjati;

3. Jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament informazzjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tipproponi negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi u emendati ftehimiet internazzjonali dwar l-ajru; jistenna li l-Kummissjoni tilħaq ftehimiet mal-Kunsill u mas-sħab fin-negozjati sabiex il-Membri tal-Parlament Ewropew jingħataw aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha, inklużi d-direttivi ta' negozjati u t-testi kkonsolidati, b'mod parallel u fuq bażi ugwali mal-Kunsill;

4. Jinnota li, skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim Qafas, l-informazzjoni msemmija hawn fuq trid tiġi trażmessa lill-Parlament, b'mod li, fejn ikun meħtieġ, hu jkun jista' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu; jitlob espressament lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament dwar kif ġew ikkunsidrati l-opinjonijiet tal-Parlament;

5. Ifakkar li, skont l-Artikolu 218(10) tat-TFUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-Parlament immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura;

6. Jirrikonoxxi li meta l-Parlament jirċievi informazzjoni sensittiva dwar negozjati li jkunu għaddejjin, hu għandu l-obbligu li jiżgura li tinżamm il-kunfidenzjalità sħiħa;

7. Jinnota li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jippermettu li l-Parlament "fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, […] jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel jiġi konkluż [il-ftehim internazzjonali ikkonċernat]" (l-Artikolu 108(4));

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0482

Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Alġerija fi programmi tal-Unjoni ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (16152/2014 – C8-0152/2015 – 2014/0195(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 238/17)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16152/2014),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (16150/2014),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 212 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0152/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0367/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0483

Atlantiku tal-Grigal: stokkijiet tal-baħar fond u sajd fl-ilmijiet internazzjonali ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (11625/1/2016 – C8-0427/2016 – 2012/0179(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 238/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11625/1/2016 – C8-0427/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Frar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2016)0667),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0371),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0369/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 133, 9.5.2013, p. 41.
([2]) Testi adottati tal-10.12.2013, P7_TA(2013)0539.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0484

Reviżjoni Ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar ir-reviżjoni ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (2016/2114(REG)) (*)

(2018/C 238/19)

Il-Parlament Ewropew

— wara li kkunsidra l-Artikoli 226 u 227 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0344/2016),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Jissottolinja li dawk l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura kkunsidraw kif dovut id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]);

3. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jieħu l-miżuri li hemm bżonn sabiex is-sistemi tal-IT tal-Parlament jiġu adattati minnufih għar-Regoli ta' Proċedura emendati u jinħolqu għodod elettroniċi xierqa, *inter alia* biex isir segwitu għall-mistoqsijiet bil-miktub li jsiru lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni;

4. Jiddeċiedi li jħassar l-Artikolu 106(4) mir-Regoli ta' Proċedura hekk kif il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun tneħħiet minn kwalunkwe leġislazzjoni eżistenti u jitlob li, sadanittant, is-servizzi kkonċernati jżidu ma' dak l-Artikolu nota ta' qiegħ il-paġna b'referenza għal dak it-tħassir futur;

5. Jistieden lill-Konferenza tal-Presidenti tirrieżamina l-Kodiċi ta' Mġiba għan-negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex tinġieb konformi mal-Artikoli 73 sa 73d adottati b'riżultat ta' din id-Deċiżjoni;

6. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li l-Annessi għar-Regoli ta' Proċedura jerġgħu jiġu organizzati sabiex ikun fihom biss testi li jkollhom l-istess valur legali u jkunu suġġetti għall-istess maġġoranza proċedurali bħar-Regoli ta' Proċedura nfushom u l-Anness VI li, minkejja li jeħtieġ proċedura differenti u maġġoranza differenti għall-adozzjoni tiegħu, jikkonsisti f'miżuri ta' implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura; jitlob li l-annessi eżistenti l-oħra u kwalunkwe test addizzjonali li jista' jkun rilevanti għall-ħidma tal-Membri, jerġgħu jiġu organizzati f'kompendju li jkun jakkumpanja r-Regoli ta' Proċedura;

7. Jinnota li l-emendi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sessjoni parzjali ta' wara dak tal-adozzjoni tagħhom, bl-eċċezzjoni ***ta':***

(a) l-emendi għall-Artikolu 212(1) u (2) dwar il-kompożizzjoni ta' delegazzjonijiet interparlamentari, li għandhom jidħlu fis-seħħ għad-delegazzjonijiet eżistenti mal-ftuħ tal-ewwel sessjoni parzjali ta' wara l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew li se jsiru fl-2019;

(b) l-emendi għall-Artikolu 199 dwar il-kompożizzjoni tal-kumitati u t-tħassir tal-Artikolu 200 dwar is-Sostituti, li għandhom jidħlu fis-seħħ fil-ftuħ tal-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew li se jsiru fl-2019;

(*) Għall-verżjoni konsolidata tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew kif emendata, ara http://www.europarl.europa.eu/sides/getLastRules.do?language=MT&reference=TOC

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Jinnota wkoll li l-modalitajiet attwali għall-elezzjoni tal-membri tal-kumitati ta' inkjesta u l-kumitati speċjali għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-ftuħ tal-ewwel sessjoni wara l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew li se jsiru fl-2019, minkejja l-emendi għall-Artikolu 196, l-Artikolu 197(1) u 198(3).

8. Jitlob li tiġi kkunsidrata reviżjoni ulterjuri tar-Regoli ta' Proċedura f'dak li jirrigwarda l-proċeduri interni tal-baġit;

9. Jiddeċiedi li l-Membri għandhom jadattaw id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom biex jirriflettu l-bidliet fl-Artikolu 4 tal-Anness I għar-Regoli ta' Proċedura sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk il-bidliet; jitlob lill-Bureau tiegħu u lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex, fi żmien tliet xhur mid-data ta' dak id-dħul fis-seħħ, jieħdu l-miżuri xierqa biex jippermettu dak l-adattament mill-Membri; jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet sottomessi abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura fis-seħħ fid-data li tiġi adottata din id-deċiżjoni ser jibqgħu validi sa sitt xhur wara d-data ta' dak id-dħul fis-seħħ; jiddeċiedi, barra minn hekk, li dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija l-aħħar se jkunu japplikaw ukoll għal kull Membru li l-mandat tiegħu jibda jseħħ matul dak l-istess perjodu;

10. Jikkritika l-preżentazzjoni ta' data statistika dwar l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni, id-diskorsi fil-plenarja, il-mistoqsijiet parlamentari, l-emendi u l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni fuq is-sit web tal-Parlament, li tidher li mfassla b'mod biex turi, fuq pjattaformi bħal MEPRanking, liema Membri tal-Parlament Ewropew huma allegatament "attivi"; jistieden lill-Bureau tiegħu jieqaf jipprovdi numri mhux ittrattati f'forma statistika u biex jikkunsidra kriterji aktar xierqa biex jidentifika Membru bħala "attiv";

11. Jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jirrieżamina l-Artikolu 168a rigward id-definizzjonijiet il-ġodda tal-limiti, kif ukoll biex sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-Artikolu jirrieżamina l-applikazzjoni ta' dawk il-limiti għal Artikoli speċifiċi;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 2	Artikolu 2
Mandat indipendenti	Mandat indipendenti
Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jeżerċitaw il-mandat tagħhom b'mod indipendenti. M'għandhomx jiġu mxekkla minn xi istruzzjonijiet u m'għandhomx jirċievu mandat li jorbothom.	***Skont l-Artikolu 6(1) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 u l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tal-Istatut għall-Membri*** tal-Parlament Ewropew***, il-Membri*** għandhom jeżerċitaw il-mandat tagħhom b'mod ***ħieles u*** indipendenti, m'għandhomx jiġu mxekkla minn xi istruzzjonijiet u m'għandhomx jirċievu mandat li jorbothom.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 3	Artikolu 3
Verifika ta' kredenzjali	Verifika ta' kredenzjali
1. Wara l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, il-President għandu jistieden lill-awtoritajiet kompetenti ***ta' l-Istati*** Membri sabiex jgħaddu lill-Parlament mingħajr dewmien l-ismijiet tal-Membri eletti sabiex il-Membri kollha jieħdu l-kariga fil-Parlament b'effet mill-ftuħ ***ta' l-ewwel*** seduta wara l-elezzjonijiet.	1. Wara l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, il-President għandu jistieden lill-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istati*** Membri sabiex jgħaddu lill-Parlament mingħajr dewmien l-ismijiet tal-Membri eletti sabiex il-Membri kollha jieħdu l-kariga fil-Parlament b'effet mill-ftuħ ***tal-ewwel*** seduta wara l-elezzjonijiet.
Fl-istess ħin, il-President għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dawk l-awtoritajiet għad-dispożizzjoniiet rilevanti għall-Att ***ta' l-20*** ta' Settembru 1976 u jistedinhom jieħdu l-miżuri meħtiega sabiex jevitaw kull inkompatibbiltà mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew.	Fl-istess ħin, il-President għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dawk l-awtoritajiet għad-dispożizzjoniiet rilevanti għall-Att ***tal-20*** ta' Settembru 1976 u jistedinhom jieħdu l-miżuri meħtiega sabiex jevitaw kull inkompatibbiltà mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew.
2. Kull Membru li l-elezzjoni tiegħu jkun mgħarraf biha l-Parlament għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub, qabel jidħol fil-kariga fil-Parlament, li huwa ma għandu ebda kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew fis-sens ***ta' l-Artikolu*** 7(1) u (2) ***ta' l-Att ta' l-20*** ta' Settembru 1976. Wara l-elezzjonijiet ġenerali, din id-dikjarazzjoni għandha ssir fejn hu possibbli mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel is-seduta kostituttiva tal-Parlament. Sakemm il-kredenzjali ta' Membru jkunu vverifikati jew tkun ingħatat deċiżjoni fuq kwalunkwe tilwima u kemm-il darba jkun iffirma minn qabel id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija aktar 'l fuq, il-Membru għandu jidħol fil-kariga tiegħu fil-Parlament u fil-korpi tiegħu u għandu jgawdi mid-drittijiet marbuta ma' din il-kariga.	2. Kull Membru li l-elezzjoni tiegħu jkun mgħarraf biha l-Parlament għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub, qabel jidħol fil-kariga fil-Parlament, li huwa ma għandu ebda kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew fis-sens ***tal-Artikolu*** 7(1) u (2) ***tal-Att tal-20*** ta' Settembru 1976. Wara l-elezzjonijiet ġenerali, din id-dikjarazzjoni għandha ssir fejn hu possibbli mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel is-seduta kostituttiva tal-Parlament. Sakemm il-kredenzjali ta' Membru jkunu vverifikati jew tkun ingħatat deċiżjoni fuq kwalunkwe tilwima u kemm-il darba jkun iffirma minn qabel id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija aktar 'l fuq, il-Membru għandu jidħol fil-kariga tiegħu fil-Parlament u fil-korpi tiegħu u għandu jgawdi mid-drittijiet marbuta ma' din il-kariga.
Fejn ikun stabbilit minn fatti vverifikati minn sorsi disponibbli għall-pubbliku li Membru għandu kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ***ta' l-Artikolu*** 7(1) u (2) ***ta' l-Att ta' l-20*** ta' Settembru 1976, il-Parlament, fuq il-bażi ta' tagħrif provdut mill-President tiegħu, għandu jistabbilixxi li hemm post vakanti.	Fejn ikun stabbilit minn fatti vverifikati minn sorsi disponibbli għall-pubbliku li Membru għandu kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ***tal-Artikolu*** 7(1) u (2) ***tal-Att tal-20*** ta' Settembru 1976, il-Parlament, fuq il-bażi ta' tagħrif provdut mill-President tiegħu, għandu jistabbilixxi li hemm post vakanti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Fuq il-bażi ta' rapport magħmul mill-kumitat responsabbli ***mill-verifika tal-kredenzjali***, il-Parlament għandu jivverifika l-kredenzjali mingħajr dewmien u jiddeċiedi dwar il-validità tal-mandat ta' kull wieħed mill-Membri li jkunu għadhom kemm ġew eletti kif ukoll dwar ***xi*** kontestazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ***ta' l-Att ta' l-20*** ta' Settembru 1976, ***ħlief għad-dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-liġijiet elettorali*** nazzjonali.	3. Fuq il-bażi ta' rapport magħmul mill-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu jivverifika l-kredenzjali mingħajr dewmien u jiddeċiedi dwar il-validità tal-mandat ta' kull wieħed mill-Membri ***tiegħu*** li jkunu għadhom kemm ġew eletti kif ukoll dwar ***kwalunkwe*** kontestazzjoni ***skont*** id-dispożizzjonijiet ***tal-Att tal-20*** ta' Settembru 1976, ***għajr dawk li, skont dak l-Att, jaqgħu esklużivament taħt id-dispożizzjonijiet*** nazzjonali ***li għalihom jirreferi dak l-Att***.
	Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun ibbażat fuq in-notifika uffiċjali tar-riżultati sħaħ tal-elezzjoni min naħa ta' kull Stat Membru. Fin-notifika għandhom ikunu speċifikati l-ismijiet tal-kandidati eletti u l-ismijiet ta' xi sostituti flimkien mal-ordni tagħhom skond ir-riżultat tal-votazzjoni.
	Il-validità tal-mandat ta' Membru ma tistax tiġi kkonfermata jekk ma jkunux saru d-dikjarazzjonijiet bil-miktub meħtieġa taħt dan l-Artikolu u l-Anness I ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
4. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun ibbażat fuq in-notifika uffiċjali tar-riżultati sħaħ ta' l-elezzjoni min naħa ta' kull Stat Membru. Fin-notifika għandhom ikunu speċifikati l-ismijiet tal-kandidati eletti u l-ismijiet ta' xi sostituti flimkien ma' l-ordni tagħhom skond ir-riżultat tal-votazzjoni.	
Il-validità tal-mandat ta' xi Membru ma tistax tkun ikkonfermata jekk ma jkunux saru d-dikjarazzjonijiet bil-miktub meħtieġa taħt dan l-Artikolu u l-Anness I ta' dawn ir-regoli.	
Fuq il-bażi ta' ***rapport*** tal-kumitat, il-Parlament jista' f'kull ħin jieħu deċiżjoni dwar xi kontestazzjoni tal-validità tal-mandat ta' xi wieħed mill-Membri tiegħu.	***4.*** Fuq il-bażi ta' ***proposta*** tal-kumitat ***responsabbli***, il-Parlament ***għandu, mingħajr dewmien, jivverifika l-kredenzjali tal-Membri individwali li jkunu qed jieħdu post Membri li jkunu temmew il-mandat tagħhom u*** jista' f'kull ħin jieħu deċiżjoni dwar xi kontestazzjoni tal-validità tal-mandat ta' xi wieħed mill-Membri tiegħu.
5. Meta l-ħatra ta' Membru sseħħ minħabba l-irtirar ta' kandidati mill-istess lista, il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-irtirar fil-kwistjoni jkun sar skond l-ispirtu u l-kelma ***ta' l-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976 u ***ta' l-Artikolu*** 4(3).	5. Meta l-ħatra ta' Membru sseħħ minħabba l-irtirar ta' kandidati mill-istess lista, il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-irtirar fil-kwistjoni jkun sar skond l-ispirtu u l-kelma ***tal-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976 u ***tal-Artikolu*** 4(3).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
6. Il-kumitat għandu jiżgura li kull informazzjoni li tista' teffettwa ***l-qadi tad-dmirijiet*** ta' xi Membru tal-Parlament Ewropew jew l-ordni tas-sostituti tintbagħat minnufih lill-Parlament mill-awtoritajiet ***ta' l-Istati*** Membri jew ***ta' l-Unjoni***, b'indikazzjoni tad-data tas-seħħ fejn jikkonċerna xi ħatra.	6. Il-kumitat għandu jiżgura li kull informazzjoni li tista' teffettwa ***l-eliġibilità*** ta' xi Membru tal-Parlament Ewropew ***jew l-eliġibilità*** jew l-ordni tas-sostituti tintbagħat minnufih lill-Parlament mill-awtoritajiet ***tal-Istati*** Membri jew ***tal-Unjoni***, b'indikazzjoni tad-data tas-seħħ fejn jikkonċerna xi ħatra.
Jekk l-awtoritajiet kompetenti ***ta' l-Istati*** Membri jagħtu bidu għal proċedura li tista' twassal għall-iskwalifika ta' Membru milli jieħu l-kariga, il-President għandu jitlobhom biex iżommuh infurmat regolarment dwar l-istadju li fih tkun waslet il-proċedura. Huwa għandu jirreferi l-każ lill-kumitat responsabbli. Fuq proposta ta' dak il-kumitat, il-Parlament jista' jieħu pożizzjoni dwar il-każ.	Jekk l-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istati*** Membri jagħtu bidu għal proċedura li tista' twassal għall-iskwalifika ta' Membru milli jieħu l-kariga, il-President għandu jitlobhom biex iżommuh infurmat regolarment dwar l-istadju li fih tkun waslet il-proċedura. Huwa għandu jirreferi l-każ lill-kumitat responsabbli. Fuq proposta ta' dak il-kumitat, il-Parlament jista' jieħu pożizzjoni dwar il-każ.

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 4	Artikolu 4
Tul tal-mandat tal-Membri	Tul tal-mandat tal-Membri
1. Il-mandat tal-membri ***għandu*** jibda u jispiċċa ***skond*** kif imniżżel ***fl-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976. ***Jintemm ukoll mal-mewt jew mar-riżenja.***	1. Il-mandat tal-membri jibda u jispiċċa ***skont*** kif imniżżel ***fl-Artikoli 5 u 13 tal-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976.
2. Kull membru għandu jibqa' fil-kariga sal-ftuħ ta' l-ewwel seduta tal-Parlament wara l-elezzjonijiet.	
3. Membru li jkun se jirriżenja għandu jgħarraf lill-President bir-riżenja tiegħu u bid-data li fiha r-riżenja tkun ser sseħħ, liema data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika. Din in-notifika għandu jkollha forma ta' dokument uffiċjali mħejji fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali jew tar-rappreżentant tiegħu, iffirmat minn dan ***ta' l-aħħar*** u mill-Membru konċernat u ppreżentat minnufih lill-kumitat responsabbli li għandu jdaħħlu fl-aġenda ***ta' l-ewwel*** laqgħa tiegħu li tiġi wara li jkun irċieva d-dokument.	3. Membru li jkun se jirriżenja għandu jgħarraf lill-President bir-riżenja tiegħu u bid-data li fiha r-riżenja tkun ser sseħħ, liema data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika. Din in-notifika għandu jkollha forma ta' dokument uffiċjali mħejji fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali jew tar-rappreżentant tiegħu, iffirmat minn dan ***tal-aħħar*** u mill-Membru konċernat u ppreżentat minnufih lill-kumitat responsabbli li għandu jdaħħlu fl-aġenda ***tal-ewwel*** laqgħa tiegħu li tiġi wara li jkun irċieva d-dokument.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja ***ma tkunx skond l-ispirtu u l-kelma ta'*** l-Att tal-20 ta' Settembru 1976 ***huwa*** għandu ***jinforma b'dan lill-Parlament ħalli l-Parlament ikun jista' jistabilixxi jekk il-post ikunx vakanti jew le***.	Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja ***hija skont*** l-Att tal-20 ta' Settembru 1976, għandu ***jiġi dikjarat post vakanti b'effett mid-data indikata mill-Membru li jkun qed jirriżenja fid-dokument uffiċjali, u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament dwar dan***.
F'każ li jiġi meqjus vakanti, il-post jitqies vakanti sa mid-data li l-Membru li jkun qed jirriżenja jkun niżżel fid-dokument uffiċjali. M'għandux jittieħed vot fil-Parlament dwar dan.	***Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja ma tkunx f'konformità mal-Att tal-20 ta' Settembru 1976, huwa għandu jipproponi lill-Parlament li ma jiddikjarax li hemm post vakanti***.
Ġiet introdotta proċedura simplifikata għal ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali, b'mod partikulari fejn issir sessjoni parzjali waħda jew aktar bejn id-data effettiva tar-riżenja u l-ewwel laqgħa tal-kumitat responsabbli u fejn, peress li l-post ma jkunx għadu ġie meqjus vakanti, il-grupp politiku li minnu jagħmel parti l-Membru li jkun qed jirriżenja ma jkollux il-possibiltà li jpożżi Membru minfloku waqt dawk is-sessjonijiet parzjali. Taħt din il-proċedura, ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli minn dawn il-każijiet għandu s-setgħa li jeżamina minnufih kull riżenja nnotifikata kif jistħoqq u, fil-każ fejn kwalunkwe dewmien fil-kunsiderazzjoni tan-notifika jista' jkun ta' preġudizzju, li jirreferi l-kwistjoni lill-president tal-kumitat, filwaqt li jitolbu, skond il-paragrafu 3: — ***jew li jgħarraf lill-President għan-nom tal-kumitat li l-post jista' jitqies vakanti; or*** — ***jew li jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-kumitat sabiex jeżamina xi diffikultajiet speċifiċi nnutati mir-rapporteur.***	
	3a. Meta l-ebda laqgħa tal-kumitat responsabbli ma tiġi skedata qabel is-sessjoni parzjali li jkun imiss, ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli għandu immedjatament jeżamina kwalunkwe riżenja li tkun ġiet debitament notifikata. Fejn dewmien fil-kunsiderazzjoni tan-notifika jkun ta' preġudizzju, ir-rapporteur għandu jirreferi l-kwistjoni lill-president tal-kumitat, filwaqt li jitlob, skont il-paragrafu 3, li: — ***il-President jiġi mgħarraf f'isem il-kumitat li l-post jista' jitqies vakanti; jew*** — ***tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-kumitat sabiex jeżamina xi diffikultajiet speċifiċi nnutati mir-rapporteur;***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Fejn ***awtorità*** kompetenti ***ta' Stat Membru tinnotifika lill-President bit-tmiem tal-mandat*** ta' ***Membru tal-Parlament Ewropew skond id-dispożizzjonijiet tal-Liġi ta' dak l-Istat Membru, b'riżultat*** jew ***ta' inkompatibbiltajiet fis-sens ta' l-Artikolu 73 ta' l-Att*** ta' ***l-20 ta' Settembru 1976 jew*** ta' ***l-irtirar tal-mandat skond l-Artikolu 13(3) ta' dak l-Att***, il-President għandu jinforma lill-Parlament ***li l-mandat spiċċa fid-data kkomunikata mill-Istat Membru u jistieden lill-Istat Membru jimla l-post*** vakanti ***mingħajr dewmien***.	4. Fejn ***jew l-awtoritajiet*** kompetenti ***tal-Istati Membri jew tal-Unjoni jew il-Membru konċernat jgħarrfu lill-President b'xi ħatra*** jew ***elezzjoni għal kariga li tkun inkompatibbli mal-kariga*** ta' ***Membru tal-Parlament Ewropew fis-sens tal-Artikolu 7(1) jew (2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976***, il-President għandu jinforma lill-Parlament ***b'dan, u l-Parlament għandu jiddikjara li jeżisti post*** vakanti ***mid-data tal-inkompatibilità***.
Jekk l-awtoritajiet kompetenti ***ta' l-***Istati Membri ***jew ta' l-Unjoni jew il-Membru konċernat jgħarrfu lill-President dwar xi ħatra*** jew ***elezzjoni għal kariga li tkun inkompatibbli mal-kariga ta'*** Membru ***tal-Parlament Ewropew, fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) u (2) ta' l-***Att ***ta' l-***20 ta' Settembru 1976, ***il-President għandu jgħarraf lill-Parlament u l-Parlament għandu jistabilixi li hemm post vakanti***.	Jekk l-awtoritajiet kompetenti ***tal-***Istati Membri ***jinnotifikaw lill-President bit-tmiem tal-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew bħala riżultat*** jew ***ta' inkompatibilità addizzjonali stabbilita bil-liġi ta' dak l-Istat*** Membru ***skont l-Artikolu 7(3) tal-***Att ***tal-***20 ta' Settembru 1976 ***jew tal-irtirar tal-mandat tal-Membru skont l-Artikolu 13(3) ta' dak l-Att, il-President għandu jgħarraf lill-Parlament li l-mandat*** ta' ***dak il-Membru spiċċa fid-data kkomunikata mill-Istat Membru. Fejn l-ebda tali data ma tiġi kkomunikata, id-data ta' tmiem il-mandat għandha tkun id-data tan-notifika minn dak l-Istat Membru.***
5. ***L-awtoritajiet ta' l-***Istati Membri jew ***ta' l-Unjoni għandhom*** jgħarrfu lill-President ***b'xi kariga*** li jkunu bi ħsiebhom jagħtu lil xi Membru. Il-President għandu jirreferi lill-kumitat responsabbli l-kwistjoni tal-kompatibilità tal-kariga proposta ***ma' l-ispirtu u l-kelma ta' l-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976. Huwa għandu jgħarraf lill-Parlament, lill-Membru u lill-awtoritajiet konċernati bil-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-kumitat.	5. ***Meta l-awtoritajiet tal-***Istati Membri jew ***tal-Unjoni*** jgħarrfu lill-President ***b'kariga*** li jkunu bi ħsiebhom jagħtu lil xi Membru, il-President għandu jirreferi lill-kumitat responsabbli l-kwistjoni tal-kompatibilità tal-kariga proposta ***mal-Att*** tal-20 ta' Settembru 1976 ***u*** għandu jgħarraf lill-Parlament, lill-Membru u lill-awtoritajiet konċernati bil-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-kumitat.
6. Id-data tat-tmiem tal-kariga u d-data effettiva ta' post vakanti għandhom jitqiesu kif imniżżel hawn taħt:	
— ***f'każ ta' riżenja: id-data li fiha l-Parlament iqis il-post bħala vakanti, skond in-notifika tar-riżenja;***	
— ***f'każ ta' ħatra jew elezzjoni għal kariga li hija inkompatibbli mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) jew (2) ta' l-Att tal-20 ta' Settembru 1976: id-data notifikata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew ta' l-Unjoni jew mill-Membru konċernat.***	
7. Meta l-Parlament jistabilixxi ***li jeżisti*** post vakanti, għandu jgħarraf ***b'dan*** lill-Istat Membru konċernat u jistiednu jimla ***il-kariga*** mingħajr dewmien.	7. Meta l-Parlament jistabilixxi post vakanti, ***il-President*** għandu jgħarraf lill-Istat Membru konċernat ***b'dan,*** u jistiednu jimla ***l-kariga*** mingħajr dewmien.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
8. Kull kontestazzjoni li tikkonċerna l-validità tal-ħatra ta' Membru li l-kredenzjali tiegħu ikunu diġà ġew verifikati għandha tiġi rreferuta lill-kumitat responsabbli, li min-naħa tiegħu għandu jirraporta minnufih lill-Parlament u mhux aktar tard mill-bidu tas-sessjoni parzjali li jkun imiss.	
9. Il-Parlament ***jirriżerva d-dritt li*** jiddikjara li l-ħatra li qed tiġi kkunsidrata tkun invalida jew ***li*** jirrifjuta li jqis il-post vakanti jekk l-aċċettazzjoni jew it-tmiem tal-kariga jkunu jidhru li huma bbażati fuq ineżattezzi materjali jew fuq vizzju tal-kunsens.	9. Il-Parlament ***jista'*** jiddikjara li l-ħatra li qed tiġi kkunsidrata tkun invalida jew ***jista'*** jirrifjuta li jqis il-post vakanti jekk l-aċċettazzjoni jew it-tmiem tal-kariga jkunu jidhru li huma bbażati fuq ineżattezzi materjali jew fuq vizzju tal-kunsens.

Emenda 4

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 5	Artikolu 5
Privileġġi u immunitajiet	Privileġġi u immunitajiet
1. Il-Membri ***għandhom igawdu*** l-privileġġi u l-immunitajiet ***skond il-Protokoll*** dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.	1. Il-Membri ***jgawdu*** l-privileġġi u l-immunitajiet ***stabbiliti fil-Protokoll*** dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.
2. ***L-immunità*** parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.	2. ***Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. L-immunità*** parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.
3. ***Malli l-President jiġi mgħarraf bl-elezzjoni tal-Membri, huwa għandu joħroġ permessi lill-Membri biex huma jkunu jistgħu jiċċirkulaw*** bla xkiel fl-Istati Membri.	3. ***Fuq talba u suġġett għall-awtorizzazzjoni mill-President tal-Parlament, l-Unjoni Ewropea għandha toħroġ laissez-passer tal-Unjoni Ewropea lil Membru li jippermetti li l-Membru jiċċirkola*** bla xkiel fl-Istati Membri ***u f'pajjiżi oħra li jirrikonoxxu dan il-laissez-passer bħala dokument tal-ivjaġġar validu.***
	3a. Għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom, il-Membri kollha għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet tal-Parlament skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Il-Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jispezzjonaw il-fajls miżmuma mill-Parlament jew minn xi kumitat, ħlief fajls personali u ta' kontabilità li l-Membri konċernati biss jingħatalhom il-permess li jispezzjonawhom. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola għall-immaniġġjar ta' dokumenti li l-aċċess għalihom jista' ma jkunx permess, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandhom jitniżżlu ***fl-Anness VII ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura***.	4. Il-Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jispezzjonaw il-fajls miżmuma mill-Parlament jew minn xi kumitat, ħlief fajls personali u ta' kontabilità li l-Membri konċernati biss jingħatalhom il-permess li jispezzjonawhom. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola għall-immaniġġjar ta' dokumenti li l-aċċess għalihom jista' ma jkunx permess, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandhom jitniżżlu ***fl-Artikolu 210a***.
	Bl-approvazzjoni tal-Bureau, Membru jista', fuq il-bażi ta' deċiżjoni motivata, jiġi mċaħħad mid-dritt li jispezzjona dokument Parlamentari jekk, wara li jkun instema' l-Membru kkonċernat, il-Bureau jasal għall-konklużjoni li tali spezzjoni tista' toħloq ħsara mhux aċċettabbli għall-interessi istituzzjonali tal-Parlament jew għall-interess pubbliku, u li l-Membru kkonċernat ikun qed ifittex li jispezzjona d-dokument għal raġunijiet privati u personali. Il-Membru jista' jressaq appell bil-miktub kontra deċiżjoni bħal din fi żmien xahar minn meta tiġi notifikata. Biex ikunu ammissibbli, l-appelli bil-miktub għandhom jinkludi r-raġunijiet. Il-Parlament għandu jasal għal deċiżjoni dwar l-appell mingħajr dibattitu waqt is-sessjoni parzjali li tiġi wara li jkun tressaq l-appell.

Emenda 5

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 6	Artikolu 6
Revoka ta' l-immunità	Revoka ta' l-immunità
1. ***Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u biex jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.*** Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tkun ivvalutata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm riferiment għalihom ***f'dan l-Artikolu***.	1. Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tkun ivvalutata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm riferiment għalihom ***fl-Artikolu 5(2)***.
2. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija tal-immunità kemm-il darba:	2. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija tal-immunità kemm-il darba:

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
— li ma jkunux obbligati jidhru f'data u f'ħin li ma jippermettilhomx iwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom, jew jagħmluhielhom diffiċli li jwettqu dawk id-dmirjiet, jew li se jkunu jistgħu jagħtu stqarrija bil-miktub jew b'xi forma oħra li ma tkunx tagħmilha diffiċli għalihom li jwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom; and	— li ma jkunux obbligati jidhru f'data u f'ħin li ma jippermettilhomx iwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom, jew jagħmluhielhom diffiċli li jwettqu dawk id-dmirjiet, jew li se jkunu jistgħu jagħtu stqarrija bil-miktub jew b'xi forma oħra li ma tkunx tagħmilha diffiċli għalihom li jwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom; u
— li ma jkunux obbligati jixhdu dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u li hu ma jkunux iħossu li għandhom jagħtu.	— li ma jkunux obbligati jixhdu dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u li hu ma jkunux iħossu li għandhom jagħtu.

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 7	Artikolu 7
Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità	Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità
1. Fil-każijiet fejn ***il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru*** jew ***ex-Membru*** jkun ***allegat li ġew miksura*** mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk ***fil-fatt kienx hemm*** ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).	1. Fil-każijiet fejn ***jiġi allegat li seħħ*** jew ***li*** jkun ***se jseħħ ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew ex-Membru*** mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk ***seħħx ksur jew hux probabbli li se jseħħ*** ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).
2. B'mod partikolari, tali talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tista' ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort' oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-post tal-laqgħa tal-Parlament jew fuq l-opinjoni espressa jew vot mixħut fit-twettiq ta' dmirijiethom, jew li jkunu jinkwadraw ruħhom fl-ambitu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.	2. B'mod partikolari, tali talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tista' ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi ***jkunu*** jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort' oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-post tal-laqgħa tal-Parlament jew fuq l-opinjoni espressa jew vot mixħut fit-twettiq ta' dmirijiethom, jew li jkunu jinkwadraw ruħhom fl-ambitu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.
3. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru ma titqiesx ammissibbli jekk talba għal tneħħija jew ħarsien tal-immunità ta' dak il-Membru tkun ġa ġiet riċevuta f'dak li għandu x'jaqsam mal-istess ***proċedimenti legali***, kemm jekk ittieħdet deċiżjoni kemm jekk le f'dak iż-żmien.	3. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru ma titqiesx ammissibbli jekk talba għal tneħħija jew ħarsien tal-immunità ta' dak il-Membru tkun ġa ġiet riċevuta f'dak li għandu x'jaqsam mal-istess ***fatti***, kemm jekk ittieħdet deċiżjoni kemm jekk le f'dak iż-żmien.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. L-ebda konsiderazzjoni oħra ma tingħata lil talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jekk it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' dak il-Membru tasal b'rabta mal-istess ***proċedimenti legali***.	4. L-ebda konsiderazzjoni oħra ma tingħata lil talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jekk it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' dak il-Membru tasal b'rabta mal-istess ***fatti***.
5. F'każijiet fejn ***deċiżjoni*** tkun ittieħdet ***li ma jkunux imħarsin*** il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru, il-Membru jista' jagħmel talba għar-rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida. It-talba għar-rikunsiderazzjoni għandha tkun inammissibbli jekk ikunu nbdew proċedimenti kontra d-deċiżjoni skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew jekk il-President iqis li l-evidenza l-ġdida preżentata ma tkunx suffiċjentement sostanzjali li titlob għar-rikunsiderazzjoni.	5. F'każijiet fejn tkun ittieħdet ***deċiżjoni li l***-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru ***ma jiġux imħarsa***, il-Membru ***eċċezzjonalment*** jista' jagħmel talba għar-rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida ***skont l-Artikolu 9(1)***. It-talba għar-rikunsiderazzjoni għandha tkun inammissibbli jekk ikunu nbdew proċedimenti kontra d-deċiżjoni skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew jekk il-President iqis li l-evidenza l-ġdida preżentata ma tkunx suffiċjentement sostanzjali li titlob għar-rikunsiderazzjoni.

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 9	Artikolu 9
Proċeduri dwar l-immunità	Proċeduri dwar l-immunità
1. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ħadd li kien Membru sabiex jitħarsu l-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.	1. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ħadd li kien Membru sabiex jitħarsu l-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.
Il-Membru jew ***l-ex-Membru jista' jkun rappreżentat*** minn Membru ieħor***. It-talba ma tistax issir minn Membru ieħor mingħajr il-qbil tal-***Membru kkonċernat.	***1a. Bil-qbil tal-Membru*** jew ***tal-ex-Membru kkonċernat, it-talba tista' ssir*** minn Membru ieħor***, li għandu jitħalla jirrappreżenta lill-Membru jew lill-ex-***Membru kkonċernat ***fl-istadji kollha tal-proċedura.***
	Il-Membru li jirrapreżenta lill-Membru jew lill-ex-Membru kkonċernat m'għandux ikun involut fid-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitat.
2. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.	2. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ***ta' l-immunità*** jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet.	3. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ***tal-immunità*** jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet. ***Mhumiex ammissibbli emendi. Jekk proposta tiġi miċħuda, id-deċiżjoni kuntrarja għandha titqies li tkun ġiet adottata .***
4. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.	4. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.
5. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. ***Huwa jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor***.	5. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema' ***u*** jista' jippreżenta kwalunkwe dokument jew evidenza oħra bil-miktub li jħoss li huma rilevanti.
Il-Membru ma għandux ikun preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smigħ innifsu.	Il-Membru ma għandux ikun preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smigħ innifsu.
Il-President tal-Kumitat għandu jistieden lill-Membru għas-smigħ, billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jipparteċipa fis-smigħ.	Il-President tal-Kumitat għandu jistieden lill-Membru għas-smigħ, billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jipparteċipa fis-smigħ.
Jekk il-Membru ma jipparteċipax fis-smigħ wara dik l-istedina, jitqies li rrinunzja dak il-jedd li jkun mismugħ, sakemm ma jitlobx li jkun eżonerat mis-smigħ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-Kumitat għandu jagħti deċiżjoni dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.	Jekk il-Membru ma jipparteċipax fis-smigħ wara dik l-istedina, jitqies li rrinunzja dak il-jedd li jkun mismugħ, sakemm ma jitlobx li jkun eżonerat mis-smigħ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-Kumitat għandu jagħti deċiżjoni dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.
Jekk il-President tal-Kumitat jilqa' t-talba għal eżoneru, allura jistieden lill-Membru jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membru jonqos li jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura tissokta mingħajr ma jinstema' l-Membru. Ebda talba oħra għal eżoneru, jew għas-smigħ, ma tintlaqa' minn dan l-istadju 'l quddiem.	Jekk il-President tal-Kumitat jilqa' t-talba għal eżoneru, allura jistieden lill-Membru jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membru jonqos li jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura tissokta mingħajr ma jinstema' l-Membru. Ebda talba oħra għal eżoneru, jew għas-smigħ, ma tintlaqa' minn dan l-istadju 'l quddiem.
6. Jekk it-talba tfittex li tneħħi l-immunità għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija ***ta' l-immunità*** tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew ***limitazzjoni tal-libertà*** jew minn kull miżura li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.	6. Jekk it-talba tfittex li tneħħi ***jew li tiddefendi*** l-immunità għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija ***jew id-difiża tal-immunità*** tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew ***rimandar*** jew minn kull miżura ***oħra*** li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ***ta' l-awtorità*** in kwistjoni u dwar l-ammissibiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.	7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ***tal-awtorità*** in kwistjoni u dwar l-ammissibiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.
8. ***Ir-rapport*** tal-kumitat ***għandu jitqiegħed fil-bidu ta'*** l-aġenda ***ta' l-ewwel*** seduta wara l-jum li fih ikun imqiegħed fuq il-Mejda. ***Ebda*** emenda ***għall-proposta/proposti għal deċiżjoni*** ma tista' tiġi mqiegħda fuq il-Mejda.	8. ***Il-proposta għal deċiżjoni*** tal-kumitat ***għandha titqiegħed fuq*** l-aġenda ***tal-ewwel*** seduta wara l-jum li fih ikun imqiegħed fuq il-Mejda. ***L-ebda*** emenda ***għal tali proposta*** ma tista' tiġi mqiegħda fuq il-Mejda.
Id-diskussjoni għandha tiġi ristretta għar-raġunijiet favur jew kontra kull proposta biex jitneħħa jew jitħares il-privileġġ jew l-immunità.	Id-diskussjoni għandha tiġi ristretta għar-raġunijiet favur jew kontra kull proposta biex jitneħħa jew jitħares il-privileġġ jew l-immunità.
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 164, il-Membru li tiegħu l-privileġġi u l-immunitajiet ikunu qed jitqiesu, m'għandux jieħu sehem fid-dibattitu.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 164, il-Membru li tiegħu l-privileġġi u l-immunitajiet ikunu qed jitqiesu, m'għandux jieħu sehem fid-dibattitu.
Il-proposta/proposti għal deċiżjoni li jinsabu fir-rapport għandu jittieħed vot fuqhom fl-ewwel ħin ta' votazzjoni wara d-dibattitu.	Il-proposta/proposti għal deċiżjoni li jinsabu fir-rapport għandu jittieħed vot fuqhom fl-ewwel ħin ta' votazzjoni wara d-dibattitu.
Wara li l-Parlament ikun ikkunsidra l-każ, għandu jittieħed vot separat fuq kull waħda mill-proposti li jinsabu fir-rapport. Jekk proposta tiġi miċħuda, jitqies li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni kuntrarja.	Wara li l-Parlament ikun ikkunsidra l-każ, għandu jittieħed vot separat fuq kull waħda mill-proposti li jinsabu fir-rapport. Jekk proposta tiġi miċħuda, jitqies li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni kuntrarja.
9. Il-President għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru konċernat u lill-awtorità kompetenti ***ta' l-Istat*** Membru konċernat, b'talba li l-President għandu jinżamm infurmat dwar żviluppi fil-proċedimenti rilevanti u dwar sentenzi ġudizzjarji mogħtija bħala konsegwenza ta' dawn. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.	9. Il-President għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru konċernat u lill-awtorità kompetenti ***tal-Istat*** Membru konċernat, b'talba li l-President għandu jinżamm infurmat dwar żviluppi fil-proċedimenti rilevanti u dwar sentenzi ġudizzjarji mogħtija bħala konsegwenza ta' dawn. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun ***l-aktar*** xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.
10. Il-kumitat għandu jittratta dawn l-affarijiet u juża d-dokumenti li jkun irċieva bl-akbar kunfidenzjalità.	10. Il-kumitat għandu jittratta dawn l-affarijiet u juża d-dokumenti li jkun irċieva bl-akbar kunfidenzjalità. ***Il-kumitat għandu dejjem jikkunsidra t-talbiet relatati mal-proċeduri dwar l-immunità bil-magħluq.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
11. ***Wara li jkun ikkonsulta l-Istati Membri, il-kumitat jista' jagħmel lista indikattiva ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jistgħu jressqu talba biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru***.	11. ***Il-Parlament għandu jeżamina biss talbiet biex*** titneħħa l-immunità ta' xi Membru ***li jkunu ġew trażmessi lilu mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri***.
12. Il-kumitat għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.	12. Il-kumitat għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.
13. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi ttrattata skond ir-regoli t'hawn fuq.	13. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi ttrattata skond ir-regoli t'hawn fuq.

Emenda 8

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 10

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Implimentazzjoni ta' l-Istatut tal-Membri	
Il-Parlament għandu jadotta l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u kwalunkwe modifika għalih fuq il-bażi ta' proposta mill-kumitat responsabbli. L-Artikolu 150(1) għandu japplika mutatis mutandis. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u għandu jiddeċiedi dwar il-pakketti finanzjarji fuq il-bażi tal-baġit annwali.	

Emendi 9 u 314

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 11.

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 11.	Artikolu 11.
Interessi finanzjarji ***tal-Membri,*** standards ta' mġiba***, reġistru ta' trasparenza obbligatorju u aċċess għall-Parlament***	Interessi finanzjarji ***u*** standards ta' mġiba ***tal-Membri***
1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-trasparenza ***ta' l-interessi*** finanzjarji tal-Membri tiegħu, taħt forma ta' kodiċi ta' mġiba adottat mill-maġġoranza tal-Membri, ***skont l-Artikolu 232 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** u mehmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness ([1]).	1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-trasparenza ***tal-interessi*** finanzjarji tal-Membri tiegħu, taħt forma ta' kodiċi ta' mġiba adottat mill-maġġoranza tal-Membri, u mehmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness ([1]).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Dawn ir-regoli ***m'għandhom bl-ebda mod*** joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni għall-Membri fil-qadi tal-kariga tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew ta' xort'oħra li għandha x'taqsam ***ma' l-imsemmija*** kariga.	Dawn ir-regoli ***m'għandhomx*** joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni ***bi kwalunkwe mod ieħor*** għall-Membri fil-qadi tal-kariga tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew ta' xort'oħra li għandha x'taqsam ***mal-imsemmija*** kariga.
	1a. Il-Membri għandhom jadottaw il-prattika sistematika li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza ([1a])***.***
2. L-imġiba tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata ***b'rispett*** reċiproku, għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u ***l-priċipji*** stabbiliti ***fit-testi bażiċi li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, għandha*** tirrispetta d-dinjità tal-Parlament ***u*** m'għandhiex tikkomprometti t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma parlamentari ***jew itellef il-paċi*** u ***l-kwiet ta' kwalunkwe bini*** tal-Parlament***. Il-Membri għandhom jimxu mar-regoli tal-Parlament dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali***.	2. L-imġiba tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata ***minn rispett*** reċiproku, għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u ***l-prinċipji*** stabbiliti ***fit-Trattati, u b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u*** tirrispetta d-dinjità tal-Parlament***. Barra minn hekk,*** m'għandhiex tikkomprometti t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma parlamentari***, iż-żamma tas-sigurtà*** u ***tal-ordni fil-bini*** tal-Parlament ***jew il-funzjonament tal-apparat tiegħu***.
	Il-Membri m'għandhomx jirrikorru għal lingwaġġ jew imġiba malafamanti, razzist jew ksenofobiku fid-dibattiti parlamentari, u f'dak il-kuntest l-anqas ma għandhom jifthu strixxuni.
	Il-Membri għandhom jimxu mar-regoli tal-Parlament dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali.
In-nuqqas ta' ***osservazzjoni*** ta' dawn l-istandards u r-regoli jista' jwassal għal applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikoli 165, 166 u 167.	In-nuqqas ta' ***osservanza*** ta' dawn l-istandards u r-regoli jista' jwassal għal applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikoli 165, 166 u 167.
3. L-applikazzjoni ta' din ir-Regola ***bl-ebda*** mod ***m'għandha*** tnaqqas mill-heġġa tad-dibattiti parlamentari jew tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.	3. L-applikazzjoni ta' din ir-Regola ***m'għandhiex bi kwalunkwe*** mod ***ieħor*** tnaqqas mill-heġġa tad-dibattiti parlamentari jew tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.
Għandha tkun ibbażata fuq rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Membri, kif stipulat fil-liġi primarja u l-Istatut tal-Membri.	Għandha tkun ibbażata fuq rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Membri, kif stipulat fil-liġi primarja u l-Istatut tal-Membri.
Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' trasparenza u titwettaq b'mod tali li d-dispożizzjonijiet relevanti jkunu ċari għall-Membri, li għandhom ikunu mgħarrfa individwalment bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom.	Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' trasparenza u titwettaq b'mod tali li d-dispożizzjonijiet relevanti jkunu ċari għall-Membri, li għandhom ikunu mgħarrfa individwalment bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom.
	3a. Meta persuna impjegata minn Membru, jew persuna oħra li għaliha Membru jkun irranġa biex ikollha aċċess għall-bini jew għal apparat tal-Parlament, ma tikkonformax mal-istandards ta' mġiba stabbiliti fil-paragrafu 2, il-penali definiti fl-Artikolu 166 jistgħu, fejn ikun xieraq, jiġu imposti fuq il-Membru kkonċernat.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. ***Fil-bidu ta' kull leġislatura,*** il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw l-ikbar numru ta' assistenti li ***jistgħu jiġu akkreditati*** minn kull Membru ***(assistenti akkreditati)***.	4. Il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw l-ikbar numru ta' assistenti li ***jista' jiġi akkreditat*** minn kull Membru.
5. Il-kards ta' aċċess fit-tul għandhom jinħarġu lill-persuni esterni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni taħt ir-responsabilità tal-Kwesturi. Dawn il-kards huma validi għal mhux aktar minn sena. Dan il-perjodu jista' jiġġedded. Id-dettalji dwar l-użu ta' dawn il-kards huma ffissati mill-Bureau.	
Dawn il-kards ta' aċċess jistgħu jinħarġu:	
— ***lill-persuni li huma rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza*** ([2])***, jew li jirrappreżentaw jew jaħdmu għal organizzazzjonijiet li huma rreġistrati fih, għalkemm r-reġistrazzjoni ma tagħtix dritt awtomatiku għal tali kards ta' aċċess;***	
— ***lill-persuni li jixtiequ jidħlu l-bini tal-Parlament ta' spiss iżda ma jaqgħux fl-ambitu tal-ftehim dwar l-istabbilment tar-reġistru ta' trasparenza*** ([3])***;***	
— ***lill-assistenti lokali tal-Membri kif ukoll lill-persuni li jgħinu lill-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.***	
6. Il-persuni rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza għandhom, fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħhom mal-Parlament, josservaw:	
— ***il-kodiċi ta' mġiba anness mal-ftehim*** ([4])***;***	
— ***il-proċeduri u l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-ftehim; u***	
— ***id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu;***	
7. Il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw sa fejn il-kodiċi ta' mġiba huwa applikabbli għall-persuni li, filwaqt li għandhom kard ta' aċċess fit-tul, ma jaqgħux fl-ambitu tal-ftehim.	
8. Il-kard ta' aċċess għandha tiġi rtirata permezz ta' deċiżjoni motivata mill-Kwesturi fil-każijiet li ġejjin:	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
— ***it-tneħħija mir-reġistru ta' trasparenza, ħlief jekk ikun hemm argumenti sinifikattivi kontra l-irtirar;***	
— ***nuqqas serju tal-osservanza tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 6.***	
9. Il-Bureau, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta r-reġistru ta' trasparenza skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istabbiliment tal-imsemmi reġistru;	
Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-paragrafi 5 sa 8 għandhom jiġu stabbiliti fl-anness ([5])***.***	
10. Il-kodiċi ta' mġiba u d-drittijiet u l-privileġġi ta' ex-Membri għandhom jitħejjew b'deċiżjoni tal-Bureau. M'għandhiex issir distinzjoni fit-trattament ta' ex-Membri.	10. Il-kodiċi ta' mġiba u d-drittijiet u l-privileġġi ta' ex-Membri għandhom jitħejjew b'deċiżjoni tal-Bureau. M'għandhiex issir distinzjoni fit-trattament ta' ex-Membri.

([1]) Ara l-Anness I.
([2]) ***Reġistru stabbilit permezz tal-ftehim bejn il-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Reġistru ta' Trasparenza għall-organizzazzjonijiet u l-persuni li jaħdmu għal rashom li huma involuti fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea (ara l-Anness IX, Parti B).***
([4]) ***Ara l-Anness 3 tal-ftehim li jinsab fl-Anness IX, Parti B.***
([3]) ***Ara l-Anness IX, Parti B.***
([5]) ***Ara l-Anness IX, Parti A.***

([1]) Ara l-Anness I.
([1a]) ***Reġistru stabbilit permezz tal-ftehim bejn il-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Reġistru ta' Trasparenza għall-organizzazzjonijiet u l-persuni li jaħdmu għal rashom li huma involuti fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 277, 19.9.2014, p. 11)***

Emenda 10

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 12

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 12	Artikolu 12
Investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)	Investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)
Ir-regoli komuni mniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li jinkludu l-miżuri meħtieġa biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju għandhom ikunu applikabbli fil-Parlament, skond id-Deċiżjoni tal-Parlament ***annessa ma' dawn ir-Regoli*** ta' ***Proċedura*** ([6]).	Ir-regoli komuni mniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li jinkludu l-miżuri meħtieġa biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju għandhom ikunu applikabbli fil-Parlament, skond id-Deċiżjoni tal-Parlament ***tat-18 ta' Novembru 1999 rigward it-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni b'rabta mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwlaunkwe attività illegali*** ta' ***detriment għall-interessi tal-Komunità***.

([6]) ***Ara l-Anness XI.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 11

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 13

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 13	Artikolu 13
Osservaturi	Osservaturi
1. Meta jkun ġie ffirmat Trattat dwar l-adeżjoni ta' xi Stat mal-Unjoni Ewropea, il-President jista', wara li jkun kiseb il-qbil tal-Konferenza tal-Presidenti, jistieden lill-parlament tal-Istat li qed jaderixxi biex, minn fost il-membri tiegħu stess, jaħtar numru ta' osservaturi li jkun daqs in-nurmu ta' siġġijiet ġejjienin fil-Parlament Ewropew allokati lil dak l-Istat.	1. Meta jkun ġie ffirmat Trattat dwar l-adeżjoni ta' xi Stat mal-Unjoni Ewropea, il-President jista', wara li jkun kiseb il-qbil tal-Konferenza tal-Presidenti, jistieden lill-parlament tal-Istat li qed jaderixxi biex, minn fost il-membri tiegħu stess, jaħtar numru ta' osservaturi li jkun daqs in-nurmu ta' siġġijiet ġejjienin fil-Parlament Ewropew allokati lil dak l-Istat.
2. Dawk l-osservaturi għandhom jieħdu sehem fil-proċeduri tal-Parlament sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Adeżjoni, u għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu fil-kumitati u l-gruppi politiċi. M'għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw jew li joħorġu għall-elezzjoni għal pożizzjonijiet fi ħdan il-Parlament. Il-parteċipazzjoni tagħhom m'għandu jkollha l-ebda effett legali fuq il-proċeduri tal-Parlament.	2. Dawk l-osservaturi għandhom jieħdu sehem fil-proċeduri tal-Parlament sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Adeżjoni, u għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu fil-kumitati u l-gruppi politiċi. M'għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw jew li joħorġu għall-elezzjoni għal pożizzjonijiet fi ħdan il-Parlament***, u lanqas li jirrapreżentaw lill-Parlament esternament***. Il-parteċipazzjoni tagħhom m'għandu jkollha l-ebda effett legali fuq il-proċeduri tal-Parlament.
3. It-trattament tagħhom għandu jkun assimilat ma' dak ta' Membru tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament u r-rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu fl-attivitajiet tagħhom bħala osservaturi.	3. It-trattament tagħhom għandu jkun assimilat ma' dak ta' Membru tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament u r-rimborż tal-ispejjeż ***tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza*** li jġarrbu fl-attivitajiet tagħhom bħala osservaturi.

Emenda 12

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 14	Artikolu 14
President proviżorju	President proviżorju
1. Fis-seduta li tinżamm skont l-Artikolu 146(2), u fi kwalunkwe seduta oħra miżmuma bil-għan li jiġu eletti l-President u l-Bureau, il-President uxxenti jew, fin-nuqqas tiegħu, xi wieħed mill-Viċi Presidenti uxxenti fl-ordni ta' preċedenza jew, fl-assenza tagħhom, il-Membru li jkun żamm il-mandat għall-itwal perijodu għandu jippresiedi sakemm ikun elett il-President.	1. Fis-seduta li tinżamm skont l-Artikolu 146(2), u fi kwalunkwe seduta oħra miżmuma bil-għan li jiġu eletti l-President u l-Bureau, il-President uxxenti jew, fin-nuqqas tiegħu, xi wieħed mill-Viċi Presidenti uxxenti fl-ordni ta' preċedenza jew, fl-assenza tagħhom, il-Membru li jkun żamm il-mandat għall-itwal perijodu għandu jippresiedi sakemm ikun elett il-President.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. M'għandu jsir l-ebda xogħol sakemm xi Membru jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont il-paragrafu 1, ħlief jekk ix-xogħol ***ikollu x'jaqsam ma'*** l-elezzjoni tal-President jew mal-verifika ***tal-kredenzjali***.	2. M'għandu jsir l-ebda xogħol sakemm xi Membru jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont il-paragrafu 1, ħlief jekk ix-xogħol ***ikun jikkonċerna*** l-elezzjoni tal-President jew ***il-verifika tal-kredenzjali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2). Kull kwistjoni oħra li għandha x'taqsam*** mal-verifika ***ta' kredenzjali li titqajjem waqt li hu jkun qiegħed jippresiedi, għandha tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli***.
Il-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont il-paragrafu 1 jeżerċita s-setgħat tal-President imsemmija fl-Artikolu 3(2). Kull kwistjoni oħra li għandha x' taqsam mal-verifika ta' kredenzjali li titqajjem waqt li hu jkun qiegħed jippresiedi, għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli mill-verifika tal-kredenzjali.	

Emendi 13 u 383

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 15

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 15	Artikolu 15
Nominazzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali	Nominazzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali
1. Il-President***, il-Viċi Presidenti u l-Kwesturi għandhom ikunu eletti*** b'vot sigriet, ***skond l-Artikolu 182. In-nominazzjonijiet għandhom ikunu bil-kunsens. Dawn jistgħu isiru biss minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Madankollu, jekk in-numru ta' nominazzjonijiet ma jkunx jisboq in-numru ta' karigi li jridu jimtlew, il-kandidati jistgħu ikunu eletti b'akklamazzjoni***.	1. Il-President ***għandu jkun elett*** b'vot sigriet, ***segwit mill-Viċi Presidenti u l-Kwesturi, skont l-Artikolu 182***.
	In-nominazzjonijiet għandhom ikunu bil-kunsens tal-innominat, u jistgħu jsiru biss minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn 40 Membru. Nominazzjonijiet ġodda jistgħu jiġu ppreżentati qabel kull votazzjoni.
	Jekk in-numru ta' nominazzjonijiet ma jaqbiżx in-numru ta' siġġijiet li jridu jimtlew, il-kandidati għandhom jiġu eletti b' akklamazzjoni, sakemm ma jkunx hemm talba għal votazzjoni sigrieta minn tal-inqas wieħed minn kull ħamsa tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.
	Filkaż ta' votazzjoni waħda għal aktar minn detentur ta' kariga wieħed, il-karta tal-vot għandha tkun valida biss jekk aktar minn nofs il-voti disponibbli jkunu ntużaw.
Jekk ikun meħtieġ li jittieħed il-post ta' Viċi President wieħed, u jkun hemm kandidat wieħed biss, dan jistà jiġi elett b'akklamazzjoni. Il-President għandu diskrezzjoni biex jiddeċiedi jekk l-elezzjoni ssirx b'akklamazzjoni jew b'vot sigriet. Il-kandidat elett għandu jieħu l-post tal-predeċessur tiegħu fl-ordni ta' preċedenza	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Fl-elezzjoni tal-President***, ***tal-Viċi*** Presidenti u tal-Kwesturi għandha titqies il-ħtieġa li ***tiġi żgurata*** b'mod ġenerali ***rappreżentazzjoni*** ġusta ***ta' l-Istati Membri u ta' fehmiet politiċi***.	2. ***Meta jkunu qegħdin jiġu eletti il-President***, ***il-Viċi*** Presidenti u tal-Kwesturi, għandha titqies il-ħtieġa li ***jiġu żgurati*** b'mod ġenerali ***rappreżentanza*** ġusta ***tal-fehmiet politiċi, kif ukoll bilanċ tal-ġeneru u bilanċ ġeografiku***.

Emenda 14

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 16

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 16	Artikolu 16
Elezzjoni ta' President – indirizz tal-ftuħ	Elezzjoni ta' President – indirizz tal-ftuħ
1. ***Il-President għandu jkun elett l-ewwel. In-nominazzjonijiet*** għandhom jingħataw ***qabel kull votazzjoni*** lill-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14, li għandu jħabbarhom lill-Parlament. Jekk wara tliet votazzjonijiet ebda kandidat ma jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, ir-raba' votazzjoni għandha tkun biss bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tielet votazzjoni. F' każ ta' voti ndaqs, l-aktar kandidat anzjan għandu jiġi dikjarat elett.	1. ***In-nominazzjonijiet għal President*** għandhom jingħataw lill-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14, li għandu jħabbarhom lill-Parlament. Jekk wara tliet votazzjonijiet ebda kandidat ma jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, ir-raba' votazzjoni għandha***, bħala deroga mill-Artikolu 15(1),*** tkun biss bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tielet votazzjoni. F' każ ta' voti ndaqs, l-aktar kandidat anzjan għandu jiġi dikjarat elett.
2. Malli jiġi elett il-President, il-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14 m'għandux jibqa jippresiedi. Huwa biss il-President elett li jista' jagħmel l-indirizz tal-ftuħ.	2. Malli jiġi elett il-President, il-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14 m'għandux jibqa jippresiedi. Huwa biss il-President elett li jista' jagħmel l-indirizz tal-ftuħ.

Emenda 15

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 17

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 17	Artikolu 17
Elezzjoni ta' Viċi Presidenti	Elezzjoni ta' Viċi Presidenti
1. Il-Viċi Presidenti għandhom imbagħad jiġu eletti fuq ***karta tal-vot*** waħda. Għandhom ikunu dikjarati eletti fl-ewwel votazzjoni dawk illi jġibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, sakemm jimtlew erbatax-il post u fl-ordni skont in-numru ta' voti li jkunu kisbu. Jekk in-numru ta' kandidati eletti jkun inqas min-numru ta' karigi li jridu jimtlew, għandha ssir it-tieni votazzjoni skond l-istess kundizzjonijiet sabiex jimtlew il-karigi li jkun fadal. Jekk tkun meħtieġa it-tielet votazzjoni, maġġoranza relattiva għandha tkun biżżejjed għall-elezzjoni fil-karigi li jkun fadal. Fil-każ ta' riżultat ndaqs, l-aktar kandidati anzjani għandhom ikunu dikjarati eletti.	1. Il-Viċi Presidenti għandhom imbagħad jiġu eletti fuq ***votazzjoni*** waħda. Għandhom ikunu dikjarati eletti fl-ewwel votazzjoni dawk illi jġibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, sakemm jimtlew erbatax-il post u fl-ordni skont in-numru ta' voti li jkunu kisbu. Jekk in-numru ta' kandidati eletti jkun inqas min-numru ta' karigi li jridu jimtlew, għandha ssir it-tieni votazzjoni skond l-istess kundizzjonijiet sabiex jimtlew il-karigi li jkun fadal. Jekk tkun meħtieġa it-tielet votazzjoni, maġġoranza relattiva għandha tkun biżżejjed għall-elezzjoni fil-karigi li jkun fadal. Fil-każ ta' riżultat ndaqs, l-aktar kandidati anzjani għandhom ikunu dikjarati eletti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Għalkemm dan l-Artikolu, kuntrarju għall-Artikolu 16(1), ma jiddisponix espressament għat-tfigħ ta' nominazzjonijiet ġodda bejn votazzjoni u oħra matul l-elezzjoni ta' Viċi Presidenti, azzjoni ta' dan it-tip hija permissibbli għaliex il-Parlament, li huwa korp sovran, għandu jkun jista' jikkunsidra l-kandidati kollha possibbli, speċjalment billi n-nuqqas ta' din il-possibilita` jista' jfixkel l-iżvolġiment kalm ta' l-elezzjoni.	
2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ***ta' l-Artikolu*** 20(1), il-Viċi Presidenti għandu jkollhom preċedenza skond l-ordni li fih ikunu ġew eletti u, fil-każ ta' voti ndaqs, skond l-eta`.	2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ***tal-Artikolu*** 20(1), il-Viċi Presidenti għandu jkollhom preċedenza skond l-ordni li fih ikunu ġew eletti u, fil-każ ta' voti ndaqs, skond l-eta`.
Meta jkunu ġew eletti b'akklamazzjoni, għandu jittieħed vot sigriet biex tiġi stabbilita l-ordni ta' preċedenza.	Meta jkunu ġew eletti b'akklamazzjoni, għandu jittieħed vot sigriet biex tiġi stabbilita l-ordni ta' preċedenza.

Emenda 16

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 18

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 18	Artikolu 18
Elezzjoni ta' Kwesturi	Elezzjoni ta' Kwesturi
Wara l-elezzjoni tal-Viċi Presidenti, il-Parlament għandu jeleġġi ħames Kwesturi	***Il-Parlament għandu jeleġġi ħames Kwesturi bl-istess proċedura bħal dik użata fl-elezzjoni tal-Viċi Presidenti.***
Il-Kwesturi għandhom jiġu eletti bl-istess proċedura bħall-Viċi Presidenti.	

Emenda 17

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 19

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 19	Artikolu 19
Tul tal-Kariga ta' Uffiċjali	Tul tal-Kariga ta' Uffiċjali
1. Il-mandat tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi għandu jkun ta' sentejn u nofs.	1. Il-mandat tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi għandu jkun ta' sentejn u nofs.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta Membru jibdel il-grupp politiku tiegħu huwa jżomm, sakemm jiskadi ż-żmien tal-kariga ta' sentejn u nofs, kwalunkwe siġġu li jkollu fil-Bureau jew ***fil-Kulleġġ tal-Kwesturi***.	Meta Membru jibdel il-grupp politiku tiegħu huwa jżomm, sakemm jiskadi ż-żmien tal-kariga ta' sentejn u nofs, kwalunkwe siġġu li jkollu fil-Bureau jew ***bħala Kwestur***.
2. Jekk xi waħda minn dawn il-karigi ssir vakanti qabel ma jiskadi dan iż-żmien, il-Membru elett għandu jservi biss għall-perjodu li jkun jifdal miż-żmien tal-kariga tal-predeċessur tiegħu.	2. Jekk xi waħda minn dawn il-karigi ssir vakanti qabel ma jiskadi dan iż-żmien, il-Membru elett għandu jservi biss għall-perjodu li jkun jifdal miż-żmien tal-kariga tal-predeċessur tiegħu.

Emenda 18

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 20

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 20	Artikolu 20
Postijiet vakanti	Postijiet vakanti
1. Jekk ikun meħtieġ li l-President, xi Viċi President jew xi Kwestur jinbidlu, kull wieħed mis-suċċessuri rispettivi tagħhom għandu jiġi elett skond ir-regoli ta' qabel.	1. Jekk ikun meħtieġ li l-President, xi Viċi President jew xi Kwestur jinbidlu, kull wieħed mis-suċċessuri rispettivi tagħhom għandu jiġi elett skond ir-regoli ta' qabel.
Viċi President elett ġdid għandu jieħu l-post tal-predeċessur tiegħu fl-ordni ta' preċedenza.	Viċi President elett ġdid għandu jieħu l-post tal-predeċessur tiegħu fl-ordni ta' preċedenza.
2. Jekk il-kariga ta' President issir vakanti, ***l-ewwel*** Viċi President għandu jieħu ***rwol*** ta' President sakemm jiġi elett il-President il-ġdid.	2. Jekk il-kariga ta' President issir vakanti, Viċi President***, li jkun ġie determinat skont l-ordni ta' preċedenza,*** għandu jieħu ***r-rwol*** ta' President sakemm jiġi elett il-President il-ġdid.

Emenda 19

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 22

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 22	Artikolu 22
Dmirijiet tal-President	Dmirijiet tal-President
1. Il-President għandu jmexxi l-attivitajiet kollha tal-Parlament u tal-korpi tiegħu skond il-kundizzjonijiet ***stipulati f'dawn l-artikoli***. Huwa għandu jgawdi s-setgħat kollha meħtieġa sabiex jippresjedi l-proċeduri tal-Parlament u sabiex jiżgura li dawn jitmexxew kif għandu jkun.	1. Il-President għandu jmexxi l-attivitajiet kollha tal-Parlament u tal-korpi tiegħu ***skont dawn ir-Regoli***. Huwa għandu jgawdi s-setgħat kollha meħtieġa sabiex jippresjedi l-proċeduri tal-Parlament u sabiex jiżgura li dawn jitmexxew kif għandu jkun.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Din id-dispożizzjoni tista' tiġi interpretata li tfisser li s-setgħat moġħtija minnha jinkludu s-setgħa li jiġi mitmum l-użu żejjed ta' mozzjonijiet bħal punti ta' ordni, mozzjonijiet proċedurali, spjegazzjonijiet tal-vot u talbiet għal votazzjonijiet separati, votazzjonijiet maqsuma jew votazzjonijiet b'sejħa ta' l-ismijiet meta l-President ikun konvint li dawn ikunu manifestament maħsuba biex joħolqu tħarbit imtawwal u gravi tal-proċeduri tal-Kamra jew tad-drittijiet tal-Membri l-oħra u jkunu se jirriżultaw f'dan.	
Is-setgħat moġħtija permezz ta' din id-dispożizzjoni jinkludu s-setgħa li jippreżenta testi għall-votazzjoni f'ordni differenti minn dak elenkat fid-dokument li fuqu tkun qed issir il-votazzjoni.	
2. Id-dmirijiet tal-President huma li jiftaħ, jissospendi u jagħlaq is-seduti; li jagħti deċiżjonijiet dwar l-ammissibilità ta' emendi, dwar mistoqsijiet ***lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u dwar il-konformità ta' rapporti ma' dawn ir-Regoli***; li jiżgura l-osservanza ta' dawn ir-Regoli, li jżomm l-ordni, li jsejjaħ lill-kelliema, li jagħlaq diskussjonijiet, li jressaq kwistjonijiet biex jittieħed vot fuqhom u li jħabbar ir-riżultat tal-votazzjonijiet; u li jirreferi lill-kumitati dawk il-komunikazzjonijiet li jkunu jikkonċernawhom.	2. Id-dmirijiet tal-President huma li jiftaħ, jissospendi u jagħlaq is-seduti; li jagħti deċiżjonijiet dwar l-ammissibilità ta' emendi ***u testi oħra li jistressqu għall-votazzjoni, kif ukoll*** dwar ***l-ammissibilità tal-***mistoqsijiet ***parlamentari***; li jiżgura l-osservanza ta' dawn ir-Regoli, li jżomm l-ordni, li jsejjaħ lill-kelliema, li jagħlaq diskussjonijiet, li jressaq kwistjonijiet biex jittieħed vot fuqhom u li jħabbar ir-riżultat tal-votazzjonijiet; u li jirreferi lill-kumitati dawk il-komunikazzjonijiet li jkunu jikkonċernawhom.
3. Il-President jista' jitkellem waqt diskussjoni biss sabiex jagħlaq jew sabiex jitlob lill-kelliema jżommu l-ordni. Jekk ikun jixtieq jieħu sehem f'diskussjoni, huwa għandu jħalli s-Sedja u m'għandux jerġa jeħodha qabel ma tispiċċa d-diskussjoni.	3. Il-President jista' jitkellem waqt diskussjoni biss sabiex jagħlaq jew sabiex jitlob lill-kelliema jżommu l-ordni. Jekk ikun jixtieq jieħu sehem f'diskussjoni, huwa għandu jħalli s-Sedja u m'għandux jerġa jeħodha qabel ma tispiċċa d-diskussjoni.
4. F'relazzjonijiet internazzjonali, f'okkażjonijiet ċerimonjali u f'affarijiet amministrattivi, legali u finanzjarji mill-President, li jista' jiddelega dawn is-setgħat.	4. F'relazzjonijiet internazzjonali, f'okkażjonijiet ċerimonjali u f'affarijiet amministrattivi, legali u finanzjarji mill-President, li jista' jiddelega dawn is-setgħat.
	4a. Il-President huwa responsabbli għas-sigurtà u l-invjolabilità tal-binjiet tal-Parlament Ewropew.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 20

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 23

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 23	Artikolu 23
Dmirijiet tal-Viċi Presidenti	Dmirijiet tal-Viċi Presidenti
1. Jekk il-President ikun assenti jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi dmirijietu, jew jekk ikun jixtieq li jieħu sehem f'diskussjoni skond l-Artikolu 22(3), wieħed mill-Viċi Presidenti skond l-Artikolu 17(2) għandu jeħodlu postu.	1. Jekk il-President ikun assenti jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi dmirijietu, jew jekk ikun jixtieq li jieħu sehem f'diskussjoni skond l-Artikolu 22(3), wieħed mill-Viċi Presidenti skond l-Artikolu 17(2) għandu jeħodlu postu.
2. Il-Viċi Presidenti għandhom ukoll jaqdu d-dmirijiet mogħtija lilhom skond l-Artikoli 25, 27(3) u (5) u 71(3).	2. Il-Viċi Presidenti għandhom ukoll jaqdu d-dmirijiet mogħtija lilhom skond l-Artikoli 25, 27(3) u (5) u 71(3).
3. Il-President jista' jiddelega lill-Viċi Presidenti kwalunkwe dmir bħal ma hu d-dmir li jirrappreżenta lill-Parlemant f'ċerimonji speċifiċi u atti. B'mod partikulari, il-President jista' jinnomina lil wieħed mill-Viċi Presidenti sabiex jinkariga ruħu minn ċerti responsabbiltajiet mogħtija lill-President fl-***Artikolu 130(2) u l-paragrafu 3 tal-Anness II.***	3. Il-President jista' jiddelega lill-Viċi Presidenti kwalunkwe dmir bħal ma hu d-dmir li jirrappreżenta lill-Parlemant f'ċerimonji speċifiċi u atti. B'mod partikulari, il-President jista' jinnomina lil wieħed mill-Viċi Presidenti sabiex jinkariga ruħu minn ċerti responsabbiltajiet mogħtija lill-President fl-***Artikoli 129 u 130(2).***

Emenda 21

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 25

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 25	Artikolu 25
Dmirijiet tal-Bureau	Dmirijiet tal-Bureau
1. Il-Bureau għandu jaqdi d-dmirijiet mogħtija lilu skond ir-Regoli ta' Proċedura.	1. Il-Bureau għandu jaqdi d-dmirijiet mogħtija lilu skond ir-Regoli ta' Proċedura.
2. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni interna tal-Parlament u tas-Segretarjat u l-korpi tiegħu.	2. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni interna tal-Parlament u tas-Segretarjat u l-korpi tiegħu.
3. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw lill-Membri fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali jew ta' grupp politiku.	3. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw lill-Membri fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali jew ta' grupp politiku.
4. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija tas-seduti.	4. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija tas-seduti.
It-terminu 'tmexxija tas-seduti' jinkludi l-kwistjoni ta' l-imġiba tal-Membri fil-bini kollu tal-Parlament.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Il-Bureau għandu jadotta d-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35 dwar Membri mhux affiljati.	5. Il-Bureau għandu jadotta d-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35 dwar Membri mhux affiljati.
6. Il-Bureau għandu jiddeċiedi dwar it-twaqqif ***ta' l-organigramma*** tas-Segretarjat u jagħmel regolamenti dwar is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ***ta' l-uffiċjali*** u ta' impjegati oħra.	6. Il-Bureau għandu jiddeċiedi dwar it-twaqqif ***tal-organigramma*** tas-Segretarjat u jagħmel regolamenti dwar is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ***tal-uffiċjali*** u ta' impjegati oħra.
7. Il-Bureau għandu jħejji l-abbozz preliminari tal-baġit tal-Parlament.	7. Il-Bureau għandu jħejji l-abbozz preliminari tal-baġit tal-Parlament.
8. Il-Bureau għandu jadotta l-linji gwida għall-kwesturi ***skond l-Artikolu 28***.	8. Il-Bureau għandu jadotta l-linji gwida għall-Kwesturi u jista' jitlobhom iwettqu ċerti kompiti.
9. Il-Bureau għandu jkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza laqgħat ta' kumitati li jsiru barra mill-postijiet tax-xogħol tas-soltu, seduti, kif ukoll vjaġġi li jsiru għal studju u għal ġbir ta' informazzjoni minn rapporteurs.	9. Il-Bureau għandu jkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza laqgħat ***jew missjonijiet*** ta' kumitati li jsiru barra mill-postijiet tax-xogħol tas-soltu, seduti kif ukoll vjaġġi li jsiru għal studju u għal ġbir ta' informazzjoni minn rapporteurs.
F'każ li dawn il-laqgħat ikunu awtorizzati, l-arranġamenti lingwistiċi għandhom jiġu stabbiliti ***skond il-lingwi uffiċjali użati u mitluba mill-membri u mis-sostituti tal-kumitat konċernat.***	F'każ li dawn il-laqgħat ***jew missjonijiet*** ikunu awtorizzati, l-arranġamenti lingwistiċi għandhom jiġu stabbiliti ***skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu adottat mill-Bureau. L-istess artikolu għandu japplika wkoll għad-delegazzjonijiet.***
L-istess għandu japplika fil-każ ta' delegazzjonijiet, ħlief fejn il-membri u s-sostituti konċernati jiftiehmu mod ieħor.	
10. Il-Bureau għandu jaħtar is-Segretarju Ġenerali skond l-Artikolu 222.	10. Il-Bureau għandu jaħtar is-Segretarju Ġenerali skond l-Artikolu 222.
11. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli ta' implimentazzjoni skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2004/2003 dwar id-diżposizzjonijiet li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar iffinanzjar tagħhom. ***Fl-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament huwa għandu jieħu fuqu d-dmirijiet mogħtija lilu permezz ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.***	11. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti ***u l-fondazzjonijiet*** politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar l-iffinanzjar tagħhom.
12. Il-Bureau għandu jistipula r-regoli dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali mill-Parlament u mill-korpi, mid-detenturi ta' karigi u minn Membri oħrajn tiegħu, filwaqt li titqies kwalunkwe ftehima interistituzzjonali dwar kwistjonijiet bħal dawn. Dawk ir-regoli għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([7]).	12. Il-Bureau għandu jistipula r-regoli dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali mill-Parlament u mill-korpi, mid-detenturi ta' karigi u minn Membri oħrajn tiegħu, filwaqt li titqies kwalunkwe ftehima interistituzzjonali dwar kwistjonijiet bħal dawn. Dawk ir-regoli għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
13. Il-President u/jew il-Bureau jistgħu jagħtu lil xi membru jew lil membri tal-Bureau dmirijiet ġenerali jew speċifiċi li jaqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-President u/jew tal-Bureau. Fl-istess ħin għandu jkun speċifikat il-mod kif dawn id-dmirijiet għandhom jitwettqu.	13. Il-President u/jew il-Bureau jistgħu jagħtu lil xi membru jew lil membri tal-Bureau dmirijiet ġenerali jew speċifiċi li jaqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-President u/jew tal-Bureau. Fl-istess ħin għandu jkun speċifikat il-mod kif dawn id-dmirijiet għandhom jitwettqu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
14. Il-Bureau għandu jinnomina żewġ Viċi Presidenti li jkunu inkarigati mill-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.	14. Il-Bureau għandu jinnomina żewġ Viċi Presidenti li jkunu inkarigati mill-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.
Huma għandhom jirrapurtaw lura b'mod regolari lill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-attivitajiet tagħhom f'dan ir-rigward.	
	14a. Il-Bureau għandu jinnomina żewġ Viċi Presidenti li għandhom jiġu inkarigati mill-implimentazzjoni ta' konsultazzjoni strutturata mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar suġġetti maġġuri.
	14b. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-Istatut għall-Membri u għandu jiddeċiedi dwar l-ammonti tal-allowances fuq il-bażi tal-baġit annwali.
15. Meta jkun elett Parlament ġdid, il-Bureau li jkun se jispiċċa għandu jibqa' fil-kariga sa l-ewwel seduta tal-Parlament il-ġdid.	

([7]) ***Ara l-Anness VII, Parti E.***

Emenda 22

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 26

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 26	Artikolu 26
Kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti	Kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti
1. Il-Konferenza tal-Presidenti tkun magħmula mill-President tal-Parlament u mill-presidenti tal-gruppi politiċi. Il-president ta' grupp politiku jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat minn xi membru tal-grupp tiegħu.	1. Il-Konferenza tal-Presidenti tkun magħmula mill-President tal-Parlament u mill-presidenti tal-gruppi politiċi. Il-president ta' grupp politiku jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat minn xi membru tal-grupp tiegħu.
2. Il-President tal-Parlament għandu jistieden lil wieħed mill-Membri mhux affiljati sabiex jattendi għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma jkollu d-dritt għall-vot.	2. Il-President tal-Parlament għandu, ***wara li jagħti l-opportunità lill-Membri*** mhux affiljati ***biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, jistieden wieħed minnhom*** sabiex jattendi għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma jkollu d-dritt għall-vot.
3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel ħilitha sabiex jintlaħaq konsensus fuq kwistjonijiet riferiti lilha.	3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel ħilitha sabiex jintlaħaq konsensus fuq kwistjonijiet riferiti lilha.
Meta ma jistax jintlaħaq kunsens, il-kwistjoni għandu jittieħed vot fuqha li jvarja skond piż ibbażat fuq in-numru ta' Membri f'kull grupp politiku.	Meta ma jistax jintlaħaq kunsens, il-kwistjoni għandu jittieħed vot fuqha li jvarja skond piż ibbażat fuq in-numru ta' Membri f'kull grupp politiku.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emendi 23 u 387

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 27

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 27	Artikolu 27
Dmirijiet tal-Konferenza tal-Presidenti	Dmirijiet tal-Konferenza tal-Presidenti
1. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha twettaq id-dmirijiet mogħtija lilha skond ir-Regoli ta' Proċedura.	1. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha twettaq id-dmirijiet mogħtija lilha skond ir-Regoli ta' Proċedura.
2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Parlament u ta' affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ppjanar leġislattiv.	2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Parlament u ta' affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ppjanar leġislattiv.
3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-organi l-oħra ***ta' l-Unjoni*** Ewropea u mal-parlamenti nazzjonali ***ta' l-Istati*** Membri.	3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-organi l-oħra ***tal-Unjoni*** Ewropea u mal-parlamenti nazzjonali ***tal-Istati*** Membri. ***Id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-mandat u l-kompożizzjoni tad-delegazzjoni mill-Parlament, li tkun ser tipparteċipa f'konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill u f'Istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet fundamentali li jirrigwardaw l-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea (il-proċess Sherpa) għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet relevanti adottati mill-Parlament u fil-waqt li titqies id-diversità tal-fehmiet politiċi rappreżentati fil-Parlament. Il-Viċi Presidenti li jkunu ġew inkarigati mill-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali għandhom jirrappurtaw lura regolarment lill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-attivitajiet tagħhom f'dak ir-rigward.***
4. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet ma' pajjiżi li m'humiex membri u ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li m'humiex ***ta' l-Unjoni***.	4. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet ma' pajjiżi li m'humiex membri u ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li m'humiex ***tal-Unjoni***.
5. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun responsabbli biex torganizza konsultazzjonijiet strutturati mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar kwistjonijiet ewlenin. Dan għandu jinkludi żżamma ta' dibattiti pubbliċi, li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini interessati, dwar suġġetti ta' interess ġenerali Ewropew. ***Il-Bureau għandu jaħtar Viċi*** President responsabbli ***mill-implimentazzjoni ta' konsultazzjonijiet*** ta' ***dan it-tip, li*** għandu jirrapporta lura lill-Konferenza tal-Presidenti.	5. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun responsabbli biex torganizza konsultazzjonijiet strutturati mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar kwistjonijiet ewlenin. Dan għandu jinkludi żżamma ta' dibattiti pubbliċi, li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini interessati, dwar suġġetti ta' interess ġenerali Ewropew. ***Il-Viċi*** President responsabbli ***għall-implimentazzjoni*** ta' ***tali konsultazzjoni*** għandu ***regolarment*** jirrapporta lura lill-Konferenza tal-Presidenti ***dwar l-attivitajiet tiegħu jew tagħha f'dak ir-rigward***.
6. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tħejji l-abbozz ***ta' l-aġenda*** għas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament.	6. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tħejji l-abbozz ***tal-aġenda*** għas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
7. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha ***tkun l-awtorità responsabbli mill-kompożizzjoni*** u l-kompetenza ta' kumitati, kumitati ta' inkjesta ***u*** kumitati parlamentari konġunti, delegazzjonijiet permanenti ***u delegazzjonijiet*** 'ad hoc'.	7. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha ***tressaq proposti lill-Parlament rigward il-kompożizzjoni*** u l-kompetenza ta' kumitati, kumitati ta' inkjesta, kumitati parlamentari konġunti ***u*** delegazzjonijiet permanenti***. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni tad-delegazzjonijiet*** 'ad hoc'.
8. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jiġu allokati is-siġġijiet fil-Kamra skond l-Artikolu 36.	8. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jiġu allokati is-siġġijiet fil-Kamra skond l-Artikolu 36.
9. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza li jsiru rapporti fuq inizjattiva proprja.	9. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza li jsiru rapporti fuq inizjattiva proprja.
10. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta proposti lill-Bureau dwar affarijiet amministrattivi u baġitarji li jkollhom x'jaqsmu mal-gruppi politiċi.	10. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta proposti lill-Bureau dwar affarijiet amministrattivi u baġitarji li jkollhom x'jaqsmu mal-gruppi politiċi.

Emenda 24

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 28

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 28	Artikolu 28
Dmirijiet tal-Kwesturi	Dmirijiet tal-Kwesturi
Il-Kwesturi għandhom ikunu responsabbli għal affarijiet amministrattivi u finanzjarji li jolqtu direttament lill-Membri, ***skond*** il-linji gwida stabbiliti mill-Bureau.	Il-Kwesturi għandhom ikunu responsabbli għal affarijiet amministrattivi u finanzjarji li jolqtu direttament lill-Membri, ***skont*** il-linji gwida stabbiliti mill-Bureau ***kif ukoll għal kompiti oħra fdati lilhom***.

Emenda 25

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 29

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 29	Artikolu 29
Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati	Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati
1. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tkun magħmula mill-presidenti tal-kumitati permanenti jew temporanji kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.	1. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tkun magħmula mill-presidenti tal-kumitati permanenti jew temporanji kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.
Fl-assenza tal-President, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru ***l-akbar fl-età, jew fl-assenza tiegħu, mill-Membru*** l-akbar fl-età ***li jkun preżenti***.	***1a. Fl-assenza*** tal-President, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru ***preżenti li jkun*** l-akbar fl-età.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tal-kumitati u dwar il-preparazzjoni ***ta' l-abbozz ta' l-aġenda*** tas-sessjonijiet parzjali.	2. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tal-kumitati u dwar il-preparazzjoni ***tal-abbozz tal-aġenda*** tas-sessjonijiet parzjali.
3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati sabiex twettaq doveri speċifiċi.	3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati sabiex twettaq doveri speċifiċi.

Emenda 26

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 30

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 30	Artikolu 30
Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet	Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet
1. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet għandha tkun magħmula mill-presidenti tad-delegazzjonijiet interparlamentari permanenti kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.	1. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet għandha tkun magħmula mill-presidenti tad-delegazzjonijiet interparlamentari permanenti kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.
Fl-assenza tal-President, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru ***l-akbar fl-età, jew fl-assenza tiegħu, mill-Membru*** l-akbar fl-età ***li jkun preżenti***.	***1a. Fl-assenza*** tal-President, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru ***preżenti li jkun*** l-akbar fl-età.
2. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tad-delegazzjonijiet.	2. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tad-delegazzjonijiet.
3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet sabiex twettaq dmirijiet speċifiċi.	3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet sabiex twettaq dmirijiet speċifiċi.

Emenda 27

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 30a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 30a
	Il-kontinwità ta' kariga waqt il-perijodu tal-elezzjoni
	Meta jkun elett Parlament ġdid, il-korpi u d-detenturi ta' kariga kollha tal-Parlament li jkun se jispiċċa għandhom jibqgħu jeżerċitaw dmirijiethom sal-ewwel seduta tal-Parlament il-ġdid.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 28

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 31

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 31	Artikolu 31
Responsabbiltà tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti	Responsabbiltà tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti
1. Il-minuti tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti għandhom ikunu tradotti fil-lingwi uffiċjali, stampati u mqassma lill-Membri kollha tal-Parlament u għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, ħlief jekk il-Bureau jew il-Konferenza tal-Presidenti, f'każi eċċezzjonali u għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ***kif stipulat fl-Artikolu*** 4(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiddeċiedu mod ieħor dwar ċerti punti tal-minuti.	1. Il-minuti tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti għandhom ikunu tradotti fil-lingwi uffiċjali, stampati u mqassma lill-Membri kollha tal-Parlament u għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, ħlief jekk il-Bureau jew il-Konferenza tal-Presidenti, f'każi eċċezzjonali u għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ***suġġett għall-Artikolu*** 4(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiddeċiedu mod ieħor dwar ċerti punti tal-minuti.
2. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet li jkollhom x'jaqsmu ***max-xogħol*** tal-Bureau, tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-Kwesturi. Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President bil-miktub, innotifikati lill-Membri u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, flimkien mat-tweġibiet li jingħataw, fi żmien tletin jum minn meta jitqiegħdu fuq il-Mejda.	2. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet li jkollhom x'jaqsmu ***mal-prestazzjoni*** tal-Bureau, tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-Kwesturi ***tad-dmirijiet rispettivi tagħhom***. Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President bil-miktub, innotifikati lill-Membri u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, flimkien mat-tweġibiet li jingħataw, fi żmien tletin jum minn meta jitqiegħdu fuq il-Mejda.

Emenda 29

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 32

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 32	Artikolu 32
Tiswir ta' gruppi politiċi	***Stabbiliment u xoljiment ta'*** gruppi politiċi
1. Il-Membri jistgħu jingħaqdu fi gruppi skond l-affinitajiet politiċi tagħhom.	1. Il-Membri jistgħu jingħaqdu fi gruppi skond l-affinitajiet politiċi tagħhom.
Il-Parlament normalment m'għandux għalfejn jevalwa l-affinità politika tal-membri ta' grupp. Meta jsawwru grupp flimkien skond dan l-Artikolu, il-Membri konċernati jaċċettaw bħala definizzjoni li huma għandhom affinità politika. Huwa biss meta din tiġi miċħuda mill-Membri konċernati li jkun meħtieġ li l-Parlament jevalwa jekk dan il-grupp ġiex imwaqqaf skont ir-Regoli.	Il-Parlament normalment m'għandux għalfejn jevalwa l-affinità politika tal-membri ta' grupp. Meta jsawwru grupp flimkien skond dan l-Artikolu, il-Membri konċernati jaċċettaw bħala definizzjoni li huma għandhom affinità politika. Huwa biss meta din tiġi miċħuda mill-Membri konċernati li jkun meħtieġ li l-Parlament jevalwa jekk dan il-grupp ġiex imwaqqaf skont ir-Regoli.
2. Grupp politiku għandu jkun magħmul minn Membri eletti minn mhux inqas minn kwart ***ta' l-Istati*** Membri. In-numru ta' Membri meħtieġ biex jissawwar grupp politiku għandu jkun ta' ħamsa u għoxrin.	2. Grupp politiku għandu jkun magħmul minn Membri eletti minn mhux inqas minn kwart ***tal-Istati*** Membri. In-numru ta' Membri meħtieġ biex jissawwar grupp politiku għandu jkun ta' ***25***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Jekk grupp jinżel taħt ***il-limitu meħtieġ***, il-President, bi ftehim mal-Konferenza tal-Presidenti, jista' jippermetti li l-grupp ikompli jeżisti sas-seduta kostituttiva tal-Parlament li jkun imiss, kemm-il darba jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:	3. Jekk grupp jinżel taħt ***wieħed mil-limiti meħtieġa***, il-President, bi ftehim mal-Konferenza tal-Presidenti, jista' jippermetti li l-grupp ikompli jeżisti sas-seduta kostituttiva tal-Parlament li jkun imiss, kemm-il darba jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
— il-membri jkomplu jirrappreżentaw mhux inqas minn wieħed minn kull ħames Stati Membri;	— il-membri jkomplu jirrappreżentaw mhux inqas minn wieħed minn kull ħames Stati Membri;
— il-grupp ikun ilu jeżisti għal perjodu ta' aktar minn sena.	— il-grupp ikun ilu jeżisti għal perjodu ta' aktar minn sena.
Il-President m'għandux japplika din id-deroga fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li wieħed jissuspetta li tkun qed tiġi abbużata.	Il-President m'għandux japplika din id-deroga fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li wieħed jissuspetta li tkun qed tiġi abbużata.
4. Membru ma jistax ikun f'iktar minn grupp wieħed.	4. Membru ma jistax ikun f'iktar minn grupp wieħed.
5. Il-President għandu jkun mgħarraf permezz ta' stqarrija meta jitwaqqaf grupp politiku. Din l-istqarrija għandha tispeċifika l-isem tal-grupp u l-ismijiet tal-membri tiegħu u tal-membri tal-Bureau tiegħu.	5. Il-President għandu jkun mgħarraf permezz ta' stqarrija meta jitwaqqaf grupp politiku. Din l-istqarrija għandha tispeċifika l-isem tal-grupp u l-ismijiet tal-membri tiegħu u tal-membri tal-Bureau tiegħu. ***Għandha tiġi ffirmata mill-membri kollha tal-grupp.***
6. Din l-istqarrija għandha tiġi ***ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea***.	6. Din l-istqarrija għandha tiġi ***annessa mal-minuti tas-sessjoni parzjali li waqtha jkun sar it-tħabbir tal-istabbiliment tal-grupp politiku***.
	6a. Il-President għandu jħabbar l-istabbiliment ta' gruppi politiċi fil-Parlament. Tali tħabbir għandu jkollu effett legali retroattiv mill-mument meta l-grupp ikun innotifika l-istabbiliment tiegħu lill-President f'konformità ma' dan l-Artikolu.
	Il-President għandu wkoll iħabbar ix-xoljiment ta' gruppi politiċi fil-Parlament. Tali tħabbir ikollu effett legali fil-jum ta' wara dak li fih il-kundizzjonijiet għall-eżistenza tal-grupp politiku ma jkunux għadhom issodisfati.

Emendi 30 u 461

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 33

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 33	Artikolu 33
Attivitajiet u sitwazzjoni legali tal-gruppi politiċi	Attivitajiet u sitwazzjoni legali tal-gruppi politiċi
1. Il-gruppi politiċi għandhom iwettqu dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet ***ta' l-Unjoni***, inklużi l-ħidmiet allokati lilhom mir-Regoli ta' Proċedura. Il-gruppi politiċi għandhom ikunu provduti b'segretarjat skond l-organigramma tas-Segretarjat, b'faċilitajiet amministrattivi u bl-approprijazzjonijiet imdaħħla għal dak il-għan fil-baġit tal-Parlament.	1. Il-gruppi politiċi għandhom iwettqu dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet ***tal-Unjoni***, inklużi l-ħidmiet allokati lilhom mir-Regoli ta' Proċedura. Il-gruppi politiċi għandhom ikunu provduti b'segretarjat skond l-organigramma tas-Segretarjat, b'faċilitajiet amministrattivi u bl-approprijazzjonijiet imdaħħla għal dak il-għan fil-baġit tal-Parlament.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Fil-bidu ta' kull leġislatura, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel ħilitha biex tilħaq qbil fuq proċeduri bil-għan li d-diversità politika tal-Parlament tkun riflessa fil-kumitati u d-delegazzjonijiet u l-korpi deċiżjonali.
2. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli dwar il-forniment, l-implimentazzjoni u l-issorveljar ta' dawk il-faċilitajiet u approprjazzjonijiet, kif ukoll dwar id-delegi relatati ta' setgħat għall-implimentazzjoni tal-baġit.	2. Il-Bureau ***, wara li jkun ikkunsidra kwalunkwe proposta magħmula mill-Konferenza tal-Presidenti,*** għandu jħejji r-regoli dwar il-forniment, l-implimentazzjoni u l-issorveljar ta' dawk il-faċilitajiet u approprjazzjonijiet, kif ukoll dwar id-delegi relatati ta' setgħat għall-implimentazzjoni tal-baġit ***u l-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas ta' rispett tagħhom***.
3. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw il-konsegwenzi amministrattivi u finanzjarji f'każ li grupp politiku jiġi xolt.	3. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw il-konsegwenzi amministrattivi u finanzjarji f'każ li grupp politiku jiġi xolt.

Emenda 31

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 34

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 34	Artikolu 34
Intergruppi	Intergruppi
1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw Intergruppi, jew gruppi mhux uffiċjali oħrajn ta' Membri, minn fost il-gruppi politiċi kollha biex jiġu organizzati skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' kumitati parlamentari differenti, u biex jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.	1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw Intergruppi, jew gruppi mhux uffiċjali oħrajn ta' Membri, minn fost il-gruppi politiċi kollha biex jiġu organizzati skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' kumitati parlamentari differenti, u biex jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.
2. Dawn il-gruppi ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jistgħu jirriżultaw f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Kemm-il darba jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment ta' dawn il-gruppi, kif adottati mill-Bureau, il-gruppi politiċi jistgħu jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' dawn il-gruppi billi jipprovdulhom appoġġ loġistiku.	2. Dawn il-gruppi ***għandhom ikunu trasparenti għalkollox fl-azzjonijiet tagħhom u*** ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jistgħu jirriżultaw f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Kemm-il darba jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment ta' dawn il-gruppi, kif adottati mill-Bureau, il-gruppi politiċi jistgħu jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' dawn il-gruppi billi jipprovdulhom appoġġ loġistiku.
Dawn il-gruppi għandhom ikunu marbuta li jiddikjaraw kwalunkwe appoġġ, sew fi flus u sew in natura (eż. assistenza fix-xogħol tas-segretarjat) li, jekk ġie offrut lill-Membri bħala individwi, irid ikun iddikjarat skont l-Anness I.	***3. L-intergruppi*** għandhom ikunu marbuta li jiddikjaraw ***annwalment*** kwalunkwe appoġġ, sew fi flus u sew in natura (eż. assistenza fix-xogħol tas-segretarjat) li, jekk ġie offrut lill-Membri bħala individwi, irid ikun iddikjarat skont l-Anness I.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu. Dan ir-reġistru għandu jkun ippubblikat fis-sit web tal-Parlament. Il-Kwesturi għandhom jadottaw regoli dettaljati dwar dawn id-dikjarazzjonijiet.	***4.*** Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija ***fit-tielet paragrafu***. Dan ir-reġistru għandu jkun ippubblikat fis-sit web tal-Parlament. Il-Kwesturi għandhom jadottaw regoli dettaljati dwar dawn id-dikjarazzjonijiet ***u għandhom jiżguraw l-infurzar effettiv ta' dan l-Artikolu***.

Emenda 32

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
PROĊEDURI LEĠISLATTIVI, TAL-BAĠIT U OĦRAJN	PROĊEDURI LEĠISLATTIVI, TAL-BAĠIT***, TAL-KWITTANZA*** U OĦRAJN

Emenda 33

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 37

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 37	Artikolu 37
Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni	***Programmazzjoni annwali***
1. Il-Parlament għandu jaħdem flimkien mal-Kummissjoni u mal-Kunsill sabiex jiddetermina l-ippjanar leġislattiv ***ta' l-Unjoni*** Ewropea.	1. Il-Parlament għandu jaħdem flimkien mal-Kummissjoni u mal-Kunsill sabiex jiddetermina l-ippjanar leġislattiv ***tal-Unjoni*** Ewropea.
Il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fit-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni – li huwa l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-ipprogrammar annwali u multiannwali tal-Unjoni – skont l-iskeda u l-arranġamenti miftiehma bejn iż-żewġ istituzzjonijiet ***u annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([8]).	Il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fit-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni – li huwa l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-ipprogrammar annwali u multiannwali tal-Unjoni – skont l-iskeda u l-arranġamenti miftiehma bejn iż-żewġ istituzzjonijiet ([8]).
	1a. Wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont il-paragrafu 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil tal-Liġijiet Aħjar ([8a])***, ser jiskambjaw fehmiet u jaqblu dwar dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali li tistabbilixxi objettivi u prijoritajiet wiesgħa.***
	Qabel jinnegozja mal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dikjarazzjoni konġunta, il-President għandu jiskambja l-fehmiet mal-Konferenza tal-Presidenti u mal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati rigward l-objettivi u l-prijoritajiet wiesgħa tal-Parlament.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Qabel ma jiffirma d-dikjarazzjoni konġunta, il-President għandu jfittex li jikseb l-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti.
2. F'ċirkustanzi urġenti u mhux previsti, istituzzjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess u skont il-proċeduri mniżżla fit-Trattati, tipproponi ż-żieda ta' miżura leġislattiva mal-miżuri proposti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.	
3. Il-President għandu jgħaddi ***r-riżoluzzjoni*** adottata mill-Parlament lill-istituzzjonijiet l-oħra li jipparteċipaw fil-proċedura leġislattiva u lill-parlamenti ***ta' l-Istati*** Membri.	3. Il-President għandu jgħaddi ***kwalunkwe riżoluzzjoni*** adottata mill-Parlament ***dwar l-ippjanar u l-prijoritajiet leġislattivi*** lill-istituzzjonijiet l-oħra li jipparteċipaw fil-proċedura leġislattiva tal-Unjoni Ewropea u lill-parlamenti ***tal-Istati*** Membri.
Il-President għandu jitlob lill-Kunsill jesprimi opinjoni fuq il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament.	
4. Fejn istituzzjoni ma tkunx tista timxi mal-kalendarju stabbilit, għandha tinnotifika lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar ir-raġunijiet għad-dewmien u tipproponi kalendarju ġdid.	
	4a. Jekk il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li tirtira proposta, il-Kummissarju kompetenti għandu jiġi mistieden mill-kumitat responsabbli għal laqgħa biex dik l-intenzjoni tiġi diskussa. Il-Presidenza tal-Kunsill tista' tiġi mistiedna wkoll għal din il-laqgħa. Jekk il-kumitat responsabbli ma jaqbilx mal-irtirar intenzjonat, jista' jitlob li l-Kummissjoni tagħmel stqarrija lill-Parlament. Għandu japplika l-Artikolu 123.
([8]) ***Ara l-Anness XIII.***	([8]) ***Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47).*** ([8a]) ***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

Emenda 34

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 38

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 38	Artikolu 38
Rispett ***tal-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali ***tal-Unjoni Ewropea***	Rispett tad-drittijiet fundamentali
1. Il-Parlament għandu fl-attivitajiet kollha tiegħu jirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet ***fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni*** Ewropea.	1. Il-Parlament għandu fl-attivitajiet kollha tiegħu jirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet***, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni*** Ewropea ***u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tiegħu***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Parlament għandu jirrispetta wkoll b'mod sħiħ id-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 u fl-Artikolu 6(2) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	
2. Fejn il-kumitat responsabbli mis-suġġett, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu tal-opinjoni li proposta għal att leġislattiv jew partijiet minnha ma jkunux konformi ***ma' drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet*** Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha, fuq talba tagħhom, tkun riferuta lill-kumitat responsabbli ***mill-interpretazzjoni tal-Karta. L-opinjoni ta' dak il-kumitat għandha tkun annessa mar-rapport tal-kumitat responsabbli mis-suġġett***.	2. Fejn il-kumitat responsabbli mis-suġġett, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jkunu tal-opinjoni li proposta għal att leġislattiv jew partijiet minnha ma jkunux konformi ***mad-drittijiet*** fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha, fuq talba tagħhom, tkun riferuta lill-kumitat ***responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali***.
	2a. Dik it-talba għandha titressaq fi żmien erba' ġimgħat tax-xogħol mit-tħabbira fil-Parlament tar-referenza lill-kumitat.
	2b. L-opinjoni ta' dak il-kumitat responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għandha tiġi annessa mar-rapport tal-kumitat responsabbli mis-suġġett.

Emenda 36

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 39

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 39	Artikolu 39
Verifika tal-bażi legali	Verifika tal-bażi legali
1. Fil-każijiet kollha ta' proposti għal ***atti leġislattivi u ta' dokumenti oħra ta' xorta leġislattiva***, l-kumitat responsabbli mis-suġġett għandu l-ewwel jivverifika l-bażi legali.	1. Fil-każijiet kollha ta' proposti għal ***atti legalment vinkolanti***, il-kumitat responsabbli mis-suġġett għandu l-ewwel jivverifika l-bażi legali.
2. Jekk dak il-kumitat jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, anke fil-kuntest tal-verifika skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa għandu jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.	2. Jekk dak il-kumitat jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, anke fil-kuntest tal-verifika skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa għandu jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.
3. Il-kumitat responsabbli mill-affarijiet legali jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-bażi legali ***tal-proposti għal atti leġislattivi***. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.	3. Il-kumitat responsabbli ***għall***-affarijiet legali jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-bażi legali ***fi kwalunkwe stadju tal-proċedura leġislattiva***. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. ***Jekk*** il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jiddeċiedi li jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, huwa għandu jirraporta il-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament. Il-Parlament għandu jivvota fuq din il-kontestazzjoni qabel ma jivvota fuq il-kontenut tal-proposta.	4. ***Fejn xieraq, wara l-iskambju tal-fehmiet mal-Kunsill u mal-Kummissjoni skont l-arranġamenti miftiehma fil-livell interistituzzjonali*** ([1a])***, jekk*** il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jiddeċiedi li jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, huwa għandu jirraporta il-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament. ***Mingħajr ħsara għall-Artkolu 63,*** il-Parlament għandu jivvota fuq din il-kontestazzjoni qabel ma jivvota fuq il-kontenut tal-proposta.
5. M'humiex ammissibbli emendi mqiegħda fuq il-Mejda fil-Parlament sabiex tinbidel il-bażi legali ***,ta' proposta għal att leġislattiv,*** jekk il-kumitat responsabbli mis-suġġett jew il-kumitat responsabbli mill-affarijiet legali ma jkunux ikkontestaw il-validità jew ix-xerqien tal-bażi legali.	5. M'humiex ammissibbli emendi mqiegħda fuq il-Mejda fil-Parlament sabiex tinbidel il-bażi legali jekk il-kumitat responsabbli mis-suġġett jew il-kumitat responsabbli mill-affarijiet legali ma jkunux ikkontestaw il-validità jew ix-xerqien tal-bażi legali.
6. Jekk il-Kummissjoni ma taqbilx li l-proposta tagħha għandha tigi emendata sabiex tikkonforma mal-bażi legali approvata mill-Parlament, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli għall-affarjiiet legali jew tal-kumitat responsabbli mis-suġġett jistgħu jipproponu li l-votazzjoni fuq il-kontenut tal-proposta tiġi posposta għal seduta suċċessiva.	

([1a]) ***Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, paragrafu 25 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).***

Emenda 37

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 40

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 40	Artikolu 40
Delega tas-setgħat leġislattivi	Delega tas-setgħat leġislattivi ***u konferiment tas-setgħat leġislattivi***
1. Meta tiġi eżaminata proposta għal att leġislattiv li jiddelega setgħat lill-Kummissjoni kif previst mill-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-objettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul ta' żmien tad-delega, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li għalihom tkun soġġetta.	1. Meta tiġi eżaminata proposta għal att leġislattiv li jiddelega setgħat lill-Kummissjoni kif previst mill-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-objettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul ta' żmien tad-delega, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li għalihom tkun soġġetta.
	1a. Meta tiġi eżaminata proposta għal att leġislattiv li jikkonferixxi setgħat ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament għandu joqgħod attent, b'mod partikolari, għall-fatt li waqt li teżerċita setgħa ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni la tista' temenda u lanqas tissupplimenta l-att leġislattiv, lanqas fl-elementi mhux essenzjali tiegħu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista', f'kull ħin, jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.	2. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista', f'kull ħin, jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.
3. Il-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jista' wkoll, bl-inizjattiva tiegħu, jittratta kwistjonijiet dwar id-delega tas-setgħat leġislattivi. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.	3. Il-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jista' wkoll, bl-inizjattiva tiegħu, jittratta kwistjonijiet dwar id-delega tas-setgħat leġislattivi ***u l-konferiment tas-setgħat ta' implimentazzjoni***. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli ***għas***-suġġett.

Emenda 38

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 41

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 41	Artikolu 41
Verifika ta' kompatibilità finanzjarja	Verifika ta' kompatibilità finanzjarja
1. Fejn proposta għal att ***legislattiv ikollha*** implikazzjonijet finanzjarji, il-Parlament għandu jistabbilixxi jekk ikunux ipprovduti riżorsi finanzjarji biżżejjed.	1. Fejn proposta għal att ***legalment vinkolanti jkollha*** implikazzjonijet finanzjarji, il-Parlament għandu jistabbilixxi jekk ikunux ipprovduti riżorsi finanzjarji biżżejjed.
2. ***Bla ħsara għall-Artikolu 47, il-kumitat*** responsabbli mis-suġġett għandu jivverifika ***l-kompatibilità finanzjarja ta'*** kull proposta għal att ***leġislattiv, jew ta' kull dokument ieħor ta' natura leġislattiva, mal-qafas*** finanzjarju ***plurijennali***.	2. ***Il-kumitat*** responsabbli ***għas***-suġġett għandu jivverifika ***li*** kull proposta għal att ***legalment vinkolanti tkun kompatibbli mil-lat finanzjarju mar-regolament tal-qafas*** finanzjarju ***pluriennali***.
3. Meta l-kumitat responsabbli mis-suġġett jemenda l-allokazzjoni finanzjarja tal-att li qed jeżamina, għandu jitlob il-fehma tal-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit.	3. Meta l-kumitat responsabbli mis-suġġett jemenda l-allokazzjoni finanzjarja tal-att li qed jeżamina, għandu jitlob il-fehma tal-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit.
4. Il-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-kompatibilità finanzjarja tal-proposti għal atti ***leġislattivi***. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.	4. Il-kumitat responsabbli ***għall***-affarijiet tal-baġit jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-kompatibilità finanzjarja tal-proposti għal atti ***legalment vinkolanti***. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli ***għas***-suġġett.
5. Jekk il-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit jiddeċiedi li jikkontesta il-kompatibilità finanzjarja, għandu jirraporta l-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament ***li għandu jressaqhom biex jittieħed vot fuqhom***.	5. Jekk il-kumitat responsabbli ***għall***-affarijiet tal-baġit jiddeċiedi li jikkontesta il-kompatibilità finanzjarja ***tal-proposta***, għandu jirraporta l-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament ***qabel ma l-Parlament jivvota fuq il-proposta***.
6. Att li jiġi ddikjarat inkompatibbli jista' jiġi adottat mill-Parlament suġġett għad-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità dwar il-Baġit.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 39

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 42

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 42	Artikolu 42
Eżami tal-osservanza ***tal-prinċipju*** tas-sussidjarjetà	Eżami tal-osservanza ***tal-prinċipji*** tas-sussidjarjetà ***u tal-proporzjonalità***
1. Waqt l-eżami ta' proposta għal att legislattiv, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari lill-osservanza tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.	1. Waqt l-eżami ta' proposta għal att legislattiv, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari lill-osservanza tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.
2. Il-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jista' jiddeċiedi li jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-kumitat responsabbli mis-suġġett fir-rigward ta' kwalunkwe proposta għal att leġislattiv.	2. Il-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà ***biss*** jista' jiddeċiedi li jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-kumitat responsabbli mis-suġġett fir-rigward ta' kwalunkwe proposta għal att leġislattiv.
3. Jekk parlament nazzjonali jibgħat lill-President opinjoni motivata skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, dak id-dokument għandu jkun riferut lill-kumitat responsabbli mis-suġġett u mgħoddi għall-informazzjoni lill-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.	
4. Ħlief fil-każijiet ta' urġenza stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli mis-suġġett m'għandux jgħaddi għall-votazzjoni aħħarija tiegħu qabel tmiem l-iskadenza ta' tmien ġimgħat li hija stipulata fl-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.	4. Ħlief fil-każijiet ta' urġenza stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll ***Nru 1*** dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli ***għas***-suġġett m'għandux jgħaddi għall-votazzjoni aħħarija tiegħu qabel tmiem l-iskadenza ta' tmien ġimgħat li hija stipulata fl-Artikolu 6 tal-Protokoll ***Nru 2*** dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.
	4a. Jekk parlament nazzjonali jibgħat lill-President opinjoni motivata skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, dak id-dokument għandu jkun riferut lill-kumitat responsabbli għas-suġġett u mgħoddi, għall-informazzjoni, lill-kumitat responsabbli għall-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.
5. Meta l-opinjonijiet motivati dwar in-nuqqas ta' konformità ta' proposta għall-att leġislattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn terz tal-voti kollha allokati għall-parlamenti nazzjonali jew kwart fil-każ ta' proposta għall-att leġislattiv ippreżentat skont l-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament m'għandux jieħu deċiżjoni sakemm l-awtur tal-proposta jistipula kif ikun biħsiebu jipproċedi.	5. Meta l-opinjonijiet motivati dwar in-nuqqas ta' konformità ta' proposta għall-att leġislattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn terz tal-voti kollha allokati għall-parlamenti nazzjonali jew kwart fil-każ ta' proposta għall-att leġislattiv ippreżentat skont l-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament m'għandux jieħu deċiżjoni sakemm l-awtur tal-proposta jistipula kif ikun biħsiebu jipproċedi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
6. Meta, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, opinjonijiet motivati li jallegaw in-nuqqas ta' konformità ta' proposta għal att leġislattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn maġġoranza sempliċi tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali, il-kumitat responsabbli mis-suġġett, wara li jkun qies l-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali u mill-Kummissjoni, u wara li jkun sema' l-fehmiet tal-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, jista' jirrakkomanda lill-Parlament li jiċħad il-proposta fuq il-bażi ta' ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jew jippreżenta lill-Parlament kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra, li tista' tinkludi suġġerimenti għal emendi li jkollhom x'jaqsmu mal-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. L-opinjoni mogħtija mill-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà għandha tkun annessa ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din.	6. Meta, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, opinjonijiet motivati li jallegaw in-nuqqas ta' konformità ta' proposta għal att leġislattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn maġġoranza sempliċi tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali, il-kumitat responsabbli mis-suġġett, wara li jkun qies l-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali u mill-Kummissjoni, u wara li jkun sema' l-fehmiet tal-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, jista' jirrakkomanda lill-Parlament li jiċħad il-proposta fuq il-bażi ta' ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jew jippreżenta lill-Parlament kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra, li tista' tinkludi suġġerimenti għal emendi li jkollhom x'jaqsmu mal-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. L-opinjoni mogħtija mill-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà għandha tkun annessa ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din.
Ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ippreżentata lill-Parlament għal dibattitu u għal votazzjoni. Jekk rakkomandazzjoni biex tkun miċħuda l-proposta tkun adottata b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jiddikjara l-proċedura magħluqa. Meta l-Parlament ma jiċħadx il-proposta, il-proċedura għandha tkompli, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe rakkomandazzjonijiet approvati mill-Parlament.	Ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ippreżentata lill-Parlament għal dibattitu u għal votazzjoni. Jekk rakkomandazzjoni biex tkun miċħuda l-proposta tkun adottata b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jiddikjara l-proċedura magħluqa. Meta l-Parlament ma jiċħadx il-proposta, il-proċedura għandha tkompli, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe rakkomandazzjonijiet approvati mill-Parlament.

Emenda 40

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 44

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 44	Artikolu 44
Rappreżentanza tal-Parlament fil-laqgħat tal-Kunsill	Rappreżentanza tal-Parlament fil-laqgħat tal-Kunsill
Meta l-Kunsill jistieden lill-Parlament biex jieħu sehem f'laqgħa tal-Kunsill ***li fiha l-Kunsill jaġixxi f'kapacità leġislattiva***, il-President għandu jitlob lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew lil xi Membru ieħor maħtur mill-kumitat, biex jirrappreżenta lill-Parlament.	Meta l-Kunsill jistieden lill-Parlament biex jieħu sehem f'laqgħa tal-Kunsill, il-President għandu jitlob lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli ***għas-suġġett***, jew lil xi Membru ieħor maħtur mill-kumitat, biex jirrappreżenta lill-Parlament.

Emenda 41

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 45

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 45	Artikolu 45
Id-drittijiet ta' inizjattiva mogħtija lill-Parlament mit-Trattati	***Id-dritt tal-Parlament li jressaq proposti***
F'każijiet fejn it-Trattati jagħtu dritt ta' inizjattiva lill-Parlament, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja	F'każijiet fejn it-Trattati jagħtu dritt ta' inizjattiva lill-Parlament, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja ***f'konformità mal-Artikolu 52.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Ir-rapport għandu jinkludi:	Ir-rapport għandu jinkludi:
(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;	(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;
(b) ***fejn hu xieraq, abbozz ta' deċiżjoni jew abbozz*** ta' proposta;	(b) ***abbozz*** ta' proposta;
(c) ***stqarrija*** spjegattiva li tinkludi, fejn ikun xieraq, dikjarazzjoni finanzjarja.	(c) ***nota*** spjegattiva li tinkludi, fejn ikun xieraq, dikjarazzjoni finanzjarja.
Fejn l-adozzjoni ta' att mill-Parlament jeħtieġ l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-Kunsill u l-opinjoni jew il-kunsens tal-Kummissjoni, il-Parlament jista', wara l-votazzjoni għall-att propost, u fuq proposta tar-rapporteur, jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni sakemm il-Kunsill jew il-Kummissjoni jkunu ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom.	Fejn l-adozzjoni ta' att mill-Parlament jeħtieġ l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-Kunsill u l-opinjoni jew il-kunsens tal-Kummissjoni, il-Parlament jista', wara l-votazzjoni għall-att propost, u fuq proposta tar-rapporteur, jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni sakemm il-Kunsill jew il-Kummissjoni jkunu ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom.

Emenda 42

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 46

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 46	Artikolu 46
Inizjattiva skond l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea	***Talbiet lill-Kummissjoni għat-tressiq ta' proposti***
1. Il-Parlament jista', billi jadotta riżoluzzjoni fuq il-bażi ta' rapport fuq inizjattiva proprja mħejji mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 52, jagħmel talba lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tressaq quddiemu kull proposta xierqa sabiex jiġu adottati atti ġodda jew jiġu emendati atti eżistenti. Ir-riżoluzzjoni għandha tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament fil-votazzjoni aħħarija. Il-Parlament jista', fl-istess ħin, jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' din il-proposta.	1. Il-Parlament jista', billi jadotta riżoluzzjoni fuq il-bażi ta' rapport fuq inizjattiva proprja mħejji mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 52, jagħmel talba lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tressaq quddiemu kull proposta xierqa sabiex jiġu adottati atti ġodda jew jiġu emendati atti eżistenti. Ir-riżoluzzjoni għandha tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament fil-votazzjoni aħħarija. Il-Parlament jista', fl-istess ħin, jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' din il-proposta.
2. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda proposta għal att tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	2. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda proposta għal att tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
Tali proposta tista' titressaq ***f'daqqa*** minn mhux aktar minn għaxar Membri. Il-proposta għandha tindika l-bażi legali ***tagħha*** u tista' tkun akkumpanjata ***min*** nota ***ta' spjegazzjoni*** ta' mhux aktar minn 150 kelma.	Tali proposta tista' titressaq ***b'mod konġunt*** minn mhux aktar minn għaxar Membri. Il-proposta għandha tindika l-bażi legali ***li fuqha ssir*** u tista' tkun akkumpanjata ***minn*** nota ***spjegattiva*** ta' mhux aktar minn 150 kelma.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali humiex sodisfati. Huwa jista' jirreferi l-proposta għal opinjoni dwar jekk il-bażi legali hix xierqa lill-kumitat responsabbli għal tali verifika. Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli.* ***Qabel ma jsir dan ir-riferiment lill-kumitat responsabbli, il-proposta għandha tiġi tradotta għal dawk il-lingwi uffiċjali li l-president ta' dak il-kumitat iqis li huma meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja. ***Il-kumitat responsabbli għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur mir-riferiment, u wara li jkun ta lill-awturi tal-proposta l-opportunità li jindirizzaw lill-kumitat.*** ***L-awturi tal-proposta għandhom jissemmew b'isimhom fit-titolu tar-rapport.***
3. Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali humiex sodisfati. Huwa jista' jirreferi l-proposta għal opinjoni dwar jekk il-bażi legali hix xierqa lill-kumitat responsabbli għal tali verifika. Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli. ***Qabel ma jsir dan ir-riferiment lill-kumitat responsabbli, il-proposta għandha tiġi tradotta għal dawk il-lingwi uffiċjali li l-president ta' dak il-kumitat iqis li huma meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja.*** ***Il-kumitat jista' jirrakkomanda lill-President li l-proposta tinfetaħ għall-firma minn kwalunkwe Membru, soġġett għall-modalitajiet u l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 136(2), 136(3) u 136(7).*** ***Meta tali proposta tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, ir-rapport dwar il-proposta għandu jitqies li ġie awtorizzat mill-Konferenza tal-Presidenti. Il-kumitat għandu jfassal rapport skont l-Artikolu 52, wara li jkun sema' lill-awturi tal-proposta.*** ***Meta proposta ma tinfetaħx għal firem addizzjonali jew ma tiġix iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-kumitat responsabbli għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur mir-riferiment, u wara li jkun sema' lill-awturi tal-proposta.*** ***L-awturi tal-proposta għandhom jissemmew b'isimhom fit-titolu tar-rapport.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tindika l-bażi legali xierqa u tiġi akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet ***dettaljati*** rigward il-kontenut tal-proposti meħtieġa ***li għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussidjarjetà***.	4. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tindika l-bażi legali xierqa u tiġi akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet rigward il-kontenut tal-proposti meħtieġa.
5. F'każ li proposta jkollha implikazzjonijiet finanzjarji, il-Parlament għandu jindika kif jistgħu jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati.	5. F'każ li proposta jkollha implikazzjonijiet finanzjarji, il-Parlament għandu jindika kif jistgħu jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati.
6. Il-kumitat responsabbli għandu jikkontrolla l-progress fit-tħejjija ta' kull att ***leġislattiv*** propost imfassal wara talba speċifika mill-Parlament.	6. Il-kumitat responsabbli għandu jikkontrolla l-progress fit-tħejjija ta' kull att ***legali*** propost ***tal-Unjoni*** imfassal wara talba speċifika mill-Parlament.
	6a. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha timmonitorja regolarment jekk il-Kummissjoni hijiex tikkonforma mal-paragrafu 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li skontu l-Kummissjoni għandha twieġeb għal talbiet għat-tressiq ta' proposti fi żmien tliet xhur billi tadotta komunikazzjoni speċifika li tiddikjara l-azzjonijiet ta' segwitu intiżi li għandhom jittieħdu. Hija għandha regolarment tirrapporta dwar ir-riżultati ta' tali monitoraġġ lill-Konferenza tal-Presidenti.

Emenda 43

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 47

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 47	Artikolu 47
Eżami ta' ***dokumenti leġislattivi***	Eżami ta' ***atti legalment vinkolanti***
1. Il-proposti għal atti ***leġislattivi u dokumenti oħra ta' xorta leġislattiva*** għandhom jiġu referuti mill-President lill-kumitat responsabbli mill-eżami.	1. Il-proposti għal atti ***legalment vinkolanti rċevuti minn istituzzjonijiet jew Stati Membri oħra*** għandhom jiġu referuti mill-President lill-kumitat responsabbli ***għall***-eżami.
F'każijiet ta' dubju, il-President jista' japplika l-Artikolu 201 (2) qabel jitħabbar fil-Parlament ir-referiment lill-kumitat responsabbli.	
F'każijiet fejn proposta tkun mniżżla fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi ta' tħejjija tal-proposta.	
Konsultazzjonijiet mill-Kunsill jew talbiet għal opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu mill-President lill-kumitat responsabbli mill-eżami tal-proposta kkonċernata.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet għall-ewwel qari stipulati fl-Artikoli 38 sa 46, 57 sa 63 u 75 għandhom japplikaw għall-proposti għal atti leġislattivi sew jekk ikunu jeħtieġu qari wieħed, jew tnejn jew tlieta.	
	1a. Fil-każ ta' dubju, il-President jista', qabel it-tħabbira fil-Parlament ta' referiment lill-kumitat responsabbli, iressaq mistoqsija dwar il-kompetenza lill-Konferenza tal-Presidenti. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew mill-president ta' din tal-aħħar, skont l-Artikolu 201a(2).
	1b. Il-kumitat responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi preparatorja ta' proposta. Huwa għandu jagħti attenzjoni partikolari biex isir hekk fejn il-proposta tkun mniżżla fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.
2. ***Il-pożizzjonijiet tal-Kunsill għandhom jiġu referuti lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati fl-ewwel qari.***	
Id-dispożizzjonijiet dwar it-tieni qari mniżżla fl-Artikoli 64 sa 69 u 76 għandhom japplikaw għall-pożizzjonijiet tal-Kunsill.	
3. ***Waqt il-proċedura ta' konċiljazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill li tiġi wara t-tieni qari, ma jistax ikun hemm referenza lura lill-kumitat.***	
Id-dispożizzjonijiet dwar it-tielet qari mniżżla fl-Artikoli 70, 71 u 72 għandhom japplikaw fil-każ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni.	
4. ***L-Artikoli 49, 50, 53, 59(1) u (3), 60, 61 u 188 m'għandhomx japplikaw waqt it-tieni u t-tielet qari.***	
5. Fil-każ ta' konflitt bejn dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari u kull dispożizzjoni oħra tar-Regoli, id-dispożizzjoni li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari għandha tieħu l-preċedenza.	5. Fil-każ ta' konflitt bejn dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari u kull dispożizzjoni oħra tar-Regoli, id-dispożizzjoni li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari għandha tieħu l-preċedenza.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 44

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 47a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 47a
	Aċċelerazzjoni tal-proċeduri leġislattivi
	L-aċċelerazzjoni tal-proċeduri leġislattivi f'koordinazzjoni mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar proposti speċifiċi, magħżula b'mod partikolari minn fost dawk identifikati bħala prijoritajiet fid-dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali skont l-Artikolu 37(1a), jista' jsir qbil dwarha mill-kumitat jew kumitati responsabbli.

Emenda 45

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 48

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 48	Artikolu 48
Proċeduri leġislattivi dwar inizjattivi preżentati ***minn Stati Membri***	Proċeduri leġislattivi dwar inizjattivi preżentati minn ***istituzzjonijiet, apparti l-Kummissjoni, jew mill-Istati Membri***
1. Inizjattivi ppreżentati minn Stati Membri ***skont l-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu trattati skont dan l-Artikolu u skont l-Artikoli 38 sa 43, 47 u 59***.	1. ***Meta jkunu qed jiġu trattati*** inizjattivi ppreżentati minn ***istituzzjonijiet oħra, apparti l-Kummissjoni, jew mill-Istati Membri, il-kumitat responsabbli jista' jistieden rappreżentanti tal-istituzzjonijiet jew tal-Istati Membri li jkunu ppreżentaw l-inizjattiva biex jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom lill-kumitat. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jkunu ppreżentaw l-inizjattiva jistgħu jiġu akkumpanjati mill-Presidenza tal-Kunsill***.
2. ***Il-kumitat responsabbli jista' jistieden rappreżentanti ta' l-Istati Membri li ppreżentaw l-inizjattiva biex jippreżentawha lill-kumitat. Ir-rappreżentanti jistgħu jiġu akkompanjati mill-Presidenza tal-Kunsill.***	
3. Qabel ma l-kumitat responsabbli jgħaddi għall-votazzjoni, għandu jistaqsi lill-Kummissjoni jekk ***hux*** qed tħejji opinjoni fuq l-inizjattiva. ***F'każ li jkun hekk***, il-kumitat m'għandux jadotta r-rapport tiegħu qabel ma jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni.	3. Qabel ma l-kumitat responsabbli jgħaddi għall-votazzjoni, għandu jistaqsi lill-Kummissjoni jekk ***hix*** qed tħejji opinjoni fuq l-inizjattiva***, jew jekk għandhiex l-intenzjoni li tressaq proposta alternattiva fi żmien qasir. Jekk it-tweġiba li jirċievi tkun waħda pożittiva***, il-kumitat m'għandux jadotta r-rapport tiegħu qabel ma jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni ***jew il-proposta alternattiva tagħha***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Fejn żewġ proposti jew aktar li joriġinaw mill-Kummissjoni u/jew minn Stat Membru bl-istess għan leġislattiv jiġu ppreżentati lill-Parlament fl-istess ħin jew f'perjodu qasir ta' żmien, dawn għandhom jitqiesu f'rapport wieħed. Fir-rapport tiegħu, il-kumitat responsabbli għandu jindika għal liema test qed jiġu proposti l-emendi u jsemmi it-testi l-oħra kollha fir-riżoluzzjoni leġislattiva.	4. Fejn żewġ proposti jew aktar li joriġinaw mill-Kummissjoni u/jew ***minn istituzzjoni oħra u/jew*** minn Stat Membru bl-istess għan leġislattiv jiġu ppreżentati lill-Parlament fl-istess ħin jew f'perjodu qasir ta' żmien, dawn għandhom jitqiesu ***mill-Parlament*** f'rapport wieħed. Fir-rapport tiegħu, il-kumitat responsabbli għandu jindika għal liema test qed jiġu proposti l-emendi u jsemmi it-testi l-oħra kollha fir-riżoluzzjoni leġislattiva.

Emenda 46

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 49

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 49	Artikolu 49
Rapporti leġislattivi	Rapporti leġislattivi
1. Il-president tal-kumitat li quddiemu tkun tressqet xi proposta għal att ***leġislattiv*** għandu jipproponi lill-kumitat il-proċedura li għandha tkun segwita.	1. Il-president tal-kumitat li quddiemu tkun tressqet xi proposta għal att ***legalment vinkolanti*** għandu jipproponi lill-kumitat il-proċedura li għandha tkun segwita.
2. Wara li tittieħed deċiżjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, u jekk l-Artikolu 50 ma ***jkunx japplika***, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur dwar il-proposta għal att leġislattiv minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti jekk ikun għadu ma għamilx dan fuq il-bażi ***tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni miftiehem skond l-Artikolu 37***.	2. Wara li tittieħed deċiżjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, u jekk ***il-proċedura simplifikata skont*** l-Artikolu 50 ma ***tkunx tapplika***, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur dwar il-proposta għal att leġislattiv minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti jekk ikun għadu ma għamilx dan fuq il-bażi ***tal-Artikolu 47(1b)***.
3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:	3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:
(a) emendi, jekk ikun hemm, għall-proposta, flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra li għandhom ikunu ***r-responsabiltà tar-rapporteur*** u ***m'għandhux*** jittieħed vot fuqhom;	(a) emendi, jekk ikun hemm, għall-proposta, flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra li għandhom ikunu ***r-responsabilità tal-awtur*** u ***m'għandux*** jittieħed vot fuqhom;
(b) abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, skond l-Artikolu 59(2);	(b) abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, skond l-Artikolu 59(2);
(c) jekk ikun ***il-każ***, nota spjegattiva li tinkludi dikjarazzjoni finanzjarja li tistabbilixxi ***l-impatt*** finanzjarju u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali.	(c) jekk ikun ***xieraq***, nota spjegattiva li tinkludi***, fejn meħtieġ,*** dikjarazzjoni finanzjarja li tistabbilixxi ***l-kobor tal-impatt*** finanzjarju ***li jista' jkollu r-rapport*** u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali.
	(ca) ***jekk disponibbli, referenza għall-Valutazzjoni tal-Impatt mill-Parlament.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 47

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 50

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 50	Artikolu 50
Proċedura simplifikata	Proċedura simplifikata
1. Wara l-ewwel diskussjoni dwar proposta għal att leġislattiv, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li din tkun approvata mingħajr emendi. Ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, il-president tal-kumitat għandu jippreżenta lill-Parlament rapport li japprova l-proposta. L-Artikolu 150(1), it-tieni sub-paragrafu, (2) u (4) għandu japplika.	1. Wara l-ewwel diskussjoni dwar proposta għal att leġislattiv, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li din tkun approvata mingħajr emendi. Ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, ***il-proċedura proposta għandha titqies bħala approvata.*** Il-president tal-kumitat***, jew ir-rapporteur, jekk ikun inħatar wieħed,*** għandu jippreżenta lill-Parlament rapport li japprova l-proposta. L-Artikolu 150(1), it-tieni sub-paragrafu, (2) u (4) għandu japplika.
2. Inkella, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li huwa jew ir-rapporteur jagħmlu abbozz ta' sett ta' emendi li jirriflettu d-diskussjoni tal-kumitat. ***Jekk il-kumitat jaqbel ma dan, dawn*** l-emendi għandhom jintbagħtu lill-membri tal-kumitat. ***Ħlief jekk ikun*** hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat fil-limitu ta' żmien mogħti, li m'għandux ikun inqas minn ***wieħed u għoxrin ġurnata*** mid-data ta' meta jintbagħat, ir-rapport għandu jitqies li kien adottat mill-kumitat. F'dan il-każ l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva u l-emendi għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament mingħajr dibattitu skond l-Artikolu 150(1), it-tieni subparagrafu, (2) u (4).	2. Inkella, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li huwa jew ir-rapporteur jagħmlu abbozz ta' sett ta' emendi li jirriflettu d-diskussjoni tal-kumitat. ***Kemm-il darba ma jkunx hemm mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-Kumitat li joġġezzjonaw, il-proċedura proposta għandha titqies bħala approvata u*** l-emendi għandhom jintbagħtu lill-membri tal-kumitat.
	Kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjoni ***għall-emendi*** minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat fil-limitu ta' żmien mogħti, li m'għandux ikun ***ta'*** inqas minn ***għaxart ijiem tax-xogħol*** mid-data ta' meta jintbagħat, ir-rapport għandu jitqies li kien adottat mill-kumitat. F'dan il-każ l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva u l-emendi għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament mingħajr dibattitu skond l-Artikolu 150(1), it-tieni subparagrafu, (2) u (4).
	Jekk ikun hemm oġġezzjoni għall-emendi minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, l-emendi għandu jittieħed vot fuqhom fil-laqgħa tal-kumitat li jkun imiss .
3. ***Jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, l-emendi għandu jittieħed vot fuqhom fil-laqgħa tal-kumitat li jkun imiss.***	
4. ***L-ewwel u t-tieni sentenza ta' l-ewwel paragrafu, u l-ewwel, it-tieni u t-tielet sentenza tat-tieni paragrafu u t-tielet paragrafu għandhom japplikaw***, 'mutatis mutandis', fir-rigward ta' opinjonijiet tal-kumitati skond it-tifsira ***ta' l-Artikolu*** 53.	4. ***Bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-preżentazzjoni lill-Parlament, dan l-Artikolu għandu japplika***, 'mutatis mutandis', fir-rigward ta' opinjonijiet tal-kumitati skond it-tifsira ***tal-Artikolu*** 53.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 48

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 51

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 51	Artikolu 51
Rapporti mhux leġislattivi	Rapporti mhux leġislattivi
1. Meta kumitat iħejji rapport mhux leġislattiv, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti.	1. Meta kumitat iħejji rapport mhux leġislattiv, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti.
2. ***Ir-rapporteur għandu jkollu r-responsabiltà li jipprepara r-rapport tal-kumitat u li jippreżentah lill-Parlament f'isem il-kumitat.***	
3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:	3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:
(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;	(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;
(b) nota spjegattiva li tinkludi dikjarazzjoni finanzjarja li tistabilixxi ***l-impatt*** finanzjarju u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali;	(b) nota spjegattiva li tinkludi***, fejn meħtieġ,*** dikjarazzjoni finanzjarja li tistabilixxi ***l-kobor tal-impatt*** finanzjarju ***li jista' jkollu r-rapport*** u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali;
(c) it-testi ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għandhom ikunu inklużi skond l-Artikolu 133(4).	(c) it-testi ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għandhom ikunu inklużi skond l-Artikolu 133(4).

Emenda 49

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 52

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 52	Artikolu 52
Rapporti fuq inizjattiva proprja	Rapporti fuq inizjattiva proprja
1. Kumitat li jkollu l-ħsieb li jħejji rapport ***u li jippreżenta lill-Parlament mozzjoni għal riżoluzzjoni*** dwar xi suġġett li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tiegħu, li dwaru ***la kien ikkonsultat u lanqas intalab jagħti opinjoni skont l-Artikolu 201(1)***, jista' jagħmel dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti. ***Meta din l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għandha dejjem tingħata raġuni. Fejn is-suġġett tar-rapport ikun proposta mqiegħda fuq il-Mejda minn Membru skont l-Artikolu 46(2), l-awtorizzazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Membri u fl-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jiġux sodisfatti.***	1. Kumitat li jkollu l-ħsieb li jħejji rapport ***mhux leġislattiv jew rapport skont l-Artikolu 45 jew 46*** dwar xi suġġett li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tiegħu, li dwaru ***ma jkun sar l-ebda riferiment***, jista' jagħmel dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni dwar talbiet għal awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti mressqa skont l-ewwel subparagrafu fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, li hija għandha tistabilixxi.
Il-Konferenza tal-Presidenti tieħu deċiżjoni għal talbiet għal awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti skont il-paragrafu 1 fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li għandha tistabilixxi hija stess. Jekk il-kompetenza ta' kumitat li jħejji rapport tiġi kontestata, il-Konferenza tal-Presidenti tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkun hemm ebda rakkomandazzjoni ta' dan it-tip, mill-President ta' din ta' l-aħħar. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti tonqos milli tieħu deċiżjoni f'dak iż-żmien, ir-rakkomandazzjoni tiġi dikjarata li ġiet approvata.	
	1a. Meta din l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għandha dejjem tingħata raġuni għaliex ma ngħatatx.
	Fejn is-suġġett tar-rapport jaqa' taħt id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament imsemmi fl-Artikolu 45, l-awtorizzazzjoni tista' ma tingħatax biss fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati ma jkunux ġew issodisfati.
	1b. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 45 u fl-Artikolu 46, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn.
2. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li ***jkunu f' rapporti fuq inizjattiva proprja*** għandhom jiġu eżaminati ***mill-Parlament skond*** il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 151. Emendi għal mozzjonijiet għal ***riżoluzzjoniijiet*** bħal dawn għandhom ikunu ammissibbli biss biex jitqiesu fil-plenarja jekk ***jitqieġħdu fuq il-Mejda*** mir-rapporteur biex jitqies taġħrif ġdid jew minn mhux inqas minn wieħed minn kull ***g ħaxra*** tal-Membri tal-Parlament. Il-gruppi politiċi jistgħu jqieġħdu fuq il-Mejda mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet alternattivi skond l-Artikolu 170(4). ***L-Artikoli 176 u*** 180 ***għandhom japplikaw*** għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat u għall-emendi li din tkun suġġetta għalihom. L-Artikolu 180 għandu japplika wkoll għall-votazzjoni waħdanija fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjoni alternattivi.	2. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li ***jitressqu lill-Parlament*** għandhom jiġu eżaminati ***skont*** il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 151. Emendi għal mozzjonijiet għal ***riżoluzzjonijiet*** bħal dawn ***u talbiet għal votazzjonijiet maqsuma jew għal votazzjonijiet separati*** għandhom ikunu ammissibbli biss biex jitqiesu fil-plenarja jekk ***jitressqu jew*** mir-rapporteur biex jitqies taġħrif ġdid jew minn mhux inqas minn wieħed minn kull ***għaxra*** tal-Membri tal-Parlament. Il-gruppi politiċi jistgħu jqieġħdu fuq il-Mejda mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet alternattivi skond l-Artikolu 170(4). ***L-Artikolu*** 180 ***għandu japplika*** għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat u għall-emendi li din tkun suġġetta għalihom. L-Artikolu 180 għandu japplika wkoll għall-votazzjoni waħdanija fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjoni alternattivi.
L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika fil-każijiet fejn is-suġġett tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, fejn ir-rapport jitfassal skond id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikoli 45 jew 46, jew fejn ir-rapport ikun ġie awtorizzat bħala rapport strateġiku ([9]).	
	2a. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika fil-każjijet fejn is-suġġett tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, fejn ir-rapport jitfassal skond id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikoli 45 jew 46, jew fejn ir-rapport ikun ġie awtorizzat bħala rapport strateġiku ([9a]).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. ***Fejn is-suġġett tar-rapport jaqa' taħt id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikolu 45, l-awtorizzazzjoni tista' tinżamm biss fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattati ma ġewx sodisfatti.***	
4. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 45 u l-Artikolu 46, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn.***	
([9]) ***Ara d-deċiżjoni relevanti tal-Konferenza tal-Presidenti, riprodotta fl-Anness XVII tar-Regoli ta' Proċedura.***	([9a]) ***Ara d-deċiżjoni rilevanti tal-Konferenza tal-Presidenti.***

Emenda 50

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 53

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 53	Artikolu 53
Opinjonijiet ta' kumitati	Opinjonijiet ta' kumitati
1. Jekk il-kumitat li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija jkun jixtieq li jisma' l-fehmiet ta' kumitat ieħor, jew jekk kumitat ieħor ikun jixtieq jagħti l-fehmiet tiegħu ***dwar ir-rapport tal-kumitat*** li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija, dawn il-kumitati jistgħu jitolbu lill-President biex, skond l-Artikolu 201(3), wieħed mill-kumitati jiġi nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-ieħor bħala l-kumitat li jintalab jagħti opinjoni.	1. Jekk il-kumitat li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija jkun jixtieq li jisma' l-fehmiet ta' kumitat ieħor, jew jekk kumitat ieħor ikun jixtieq jagħti l-fehmiet tiegħu ***lill-kumitat*** li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija, dawn il-kumitati jistgħu jitolbu lill-President biex, skond l-Artikolu 201(3), wieħed mill-kumitati jiġi nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-ieħor bħala l-kumitat li jintalab jagħti opinjoni.
	Il-kumitat li jagħti l-opinjoni jista' jaħtar rapporteur għal opinjoni minn fost il-membri jew is-sostituti permanenti tiegħu jew jibgħat il-fehmiet tiegħu fil-forma ta' ittra mill-president.
2. ***Fil-każ ta' dokumenti ta' xorta leġislattiva skond it-tifsira ta' l-Artikolu 47(1), l-opinjoni*** għandha tkun tikkonsisti f'emendi għat-test li jkun tressaq quddiem il-kumitat flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabilità ***tar-rapporteur għal opinjoni*** u m'għandhomx jitressqu għall-vot. Jekk ikun meħtieġ, il-kumitat li jintalab opinjoni jista' jippreżenta ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għall-opinjoni sħiħa.	2. ***Meta l-opinjoni tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija*** għandha tkun tikkonsisti f'emendi għat-test li jkun tressaq quddiem il-kumitat flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabiltà ***tal-awtur tagħhom*** u m'għandux jittieħed vot fuqhom. Jekk ikun meħtieġ, il-kumitat li jintalab opinjoni jista' jippreżenta ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għall-opinjoni sħiħa. ***Din il-ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għandha tkun ir-responsabilità tar-rapporteur***.
Fil-każ ta' testi mhux leġislattivi, l-opinjoni għandha tkun tikkonsisti f'suġġerimenti li jolqtu partijiet mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni ppreżentata mill-kumitat responsabbli.	***Meta l-opinjoni ma tkunx tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija*** għandha tkun tikkonsisti f'suġġerimenti li jolqtu partijiet mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni ppreżentata mill-kumitat responsabbli.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-kumitat responsabbli għandu jivvota fuq dawn l-emendi jew suġġerimenti.	Il-kumitat responsabbli għandu jivvota fuq dawn l-emendi jew suġġerimenti.
L-opinjonijiet għandhom ikunu biss dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' responsabilità tal-kumitat li jkun qed jagħti opinjoni.	L-opinjonijiet għandhom ikunu biss dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' responsabilità tal-kumitat li jkun qed jagħti opinjoni.
3. Il-kumitat responsabbli għandu jistabbilixxi żmien li fih il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandu jagħti din l-opinjoni, biex din tiġi kkunsidrata mill-kumitat responsabbli. Kwalunkwe tibdil fil-programm imħabbar għandu jkun ikkomunikat min-nufih mill-kumitat responsabbli lill-kumitat/i li jintalbu jagħtu opinjoni. Il-kumitat responsabbli m'għandux jasal għall-konklużjonijiet aħħarin tiegħu qabel ma jkun skada dak iż-żmien.	3. Il-kumitat responsabbli għandu jistabbilixxi żmien li fih il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandu jagħti din l-opinjoni, biex din tiġi kkunsidrata mill-kumitat responsabbli. Kwalunkwe tibdil fil-programm imħabbar għandu jkun ikkomunikat min-nufih mill-kumitat responsabbli lill-kumitat/i li jintalbu jagħtu opinjoni. Il-kumitat responsabbli m'għandux jasal għall-konklużjonijiet aħħarin tiegħu qabel ma jkun skada dak iż-żmien.
	3a. B'mod alternattiv, il-kumitat li jagħti l-opinjoni jista' jiddeċiedi li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fil-forma ta' emendi li għandhom jitqegħdu fuq il-Mejda direttament fil-kumitat responsabbli wara li jkunu ġew adottati. Dawn l-emendi għandhom jitqegħdu fuq il-Mejda mill-President jew mir-rapporteur f'isem il-kumitat.
	3b. Il-kumitat li jagħti l-opinjoni għandu jqiegħed fuq il-Mejda l-emendi msemmija fil-paragrafu 3a sal-iskadenza għall-emendi stabbilita mill-kumitat responsabbli.
4. L-opinjonijiet kollha adottati għandhom ikunu annessi mar-rapport tal-kumitat responsabbli.	4. L-opinjonijiet u l-emendi kollha adottati mill-kumitat li jagħti l-opinjoni għandhom ikunu annessi mar-rapport tal-kumitat responsabbli.
5. Il-kumitat responsabbli biss jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi fis-seduta plenarja.	5. Il-kumitati li jagħtu l-opinjonijiet skont dan l-Artikolu ma jistgħux iressqu emendi għall-kunsiderazzjoni mill-Parlament.
6. Il-president u r-rapporteur għal opinjoni tal-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandhom ikunu mistiedna sabiex jieħdu sehem f'kapaċità konsultattiva fil-laqgħat tal-kumitat responsabbli, sa fejn dawn il-laqgħat ikunu dwar il-kwistjoni ta' interess komuni.	6. Il-president u r-rapporteur għal opinjoni tal-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandhom ikunu mistiedna sabiex jieħdu sehem f'kapaċità konsultattiva fil-laqgħat tal-kumitat responsabbli, sa fejn dawn il-laqgħat ikunu dwar il-kwistjoni ta' interess komuni.

Emenda 51

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 54

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 54	Artikolu 54
Proċedura b'kumitati assoċjati	Proċedura ta' kumitati assoċjati
Meta titressaq kwistjoni ta' kompetenza quddiem il-Konferenza tal-Presidenti skont l-Artikoli 201(2) ***jew 52***, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li, fuq il-bażi ***ta' l-Anness*** VI, il-kwistjoni taqa' kważi b'mod indaqs taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, jew li partijiet differenti tal-kwistjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, l-Artikolu 53 għandu japplika b'dawn id-dispożizzjonijiet miżjuda li ġejjin:	1. Meta titressaq kwistjoni ta' kompetenza quddiem il-Konferenza tal-Presidenti skont ***l-Artikoli 201a***, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li, fuq il-bażi ***tal-Anness*** VI, il-kwistjoni taqa' kważi b'mod indaqs taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, jew li partijiet differenti tal-kwistjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, l-Artikolu 53 għandu japplika b'dawn id-dispożizzjonijiet miżjuda li ġejjin:

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
— il-programm għandu jkun miftiehem bejn il-kumitati kkonċernati flimkien;	— il-programm għandu jiġi miftiehem bejn il-kumitati kkonċernati flimkien;
— ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni għandhom iżommu lil xulxin mgħarrfa u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu qbil dwar it-testi li huma jipproponu lill-kumitati tagħhom u dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar l-emendi;	— ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni għandhom iżommu lil xulxin mgħarrfa u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu qbil dwar it-testi li huma jipproponu lill-kumitati tagħhom u dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar l-emendi;
— il-presidenti tal-kumitati, ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni kkonċernati għandhom jidentifikaw flimkien l-oqsma tat-test li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi jew ***konġunti*** tagħhom u jilħqu qbil dwar l-arranġamenti preċiżi għall-koperazzjoni tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi il-kwistjoni għandha titressaq, fuq talba ta' wieħed mill-kumitati involuti, quddiem il-Konferenza tal-Presidenti, li tista' tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-kompetenzi rispettivi jew tiddeċiedi li għandha tapplika l-proċedura b'laqgħat ta' kumitati konġunti skont l-Artikolu 55; it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 201(2) għandu japplika mutatis mutandis;	— il-presidenti tal-kumitati, ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni kkonċernati ***huma marbuta bil-prinċipju ta' kooperazzjoni tajba u sinċiera*** u għandhom jidentifikaw flimkien l-oqsma tat-test li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi jew ***maqsuma*** tagħhom u jilħqu qbil dwar l-arranġamenti preċiżi għall-koperazzjoni tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi il-kwistjoni għandha titressaq, fuq talba ta' wieħed mill-kumitati involuti, quddiem il-Konferenza tal-Presidenti, li tista' tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-kompetenzi rispettivi jew tiddeċiedi li għandha tapplika l-proċedura b'laqgħat ta' kumitati konġunti skont l-Artikolu 55. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed f'konformità mal-proċedura u sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 201a.
— il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni emendi minn kumitat assoċjat meta dawn ikunu dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-kumitat assoċjat. Jekk l-emendi dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ***konġunta*** tal-kumitat responsabbli u ta' kumitat assoċjat ***jiġu miċħuda*** mill-kumitat responsabbli, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed dawk l-emendi direttament fuq il-Mejda fil-plenarja;	— il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni emendi minn kumitat assoċjat meta dawn ikunu dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-kumitat assoċjat. ***Jekk il-kumitat responsabbli jonqos milli jirrispetta l-kompetenza esklussiva tal-kumitat assoċjat, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi direttament fil-plenarja.*** Jekk l-emendi dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ***maqsuma*** tal-kumitat responsabbli u ta' kumitat assoċjat ***ma jiġux adottati*** mill-kumitat responsabbli, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed dawk l-emendi direttament fuq il-Mejda fil-plenarja;
— fil-każ li jkun hemm proċedura ta' konċiljazzjoni fuq il-proposta, id-delegazzjoni tal-Parlament għandha tinkludi lir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat.	— fil-każ li jkun hemm proċedura ta' konċiljazzjoni fuq il-proposta, id-delegazzjoni tal-Parlament għandha tinkludi lir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat.
Il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu ma tqiegħed ebda limiti għall-applikabilità tiegħu. Talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura b'kumitati assoċjati dwar rapporti mhux leġislattivi imsejsa fuq l-Artikolu 52(1) u l-Artikolu 132(1) u (2) huma ammissibbli.	
Il-proċedura b'kumitati assoċjati stabbilita f'dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika bi rbit mar-rakkomandazzjoni li jkun għandha tiġi adottata mill-kumitat responsabbliskont l-Artikolu 99.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti li tiġi applikata l-proċedura b'kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura in kwistjoni.	Id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti li tiġi applikata l-proċedura b'kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura in kwistjoni.
Il-jeddijiet marbuta mal-istatus ta' "kumitat resonsabbli" għandhom jitwettqu mill-kumitat ewlieni. Fit-twettiq ta' dawn il-jeddijiet, il-kumitat ewlieni għandu jirrispetta l-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, b'mod partikolari l-obbligu ta' kooperazzjoni leali fir-rigward tal-kalendarju u l-jedd tal-kumitat assoċjat li jiddetermina l-emendi li jiġu ppreżentati lill-Parlament fil-qasam ta' kompetenza esklussiva tiegħu.	Il-jeddijiet marbuta mal-istatus ta' "kumitat resonsabbli" għandhom jitwettqu mill-kumitat ewlieni. Fit-twettiq ta' dawn il-jeddijiet, il-kumitat ewlieni għandu jirrispetta l-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, b'mod partikolari l-obbligu ta' kooperazzjoni leali fir-rigward tal-kalendarju u l-jedd tal-kumitat assoċjat li jiddetermina l-emendi li jiġu ppreżentati lill-Parlament fil-qasam ta' kompetenza esklussiva tiegħu.
Fil-każ li l-kumitat ewlieni ma jagħrafx il-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, id-deċiżjonijiet meħuda minn tal-ewwel jibqgħu validi, imma tal-aħħar ikun jista' jqiegħed l-emendi direttament fuq il-Mejda fil-plenarja, fil-limiti tal-kompetenzi esklussivi tiegħu.	
	1a. Il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika għar-rakkomandazzjonijiet li jkunu se jiġu adottati mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 99.

Emenda 52

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 55

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 55	Artikolu 55
Proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati	Proċedura ta' kumitat konġunt
1. Meta tiġi riferita lilha kwistjoni ta' kompetenza skont l-Artikolu 201(2), il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li għandha tiġi applikata l-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati u b'votazzjoni konġunta jekk:	1. Meta tiġi riferita lilha kwistjoni ta' kompetenza skont l-Artikolu 201a, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li għandha tiġi applikata l-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati u b'votazzjoni konġunta jekk:
— il-kwistjoni taqa', skont l-Anness VI, b'mod inseparabbli taħt il-kompetenzi ta' aktar minn kumitat wieħed, u and	— il-kwistjoni taqa', skont l-Anness VI, b'mod inseparabbli taħt il-kompetenzi ta' aktar minn kumitat wieħed, u u
— hija tkun tal-fehma li l-kwistjoni hija ta' importanza maġġuri.	— hija tkun tal-fehma li l-kwistjoni hija ta' importanza maġġuri.
2. F'dak il-każ, ir-rapporteurs rispettivi għandhom ifasslu abbozz ta' rapport uniku, li għandu jkun eżaminat u li għandha ssir votazzjoni dwaru mill-kumitati involuti fil-laqgħat konġunti li jiġu ppreseduti b'mod konġunt mill-presidenti tal-kumitati involuti.	2. F'dak il-każ, ir-rapporteurs rispettivi għandhom ifasslu abbozz ta' rapport uniku, li għandu jkun eżaminat u li għandha ssir votazzjoni dwaru mill-kumitati involuti fil-laqgħat konġunti li jiġu ppreseduti b'mod konġunt mill-presidenti tal-kumitati involuti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Fl-istadji kollha tal-proċedura, id-drittijiet relatati mal-istatus ta' kumitat kompetenti ma jistgħux jiġu eżerċitati mill-kumitati involuti ħlief meta jaġixxu b'mod konġunt. Il-kumitati involuti jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma biex jitħejjew il-laqgħat u l-votazzjonijiet.	Fl-istadji kollha tal-proċedura, id-drittijiet relatati mal-istatus ta' kumitat kompetenti ma jistgħux jiġu eżerċitati mill-kumitati involuti ħlief meta jaġixxu b'mod konġunt. Il-kumitati involuti jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma biex jitħejjew il-laqgħat u l-votazzjonijiet.
3. Fit-tieni qari tal-proċedura leġislattiva ordinarja, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi e żaminata waqt laqgħa konġunta tal-kumitati kkonċernati li, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-presidenti ta' dawn il-kumitati, issir nhar l-Erbgħa tal-ewwel ġimgħa prevista għal-laqgħat tal-organi parlamentari wara li tiġi kkomunikata l-pożizzjoni tal-Kunsill lill-Parlament. Fin-nuqqas ta' qbil dwar issejħa ta' laqgħa ulterjuri, din tissejjaħ mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-votazzjoni dwar r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari issir f'laqgħa konġunta fuq il-bażi ta' abbozz konġunt imħejji mir-rapporteurs rispettivi tal-kumitati kkonċernati jew, fin-nuqqas ta' abbozz konġunt, tal-emendi preżentati fil-kumitati kkonċernati.	3. Fit-tieni qari tal-proċedura leġislattiva ordinarja, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi e żaminata waqt laqgħa konġunta tal-kumitati kkonċernati li, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-presidenti ta' dawn il-kumitati, issir nhar l-Erbgħa tal-ewwel ġimgħa prevista għal-laqgħat tal-organi parlamentari wara li tiġi kkomunikata l-pożizzjoni tal-Kunsill lill-Parlament. Fin-nuqqas ta' qbil dwar issejħa ta' laqgħa ulterjuri, din tissejjaħ mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-votazzjoni dwar r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari issir f'laqgħa konġunta fuq il-bażi ta' abbozz konġunt imħejji mir-rapporteurs rispettivi tal-kumitati kkonċernati jew, fin-nuqqas ta' abbozz konġunt, tal-emendi preżentati fil-kumitati kkonċernati.
Fit-tielet qari tal-proċedura leġislattiva ordinarja, il-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitati kkonċernati jkunu ex officio membri tad-delegazzjoni fil-kumitat ta' konċiljazzjoni.	Fit-tielet qari tal-proċedura leġislattiva ordinarja, il-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitati kkonċernati jkunu ex officio membri tad-delegazzjoni fil-kumitat ta' konċiljazzjoni.
Dan l-Artikolu jista' jiġi applikat għall-proċedura li twassal għal rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni jew għaċ-ċaħda tal-konklużjoni ta' ftehima internazzjonali skont l-Artikoli 108(5) u 99(1) kemm-il darba jkunu sodisfati l-kundizzjonijiet fih stipulati.	

Emenda 53

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 56

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***56***	Artikolu ***52a***
Abbozzar tar-rapporti	Abbozzar tar-rapporti
	-1. Ir-rapporteur għandu jkollu r-responsabiltà li jipprepara r-rapport tal-kumitat u li jippreżentah lill-Parlament f'isem il-kumitat.
1. In-nota spjegattiva għandha taqa' taħt ir-responsabilità tar-rapporteur u m'għandux jittieħed vot fuqha. Madankollu, din għandha tkun taqbel mat-test tal-mozzjoni għal risoluzzjoni kif adottata u ma kwalunkwe emendi proposti mill-kumitat. Jekk ma jkunx hekk, il-president tal-kumitat jista' jħassar in-nota spjegattiva.	1. In-nota spjegattiva għandha taqa' taħt ir-responsabilità tar-rapporteur u m'għandux jittieħed vot fuqha. Madankollu, din għandha tkun taqbel mat-test tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni kif adottata u ma kwalunkwe emendi proposti mill-kumitat. Jekk ma jkunx hekk, il-president tal-kumitat jista' jħassar in-nota spjegattiva.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Ir-rapport għandu jagħti r-riżultat tal-vot meħud fuq ir-rapport fis-shuħija tiegħu***. Barra minn hekk, jekk mhux inqas minn terz tal-membri preżenti hekk jitolbu meta jittieħed il-vot***, ***ir-rapport għandu jindika*** kif ***ivvota*** kull membru.	2. Ir-rapport għandu jagħti r-riżultat tal-vot meħud fuq ir-rapport fis-shuħija tiegħu ***u għandu jindika f'konformità mal-Artikolu 208(3)*** kif kull membru ***jkun ivvota***.
3. ***Meta l-opinjoni tal-kumitat ma tkunx unanima, ir-rapport għandu jagħti wkoll ġabra fil-qosor ta' l-opinjoni tal-minoranza. Opinjonijiet*** tal-minoranza ***għandhom ikunu*** espressi meta jittieħed il-vot fuq it-test shiħ, u jistgħu, fuq talba ***ta' l-awturi***, ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkunx itwal minn 200 kelma, u li tkun annessa man-nota spjegattiva.	3. ***Il-pożizzjonijiet*** tal-minoranza ***jistgħu jiġu*** espressi meta jittieħed il-vot fuq it-test shiħ, u jistgħu, fuq talba ***tal-awturi tagħhom***, ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkunx itwal minn 200 kelma, u li tkun annessa man-nota spjegattiva.
Il-president tal-kumitat għandu jsolvi kwalunkwe nuqqas ta' ftehim li jista' jinqala' bħala riżultat ***ta' l-applikazzjoni*** ta' ***dawn id-dispożizzjonijiet***.	Il-president tal-kumitat għandu jsolvi kwalunkwe nuqqas ta' ftehim li jista' jinqala' bħala riżultat ***tal-applikazzjoni*** ta' ***dan il-paragrafu***.
4. Fuq proposta ***mill-bureau*** tiegħu, kumitat jista' jiffissa limitu ta' żmien li fih ir-rapporteur ikollu jippreżenta l-abbozz tar-rapport tiegħu. Dan il-limitu ta' żmien jista' jittawwal jew jista' jinħatar rapporteur ieħor.	4. Fuq proposta ***mill-president*** tiegħu, kumitat jista' jiffissa ***skadenza li fiha*** r-rapporteur ikollu jippreżenta l-abbozz tar-rapport tiegħu. Din ***l-iskadenza tista' tittawwal*** jew jista' jinħatar rapporteur ieħor.
5. Malli jiskadi ż-żmien, il-kumitat jista' jagħti struzzjonijiet lill-president tiegħu sabiex jitlob li l-kwistjoni mressqa quddiemu titqieghed fl-aġenda ta' waħda mis-seduti tal-Parlament li jkun imiss. Id-dibattiti jistgħu imbagħad jitmexxew fuq il-bażi ta' rapport bil-fomm mill-kumitat konċernat.	5. Malli jiskadi ***t-terminu***, il-kumitat jista' jagħti struzzjonijiet lill-president tiegħu sabiex jitlob li l-kwistjoni mressqa quddiemu titqieghed fl-aġenda ta' waħda mis-seduti tal-Parlament li jkun imiss. Id-dibattiti ***u l-votazzjonijiet*** jistgħu imbagħad jitmexxew fuq il-bażi ta' rapport bil-fomm mill-kumitat konċernat. *(Dan l-Artikolu kif emendat għandu jitpoġġa qabel l-Artikolu 53)*

Emenda 54

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 3	KAPITOLU 3
L-EWWEL QARI	***PROĊEDURA LEĠISLATTIVA ORDINARJA***

Emenda 55

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – taqsima 1 (ġdida)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	TAQSIMA 1
	L-EWWEL QARI

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 56

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – sottotitolu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Stadju tal-Kumitat	***imħassar***

Emenda 57

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 57

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 57	***imħassar***
Modifika ta' proposta għal att leġislattiv	
1. ***Jekk il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament jew jekk il-kumitat responsabbli jinduna b'xi mod ieħor li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li timmodifika l-proposta tagħha, il-kumitat responsabbli għandu jipposponi l-eżaminazzjoni tal-każ sakemm jirċievi l-proposta l-ġdida jew l-emendi tal-Kummissjoni.***	
2. ***Jekk il-Kunsill jimmodifika sostanzjalment il-proposta għal att leġislattiv, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 63.***	

Emenda 58

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 58

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 58	***imħassar***
Pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar emendi	
1. ***Qabel ma jgħaddi għall-votazzjoni aħħarija dwar proposta għal att leġislattiv, il-kumitat responsabbli għandu jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi għall-proposta adottata mill-kumitat, u jitlob lill-Kunsill biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.***	
2. ***Jekk il-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel stqarrija simili, jew jekk tiddikjara li mhix preparata li taċċetta l-emendi kollha adottati mill-kumitat responsabbli, il-kumitat jista' jipposponi l-votazzjoni aħħarija.***	
3. ***Jekk ikun il-każ, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 59

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – sottotitolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Stadju tas-seduta plenarja	***imħassar***

Emenda 60

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 59

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 59	Artikolu 59
Konklużjoni tal-ewwel qari	***Votazzjoni fil-Parlament – l-ewwel*** qari
	-1. Il-Parlament jista' japprova, jemenda jew jiċħad l-abbozz ta' att leġislattiv.
1. Il-Parlament għandu ***jeżamina l-***proposta ***għal*** att leġislattiv ***fuq il-bażi ta' rapport imħejji*** mill-kumitat responsabbli ***skond l-Artikolu 49***.	1. Il-Parlament ghandu ***l-ewwel jivvota fuq kwalunkwe*** proposta ***għaċ-ċaħda immedjata tal-abbozz ta'*** att leġislattiv ***li jkun tqiegħed fuq il-Mejda bil-miktub*** mill-kumitat responsabbli***, grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru***.
	Jekk il-proposta għaċ-ċaħda tiġi adottata, il-President għandu jitlob lill-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta biex tirtira l-abbozz ta' att leġislattiv.
	Jekk l-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta tagħmel dan, il-President għandu jiddikjara l-proċedura magħluqa.
	Jekk l-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta ma tirtirax l-abbozz ta' att leġislattiv, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari tal-Parlament huwa magħluq, ħlief jekk, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew ta' grupp politiku jew ta' mill-inqas 40 Membru, il-Parlament jiddeċiedi li jirriferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għal rikonsiderazzjoni.
	Jekk il-proposta għaċ-ċaħda ma tiġix adottata, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 1a sa 1c.
	1a. Kull ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 73d(4), għandu jingħata prijorità fil-votazzjoni u għandu jitressaq għal votazzjoni waħdanija, sakemm, fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mill-inqas 40 Membru, il-Parlament ma jiddeċidix li jipproċedi bil-votazzjoni fuq l-emendi bi qbil mal-paragrafu 1b. F'dan il-każ, il-Parlament għandu jiddeċiedi wkoll jekk il-votazzjoni fuq l-emendi għandhiex issir minnufih. Jekk le, il-Parlament għandu jistabbilixxi skadenza ġdida għat-tressiq tal-emendi u l-votazzjoni għandha ssir f'seduta suċċessiva.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jiġi adottat, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari tal-Parlament ġie konkluż.
	Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jonqos milli jiżgura l-maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jistabbilixxi skadenza ġdida għall-emendi għall-abbozz ta' att leġislattiv. Dawn l-emendi mbagħad għandhom jitpoġġew għal votazzjoni f'seduta suċċessiva biex il-Parlament jikkonkludi l-ewwel qari tiegħu.
	1b. Ħlief fejn proposta għal ċaħda tkun ġiet adottata skont il-paragrafu 1 jew ftehim proviżorju jkun ġie adottat skont il-paragrafu 1a, kull emenda għall-abbozz ta' att leġislattiv għandu mbagħad jittieħed vot fuqha, inkluż, fejn applikabbli, partijiet individwali tal-ftehim proviżorju, meta jkunu saru talbiet għal votazzjonijiet maqsuma jew separati jew ikunu tressqu emendi li jikkompetu.
	Qabel il-votazzjoni fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel il-kummenti tiegħu.
	Wara li tkun saret il-votazzjoni fuq dawk l-emendi, il-Parlament għandu jivvota fuq l-abbozz ta' att leġislattiv kollu kemm hu, emendat jew le.
	Jekk l-abbozz ta' att leġislattiv kollu, emendat jew le, jiġi adottat, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari jkun ġie konkluż, sakemm, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn 40 Membru, il-Parlament ma jiddeċidix li jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli, għal negozjati interistituzzjonali bi qbil mal-Artikoli 59a, 73a u 73d.
	Jekk l-abbozz tal-att leġislattiv kollu, kif emendat jew le, jonqos milli jiżgura maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari jkun ġie konkluż, sakemm, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn 40 Membru, il-Parlament ma jiddeċidix li jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għal rikonsiderazzjoni.
	1c. Wara l-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 1b, u l-votazzjonijiet li mbagħad jittieħdu fuq l-emendi għall-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva rigward talbiet proċedurali, jekk ikun hemm, ir-riżoluzzjoni leġislattiva għandha titqies li ġiet adottata. Jekk ikun hemm bżonn, ir-riżoluzzjoni leġislattiva għandha tiġi modifikata, skont l-Artikolu 193(2), sabiex tirrifletti r-riżultat tal-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 1b.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	It-test tar-riżoluzzjoni leġislattiva u tal-pożizzjoni tal-Parlament għandhom jitressqu, mill-President, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll, fejn l-abbozz ta' att leġislattiv joriġina minnhom, lill-grupp ta' Stati Membri, lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lill-Bank Ċentrali Ewropew.
2. ***Il-Parlament għandu l-ewwel jivvota fuq l-emendi għall-proposta li dwarha jkun ir-rapport tal-kumitat responsabbli, imbagħad fuq il-proposta, emendata jew le, imbagħad fuq l-emendi għall-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, imbagħad fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva fis-sħuħija tagħha, li għandu jkun fiha biss stqarrija dwar jekk il-Parlament japprovax, jiċħadx jew jipproponix emendi għall-proposta għal att leġislattiv u kwalunkwe talbiet proċedurali.***	
L-ewwel qari jiġi konkluż jekk jiġi adottat l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva. Jekk il-Parlament ma jadottax ir-riżoluzzjoni leġislattiva, il-proposta għandha tiġi referuta lura lill-kumitat responsabbli.	
Kull rapport imqiegħed fuq il-Mejda skond il-proċedura leġislattiva għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 39, 47 u 49. Kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva imqiegħda fuq il-Mejda minn kumitat għandha ssir skond il-proċeduri ta' referenza kif stipulat fl-Artikoli 52 jew 201.	
3. ***It-test tal-proposta kif approvat mill-Parlament u r-riżoluzzjoni li takkumpanjah għandhom jintbagħtu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mill-President bħala l-pożizzjoni tal-Parlament.***	

Emenda 61

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 59a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 59a
	Riferiment lura lill-kumitat responsabbli
	Jekk skont l-Artikolu 59, il-kwistjoni tiġi riferuta lura lill-kumitat responsabbli biex terġa' tiġi eżaminata jew għal negozjati interistituzzjonali bi qbil mal-Artikoli 73a u 73d, il-kumitat responsabbli għandu, oralment jew bil-miktub, jirrapporta lill-Parlament fi żmien erba' xhur, liema perjodu jista' jiġi estiż b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti.
	Wara riferiment lura lill-kumitat, il-kumitat ewlieni għandu, qabel ma jieħu deċiżjoni dwar il-proċedura, jippermetti li kumitat assoċjat, kif jipprevedi l-Artikolu 54, jagħmel għażliet dwar l-emendi li huma rilevanti għall-kompetenza esklussiva tiegħu, u b'mod partikolari l-għażla ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid fil-plenarja.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Xejn ma jipprevjeni lill-Parlament milli jiddeċiedi li jagħmel, jekk ikun il-każ, dibattitu ta' konklużjoni wara r-rapport mill-kumitat responsabbli li għalih tkun ġiet irriferuta lura l-kwistjoni
	(L-aħħar żewġ paragrafi huma mdaħħla bħala interpretazzjonijiet)

Emenda 62

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 60

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 60	***imħassar***
Ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni	
1. ***Jekk proposta tal-Kummissjoni ma jirnexxilhiex tikseb il-maġġororanza tal-voti mitfugħa jew jekk tkun ġiet adottata mozzjoni għaċ-ċaħda tagħha, li tista' titqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, il-President għandu, qabel ma l-Parlament jivvota fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta.***	
2. ***Jekk il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha, il-President għandu jiddikjara li l-proċedura ngħalqet u għandu jinforma lill-Kunsill b'dan.***	
3. ***Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli mingħajr ma ssir il-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, ħlief jekk il-Parlament, wara proposta tal-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew ta' xi grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jgħaddi għall-votazzjoni dwar l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva.***	
Fil-każ li l-proposta tiġi rreferuta lura lill-kumitat, il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita u għandu jirraporta lura lill-Parlament, bil-fomm jew bil-miktub, fi żmien stabbilit mill-Parlament li ma jistax ikun itwal minn xahrejn.	
Wara referenza lura lill-kumitat skont il-paragrafu 3, il-kumitat ewlieni għandu, qabel ma jieħu id-deċiżjoni tiegħu dwar il-proċedura, jippermetti li kumitat assoċjat skont l-Artikolu 54 jagħmel l-għażliet tiegħu dwar l-emendi li huma rilevanti għall-kompetenza esklussiva tiegħu, b'mod partikolari l-għażla ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid lill-Parlament.	
L-iskadenza stabbilita skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandha tapplika għat-tqegħid fuq il-Mejda, bil-fomm jew bil-miktub, tar-rapport tal-kumitat reponsabbli. Dan ma jaffettwax l-istabbiliment mill-Parlament tal-mument opportun sabiex jitkompla l-eżami tal-proċedura in kwistjoni.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. ***Jekk il-kumitat responsabbli ma jkunx jista' jirrapporta lura sad-data ta' l-iskadenza, għandu jitlob referenza lura lill-kumitat skond l-Artikolu 188(1). Jekk ikun meħtieġ, il-Parlament jista' jistabbilixxi data ta' skadenza ġdida skond l-Artikolu 188(5). Jekk it-talba tal-kumitat ma tiġix aċċettata, il-Parlament għandu jgħaddi għall-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva.***	

Emenda 63

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 61

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 61	***imħassar***
Addozzjoni ta' emendi għal proposta tal-Kummissjoni	
1. ***Meta proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata fis-sħuħija tagħha, imma fuq bażi ta' emendi li wkoll ikunu ġew adottati, il-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva għandha tiġi posposta sa meta l-Kummissjoni tistqarr il-pożizzjoni tagħha fuq kull emenda tal-Parlament.***	
Jekk il-Kummissjoni ma tkunx f'qagħda li tagħmel dan it-tip ta' stqarrija fi tmiem il-votazzjoni il-Parlament fuq il-proposta tagħha, għandha tinforma lill-President jew lill-kumitat responsabbli dwar meta tkun tista' tagħmel dan; il-proposta għandha mbagħad titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda ta' l-ewwel seduta parzjali li jkun imiss.	
2. ***Jekk il-Kummissjoni tħabbar li ma jkollhiex il-ħsieb li tadotta l-emendi kollha tal-Parlament, ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew, fin-nuqqas tiegħu, il-president tal-kumitat responsabbli għandu jagħmel proposta formali lill-Parlament dwar jekk għandhiex titkompla l-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva. Qabel jippreżenta din il-proposta, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli jistgħu jitolbu lill-President sabiex jissospendi l-eżami tal-punt imqajjem.***	
Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni, il-punt imqajjem jitqies li ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat.	
F'dan il-każ, il-kumitat responsabbli għandu jirraporta lura lill-Parlament, oralment jew bil-miktub, fi żmien stabbilit mill-Parlament li ma jistax ikun itwal minn xahrejn.	
Jekk il-kumitat responsabbli ma jkunx jista' jirrapporta lura sad-data ta' skadenza, għandha tiġi applikata l-proċedura stipulata fl-Artikolu 60(4).	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Huma biss l-emendi li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli u li jfittxu li jintlaħaq kompromess mal-Kummissjoni li għandhom ikunu ammissibbli f'dan l-stadju.	
Xejn ma jipprevjeni lill-Parlament milli jiddeċiedi li jagħmel, jekk ikun il-każ, dibattitu ta' konklużjoni wara r-rapport mill-Kumitat responsabbli li għaliha tkun ġiet irriferita lura l-kwistjoni.	
3. ***L-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ma teskludix il-possibiltà li titqiegħed fuq il-Mejda talba għar-riferenza minn Membri oħra skond l-Artikolu 188.***	
Kumitat li lilu jkun ġie referut każ lura, skond il-paragrafu 2, għandu qabel kollox, skond il-kundizzjonijiet tal-mandat li l-paragrafu hawn imsemmi jassenjalu, jirrapporta sad-data ta' skadenza mogħtija u, fejn ikun xieraq, iqiegħed fuq il-Mejda emendi li jfittxu li jintlaħaq kompromess mal-Kummissjoni, iżda mhux li jerġgħu jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet kollha approvati mill-Parlament.	
Madankollu, f' dawn it-termini ta' referenza, minħabba l-effett ta' sospensjoni fuq il-każ meta jiġi mgħoddi lura, il-kumitat ikollu iktar libertà u jista', fejn iħoss il-bżonn biex jintlaħaq kompromess, jipproponi li jerġa' jeżamina fil-Parlament dawk id-dispożizzjonijiet li kisbu vot favorevoli.	
F'każi bħal dawn, peress li l-uniċi emendi li jistgħu jitressqu mill-kumitat huma dawk l-emendi li jfittxu li jintlaħaq kompromess, u bil-għan li tiġi mħarsa s-sovranità tal-Parlament, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiddikjara b'mod ċar liema minn dawk id-dispożizzjonijiet diġà approvati jaqgħu jekk l-emendi proposti jiġu adottati.	

Emenda 64

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – sottotitolu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
Proċedura ta' segwitu	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 65

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 62

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 62	***imħassar***
Segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament	
1. ***Fiż-żmien li jiġi wara li l-Parlament ikun adotta il-pożizzjoni tiegħu dwar xi proposta mill-Kummissjoni, il-president u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli għandhom isegwu l-progress tal-proposta fil-kors tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni tagħha mill-Kunsill, b'mod partikolari sabiex jiżguraw li l-impenji meħuda mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni lejn il-Parlament fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu jkunu osservati kif jixraq.***	
2. ***Il-kumitat responsabbli jista` jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiddiskuti l-kwistjoni magħhom.***	
3. ***F'kull stadju tal-proċedura ta' segwitu il-kumitat responsabbli jista', jekk iqis li jkun meħtieġ, iqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal risoluzzjoni skond dan l-Artikolu li tirrakkomanda li l-Parlament:***	
jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirtira l-proposta tagħha, jew	
jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill biex jirreferu l-kwistjoni mill-ġdid lill-Parlament skond l-Artikolu 63, jew jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ġdida, jew	
jiddeċiedi li jieħu kull azzjoni oħra li jqis li tkun xierqa.	
Din il-mozzjoni għandha titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda tassessjoni parzjali li taħbat wara d-deċiżjoni mill-kumitat.	

Emenda 66

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 63

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 63	Artikolu 63
Referenza mill-ġdid lill-Parlament	***Riferiment*** mill-ġdid lill-Parlament
Proċedura leġislattiva ordinarja	
1. Il-President għandu, fuq talba tal-kumitat responsabbli, jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-proposta tagħha lill-Parlament:	1. Il-President għandu, fuq talba tal-kumitat responsabbli, jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-proposta tagħha lill-Parlament ***meta***:

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
— ***meta l-Kummissjoni tirtira l-proposta inizjali tagħha wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu sabiex tibdilha b'test ieħor, ħlief meta dan isir sabiex titqies il-pożizzjoni tal-Parlament; or***	
— ***l-Kummissjoni*** temenda jew ikollha l-ħsieb li temenda ***l-proposta*** inizjali ***b'mod sostanzjali***, ħlief meta dan isir sabiex titqies il-pożizzjoni tal-Parlament***; or***	— ***il-Kummissjoni tissostitwixxi,*** temenda ***b'mod sostanzjali*** jew ikollha l-ħsieb li temenda ***b'mod sostanzjali l-proposta*** inizjali ***tagħha wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu***, ħlief meta dan isir sabiex titqies il-pożizzjoni tal-Parlament.
— ***meta, minħabba l-mogħdija taż-żmien jew il-bidliet fiċ-ċirkustanzi,*** in-natura tal-problema li magħha jkollha ***x'taqsam*** il-proposta tinbidel ***b'mod*** sostanzjali; or	— in-natura tal-problema li magħha jkollha ***x'taqsam*** il-proposta tinbidel ***b'mod*** sostanzjali ***minħabba l-mogħdija taż-żmien jew il-bidliet fiċ-ċirkustanzi***; or
— ***meta jkunu*** saru elezzjonijiet ġodda tal-Parlament minn mindu dan kien adotta l-pożizzjoni tiegħu, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li dan ikun opportun.	— ***ikunu*** saru elezzjonijiet ġodda tal-Parlament minn mindu dan kien adotta l-pożizzjoni tiegħu, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li dan ikun opportun.
	1a. Fejn modifika tal-bażi legali ta' proposta hija ppjanata, li tirriżulta fil-fatt li l-proċedura leġislattiva ordinarja ma tibqax tapplika għal dik il-proposta, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont il-paragrafu 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jiskambjaw opinjonijiet dwarha permezz tal-Presidenti rispettivi tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom.
2. ***Il-Parlament għandu***, fuq talba tal-kumitat responsabbli, jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jirreferi lill-Parlament ***proposta ppreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta l-Kunsill ikollu l-ħsieb jimmodifika l-bażi legali tal-proposta*** bir-riżultat li l-proċedura leġislattiva ordinarja ma tibqax tapplika.	2. ***Wara l-iskambju ta' fehmiet imsemmi fil-paragrafu 1a, il-President***, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ***għandu*** jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jirreferi lill-Parlament ***l-abbozz ta' att leġislattiv, meta l-Kummissjoni jew il-Kunsill ikollhom il-ħsieb jimmodifikaw il-bażi legali prevista fil-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari,*** bir-riżultat li l-proċedura leġislattiva ordinarja ma tibqax tapplika.
Proċeduri oħra	
3. ***Fuq talba tal-kumitat responsabbli, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament fl-istess ċirkustanzi u bl-istess kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, kif ukoll meta l-Kunsill jemenda jew ikollu l-ħsieb li jemenda b'mod sostanzjali l-proposta li dwarha l-Parlament kien oriġinarjament ta l-opinjoni tiegħu, ħlief meta dan isir sabiex jiddaħħlu l-emendi tal-Parlament.***	
4. ***Il-President għandu wkoll jitlob li proposta għal att terġa titressaq quddiem il-Parlament fiċ-ċirkustanzi stabbiliti f'dan l-artikolu meta l-Parlament hekk jiddeċiedi fuq proposta minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 67

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 4 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 4	***TAQSIMA 2***
IT-TIENI QARI	IT-TIENI QARI

Emenda 68

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 4 – sottotitolu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Stadju tal-Kumitat	***imħassar***

Emenda 69

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 64

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 64	Artikolu 64
Komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill	Komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill
1. Il-komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill ***skond*** l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sseħħ meta titħabbar mill-President fil-Parlament. Il-President għandu jagħmel it-tħabbira wara li jkun irċieva d-dokumenti li jkun fihom il-pożizzjoni nnifisha, id-dikjarazzjonijiet kollha li jsiru fil-minuti tal-Kunsill meta jadotta il-pożizzjoni, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tradotti kif imiss fil-lingwi uffiċjali ***ta' l-Unjoni*** Ewropea. It-tħabbira mill-President għandha ssir waqt l-ewwel sessjoni parzjali ***li tiġi*** l-wasla ta' dawn id-dokumenti.	1. Il-komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sseħħ meta titħabbar mill-President fil-Parlament. Il-President għandu jagħmel it-tħabbira wara li jkun irċieva d-dokumenti li jkun fihom il-pożizzjoni nnifisha, id-dikjarazzjonijiet kollha li jsiru fil-minuti tal-Kunsill meta jadotta il-pożizzjoni, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tradotti kif imiss fil-lingwi uffiċjali ***tal-Unjoni*** Ewropea. It-tħabbira mill-President għandha ssir waqt l-ewwel sessjoni parzjali ***wara*** l-wasla ta' dawn id-dokumenti.
Qabel jagħmel it-tħabbira, il-President għandu jistabilixxi, wara li jikkonsulta lill-president tal-kumitat responsabbli u/jew ir-rapporteur, li t-test li jkun rċieva jkun tabilħaqq pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u li ċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 63 ma japplikawx. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-President, flimkien mal-kumitat responsabbli u, fejn hu possibbli, bi ftehim mal-Kunsill, għandu jfittex soluzzjoni xierqa.	Qabel jagħmel it-tħabbira, il-President għandu jistabilixxi, wara li jikkonsulta lill-President tal-kumitat responsabbli u/jew ir-rapporteur, li t-test li jkun rċieva jkun tabilħaqq pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u li ċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 63 ma japplikawx. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-President, flimkien mal-kumitat responsabbli u, fejn hu possibbli, bi ftehim mal-Kunsill, għandu jfittex soluzzjoni xierqa.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Fil-jum meta titħabbar fil-Parlament, il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha titqies li tkun tressqet awtomatikament quddiem il-kumitat responsabbli fl-ewwel qari.
2. Għandha tiġi pubblikata lista ta' dawn il-komunikazzjonijiet fil-minuti tas-seduta flimkien ***ma' l-isem*** tal-kumitat responsabbli.	2. Għandha tiġi pubblikata lista ta' dawn il-komunikazzjonijiet fil-minuti tas-seduta flimkien ***mal-isem*** tal-kumitat responsabbli.

Emenda 70

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 65

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 65	Artikolu 65
Titwil tal-limiti taż-żmien	Titwil tal-limiti taż-żmien
1. ***Fil-każ ta' limitu ta' żmien għat-tieni qari, il-President*** għandu, fuq talba ***tal-president*** tal-kumitat responsabbli, ***jew fuq talba tad-delegazzjoni tal-konċiljazzjoni tal-Parlament fil-każ ta' limiti ta' żmien għall-konċiljazzjoni, itawwal il-limiti ikkonċernati skond*** l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	1. ***Il-President*** għandu, fuq talba ***tal-President*** tal-kumitat responsabbli, ***jestendi l-iskadenzi għat-tieni qari skont*** l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien ***skond*** l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Kunsill.	2. Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien skond l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Kunsill.

Emenda 71

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 66

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 66	Artikolu 66
Riferiment lill-kumitat responsabbli u proċedura ***fl-istess kumitat***	Proċedura ***fil-kumitat responsabbli***
1. ***Fil-jum li tiġi kkomunikata lill-Parlament skond l-Artikolu 64(1), il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha titqies li tkun tressqet awtomatikament quddiem il-kumitat responsabbli u quddiem il-kumitati li jkunu ntalbu jagħtu opinjoni fl-ewwel qari.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiddaħħal bħala ***l-ewwel*** punt ***fl-aġenda*** ta' ***l-ewwel*** laqgħa tal-kumitat responsabbli li tiġi wara d-data li fiha ssir il-komunikazzjoni. Il-Kunsill jista' jiġi mistieden jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu.	2. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiddaħħal bħala punt ta' ***prijorità fl-aġenda tal-ewwel*** laqgħa tal-kumitat responsabbli li tiġi wara d-data li fiha ssir il-komunikazzjoni. Il-Kunsill jista' jiġi mistieden jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu.
3. Ħlief jekk ikun deċiż xorta oħra, ir-rapporteur fit-tieni qari għandu jkun l-istess bħal fl-ewwel qari.	3. Ħlief jekk ikun deċiż xorta oħra, ir-rapporteur fit-tieni qari għandu jkun l-istess bħal fl-ewwel qari.
4. Id-dispożizzjonijiet ***għat-tieni qari*** fl-Artikolu 69(2), (3) u (***5***) għandhom japplikaw għall-proċeduri fil-kumitat responsabbli; membri u sostituti permanenti ta' dak il-kumitat biss jistgħu ***iqiegħdu*** fuq il-Mejda proposti għal ċaħda jew għal emendi. Il-kumitat għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.	4. Id-dispożizzjonijiet ***rigward l-ammissibilità tal-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill*** fl-Artikolu 69(2) ***u*** (3) għandhom japplikaw għall-proċeduri fil-kumitat responsabbli; membri u sostituti permanenti ta' dak il-kumitat biss jistgħu ***jqiegħdu*** fuq il-Mejda proposti għal ċaħda jew għal emendi. Il-kumitat għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.
5. ***Qabel il-votazzjoni, il-kumitat jista' jitlob lill-president tal-kumitat u lir-rapporteur sabiex l-emendi li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda fil-kumitat jiġu diskussi mal-President tal-Kunsill jew mar-rappreżentant tiegħu jew mal-Kummissarju responsabbli preżenti. Ir-rapporteur jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi ta' kompromess wara din id-diskussjoni.***	
6. Il-kumitat responsabbli għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għat-tieni qari li tipproponi li tapprova, temenda jew tiċħad il-pożizzjoni adottata mill-Kunsill. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni qasira għad-deċiżjoni proposta.	6. Il-kumitat responsabbli għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għat-tieni qari li tipproponi li tapprova, temenda jew tiċħad il-pożizzjoni adottata mill-Kunsill. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni qasira għad-deċiżjoni proposta.
	6a. L-Artikoli 49, 50, 53 u 188 m'għandhomx japplikaw waqt it-tieni qari.

Emenda 72

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 4 – sottotitolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Stadju tas-seduta plenarja	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 73

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 67

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 67	Artikolu 67
Tmiem tat-tieni qari	***Tressiq lill-Parlament***
1. Il-pożizzjoni tal-Kunsill u, fejn ikun disponibbli, ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu awtomatikament fl-abbozz tal-aġenda għas-sessjoni parzjali li l-jum tal-Erbgħa tagħha jkun jaħbat qabel u jkun eqreb għall-jum li fih jiskadi ż-żmien ta' tliet xhur jew, jekk jiġi estiż skont l-Artikolu 65, ta' ***erbgħa*** xhur, ħlief jekk il-kwistjoni kienet ikkunsidrata f'sessjoni ***partzjali*** ta' qabel.	Il-pożizzjoni tal-Kunsill u, fejn ikun disponibbli, ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu awtomatikament fl-abbozz tal-aġenda għas-sessjoni parzjali li l-jum tal-Erbgħa tagħha jkun jaħbat qabel u jkun eqreb għall-jum li fih jiskadi ż-żmien ta' tliet xhur jew, jekk jiġi estiż skont l-Artikolu 65, ta' ***erba'*** xhur, ħlief jekk il-kwistjoni kienet ikkunsidrata f'sessjoni ***parzjali*** ta' qabel.
Ir-rakkomandazzjonijiet għat-tieni qari ppreżentati minn kumitati parlamentari huma ekwivalenti għal nota spjegattiva li fiha l-kumitat jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Kunsill. Ma jittieħed l-ebda vot fuq dawn it-testi.	
2. ***It-tieni qari jintemm meta l-Parlament japprova, jiċħad jew jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill fil-limitu ta' żmien u skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***	

Emenda 74

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 67a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 67a
	Votazzjoni fil-Parlament – it-tieni qari
	1. ***Il-Parlament għandu l-ewwel jivvota fuq kwalunkwe proposta għaċ-ċaħda immedjata tal-pożizzjoni tal-Kunsill li tkun tressqet bil-miktub mill-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru. Biex tiġi adottata, din il-proposta għandha tirrikjedi l-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.***
	Jekk din il-proposta għal ċaħda tiġi adottata, u tirriżulta f'ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġislattiva tkun magħluqa.
	Jekk il-proposta għaċ-ċaħda ma tiġix adottata, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 2 sa 5.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2. ***Kull ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 73d(4), għandu jingħata prijorità fil-votazzjoni u għandu jitressaq għal votazzjoni waħdanija, sakemm, fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mill-inqas 40 Membru, il-Parlament jiddeċiedi li jipproċedi immedjatament bil-votazzjoni dwar l-emendi bi qbil mal-paragrafu 3.***
	Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, il-President għandu jħabbar li t-tieni qari tal-Parlament ikun ġie konkluż.
	Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju ma jiksibx il-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 3 sa 5.
	3. ***Ħlief fejn proposta għal ċaħda tkun ġiet adottata skont il-paragrafu 1 jew fejn ftehim proviżorju jkun ġie adottat skont il-paragrafu 2, kwalunkwe emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill, inklużi dawk li jinsabu fil-ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 73d (4) għandhom imbagħad jitressqu għall-votazzjoni. Kwalunkwe emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi adottata biss jekk tikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.***
	Qabel il-votazzjoni fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill biex jagħmel il-kummenti tiegħu.
	4. ***Minkejja votazzjoni mill-Parlament kontra l-proposta inizjali għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill skont il-paragrafu 1, il-Parlament jista', fuq proposta tal-President jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn 40 Membru, jikkunsidra proposta oħra għaċ-ċaħda wara li jivvota fuq l-emendi skont il-paragrafi 2 jew 3. Biex tiġi adottata, din il-proposta għandha tirrikjedi l-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.***
	Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun miċħuda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġislattiva tkun magħluqa.
	5. ***Wara l-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 4 u kwalunkwe votazzjoni sussegwenti li jittieħdu dwar l-emendi għall-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva dwar talbiet proċedurali, il-President għandu jħabbar li t-tieni qari tal-Parlament ikun ġie konkluż u r-riżoluzzjoni leġislattiva għandha titqies li tkun ġiet adottata. Jekk ikun hemm bżonn, ir-riżoluzzjoni leġislattiva għandha tiġi modifikata, skont l-Artikolu 193(2), sabiex tirrifletti r-riżultat tal-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 4 jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 76.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	It-test tar-riżoluzzjoni leġislattiva u tal-pożizzjoni tal-Parlament, jekk ikun hemm, għandhom jintbagħtu mill-President lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
	Meta ma tkun tressqet l-ebda proposta sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni tal-Kunsill, din għandha titqies li ġiet approvata.

Emenda 75

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 68

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 68	***imħassar***
Ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill	
1. ***Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu, bil-miktub u qabel ma jiskadi ż-żmien stabbilit mill-President, iqiegħdu fuq il-Mejda proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill. Għall-adozzjoni ta' din il-proposta jkunu jinħtieġu l-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament. Il-votazzjoni fuq proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill għandha ssir qabel il-votazzjoni fuq kwalunkwe emendi.***	
2. ***Minkejja vot mill-Parlament kontra l-proposta inizjali għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Parlament jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tar-rapporteur, jikkunsidra proposta oħra għaċ-ċaħda wara li jsiru l-votazzjonijiet fuq l-emendi u wara li jisma' stqarrija mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 69(5).***	
3. ***Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun miċħuda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġislattiva tkun magħluqa.***	

Emenda 76

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 69

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 69	Artikolu 69
Emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill	***Ammissibilità tal-emendi*** għall-pożizzjoni tal-Kunsill
1. Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda emendi ***għall-posizzjoni*** tal-Kunsill biex jitqiesu fil-Parlament.	1. Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda emendi ***għall-pożizzjoni*** tal-Kunsill biex jitqiesu fil-Parlament.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill tkun ammissibbli biss jekk tkun skont l-Artikoli 169 u 170 u tkun tfittex li:	2. Emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill ***għandha*** tkun ammissibbli biss jekk tkun skont l-Artikoli 169 u 170 u tkun tfittex li:
(a) terġa' ġġib lura kompletament jew parzjalment il-pożizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu; jew	(a) terġa' ġġib lura kompletament jew parzjalment il-pożizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu; jew
(b) tilħaq kompromess bejn il-Kunsill u l-Parlament; jew	(b) tilħaq kompromess bejn il-Kunsill u l-Parlament; jew
(c) temenda parti mit-test ta' pożizzjoni tal-Kunsill li ma kenitx inkluża fil-proposta ppreżentata fl-ewwel qari jew li kienet differenti minnha fil-kontenut ***u li ma ssarfitx f'tibdil sostanzjali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 63***; jew	(c) temenda parti mit-test ta' pożizzjoni tal-Kunsill li ma kenitx inkluża fil-proposta ppreżentata fl-ewwel qari jew li kienet differenti minnha fil-kontenut; jew
(d) tqis fatt ġdid jew sitwazzjoni legali ġdida li seħħew minn meta ***sar l-ewwel*** qari.	(d) tqis fatt ġdid jew sitwazzjoni legali ġdida li seħħew minn meta ***saret l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel*** qari.
Id-diskrezzjoni tal-President li ***jiddikkjara*** emenda ammissibbli jew mhux ammissibbli ma tistax tiġi kkontestata.	Id-diskrezzjoni tal-President li ***jiddikjara*** emenda ammissibbli jew mhux ammissibbli ma tistax tiġi kkontestata.
3. Jekk ikunu saru elezzjonijiet ġodda minn mindu jkun sar l-ewwel qari, imma l-Artikolu 63 ma jkunx ġie invokat, il-President jista' jiddeċiedi li jneħħi r-restrizzjonijiet dwar ***l-ammissibilita*** stipulati fil-paragrafu 2.	3. Jekk ikunu saru elezzjonijiet ġodda minn mindu jkun sar l-ewwel qari, imma l-Artikolu 63 ma jkunx ġie invokat, il-President jista' jiddeċiedi li jneħħi r-restrizzjonijiet dwar ***l-ammissibilità*** stipulati fil-paragrafu 2.
4. ***Emenda għandha tiġi adottata biss jekk tikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament.***	
5. ***Qabel il-votazzjoni fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill biex jagħmel il-kummenti tiegħu.***	

Emenda 77

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 5 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 5	***TAQSIMA 4***
IT-TIELET QARI	***KONĊILJAZZJONI U T-TIELET*** QARI

Emenda 78

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 5 – sottotitolu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
Konċiljazzjoni	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 79

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 69b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 69b
	Estensjoni tal-limiti taż-żmien
	1. ***Il-President għandu, fuq talba tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-kumitat ta' konċiljazzjoni, jestendi l-iskadenzi għat-tielet qari skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***
	2. ***Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Kunsill.***

Emenda 80

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 71

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 71	Artikolu 71
Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni	Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni
1. Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandha tkun magħmula minn numru ta' membri illi jkun ugwali għan-numru ta' membri tad-delegazzjoni tal-Kunsill.	1. Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandha tkun magħmula minn numru ta' membri illi jkun ugwali għan-numru ta' membri tad-delegazzjoni tal-Kunsill.
2. Il-kompożizzjoni politika tad-delegazzjoni għandha tikkorrispondi mal-kompożizzjoni tal-Parlament ***skkond*** gruppi politiċi. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi n-numru eżatt ta' Membri minn kull grupp politiku.	2. Il-kompożizzjoni politika tad-delegazzjoni għandha tikkorrispondi mal-kompożizzjoni tal-Parlament skond gruppi politiċi. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi n-numru eżatt ta' Membri minn kull grupp politiku.
3. Il-membri tad-delegazzjoni għandhom jinħatru mill-gruppi politiċi għal kull każ ta' konċiljazzjoni, preferibilment minn fost il-membri ***tal-kumitati kkonċernati***, ħlief għal tliet membri li għandhom jinħatru bħala membri permanenti ta' delegazzjonijiet konsekuttivi għal perjodu ta' tnax-il xahar. It-tliet membri permanenti għandhom jinħatru mill-partiti politiċi minn fost il-Viċi Presidenti u għandhom ikunu ġejjin minn mhux inqas minn żewġ gruppi politiċi differenti. Il-president u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli f'kull każ ***partikolari*** għandhom ikunu membri tad-delegazzjoni.	3. Il-membri tad-delegazzjoni għandhom jinħatru mill-gruppi politiċi għal kull każ ta' konċiljazzjoni, preferibilment minn fost il-membri ***tal-kumitat responsabbli***, ħlief għal tliet membri li għandhom jinħatru bħala membri permanenti ta' delegazzjonijiet konsekuttivi għal perjodu ta' tnax-il xahar. It-tliet membri permanenti għandhom jinħatru mill-partiti politiċi minn fost il-Viċi Presidenti u għandhom ikunu ġejjin minn mhux inqas minn żewġ gruppi politiċi differenti. Il-President u r-rapporteur ***fit-tieni qari*** tal-kumitat responsabbli ***kif ukoll ir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat*** għandhom f'kull każ ikunu membri tad-delegazzjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Il-gruppi politiċi rappreżentati fid-delegazzjoni għandhom jaħtru sostituti.	4. Il-gruppi politiċi rappreżentati fid-delegazzjoni għandhom jaħtru sostituti.
5. Gruppi politiċi ***u Membri mhux affiljati*** li ma jkunux rappreżentati fid-delegazzjoni jistgħu jibagħtu rappreżentant kull wieħed għal kull laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni.	5. Gruppi politiċi li ma jkunux rappreżentati fid-delegazzjoni jistgħu jibagħtu rappreżentant kull wieħed għal kull laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni. ***Jekk id-delega ma tinkludi l-ebda Membru mhux affiljat, Membru mhux affiljat wieħed jista' jattendi kwalunkwe laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni.***
6. Id-delegazzjoni għandha titmexxa mill-President jew minn wieħed mit-tliet membri permanenti.	6. Id-delegazzjoni għandha titmexxa mill-President jew minn wieħed mit-tliet membri permanenti.
7. Id-delegazzjoni għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tagħha. Id-deliberazzjonijiet tagħha m'għandhomx ikunu pubbliċi.	7. Id-delegazzjoni għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tagħha. Id-deliberazzjonijiet tagħha m'għandhomx ikunu pubbliċi.
Il-konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi linji gwida proċedurali oħra għall-ħidma tad-delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.	Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi linji gwida proċedurali oħra għall-ħidma tad-delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.
8. Ir-riżultati tal-konċiljazzjoni għandhom jingħataw lill-Parlament mid-delegazzjoni.	8. Ir-riżultati tal-konċiljazzjoni għandhom jingħataw lill-Parlament mid-delegazzjoni.

Emenda 81

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 5 – sottotitolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Stadju tas-seduta plenarja	***imħassar***

Emenda 82

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 72

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 72	Artikolu 72
Test konġunt	Test konġunt
1. Meta jintlaħaq ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-kwistjoni għandha titqiegħed fl-aġenda ta' seduta tal-Parlament li għandha ssir fi żmien sitt ġimgħat jew, jekk ikun hemm estensjoni, fi żmien tmien ġimgħat mid-data ***ta' l-approvazzjoni*** tat-test konġunt mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.	1. Meta jintlaħaq ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-kwistjoni għandha titqiegħed fl-aġenda ta' seduta tal-Parlament li għandha ssir fi żmien sitt ġimgħat jew, jekk ikun hemm estensjoni, fi żmien tmien ġimgħat mid-data ***tal-approvazzjoni*** tat-test konġunt mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-president jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jagħmel stqarrija dwar it-test konġunt, u din ***għandha*** jkollha anness magħha rapport.	2. Il-President jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jagħmel stqarrija dwar it-test konġunt, u din ***għandu*** jkollha anness magħha rapport.
3. Ma' tista' titressaq l-ebda emenda għat-test konġunt.	3. Ma' tista' titressaq l-ebda emenda għat-test konġunt.
4. Għandha tittieħed votazzjoni ***waħdanija*** fuq it-test konġunt sħiħ. It-test konġunt għandu jkun approvat jekk iġib il-maġġoranza tal-voti mitfugħa.	4. Għandha tittieħed votazzjoni ***waħdanija*** fuq it-test konġunt sħiħ. It-test konġunt għandu jkun approvat jekk iġib il-maġġoranza tal-voti mitfugħa.
5. Meta ma jintlaħaq ebda ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, ***il-president*** jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jagħmlu stqarrija. Din l-istqarrija għandha tiġi segwita b'dibattitu.	5. Meta ma jintlaħaq ebda ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, ***il-President*** jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jagħmlu stqarrija. Din l-istqarrija għandha tiġi segwita b'dibattitu.
	5a. Waqt il-proċedura ta' konċiljazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill li tiġi wara t-tieni qari, ma jistax ikun hemm referenza lura lill-kumitat.
	5b. L-Artikoli 49, 50 u 53 m'għandhomx japplikaw waqt it-tielet qari.

Emenda 83

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 6 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 6	***TAQSIMA 5***
GĦELUQ TAL-PROĊEDURA ***LEĠISLATTIVA***	GĦELUQ TAL-PROĊEDURA

Emenda 84

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 3 – taqsima 3 (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	TAQSIMA 3
	NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI MATUL IL-PROĊEDURA LEĠISLATTIVA ORDINARJA
	(Taqsima 3 għandha tiddaħħal qabel it-Taqsima 4 dwar il-Konċiljazzjoni u t-tielet qari u għandu jkun fiha l-Artikolu 73, kif emendat, u l-Artikolu 73a sa 73d).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 85

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 73

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 73	Artikolu 73
Negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġislattivi	***Dispożizzjonijiet Ġenerali***
1. Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li tintlaħaq ftehima waqt proċedura leġislattiva għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta' Mġiba stipulat mill-Konferenza tal-Presidenti ([10]).	Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li tintlaħaq ftehima waqt proċedura leġislattiva ***jistgħu jitwettqu biss wara deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 73a sa 73c, jew wara riferiment lura lill-Parlament għal negozjati interistituzzjonali. Tali negozjati*** għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta' Mġiba stipulat mill-Konferenza tal-Presidenti ([10]).
2. ***Tali negozjati m'għandhomx jinbdew qabel l-adozzjoni mill-kumitat responsabbli, fuq bażi ta' każ b'każ għal kull proċedura leġislattiva kkonċernata u, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati. Dik id-deċiżjoni għandha tiddetermina l-mandat u l-kompożizzjoni tat-tim tan-negozjati. Tali deċiżjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-President, li għandu jżomm il-Konferenza tal-Presidenti infurmata fuq bażi regolari.***	
Il-mandat għandu jikkonsisti f'rapport adottat fil-kumitat u mqiegħed fuq il-Mejda għal eżami ulterjuri mill-Parlament. Bħala eċċezzjoni, meta l-kumitat responsabbli jqis li jkun debitament ġustifikat li wieħed jidħol f'negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat, il-mandat jista' jikkonsisti f'sett ta' emendi jew f'sett ta' objettivi, prijoritajiet jew orjentazzjonijiet definiti b'mod ċar.	
3. ***It-tim tan-negozjati għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu jiġi ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President. Għandu jinkludi għall-inqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku.***	
4. ***Kwalunkwe dokument maħsub biex jiġi diskuss f'laqgħa mal-Kunsill u l-Kummissjoni ("trilogu") għandu jieħu l-forma ta' dokument li jindika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-istituzzjonijiet involuti u s-soluzzjonijiet ta' kompromess possibbli u għandu jiġi ċċirkolat mat-tim tan-negozjati għall-inqas 48 siegħa, jew f'każijiet ta' urġenza għall-inqas 24 siegħa, qabel it-trilogu inkwistjoni.***	
Wara kull trilogu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lil-laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli. Id-dokumenti li jirriflettu l-eżitu tal-aħħar trilogu għandhom ikunu disponibbli għall-kumitat.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta ma jkunx fattibbli li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat b'mod f'waqtu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lill-President, lix-shadow rapporteurs u lill-koordinaturi tal-kumitat, kif xieraq.	
Il-kumitat responsabbli jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.	
5. ***Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess, il-kumitat responsabbli għandu jkun infurmat mingħajr dewmien. It-test miftiehem għandu jiġi ppreżentat lill-kumitat responsabbli biex jeżaminah. Jekk jiġi approvat fil-kumitat, it-test miftiehem għandu jitqiegħed fuq il-Mejda sabiex jiġi eżaminat mill-Parlament fil-forma xierqa, inkluži l-emendi ta' kompromess. Jista' jiġi ppreżentat bħala test konsolidat sakemm ikun juri b'mod ċar il-modifiki għall-proposta għal att leġislattiv li tkun qed tiġi eżaminata.***	
6. ***Meta l-proċedura tinvolvi kumitat jew kumitati assoċjati jew laqgħat konġunti tal-kumitati, l-Artikoli 54 u 55 għandhom japplikaw għad-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati u għall-mod kif jitmexxew dawn in-negozjati.***	
F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati, il-modalitajiet għall-ftuħ tan-negozjati u għat-tmexxija ta' tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dawk l-Artikoli.	
([10]) ***Ara l-Anness XX.***	([10]) ***Kodiċi ta' Mġiba għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja.***

Emenda 86

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 73a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 73a
	Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Parlament
	1. ***Meta l-kumitat ikun adotta rapport leġislattiv skont l-Artikolu 49, huwa jista' jiddeċiedi, permezz tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, li jidħol f'negozjati abbażi ta' dak ir-rapport.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2. ***Id-deċiżjonijiet biex jibdew negozjati għandhom jitħabbru fil-bidu tas-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. Sa tmiem il-jum ta' wara t-tħabbira fil-Parlament, gruppi politiċi jew membri individwali, li flimkien jammontaw għal mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri tal-Parlament, jistgħu jitolbu bil-miktub li deċiżjoni ta' kumitat li tkun se tidħol f'negozjati titqiegħed għall-votazzjoni. Il-Parlament għandu jivvota fuq dawn it-talbiet matul l-istess sessjoni parzjali.***
	Jekk ma ssir l-ebda talba sad-data tal-iskadenza stipulata fis-subparagrafu 1, il-President għandu jinforma lill-Parlament li dan huwa l-każ. Jekk issir talba, il-President jista', immedjatament qabel il-votazzjoni, jagħti d-dritt tal-kelma lil kelliem wieħed favur u kelliem wieħed kontra. Kull kelliem jista' jagħmel diskors ta' mhux aktar minn żewġ minuti.
	3. ***Jekk il-Parlament jirrifjuta d-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati, l-abbozz ta' att leġislattiv u r-rapport tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara, u l-President għandu jistabbilixxi skadenza għat-tressiq ta' emendi. L-Artikolu 59(1b) għandu japplika.***
	4. ***In-negozjati jistgħu jibdew fi kwalunkwe ħin wara li tkun skadiet l-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 mingħajr talba għal votazzjoni fil-Parlament dwar id-deċiżjoni meħuda għal dħul f'negozjati. Jekk din it-talba tkun saret, in-negozjati jistgħu jibdew fi kwalunkwe żmien wara li d-deċiżjoni tal-kumitat biex jidħol f'negozjati tkun ġiet approvata fil-Parlament.***

Emenda 87

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 73b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 73b
	Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Kunsill
	Fejn il-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, din għandha tikkostitwixxi l-mandat għal kwalunkwe negozjati ma' istituzzjonijiet oħra. Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, li jidħol f'negozjati fi kwalunkwe ħin wara dan. Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jitħabbru fil-Parlament matul is-sessjoni parzjali wara l-votazzjoni fil-kumitat u referenza għalihom għandha tiġi inkluża fil-minuti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 88

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 73c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 73c
	Negozjati qabel it-tieni qari tal-Parlament
	Meta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tkun ġiet riferuta lill-kumitat responsabbli, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari għandha, soġġetta għall-Artikolu 69, tikkostitwixxi l-mandat għal kwalunkwe negozjati ma' istituzzjonijiet oħrajn; Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jidħol f'negozjati fi kwalunkwe ħin sussegwenti.
	Meta l-pożizzjoni tal-Kunsill tkun tinkludi elementi li ma jkunux koperti mill-abbozz tal-att leġislattiv jew mill-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, il-kumitat jista' jadotta linji gwida, inkluż fil-forma ta' emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, għat-tim tan-negozjati.

Emenda 305

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 73d (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 73d
	Tmexxija tan-negozjati
	1. ***It-tim tan-negozjati tal-Parlament għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu jiġi ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President. Għandu jinkludi għall-inqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku li jixtieq jipparteċipa.***
	2. ***Kull dokument maħsub għad-diskussjoni f'laqgħa mal-Kunsill u mal-Kummissjoni ("trilogu") għandu jitqassam mat-tim tan-negozjati tal-anqas 48 siegħa qabel jew, f'każijiet ta' urġenza, tal-anqas 24 siegħa qabel dak it-trilogu.***
	3. ***Wara kull trilogu, il-President tat-tim tan-negozjati u r-Rapporteur, f'isem it-tim tan-negozjati, għandhom jirrapportaw lura għal-laqgħa li jmiss tal-kumitat responsabbli.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Meta ma jkunx fattibbli li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat b'mod f'waqtu, il-President tat-tim tan-negozjati u r-Rapporteur, f'isem it-tim tan-negozjati, għandhom jirrapportaw lura għal laqgħa tal-koordinaturi tal-kumitati.
	4. ***Jekk in-negozjati jwasslu għal ftehim proviżorju, il-kumitat responsabbli għandu jkun infurmat mingħajr dewmien. Id-dokumenti li jirriflettu l-eżitu tat-trilogu konklużiv għandhom ikunu disponibbli għall-kumitat u għandhom jiġu ppubblikati. Il-ftehim proviżorju għandu jitressaq lill-kumitat responsabbli, li għandu jiddeċiedi permezz ta' votazzjoni unika b'maġġoranza tal-voti mitfugħin. Jekk jiġi approvat, għandu jitressaq għall-eżami mill-Parlament, fi preżentazzjoni li turi b'mod ċar il-modifiki li jkunu saru fl-abbozz ta' att leġislattiv.***
	5. ***F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati skont l-Artikoli 54 u 55, ir-regoli ddettaljati għall-ftuħ tan-negozjati u għat-tmexxija ta' tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dawk l-Artikoli.***

Emenda 90

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 74

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 74	***imħassar***
Approvazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' negozjati interistituzzjonali qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat	
1. ***Kwalunkwe deċiżjoni minn kumitat dwar il-ftuħ tan-negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat għandha tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha, għandha titqassam lill-Membri kollha tal-Parlament u għandha tiġi ppreżentata lill-Konferenza tal-Presidenti.***	
Fuq talba ta' grupp politiku, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li tinkludi l-punt, biex jiġi eżaminat b'dibattitu u votazzjoni, fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara t-tqassim tad-deċiżjoni, f'liema każ il-Parlament għandu jistabbilixxi skadenza għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.	
Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti biex il-punt jiġi inkluż fl-abbozz tal-aġenda ta' dik is-sessjoni parzjali, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titħabbar mill-President waqt il-ftuħ ta' dik is-sessjoni parzjali.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Il-punt għandu jiġi inkluż fl-abbozz ta' aġenda għas-sessjoni parzjali ta' wara t-tħabbir tad-deċiżjoni għal eżami b'dibattitu u votazzjoni, u l-President għandu jistabbilixxi skadenza għat-tressiq ta' emendi meta grupp politiku jew għall-inqas 40 Membru jitolbu dan fi żmien 48 siegħa wara t-tħabbir tad-deċiżjoni.* ***Inkella, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titqies approvata.***	

Emenda 91

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 75

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***75***	Artikolu ***63a***
Ftehim fl-ewwel qari	Ftehim fl-ewwel qari
Meta, ***skond*** l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ikun għarraf lill-Parlament li jkun approva l-pożizzjoni tal-Parlament, il-President, wara l-finalizzazzjoni skont l-Artikolu 193, għandu jħabbar fil-Parlament li ***l-proposta tkun ġiet adottata*** bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament.	Meta, ***skont*** l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ikun għarraf lill-Parlament li jkun approva l-pożizzjoni tal-Parlament, il-President, wara l-finalizzazzjoni skont l-Artikolu 193, għandu jħabbar fil-Parlament li ***l-att leġislattiv ikun ġie adottat*** bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament. *(Dan l-Artikolu għandu jitmexxa lejn tmiem it-Taqsima 1 dwar l-ewwel qari.)*

Emenda 92

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 76

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***76***	Artikolu ***69a***
Ftehim fit-tieni qari.	Ftehim fit-tieni qari.
Meta ebda ***mozzjoni*** għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, u ebda ***emendi*** għal dik il-pożizzjoni ma ***jiġu adottati skond l-Artikolu 68*** u 69 fiż-żmien stabbilit għat-tqegħid fuq il-Mejda u t-teħid ta' vot fuq l-emendi jew fuq proposti għaċ-ċaħda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-att propost ġie adottat b'mod aħħari. ***Huwa għandu, flimkien mal-President tal-Kunsill, jiffirma l-att propost u jagħmel arranġamenti għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, skond l-Artikolu 78.***	Meta ebda ***proposta*** għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, u ebda ***emenda*** għal dik il-pożizzjoni ma ***jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda skont l-Artikoli 67a*** u 69 fiż-żmien stabbilit għat-tqegħid fuq il-Mejda u t-teħid ta' vot fuq l-emendi jew fuq proposti għaċ-ċaħda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-att propost ġie adottat b'mod aħħari.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(Dan l-Artikolu għandu jitmexxa lejn tmiem it-Taqsima 2 waqt it-tieni qari.)

Emenda 93

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 77

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 77	***imħassar***
Rekwiżiti għat-tfassil ta' atti leġislattivi	
1. ***Atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament u l-Kunsill skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom juru x-xorta ta' l-att rilevanti u jkunu segwiti min-numru tas-serje, mid-data ta' adozzjoni u b'turija ta' xi jkun is-suġġett.***	
2. ***atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament u l-Kunsill għandhom jinkludu dan li ġej:***	
(a) ***'Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea';***	
(b) ***referenza għad-disposizzjonijiet li taħthom l-att ikun ġie adottat, preċeduta mill-kelmiet 'Wara li kkunsidraw';***	
(c) ***ċitazzjoni li jkun fiha referenza għall-proposti ppreżentati, opinjonijiet miksuba u konsultazzjonijiet imwettqa;***	
(d) ***stqarrija tal-ġustifikazzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat l-att, introdotta bil-kelma 'billi';***	
(e) ***fraži bħal 'adottaw dan ir-Regolament' jew 'adottaw din id-Direttiva' jew 'adottaw din id-Deċiżjoni' jew 'iddeċidew kif ġej', segwita mit-test ta' l-att.***	
3. ***L-atti għandhom ikunu maqsumin f'artikoli, u jekk ikun il-każ miġbura f'kapitoli u f'taqsimiet.***	
4. ***L-aħħar artikolu ta' att għandu jispeċifika id-data tad-dħul fis-seħħ, meta dik id-data tkun taħbat qabel jew wara l-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni.***	
5. ***L-aħħar artikol u tal-att għandu jkun segwit minn:***	
formulazzjoni xierqa, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, fir-rigward tal-applikabilità tiegħu;	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
'Magħmul …', segwita mid-data li fiha l-att ġie adottat;	
'Għall-Parlament Ewropew il-President', 'Għall-Kunsill il-President', segwiti mill-isem tal-President tal-Parlament u tal-President tal-Kunsill li jkun fil-kariga meta l-att ikun adottat.	

Emenda 94

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 78	Artikolu 78
Iffirmar ta' atti adottati	Iffirmar ***u pubblikazzjoni*** ta' atti adottati
Wara li t-test adottat skont l-Artikolu 193 jkun ġie ffinalizzat u ladarba jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha jkunu ntemmew kif jixraq, l-atti adottati skont il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom jiġu ffirmati mill-President u s-Segretarju Ġenerali ***u għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***mis-Segretarji Ġenerali tal-Parlament u tal-Kunsill***.	Wara li t-test adottat skont l-Artikolu 193 ***u l-Anness XVIa*** jkun ġie ffinalizzat u ladarba jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha jkunu ntemmew kif jixraq, l-atti adottati skont il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom jiġu ffirmati mill-President u s-Segretarju Ġenerali.
	Is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament u tal-Kunsill imbagħad għandhom jagħmlu l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tal-att f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 95

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 4 (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	KAPITOLU 4
	DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROĊEDURA TA' KONSULTAZZJONI
	(Dan għandu jiġi introdott wara l-Artikolu 78)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 96

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 78a
	Proposta modifikata għal att legalment vinkolanti
	Jekk il-Kummissjoni biħsiebha tibdel jew timmodifika l-proposta tagħha għal att legalment vinkolanti, il-kumitat responsabbli jista' jipposponi l-eżami tiegħu tal-każ sakemm jirċievi l-proposta l-ġdida jew l-emendi tal-Kummissjoni.

Emenda 97

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 78b
	Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi
	Qabel ma jgħaddi għall-votazzjoni finali dwar proposta għal att legalment vinkolanti, il-kumitat responsabbli jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi kollha għall-proposta adottati mill-kumitat.
	Jekk ikun il-każ, dik il-pożizzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport.

Emenda 98

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 78c
	Votazzjoni fil-Parlament
	L-Artikolu 59 (-1), (1), (1b) u (1c) għandhom japplikaw mutatis mutandis.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 99

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78d (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 78d
	Segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament
	1. ***Fiż-żmien li jiġi wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar abbozz ta' att legalment vinkolanti, il-president u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli għandhom isegwu l-progress ta' dak l-abbozz ta' att fil-kors tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni tagħha mill-Kunsill, b'mod partikolari sabiex jiżguraw li kwalunkwe impenn meħud mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni lejn il-Parlament fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu jkun osservat kif jixraq. Huma għandhom jirrappurtaw lura lill-kumitat regolarment.***
	2. ***Il-kumitat responsabbli jista' jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiddiskuti l-kwistjoni magħhom.***
	3. ***F'kull stadju tal-proċedura ta' segwitu il-kumitat responsabbli jista', jekk iqis li jkun meħtieġ, iqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li tirrakkomanda li l-Parlament:***
	— ***jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirtira l-proposta tagħha,***
	— ***jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill biex jirreferu l-kwistjoni mill-ġdid lill-Parlament skont l-Artikolu 78e, jew jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ġdida, jew***
	— ***jiddeċiedi li jieħu kull azzjoni oħra li jqis li tkun xierqa.***
	Din il-mozzjoni għandha titqiegħed fl-abbozz tal-aġenda tassessjoni parzjali li ssehħ wara l-adozzjoni tal-mozzjoni mill-kumitat.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 100

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 78e (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 78e
	Riferiment mill-ġdid lill-Parlament
	1. ***Fuq talba tal-kumitat responsabbli, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament fl-istess ċirkustanzi u bl-istess kundizzjonijiet stipulati fil-Artikolu 63(1), kif ukoll meta l-Kunsill jemenda jew ikollu l-ħsieb li jemenda b'mod sostanzjali l-abbozz ta' att legalment vinkolanti li dwaru l-Parlament kien oriġinarjament ta l-pożizzjoni tiegħu, ħlief meta dan isir sabiex jiddaħħlu l-emendi tal-Parlament.***
	2. ***Il-President għandu wkoll jitlob li abbozz ta' att legalment vinkolanti jerġa' jitressaq quddiem il-Parlament fiċ-ċirkustanzi stabbiliti f'dan l-Artikolu meta l-Parlament jiddeċiedi hekk dwar proposta minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn 40 Membru.***

Emenda 101

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 7 – enumerazzjoni

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU ***7***	KAPITOLU ***5***
AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI	AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

Emenda 102

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 81

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 81	Artikolu 81
Trattati ta' adeżjoni	Trattati ta' adeżjoni
1. Kull applikazzjoni minn xi Stat Ewropew sabiex isir membru tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ***referuta*** lill-kumitat responsabbli biex tkun meqjusa.	1. Kull applikazzjoni minn xi Stat Ewropew sabiex isir membru tal-Unjoni Ewropea ***bi qbil mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea*** għandha tiġi ***riferuta*** lill-kumitat responsabbli biex tkun meqjusa.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi, fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' xi grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, li jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu sehem f'dibattitu qabel ma jibdew in-negozjati ***ma' l-Istat*** applikant.	2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi, fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' xi grupp politiku jew ta' mhux inqas minn ***40*** Membru, li jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu sehem f'dibattitu qabel ma jibdew in-negozjati ***mal-Istat*** applikant.
3. ***Matul in-negozjati l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jgħarrfu lill-kumitat responsabbli regolarment*** u ***bis-sħiħ*** dwar il-progress ***fin-negozjati*** u, jekk ikun meħtieġ, dan it-taġhrif għandu jingħata b'mod kunfidenzjali.	3. ***Il-kumitat responsabbli għandu jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipprovduh b'informazzjoni sħiħa*** u ***regolari*** dwar il-progress ***tan-negozjati*** u, jekk ikun meħtieġ, dan it-taġhrif għandu jingħata b'mod kunfidenzjali.
4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, l-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel jiġi konkluż xi trattat għall-adeżjoni ta' Stat applikant fl-Unjoni Ewropea.	4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, l-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel jiġi konkluż xi trattat għall-adeżjoni ta' Stat applikant fl-Unjoni Ewropea.
5. Meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 99.	5. Meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 99. ***Bi qbil mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-approvazzjoni tal-Parlament għandha tirrikjedi l-voti ta' maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti minnu.***

Emenda 103

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 83

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 83	Artikolu 83
Ksur ta' prinċipji ***findamentali*** minn Stat Membru	Ksur ta' prinċipji ***u valuri fundamentali*** minn Stat Membru
1. Il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport speċifiku tal-kumitat responsabbli mfassal skont l-Artikoli 45 u 52:	1. Il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport speċifiku tal-kumitat responsabbli mfassal skont l-Artikoli 45 u 52:
(a) jivvota fuq proposta motivata li titlob lill-Kunsill biex jaġixxi ***skond*** l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;	(a) jivvota fuq proposta motivata li titlob lill-Kunsill biex jaġixxi ***skond*** l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
(b) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri sabiex iressqu proposta ***skond*** l-Artikolu 7(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;	(b) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri sabiex iressqu proposta ***skond*** l-Artikolu 7(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
(c) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kunsill sabiex jaġixxi ***skond*** l-Artikolu 7(3) jew, sussegwentement, ***skond*** l-Artikolu 7(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	(c) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kunsill sabiex jaġixxi ***skond*** l-Artikolu 7(3) jew, sussegwentement, ***skond*** l-Artikolu 7(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Kull talba mill-Kunsill għal approvazzjoni ta' proposta ppreżentata skont l-Artikolu 7(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat għandhom jitħabbru lill-Parlament u jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 99. Ħlief fil-każ ta' ċirkustanzi urġenti u ġustifikati, il-Parlament għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fuq proposta mill-Kumitat responsabbli.	2. Kull talba mill-Kunsill għal approvazzjoni ta' proposta ppreżentata skont l-Artikolu 7(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat għandhom jitħabbru lill-Parlament u jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 99. Ħlief fil-każ ta' ċirkustanzi urġenti u ġustifikati, il-Parlament għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fuq proposta mill-Kumitat responsabbli.
3. ***Deċiżjonijiet*** skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, li tkun tikkostitwixxi l-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament.	3. ***Bi qbil mal-Artikolu 354 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, deċiżjonijiet*** skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, li tkun tikkostitwixxi l-maġġoranza tal-Membri li ***jagħmlu parti mill-Parlament***.
4. Il-kumitat responsabbli jista' jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni, bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza ta' Presidenti. Dik il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha turi l-fehmiet tal-Parlament dwar xi ksur serju minn xi Stat Membru, dwar ***is-sanzjonijiet*** xierqa u dwar kif dawk ***is-sanzjonijiet*** jiġu mibdula jew revokati.	4. Il-kumitat responsabbli jista' jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni, bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza ta' Presidenti. Dik il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha turi l-fehmiet tal-Parlament dwar xi ksur serju minn xi Stat Membru, dwar ***il-miżuri*** xierqa ***li għandhom jittieħdu*** u dwar kif dawk ***il-miżuri*** jiġu mibdula jew revokati.
5. Il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-Parlament ikun infurmat b'mod sħiħ u, fejn ikun meħtieġ, ***li*** jintalab jagħti l-fehmiet tiegħu dwar il-miżuri li jsegwu l-approvazzjoni tiegħu mogħtija skont il-paragrafu 3. Il-Kunsill għandu jkun mistieden sabiex jispjega l-iżviluppi skont kif ikun xieraq. Fuq proposta mill-kumitat responsabbli, ***mħejjija*** bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.	5. Il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-Parlament ikun infurmat b'mod sħiħ u, fejn ikun meħtieġ, jintalab jagħti l-fehmiet tiegħu dwar il-miżuri li jsegwu l-approvazzjoni tiegħu mogħtija skont il-paragrafu 3. Il-Kunsill għandu jkun mistieden sabiex jispjega l-iżviluppi skont kif ikun xieraq. Fuq proposta mill-kumitat responsabbli, ***i***mħejjija bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

Emenda 104

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 84

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 84	Artikolu 84
Kompożizzjoni tal-Parlament	Kompożizzjoni tal-Parlament
F'ħin xieraq qabel it-tmiem ta' leġislatura, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport imfassal mill-kumitat responsabbli tiegħu skont l-Artikolu 45, jagħmel proposta biex tinbidel il-kompożizzjoni tiegħu. L-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament għandu jkun eżaminat skont l-Artikolu 99.	F'ħin xieraq qabel it-tmiem ta' leġislatura, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport imfassal mill-kumitat responsabbli tiegħu skont l-Artikolu ***14(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu*** 45 ***u l-Artikolu 52***, jagħmel proposta biex tinbidel il-kompożizzjoni tiegħu. L-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament għandu jkun eżaminat skont l-Artikolu 99.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 105

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 85

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 85	Artikolu 85
Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri	Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri
1. Talbiet għall-introduzzjoni ta' koperazzjoni msaħħa bejn Stati Membri skont l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandhom jitressqu mill-President quddiem il-Kumitat responsabbli biex jitqiesu. ***L-Artikoli 39, 41, 43, 47, 57 sa 63 u*** 99 ***għandhom japplikaw kif jixraq***.	1. Talbiet għall-introduzzjoni ta' koperazzjoni msaħħa bejn Stati Membri skont l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandhom jitressqu mill-President quddiem il-Kumitat responsabbli biex jitqiesu. ***Għandu japplika l-Artikolu*** 99.
2. Il-kumitat responsabbli għandu jivverifika l-konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	2. Il-kumitat responsabbli għandu jivverifika l-konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
3. Atti sussegwenti proposti taħt reġim ta' koperazzjoni msaħħa, malli dan ikun stabbilit, għandhom ikunu trattati mill-Parlament ***skond*** l-istess proċeduri bħal meta l-koperazzjoni msaħħa ma tkunx tapplika. Għandu japplika l-Artikolu 47.	3. Atti sussegwenti proposti taħt reġim ta' koperazzjoni msaħħa, malli dan ikun stabbilit, għandhom ikunu trattati mill-Parlament skond l-istess proċeduri bħal meta l-koperazzjoni msaħħa ma tkunx tapplika. Għandu japplika l-Artikolu 47.

Emenda 106

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 8 – enumerazzjoni

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU ***8***	KAPITOLU ***6***
PROĊEDURI TAL-BAĠIT	PROĊEDURI TAL-BAĠIT

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 107

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 86

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 86	Artikolu 86
Il-Qafas finanzjarju ***plurijennali***	Il-Qafas finanzjarju ***pluriennali***
Fejn il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament għall-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju ***plurijennali***, il-kwistjoni għandha tkun ***riferuta lill-kumitat responsabbli*** skont ***il-proċedura stipulata fl-Artikolu 99.*** L-approvazzjoni tal-Parlament għandha tkun teħtieġ il-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.	Fejn il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament għall-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju ***pluriennali***, il-kwistjoni għandha tkun ***trattata skont l-Artikolu 99.*** Skont ***l-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** l-approvazzjoni tal-Parlament għandha tkun teħtieġ il-voti tal-maġġoranza tal-Membri ***li jagħmlu parti minnu***.

Emenda 108

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 86a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 86a
	Proċedura baġitarja annwali
	Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport li jitqies xieraq rigward il-baġit, wara li jkun ikkunsidra l-Anness għall-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1a])***.***
	Kull kumitat jista' jagħti opinjoni fiż-żmien stipulat mill-kumitat responsabbli.
	([1a]) ***ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.***

Emenda 109

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 87

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 87	***imħassar***
Dokumenti ta' ħidma	
1. ***Id-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għall-Membri:***	
(a) ***l-abbozz tal-baġit ippreżentat mill-Kummissjoni;***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) ***ġabra fil-qosor mill-Kunsill tad-deliberazzjonijiet tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit;***	
(c) ***il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit imfassal skont l-Artikolu 314(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;***	
(d) ***kull abbozz ta' deċiżjoni dwar il-qsim proviżorju fi tnax-il parti skont l-Artikolu 315 tat-Trattat dwar l-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***	
2. ***Dawk id-dokumenti għandhom ikunu rreferuti lill-kumitat responsabbli. Kull kumitat ikkonċernat jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.***	
3. ***Jekk kumitati oħra jkunu jixtiequ jagħtu opinjoni, il-President għandu jistabbilixxi żmien sa meta dawn l-opinjonijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-kumitat responsabbli.***	

Emenda 110

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 88

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 88	Artikolu 88
Kunsiderazzjoni tal-abbozz tal-baġit – l-ewwel fażi	***Pożizzjoni tal-Parlament dwar l-abbozz tal-baġit***
1. ***Bla ħsara għall-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt, kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda u jitkellem favur abbozzi ta' emendi għall-abbozz tal-baġit.***	1. ***Emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit jistgħu jitressqu fil-kumitat responsabbli minn Membri individwali.***
	Emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill jistgħu jitressqu fil-Parlament minn mill-inqas 40 Membru jew f'isem kumitat jew grupp politiku.
2. ***L-abbozzi ta' emendi*** għandhom ***ikunu ammissibbli biss jekk*** jiġu ***ppreżentati*** bil-miktub, ***ikunu ffirmati minn mhux inqas minn erbgħin Membru jew jitqiegħdu fuq il-Mejda f'isem grupp politiku jew kumitat, ikunu jindikaw it-titolu tal-baġit li għalih jirreferu u jkunu jiżguraw li jinżamm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq. L-abbozzi ta' emendi*** għandhom jinkludu ***t-tgħrif rilevanti kollu dwar ir-rimarki li għandhom jitniżżlu ħdejn it-titolu tal-baġit ikkonċernat.***	2. ***L-emendi*** għandhom ***jitressqu u*** jiġu ***ġġustifikati*** bil-miktub, għandhom jinkludu ***l-firma tal-awturi tagħhom u jispeċifikaw il-linja baġitarja li jirreferu għaliha.***
L-abbozzi ta' emendi kollha għall-abbozz tal-baġit għandhom ikunu ġustifikati bil-miktub.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Il-President għandu jiffissa l-limitu ta' żmien għat-tqegħid fuq il-Mejda ta' abbozzi ta' emendi.	3. Il-President għandu jiffissa l-limitu ta' żmien għat-tqegħid fuq il-Mejda ta' abbozzi ta' emendi.
4. Il-kumitat responsabbli għandu ***jagħti l-opinjoni tiegħu*** dwar ***it-testi ppreżentati*** qabel ma jiġu diskussi fil-Parlament.	4. Il-kumitat responsabbli għandu ***jivvota*** dwar ***l-emendi*** qabel ma jiġu diskussi fil-Parlament.
M'għandux jittieħed vot ***fil-Parlament*** fuq ***abbozzi ta' emendi*** li jiġu miċħuda mill-kumitat responsabbli ***ħlief*** jekk issir talba bil-miktub għal dan minn kumitat jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, qabel ma jiskadi ż-żmien iffissat mill-President; din l-iskadenza m'għandha fl-ebda każ tkun ta' anqas minn 24 siegħa qabel ma tibda l-votazzjoni.	***4a. Jista'*** jittieħed vot fuq ***emendi li jitressqu fil-Parlament*** li jiġu miċħuda mill-kumitat responsabbli ***unikament*** jekk issir talba bil-miktub għal dan minn kumitat jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru, qabel ma jiskadi ż-żmien iffissat mill-President; din l-iskadenza m'għandha fl-ebda każ tkun ta' anqas minn 24 siegħa qabel ma tibda l-votazzjoni.
5. ***L-abbozzi ta' emendi*** għall-estimi tal-Parlament li jkunu simili għal dawk li jkunu diġà ġew miċħuda mill-Parlament fiż-żmien meta tfasslu l-estimi għandhom jiġu diskussi biss fil-każ fejn il-kumitat responsabbli ikun ta opinjoni favorevoli.	5. ***L-emendi*** għall-estimi tal-Parlament li jkunu simili għal dawk li jkunu diġà ġew miċħuda mill-Parlament fiż-żmien meta tfasslu l-estimi għandhom jiġu diskussi biss fil-każ fejn il-kumitat responsabbli ikun ta opinjoni favorevoli.
6. ***Minkejja l-Artikolu 59(2), il-Parlament*** għandu jieħu votazzjonijiet ***separati u*** suċċessivi fuq:	6. ***Il-Parlament*** għandu jieħu votazzjonijiet suċċessivi fuq:
— ***kull abbozz ta' emenda***,	— ***l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit, skont it-taqsima***,
— ***kull taqsima tal-abbozz tal-baġit,***	
— ***mozzjoni*** għal riżoluzzjoni dwar l-abbozz tal-baġit.	— ***mozzjoni*** għal riżoluzzjoni dwar l-abbozz tal-baġit.
Madankollu, ***għandu japplika*** l-Artikolu 174(4) sa (8).	Madankollu, ***għandhom japplikaw*** l-Artikolu 174(4) sa (8***a***).
7. L-artikoli, il-kapitoli, it-titoli u t-taqsimiet tal-abbozz tal-baġit li dwarhom ma ***tqiegħdu*** fuq il-Mejda l-ebda ***abbozzi ta' emendi*** għandhom jitqiesu bħala li ġew adottati.	7. L-artikoli, il-kapitoli, it-titoli u t-taqsimiet tal-abbozz tal-baġit li dwarhom ma ***tqiegħdet*** fuq il-Mejda l-ebda ***emenda*** għandhom jitqiesu bħala li ġew adottati.
8. ***Sabiex*** jiġu adottati, ***l-abbozzi ta' emendi*** għandhom jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri kollha tal-Parlament.	8. ***Skont l-Artikolu 314(4)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex*** jiġu adottati, ***l-emendi*** għandhom jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri ***li jagħmlu parti mill-***Parlament.
9. Jekk il-Parlament ikun emenda ***l-abbozz tal-baġit,*** l-abbozz tal-baġit kif ***emendat għandu jiġi mgħoddi*** lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet.	9. Jekk il-Parlament ikun emenda ***l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar*** l-abbozz tal-baġit***, il-pożizzjoni*** kif ***emendata għandha tiġi mgħoddija*** lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet ***u l-minuti tas-seduta li fiha l-emendi jkunu ġew adottati***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
10. ***Il-minuti tas-seduta li fiha l-Parlament ikun ta l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.***	

Emenda 111

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 89

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***89***	Artikolu ***95a***
Trialogu Finanzjarju	***Koperazzjoni interistituzzjonali***
Il-President għandu jieħu sehem f'laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jissejħu, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, taħt il-proċeduri tal-baġit imsemmija fit-Titolu II tas-Sitt Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-President għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jippromwovi konsultazzjoni u rikonċiljazzjoni tal-posizzjonijiet tal-istituzzjonijiet sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq msemmija.	***Bi qbil mal-Artikolu 324 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** il-President għandu jieħu sehem f'laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jissejħu, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, taħt il-proċeduri tal-baġit imsemmija fit-Titolu II tas-Sitt Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-President għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jippromwovi konsultazzjoni u rikonċiljazzjoni tal-posizzjonijiet tal-istituzzjonijiet sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq msemmija.
Il-President tal-Parlament jista' jiddelega dan id-dover lil xi Viċi President li jkollu esperjenza fi kwistjonijiet baġitarji jew lill-President tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet baġitarji.	Il-President tal-Parlament jista' jiddelega dan id-dover lil xi Viċi President li jkollu esperjenza fi kwistjonijiet baġitarji jew lill-president tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet baġitarji.
	(Dan l-Artikolu kif emendat se jitmexxa biex jiġi fi tmiem il-kapitolu dwar il-proċeduri baġitarji, wara l-Artikolu 95.)

Emenda 112

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 91

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 91	Artikolu 91
Adozzjoni definittiva tal-baġit	Adozzjoni definittiva tal-baġit
Fejn il-President ***ikun sodisfatt*** li l-baġit ġie adottat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jiddikjara fil-Parlament li l-baġit kien adottat b'mod definittiv. Huwa għandu jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Fejn il-President ***iqis*** li l-baġit ġie adottat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jiddikjara fil-Parlament li l-baġit kien adottat b'mod definittiv. Huwa għandu jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 113

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 93

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 93	Artikolu 93
Kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ***ta' l-implimentazzjoni*** tal-baġits	Kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-implimentazzjoni*** tal-baġits
Id-dipożizzjonijiet dwar il-proċeduri ***għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni*** dwar l-għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ***skond*** id-dispożizzjonijiet finanzjarji tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament Finanzjarju huma mehmuża ma' dawn ***ir-Regoli*** bħala anness ([11]). ***Dan l-anness għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 227(2).***	***Id-dispożizzjonijiet*** dwar il-proċeduri dwar l-għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ***skont*** id-dispożizzjonijiet finanzjarji tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament Finanzjarju huma mehmuża ma' dawn ***l-Artikoli*** bħala anness ([11]).
([11]) Ara l-Anness V.	([11]) Ara l-Anness V.

Emenda 114

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 94

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 94	Artikolu 94
Proċeduri oħra ta' kwittanza	Proċeduri oħra ta' kwittanza
Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom japplikaw bl-istess mod għall-proċedura ta' għoti ta' kwittanza:	Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni ***bi qbil mal-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom japplikaw bl-istess mod għall-proċedura ta' għoti ta' kwittanza:
— lill-President tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew;	— lill-President tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew;
— lill-persuni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġits ta' istituzzjoniijiet u ***organi*** oħra ***ta' l-Unjoni*** Ewropea bħal ma huma l-Kunsill (***f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet tiegħu bħala eżekuttiv***), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti ***ta' l-Awdituri***, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni;	— lill-persuni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġits ta' istituzzjoniijiet u ***korpi*** oħra ***tal-Unjoni*** Ewropea bħal ma huma l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti ***tal-Awdituri***, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
— lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;	— lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;
— lill-organi responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-baġit ta' entitajiet li huma legalment indipendenti u li jwettqu dmirijiet tal-Unjoni, sa fejn l-attivitajiet tagħhom ikunu suġġetti għal dispożizzjonijiet legali li jeħtieġu kwittanza mill-Parlament Ewropew.	— lill-organi responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-baġit ta' entitajiet li huma legalment indipendenti u li jwettqu dmirijiet tal-Unjoni, sa fejn l-attivitajiet tagħhom ikunu suġġetti għal dispożizzjonijiet legali li jeħtieġu kwittanza mill-Parlament Ewropew.

Emenda 115

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 95

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***95***	Artikolu ***92a***
Kontroll tal-Parlament fuq l-implimentazzjoni tal-baġit	L-implimentazzjoni tal-baġit
1. Il-Parlament għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena kurrenti. Dan id-dover għandu jingħata lill-kumitat responsabbli mill-kontroll tal-baġit u lill-kumitati l-oħra li jkunu kkonċernati.	1. Il-Parlament għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena kurrenti. Dan id-dover għandu jingħata lill-kumitat responsabbli mill-kontroll tal-baġit u lill-kumitati l-oħra li jkunu kkonċernati.
2. Kull sena, qabel l-ewwel qari ***ta' l-abbozz*** tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara, il-Parlament għandu ***jikkonsidra*** l-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti, jekk ikun il-każ fuq il-bażi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli.	2. Kull sena, qabel l-ewwel qari ***tiegħu tal-abbozz*** tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara, il-Parlament għandu ***jikkunsidra*** l-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti, jekk ikun il-każ fuq il-bażi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli.
	(Dan l-Artikolu kif emendat se jitmexxa biex jiġi qabel l-Artikolu 93.)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 116

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 9 – enumerazzjoni

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU ***9***	KAPITOLU ***7***
PROĊEDURI INTERNI TAL-BAĠIT	PROĊEDURI INTERNI TAL-BAĠIT

Emenda 117

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 98

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 98	Artikolu 98
Setgħa biex jagħmel u jħallas spejjeż	Setgħa biex jagħmel u jħallas spejjeż***, japprova l-kontijiet u jagħti l-kwittanza***
1. Wara li jiġi kkonsultat il-kumitat kompetenti, il-President għandu jagħmel u jħallas, jew iġieġħel li jsiru u jitħallsu, l-ispejjeż koperti mir-regoli finanzjarji interni maħruġa mill-Bureau.	1. Wara li jiġi kkonsultat il-kumitat kompetenti, il-President għandu jagħmel u jħallas, jew iġieġħel li jsiru u jitħallsu, l-ispejjeż koperti mir-regoli finanzjarji interni maħruġa mill-Bureau.
2. Il-President għandu jgħaddi l-abbozz tal-kontijiet annwali lill-kumitat responsabbli.	2. Il-President għandu jgħaddi l-abbozz tal-kontijiet annwali lill-kumitat responsabbli.
3. Fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu japprova l-kontijiet tiegħu u jiddeċiedi dwar l-għoti ta' kwittanza.	3. Fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu japprova l-kontijiet tiegħu u jiddeċiedi dwar l-għoti ta' kwittanza.

Emenda 118

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 10 – enumerazzjoni

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU ***10***	KAPITOLU ***8***
PROĊEDURA TA' APPROVAZZJONI	PROĊEDURA TA' APPROVAZZJONI

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 119

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 99

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 99	Artikolu 99
Proċedura ta' approvazzjoni	Proċedura ta' approvazzjoni
1. Meta l-Parlament jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal att ***propost, għandu***, ***meta jadotta d-deċiżjoni tiegħu, iqis ir-rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli*** li ***japprova*** jew ***jiċħad*** l-att***. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi kunsiderazzjonijiet, iżda m'għandhiex tinkludi premessi. Tista' tinkludi ġustifikazzjoni qasira, li għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-rapporteur u li m'għandux jittieħed vot dwarha. L-Artikolu 56(1) għandu japplika mutatis mutandis. Emendi mressqa fil-kumitat għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li jaqilbu s-sens tar-rakkomandazzjoni kif proposta mir-rapporteur.***	1. Meta l-Parlament jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal att ***legalment vinkolanti***, ***il-kumitat responsabbli għandu jressaq quddiem il-Parlament rakkomandazzjoni*** li ***tapprova*** jew ***tiċħad*** l-att ***propost***.
	Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi kunsiderazzjonijiet, iżda m'għandhiex tinkludi premessi. L-emendi fil-kumitat għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li jaqilbu s-sens tar-rakkomandazzjoni kif proposta mir-rapporteur.
	Ir-rakkomandazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn nota spjegattiva qasira, li għandha taqa' taħt ir-responsabilità tar-rapporteur u m'għandux jittieħed vot fuqha. L-Artikolu 56(1) għandu japplika mutatis mutandis.
Il-kumitat responsabbli jista' ***jressaq*** mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva***. Kumitati oħra jistgħu jkunu involuti fit-tfassil tar-riżoluzzjoni bi qbil mal-Artikolu 201(3) flimkien mal-Artikoli 53, 54 jew 55***.	***1a. Jekk ikun meħtieġ,*** il-kumitat responsabbli jista' ***wkoll iqiegħed fuq il-Mejda rapport li jinkludi*** mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva ***li tistabbilixxi r-raġunijiet għaliex il-Parlament għandu jagħti jew jiċħad l-approvazzjoni tiegħu u, meta jkun xieraq, fejn isiru rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-att propost***.
	1b. Il-kumitat responsabbli għandu jindirizza t-talba għall-approvazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Jekk il-kumitat responsabbli ma jkunx adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mid-data li fiha ġiet riferita lilu t-talba għall-approvazzjoni, il-Konferenza tal-Presidenti tista' jew tpożżi l-kwistjoni fuq l-aġenda għall-kunsiderazzjoni ta' sessjoni parzjali sussegwenti jew inkella, f'każijiet debitament sostanzjati, tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' sitt xhur.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Parlament għandu jiddeċiedi dwar l-att ***li jkun jeħtieġ l-approvazzjoni tiegħu skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** permezz ta' votazzjoni waħda dwar l-approvazzjoni, irrispettivament minn jekk ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli tkunx li l-att propost jiġi approvat jew miċħud, u ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq ***il-mejda. Il-maġġoranza meħtieġa għall-adozzjoni tal-approvazzjoni għandha tkun il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joħloq il-bażi legali għall-att propost jew, jekk fih ma tkun indikata l-ebda maġġoranza, il-maġġoranza tal-voti mitfugħa***. Jekk il-maġġoranza meħtieġa ma tintlaħaqx, l-att propost għandu jitqies li jkun ġie miċħud.	***1c. Il-Parlament*** għandu jiddeċiedi dwar l-att ***propost*** permezz ta' votazzjoni waħda dwar l-approvazzjoni, irrispettivament minn jekk ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli tkunx li l-att propost jiġi approvat jew miċħud, u ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq ***il-Mejda***. Jekk il-maġġoranza meħtieġa ma tintlaħaqx, l-att propost għandu jitqies li jkun ġie miċħud.
2. ***Barra minn hekk, fil-każ ta' ftehimiet internazzjonali, trattati ta' adeżjoni, id-determinazzjoni ta' ksur serju u persistenti ta' prinċipji fundamentali minn Stat Membru, l-istabbiliment tal-kompożizzjoni tal-Parlament, l-istabbiliment ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri jew l-adozzjoni ta' qafas finanzjarju pluriennali, għandhom japplikaw l-Artikoli 108, 81, 83, 84, 85 u 86 rispettivament.***	
3. Meta l-approvazzjoni tal-Parlament tkun meħtieġa ***għal xi proposta għal att leġislattiv propost jew xi ftehim internazzjonali previst***, il-kumitat responsabbli jista', ***sabiex jiffaċilita r-riżultat pożittiv tal-proċedura***, ***jiddeċiedi li*** jippreżenta rapport interim ***dwar il-proposta*** lill-Parlament b'mozzjoni għal riżoluzzjoni li jkun fiha rakkomandazzjonijiet għall-modifika jew għall-implimentazzjoni tal-att ***leġislattiv*** propost ***jew tal-ftehim internazzjonali previst***.	3. Meta l-approvazzjoni tal-Parlament tkun meħtieġa, il-kumitat responsabbli jista', ***fi kwalunkwe waqt***, jippreżenta rapport interim lill-Parlament b'mozzjoni għal riżoluzzjoni li jkun fiha rakkomandazzjonijiet għall-modifika jew għall-implimentazzjoni tal-att propost.
4. ***Il-kumitat responsabbli għandu jindirizza t-talba għall-approvazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Jekk il-kumitat responsabbli jiddeċiedi li ma jagħtix rakkomandazzjoni, jew ma jkunx adotta rakkomandazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ġiet riferita lilu t-talba għall-approvazzjoni, il-Konferenza tal-Presidenti tista' jew tpoġġi l-kwistjoni fuq l-Aġenda għall-kunsiderazzjoni ta' sessjoni parzjali sussegwenti jew inkella, f'każijiet debitament sostanzjati, tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' sitt xhur.***	
Meta l-approvazzjoni tal-Parlament hija meħtieġa għal ftehima internazzjonali prevista, il-Parlament jista' jiddeċiedi, fid-dawl ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli, li jissospendi l-proċedura ta' approvazzjoni għal żmien mhux itwal minn sena.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 120

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 11 – enumerazzjoni

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU ***11***	KAPITOLU ***9***
PROĊEDURI OĦRA	PROĊEDURI OĦRA

Emenda 121

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 100

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 100	Artikolu 100
Proċedura għall-għoti ta' opinjonijiet ***skond l-Artikolu 140 tat-Trattat*** dwar ***il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***	Proċedura għall-għoti ta' opinjonijiet dwar ***derogi għall-adozzjoni tal-euro***
1. Meta l-Parlament ikun ikkonsultat ***dwar rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skond*** l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu***, wara li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ppreżentati fis-seduta plenarja mill-Kunsill,*** jiddelibera fuq il-bażi ta' ***proposta ppreżentata oralment jew bil-miktub*** mill-kumitat responsabbli u li ***tipproponi*** l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda ***tar-rakkomandazzjonijiet li dwarhom il-Parlament ikun ġie kkonsultat***.	1. Meta l-Parlament ikun ikkonsultat ***skont*** l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jiddelibera fuq il-bażi ta' ***rapport*** mill-kumitat responsabbli ***tiegħu*** li ***jipproponi*** l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda ***tal-att propost***.
2. Il-Parlament għandu mbagħad jieħu vot ***wieħed kollettiv*** fuq ***ir-rakkomandazzjonijiet*** li ***għalihom*** ma ***jistgħu jitqiegħdu*** fuq il-Mejda l-ebda ***emendi***.	2. Il-Parlament għandu mbagħad jieħu vot ***wieħed*** fuq ***l-att propost,*** li ***għalih*** ma ***tista' titqiegħed*** fuq il-Mejda l-ebda ***emenda***.

Emenda 122

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 102

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 102	Artikolu 102
Proċeduri għall-iskrutinju ta' ftehimiet volontarji	Proċeduri għall-iskrutinju ta' ftehimiet volontarji ***previsti***
1. Meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bil-ħsieb tagħha li tesplora l-użu ta' ftehimiet volontarji bħala alternattiva għal leġislazzjoni, il-kumitat responsabbli jista' jħejji rapport dwar il-mertu tal-kwistjoni ***skond*** l-Artikolu 52.	1. Meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bil-ħsieb tagħha li tesplora l-użu ta' ftehimiet volontarji bħala alternattiva għal leġislazzjoni, il-kumitat responsabbli jista' jħejji rapport dwar il-mertu tal-kwistjoni skond l-Artikolu 52.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Meta l-Kummissjoni tħabbar li biħsiebha tidħol fi ftehima volontarja, il-kumitat responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li tirrakkomanda l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-proposta, u taħt liema kundizzjonijiet.	2. Meta l-Kummissjoni tħabbar li biħsiebha tidħol fi ftehima volontarja, il-kumitat responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li tirrakkomanda l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-proposta, u taħt liema kundizzjonijiet.

Emenda 123

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 103

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 103	Artikolu 103
Kodifikazzjoni	Kodifikazzjoni
1. Meta proposta għall-kodifikazzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi ppreżentata lill-Parlament, din għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali. Dan il-Kumitat għandu jeżaminaha ***skond*** l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali ([12]) sabiex jaċċerta ruħu li din tkun sempliċiment kodifikazzjoni mingħajr tibdil sostanzjali.	1. Meta proposta għall-kodifikazzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi ppreżentata lill-Parlament, din għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali. Dan il-Kumitat għandu jeżaminaha skond l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali ([12]) sabiex jaċċerta ruħu li din tkun sempliċiment kodifikazzjoni mingħajr tibdil sostanzjali.
2. Il-Kumitat li kien responsabbli għall-atti li kellhom jiġu kkodifikati jistà, fuq talba tiegħu stess jew tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kemm hi mixtieqa l-kodifikazzjoni.	2. Il-Kumitat li kien responsabbli għall-atti li kellhom jiġu kkodifikati jistà, fuq talba tiegħu stess jew tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kemm hi mixtieqa l-kodifikazzjoni.
3. L-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli.	3. L-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli.
Madankollu, fuq talba tar-rapporteur, il-president tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jistà jippreżenta, għall-approvazzjoni ta' dan ***ta' l-aħħar***, emendi relatati ***ma' l-adattamenti*** tekniċi, kemm-il darba dawk l-adattamenti jkunu meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-proposta hija konformi mar-regoli dwar il-kodifikazzjoni u ma jinvolvux tibdil sostanzjali tal-proposta.	Madankollu, fuq talba tar-rapporteur, il-***p***resident tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jistà jippreżenta, għall-approvazzjoni ta' dan ***tal-aħħar***, emendi relatati ***mal-adattamenti*** tekniċi, kemm-il darba dawk l-adattamenti jkunu meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-proposta hija konformi mar-regoli dwar il-kodifikazzjoni u ma jinvolvux tibdil sostanzjali tal-proposta.
4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonkludi li l-proposta ma tinvolvix tibdil sostanzjali ***għall-leġislazzjoni*** tal-Unjoni, huwa għandu jirreferiha lill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu.	4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonkludi li l-proposta ma tinvolvix tibdil sostanzjali ***għal-leġislazzjoni*** tal-Unjoni, huwa għandu jirreferiha lill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Jekk il-kumitat huwa tal-fehma li l-proposta tinkludi tibdil sostanzjali, huwa għandu jipproponi lill-Parlament iċ-ċaħda tal-proposta.	Jekk il-kumitat huwa tal-fehma li l-proposta tinkludi tibdil sostanzjali, huwa għandu jipproponi lill-Parlament iċ-ċaħda tal-proposta.
Fiż-żewġ każi, il-Parlament għandu jiddeċiedi permezz ta' vot wieħed, mingħajr emendi jew dibattitu.	Fiż-żewġ każi, il-Parlament għandu jiddeċiedi permezz ta' vot wieħed, mingħajr emendi jew dibattitu.
([12]) Ftehima interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi, punt 4 (ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2).	([12]) Ftehima interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi, punt 4 (ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2).

Emenda 124

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 104

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 104	Artikolu 104
Tfassil mill-ġdid	Tfassil mill-ġdid
1. Meta proposta għat-tfassil mill-ġdid ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi preżentata lill-Parlament, għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali u l-kumitat responsabbli mis-suġġett.	1. Meta proposta għat-tfassil mill-ġdid ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi preżentata lill-Parlament, għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali u l-kumitat responsabbli mis-suġġett.
2. Il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għandu jeżaminaha ***skond*** l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali ([13]) bil-għan li jkun żgurat li l-proposta ma tinvolvix tibdiliet sostanzjali minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta.	2. Il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għandu jeżaminaha skond l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali ([13]) bil-għan li jkun żgurat li l-proposta ma tinvolvix tibdiliet sostanzjali minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta.
Għall-iskop ta' dan l-eżami, l-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli. Madankollu, l-Artikolu 103(3), it-tieni subparagrafu għandu japplika għal dispożizzjonjiet li ma nbidlux fil-proposta għal tfassil mill-ġdid.	Għall-iskop ta' dan l-eżami, l-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli. Madankollu, l-Artikolu 103(3), it-tieni subparagrafu għandu japplika għal dispożizzjonjiet li ma nbidlux fil-proposta għal tfassil mill-ġdid.
3. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli b'dan.	3. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli b'dan.
F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 169 u 170, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli mis-suġġett jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.	F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 169 u 170, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli mis-suġġett jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Madankollu, ***jekk f'konformità mal-punt 8 tal-Ftehima Interistituzzjonali l-kumitat responsabbli jkollu l-ħsieb ukoll li jippreżenta emendi għall-partijiet kodifikati tal-proposta, huwa għandu jinnotifika minnufih il-ħsieb tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u din tal-aħħar għandha tgħarraf lill-kumitat, qabel il-vot skont l-Artikolu 58, bil-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-emendi kif ukoll dwar jekk għandhiex il-ħsieb*** li ***tirtira l-proposta ta' tfassil mill-ġdid***.	Madankollu, ***emendi ta' partijiet tal-proposta li ma nbidlux jistgħu jiġu aċċettati fuq bażi eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ mill-president tal-kumitat responsabbli għas-suġġett inkwistjoni, jekk iqis/tqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet imperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-koerenza interna tat-test jew għaliex l-emendi huma marbuta mill-qrib ma' emendi oħra*** li ***jkunu ammissibbli. Dawn ir-raġunijiet għandhom jitniżżlu f'ġustifikazzjoni bil-miktub tal-emendi***.
4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta tinkludi bidliet sostanzjali minbarra dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jipproponi li l-Parlament jiċħad il-proposta u għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli mis-suġġett b'dan.	4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta tinkludi bidliet sostanzjali minbarra dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jipproponi li l-Parlament jiċħad il-proposta u għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli mis-suġġett b'dan.
F'dan il-każ, il-President għandu jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha. Jekk il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha, il-President għandu jinnota li l-proċedura tilfet l-iskop tagħha u għandu jgħarraf lill-Kunsill. Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jerġà jibgħatha lill-kumitat responsabbli mis-suġġett, sabiex jeżaminaha ***skond*** il-proċedura normali.	F'dan il-każ, il-President għandu jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha. Jekk il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha, il-President għandu jinnota li l-proċedura tilfet l-iskop tagħha u għandu jgħarraf lill-Kunsill. Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jerġà jibgħatha lill-kumitat responsabbli mis-suġġett, sabiex jeżaminaha skond il-proċedura normali.
([13]) Ftehima interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' tfassil mill-ġdid ***ta' l-atti*** legali, punt 9 (ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1).	([13]) Ftehima interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' tfassil mill-ġdid ***tal-atti*** legali, punt 9 (ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1).

Emenda 125

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu II – kapitolu 9a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	KAPITOLU 9A
	ATTI DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Emenda 126

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 105

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 105	Artikolu 105
Atti delegati	Atti delegati
1. Meta l-Kummissjoni tibgħat att delegat lill-Parlament, il-President għandu jgħaddih lill-kumitat responsabbli għall-att leġislattiv ta' bażi, li jista' jiddeċiedi li ***jaħtar rapporteur*** għall-analiżi ta' att delegat wieħed jew iktar.	1. Meta l-Kummissjoni tibgħat att delegat lill-Parlament, il-President għandu jgħaddih lill-kumitat responsabbli għall-att leġislattiv ta' bażi, li jista' jiddeċiedi li ***jinnomina wieħed mill-Membri tiegħu*** għall-analiżi ta' att delegat wieħed jew iktar.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Il-President*** għandu jħabbar lill-Parlament id-data meta l-att delegat ***iku n*** wasal fil-lingwi uffiċjali kollha u l-perjodu li matulu jistgħu jitqajmu oġġezzjonijiet. Dan il-perjodu għandu jibda ***minn din id-data***.	2. ***Matul is-sessjoni parzjali wara li l-att jiġi riċevut, il-President*** għandu jħabbar lill-Parlament id-data meta l-att delegat ***ikun*** wasal fil-lingwi uffiċjali kollha u l-perjodu li matulu jistgħu jitqajmu oġġezzjonijiet. Dan il-perjodu għandu jibda ***mid-data ta' meta jkun wasal***.
It-tħabbira għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduta, flimkien mal-isem tal-kumitat responsabbli.	It-tħabbira għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduta, flimkien mal-isem tal-kumitat responsabbli.
3. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġislattiv ta' bażi u, jekk iqis li jkun xieraq, wara li jkun ikkonsulta lil kull kumitat ***konċernat***, iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata ***lill-Parlament***. ***Dik il-mozzjoni*** għal riżoluzzjoni ***għandha tispeċifika r-raġunijiet tal-Parlament għall-oġġezzjonijiet u jista' jkun fiha talba lill-Kummissjoni biex jiġi ppreżentat att delegat ġdid li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament***.	3. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġislattiv ta' bażi u, jekk iqis li jkun xieraq, wara li jkun ikkonsulta lil kull kumitat ***ikkonċernat***, iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata ***fejn joġġezzjona għall-att delegat***. ***Jekk għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha l-jum tal-Erbgħa jaħbat qabel u l-eqreb għall-jum tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5, u l-kumitat responsabbli ma jkunx qiegħed fuq il-Mejda tali mozzjoni*** għal riżoluzzjoni***, grupp politiku jew mhux inqas minn 40 Membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-kwistjoni biex tiddaħħal fl-aġenda tas-sessjoni parzjali hawn fuq imsemmija***.
4. ***Jekk għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha l-jum tal-Erbgħa jaħbat qabel u l-eqreb għall-jum tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5, il-kumitat responsabbli ma jkunx ressaq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-kwistjoni biex tiddaħħal fl-aġenda tas-sessjoni parzjali hawn fuq imsemmija.***	
	4a. Kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa skont il-paragrafu 3 għandha tispeċifika r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet tal-Parlament u jista' jkun fiha talba lill-Kummissjoni biex tippreżenta att delegat ġdid li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament.
5. Il-Parlament għandu ***jiddeċiedi,*** fiż-żmien stipulat fl-att leġislattiv ta' bażi***, dwar kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa***, ***bil-maġġoranza stipulata fl-Artikolu*** 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	5. Il-Parlament għandu ***japprova tali mozzjoni*** fl-***iskadenza stipulata*** fl-att leġislattiv ta' bażi ***u***, ***skont l-Artikolu*** 290***(2)*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, bil-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti minnu***.
Meta l-kumitat responsabbli jqis li hu xieraq li jestendi, skont ***l-att*** leġislattiv ta' bażi, l-iskadenza għat-tressiq ta' oġġezzjonijiet għall-att delegat, il-President tal-kumitat kompetenti għandu jinnotifika, f'isem il-Parlament, din l-estensjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.	Meta l-kumitat responsabbli jqis li hu xieraq li jestendi, skont ***id-dispożizzjonijiet tal-att*** leġislattiv ta' bażi, l-iskadenza għat-tressiq ta' oġġezzjonijiet għall-att delegat, il-***president*** tal-kumitat kompetenti għandu jinnotifika, f'isem il-Parlament, din l-estensjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
6. Jekk il-kumitat responsabbli jirrakkomanda li, qabel l-iskadenza stipulata fl-att leġislattiv ta' bażi, il-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-att delegat:	6. Jekk il-kumitat responsabbli jirrakkomanda li, qabel l-iskadenza stipulata fl-att leġislattiv ta' bażi, il-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-att delegat:
— huwa għandu jgħarraf lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati permezz ta' ittra li tistipula r-raġunijiet tiegħu u jressaq rakkomandazzjoni dwar dan;	— huwa għandu jgħarraf lill-***president*** tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati permezz ta' ittra li tistipula r-raġunijiet tiegħu u jressaq rakkomandazzjoni dwar dan;
— jekk ma titressaq l-ebda oġġezzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew f'każ ta' ***urġenzail-president*** tal-kumitat għandu javża, permezz ta' proċedura bil-miktub, lill-President tal-Parlament, li għandu jgħarraf lill-plenarja mill-iktar fis possibbli;	— jekk ma titressaq l-ebda oġġezzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew f'każ ta' ***urġenza, il-president*** tal-kumitat għandu javża, permezz ta' proċedura bil-miktub, lill-President tal-Parlament, li għandu jgħarraf lill-plenarja mill-iktar fis possibbli;
— jekk, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara t-tħabbir fil-plenarja, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru joġġezzjonaw għar-rakkomandazzjoni, din tal-aħħar għandha titqiegħed għall-votazzjoni;	— jekk, fi żmien ***24*** siegħa wara t-tħabbir fil-plenarja, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru joġġezzjonaw għar-rakkomandazzjoni, din tal-aħħar għandha titqiegħed għall-votazzjoni;
— jekk fl-istess perjodu, ma ssir l-ebda oġġezzjoni, ir-rakkomandazzjoni proposta għandha titqies bħala approvata;	— jekk fl-istess perjodu, ma ssir l-ebda oġġezzjoni, ir-rakkomandazzjoni proposta għandha titqies bħala approvata;
— l-adozzjoni ta' tali rakkomandazzjoni għandha twassal biex kwalunkwe proposta ta' oġġezzjoni sussegwenti għall-att delegat tkun inammissibbli.	— l-adozzjoni ta' tali rakkomandazzjoni għandha twassal biex kwalunkwe proposta ta' oġġezzjoni sussegwenti għall-att delegat tkun inammissibbli.
7. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġislattiv ta' bażi, jieħu l-inizjattiva li jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni ***motivata*** lill-Parlament biex tiġi revokata, kollha kemm hi jew parzjalment, id-delega tas-setgħat ***stipulati għal dan l-att. Il-Parlament għandu jaġixxi skont il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***.	7. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġislattiv ta' bażi, jieħu l-inizjattiva li jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament biex tiġi revokata, kollha kemm hi jew parzjalment, id-delega tas-setgħat ***jew li tiġi opposta l-estensjoni awtomatika tad-delega tas-setgħat*** stipulati għal dan l-att.
	Skont l-Artikolu 290(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, deċiżjoni ta' revoka tad-delega tas-setgħat tittieħed biss jekk tinkiseb il-maġġoranza tal-voti tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.
8. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu.	8. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 127

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 106

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 106	Artikolu 106
Atti u miżuri ta' implimentazzjoni	Atti u miżuri ta' implimentazzjoni
1. Meta l-Kummissjoni tgħaddi abbozz ta' att jew miżura ta' implimentazzjoni lill-Parlament, il-President għandu jibagħtu lill-kumitat responsabbli għall-att leġislattiv ta' bażi, liema kumitat ***jista'*** jiddeċiedi li ***jaħtar rapporteur*** għall-analiżi ta' abbozz wieħed jew iżjed ta' atti jew miżuri ta' implimentazzjoni.	1. Meta l-Kummissjoni tgħaddi abbozz ta' att jew miżura ta' implimentazzjoni lill-Parlament, il-President għandu jibagħtu lill-kumitat responsabbli għall-att leġislattiv ta' bażi, liema kumitat ***jista'*** jiddeċiedi li ***jinnomina wieħed mill-membri tiegħu*** għall-analiżi ta' abbozz wieħed jew iżjed ta' atti jew miżuri ta' implimentazzjoni.
2. Il-kumitat responsabbli jista' jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament li tindika li abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni jaqbeż il-kompetenzi ta' implimentazzjoni stipulati fl-att leġislattiv ta' bażi jew mhux konformi mal-leġislazzjoni tal-Unjoni għal raġunijiet oħra.	2. Il-kumitat responsabbli jista' jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament li tindika li abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni jaqbeż il-kompetenzi ta' implimentazzjoni stipulati fl-att leġislattiv ta' bażi jew mhux konformi mal-leġislazzjoni tal-Unjoni għal raġunijiet oħra.
3. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni tista' tinkludi talba lill-Kummissjoni biex tirtira ***l-att, il-miżura jew*** l-abbozz ta' att jew ta' ***miżura***, biex temendah filwaqt li jitqiesu l-oġġezzjonijiet formulati mill-Parlament jew biex titressaq proposta leġislattiva ġdida. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni li tittieħed.	3. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni tista' tinkludi talba lill-Kummissjoni biex tirtira l-abbozz ta' att jew ***miżura*** ta' ***implimentazzjoni***, biex temendah filwaqt li jitqiesu l-oġġezzjonijiet formulati mill-Parlament jew biex titressaq proposta leġislattiva ġdida. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni li tittieħed.
4. Jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti mill-Kummissjoni jaqgħu taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fid-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kumplimentari li ġejjin:	4. Jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti mill-Kummissjoni jaqgħu taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fid-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kumplimentari li ġejjin:
(a) iż-żmien ***ta' l-iskrutinju*** għandu jibda jgħodd meta l-abbozz ta' miżuri ***jkun ġie mressaq*** lill-Parlament bil-lingwi uffiċjali kollha. Fejn japplikaw limiti ta' żmien ta' skrutinju applikati kif previst fl-Artikolu 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u f'każijiet ta' urġenza stipulati fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-perjodu taż-żmien għall-iskrutinju għandu jibda jgħodd mid-data meta l-Parlament jirċievi l-abbozz aħħari tal-miżuri ta' implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi ppreżentati lill-membri tal-kumitat stabbilit skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-president tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 158 m'għandux japplika ***f'dan il-każ***;	(a) iż-żmien ***tal-iskrutinju*** għandu jibda jgħodd meta l-abbozz ta' miżuri ***ta' implimentazzjoni jkun tressaq*** lill-Parlament bil-lingwi uffiċjali kollha. Fejn japplikaw limiti ta' żmien ta' skrutinju applikati kif previst fl-Artikolu 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u f'każijiet ta' urġenza stipulati fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-perjodu taż-żmien għall-iskrutinju għandu jibda jgħodd mid-data meta l-Parlament jirċievi l-abbozz aħħari tal-miżuri ta' implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi ppreżentati lill-membri tal-kumitat stabbilit skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-***president*** tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 158 m'għandux japplika ***fiż-żewġ każijiet imsemmija fis-sentenza preċedenti***;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) jekk l-abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni jkun ibbażat fuq il-paragrafu 5 jew 6 tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, li jistipula limiti ta' żmien imqassra għal oppożizzjoni mill-Parlament, tista' titqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li topponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura mill-president tal-kumitat responsabbli jekk dak il-kumitat ma jkunx seta' jiltaqa' fiż-żmien disponibbli;	(b) jekk l-abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni jkun ibbażat fuq il-paragrafu 5 jew 6 tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, li jistipula limiti ta' żmien imqassra għal oppożizzjoni mill-Parlament, tista' titqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li topponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura mill-president tal-kumitat responsabbli jekk dak il-kumitat ma jkunx seta' jiltaqa' fiż-żmien disponibbli;
(c) il-Parlament, billi jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu, jista' ***jopponi*** l-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni billi jindika li l-abbozz jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni pprovduti fl-att ta' bażi, li mhux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-att ta' bażi jew li ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew proporzjonalità;	(c) il-Parlament, billi jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri ***li jagħmlu parti minnu***, jista' ***jadotta riżoluzzjoni li topponi*** l-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni ***u li tindika*** li l-abbozz jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni pprovduti fl-att ta' bażi, li mhux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-att ta' bażi jew li ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew proporzjonalità;
	Jekk, għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha l-jum tal-Erbgħa jaħbat qabel u l-eqreb għall-jum tal-iskadenza għall-oppożizzjoni tal-adozzjoni tal-abbozz tal-miżura ta' implimentazzjoni, il-kumitat responsabbli ma jkunx qiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn 40 Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-kwistjoni biex tiddaħħal fl-aġenda tas-sessjoni parzjali hawn fuq imsemmija.
(d) fil-każ li l-kumitat responsabbli, ***wara talba motivata kif xieraq mill-Kummissjoni,*** jirrakkomanda permezz ta' ittra motivata lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li l-Parlament jiddikjara li ma jopponix il-miżura proposta, qabel l-iskadenza taż-żmien normali stipulat fl-Artikolu 5a(3)(c) u/jew l-Artikolu 5a(4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 105(6), ta' dan l-Artikolu.	(d) fil-każ li l-kumitat responsabbli, jirrakkomanda permezz ta' ittra motivata lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li l-Parlament jiddikjara li ma jopponix il-miżura proposta, qabel l-iskadenza taż-żmien normali stipulat fl-Artikolu 5a(3)(c) u/jew l-Artikolu 5a(4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 105(6), ta' dan l-Artikolu.

Emenda 128

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 108

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 108	Artikolu 108
Ftehimiet internazzjonali	Ftehimiet internazzjonali
1. Meta jkun hemm il-ħsieb li jinfetħu negozjati dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehima internazzjonali, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport jew b'xi mod ieħor jissorvelja ***l-proċedura u*** jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'dik id-deċiżjoni. ***Fejn ikun xieraq, kumitati oħrajn jistgħu jintalbu għal opinjoni skont l-Artikolu 53(1). L-Artikoli 201(2), 54 jew 55 għandhom japplikaw fejn ikun xieraq.***	1. Meta jkun hemm il-ħsieb li jinfetħu negozjati dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehim internazzjonali, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport jew b'xi mod ieħor jissorvelja ***din il-fażi preparatorja. Huwa għandu*** jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'dik id-deċiżjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitat responsabbli u ta' kwalunkwe kumitati assoċjati, għandhom, b'mod konġunt, jieħdu azzjoni xierqa biex jiġi żgurat li l-Parlament jingħata tagħrif immedjat, regolari u sħiħ, jekk ikun meħtieġ b'mod kunfidenzjali, fl-istadji kollha tan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, inklużi l-abbozz u t-test adottat b'mod aħħari ta' direttivi ta' negozjar, kif ukoll it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3.	
— ***mill-Kummissjoni skont l-obbligi tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-impenji tagħha skont il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u***	
— ***mill-Kunsill skont l-obbligi tiegħu taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***	
	1a. Il-kumitat responsabbli għandu, malajr kemm jista' jkun, jikseb tagħrif mill-Kummissjoni dwar il-bażi legali magħżula għall-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kumitat responsabbli għandu jivverifika l-bażi legali magħżula skont l-Artikolu 39.
2. Il-Parlament jista', fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jitlob lill-Kunsill sabiex ma jawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati qabel ma l-Parlament ikun iddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-mandat ta' ***nnegozjar*** propost fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli.	2. Il-Parlament jista', fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn ***40*** Membru, jitlob lill-Kunsill sabiex ma jawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati qabel ma l-Parlament ikun iddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-mandat ta' ***negozjar*** propost fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli.
3. ***Meta jkunu se jinfetħu in-negozjati, il-kumitat responsabbli għandu jikseb tagħrif mill-Kummissjoni dwar il-bażi legali magħżula għall-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kumitat responsabbli għandu jivverifika il-bażi legali magħżula skont l-Artikolu 39. Meta l-Kummissjoni tonqos milli tidentifika bażi legali, jew meta jkun hemm dubji dwar il-validità ta' bażi legali, għandu japplika l-Artikolu 39.***	
4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, u minn tmiem in-negozjati sal-konklużjoni ***tal-ftehima***, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, ***u*** wara li jqis kwalunkwe proposta rilevanti ***imqiegħda*** fuq il-Mejda ***skont l-Artikolu 134***, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluża dik il-ftehima.	4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, u minn tmiem in-negozjati sal-konklużjoni ***tal-ftehim internazzjonali***, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, ***imfassal fuq inizjattiva proprja jew*** wara li jqis kwalunkwe proposta rilevanti ***mqiegħda*** fuq il-Mejda ***minn grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru***, jadotta rakkomandazzjonijiet ***lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,*** u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluża dik il-ftehima.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Talbiet mill-Kunsill għal approvazzjoni jew opinjoni tal-Parlament għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli għal konsiderazzjoni skont l-Artikolu 99 jew l-Artikolu 47(1).	5. Talbiet mill-Kunsill għal approvazzjoni jew opinjoni tal-Parlament għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli għal konsiderazzjoni skont l-Artikolu 99 jew l-Artikolu 47(1).
6. ***Qabel*** ma ***ssir il-votazzjoni, il-kumitat responsabbli*** jew ***grupp politiku*** jew mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri, jistgħu jipproponu li l-Parlament jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompatibilità ta' ***ftehima*** internazzjonali mat-Trattati. ***Jekk il-Parlament japprova proposta ta' dan it-tip, il-votazzjoni għandha tiġi ddiferita sakemm il-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha*** ([14]).	6. ***Fi kwalunkwe ħin qabel*** ma ***l-Parlament jivvota fuq talba għal approvazzjoni*** jew ***opinjoni, il-kumitat responsabbli*** jew mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri ***li jagħmlu parti mill-Parlament*** jistgħu jipproponu li l-Parlament jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompatibilità ta' ***ftehim*** internazzjonali mat-Trattati. ***Qabel ma l-Parlament jivvota fuq dik il-proposta, il-President jista' jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, li għandu jirrapporta dwar il-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament.*** ***Jekk il-Parlament japprova l-proposta li tintalab opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-votazzjoni fuq talba għal approvazzjoni jew opinjoni għandha tiġi differita sakemm il-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha.***
7. ***Il-Parlament jagħti l-opinjoni jew*** l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ***ftehima*** internazzjonali ***jew ta' protokoll finanzjarju li jsir mill-Unjoni Ewropea f'votazzjoni waħdanija b'maġġoranza tal-voti mitfugħa. M'għandhomx ikunu ammissibli emendi għat-test tal-ftehima jew tal-protokoll***.	7. ***Meta l-Parlament jintalab jagħti*** l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ***ftehim*** internazzjonali***, huwa għandu jiddeċiedi permezz ta' votazzjoni waħdanija skont l-Artikolu 99***. ***Jekk il-Parlament ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu, il-President għandu javża lill-Kunsill li l-ftehim ikkonċernat ma jistax issir, jiġġedded jew jiġi emendat.*** ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 99(1b), il-Parlament jista' jiddeċiedi, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli, li jissospendi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-proċedura ta' approvazzjoni għal żmien mhux itwal minn sena.***
8. Jekk **l-opinjoni** adottata mill-Parlament tkun waħda negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex ma ***jidħolx għall-ftehima*** ikkonċernata.	8. ***Meta l-Parlament jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehim internazzjonali, l-ebda emenda għat-test tal-ftehim ma għandha tkun ammissibbli. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 170(1), emendi għall-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill għandhom ikunu ammissibbli.*** Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament tkun waħda negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex ma ***jikkonkludix il-ftehim*** kkonċernat.
9. ***Jekk il-Parlament ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu għal xi ftehima internazzjonali, il-President għandu javża lill-Kunsill li l-ftehima ikkonċernata ma tistax issir.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	9a. Il-Presidenti u r-rapporteurs tal-kumitat responsabbli u ta' kwalunkwe kumitat assoċjat, għandhom, b'mod konġunt, jiċċekkjaw li, f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipprovdu lill-Parlament b'tagħrif immedjat, regolari u sħiħ, jekk ikun meħtieġ b'mod kunfidenzjali, fl-istadji kollha tal-preparazzjonijiet għan-negozjar, in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, inkluża informazzjoni dwar l-abbozz u t-test adottat finalment ta' direttivi ta' negozjar, kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet.

([14]) ***Ara wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 141.***

Emenda 129

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 109

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 109	Artikolu 109
Proċeduri bbażati fuq l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni ta' ftehimiet internazzjonali jew it-teħid ta' pożizzjoni tal-Unjoni f'korp imwaqqaf bi ftehima internazzjonali	***L-applikazzjoni*** proviżorja jew is-sospensjoni ***tal-applikazzjoni*** ta' ftehimiet internazzjonali jew it-teħid ta' pożizzjoni tal-Unjoni f'korp imwaqqaf bi ftehim internazzjonali
Meta l-Kummissjoni ***skont l-obbligi tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, tgħarraf lill-Parlament u*** lill-Kunsill ***bil-ħsieb tagħha li tipproponi l-applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni*** ta' ***ftehim internazzjonali, għandha ssir stqarrija fil-Parlament u tkun segwita b'diskussjoni***. Il-Parlament jista' jħejji rakkomandazzjonijiet ***skond l-Artikoli 108 u 113***.	Meta l-Kummissjoni ***jew il-Viċi President/Rappreżentant Għoli jinfurmaw lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tagħhom li jipproponi l-applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni ta' ftehim internazzjonali, il-Parlament jista' jistieden*** lill-Kunsill***, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika*** ta' ***Sigurtà biex jagħmlu dikjarazzjoni, u li wara din għandu jkun hemm dibattitu***. Il-Parlament jista' jħejji rakkomandazzjonijiet ***abbażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli jew skont l-Artikolu 113, li jista' jinkludi, b'mod partikolari, talba lill-Kunsill biex ma japplikax ftehim b'mod proviżorju sakemm il-Parlament ma jkunx ta l-kunsens tiegħu***.
L-istess proċedura għandha tapplika meta l-Kummissjoni ***tgħarraf lill-Parlament bi proposta li tikkonċerna l-pożizzjonijiet*** li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim internazzjonali.	L-istess proċedura għandha tapplika meta l-Kummissjoni ***jew il-Viċi-President/Rappreżentant Għoli tipproponi pożizzjonijiet*** li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim internazzjonali.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 130

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 110

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 110	Artikolu 110
Rappreżentanti speċjali	Rappreżentanti speċjali
1. Meta l-Kunsill ikollu l-ħsieb li jaħtar Rappreżentant Speċjali ***skond*** l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, fuq talba tal-Kumitat responsabbli, għandu jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel stqarrija u jwieġeb mistoqsijiet dwar il-mandat, l-għanijiet u affarijiet oħra rilevanti li jkollhom x'jaqsmu mad-doveri u ***l-irwol*** li għandu jwettaq ir-Rappreżentant Speċjali.	1. Meta l-Kunsill ikollu l-ħsieb li jaħtar Rappreżentant Speċjali skond l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, fuq talba tal-Kumitat responsabbli, għandu jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel stqarrija u jwieġeb mistoqsijiet dwar il-mandat, l-għanijiet u affarijiet oħra rilevanti li jkollhom x'jaqsmu mad-doveri u ***r-rwol*** li għandu jwettaq ir-Rappreżentant Speċjali.
2. Meta jkun inħatar ir-Rappreżentant Speċjali, imma qabel ma jieħu l-pożizzjoni tiegħu, il-persuna maħtura tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem il-kumitat responsabbli biex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.	2. Meta jkun inħatar ir-Rappreżentant Speċjali, imma qabel ma jieħu l-pożizzjoni tiegħu, il-persuna maħtura tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem il-kumitat responsabbli biex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.
3. Fi żmien ***tliet xhur*** mis-smigħ, il-kumitat jista' ***jipproponi rakkomandazzjoni skond l-Artikolu 134 li jkollha x'taqsam direttament ma' l-istqarrija li tkun saret u mat-tweġibiet mogħtija***.	3. Fi żmien ***xahrejn*** mis-smigħ, il-kumitat ***responsabbli*** jista' ***jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà relatati direttament mal-ħatra***.
4. Ir-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi mistieden sabiex iżomm il-Parlament infurmat b'mod sħiħ u regolari dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-mandat tiegħu.	4. Ir-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi mistieden sabiex iżomm il-Parlament infurmat b'mod sħiħ u regolari dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-mandat tiegħu.
5. ***Rappreżentant speċjali maħtur mill-Kunsill b'mandat li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' politika partikolari jista' jiġi mistieden mill-Parlament, jew jista' jitlob li jiġi mistieden, sabiex jagħmel stqarrija lill-kumitat responsabbli.***	

Emenda 131

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 111

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 111	Artikolu 111
Rappreżentanza Internazzjonali	Rappreżentanza Internazzjonali
1. Meta jkollu jinħatar Kap ta' delegazzjoni barranija tal-Unjoni, il-persuna nominata tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem ***l-organu rilevanti tal-Parlament*** sabiex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.	1. Meta jkollu jinħatar Kap ta' delegazzjoni barranija tal-Unjoni, il-persuna nominata tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem ***il-kumitat responsabbli*** sabiex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Fi żmien ***tliet xhur mis-smiegħ*** imsemmi fil-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli jista' jadotta ***risoluzzjoni*** jew jagħmel rakkomandazzjoni, ***skond*** il-każ, ***liema riżoluzzjoni jew rakkomandazzjoni*** jkollhom x'jaqsmu direttament ***ma' l-istqarrija li tkun saret u mat-tweġibiet mogħtija***.	2. Fi żmien ***xahrejn mis-smigħ*** imsemmi fil-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli jista' jadotta ***riżoluzzjoni*** jew jagħmel rakkomandazzjoni, ***skont*** il-każ, ***li*** jkollhom x'jaqsmu direttament ***mal-ħatra***.

Emenda 132

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 112

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***112***	Artikolu ***113a***
Konsultazzjoni mal-Parlament u għoti ta' informazzjoni lill-Parlament fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni	Konsultazzjoni mal-Parlament u għoti ta' informazzjoni lill-Parlament fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni
1. Meta l-Parlament jiġi ikkonsultat ***skond*** l-Artikolu 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha tinġieb quddiem il-kumitat responsabbli li jista' ***jagħmel*** rakkomandazzjonijiet ***skond*** l-Artikolu 113.	1. Meta l-Parlament jiġi ikkonsultat ***skont*** l-Artikolu 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha tinġieb quddiem il-kumitat responsabbli li jista' ***jfassal abbozzi ta'*** rakkomandazzjonijiet ***skont*** l-Artikolu 113.
2. Il-kumitati kkonċernati għandhom ifittxu li jiżguraw li l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipprovdihom b'tagħrif regolari u f'waqtu dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni ***ta' l-Unjoni***, dwar l-ispiża mistennija kull darba li tiġi adottata deċiżjoni li tinvolvi infiq ***skond*** dik il-politika u dwar kwalunkwe ***konsiderazzjonijiet finanzjarji*** oħra li ***jkollhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni*** ta' azzjonijiet ***skond*** dik il-politika. Eċċezzjonalment, fuq talba tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, il-kumitat jista' jiddeċiedi li l-proċeduri tiegħu jsiru fil-magħluq.	2. Il-kumitati kkonċernati għandhom ifittxu li jiżguraw li l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipprovdihom b'tagħrif regolari u f'waqtu dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni ***tal-Unjoni***, dwar l-ispiża mistennija kull darba li tiġi adottata deċiżjoni li tinvolvi infiq ***skont*** dik il-politika u dwar kwalunkwe ***konsiderazzjoni finanzjarja*** oħra li ***jkollha x'taqsam mal-implimentazzjoni*** ta' azzjonijiet ***skont*** dik il-politika. Eċċezzjonalment, fuq talba tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, il-kumitat jista' jiddeċiedi li l-proċeduri tiegħu jsiru fil-magħluq.
3. Għandu jsir dibattitu darbtejn fis-sena fuq ***id-do kument*** konsultattiv stabbilit mill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-politika estera u ta' sigurta` komuni, inklużi l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ***ta' l-Unjoni***. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 123 għandhom japplikaw.	3. Għandu jsir dibattitu darbtejn fis-sena fuq ***id-dokument*** konsultattiv stabbilit mill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-politika estera u ta' sigurta` komuni, inklużi l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ***tal-Unjoni***. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 123 għandhom japplikaw.

(Ara wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 134.)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Il-Viċi President/Rappreżentant Għoli għandu jkun mistieden għal kull dibattitu f'seduta plenarja li jinvolvi politika barranija, politika ta' sigurtà jew politika ta' difiża.	4. Il-Viċi President/Rappreżentant Għoli għandu jkun mistieden għal kull dibattitu f'seduta plenarja li jinvolvi politika barranija, politika ta' sigurtà jew politika ta' difiża. *(Dan l-Artikolu kif emendat għandu jitressaq wara l-Artikolu 113 u konsegwentement inkluż fil-Kapitolu 2a li għadu kif inħoloq.)*

Emenda 133

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu III – kapitolu 2a – titolu (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	KAPITOLU 2A ***RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR L-AZZJONI ESTERNA TAL-UNJONI*** *(Għandhom jiġu introdotti qabel l-Artikolu 113)*

Emenda 134

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 113

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 113	Artikolu 113
Rakkomandazzjonijiet ***fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni***	Rakkomandazzjonijiet ***dwar il-politiki esterni tal-Unjoni***
1. Il-Kumitat responsabbli ***mill-politika estera*** u ta' sigurtà ***komuni jista' jħejji rakkomandazzjonijet lill-Kunsill fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan ir-responsabbiltà tiegħu wara li jkun kiseb awtorizzazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti*** jew ***fuq proposta*** skont l-Artikolu ***134***.	1. Il-kumitat responsabbli ***jista' jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin*** u ***l-Politika*** ta' Sigurtà ***dwar suġġetti li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-azzjoni esterna tal-Unjoni) jew f'każijiet fejn ftehim internazzjonali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 108 ma jkunx ġie riferut lill-Parlament*** jew ***il-Parlament ma jkunx ġie infurmat bih*** skont l-Artikolu ***109***.
2. ***F'każi*** urġenti ***l-awtorizzazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata mill-President***, ***li*** jista' ***bl-istess mod*** jawtorizza laqgħa ta' emerġenza tal-kumitat ***konċernat***.	2. ***F'każijiet*** urġenti, ***il-President*** jista' jawtorizza laqgħa ta' emerġenza tal-kumitat ***ikkonċernat***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Waqt il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawn ***ir-rakkomandazzjonijiet, li għandu jittieħed vot fuqhom fil-forma ta' test bil-miktub, l-Artikolu 158 m'għandux japplika u għandhom ikunu ammissibbli emendi orali.***	3. Waqt il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawn ***l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fl-istadju tal-kumitati, għandu jkun meħtieġ li jitressaq test bil-miktub għall-votazzjoni.***
In-nuqqas ta' applikabilità ta' l-Artikolu 158 huwa possibbli biss fil-kumitat u biss f'każi urġenti. Ma jistax ikun hemm eċċezzjonijiet għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158, la f'laqgħat tal-kumitat li ma jkunux dikjarati bħala urġenti u l-anqas f'seduti plenarji.	
Id-dispożizzjoni li tgħid li emendi orali huma ammissibbli tfisser li membri ma jistgħux joġġezzjonaw għal emendi orali li jittieħed vot fuqhom fil-kumitat.	
	3a. Fil-każijiet ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 2, l-Artikolu 158 m'għandux japplika fl-istadju tal-kumitat, u għandhom ikunu ammissibbli emendi orali. Il-Membri ma jistgħux joġġezzjonaw għal emendi orali li jittieħed vot fuqhom fil-kumitat.
4. ***Rakkomandazzjonijiet imħejjija b'dan il-mod għandhom ikunu inklużi*** fl-aġenda għas-sessjoni parzjali li jkun imiss. F'każi urġenti, li dwarhom jiddeċiedi l-President, rakkomandazzjonijiet jistgħu ***ikunu*** inklużi fl-aġenda ta' sessjoni parzjali kurrenti. ***Rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ħlief jekk, qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali, mhux inqas minn erbgħin Membru iressqu oġġezzjoni bil-miktub, f'liema każ ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għandhom jiġu inklużi fl-aġenda ta' l-istess seduta parzjali għad-diskussjoni u l-votazzjoni. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu emendi fuq il-Mejda.***	4. ***L-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet imħejji mill-kumitat għandu jkun inkluż*** fl-aġenda għas-sessjoni parzjali li jkun imiss. F'każi urġenti, li dwarhom jiddeċiedi l-President, rakkomandazzjonijiet jistgħu ***jkunu*** inklużi fl-aġenda ta' sessjoni parzjali kurrenti.
	4a. Ir-Rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ħlief jekk, qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali, mill-inqas 40 Membru jressqu oġġezzjoni bil-miktub. Fejn titresssq tali oġġezzjoni, l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għandu jiġi inkluż fl-aġenda tal-istess seduta parzjali. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' dibattitu, u kull emenda mressqa minn grupp politiku jew minn tal-anqas 40 Membru għandha tittieħed votazzjoni dwarha.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 135

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 114

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 114	Artikolu 114
Ksur tad-drittijiet tal-bniedem	Ksur tad-drittijiet tal-bniedem
F'kull seduta parzjali, mingħajr ma jkollu bżonn ta' awtorizzazzjoni, kull wieħed mill-kumitati responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni ***skond*** l-istess proċeduri kif stipulat fl-Artikolu 113(4) dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.	F'kull seduta parzjali, mingħajr ma jkollu bżonn ta' awtorizzazzjoni, kull wieħed mill-kumitati responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni ***skont*** l-istess proċeduri kif stipulat fl-Artikolu 113(4) ***u (4a)*** dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 136

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 115

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 115	Artikolu 115
Trasparenza fl-attivitajiet tal-Parlament	Trasparenza fl-attivitajiet tal-Parlament
1. Il-Parlament għandu jiżgura l-akbar trasparenza fl-attivitajiet tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	1. Il-Parlament għandu jiżgura l-akbar trasparenza fl-attivitajiet tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. Id-dibattiti fil-Parlament għandhom ikunu pubbliċi.	2. Id-dibattiti fil-Parlament għandhom ikunu pubbliċi.
3. Il-laqgħat tal-kumitati għandhom normalment ikunu pubbliċi. Il-kumitati jistgħu jiddeċiedu, madankollu, sa mhux aktar tard minn meta l-aġenda tal-laqgħa tkun adottata, li jaqsmu l-aġenda ta' dik il-laqgħa f'punti li jkunu miftuħin għall-pubbliku u punti li jkunu magħluqin għall-pubbliku. Madankollu jekk laqgħa ssir ***fil-magħluq***, ***il-kumi tat*** jistà***, bla ħsara għall-Artikolu 4(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,*** jagħmel id-dokumenti ***u minuti*** tal-laqgħa aċċessibbli għall-pubbliku. ***L-Artikolu 166 għandu japplika f'każ ta' kwalunkwe ksur tar-regoli li jirregolaw il-kunfidenzjalità.***	3. Il-laqgħat tal-kumitati għandhom normalment ikunu pubbliċi. Il-kumitati jistgħu jiddeċiedu, madankollu, sa mhux aktar tard minn meta l-aġenda tal-laqgħa tkun adottata, li jaqsmu l-aġenda ta' dik il-laqgħa f'punti li jkunu miftuħin għall-pubbliku u punti li jkunu magħluqin għall-pubbliku. Madankollu jekk laqgħa ssir ***bil-magħluq***, ***il-kumitat*** jistà ***jiddeċiedi li*** jagħmel id-dokumenti tal-laqgħa aċċessibbli għall-pubbliku.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. ***L-eżami li jsir mill-kumitat responsabbli ta' talbiet li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri dwar immunità skond l-Artikolu 9 għandu dejjem isir bil-magħluq.***	

Emenda 137

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 116

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 116	Artikolu 116
Aċċess pubbliku għal dokumenti	Aċċess pubbliku għal dokumenti
1. Kull ċittadin ***ta' l-Unjoni*** u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għal dokumenti tal-Parlament skont l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-prinċipji, ***l-kundizzjonijiet*** u l-limitazzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***u skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura***.	1. Kull ċittadin ***tal-Unjoni*** u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għal dokumenti tal-Parlament skont l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-prinċipji, ***il-kundizzjonijiet*** u l-limitazzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
Aċċess għal dokumenti tal-Parlament għandu, sa fejn ikun possibbli, jingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra bl-istess mod.	Aċċess għal dokumenti tal-Parlament għandu, sa fejn ikun possibbli, jingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra bl-istess mod.
Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu jkun ippubblikat bħala tagħrif flimkien mar-Regoli ta' Proċedura ([15])***.***	
2. Għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti, l-espressjoni ***'dokumenti tal-Parlament'*** tfisser kwalunkwe kontenut li jaqa' fi ħdan it-tifsira ***ta' l-Artikolu*** 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li jkun tħejja minn jew ġie rċevut minn Uffiċjali tal-Parlament ***skond*** it-tifsira ***tal-Titolu*** I, Kapitolu 2 ta' dawn ir-Regoli, minn organi li jirregolaw il-Parlament, minn kumitati jew delegazzjonijiet interparlamentari, jew mis-Segretarjat tal-Parlament.	2. Għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti, l-espressjoni ***"dokumenti tal-Parlament"*** tfisser kwalunkwe kontenut li jaqa' fi ħdan it-tifsira ***tal-Artikolu*** 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li jkun tħejja minn jew ġie rċevut minn uffiċjali tal-Parlament ***skont*** it-tifsira ***tat-Titolu*** I, Kapitolu 2 ta' dawn ir-Regoli, minn ***korpi*** li jirregolaw il-Parlament, minn kumitati jew delegazzjonijiet interparlamentari, jew mis-Segretarjat tal-Parlament.
Jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda skond ir-Regoli ta' Proċedura, dokumenti mħejjija minn Membri individwali jew minn gruppi politiċi huma dokumenti tal-Parlament għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti.	***B'konformità mal-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew***, dokumenti mħejjija minn Membri individwali jew minn gruppi politiċi huma dokumenti tal-Parlament għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti ***biss jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda skont ir-Regoli ta' Proċedura***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-Bureau għandu jagħmel regoli sabiex jiżgura li d-dokumenti kollha tal-Parlament jiġu reġistrati.	Il-Bureau għandu jagħmel regoli sabiex jiżgura li d-dokumenti kollha tal-Parlament jiġu reġistrati.
3. Il-Parlament għandu jistabbilixxi reġistru ta' dokumenti tal-Parlament. Dokumenti leġislattivi u ċerti kategoriji oħra ta' dokumenti għandhom, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ikunu aċċessibbli direttament ***mir-reġistru***. Referenzi għal dokumenti oħra tal-Parlament għandhom, sa fejn ikun possibbli, ikunu inklużi ***fir-reġistru***.	3. Il-Parlament għandu jistabbilixxi ***sit elettroniku ta'*** reġistru ***pubbliku*** ta' dokumenti tal-Parlament. Dokumenti leġislattivi u ċerti kategoriji oħra ta' dokumenti għandhom, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ikunu aċċessibbli direttament ***permezz tas-sit elettroniku tar-reġistru pubbliku tal-Parlament***. Referenzi għal dokumenti oħra tal-Parlament għandhom, sa fejn ikun possibbli, ikunu inklużi ***fis-sit elettroniku tar-reġistru pubbliku***.
Il-kategoriji ta' dokumenti li jkunu aċċessibbli direttament għandhom ikunu stabbiliti f'lista adottata mill-Bureau u ppubblikata fuq is-sit ***elettoniku*** tal-Parlament. Din il-lista m'għandhiex tillimita d-dritt ta' aċċess għal dokumenti li ma jkunux fil-kategoriji inklużi fil-lista; dawk id-dokumenti ***għandhom ikunu*** disponibbli fuq talba bil-miktub.	Il-kategoriji ta' dokumenti li jkunu aċċessibbli direttament ***permezz tas-sit elettroniku tal-Parlament tar-reġistru pubbliku*** għandhom ikunu stabbiliti f'lista adottata mill-Bureau u ppubblikata fuq is-sit ***elettroniku tar-reġistru pubbliku*** tal-Parlament. Din il-lista m'għandhiex tillimita d-dritt ta' aċċess għal dokumenti li ma jkunux fil-kategoriji inklużi fil-lista; dawk id-dokumenti ***jistgħu jkunu*** disponibbli fuq talba bil-miktub ***skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001***.
Il-Bureau ***jista'*** jadotta regoli, ***f'konformità mar-Regolament*** (KE) Nru 1049/2001, li ***jistabbilixxu arranġamenti għall-aċċess, liema regoli*** għandhom ikunu ppubblikati ***fil-Ġurnal*** Uffiċjali ***ta' l-Unjoni*** Ewropea.	Il-Bureau ***għandu*** jadotta regoli ***għall-aċċess għal dokumenti***, ***skont ir-Regolament*** (KE) Nru 1049/2001, li għandhom ikunu ppubblikati ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali ***tal-Unjoni*** Ewropea.
4. Il-Bureau għandu jinnomina l-organi responsabbli ***mill-immaniġġar*** ta' talbiet inizjali (Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u ***għandu jaddotta*** deċiżjonijiet dwar talbiet ta' konferma (Artikolu 8 tar-Regolament) u talbiet għal dokumenti sensittivi (Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura).	4. Il-Bureau għandu jinnomina l-***korpi*** responsabbli ***mill-immaniġġjar*** ta' talbiet inizjali (Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u ***mill-adozzjoni ta'*** deċiżjonijiet dwar talbiet ta' konferma (Artikolu 8 tar-Regolament) u ***dwar*** talbiet għal ***aċċess għal*** dokumenti sensittivi (Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura).
5. ***Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina r-rappreżentanti tal-Parlament fuq il-kumitat interistituzzjonali mwaqqaf skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.***	
6. Wieħed mill-Viċi Presidenti għandu jkun responsabbli mis-superviżjoni ***ta' l-immaniġġjar*** ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti.	6. Wieħed mill-Viċi Presidenti għandu jkun responsabbli mis-superviżjoni ***tal-immaniġġjar*** ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti.
	6a. Il-Bureau għandu jadotta r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.
7. Il-kumitat responsabbli tal-Parlament għandu***, fuq il-bażi ta' tagħrif mogħti mill-Bureau*** u ***sorsi oħrajn, jipprepara r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jippreżentah*** lis-seduta plenarja.	7. Il-kumitat responsabbli tal-Parlament għandu ***jeżamina regolarment it-trasparenza tal-attivitajiet tal-Parlament*** u ***jressaq rapport bil-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu*** lis-seduta plenarja.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-kumitat responsabbli ***għandu*** wkoll jeżamina u jevalwa r-rapporti adottati mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra ***skond*** l-Artikolu 17 tar-Regolament.	Il-kumitat responsabbli ***jista'*** wkoll jeżamina u jevalwa r-rapporti adottati mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra ***skont*** l-Artikolu 17 tar-Regolament ***(KE) Nru 1049/2001***.
	7a. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina r-rappreżentanti tal-Parlament fuq il-kumitat interistituzzjonali mwaqqaf skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

([15]) ***Ara l-Anness XIV.***

Emenda 138

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 116a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 116a
	Aċċess għall-Parlament
	1. ***Il-kards ta' aċċess għall-Membri, l-assistenti tal-Membri u terzi persuni għandhom jinħarġu abbażi tar-regoli stabbiliti mill-Bureau. Dawk ir-regoli għandhom jirregolaw ukoll l-użu u l-irtirar ta' kards ta' aċċess.***
	2. ***Il-kards ma għandhomx jinħarġu lil individwi f'entourage ta' Membru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru tat-trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil tal-politika tal-UE u l-implementazzjoni tal-politika*** ([1a])***.***
	3. ***Entitajiet irreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza u r-rappreżentanti tagħhom li ngħataw kards għal aċċess fit-tul għall-Parlament Ewropew għandhom josservaw:***
	— ***il-Kodiċi ta' Mġiba għar-Reġistranti mehmuż mal-ftehim;***
	— ***il-proċeduri u l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-ftehim; and***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	— ***id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dan l-Artikolu.***
	Mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tar-regoli ġenerali li jirregolaw l-irtirar jew id-diżattivazzjoni temporanja tal-kards għal aċċess fit-tul, u sakemm ma jkunx hemm argumenti sinifikattivi kontra dan, is-Segretarju Ġenerali għandu, bl-awtorizzazzjoni tal-Kwesturi, jirtira jew jiddiżattiva kard għal aċċess fit-tul fejn id-detentur tagħha jkun tneħħa mir-reġistru ta' trasparenza għal ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba għar-Reġistranti, jew ikun ħati ta' ksur serju tal-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu, jew ikun irrifjuta milli jikkonforma ma' talba formali sabiex jattendi smigħ jew laqgħa tal-kumitat jew li jikkoopera ma' kumitat ta' inkjesta, mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni sufficjenti.
	4. ***Il-Kwesturi jistgħu jiddeterminaw sa fejn il-kodiċi ta' mġiba msemmi fil-paragrafu 2 huwa applikabbli għall-persuni li, filwaqt li għandhom kard ta' aċċess fit-tul, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim.***
	5. ***Il-Bureau, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta r-reġistru ta' trasparenza skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istabbiliment tal-imsemmi reġistru;***
	([1a]) ***ĠU L 277, 19.9.2014, p. 11.***

Emenda 139

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 117

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 117	Artikolu 117
Elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni	Elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni
1 Meta l-Kunsill Ewropew jipproponi kandidat għal President tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-kandidat biex jagħmel stqarrija u jippreżenta l-linji gwida politiċi tiegħu lill-Parlament. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.	1. Meta l-Kunsill Ewropew jipproponi kandidat għal President tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-kandidat biex jagħmel stqarrija u jippreżenta l-linji gwida politiċi tiegħu lill-Parlament. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.
Il-Kunsill Ewropew għandu jkun mistieden jieħu sehem fid-dibattitu.	Il-Kunsill Ewropew għandu jkun mistieden jieħu sehem fid-dibattitu.
2. ***Il-Parlament*** għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.	2. ***Bi qbil mal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Parlament*** għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni b'maġġoranza tal-Membri li ***jagħmlu parti minnu***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-votazzjoni għandha ssir permezz ta' vot sigriet.	Il-votazzjoni għandha ssir permezz ta' vot sigriet.
3. Jekk il-kandidat jiġi elett, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Kunsill u jitlob lilu u lill-President elett tal-Kummissjoni biex jipproponu bi ftehim bejniethom il-persuni nominati għall-karigi differenti bħala Kummissarji.	3. Jekk il-kandidat jiġi elett, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Kunsill u jitlob lilu u lill-President elett tal-Kummissjoni biex jipproponu bi ftehim bejniethom il-persuni nominati għall-karigi differenti bħala Kummissarji.
4. Jekk il-kandidat ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, il-President għandu jistieden lill-Kunsill Ewropew sabiex fi żmien xahar jipproponi kandidat ieħor għall-elezzjoni, skont l-istess proċedura.	4. Jekk il-kandidat ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, il-President għandu jistieden lill-Kunsill Ewropew sabiex fi żmien xahar jipproponi kandidat ieħor għall-elezzjoni, skont l-istess proċedura.

Emenda 140

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 118

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 118	Artikolu 118
Elezzjoni tal-Kummissjoni	Elezzjoni tal-Kummissjoni
	- 1. Il-President għandu jistieden lill-President elett tal-Kummissjoni biex jgħarraf lill-Parlament dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli fil-Kulleġġ tal-Kummissarji propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President elett.
1. Wara li jkun ikkonsulta mal-President elett tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-persuni nominati għall-karigi differenti bħala Kummissarji mill-President elett tal-Kummissjoni u mill-Kunsill sabiex jidhru quddiem il-kumitati parlamentari rispettivi ***skond*** l-oqsma li għalihom ġew nominati. ***Dan is-smigħ għandu jsir fil-pubbliku.***	1. Wara li jkun ikkonsulta mal-President elett tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-persuni nominati għall-karigi differenti bħala Kummissarji mill-President elett tal-Kummissjoni u mill-Kunsill sabiex jidhru quddiem il-kumitati ***jew korpi*** parlamentari rispettivi ***skont*** l-oqsma li għalihom ġew nominati.
	1a. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu mmexxija mill-kumitati.
	B'mod eċċezzjonali, seduta ta' smigħ tista' ssir f'format differenti meta Kummissarju nnominat ikollu responsabilitajiet li huma primarjament orizzontali, dment li tali seduta ta' smigħ tinvolvi l-kumitati responsabbli. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru fil-pubbliku.
2. ***Il-President jista' jistieden lill-President elett tal-Kummissjon biex jgħarraf lill-Parlament dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli fil-Kulleġġ tal-Kummissarji propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tiegħu.***	
3. Il-kumitat jew kumitati kompetenti għandhom jistiednu lill-Kummissarju nnominat biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jippermetti li l-Kummissarji nnominati jagħtu lill-Parlament t-tagħrif kollu rilevanti. Id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ għandhom ikunu stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([16]).	3. Il-kumitat jew kumitati kompetenti għandhom jistiednu lill-Kummissarju nnominat biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jippermetti li l-Kummissarji nnominati jagħtu lill-Parlament t-tagħrif kollu rilevanti. Id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ għandhom ikunu stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Il-President elett għandu jippreżenta l-kulleġġ tal-Kummissarji u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.	4. Il-President elett għandu ***jiġi mistieden*** jippreżenta l-kulleġġ tal-Kummissarji u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.
5. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 123(3)***, (4) u*** (5).	5. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 123(3) ***sa*** (5***b***).
Wara l-votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jeleġġi jew jiċħad il-Kummissjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.	
Il-vot għandu jittieħed permezz ta' sejħa ta' l-ismijiet.	
Il-Parlament jista` jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta ta' wara.	
	5a. Wara l-votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jeleġġi jew jiċħad il-Kummissjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa***, b'sejħa tal-ismijiet.*** Il-Parlament jista' jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta ta' wara.
6. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill bl-elezzjoni jew biċ-ċaħda tal-Kummissjoni.	6. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill bl-elezzjoni jew biċ-ċaħda tal-Kummissjoni.
7. ***F'każ*** ta' bdil sostanzjali fil-portafolli matul il-mandat tal-Kummissjoni, ***il-mili ta' post vakanti*** jew ***il-ħatra ta'*** Kummissarju ***ġdid wara l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Kummissarji konċernati*** għandhom jiġu mistiedna ***jidhru quddiem il-kumitati responsabbli mill-oqsma ta' kompetenza rispettivi, skond il-paragrafu*** 3.	7. ***F'każ*** ta' bdil sostanzjali fil-portafolli ***jew bidla fil-kompożizzjoni tal-Kummissjoni*** matul il-mandat tal-Kummissjoni, ***il-Kummissarji kkonċernati*** jew ***kwalunkwe*** Kummissarju ***nnominat ieħor*** għandhom jiġu mistiedna ***jipparteċipaw fi smigħ li jsir f'konformità mal-paragrafi 1a u*** 3.
	7a. Fil-każ ta' bidla fil-portafoll tal-Kummissarju jew fl-interessi finanzjarji ta' Kummissarju matul il-mandat tiegħu jew tagħha, din is-sitwazzjoni għandha tkun soġġetta għal skrutinju mill-Parlament skont l-Anness XVI.
	Jekk jiġi identifikat kunflitt ta' interessi matul it-tul tal-kariga ta' Kummissarju, u l-President tal-Kummissjoni jonqos milli jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament sabiex tinstab soluzzjoni għal dan il-kunflitt ta' interessi, il-Parlament jista' jitlob lill-President tal-Kummissjoni biex ma jibqax jagħti fiduċja lill-Kummissarju msemmi, skont il-paragrafu 5 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea u, fejn xieraq, jieħu azzjoni bl-għan li jċaħħad lill-Kummissarju msemmi mid-dritt tiegħu għal pensjoni jew għal benefiċċji oħra minflok pensjoni f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([16]) ***Ara l-Anness XVI.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 141

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 118a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 118a
	Programmazzjoni pluriennali
	Mal-ħatra ta' Kummissjoni ġdida, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont il-paragrafu 5 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, għandhom jaqsmu l-fehmiet tagħhom u jilħqu qbil dwar konklużjonijiet konġunti dwar l-ipprogrammar pluriennali.
	Għal dak l-għan, u qabel ma jinnegozja mal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar konklużjonijiet konġunti rigward l-ipprogrammar pluriennali, il-President għandu jagħmel skambju ta' fehmiet mal-Konferenza tal-Presidenti dwar l-objettivi prinċipali tal-politiki u l-prijoritajiet għal-leġislatura l-ġdida. Dan l-iskambju ta' fehmiet se jieħu inkunsiderazzjoni, inter alia, il-prijoritajiet ippreżentati mill-President elett tal-Kummissjoni, kif ukoll it-tweġibiet mogħtija mill-Kummissarji nnominati waqt is-seduti ta' smigħ previsti fl-Artikolu 118.
	Qabel ma jiffirma l-konklużjonijiet konġunti, il-President għandu jfittex li jikseb l-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti.

Emenda 142

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 119

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 119	Artikolu 119
Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni	Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni
1. Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni tista' tiġi ppreżentata lill-President minn parti waħda minn għaxra tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.	1. Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni tista' tiġi ppreżentata lill-President minn parti waħda minn għaxra tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament. ***Jekk mozzjoni ta' ċensura tkun ġiet ivvutata fl-aħħar xahrejn, waħda ġdida tista' titqiegħed fuq il-Mejda minn 20 % biss tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.***
2. Il-mozzjoni għandha ***tissejjaħ 'mozzjoni*** ta' ***ċensura'*** u għandha ***tigi sostnuta b'raġunijiet***. Għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.	2. Il-mozzjoni għandha ***tissejjaħ "mozzjoni*** ta' ***ċensura"*** u għandha ***tiddikjara r-raġunijiet***. Għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Il-President għandu jħabbar lill-Membri li tqiegħdet fuq il-Mejda mozzjoni ta' ċensura minnufih malli jirċeviha.	3. Il-President għandu jħabbar lill-Membri li tqiegħdet fuq il-Mejda mozzjoni ta' ċensura minnufih malli jirċeviha.
4. Id-dibattitu dwar iċ-ċensura m'għandux ***jsir*** biss wara li jgħaddu mill-inqas erbgħa u għoxrin siegħa minn meta tkun tħabbret lill-Membri l-wasla tal-mozzjoni ta' ċensura.	4. Id-dibattitu dwar iċ-ċensura m'għandux ***isir*** biss wara li jgħaddu mill-inqas ***24*** siegħa minn meta tkun tħabbret lill-Membri l-wasla tal-mozzjoni ta' ċensura.
5. Il-votazzjoni dwar il-mozzjoni għandha ssir permezz ta' sejħa ***ta' l-ismijiet*** u għandha ***issir*** wara li jgħaddu mhux inqas minn tmienja u erbgħin siegħa mill-bidu tad-dibattitu.	5. Il-votazzjoni dwar il-mozzjoni għandha ssir permezz ta' sejħa ***tal-ismijiet*** u għandha ***ssir*** wara li jgħaddu mhux inqas minn ***48*** siegħa mill-bidu tad-dibattitu.
6. ***Id-dibattitu*** u l-votazzjoni għandhom isiru, l-aktar tard, waqt is-seduta parzjali ta' wara li tkun ***giet*** ippreżentata l-mozzjoni.	6. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5, id-dibattitu*** u l-votazzjoni għandhom isiru, l-aktar tard, waqt is-seduta parzjali ta' wara li tkun ***ġiet*** ippreżentata l-mozzjoni.
7. ***Il-mozzjoni*** ta' ċensura tgħaddi jekk ikollha maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, maġġoranza li ***tirraprezenta*** l-maġġoranza tal-Membri li jiffurmaw il-Parlament. Ir-riżultat għandu jiġi notifikat lill-President tal-Kunsill u lill-President tal-Kummissjoni.	7. ***F'konformità mal-Artikolu 234 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-mozzjoni*** ta' ċensura ***għandha*** tgħaddi jekk ikollha maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, maġġoranza li ***tirrapreżenta*** l-maġġoranza tal-Membri ***li jagħmlu parti mill***-Parlament. Ir-riżultat għandu jiġi notifikat lill-President tal-Kunsill u lill-President tal-Kummissjoni.

Emenda 143

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 120

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 120	Artikolu 120
In-Nomina tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	In-Nomina tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Fuq proposta tal-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu jaħtar il-persuna nominata minnu fuq il-kumitat ta' seba' persuni inkarigat biex jevalwa x-xerqien tal-kandidati biex jingħataw il-kariga ta' Imħallfin jew Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.	Fuq proposta tal-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu jaħtar il-persuna nominata minnu fuq il-kumitat ta' seba' persuni inkarigat biex jevalwa x-xerqien tal-kandidati biex jingħataw il-kariga ta' Imħallfin jew Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. ***Il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi dwar il-persuna nominata li jixtieq jipproponi billi jorganizza votazzjoni b'maġġoranza sempliċi. Għal dan l-iskop, il-koordinaturi ta' dak il-kumitat għandhom jistabbilixxu lista finali ta' kandidati.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 144

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 121

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 121	Artikolu 121
Ħatra tal-Membri tal-Qorti ***ta' l-Awdituri***	Ħatra tal-Membri tal-Qorti ***tal-Awdituri***
1. Il-kandidati nominati bħala Membri tal-Qorti ***ta' l-Awdituri*** għandhom jiġu mistiedna jagħmlu stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġbu l-mistoqsijiet magħmula lilhom mill-membri. Il-kumitat għandu jivvota b'mod sigriet separatament fuq kull ***nomina***.	1. Il-kandidati nominati bħala Membri tal-Qorti ***tal-Awdituri*** għandhom jiġu mistiedna jagħmlu stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġbu l-mistoqsijiet magħmula lilhom mill-membri. Il-kumitat għandu jivvota b'mod sigriet separatament fuq kull nomina.
2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk ***in-nominazzjoni*** għandhiex tiġi approvata***, liema rakkomandazzjoni għandu jkollha l-forma ta' rapport li jinkludi proposta separata għal kull deċiżjoni fuq kull nomina***.	2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk ***in-nomina*** għandhiex tiġi approvata.
3. Il-vot f'seduta plenarja għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun waslet ***in-nominazzjoni*** ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament għandu jivvota b'mod sigriet separatament għal kull nomina ***u jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza tal-voti mitfugħa***.	3. Il-vot f'seduta plenarja għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun waslet ***in-nomina*** ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn ***40*** Membru, jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament għandu jivvota b'mod sigriet separatament għal kull nomina.
4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament dwar ***nominazzjoni*** individuali tkun negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill biex jirtira ***n-nominazzjoni*** u jippreżenta ***nominazzjoni*** ġdida lill-Parlament.	4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament dwar ***nomina*** individuali tkun negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill biex jirtira ***n-nomina*** u jippreżenta ***nomina*** ġdida lill-Parlament.

Emenda 145

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 122

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 122	Artikolu 122
Ħatra tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew	Ħatra tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew
1. Il-kandidat ***innominat*** bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi mistieden biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilu mill-Membri.	1. Il-kandidat ***nominat*** bħala President***, Viċi President jew Membru tal-Bord Eżekuttiv*** tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi mistieden biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilu mill-Membri.
2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk ***in-nominazzjoni*** għandhiex tiġi approvata.	2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk ***in-nomina*** għandhiex tiġi approvata.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Il-vot għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet ippreżentata ***n-nominazzjoni*** ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jiddeċiedi mod ieħor.	3. Il-vot għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet ippreżentata ***n-nomina*** ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn ***40*** Membru, jiddeċiedi mod ieħor. ***Il-Parlament għandu jivvota b'mod sigriet separatament għal kull nomina.***
4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament tkun negattiva, il-President għandu jitlob ***lill-Kunsill biex jirtira n-nomina tiegħu*** u ***jippreżenta*** nomina ġdida lill-Parlament.	4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament ***dwar nomina*** tkun negattiva, il-President għandu jitlob ***l-irtirar tan-nomina*** u ***s-sottomissjoni ta'*** nomina ġdida lill-Parlament.
5. ***L-istess proċedura għandha tapplika fil-każ tan-nomini ta' Viċi President u ta' Membri oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.***	

Emenda 146

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 122a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 122a
	Ħatriet f'korpi ta' governanza ekonomika
	1. ***Dan l-Artikolu għandu japplika għall-ħatra ta':***
	— ***il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku;***
	— ***il-President, il-Viċi President u l-Membri full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni;***
	— ***il-Presidenti u d-Diretturi Eżekuttivi tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); u***
	— ***id-Direttur Maniġerjali u l-Viċi Direttur Maniġerjali tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.***
	2. ***Kull kandidat għandu jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġeb mistoqsijiet magħmula mill-Membri.***
	3. ***Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar kull proposta għal ħatra.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4. ***Il-vot għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tasal il-proposta għall-ħatra ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn 40 Membru, jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament għandu jivvota b'mod sigriet separatament għal kull ħatra.***
	5. ***Jekk id-deċiżjoni adottata mill-Parlament dwar proposta għal ħatra tkun negattiva, il-President għandu jitlob l-irtirar tagħha u s-sottomissjoni ta' proposta ġdida lill-Parlament.***

Emenda 147

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 123

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 123	Artikolu 123
Stqarrijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Kunsill Ewropew	Stqarrijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Kunsill Ewropew
1. Il-Membri tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew jistgħu f'kull ħin jitolbu permess mingħand il-President tal-Parlament biex jagħmlu stqarrija. Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jagħmel stqarrija wara kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew. Il-President tal-Parlament għandu jiddeċiedi meta l-istqarrija tkun tista' ssir u jekk għandhiex tiġi segwita minn dibattitu sħiħ jew minn tletin minuta ta' mistoqsijiet qosra u ***konċizi*** mill-Membri.	1. Il-Membri tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew jistgħu f'kull ħin jitolbu permess mingħand il-President tal-Parlament biex jagħmlu stqarrija. Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jagħmel stqarrija wara kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew. Il-President tal-Parlament għandu jiddeċiedi meta l-istqarrija tkun tista' ssir u jekk għandhiex tiġi segwita minn dibattitu sħiħ jew minn tletin minuta ta' mistoqsijiet qosra u ***konċiżi*** mill-Membri.
2. Meta jpoġġi stqarrija b'dibattitu fl-aġenda tiegħu, il-Parlament għandu jiddeċiedi jekk jagħlaqx jew le d-dibattitu b'riżoluzzjoni. Fil-każ li jkun programmat rapport fuq l-istess argument fl-istess seduta parzjali jew f'dik ta' wara, dan ma jsirx, ħlief jekk il-President, għal raġunijiet eċċezzjonali, jipproponi mod ieħor. Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jagħlaq id-dibattitu b'riżoluzzjoni, kumitat, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni.	2. Meta jpoġġi stqarrija b'dibattitu fl-aġenda tiegħu, il-Parlament għandu jiddeċiedi jekk jagħlaqx jew le d-dibattitu b'riżoluzzjoni. Fil-każ li jkun programmat rapport fuq l-istess argument fl-istess seduta parzjali jew f'dik ta' wara, dan ma jsirx, ħlief jekk il-President, għal raġunijiet eċċezzjonali, jipproponi mod ieħor. Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jagħlaq id-dibattitu b'riżoluzzjoni, kumitat, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni.
3. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandu jittieħed vot fuqhom ***fl-istess ġurnata***. Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet. Spjegazzjonijiet ta' votazzjoni għandhom ikunu ammissibbli.	3. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandu jittieħed vot fuqhom ***fil-ħin ta' votazzjoni l-aktar bikri possibbli***. Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet. Spjegazzjonijiet ta' votazzjoni għandhom ikunu ammissibbli.
4. Mozzjoni ***konġunta*** għal riżoluzzjoni għandha tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet imqiegħda fuq il-Mejda qabel mill-firmatarji tagħha, iżda mhux il-mozzjonijiet għal ***riżoluzzjoni mqiegħda*** fuq il-Mejda minn kumitati, gruppi politiċi jew Membri oħra.	4. Mozzjoni għal riżoluzzjoni ***konġunta*** għandha tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet imqiegħda fuq il-Mejda qabel mill-firmatarji tagħha, iżda mhux il-mozzjonijiet għal ***riżoluzzjonijiet imqiegħda*** fuq il-Mejda minn kumitati, gruppi politiċi jew Membri oħra.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Jekk mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta titqiegħed fuq il-Mejda minn gruppi politiċi li jirrappreżentaw maġġoranza ċara, il-President jista' jpoġġi din il-mozzjoni għall-vot l-ewwel.
5. Wara li tkun ġiet adottata riżoluzzjoni, ma jistax jittieħed vot fuq mozzjonijiet oħra ħlief jekk il-President, b'eċċezzjoni, jiddeċiedi mod ieħor.	5. Wara li tkun ġiet adottata riżoluzzjoni, ma jistax jittieħed vot fuq mozzjonijiet oħra ħlief jekk il-President, b'eċċezzjoni, jiddeċiedi mod ieħor.
	5a. L-awtur jew l-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skont il-paragrafu 2 jew l-Artikolu 135 (2) għandu jkollhom id-dritt li jirtirawha qabel il-votazzjoni aħħarija.
	5b. Mozzjoni għal riżoluzzjoni li tkun ġiet irtirata tista' tittieħed u terġa' titqiegħed fuq il-Mejda minnufih minn grupp, kumitat jew mill-istess numru ta' Membri li jkollhom id-dritt li jqiegħduha fuq il-Mejda. Il-paragrafu 5a u dan il-paragrafu għandhom japplikaw ukoll għal riżoluzzjonijiet imressqa skont l-Artikoli 105 u 106.

Emenda 148

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 124

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 124	Artikolu 124
Stqarrijiet li jispjegaw id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni	Stqarrijiet li jispjegaw id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni
Wara li jkun ikkonsulta l-Konferenza tal-Presidenti, il-President ***jista'*** jistieden lill-President tal-Kummissjoni, lill-Kummissarju responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew jew, bi ftehim, lil xi Kummissarju ieħor, biex jagħmlu stqarrija lill-Parlament wara kull laqgħa tal-Kummissjoni li tispjega d-deċiżjonijiet ewlenin li jkunu ttieħdu. L-istqarrija għandha tiġi segwita minn dibattitu ta' mhux inqas minn tletin minuta li fih il-Membri jistgħu jagħmlu xi mistoqsijiet qosra.	Il-President ***għandu*** jistieden lill-President tal-Kummissjoni, lill-Kummissarju responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew jew, bi ftehim, lil xi Kummissarju ieħor, biex jagħmlu stqarrija lill-Parlament wara kull laqgħa tal-Kummissjoni li tispjega d-deċiżjonijiet ewlenin li jkunu ttieħdu***, ħlief jekk għal raġunijiet ta' skedar ta' ħinijiet jew minħabba relevanza politika relattiva tas-suġġett, il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi li dan mhux meħtieġ***. L-istqarrija għandha tiġi segwita minn dibattitu ta' mhux inqas minn tletin minuta li fih il-Membri jistgħu jagħmlu xi mistoqsijiet qosra.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 149

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 125

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 125	Artikolu 125
Stqarrijiet mill-Qorti ***ta' l-Awdituri***	Stqarrijiet mill-Qorti ***tal-Awdituri***
1. Fil-kuntest ta' proċedura ta' kwittanza jew ***ta' l-attivitajiet*** tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-baġit, il-President tal-Qorti ***ta' l-Awdituri*** jista' jiġi mistieden ***jieħu l-kelma*** sabiex jippreżenta l-kummenti inklużi fir-Rapport Annwali, fir-rapporti speċjali jew fl-opinjonijiet tal-Qorti, jew sabiex jispjega l-programm ta' ħidma tal-Qorti.	1. Fil-kuntest ta' proċedura ta' kwittanza jew ***tal-attivitajiet*** tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-baġit, il-President tal-Qorti ***tal-Awdituri*** jista' jiġi mistieden ***jagħmel dikjarazzjoni*** sabiex jippreżenta l-kummenti inklużi fir-Rapport Annwali, fir-rapporti speċjali jew fl-opinjonijiet tal-Qorti, jew sabiex jispjega l-programm ta' ħidma tal-Qorti.
2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi li ***jlaqqa*** dibattitu separat dwar xi kwistjonijiet li jirriżultaw minn stqarrijiet ta' dan it-tip bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, b'mod ***partikulari*** fejn ikunu ġew ***irrapurtati*** irregolaritajiet fl-immaniġġjar tal-finanzi.	2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi li ***jlaqqa'*** dibattitu separat dwar xi kwistjonijiet li jirriżultaw minn stqarrijiet ta' dan it-tip bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, b'mod ***partikolari*** fejn ikunu ġew ***irrappurtati*** irregolaritajiet fl-immaniġġjar tal-finanzi.

Emenda 150

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 126

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 126	Artikolu 126
Stqarrijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew	Stqarrijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew
1. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta lill-Parlament ir-Rapport Annwali tal-Bank dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena ta' qabel kif ukoll tas-sena kurrenti.	1. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jiġi mistieden biex*** jippreżenta lill-Parlament ir-Rapport Annwali tal-Bank dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena ta' qabel kif ukoll tas-sena kurrenti.
2. Din il-preżentazzjoni għandha tiġi segwita minn dibattitu ġenerali.	2. Din il-preżentazzjoni għandha tiġi segwita minn dibattitu ġenerali.
3. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, mhux inqas minn erba' darbiet fis-sena, għandu jiġi mistieden għal-laqgħat tal-kumitat responsabbli biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet.	3. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, mhux inqas minn erba' darbiet fis-sena, għandu jiġi mistieden għal-laqgħat tal-kumitat responsabbli biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Fuq talba tagħhom jew tal-Parlament, il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu mistiedna għal laqgħat ***addizzjoni***.	4. Fuq talba tagħhom jew tal-Parlament, il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu mistiedna għal laqgħat ***addizzjonali***.
5. Għandu jitħejja rapport verbatim ***fil-lingwi uffiċjali*** ta' dak li jkun intqal ***skond*** il-paragrafi 3 u 4.	5. Għandu jitħejja rapport verbatim ta' dak li jkun intqal ***skont*** il-paragrafi 3 u 4.

Emenda 151

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 127

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 127	***imħassar***
Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika.	
1. ***Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandha tiġi ppreżentata lill-kumitat responsabbli li għandu jissottometti rapport lill-Parlament.***	
2. ***Il-Kunsill għandu jiġi mistieden biex jgħarraf lill-Parlament bil-kontenut tar-rakkomandazzjoni tiegħu u bil-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill Ewropew.***	

Emenda 152

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 128

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 128	Artikolu 128
Mistoqsijiet għal tweġiba orali b'dibattitu	Mistoqsijiet għal tweġiba orali b'dibattitu
1. Jistgħu ***isiru*** mistoqsijiet lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni minn kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, b'talba biex il-mistoqsijiet jidħlu fl-aġenda tal-Parlament.	1. Jistgħu ***jsiru*** mistoqsijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew ***lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà*** minn kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru, b'talba biex il-mistoqsijiet jidħlu fl-aġenda tal-Parlament.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President li għandu jgħaddihom minnufih lill-Konferenza tal-Presidenti.	Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President li għandu jgħaddihom minnufih lill-Konferenza tal-Presidenti.
Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi jekk il-mistoqsijiet għandhomx ***jitqiegħu fl-aġenda u f'liema ordni għandhom jitqiegħdu fl-aġenda***. Il-mistoqsijiet li ma jitqegħdux ***fl-aġenda*** tal-Parlament fi żmien tliet xhur minn meta jkunu ġew imressqa jiskadu.	Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi jekk il-mistoqsijiet għandhomx ***jitqiegħdu fl-abbozz ta' aġenda skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 149***. Il-mistoqsijiet li ma jitqegħdux ***fl-abbozz ta' aġenda*** tal-Parlament fi żmien tliet xhur minn meta jkunu ġew imressqa jiskadu.
2. Il-mistoqsijiet lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu ***lil dik l-istituzzjoni*** mhux inqas minn ġimgħa qabel is-seduta li fl-aġenda tagħha għandhom jidhru dawn il-mistoqsijiet, u l-mistoqsijiet lill-Kunsill għandhom jintbagħtu mhux inqas minn tliet ġimgħat qabel dik id-data.	2. Il-mistoqsijiet lill-Kummissjoni ***u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà*** għandhom jintbagħtu ***lid-destinatarju*** mhux inqas minn ġimgħa qabel is-seduta li fl-aġenda tagħha għandhom jidhru dawn il-mistoqsijiet, u l-mistoqsijiet lill-Kunsill għandhom jintbagħtu mhux inqas minn tliet ġimgħat qabel dik id-data.
3. Fejn il-mistoqsijiet ikollhom x'jaqsmu ***ma' kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***, ***id-data*** ta' ***skadenza stipulata*** fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu*** ma ***tapplikax***, u ***l-Kunsill għandu jwieġeb*** kemm jista' jkun malajr ***u jżomm*** il-Parlament infurmat kif suppost.	3. Fejn il-mistoqsijiet ikollhom x'jaqsmu ***mal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni***, ***il-limiti*** ta' ***żmien stipulati*** fil-paragrafu 2 ma ***japplikawx***, u ***t-tweġiba trid tingħata*** kemm jista' jkun malajr ***sabiex*** il-Parlament ***jinżamm*** infurmat kif suppost.
4. Wieħed mill-interpellanti ***jkollu ħames minuti biex*** jagħmel il-mistoqsija. Għandu jwieġeb ***membru ta' l-istituzzjoni konċernata***.	4. Wieħed mill-interpellanti ***jista'*** jagħmel il-mistoqsija. ***Id-destinatarju*** għandu jwieġeb.
L-awtur tal-mistoqsija huwa ntitolat li juża l-ħin kollu għall-intervent kif imsemmi.	
5. L-Artikolu 123(2) sa ***(5)*** għandu japplika mutatis mutandis.	5. L-Artikolu 123(2) sa ***(5b)rigward it-tqegħid fuq il-Mejda ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet u l-votazzjoni fuqhom*** għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 153

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 129

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 129	Artikolu 129
Ħin għall-mistoqsijiet	Ħin għall-mistoqsijiet
1. ***Għandu*** jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet lill-Kummissjoni f'kull sessjoni parzjali għal tul ta' 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew iktar minn waħda deċiżi mill-Konferenza tal-Presidenti xahar qabel is-sessjoni parzjali.	1. ***Jista'*** jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet lill-Kummissjoni f'kull sessjoni parzjali għal tul ta' ***mhux iktar minn*** 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew iktar minn waħda deċiżi mill-Konferenza tal-Presidenti xahar qabel is-sessjoni parzjali.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Kummissarji mistiedna mill-Konferenza tal-Presidenti biex jipparteċipaw għandu jkollhom portafoll relatat mat-tema jew it-temi orizzontali speċifiċi li dwarhom ikunu se jsiru mistoqsijiet. In-numru ta' Kummissarji għandu jkun limitat għal tnejn għal kull sessjoni parzjali, bil-possibilità li jiżdied it-tielet wieħed skont it-tema jew temi orizzontali speċifiċi magħżula għall-Ħin għall-Mistoqsijiet.	2. Il-Kummissarji mistiedna mill-Konferenza tal-Presidenti biex jipparteċipaw għandu jkollhom portafoll relatat mat-tema jew it-temi orizzontali speċifiċi li dwarhom ikunu se jsiru mistoqsijiet. In-numru ta' Kummissarji għandu jkun limitat għal tnejn għal kull sessjoni parzjali, bil-possibilità li jiżdied it-tielet wieħed skont it-tema jew temi orizzontali speċifiċi magħżula għall-Ħin għall-Mistoqsijiet.
3. ***Il-ħin għall-mistoqsijiet għandu jsir b'konformita ma' sistema ta' poloz li d-dettalji tagħha huma stabbiliti f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([17])**.**	
4. Skont il-linji gwida stabbiliti mill-Konferenza tal-Presidenti, jistgħu jiġu organizzati ħinijiet għal mistoqsijiet speċifiċi mal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mal-President tal-Grupp tal-euro.	4. Skont il-linji gwida stabbiliti mill-Konferenza tal-Presidenti, jistgħu jiġu organizzati ħinijiet għal mistoqsijiet speċifiċi mal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mal-President tal-Grupp tal-euro.
	4a. Il-ħin għall-mistoqsijiet ma għandux jiġi speċifikament allokat minn qabel. Il-President għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-Membri li jkollhom fehmiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jingħataw l-opportunità li jagħmlu mistoqsija wara xulxin.
	4b. Il-Membru għandu jingħata minuta biex jifformula l-mistoqsija u l-Kummissarju jingħata żewġ minuti biex iwieġeb. Dak il-Membru jista' jagħmel mistoqsija supplimentari ta' 30 sekonda li jkollha relevanza diretta mal-mistoqsija prinċipali. Il-Kummissarju mbagħad għandu jingħata żewġ minuti biex jagħti tweġiba supplimentari.
	Il-mistoqsijiet u l-mistoqsijiet supplimentari għandhom ikunu direttament relatati mat-tema orizzonatali speċifika magħżula skont il-paragrafu 1. Il-President jista' jiddeċiedi dwar l-ammissibilità.

([17]) ***Ara l-Anness II.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 154

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 130

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 130	Artikolu 130
Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub	Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub
1. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont kriterji stipulati f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([18]). L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu ***esklużivament*** responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet.	1. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont kriterji stipulati f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([18]). L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu ***esklussivament*** responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet.
2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President. Id-dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President ma għandhiex tkun ***bbażata*** esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet tal-anness imsemmi fil-paragrafu 1 iżda fuq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni tal-President għandha tkun innotifikata lill-persuna li tagħmel il-mistoqsija.	2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President. Id-dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President ma għandhiex tkun ***ibbażata*** esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet tal-anness imsemmi fil-paragrafu 1 iżda fuq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni ***motivata*** tal-President għandha tkun innotifikata lill-persuna li tagħmel il-mistoqsija.
3. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati f'format elettroniku. Kull Membru jista' jippreżenta massimu ta' ***ħames mistoqsijiet fix-xahar***.	3. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati f'format elettroniku. Kull Membru jista' jippreżenta massimu ta' ***20 mistoqsija fuq perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi***.
Bħala eċċezzjoni, il-mistoqsijiet addizzjonali jistgħu jiġu ppreżentati fil-forma ta' dokument stampat depożitat u ffirmat personalment mill-Membru kkonċernat fis-servizz rilevanti tas-Segretarjat.	
Wara perjodu li jiskadi sena wara l-bidu tat-tmien leġislatura, il-Konferenza tal-Presidenti għandha twettaq valutazzjoni tarreġim dwar il-mistoqsijiet addizzjonali.	
L-espressjoni "bħala eċċezzjoni" għandha tiġi interpretata li tfisser li l-mistoqsija addizzjonali tikkonċerna kwistjoni ta' urġenza u li t-tressiq ta' dik il-mistoqsija ma jkunx jista' jistenna sax-xahar ta' wara. Barra minn hekk, in-numru ta' mistoqsijiet imressqa skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jkun iżgħar min-norma ta' ħames mistoqsijiet fix-xahar.	
	3a. Mistoqsija tista' tiġi appoġġjata minn Membri minbarra l-interpellant. Tali mistoqsijiet għandhom jgħoddu ma' dawk tal-interpellant u mhux mal-massimu ta' mistoqsijiet ta' min jappoġġja skont il-paragrafu 3.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Jekk mistoqsija ma tkunx tista' titwieġeb ***fil-ħin stipulat għandha*** titqiegħed, fuq talba ***ta' l-interpellant***, fl-aġenda tal-laqgħa ta' wara tal-kumitat responsabbli. ***L-Artikolu 129 għandu japplika mutatis mutandis.***	4. Jekk mistoqsija ma tkunx tista' titwieġeb ***mid-destinatarju fi żmien tliet ġimgħat (mistoqsija prijoritarja) jew sitt ġimgħat (mistoqsija mhux bi prijorità) minn meta tkun intbagħtet lid-destinatarju, tista'*** titqiegħed, fuq talba ***tal-interpellant***, fl-aġenda tal-laqgħa ta' wara tal-kumitat responsabbli.
Peress li l-President ta' kumitat għandu s-setgħa li jsejjaħ laqgħa ta' dak il-kumitat, kif stipulat fl-Artikolu 206(1), huwa għandu wkoll, fl-interess ta' organizzazzjoni tajba tal-proċeduri, jiddeċiedi dwar l-abbozz ta' aġenda għal-laqgħa li jsejjaħ. Din il-prerogattiva tapplika mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-President skont l-Artikolu 130(4) li jissottometti mistoqsija bil-miktub, fuq talba tal-awtur tagħha, fl-abbozz ta' aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat. Madankollu, il-President għandu s-setgħa diskrezzjonali li jipproponi, filwaqt li jikkunsidra l-prijoritajiet politiċi, l-ordni tal-ħidma tal-laqgħa u l-modalitjiet tal-proċedura (pereżempju, proċedura mingħajr dibattitu bl-adozzjoni, eventwalment, ta' deċiżjoni dwar is-segwitu, kif ukoll, fejn xieraq, rakkomandazzjoni sabiex il-punt ikompli jiġi diskuss f'laqgħa sussegwenti).	
5. ***Mistoqsijiet li jeħtieġu tweġiba minnufih iżda ma jeħtiġux riċerka dettaljata (mistoqsijiet ta' prijorità) għandhom jingħataw tweġiba fi żmien tliet ġimgħat minn meta jkunu mibgħuta lid-destinatarji.*** Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mistoqsija prijoritarja waħda fix-xahar.	5. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mistoqsija prijoritarja waħda fix-xahar.
Mistoqsijiet oħra (mistoqsijiet mhux prijoritarji) għandhom jingħataw tweġiba fi żmien sitt ġimgħat minn meta jkunu mibgħuta lill-istituzzjoni kkonċernata.	
6. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.	6. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet ***inkluż kwalunkwe anness relatat*** għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.

(18) Ara Anness III.

(18) Ara Anness III.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 295

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 130a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 130a
	Interpellanzi minuri għal tweġiba bil-miktub
	1. ***Fl-interpellanzi minuri, li jikkonsistu f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jistgħu jintalbu minn kumitat, grupp politiku jew mill-inqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament jagħtu informazzjoni dwar kwistjonijiet li jkunu ntgħażlu b'mod speċifiku.* ***Dawn il-mistoqsijiet għandhom jitressqu lill-President li, sakemm il-mistoqsijiet ikunu skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([1a])***, għandu jitlob lid-destinatarju jirrispondi fi żmien ġimgħatejn; il-President jista' jestendi dan il-limitu ta' żmien b'konsultazzjoni mal-persuni interpellanti.*** 2. ***Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Parlament.*** ([1a]) ***Ara l-Anness III.***

Emenda 296

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 130b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 130b
	Interpellanzi maġġuri għal tweġiba bil-miktub b'dibattitu
	1. ***Fl-interpellanzi maġġuri, li jikkonsistu f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub b'dibattitu, dawk il-mistoqsijiet jistgħu jsiru lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà minn kumitat, grupp politiku jew mill-inqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament. Il-mistoqsijiet jistgħu jinkludu memorandum ta' spjegazzjoni qasir.*** ***Dawn il-mistoqsijiet għandhom jitressqu bil-miktub lill-President li, sakemm dawn ikunu skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([1a])***, għandu immedjatament jinforma lid-destinatarju tal-mistoqsija u jitlob lid-destinatarju jiddikjara jekk il-mistoqsija hijiex se tiġi mwieġba u, jekk iva, meta.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2. ***Malli tasal ir-risposta bil-miktub, l-interpellanza maġġuri għandha titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda tal-Parlament skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 149. Għandu jsir dibattitu jekk kumitat, grupp politiku jew mill-inqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti milll-Parlament jitolbu dan.***
	3. ***Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jwieġeb il-mistoqsija jew jonqos milli jagħmel dan fi żmien tliet ġimgħat, il-mistoqsija għandha titqiegħed fl-abbozz tal-aġenda. Għandu jsir dibattitu jekk kumitat, grupp politiku jew mill-inqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti milll-Parlament jitolbu dan. Qabel id-dibattitu wieħed mill-interpellanti jista' jitħalla jiddikjara r-raġunijiet supplimentari għal din il-mistoqsija.***
	4. ***Wieħed mill-interpellanti jista' jagħmel il-mistoqsija. Għandu jwieġeb membru wieħed ta' l-istituzzjoni konċernata.***
	L-Artikolu 123(2) sa (5) li jikkonċerna t-tqegħid fuq il-Mejda u l-votazzjoni ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandu japplika mutatis mutandis.
	5. ***Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Parlament.***
	([1a]) ***Ara l-Anness III.***

Emenda 155

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 131

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 131	Artikolu 131
Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew	Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew
1. Kwalunkwe Membru jista' jagħmel sa mhux iktar minn sitt mistoqsijiet fix-xahar għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew b'konformità ma' kriterji stipulati f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([19]). L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu ***esklużivament*** responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet.	1. Kwalunkwe Membru jista' jagħmel sa mhux iktar minn sitt mistoqsijiet fix-xahar għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew b'konformità ma' kriterji stipulati f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([19]). L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu ***esklussivament*** responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet.
2. Tali mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President tal-kumitat responsabbli li għandu jinnotifikahom lill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President għandha tkun innotifikata lill-awtur tal-mistoqsija.	2. Tali mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President tal-kumitat responsabbli li għandu jinnotifikahom lill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President għandha tkun innotifikata lill-awtur tal-mistoqsija.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.	3. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.
4. Jekk mistoqsija ma tkunx ingħatat tweġiba ***sad-data ta' skadenza stipulata***, ***għandha*** tiġi inkluża, fuq talba ta' min ikun għamilha, fl-aġenda ***ta' l-ewwel*** laqgħa li l-kumitat responsabbli jkollu mal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew.	4. Jekk mistoqsija ma tkunx ingħatat tweġiba ***fi żmien sitt ġimgħat***, ***tista'*** tiġi inkluża, fuq talba ta' min ikun għamilha, fl-aġenda ***tal-ewwel*** laqgħa li l-kumitat responsabbli jkollu mal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew.
([19]) Ara Anness III.	([19]) Ara Anness III.

Emenda 156

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 131a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 131a
	Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub li jikkonċernaw il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni
	1. ***L-Artikolu 131(1), (2) u (3) japplika mutatis mutandis fir-rigward ta' mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. In-numru ta' tali mistoqsijiet għandu jitnaqqas mill-massimu ta' sitt mistoqsijiet previsti fl-Artikolu 131(1).***
	2. ***Jekk mistoqsija ma tkunx ingħatat tweġiba fi żmien ħames ġimgħat, tista' tiġi inkluża, fuq talba tal-interpellant tagħha, fl-aġenda tal-ewwel laqgħa li l-kumitat responsabbli jkollu mal-President tad-destinatarju.***

Emenda 157

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu V – kapitolu 4 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
RAPPORTI TA' ISTITUZZJONIJIET OĦRA	RAPPORTI TA' ISTITUZZJONIJIET ***U KORPI*** OĦRA

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 158

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 132

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 132	Artikolu 132
Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra.	Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet ***jew korpi*** oħra.
1. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra, li għalihom it-Trattati jipprovdu l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew jew li għalihom dispożizzjonijiet legali oħra jipprovdu għall-opinjoni tal-Parlament, għandhom jiġu ttrattati permezz ta' rapport ippreżentat fis-seduta plenarja.	1. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet ***jew korpi*** oħra, li għalihom it-Trattati jipprovdu l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew jew li għalihom dispożizzjonijiet legali oħra jipprovdu għall-opinjoni tal-Parlament, għandhom jiġu ttrattati permezz ta' rapport ippreżentat fis-seduta plenarja.
2. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu mgħoddija lill-kumitat responsabbli li jista' jipproponi li jitħejja rapport ***skond*** l-Artikolu ***52***.	2. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet ***jew korpi*** oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu mgħoddija lill-kumitat responsabbli li ***għandu jeżaminahom u li*** jista' ***jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni qasira lill-Parlament jew*** jipproponi li jitħejja rapport ***skont*** l-Artikolu ***52 jekk iqis li l-Parlament għandu jieħu pożizzjoni dwar kwistjoni importanti koperta fir-rapporti***.

Emenda 159

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 133

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 133	Artikolu 133
Mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet	Mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet
1. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni ***fuq materja*** li taqa' taħt l-isferi attività tal-Unjoni Ewropea.	1. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni ***dwar kwistjoni*** li taqa' taħt l-isferi ***ta'*** attività tal-Unjoni Ewropea.
Il-mozzjoni m'għandhiex tkun itwal minn 200 kelma.	Il-mozzjoni m'għandhiex tkun itwal minn 200 kelma.
	1a. Il-kontenut ta' tali mozzjoni
	— ***ma jista' jkun fih ebda deċiżjoni dwar kwistjonijiet li għalihom ġew stabbiliti proċeduri u kompetenzi speċifiċi oħra f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura, b'mod partikolari l-Artikolu 46, jew***
	— ***ma jistax jittratta s-suġġett ta' proċedimenti li għaddejjin fil-Parlament.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1b. Kull Membru jista' jressaq mhux iktar minn mozzjoni waħda bħal din kull xahar.
	1c. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu jivverifika jekk tissodisfax il-kriterji applikabbli. Jekk il-President jiddikjara li l-mozzjoni hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli.
2. Il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi liema proċeduri għandhom jiġu adottati.	2. Il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi liema proċeduri għandhom jiġu adottati***, inkluża l-kombinazzjoni tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni ma' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet jew rapporti oħra, l-adozzjoni ta' opinjoni, li tista' tieħu l-forma ta' ittra, jew it-tfassil ta' rapport skont l-Artikolu 52. Huwa jista' wkoll jiddeċiedi li ma jsegwix il-mozzjoni għal riżoluzzjoni***.
Huwa jista' jgħaqqad il-mozzjoni għal riżoluzzjoni ma' mozzjonijiet għal riżoluzzjoni oħrajn jew ma' rapporti oħra.	
Jista' jagħti opinjoni li tista' tieħu l-forma ta' ittra.	
Jista' jiddeċiedi li jħejji rapport skond l-Artikolu 52.	
3. L-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni għandhom jiġu mgħarrfa bid-deċiżjonijiet tal-kumitat u tal-Konferenza tal-Presidenti.	3. L-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni għandhom jiġu mgħarrfa bid-deċiżjonijiet ***tal-President,*** tal-kumitat u tal-Konferenza tal-Presidenti.
4. Ir-rapport għandu jinkludi t-test tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni.	4. Ir-rapport għandu jinkludi t-test tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni.
5. Opinjonijiet f'forma ta' ittra indirizzata lill-istituzzjonijiet l-oħra ***ta' l-Unjoni*** Ewropea għandhom jiġu mgħoddija mill-President.	5. Opinjonijiet f'forma ta' ittra indirizzata lill-istituzzjonijiet l-oħra ***tal-Unjoni*** Ewropea għandhom jiġu mgħoddija mill-President.
6. ***L-awtur jew l-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond l-Artikoli 123(2), 128(5) jew 135(2) għandu jkollhom id-dritt li jirtirawha qabel il-votazzjoni aħħarija.***	
7. Mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda ***skond*** il-paragrafu 1 tista' tiġi rtirata mill-awtur, l-awturi jew l-ewwel firmatarju qabel ma l-kumitat jiddeċiedi li jħejji rapport dwarha ***skond*** il-paragrafu 2.	7. Mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond il-paragrafu 1 tista' tiġi rtirata mill-awtur, l-awturi jew l-ewwel firmatarju qabel ma l-kumitat jiddeċiedi li jħejji rapport dwarha skond il-paragrafu 2.
Ladarba l-mozzjoni tkun ittieħdet mill-kumitat, il-kumitat biss ikun jista' jirtiraha sa qabel ma tibda l-votazzjoni aħħarija.	Ladarba l-mozzjoni tkun ittieħdet mill-kumitat, il-kumitat biss ikun jista' jirtiraha sa qabel ma tibda l-votazzjoni aħħarija.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
8. ***Mozzjoni għal riżoluzzjoni li tkun ġiet irtirata tista' tittieħed u terġa' titqiegħed fuq il-Mejda minnufih minn grupp, kumitat jew mill-istess numru ta' Membri li jkollhom id-dritt li jqiegħduha fuq il-Mejda.* ***Il-kumitati għandhom id-dmir li jiżguraw li l-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li jitqiegħdu fuq il-Mejda skond dan l-Artikolu u li jissodisfaw ir-rekwiżiti hemm stipulati jiġu segwiti u ssir riferenza għalihom kif imiss f'dokumenti li jitħejjew b'riżultat tagħhom.***	

Emenda 160

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 134

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 134	***imħassar***
Rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill	
1. ***Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru, jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar suġġetti li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew jekk il-Parlament ma jkunx ġie kkonsultat dwar ftehima internazzjonali fl-ambitu tal-Artikoli 108 jew 109.* 2. ***Dawn il-proposti għandhom jiġu referuti lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati.*** ***Fejn ikun il-każ, il-kumitat għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Parlament skond il-proċeduri mniżżla f'dawn ir-Regoli.*** 3. ***Fir-rapport tiegħu, il-kumitat responsabbli għandu jressaq proposta lill-Parlament għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill, flimkien ma' nota spjegattiva qasira u, fejn ikun il-każ, flimkien ma' l-opinjonijiet tal-kumitati kkonsultati.*** ***Ma jkunx hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti biex jiġi applikat dan il-paragrafu.*** 4. ***Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 113.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 161

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 135

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 135	Artikolu 135
Dibattiti fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt	Dibattiti fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt
1. Kumitat, delegazzjoni interparlamentari, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jitolbu bil-miktub lill-President biex isir dibattitu dwar każ urġenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt ***(Artikolu 149(3))***.	1. Kumitat, delegazzjoni interparlamentari, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu jitolbu bil-miktub lill-President biex isir dibattitu dwar każ urġenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt.
2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel lista ta' suġġetti li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz aħħari ***ta' l-aġenda*** għad-dibattitu li jkun imiss fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt ***skond*** it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 u ***skond*** id-dispożizzjonijiet ***ta' l-Anness*** IV. In-numru totali ta' suġġetti nklużi fl-aġenda m'għandux ikun akbar minn tlieta, inklużi s-sottokapitoli.	2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel lista ta' suġġetti li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz aħħari ***tal-aġenda*** għad-dibattitu li jkun imiss fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt ***skont*** it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 u ***skont*** id-dispożizzjonijiet ***tal-Anness*** IV. In-numru totali ta' suġġetti nklużi fl-aġenda m'għandux ikun akbar minn tlieta, inklużi s-sottokapitoli.
Skont l-Artikolu 152, il-Parlament jista' jwarrab suġġett li jkun se jiġi diskuss u jibdlu ma' ieħor mhux skedat. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet fuq is-suġġetti magħżula ***għandhom*** jitqiegħdu fuq il-Mejda sa fil-għaxija ta' dak il-jum li fih tkun approvata l-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi data ta' skadenza preċiża sa meta jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet.	Skont l-Artikolu 152, il-Parlament jista' jwarrab suġġett li jkun se jiġi diskuss u jibdlu ma' ieħor mhux skedat. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet fuq is-suġġetti magħżula ***jistgħu*** jitqiegħdu fuq il-Mejda ***minn Kumitat, grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru*** sa fil-għaxija ta' dak il-jum li fih tkun approvata l-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi data ta' skadenza preċiża sa meta jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet.
3 Il-ħin totali allokat għad-diskorsi tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati għandu jiġi stabbilit ***skond*** il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 162(4) u (5) fil-limiti tal-ħin massimu ta' 60 minuta mħolli għad-dibattitu għal kull sessjoni parzjali.	3. Il-ħin totali allokat għad-diskorsi tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 162(4) u (5) fil-limiti tal-ħin massimu ta' 60 minuta mħolli għad-dibattitu għal kull sessjoni parzjali.
Il-ħin li jifdal wara li jitnaqqas il-ħin meħtieġ għall-introduzzjoni ***u l-votazzjoni fuq il-mozzjonijiet*** għal riżoluzzjonijiet u l-ħin għad-diskorsi, jekk ikun hemm, li jkun allokat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, għandu jinqasam bejn il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati.	Il-ħin li jifdal wara li jitnaqqas il-ħin meħtieġ għall-introduzzjoni ***tal-mozzjonijiet*** għal riżoluzzjonijiet u l-ħin għad-diskorsi, jekk ikun hemm, li jkun allokat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, għandu jinqasam bejn il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati.
4. Fl-aħħar tad-dibattitu għandu jittieħed vot immedjat. L-Artikolu 183 ma ***japplikax***.	4. Fl-aħħar tad-dibattitu għandu jittieħed vot immedjat. L-Artikolu 183 ***li jikkonċerna l-ispjegazzjonijiet tal-vot*** ma ***għandux japplika***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-votazzjonijiet li jsiru meħuda ***skond*** dan l-Artikolu jistgħu jiġu organizzati fuq bażi kollettiva taħt ir-responsabbiltà tal-President jew tal-Konferenza tal-Presidenti.	Il-votazzjonijiet li jsiru meħuda skond dan l-Artikolu jistgħu jiġu organizzati fuq bażi kollettiva taħt ir-responsabbiltà tal-President jew tal-Konferenza tal-Presidenti.
5. Jekk jiġu mressqa żewġ mozzjonijiet, jew aktar, għal riżoluzzjonijiet dwar l-istess suġġett, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 123(4).	5. Jekk jiġu mressqa żewġ mozzjonijiet, jew aktar, għal riżoluzzjonijiet dwar l-istess suġġett, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 123(4) ***u (4a)***.
6. Il-President u l-presidenti tal-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu li mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha titqiegħed għall-vot mingħajr dibattitu. Deċiżjoni ta' dan it-tip teħtieġ il-qbil unanimu tal-presidenti tal-gruppi politiċi kollha.	6. Il-President u l-presidenti tal-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu li mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha titqiegħed għall-vot mingħajr dibattitu. Deċiżjoni ta' dan it-tip teħtieġ il-qbil unanimu tal-presidenti tal-gruppi politiċi kollha.
Id-dispożizzjonijiet ***tar-Regoli*** 187, 188 ***u 190*** m'għandhomx japplikaw għal riżoluzzjonijiet inklużi fl-aġenda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt.	Id-dispożizzjonijiet ***tal-Artikoli*** 187 ***u*** 188 m'għandhomx japplikaw għal riżoluzzjonijiet inklużi fl-aġenda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt.
Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt biss wara li tkun ġiet approvata l-lista tas-suġġetti. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati fil-ħin allokat għad-dibattitu jiskadu. L-istess għandu japplika fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għalihom, fuq talba ***skond*** l-Artikolu 168(3), ikun ġie stabbilit li m'hemmx kworum. ***Il-Membri*** jibqa' jkollhom id-dritt li jerġgħu ***ipoġġu*** fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet, biex jiġu eżaminati fil-kumitat ***skond*** l-Artikolu 133 jew biex ikun hemm dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.	Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt biss wara li tkun ġiet approvata l-lista tas-suġġetti. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati fil-ħin allokat għad-dibattitu jiskadu. L-istess għandu japplika fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għalihom, fuq talba ***skont*** l-Artikolu 168(3), ikun ġie stabbilit li m'hemmx kworum. ***L-awturi*** jibqa' jkollhom id-dritt li jerġgħu ***jqiegħdu*** fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet, biex jiġu eżaminati fil-kumitat ***skont*** l-Artikolu 133 jew biex ikun hemm dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.
Suġġett ma jistax jitqiegħed fl-aġenda għal dibattitu fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***ta' l-istat*** tad-dritt jekk diġà jkun fl-aġenda għal dik is-sessjoni parzjali.	Suġġett ma jistax jitqiegħed fl-aġenda għal dibattitu fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-prinċipji tad-demokrazija u ***tal-istat*** tad-dritt jekk diġà jkun fl-aġenda għal dik is-sessjoni parzjali.
M'hemm ebda dispożizzjoni fir-Regoli ta' Proċedura li tippermetti li jsir dibattitu konġunt fuq mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda ***skond*** il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, u fuq rapport ta' kumitat dwar l-istess suġġett.	M'hemm ebda dispożizzjoni fir-Regoli ta' Proċedura li tippermetti li jsir dibattitu konġunt fuq mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, u fuq rapport ta' kumitat dwar l-istess suġġett.
* * *	
Meta ssir talba ***skond*** l-Artikolu 168(3) sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm kworum, din it-talba għandha tkun valida biss fil-każ tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li għandha titqiegħed għall-vot u mhux fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li jiġu wara.	Meta ssir talba skond l-Artikolu 168(3) sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm kworum, din it-talba għandha tkun valida biss fil-każ tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li għandha titqiegħed għall-vot u mhux fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li jiġu wara.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 162

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 136

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 136	***imħassar***
Dikjarazzjonijiet bil-miktub	
1. ***Mhux inqas minn għaxar Membri minn mhux inqas minn tliet gruppi politiċi jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li jkollha x'taqsam esklussivament ma' kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut ta' dikjarazzjoni bħal din ma jistax imur lil hinn mill-forma ta' dikjarazzjoni. B'mod partikolari, dan il-kontenut jista' ma jitlobx azzjoni leġislattiva, ikun fih kwalunkwe deċiżjoni dwar kwistjonijiet li għalihom ġew stabbiliti proċeduri u kompetenzi speċifiċi f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew jindirizza s-suġġett ta' proċedimenti li għaddejjin fil-Parlament.***	
2. ***L-awtorizzazzjoni biex jitkompla l-proċess għandha tkun soġġetta għal deċiżjoni raġunata mill-President skont il-paragrafu 1 fi kwalunkwe każ partikolari. Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu ppubblikati bil-lingwi uffiċjali fuq is-sit web tal-Parlament u mqassma elettronikament lill-Membri kollha. Dawn għandhom jiddaħħlu f'reġistru elettroniku flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji. Dan ir-reġistru għandu jkun pubbliku u għandu jkun aċċessibbli permezz tas-sit web tal-Parlament. Kopji stampati tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati għandhom jinżammu wkoll mill-President.***	
3. ***Kull Membru jista' jżid il-firma tiegħu ma' dikjarazzjoni inkluża fir-reġistru elettroniku. Il-firma tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument qabel tmiem il-perjodu ta' tliet xhur middħul tad-dikjarazzjoni fir-reġistru. F'każ ta' rtirar bħala dan, il-Membru kkonċernat ma għandux jitħalla jerġa' jiffirma d-dikjarazzjoni.***	
4. ***Meta, wara perjodu ta' tliet xhur minn meta tkun iddaħħlet fir-reġistru, dikjarazzjoni tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Parlament. Bla ma torbot lill-Parlament, id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha.***	
5. ***Il-proċedura għandha tingħalaq billi, fl-aħħar tas-sessjoni parzjali, id-dikjarazzjoni tintbagħat lid-destinatarji flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji.***	
6. ***Fejn l-istituzzjonijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata d-dikjarazzjoni adottata ma jgħarrfux lill-Parlament dwar is-segwitu maħsub fi żmien tliet xhur minn meta jirċevuha, il-kwistjoni għandha, fuq talba ta' wieħed mill-awturi tad-dikjarazzjoni, titpoġġa fuq l-aġenda ta' laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
7. ***Dikjarazzjoni bil-miktub li tkun ilha fir-reġistru għal aktar minn tliet xhur u ma tkunx iffirmata minn mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament għandha taqa', mingħajr il-possibbiltà li l-perjodu ta' tliet xhur ikun imtawwal.***	

Emenda 163

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu V – Kapitolu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	KAPITOLU 5A
	KONSULTAZZJONI TA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA
	(Għandha tiġi introdotta wara l-Artikolu 136)

Emenda 164

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 137

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 137	Artikolu 137
Konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	Konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.	1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.
2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.	2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.
Il-kumitat għandu jindika iż-żmien li fih il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.	Il-kumitat għandu jindika ***t-terminu*** li fih il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.
Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandha tiġi ***approvata mill-Parlament mingħajr dibattitu***.	Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandha tiġi ***mħabbra lill-Parlament fis-sessjoni parzjali tiegħu li jkun imiss u għandha titqies adottata, sakemm grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru ma jitolbux fi żmien 24 siegħa mit-tħabbira li titpoġġa għall-vot***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.	3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.

Emenda 165

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 138

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 138	Artikolu 138
Konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni	Konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni
1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.	1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.
2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.	2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.
Il-kumitat għandu jindika ż-żmien li fih il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.	Il-kumitat għandu jindika ***t-terminu*** li fih il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.
Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni għandha tiġi approvata ***mill-Parlament mingħajr dibattitu***.	Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni għandha tiġi ***mħabbra lill-Parlament fis-sessjoni parzjali tiegħu li jkun imiss u għandha titqies*** approvata***, sakemm grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru ma jitolbux fi żmien 24 siegħa mit-tħabbira li titpoġġa għall-vot***.
3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.	3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.

Emenda 166

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 140

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 140	Artikolu 140
Ftehimiet interistituzzjonali	Ftehimiet interistituzzjonali
1. Il-Parlament jista' jidħol fi ftehimiet ma' istituzzjonijiet oħra fil-kuntest ***ta' l-applikazzjoni*** tat-Trattati jew sabiex itejjeb jew jikkjarifika proċeduri.	1. Il-Parlament jista' jidħol fi ftehimiet ma' istituzzjonijiet oħra fil-kuntest ***tal-applikazzjoni*** tat-Trattati jew sabiex itejjeb jew jikkjarifika proċeduri.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Ftehimiet ta' dan it-tip jistgħu jkunu fil-forma ta' dikjarazzjonijiet konġunti, skambju ta' ittri jew kodiċi ta' mġiba jew strumenti oħra xierqa. Dawn għandhom ikunu ffirmati mill-President wara li jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet kostituzzjonali u wara li jkunu approvati mill-Parlament. ***Huma jistgħu jiġu annessi mar-Regoli ta' Proċedura bħala informazzjoni.***	Ftehimiet ta' dan it-tip jistgħu jkunu fil-forma ta' dikjarazzjonijiet konġunti, skambju ta' ittri jew kodiċi ta' mġiba jew strumenti oħra xierqa. Dawn għandhom ikunu ffirmati mill-President wara li jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet kostituzzjonali u wara li jkunu approvati mill-Parlament.
2. Meta ftehimiet ta' dan it-tip iġibu magħhom bdil fi drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali eżistenti jew ***tistabbilixxi*** drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali ġodda għall-Membri jew ***għall-organi*** tal-Parlament, jew b'xi mod ieħor iġibu magħhom bdil jew interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli sabiex tiġi eżaminata ***skond*** l-Artikolu 226(2) sa (6) qabel ma jkunu ffirmati l-ftehimiet.	2. Meta ftehimiet ta' dan it-tip iġibu magħhom bdil fi drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali eżistenti jew ***jistabbilixxu*** drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali ġodda għall-Membri jew ***għall-korpi*** tal-Parlament, jew b'xi mod ieħor iġibu magħhom bdil jew interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli sabiex tiġi eżaminata ***skont*** l-Artikolu 226(2) sa (6) qabel ma jkunu ffirmati l-ftehimiet.

Emenda 167

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 141

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 141	Artikolu 141
Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
1. Il-Parlament għandu, fil-limiti ta' żmien mogħtija mit-Trattati u mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' azzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jeżamina l-leġislazzjoni tal-Unjoni u ***l-miżuri ta' implimentazzjoni*** sabiex jiżgura li d-drittijiet tiegħu ġew rispettati kompletament.	1. Il-Parlament għandu, fil-limiti ta' żmien mogħtija mit-Trattati u mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' azzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jeżamina l-leġislazzjoni tal-Unjoni u ***l-implimentazzjoni tagħha*** sabiex jiżgura li d-drittijiet tiegħu ġew rispettati kompletament.
2. Il-kumitat responsabbli għandu jirrapporta lill-Parlament, jekk ikun meħtieġ oralment, meta jissusspetta li jkun hemm ksur tal-ligi tal-Unjoni.	2. Il-kumitat responsabbli ***għall-affarijiet legali*** għandu jirrapporta lill-Parlament, jekk ikun meħtieġ oralment, meta jissusspetta li jkun hemm ksur tal-ligi tal-Unjoni. ***Fejn xieraq, jista' jisma' l-fehmiet tal-kumitat responsabbli għas-suġġett.***
3. Il-President għandu jippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'isem il-Parlament ***skond*** ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli.	3. Il-President għandu jippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'isem il-Parlament ***skont*** ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli ***għall-affarijiet legali***.
Fil-bidu tas-sessjoni parzjali li jkun imiss, huwa jista' jressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija ***ta' l-azzjoni*** quddiem ***is-seduta plenarja***. Jekk ***is-seduta plenarja tiddeċiedi*** kontra l-azzjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, ***huwa*** għandu ***jirtiraha***.	Fil-bidu tas-sessjoni parzjali li jkun imiss, huwa jista' jressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija ***tal-azzjoni*** quddiem ***il-Parlament***. Jekk ***il-Parlament jiddeċiedi*** kontra l-azzjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, ***il-President*** għandu ***jirtira l-azzjoni***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Jekk il-President jippreżenta rikors kontra r-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli, huwa għandu fil-bidu tas-sezzjoni parzjali li jkun imiss iressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-proċeduri quddiem ***is-seduta plenarja***.	Jekk il-President jippreżenta rikors kontra r-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli, huwa għandu fil-bidu tas-sezzjoni parzjali li jkun imiss iressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-proċeduri quddiem ***il-Parlament***.
4. Il-President għandu jippreżenta osservazzjonijiet jew jintervjeni f'isem il-Parlament fi proċeduri quddiem il-qorti wara konsultazzjoni mal-kumitat responsabbli.	4. Il-President għandu jippreżenta osservazzjonijiet jew jintervjeni f'isem il-Parlament fi proċeduri quddiem il-qorti wara konsultazzjoni mal-kumitat responsabbli ***għall-affarijiet legali***.
Fejn il-President ikun bi ħsiebu jitbiegħed ***mar-rakkomandazzjoni*** tal-kumitat responsabbli, huwa għandu jinforma lill-kumitat b'dan u għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet tiegħu.	Fejn il-President ikun bi ħsiebu jitbiegħed ***mir-rakkomandazzjoni*** tal-kumitat responsabbli ***għall-affarijiet legali***, huwa għandu jinforma lill-kumitat b'dan u għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet tiegħu.
Fejn il-Konferenza tal-Presidenti tkun tal-fehma li l-Parlament, b'mod eċċezzjonali, m'għandux iressaq osservazzjonijiet jew jintervjeni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm dubji dwar il-validità legali ta' att tal-Parlament, il-kwistjoni għandha titressaq ***fil-plenarja*** mingħajr dewmien.	Fejn il-Konferenza tal-Presidenti tkun tal-fehma li l-Parlament, b'mod eċċezzjonali, m'għandux iressaq osservazzjonijiet jew jintervjeni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm dubji dwar il-validità legali ta' att tal-Parlament, il-kwistjoni għandha titressaq ***fil-Parlament*** mingħajr dewmien.
F'każijiet ta' urġenza, il-President jista' jieħu azzjoni kawtelatorja sabiex jikkonforma mal-limiti ta' żmien preskritti mill-qorti kkonċernata. F'każijiet bħal dawn, il-proċedura stipulata f'dan il-paragrafu għandha tiġi implimentata ma' l-ewwel opportunità.	
M'hemm xejn fir-Regoli li jżomm lill-kumitat responsabbli milli jiddeċiedi dwar arranġamenti proċedurali xierqa għat-trażmissjoni fil-ħin tar-rakkomandazzjoni tiegħu f'każijiet ta' urġenza.	M'hemm xejn fir-Regoli li jżomm lill-kumitat responsabbli milli jiddeċiedi dwar arranġamenti proċedurali xierqa għat-trażmissjoni fil-ħin tar-rakkomandazzjoni tiegħu f'każijiet ta' urġenza.
L-Artikolu 108(6) jistabbilixxi proċedura speċifika għad-deċiżjoni tal-Parlament dwar l-eżerċitar tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja, bis-saħħa tal-Artikolu 218(11) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tintalab opinjoni dwar il-kompatibilità ta' xi ftehima internazzjonali mat-Trattati. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi 'lex specialis' li għandha prevalenza fuq ir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 141.	
Meta jkollhom jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-Parlament fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-att ikkonċernat ma jkunx kopert mill-Artikolu 141, il-proċedura tipprevedi li dan l-Artikolu għandu japplika b'analoġija.	Meta jkollhom jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-Parlament fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-att ikkonċernat ma jkunx kopert mill-Artikolu 141, il-proċedura tipprevedi li dan l-Artikolu għandu japplika b'analoġija.
	4a. F'każijiet ta' urġenza, il-President, fejn possibbli, wara li jkun ikkonsulta mal-President u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, jista' jieħu azzjoni ta' prekawżjoni sabiex jikkonforma mal-limiti ta' żmien rilevanti. F'każijiet bħal dawn, il-proċedura prevista fil-paragrafi 3 jew 4, skont kif applikabbli, għandha tiġi implimentata mal-ewwel opportunità.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4b. Il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għandu jistabbilixxi l-prinċipji li se jużu fl-applikazzjoni tiegħu ta' dan l-Artikolu.

Emenda 168

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 143

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 143	Artikolu 143
Konferenza tal-Kumitati ***għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)***	Konferenza tal-Kumitati ***Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC)***
1. Fuq proposta tal-President, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina l-membri tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-COSAC, u tista' taġtihom il-mandat. Id-delegazzjoni għandha titmexxa minn Viċi President tal-Parlament Ewropew responsabbli għall-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u mill-President tal-kumitat responsabbli għal ***kwistjonijiet istituzzjonali***.	1. Fuq proposta tal-President, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina l-membri tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-COSAC, u tista' taġtihom il-mandat. Id-delegazzjoni għandha titmexxa minn Viċi President tal-Parlament Ewropew responsabbli għall-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u mill-***president*** tal-kumitat responsabbli għal ***affarijiet kostituzzjonali***.
2. Il-membri l-oħra tad-delegazzjoni għandhom jintgħażlu skont is-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi fil-laqgħa tal-COSAC, u għandhom ikunu, kemm jista' jkun, rappreżentanti tal-kumitati responsabbli għal dawk is-suġġetti. ***Id-delegazzjoni għandha tippreżenta rapport wara kull laqgħa.***	2. Il-membri l-oħra tad-delegazzjoni għandhom jintgħażlu skont is-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi fil-laqgħa tal-COSAC, u għandhom ikunu, kemm jista' jkun, rappreżentanti tal-kumitati responsabbli għal dawk is-suġġetti.
3. Għandu jitqies kif jistħoqq il-bilanċ politiku globali fil-Parlament.	3. Għandu jitqies kif jistħoqq il-bilanċ politiku globali fil-Parlament.
	3a. Id-delegazzjoni għandha tippreżenta rapport lill-Konferenza tal-Presidenti wara kull laqgħa tal-COSAC.

Emenda 169

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 146

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 146	Artikolu 146
Tlaqqigħ tal-Parlament	Tlaqqigħ tal-Parlament
1. Il-Parlament għandu jiltaqa', mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ, fit-tieni Tlieta ta' Marzu ta' kull sena ***u*** għandu jiddetermina hu nnifsu t-tul ***ta' l-aġġornamenti*** tas-sessjoni.	1. ***F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 229 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** il-Parlament għandu jiltaqa', mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ, fit-tieni Tlieta ta' Marzu ta' kull sena. Għandu jiddetermina hu nnifsu t-tul ***tal-aġġornamenti*** tas-sessjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Barra minn hekk, il-Parlament għandu jiltaqa' mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ fl-ewwel jum tat-Tlieta li jaħbat wara li jgħaddi perjodu ta' xahar mit-tmiem tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(1) ***ta' l-Att ta' l-***20 ta' Settembru 1976.	2. Barra minn hekk, il-Parlament għandu jiltaqa' mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ fl-ewwel jum tat-Tlieta li jaħbat wara li jgħaddi perjodu ta' xahar mit-tmiem tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(1) ***tal-Att tal-***20 ta' Settembru 1976.
3. Il-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għal dan, tista' tibdel it-tul ***ta' l-aġġornamenti*** deċiżi ***skond*** il-paragrafu 2 mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data li qabel kienet stabbilita mill-Parlament sabiex tkompli s-sessjoni; madankollu, l-ġurnata tat-tkomplija m' għandhiex tkun posposta għal aktar minn ġimagħtejn.	3. Il-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għal dan, tista' tibdel it-tul ***tal-aġġornamenti*** deċiżi ***skont*** il-paragrafu 2 mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data li qabel kienet stabbilita mill-Parlament sabiex tkompli s-sessjoni; madankollu, l-ġurnata tat-tkomplija m' għandhiex tkun posposta għal aktar minn ġimagħtejn.
4. F'każi eċċezzjonali, wara li jikkonsulta mal-Konferenza tal-Presidenti, il-President għandu jlaqqa' l-Parlament fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu jew fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill.	4. F'każi eċċezzjonali, wara li jikkonsulta mal-Konferenza tal-Presidenti, il-President għandu jlaqqa' l-Parlament fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu jew fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill.
F'każi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-President jista' ***jlaqqa*** l-Parlament f'każi ta' urġenza.	F'każi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-President jista' ***jlaqqa'*** l-Parlament f'każi ta' urġenza.

Emenda 170

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 148

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 148	Artikolu 148
Attendenza tal-Membri għas-seduti	Attendenza tal-Membri għas-seduti
1. Għandu jkun espost reġistru ta' attendenza għall-firma tal-Membri f'kull seduta.	1. Għandu jkun espost reġistru ta' attendenza għall-firma tal-Membri f'kull seduta.
2. L-ismijiet tal-Membri ***preżenti, skont kif jidhru*** fir-reġistru ta' attendenza, għandhom ***jitniżżlu*** fil-minuti ta' kull seduta bħala "preżenti". L-ismijiet tal-Membri li jkunu ġew skużati milli jattendu mill-President għandhom ***jitniżżlu*** fil-minuti ta' kull seduta bħala "skużati".	2. L-ismijiet tal-Membri ***reġistrati bħala preżenti*** fir-reġistru ta' attendenza għandhom ***jiġu indikati*** fil-minuti ta' kull seduta bħala "preżenti". L-ismijiet tal-Membri li jkunu ġew skużati milli jattendu mill-President għandhom ***jiġu indikati*** fil-minuti ta' kull seduta bħala "skużati".

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 171

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 149

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 149	Artikolu 149
Abbozz ***ta' l-aġenda***	Abbozz ***tal-aġenda***
1. Qabel kull sessjoni parzjali l-abbozz ***ta' l-aġenda*** għandu jitħejja mill-Konferenza tal-Presidenti fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati ***u wara li jitqies il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni miftiehem imsemmi fl-Artikolu 37***.	1. Qabel kull sessjoni parzjali l-abbozz ***tal-aġenda*** għandu jitħejja mill-Konferenza tal-Presidenti fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.
Il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu, fuq stedina tal-President, jattendu għad-deliberazzjonijiet tal-konferenza tal-Presidenti dwar l-abbozz ***ta' l-aġenda***.	Il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu, fuq stedina tal-President, jattendu għad-deliberazzjonijiet tal-konferenza tal-Presidenti dwar l-abbozz ***tal-aġenda***.
2. L-abbozz ***ta' l-aġenda*** jista' jindika ħinijiet għall-votazzjoni għal ċerti punti li jitpoġġew għall-konsiderazzjoni.	2. L-abbozz ***tal-aġenda*** jista' jindika ħinijiet għall-votazzjoni għal ċerti punti li jitpoġġew għall-konsiderazzjoni.
3. ***Perjodu wieħed jew tnejn li flimkien ma jaqbżux is-60 minuta, jistgħu jiġu riżervati fl-abbozz tal-aġenda għal dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt kif stipulat fl-Artikolu 135.***	
4. L-aħħar abbozz ***ta' l-aġenda għandu jitqassam lill-membri*** mhux inqas minn tliet ***siegħat*** qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali.	4. L-aħħar abbozz ***tal-aġenda għandu jsir disponibbli għall-Membri*** mhux inqas minn tliet ***sigħat*** qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali.

Emenda 172

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 150

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 150	Artikolu 150
Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi u diskussjoni	Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi u diskussjoni
1. ***Kull proposta għal att leġislattiv (l-ewwel qari) u kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva li tkun adottata*** fil-kumitat b'inqas minn wieħed minn għaxra tal-membri tal-kumitat li jivvutaw ***kontriha għandha titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda*** tal-Parlament għall-votazzjoni mingħajr emendi.	1. ***Meta rapport ikun ġie adottat*** fil-kumitat b'inqas minn wieħed minn għaxra tal-membri tal-kumitat li jivvutaw ***kontrih, dan għandu jitqiegħed fl-abbozz tal-aġenda*** tal-Parlament għall-votazzjoni mingħajr emendi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Għaldaqstant, dak il-punt fl-aġenda għandu jittieħed vot uniku fuqu, ħlief jekk, qabel jitħejja l-aħħar abbozz ***ta' l-aġenda***, gruppi politiċi jew Membri individwali li flimkien jiffurmaw parti waħda minn għaxra tal-Parlament, ikunu talbu bil-miktub li l-punt ikun miftuħ għal emendi, f'liema każ il-President għandu jistabbilixxi żmien sa meta jistgħu jitqiegħdu emendi fuq il-Mejda.	Għaldaqstant, dak il-punt fl-aġenda għandu jittieħed vot uniku fuqu, ħlief jekk, qabel jitħejja l-aħħar abbozz ***tal-aġenda***, gruppi politiċi jew Membri individwali li flimkien jiffurmaw parti waħda minn għaxra tal-Parlament, ikunu talbu bil-miktub li l-punt ikun miftuħ għal emendi, f'liema każ il-President għandu jistabbilixxi ***t-terminu*** sa meta jistgħu jitqiegħdu emendi fuq il-Mejda.
2. Punti mqiegħda fl-aħħar abbozz ***ta' l-aġenda*** għal votazzjoni mingħajr emendi għandhom ikunu wkoll mingħajr diskussjoni ħlief jekk il-Parlament, meta jadotta l-aġenda tiegħu fil-bidu ta' sessjoni parzjali, jiddeċiedi mod ieħor fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, jew jekk jintalab jagħmel dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.	2. Punti mqiegħda fl-aħħar abbozz ***tal-aġenda*** għal votazzjoni mingħajr emendi għandhom ikunu wkoll mingħajr diskussjoni ħlief jekk il-Parlament, meta jadotta l-aġenda tiegħu fil-bidu ta' sessjoni parzjali, jiddeċiedi mod ieħor fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, jew jekk jintalab jagħmel dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru.
3. Meta tkun qed tħejji l-aħħar abbozz ***ta' l-aġenda*** ta' sessjoni parzjali, il-konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi li punti oħra jkunu eżaminati mingħajr emendi jew mingħajr diskussjoni. Meta jkun qed jadotta l-aġenda tiegħu, il-Parlament jista' ma jaċċettax proposta bħal din jekk xi grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu qiegħdu fuq il-Mejda l-oppożizzjoni tagħhom bil-miktub mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali.	3. Meta tkun qed tħejji l-aħħar abbozz ***tal-aġenda*** ta' sessjoni parzjali, il-***Konferenza*** tal-Presidenti tista' tipproponi li punti oħra jkunu eżaminati mingħajr emendi jew mingħajr diskussjoni. Meta jkun qed jadotta l-aġenda tiegħu, il-Parlament jista' ma jaċċettax proposta bħal din jekk xi grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jkunu qiegħdu fuq il-Mejda l-oppożizzjoni tagħhom bil-miktub mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali.
4. Meta punt ikun eżaminat mingħajr diskussjoni, ir-rapporteur jew ***il-president*** tal-kumitat responsabbli jistgħu jagħmlu diskors ta' mhux iktar minn żewġ minuti minnufih qabel ma jittieħed il-vot.	4. Meta punt ikun eżaminat mingħajr diskussjoni, ir-rapporteur jew ***il-president*** tal-kumitat responsabbli jistgħu jagħmlu diskors ta' mhux iktar minn żewġ minuti minnufih qabel ma jittieħed il-vot.

Emenda 173

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 152

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***152***	Artikolu ***149a***
Adozzjoni ***ta' l-Aġenda*** u emendi għall-Aġenda	Adozzjoni ***tal-Aġenda*** u emendi għall-Aġenda
1. Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament għandu ***jieħu deċiżjoni dwar l-aħħar abbozz ta' l-aġenda. Emendi*** jistgħu jkunu proposti minn xi kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Kull proposta bħal din għandha tasal għand il-President mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lil min iressaq l-emenda, ***lil kelliem favur*** u lil kelliem kontra, f'kull każ għal mhux iżjed minn minuta.	1. Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament għandu ***jadotta l-aġenda tiegħu. Emendi għall-aħħar abbozz tal-aġenda*** jistgħu jkunu proposti minn xi kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru. Kull proposta bħal din għandha tasal għand il-President mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lil min iressaq l-emenda, u lil kelliem ***wieħed*** kontra, f'kull każ għal mhux iżjed minn minuta.
2. Malli tiġi adottata, l-aġenda ma tistax tiġi emendata, ħlief ***skond*** l-Artikoli 154 u 187 sa 191 jew fuq proposta mill-President.	2. Malli tiġi adottata, l-aġenda ma tistax tiġi emendata, ħlief skond l-Artikoli 154 u 187 sa 191 jew fuq proposta mill-President.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Jekk mozzjoni ta' proċedura sabiex tiġi emendata l-aġenda tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda fl-istess sessjoni parzjali.	Jekk mozzjoni ta' proċedura sabiex tiġi emendata l-aġenda tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda fl-istess sessjoni parzjali.
3. Qabel ma jagħlaq is-seduta, il-President għandu jħabbar id-data, il-ħin u l-aġenda għas-seduta li jkun imiss.	3. Qabel ma jagħlaq is-seduta, il-President għandu jħabbar id-data, il-ħin u l-aġenda għas-seduta li jkun imiss.
	(Dan l-Artikolu għandu jiġi ttrasferit immedjatament wara l-Artikolu 149, peress li jikkonċerna l-abbozz ta' aġenda.)

Emenda 174

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 153a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 153a
	Dibattitu topiku mitlub minn grupp politiku
	1. ***F'kull seduta parzjali, perjodu wieħed jew żewġ perjodi ta' mhux inqas minn 60 minuta kull wieħed għandhom jiġu riżervati fl-abbozz tal-aġenda għal dibattiti dwar kwistjoni topika ta' interess kbir għall-politika tal-Unjoni Ewropea.***
	2. ***Kull grupp politiku għandu jkollu d-dritt li jipproponi l-kwistjoni topika tal-għażla tiegħu għal mill-inqas dibattitu wieħed bħal dan kull sena. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiżgura, matul il-perjodu kontinwu ta' sena, tqassim ġust fost il-gruppi politiċi tal-eżerċizzju ta' dak id-dritt.***
	3. ***Il-gruppi politiċi għandhom jittrażmettu l-kwistjoni topika tal-għażla tagħhom lill-President bil-miktub qabel jitfassal l-abbozz tal-aġenda finali mill-Konferenza tal-Presidenti. L-Artikolu 38(1) li jirrigwarda d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tiegħu għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ.***
	4. ***Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddetermina l-ħin li fih isir dibattitu bħal dan. Hija tista' tiddeċiedi b'maġġoranza li tirrappreżenta erbgħa minn kull ħames Membri Parlamentari biex tirrifjuta kwistjoni mressqa minn grupp.***
	5. ***Id-dibattitu għandu jiġi introdott minn rappreżentant tal-grupp politiku li jkun ippropona l-kwistjoni topika. Il-ħin għad-diskorsi wara din l-introduzzjoni għandu jiġi allokat skont l-Artikolu 162(4) u (5).***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	6. ***Id-dibattitu għandu jiġi xolt mingħajr ma tiġi adottata riżoluzzjoni.***

Emenda 175

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 154

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 154	Artikolu 154
Proċedura urġenti	Proċedura urġenti
1. Talba sabiex dibattitu dwar xi proposta ***li fuqha l-Parlament kien ikkonsultat skond*** l-Artikolu 47(1) jitqies bħala urġenti tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn mhux inqas minn erbgħin Membru, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandhom jingħataw r-raġunijiet għala qed issir.	1. Talba sabiex dibattitu dwar xi proposta ***ppreżentata lill-Parlament skont*** l-Artikolu 47(1) jitqies bħala urġenti tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn mhux inqas minn ***40*** Membru, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandhom jingħataw r-raġunijiet għala qed issir.
2. Malli l-President jirċievi talba għal dibattitu urġenti huwa għandu jħabbar dan lill-Parlament. Il-vot fuq it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-seduta li tiġi wara s-seduta li fiha tkun saret it-tħabbira, kemm-il darba il-proposta li tikkonċerna t-talba tkun tqassmet bil-lingwi uffiċjali. Meta jkun hemm diversi talbiet għal dibattitu urġenti dwar l-istess suġġett, l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għal dibattitu urġenti għandhom japplikaw għat-talbiet kollha dwar dak l-istess suġġett.	2. Malli l-President jirċievi talba għal dibattitu urġenti huwa għandu jħabbar dan lill-Parlament. Il-vot fuq it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-seduta li tiġi wara s-seduta li fiha tkun saret it-tħabbira, kemm-il darba il-proposta li tikkonċerna t-talba tkun tqassmet bil-lingwi uffiċjali. Meta jkun hemm diversi talbiet għal dibattitu urġenti dwar l-istess suġġett, l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għal dibattitu urġenti għandhom japplikaw għat-talbiet kollha dwar dak l-istess suġġett.
3. Qabel il-votazzjoni, jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba, kelliem wieħed ***favur u wieħed*** kontra, u l-president u/jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, f'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti.	3. Qabel il-votazzjoni, jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba, kelliem wieħed kontra, u l-***president*** u/jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, ***u*** f'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti.
4. Kwistjonijiet li għandhom ikunu trattati bi proċedura urġenti għandhom jingħataw prijorità fuq punti oħra ***ta' l-aġenda***. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin tad-dibattitu u tal-votazzjoni.	4. Kwistjonijiet li għandhom ikunu trattati bi proċedura urġenti għandhom jingħataw prijorità fuq punti oħra ***tal-aġenda***. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin tad-dibattitu u tal-votazzjoni.
5. Dibattitu urġenti jista' jsir mingħajr rapport jew, f'każi eċċezzjonali, fuq il-bażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli.	5. ***Proċedura*** urġenti tista' ssir mingħajr rapport jew, f'każi eċċezzjonali, fuq il-bażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fejn tintuża proċedura urġenti u jsiru negozjati interistituzzjonali, l-Artikoli 73 u 73a ma għandhomx japplikaw. L-Artikolu 73d għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 176

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 156

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 156	Artikolu 156
Skadenzi	Skadenzi
Ħlief fil-każi ta' urġenza msemmija fl-Artikoli 135 u 154, m'għandux jinfetaħ dibattitu u m'għandhiex issir votazzjoni fuq xi test ħlief jekk dan ikun ***tqassam*** mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel.	Ħlief fil-każi ta' urġenza msemmija fl-Artikoli 135 u 154, m'għandux jinfetaħ dibattitu u m'għandhiex issir votazzjoni fuq xi test ħlief jekk dan ikun ***sar disponibbli*** mhux inqas minn ***24*** siegħa qabel.

Emenda 177

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 157

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 157	Artikolu 157
Aċċess għall-Kamra	Aċċess għall-Kamra
1. Ebda persuna ma tista' tidħol fil-Kamra ħlief Membri tal-Parlament, Membri tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, membri tal-persunal li jeħtieġu li jkunu preżenti hemmhekk fil-qadi ta' dmirijiethom, u ***esperti jew uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea***.	1. Ebda persuna ma tista' tidħol fil-Kamra ħlief Membri tal-Parlament, Membri tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, membri tal-persunal li jeħtieġu li jkunu preżenti hemmhekk fil-qadi ta' dmirijiethom, u ***kwalunkwe persuna mistiedna mill-President***.
2. Huma biss persuni li jkollhom tessera tad-dħul maħruġa kif imiss mill-President jew mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li jistgħu jitħallew jidħlu fil-gallariji.	2. Huma biss persuni li jkollhom tessera tad-dħul maħruġa kif imiss mill-President jew mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li jistgħu jitħallew jidħlu fil-gallariji.
3. Membri tal-pubbliku li jitħallew jidħlu fil-gallariji għandhom jibqgħu bil-qiegħda u jżommu s-skiet. Kwalunkwe persuna li tesprimi approvazzjoni jew diżapprovazzjoni għandha tinħareġ minnufih ***mill-'ushers'***.	3. Membri tal-pubbliku li jitħallew jidħlu fil-gallariji għandhom jibqgħu bil-qiegħda u jżommu s-skiet. Kwalunkwe persuna li tesprimi approvazzjoni jew diżapprovazzjoni għandha tinħareġ minnufih ***mill-'uxxiera'***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 178

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 158

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 158	Artikolu 158
Lingwi	Lingwi
1. Id-dokumenti kollha tal-Parlament għandhom jitħejjew ***bl-lingwi*** uffiċjali.	1. Id-dokumenti kollha tal-Parlament għandhom jitħejjew ***bil-lingwi*** uffiċjali.
2. Il-Membri kollha għandhom id-dritt li jitkellmu fil-Parlament bil-lingwa uffiċjali ***ta' l-għażla*** tagħhom. Diskorsi mogħtija f'waħda ***mill-lingwi*** uffiċjali għandhom ikunu interpretati simultanjament fil-lingwi uffiċjali l-oħra u fi kwalunkwe lingwa oħra li l-Bureau jidhirlu li jkun hemm il-ħtieġa għaliha.	2. Il-Membri kollha għandhom id-dritt li jitkellmu fil-Parlament bil-lingwa uffiċjali ***tal-għażla*** tagħhom. Diskorsi mogħtija f'waħda ***mil-lingwi*** uffiċjali għandhom ikunu interpretati simultanjament fil-lingwi uffiċjali l-oħra u fi kwalunkwe lingwa oħra li l-Bureau jidhirlu li jkun hemm il-ħtieġa għaliha.
3. Interpretazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-laqgħat tal-kumitat minn u għal-lingwi uffiċjali użati u mitluba mill-membri u l-membri sostituti ta' dak il-kumitat jew delegazzjoni.	3. Interpretazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-laqgħat tal-kumitat minn u għal-lingwi uffiċjali użati u mitluba mill-membri u l-membri sostituti ta' dak il-kumitat jew delegazzjoni.
4. F'laqgħat tal-kumitati u delegazzjonijiet li ma jsirux fil-postijiet normali tax-xogħol, l-interpretazzjoni għandha tigi pprovduta f'dawk il-lingwi tal-membri li jkunu kkonfermaw l-attendenza għal dawn il-laqgħat. Arranġamenti aktar flessibbli jistgħu jsiru f'kazi eċċezzjonali ***jekk ikun hemm qbil għad dan bejn il-membri tal-kumitat jew tad-delegazzjoni***. ***Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil għandu jiddeċiedi l-Bureau***.	4. F'laqgħat tal-kumitati u delegazzjonijiet li ma jsirux fil-postijiet normali tax-xogħol, l-interpretazzjoni għandha tigi pprovduta f'dawk il-lingwi tal-membri li jkunu kkonfermaw l-attendenza għal dawn il-laqgħat. Arranġamenti aktar flessibbli jistgħu jsiru f'kazi eċċezzjonali. ***Il-Bureau għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa***.
Meta, wara li jitħabbar ir-riżultat ta' xi votazzjoni, ikun stabbilit illi hemm diskrepanzi bejn il-verżjonijiet tal-lingwi differenti, il-President jiddeċiedi jekk ir-riżultat imħabbar huwiex validu skond l-Artikolu 184(5). Jekk huwa jiddikkjara ir-riżultat validu, huwa għandu jiddeċiedi liema verżjoni għandha titqies bħala li giet adottata. Madankollu, m' hix regola ġenerali li l-verżjoni oriġinali għandha titqies bħala t-test uffiċjali, billi jista' jkun hemm sitwazzjoni li fiha l-lingwi l-oħra kollha jkunu differenti mit-test oriġinali.	
	4a. Wara li jitħabbar ir-riżultat ta' votazzjoni, il-President għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe talba dwar l-allegazzjoni ta' diskrepanzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 179

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 159

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 159	Artikolu 159
Arranġament tranżitorju	Arranġament tranżitorju
1. Tul perjodu tranżitorju li jibqa' jgħodd sa tmiem it-tmien leġislatura parlamentari, huma permessi derogi mid-dispożizzjonijiet ***ta' l-Artikolu*** 158 ([20]), meta u sa fejn f'xi lingwa uffiċjali ma jkunux disponibbli interpreti jew tradutturi f'numru biżżejjed minkejja miżuri xierqa	1. Tul perjodu tranżitorju li jibqa' jgħodd sa tmiem it-tmien leġislatura parlamentari, huma permessi derogi mid-dispożizzjonijiet ***tal-Artikolu*** 158 ([20]), meta u sa fejn f'xi lingwa uffiċjali ma jkunux disponibbli interpreti jew tradutturi f'numru biżżejjed minkejja miżuri xierqa
2. Il-Bureau jiddetermina fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, is-sitwazzjoni tar-rekwiżiti tal-Paragrafu 1 għal kull lingwa uffiċjali kkonċernata u jeżamina d-deċiżjoni tiegħu kull sitt xhur fuq il-bażi ta' rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar il-progress li jkun sar. Il-Bureau jiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu implimentati.	2. Il-Bureau ***għandu*** jiddetermina, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali ***u bil-kunsiderazzjoni dovuta tal-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 3***, is-sitwazzjoni tar-rekwiżiti tal-***paragrafu*** 1 għal kull lingwa uffiċjali kkonċernata u jeżamina d-deċiżjoni tiegħu kull sitt xhur fuq il-bażi ta' rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar il-progress li jkun sar. Il-Bureau ***għandu*** jiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu implimentati.
3. Hawnhekk, minħabba t-Trattati, jiġu applikati r-regolamenti tranżitorji speċjali maħruġa mill-Kunsill rigward il-kompożizzjoni ta' dokumenti legali ***bl-eċċezzjoni ta' regolamenti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill joħorġu flimkien***.	3. Hawnhekk, minħabba t-Trattati, ***għandhom*** jiġu applikati r-regolamenti tranżitorji speċjali maħruġa mill-Kunsill rigward il-kompożizzjoni ta' dokumenti legali.
4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Bureau, il-Parlament jista' jiddeċiedi li dan l-artikolu jitneħħa qabel iż-żmien stipulat, jew li jestendih meta jiskadi l-perjodu stipulat.	4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Bureau, il-Parlament jista' jiddeċiedi li dan l-artikolu jitneħħa qabel iż-żmien stipulat, jew li jestendih meta jiskadi l-perjodu stipulat.

([20]) Estiż b'deċiżjoni tal-Parlament tas-26 ta' Frar 2014.

Emenda 180

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 160

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 160	Artikolu 160
Tqassim ta' dokumenti	Tqassim ta' dokumenti
Dokumenti li jiffurmaw il-bażi għal dibattiti u deċiżjonijiet tal-Parlament għandhom ikunu ***stampati u mqassma lill-Membri. Lista ta' dawn id-dokumenti għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduti tal-Parlament***.	Dokumenti li jiffurmaw il-bażi għal dibattiti u deċiżjonijiet tal-Parlament għandhom ikunu ***disponibbli għall-Membri***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Bla ħsara għall-applikazzjoni ***ta' l-ewwel*** paragrafu, il-Membri u l-gruppi politiċi għandu jkollhom aċċess dirett għas-sistema ***ta' l-informatika*** interna tal-Parlament Ewropew għall-konsultazzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' tħejjija mhux kunfidenzjali (abbozz ta' rapport, abbozz ta' rakkomandazzjoni, abbozz ta' opinjoni, dokument ta' ħidma, emendi mqiegħda fuq il-Mejda f'kumitat).	Bla ħsara għall-applikazzjoni ***tal-ewwel*** paragrafu, il-Membri u l-gruppi politiċi għandu jkollhom aċċess dirett għas-sistema ***tal-informatika*** interna tal-Parlament Ewropew għall-konsultazzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' tħejjija mhux kunfidenzjali (abbozz ta' rapport, abbozz ta' rakkomandazzjoni, abbozz ta' opinjoni, dokument ta' ħidma, emendi mqiegħda fuq il-Mejda f'kumitat).

Emenda 181

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 162

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 162	Artikolu 162
Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi u lista tal-kelliema	Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi u lista tal-kelliema
1. Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi lill-Parlament li jkun allokat ħin għad-diskorsi għal xi dibattitu ***partikulari***. Il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq din il-proposta mingħajr diskussjoni.	1. Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi lill-Parlament li jkun allokat ħin għad-diskorsi għal xi dibattitu ***partikolari***. Il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq din il-proposta mingħajr diskussjoni.
2. Ebda membru ma jista' jitkellem ħlief meta jissejjaħ biex jagħmel dan mill-President. Il-Membri għandhom jitkellmu minn posthom u għandhom jindirizzaw lill-President. Jekk kelliem joħroġ barra mis-suġġett, il-President għandu jsejjaħlu għall-ordni.	2. Ebda membru ma jista' jitkellem ħlief meta jissejjaħ biex jagħmel dan mill-President. Il-Membri għandhom jitkellmu minn posthom u għandhom jindirizzaw lill-President. Jekk kelliem joħroġ barra mis-suġġett, il-President għandu jsejjaħlu għall-ordni.
3. Għall-ewwel parti ta' dibattitu ***partikulari***, il-President jista' jagħmel lista ta' kelliema li tkun tinkludi dawra waħda jew aktar ta' kelliema minn kull grupp politiku li jkun jixtieq jitkellem, f'ordni skont id-daqs tal-grupp***, u Membru wieħed li ma jkunx affiljat ma' grupp***.	3. Għall-ewwel parti ta' dibattitu ***partikolari***, il-President jista' jagħmel lista ta' kelliema li tkun tinkludi dawra waħda jew aktar ta' kelliema minn kull grupp politiku li jkun jixtieq jitkellem, f'ordni skont id-daqs tal-grupp.
4. Il-ħin għad-diskorsi għal din il-parti tad-dibattitu għandu jiġi allokat skont il-kriterji li ġejjin:	4. Il-ħin għad-diskorsi għal din il-parti tad-dibattitu għandu jiġi allokat skont il-kriterji li ġejjin:
(a) l-ewwel parti tal-ħin għad-diskorsi għandha tinqasam b'mod indaqs bejn il-gruppi politiċi kollha;	(a) l-ewwel parti tal-ħin għad-diskorsi għandha tinqasam b'mod indaqs bejn il-gruppi politiċi kollha;
(b) parti oħra għandha tinqasam bejn il-gruppi politiċi fi proporzjon skont in-numru totali tal-membri tagħhom;	(b) parti oħra għandha tinqasam bejn il-gruppi politiċi fi proporzjon skont in-numru totali tal-membri tagħhom;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(c) il-Membri mhux affiljati għandhom jiġu allokati ħin totali għad-diskorsi li jkun ibbażat fuq il-partijiet allokati lil kull grupp politiku skont il-punti (a) u (b).	(c) il-Membri mhux affiljati għandhom jiġu allokati ħin totali għad-diskorsi li jkun ibbażat fuq il-partijiet allokati lil kull grupp politiku skont il-punti (a) u (b);
	(ca) ***l-allokazzjoni tal-ħin għad-diskors fil-plenarja għandha tieħu kont tal-fatt li Membri b'diżabilita'jista' jkollhom bżonn ta' iżjed ħin.***
5. Meta jkun allokat ħin totali għad-diskorsi għal bosta punti fl-aġenda, il-gruppi politiċi għandhom jgħarrfu lill-President dwar il-parti mill-ħin allokat lilhom li tkun se tintuża għal kull punt individwali. Il-President għandu jiżgura li dawn il-ħinijiet għad-diskorsi jkunu rispettati.	5. Meta jkun allokat ħin totali għad-diskorsi għal bosta punti fl-aġenda, il-gruppi politiċi għandhom jgħarrfu lill-President dwar il-parti mill-ħin allokat lilhom li tkun se tintuża għal kull punt individwali. Il-President għandu jiżgura li dawn il-ħinijiet għad-diskorsi jkunu rispettati.
6. Il-bqija tal-ħin maħsub għad-dibattitu m'għandux jiġi allokat b'mod speċifiku minn qabel. Minflok, il-President ***għandu*** jistieden lill-Membri biex jitkellmu, bħala regola ġenerali għal mhux aktar minn minuta. Il-President għandu jiżgura – sa fejn ikun possibbli – li kelliema li jkollhom opinjonijiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jitkellmu wara xulxin.	6. Il-bqija tal-ħin maħsub għad-dibattitu m'għandux jiġi allokat b'mod speċifiku minn qabel. Minflok, il-President ***jista'*** jistieden lill-Membri biex jitkellmu, bħala regola ġenerali għal mhux aktar minn minuta. Il-President għandu jiżgura – sa fejn ikun possibbli – li kelliema li jkollhom opinjonijiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jitkellmu wara xulxin.
7. Fuq talba, tista' tingħata prijorità lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli u lill-presidenti ta' gruppi politiċi li jkunu jixtiequ jitkellmu f'isem il-grupp tagħhom, jew lil kelliema li jkunu deputati tagħhom.	7. Fuq talba, tista' tingħata prijorità ***mill-President*** lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli u lill-presidenti ta' gruppi politiċi li jkunu jixtiequ jitkellmu f'isem il-grupp tagħhom, jew lil kelliema li jkunu deputati tagħhom.
8. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta ***kaħla***, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu, ***jekk*** il-kelliem jaqbel u ***jekk il-President iqis*** li dan ma ***jkunx*** se jfixkel id-dibattitu.	8. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta ***blu***, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu ***li tkun marbuta ma' dak li jkun qal il-Membru***, ***sakemm*** il-kelliem jaqbel u ***l-President ikun sodisfatt*** li dan ma ***jkun la*** se jfixkel id-dibattitu ***u lanqas, permezz ta' mistoqsijiet suċċessivi mressqa permezz ta' karti blu, ma jwassal għal żbilanċ drastiku fl-affinitajiet tal-grupp politiku ta' Membri li jitkellmu fih***.
9. Ebda Membru ma jista' jitkellem għal iktar minn minuta fuq dawn li ġejjin: il-minuti tas-seduta, il-mozzjonijiet proċedurali, l-emendi għall-aħħar abbozz tal-aġenda jew għall-aġenda.	9. Ebda Membru ma jista' jitkellem għal iktar minn minuta fuq dawn li ġejjin: il-minuti tas-seduta, il-mozzjonijiet proċedurali, l-emendi għall-aħħar abbozz tal-aġenda jew għall-aġenda.
10. ***Bla ħsara għas-setgħat dixxiplinarji l-oħra tiegħu, il-President jista' jordna li d-diskorsi ta' Membri li ma jkunx tahom il-kelma jew li jkomplu jitkellmu iktar mill-ħin mogħti lilhom jitħassru mir-rapporti verbatim tas-seduti.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
11. Fid-dibattitu dwar xi rapport il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jinstemgħu, bħala regola, minnufih wara l-preżentazzjoni tiegħu mir-rapporteur. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u r-rapporteur jistgħu jinstemgħu mill-ġdid, b'mod partikolari biex iwieġbu għall-istqarrijiet magħmula mill-Membri.	11. Fid-dibattitu dwar xi rapport il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jinstemgħu, bħala regola, minnufih wara l-preżentazzjoni tiegħu mir-rapporteur. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u r-rapporteur jistgħu jinstemgħu mill-ġdid, b'mod partikolari biex iwieġbu għall-istqarrijiet magħmula mill-Membri.
12. Membri li ma jkunux tkellmu waqt xi dibattitu jistgħu, mhux iżjed minn darba f'kull sessjoni parzjali, jippreżentaw stqarrija bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li għandha tiġi annessa mar-rapport verbatim tad-dibattitu.	12. Membri li ma jkunux tkellmu waqt xi dibattitu jistgħu, mhux iżjed minn darba f'kull sessjoni parzjali, jippreżentaw stqarrija bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li għandha tiġi annessa mar-rapport verbatim tad-dibattitu.
13. ***Bla ħsara għall-Artikolu*** 230 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-President għandu jfittex li jilħaq ftehim mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-President tal-Kunsill Ewropew dwar allokazzjoni xierqa ta' ħin għad-diskorsi għalihom.	13. ***B'kunsiderazzjoni dovuta tal-Artikolu*** 230 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-President għandu jfittex li jilħaq ftehim mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-President tal-Kunsill Ewropew dwar allokazzjoni xierqa ta' ħin għad-diskorsi għalihom.

Emenda 182

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 164a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 164a
	Prevenzjoni ta' ostruzzjoni
	Il-President għandu jkollu s-setgħa li jtemm l-użu eċċessiv ta' mozzjonijiet bħal punti ta' ordni, mozzjonijiet proċedurali jew spjegazzjonijiet tal-vot, jew talbiet għal votazzjonijiet separati, votazzjonijiet maqsuma jew votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet meta jkun konvint li dawn il-mozzjonijiet jew talbiet ikunu manifestament maħsuba biex joħolqu ostruzzjoni mtawla u serja, jew jirriżultaw fiha, tal-proċeduri tal-Parlament jew tad-drittijiet tal-Membri.
	(Fil-Kapitolu 3 "Regoli ġenerali dwar it-tmexxija tas-seduti")

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 183

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 165

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 165	Artikolu 165
Miżuri immedjati	Miżuri immedjati
1. Il-President għandu jsejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li jisfratta t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri jew li l-imġiba tiegħu tonqos milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti ***ta' l-Artikolu*** 11.	1. Il-President għandu jsejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li jisfratta t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri jew li l-imġiba tiegħu tonqos milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti ***tal-Artikolu*** 11.
2. Jekk din ***l-imġieba*** tirrepeti ruħha, il-President għandu għal darb'oħra jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni, u l-fatt għandu jiġi rrapurtat fil-minuti.	2. Jekk din ***l-imġiba*** tirrepeti ruħha, il-President għandu għal darb'oħra jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni, u l-fatt għandu jiġi rrapurtat fil-minuti.
3. Jekk it-tfixkil ikompli, jew jekk ***l-imġieba terġa*** tirrepeti ruħha, il-President jista' jċaħħad ***lil Membru*** kkonċernat mid-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta. Huwa jista' wkoll jirrikorri għal din il-miżura ***ta' l-aħħar*** minnufih u mingħajr it-tieni sejħa għall-ordni f' każijiet ta' serjetà eċċezzjonali. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mingħajr dewmien, jara li dawn il-miżuri dixxiplinari jitwettqu, bl-għajnuna ***ta' l-ushers*** u, jekk ikun meħtieġ, tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Parlament.	3. Jekk it-tfixkil ikompli, jew jekk ***l-imġiba terġa'*** tirrepeti ruħha, il-President jista' jċaħħad ***lill-Membru*** kkonċernat mid-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta. Huwa jista' wkoll jirrikorri għal din il-miżura ***tal-aħħar*** minnufih u mingħajr it-tieni sejħa għall-ordni f' każijiet ta' serjetà eċċezzjonali. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mingħajr dewmien, jara li dawn il-miżuri dixxiplinari jitwettqu, bl-għajnuna ***tal-uxxiera*** u, jekk ikun meħtieġ, tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Parlament.
4. Jekk it-tfixkil jhedded li jostakola l-ħidma tal-Kamra, il-President għandu jagħlaq jew jissospendi s-seduta għal żmien speċifiku sabiex jerġa' jġib l-ordni. Jekk ma jkunx jista' jsemma' lilu nnifsu, għandu jħalli s-Sedja; dan għandu jkollu l-effett ta' sospensjoni tas-seduta. Il-President għandu jerġa jsejjaħ ***s-seduta***.	4. Jekk it-tfixkil jhedded li jostakola l-ħidma tal-Kamra, il-President għandu jagħlaq jew jissospendi s-seduta għal żmien speċifiku sabiex jerġa' jġib l-ordni. Jekk ma jkunx jista' jsemma' lilu nnifsu, għandu jħalli s-Sedja; dan għandu jkollu l-effett ta' sospensjoni tas-seduta. Il-President għandu jerġa jsejjaħ ***is-seduta***.
	4a. Il-President jista' jiddeċiedi li jinterrompi x-xandir dirett tas-seduta fil-każ ta' lingwaġġ jew aġir difamatorju, razzist jew ksenofobiku minn Membru.
	4b. Il-President jista' jiddeċiedi li jħassar mir-rekords awdjoviżivi tal-proċedimenti dawk il-partijiet ta' diskors minn Membru li jkun fihom lingwaġġ difamatorju, razzist jew ksenofobiku.
	Din id-deċiżjoni għandu jkollha effett immedjat. Din għandha, madankollu, tkun suġġetta għal konferma mill-Bureau mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li tittieħed, jew, jekk il-Bureau ma jiltaqax f'dak il-perjodu, fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Is-setgħat stipulati fil-paragrafi 1 sa ***4*** għandhom jingħataw, mutatis mutandis, lill-uffiċjali li jippresiedu ***l-organi***, il-kumitati u d-delegazzjonijiet kif stipulat fir-Regoli ta' Proċedura.	5. Is-setgħat stipulati fil-paragrafi 1 sa ***4b*** għandhom jingħataw, mutatis mutandis, lill-uffiċjali li jippresiedu ***l-korpi***, il-kumitati u d-delegazzjonijiet kif stipulat fir-Regoli ta' Proċedura.
6. Fejn hu xieraq, u filwaqt li titqies is-serjetà tal-ksur ***ta' l-istandards*** ta' mġiba tal-Membri, il-Membru li jkun qed jippresiedi jista', sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li jkun imiss jew mil-laqgħa li jkun imiss ***ta' l-organu***, kumitat jew delegazzjoni kkonċernati, jsaqsi lill-President biex japplika l-Artikolu 166.	6. Fejn hu xieraq, u filwaqt li titqies is-serjetà tal-ksur ***tal-istandards*** ta' mġiba tal-Membri, il-Membru li jkun qed jippresiedi jista', sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li jkun imiss jew mil-laqgħa li jkun imiss ***tal-korp***, kumitat jew delegazzjoni kkonċernati, jsaqsi lill-President biex japplika l-Artikolu 166.

Emenda 184

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 166

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 166	Artikolu 166
Pieni	Pieni
1. F'każijiet ***eċċezzjonalment*** serji ta' diżordni jew sfrattar tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji ***imniżżla*** fl-Artikolu 11, il-President***, wara li jisma' lill-Membru konċernat,*** għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena xierqa***, liema deċiżjoni huwa għandu jinnotifka lill-Membru konċernat u lill-uffiċjali li jippresiedu l-organi, l-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, qabel ma jħabbarha fil-plenarja***.	1. F'każijiet serji ta' diżordni jew sfrattar tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji ***mniżżla*** fl-Artikolu 11, il-President għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena xierqa.
	Il-Membru kkonċernat għandu jiġi mistieden mill-President jissottometti osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni. F'każijiet eċċezzjonali, il-President jista' jiddeċiedi li jsejjaħ seduta ta' smigħ tal-Membru kkonċernat.
	Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat permezz ta' ittra rreġistrata jew, f'każijiet ta' urġenza, permezz tal-uxxiera.
	Wara li tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat, kwalunkwe piena imposta fuq Membru għandha titħabbar mill-President lill-Parlament, u l-uffiċjali li jippresiedu l-korpi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, għandhom jiġu infurmati.
	Ladarba l-piena tkun finali għandha tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq il-websajt tal-Parlament għall-bqija tal-leġislatura.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Waqt il-valutazzjoni ***ta' l-imġiba*** osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha ***u s-serjetà tagħha, fuq il-bażi tal-linji gwida annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([21]).	2. Waqt il-valutazzjoni ***tal-imġiba*** osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, u s-serjetà tagħha.
	Għandha ssir distinzjoni bejn azzjonijiet viżivi, li jistgħu jkunu tollerati, dment li ma jkunux offensivi, difamatorji, razzisti jew ksenofobiċi, u jibqgħu f'limiti raġonevoli, u dawk li jisfrattaw b'mod attiv l-attività parlamentari.
3. Il-piena tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:	3. Il-piena tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:
(a) twissija;	(a) twissija;
(b) it-telf tal-jedd għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u ***għaxart ijiem***;	(b) it-telf tal-jedd għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u ***tletin jum***;
(c) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta ***ma' l-istandards*** ta' mġiba tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn u għaxart ijiem konsekuttivi li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħed ***mill-organi***, kumitati jew delegazzjonijiet tieghu;	(c) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta ***mal-istandards*** ta' mġiba tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn ***u tletin jum*** li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħed ***mill-korpi***, kumitati jew delegazzjonijiet tieghu;
(d) ***preżentazzjoni lill-Konferenza tal-Presidenti, skont l-Artikolu 21, ta' proposta għal sospensjoni jew tneħħija minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament.***	
	(d a) projbizzjoni għall-Membru milli jirrappreżenta lill-Parlament f'delegazzjoni interparlamentari, konferenza interparlamentari jew kwalunkwe forum interistituzzjonali, sa sena.
	(d b) fil-każ ta' ksur tal-obbligi ta' kunfidenzjalità, limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata sa sena.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3a. Il-miżuri stipulati fil-paragrafu 3(b) sa (d b) jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' offiżi ripetuti, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 165(3),
	3b. Il-President jista', addizzjonalment, jippreżenta proposta lill-Konferenza tal-Presidenti għas-sospensjoni jew it-tneħħija tal-Membru minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

([21]) ***Ara l-Anness XV.***

Emenda 185

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 167

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 167	Artikolu 167
Proċeduri interni ta' appell	Proċeduri interni ta' appell
Il-Membru konċernat jista' jressaq appell intern lill-Bureau fi żmien ġimagħtejn min-notifika tal-piena imposta mill-President. Dan l-appell għandu jkollu l-effett li jissospendi l-applikazzjoni ta' dik il-piena. Il-Bureau jista', sa mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun tressaq l-appell, jannulla, jikkonferma jew ***inaqqas il-piena*** imposta, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell esterni disponibbli għall-Membru konċernat. Jekk il-Bureau jonqos milli jieħu deċiżjoni fil-limitu ta' żmien stipulat, il-piena għandha ***tiġi ddikjarata*** nulla u bla effett.	Il-Membru konċernat jista' jressaq appell intern lill-Bureau fi żmien ġimagħtejn min-notifika tal-piena imposta mill-President ***bis-saħħa tal-Artikolu 166(1) sa (3a)***. Dan l-appell għandu jkollu l-effett li jissospendi l-applikazzjoni ta' dik il-piena. Il-Bureau jista', sa mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun tressaq l-appell ***jew, jekk dan ma jiltaqax f'dan il-perjodu, fil-laqgħa li jmiss tiegħu***, jannulla, jikkonferma jew ***jimmodifika l-piena*** imposta, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell esterni disponibbli għall-Membru konċernat. Jekk il-Bureau jonqos milli jieħu deċiżjoni fil-limitu ta' żmien stipulat, il-piena għandha ***titqies*** nulla u bla effett.

Emenda 186

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu VII – kapitolu 5 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KWORUM U VOTAZZJONI	KWORUM***, EMENDI*** U VOTAZZJONI

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 187

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 168

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 168	Artikolu 168
Kworum	Kworum
1. Il-Parlament jista' jiddelibera, jgħaddi l-aġenda u japprova l-minuti, ikun xi jkun in-numru ta' Membri preżenti.	1. Il-Parlament jista' jiddelibera, jgħaddi l-aġenda u japprova l-minuti, ikun xi jkun in-numru ta' Membri preżenti.
2. Għandu jitqies li ntlaħaq kworum meta terz tal-Membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti fil-Kamra.	2. Għandu jitqies li ntlaħaq kworum meta terz tal-Membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti fil-Kamra.
3. Il-votazzjonijiet kollha għandhom ikunu validi ***ikun*** xi jkun in-numru ta' votanti ħlief jekk il-President, fuq talba li ssir qabel tibda l-votazzjoni minn mhux inqas minn erbgħin Membru, ***jara fil-ħin tal-votazzjoni*** li ma ***hemmx*** kworum. Jekk ***il-votazzjoni turi*** li ma hemmx kworum, ***il-votazzjoni*** għandha titqiegħed fl-aġenda tas-seduta li jkun imiss.	3. Il-votazzjonijiet kollha għandhom ikunu validi ***jkun*** xi jkun in-numru ta' votanti ħlief jekk il-President, fuq talba li ssir qabel tibda l-votazzjoni minn mhux inqas minn **40** Membru, ***jistabbilixxi*** li ma ***jkunx hemm*** kworum. Jekk ***in-numru ta' Membri meħtieġ sabiex jintlaħaq il-kworum ma jkunx biżżejjed, il-President għandu jiddikjara*** li ma hemmx kworum, ***u l-votazzjoni*** għandha titqiegħed fl-aġenda tas-seduta li jkun imiss.
Talba sabiex ikun ivverifikat il-kworum għandha ssir minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Talba f'isem grupp politiku mhix ammissibbli.	
Meta jkun qed jiġi stabbilit ir-riżultat tal-votazzjoni, għandhom jitqiesu, skont il-paragrafu 2, il-Membri kollha preżenti fil-Kamra u, skont il-paragrafu 4, tal-Membri kollha li talbu sabiex ***ikun ivverifikat il-kworum.*** Is-sistema ta' votazzjoni elettronika ma tistax tintuża ***għal dan il-għan***. Il-bibien tal-Kamra ma jistgħux jingħalqu.	Is-sistema ta' votazzjoni elettronika ***tista' tintuża sabiex jiġi vverifikat il-limitu minimu ta' 40 Membru, iżda*** ma tistax tintuża ***biex jiġi vverifikat kworum***. Il-bibien tal-Kamra ma jistgħux jingħalqu.
Jekk in-numru ta' Membri meħtieġ sabiex jintlaħaq il-kworum ma jkunx preżenti, il-President m'għandux iħabbar ir-riżultat tal-votazzjoni imma għandu jiddikjara li ma hemmx kworum.	
L-aħħar sentenza tal-paragrafu 3 ma tapplikax għal votazzjonijiet dwar mozzjonijiet proċedurali imma biss għal votazzjonijiet fuq il-mertu.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Membri li ***jkunu talbu*** għall-verifika tal-kworum għandhom jitqiesu li huma preżenti ***skond*** it-tifsira ***tal-paragrafu 2***, anke jekk ***ma jkunux għadhom fil-Kamra***.	4. Membri li ***jitolbu*** għall-verifika tal-kworum għandhom ***ikunu preżenti fil-Kamra meta ssir it-talba, u għandhom*** jitqiesu li huma preżenti ***skont*** it-tifsira ***tal-paragrafi 2 u 3***, anke jekk ***imbagħad jitilqu mill-Kamra***.
Membri li jkunu talbu għall-verifika tal-kworum għandhom ikunu preżenti fil-Kamra meta ssir it-talba.	
5. Jekk ikun hemm inqas minn erbgħin Membru preżenti, il-President jista' jagħti deċiżjoni li ma hemmx kworum.	5. Jekk ikun hemm inqas minn erbgħin Membru preżenti, il-President jista' jagħti deċiżjoni li ma hemmx kworum.

Emenda 188

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 168a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 168a
	Livelli limitu
	1. ***Għall-finijiet ta' dawn l-Artikoli, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:***
	(a) ***"limitu baxx" tfisser wieħed minn kull għoxrin tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament jew grupp politiku;***
	(b) ***"limitu medju" tfisser wieħed minn kull għaxra tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, magħmula minn grupp politiku wieħed jew iktar jew Membri individwali, jew kombinazzjoni tat-tnejn;***
	(c) ***"limitu għoli" tfisser wieħed minn kull ħamsa tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, magħmula minn grupp politiku wieħed jew iktar jew Membri individwali, jew kombinazzjoni tat-tnejn;***
	2. ***Meta, għall-iskop biex jiġi determinat jekk limitu applikabbli intlaħaqx, tkun meħtieġa firma ta' Membru, dik il-firma tista' tkun jew miktuba bl-idejn jew f'forma elettronika, prodotta bis-sistema ta' firma elettronika tal-Parlament. Fiż-żmien stipulat relevanti, Membru jista' jirtira, iżda mhux sussegwentement iġedded, il-firma tiegħu jew tagħha.***
	3. ***Meta l-appoġġ ta' grupp politiku jkun meħtieġ biex jintlaħaq limitu minimu, il-grupp għandu jaġixxi permezz tal-president tiegħu jew permezz ta' persuna magħżula b'mod dovut minnu jew minnha għal dak l-iskop.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4. ***L-appoġġ ta' grupp politiku għandu jitqies kif ġej għall-applikazzjoni tal-limitu medju u għoli:***
	— ***meta Artikolu li jistipula tali limitu minimu jiġi invokat matul seduta jew laqgħa: il-Membri kollha li jifformaw parti mill-grupp ta' appoġġ u huma fiżikament preżenti;***
	— ***fil-każijiet l-oħra: il-Membri kollha li jifformaw parti mill-grupp ta' appoġġ.***

Emenda 189

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Allinjament orizzontali

Test fis-seħħ	*Allinjament orizzontali*
	Allinjament orizzontali tal-Artikoli u l-emendi tad-definizzjonijiet il-ġodda tal-limiti minimi stipulati fl-Artikolu 168a
	A. ***Fl-Artikoli u l-emendi li ġejjin u li jikkonċernaw l-Artikoli li ġejjin, il-kliem "grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru", fi kwalunkwe forma grammatikament inflessa, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "grupp politiku jew Membri li jilħqu mill-inqas il-limitu baxx", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja:***
	Artikolu 15(1)
	Artikolu 38(2)
	Artikolu 38a(1) (ġdid)
	Artikolu 59(1) subparagrafu 1
	Artikolu 59(1b) subparagrafu 4 (ġdid)
	Artikolu 59(1a) subparagrafu 1(ġdid)
	Artikolu 59(1b) subparagrafu 4 (ġdid)
	Artikolu 59(1b) subparagrafu 5 (ġdid)
	Artikolu 63(4) u Artikolu 78e (2)
	Artikolu 67a(1) subparagrafu 1 (ġdid) u Artikolu 68(1)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Allinjament orizzontali*
	Artikolu 67a(2) subparagrafu 1 (ġdid)
	Artikolu 67a(4) subparagrafu 1 (ġdid)
	Artikolu 69(1)
	Artikolu 81(2)
	Artikolu 88(1) subparagrafu 2
	Artikolu 105(3) u (4)
	Artikolu 105(6) it-tielet inċiż
	Artikolu 106(4)(c) subparagrafu 2 (ġdid)
	Artikolu 108(2)
	Artikolu 108(4)
	Artikolu 113(4a) (ġdid)
	Artikolu 118(5) subparagrafu 1
	Artikolu 121(3)
	Artikolu 122(3)
	Artikolu 122a(4) (ġdid)
	Artikolu 123(2)
	Artikolu 128(1) subparagrafu 1
	Artikolu 135(1)
	Artikolu 135(2)
	Artikolu 137(2) subparagrafu 3
	Artikolu 138(2) subparagrafu 3
	Artikolu 150(2)
	Artikolu 150(3)
	Artikolu 152(1)
	Artikolu 153(1)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Allinjament orizzontali*
	Artikolu 154(1)
	Artikolu 169(1) subparagrafu 1
	Artikolu 170(4) subparagrafu 1
	Artikolu 174(5)
	Artikolu 174(6)
	Artikolu 176(1)
	Artikolu 180(1)
	Artikolu 187(1) subparagrafu 1
	Artikolu 188(1) subparagrafu 1 u (2)
	Artikolu 189(1) subparagrafu 1
	Artikolu 190(1) subparagrafu 1
	Artikolu 190(4)
	Artikolu 226(4)
	Artikolu 231(4)
	Anness XVI paragrafu 1c, subparagrafu 7
	Fl-Artikoli 88(4) u 113(4a), il-kliem "mill-inqas erbgħin Membru", fi kwalunkwe forma grammatikament inflessa, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "grupp politiku jew Membri li jilħqu mill-inqas il-limitu baxx", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	B. ***Fl-Artikoli 50(1) u 50(2) subparagrafu 1, il-kliem "mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat", fi kwalunkwe forma grammatikament inflessa, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu medju fil-kumitat", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.***
	Fl-Artikolu 73 a(2) u l-Artikolu 150(1) subparagrafu 2, il-kliem "gruppi politiċi jew Membri individwali li flimkien jikkostitwixxu wieħed minn kull għaxra tal-Membri tal-Parlament", fi kwalunkwe forma grammatikament inflessa, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu medju", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Allinjament orizzontali*
	Fl-Artikolu 210 a(4), il-kliem "tliet membri ta' kumitat" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu medju fil-kumitat", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	C. ***Fl-Artikolu 15(1), il-kliem "mill-inqas għoxrin fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu għoli", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.***
	Fl-Artikolu 182(2) u l-Artikolu 180a(2) , il-kliem "mill-inqas wieħed minn kull ħamsa tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu għoli", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	Fl-Artikolu 191(1), il-kliem "grupp politiku jew mill-inqas erbgħin Membru" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu għoli", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	Fl-Artikolu 204(2), is-subparagrafu 1 u l-Artikolu 208(2), il-kliem "mill-inqas wieħed minn kull sitta tal-membri tal-kumitat" jew "wieħed minn kull sitta tal-membri tiegħu", fi kwalunkwe forma grammatikament inflessa, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu għoli fil-kumitat", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	Fl-Artikolu 208(3), il-kliem "kwart tal-membri ta' kumitat" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "membri jew grupp politiku (gruppi politiċi) li jilħqu mill-inqas il-limitu għoli fil-kumitat", bi kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.
	D. ***Dan l-allinjament orizzontali tal-limiti minimi ma jippreġudikax l-adozzjoni, iċ-ċaħda jew il-modifika tal-Artikoli u l-emendi elenkati hawn fuq dwar aspetti li huma differenti mil-limiti minimi.***
	(Din l-emenda tapplika fit-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 190

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 169

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 169	Artikolu 169
Tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda u ***t-tressieq*** tagħhom	Tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda u ***t-tressiq*** tagħhom
1. Emendi biex ikunu eżaminati fil-Parlament jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.	1. Emendi biex ikunu eżaminati fil-Parlament jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru. ***L-ismijiet tal-kofirmatarji kollha għandhom jiġu ppubblikati.***
Emendi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda bil-miktub u għandhom ikunu ffirmati mill-awturi tagħhom.	Emendi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda bil-miktub u għandhom ikunu ffirmati mill-awturi tagħhom.
Emendi għal ***dokumenti ta' natura leġislattiva li jaqgħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 47(1)*** jista' jkollhom magħhom ġustifikazzjoni qasira. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabiltà ***ta' l-awtur*** u m'għandux jittieħed vot fuqhom.	Emendi għal ***proposti għal atti legalment vinkolanti*** jista' jkollhom magħhom ġustifikazzjoni qasira. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabiltà ***tal-awtur*** u m'għandux jittieħed vot fuqhom.
2. Bla ħsara għal-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 170, emenda jista' jkollha l-għan li tbiddel kwalunkwe parti ta' xi test, jew li tħassar, iżżid jew tissostitwixxi kliem jew numri.	2. Bla ħsara għal-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 170, emenda jista' jkollha l-għan li tbiddel kwalunkwe parti ta' xi test, jew li tħassar, iżżid jew tissostitwixxi kliem jew numri.
F'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 170 il-kelma "test" tfisser it-test sħiħ ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni jew ta' abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, ta' proposta għal deċiżjoni jew ta' proposta għal att ***leġislattiv***.	F'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 170 il-kelma "test" tfisser it-test sħiħ ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni jew ta' abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, ta' proposta għal deċiżjoni jew ta' proposta għal att ***legalment vinkolanti***.
3. Il-President għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.	3. Il-President għandu jistabbilixxi ***skadenza*** għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.
4. Emenda tista' titressaq waqt id-dibattitu mill-awtur tagħha jew minn kwalunkwe Membru ieħor maħtur mill-awtur sabiex jissostitwih.	4. Emenda tista' titressaq waqt id-dibattitu mill-awtur tagħha jew minn kwalunkwe Membru ieħor maħtur mill-awtur sabiex jissostitwih.
5. Meta emenda tiġi rtirata mill-awtur tagħha, din għandha taqa' ħlief fil-każ li tittieħed minnufih minn xi Membru ieħor.	5. Meta emenda tiġi rtirata mill-awtur tagħha, din għandha taqa' ħlief fil-każ li tittieħed minnufih minn xi Membru ieħor.
6. ***mendi*** għandhom jitqiegħdu għall-vot biss wara li jkunu ***ġew stampati u mqassma*** fil-lingwi uffiċjali kollha, ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk joġġezzjonaw mhux inqas minn erbgħin Membru. Il-Parlament għandu jevita li jieħu deċiżjonijiet li jwasslu sabiex Membri li jużaw lingwa partikolari jkunu żvantaġġjati b'mod inaċċettabbli.	6. ***L-emendi*** għandhom jitqiegħdu għall-vot biss wara li jkunu ***saru disponibbli*** fil-lingwi uffiċjali kollha, ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk joġġezzjonaw mhux inqas minn ***40*** Membru. Il-Parlament għandu jevita li jieħu deċiżjonijiet li jwasslu sabiex Membri li jużaw lingwa partikolari jkunu żvantaġġjati b'mod inaċċettabbli.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta jkun hemm inqas minn mitt Membru preżenti, il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri preżenti joġġezzjonaw.	Meta jkun hemm inqas minn mitt Membru preżenti, il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri preżenti joġġezzjonaw.
Fuq proposta tal-President, emenda orali jew kwalunkwe modifika orali oħra tiġi trattata bħal emenda mhux ***mqassma*** fil-lingwi kollha uffiċjali. Jekk il-President jidhirlu li tali emenda jew modifika hija ammissibbli abbażi tal-Artikolu 170(3), sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni espressa skont l-Artikolu 169(6), għandha tiġi vvotata skont l-ordni stabbilita għall-vot.	Fuq proposta tal-President, emenda orali jew kwalunkwe modifika orali oħra ***għandha*** tiġi trattata bħal emenda mhux ***disponibbli*** fil-lingwi kollha uffiċjali. Jekk il-President jidhirlu li tali emenda jew modifika hija ammissibbli abbażi tal-Artikolu 170(3), sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni espressa skont l-Artikolu 169(6), għandha tiġi vvotata skont l-ordni stabbilita għall-vot.
Fil-kumitat, in-numru ta' voti meħtieġ biex jiġi oppost il-vot ta' tali emenda jew modifika, huwa stabbilit abbażi tal-Artikolu 209 proporzjonalment għal dak li jipprevali fil-plenarja, aġġustat, jekk ikun il-każ, għall-eqreb numru sħiħ.	Fil-kumitat, in-numru ta' voti meħtieġ biex jiġi oppost il-vot ta' tali emenda jew modifika, huwa stabbilit abbażi tal-Artikolu 209 proporzjonalment għal dak li jipprevali fil-plenarja, aġġustat, jekk ikun il-każ, għall-eqreb numru sħiħ.

Emenda 191

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 170

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 170	Artikolu 170
Ammissibilità ta' emendi	Ammissibilità ta' emendi
1. ***Ebda*** emenda m'għandha tkun ammissibbli jekk:	1. ***Mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati fl-Artikolu 52(2) li jikkonċerna rapporti ta' inizjattiva proprja u l-Artikolu 69(2) li jikkonċerna emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, l-ebda*** emenda m'għandha tkun ammissibbli jekk:
(a) ma jkollhiex x'taqsam direttament mat-test li tkun temenda;	(a) ma jkollhiex x'taqsam direttament mat-test li tkun temenda;
(b) tkun tħassar jew tissostitwixxi t-test sħiħ;	(b) tkun tħassar jew tissostitwixxi t-test sħiħ;
(c) tkun temenda iżjed minn wieħed mill-artikoli jew paragrafi individwali tat-test li għalih tirreferi. Din ***id-disposizzjoni*** ma tapplikax għal emendi ta' kompromess jew għal emendi li jfittxu li jagħmlu tibdil identiku f'xi espressjonijiet ***partikulari*** fit-test kollu;	(c) tkun temenda iżjed minn wieħed mill-artikoli jew paragrafi individwali tat-test li għalih tirreferi. Din ***id-dispożizzjoni*** ma tapplikax għal emendi ta' kompromess jew għal emendi li jfittxu li jagħmlu tibdil identiku f'xi espressjonijiet ***partikolari*** fit-test kollu;
	(c a) hija maħsuba biex temenda proposta għall-kodifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni; madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 103(3) għandu japplika mutatis mutandis;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(c b) hija intiża li temenda dawk il-partijiet ta' proposta li jinvolvu t-tfassil mill-ġdid tal-leġislazzjoni tal-Unjoni u li jibqgħu l-istess f'tali proposta; madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 104(2) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 104(3) għandhom japplikaw mutatis mutandis;
(d) ***ikun stabbilit*** li ***mill-anqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali t-test li dwaru qed tintalab emenda ma jkunx jitlob tibdil***; f'dan il-każ, il-President għandu, flimkien ma' min hu kkonċernat, ifittex li jsib rimedju lingwistiku xieraq.	(d) ***dan ifittex biss*** li ***jiżgura l-korrettezza lingwistika jew jindirizza l-konsistenza terminoloġika tat-test fil-lingwa li fiha l-emenda titressaq***; f'dan il-każ, il-President għandu, flimkien ma' min hu kkonċernat, ifittex li jsib rimedju lingwistiku xieraq.
2. ***Emenda għandha taqa' jekk tkun inkonsistenti ma' deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu qabel fir-rigward tat-test matul l-istess votazzjoni.***	
3. Il-President għandu jiddeċiedi jekk emendi humiex ammissibbli jew le.	3. Il-President għandu jiddeċiedi jekk emendi humiex ammissibbli jew le.
Id-deċiżjoni tal-President ***skond*** il-paragrafu 3 dwar l-ammissibilità ta' emendi ma tkunx ibbażata esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet ***tal-paragrafi*** 1 ***jew 2*** ta' dan l-Artikolu, imma fuq id-dispożizzjonijiet ***tar-Regoli*** b'mod ġenerali.	Id-deċiżjoni tal-President ***skont*** il-paragrafu 3 dwar l-ammissibilità ta' emendi ma tkunx ibbażata esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet ***tal-paragrafu*** 1 ta' dan l-Artikolu, imma fuq id-dispożizzjonijiet ***tal-Artikoli*** b'mod ġenerali.
4. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva għal mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva li tkun f' xi rapport ta' xi kumitat.	4. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva għal mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva li tkun f' xi rapport ta' xi kumitat.
F'każ bħal dan, il-grupp jew il-Membri kkonċernati ma jistgħux iqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Fuq din għandu jittieħed vot wieħed fil-Parlament mingħajr emendi.	F'każ bħal dan, il-grupp jew il-Membri kkonċernati ma jistgħux iqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Fuq din għandu jittieħed vot wieħed fil-Parlament mingħajr emendi.
L-Artikolu 123(4) għandu japplika mutatis mutandis.	L-Artikolu ***123(4) u (4a) li jikkonċerna mozzjonijiet għar-riżoluzzjonijiet konġunti*** għandu japplika mutatis mutandis.
	4a. Bi ftehim mal-President, emendi jistgħu jitressqu eċċezzjonalment wara l-għeluq tal-iskadenza għall-emendi jekk ikunu emendi ta' kompromess, jew jekk ikun hemm problemi tekniċi. Il-President għandu jiddeċiedi fuq l-ammissibilità ta' tali emendi. Il-President għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament sabiex jagħmel hekk qabel ma jqiegħed tali emendi għall-vot.
	Dawn il-kriterji ġenerali għall-ammissibilità tal-emendi ta' kompromess jistgħu jiġu applikati:
	— ***bħala regola ġenerali, l-emendi ta' kompromess jirrelataw ma partijiet mit-test li kienu s-suġġett ta' emendi qabel ma skada t-terminu sabiex jitressqu emendi;***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	— ***bħala regola ġenerali, l-emendi ta' kompromess jistgħu jitressqu minn gruppi politiċi li jirrappreżentaw maġġoranza fil-Parlament, mill-Presidenti jew mir-rapporteurs f'isem il-kumitati kkonċernati jew l-awturi ta' emendi oħra;***
	— ***bħala regola ġenerali, emendi ta' kompromess għandhom iġibu l-irtirar ta' emendi oħra għall-istess parti tat-test.***
	Il-President biss jista' jipproponi li emenda ta' kompromess tiġi kkunsidrata. Sabiex emenda ta' kompromess jittieħed vot fuqha, il-President għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament billi jistaqsi jekk hemmx oġġezzjonijiet għal dik il-votazzjoni. Jekk ikun hemm oġġezzjoni, il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq il-kwistjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

Emenda 192

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 171

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 171	Artikolu 171
Proċedura ta' votazzjoni	Proċedura ta' votazzjoni
1. ***Din*** il-proċedura ta' votazzjoni li ġejja tapplika ***fil-każ ta' rapporti***:	1. ***Għajr fejn huwa speċifikament previst mod ieħor f'dawn ir-Regoli,*** il-proċedura ta' votazzjoni li ġejja tapplika ***għat-testi sottomessi mill-Parlament***:
(a) l-ewwel, ***votazzjonijiet*** fuq ***emendi tat-test li jkollhom x'jaqsmu mar-rapport tal-kumitat responsabbli;***	(a) l-ewwel, ***fejn applikabbli, votazzjoni*** fuq ***kwalunkwe emenda għall-proposta għal att legalment vinkolanti,***
(b) it-tieni, votazzjoni fuq ***it-test sħiħ***, ***emendat*** jew mhux,	(b) it-tieni, ***fejn applikabbli***, votazzjoni fuq ***dik il-proposta sħiħa***, ***emendata*** jew mhux,
(c) votazzjoni fuq ***emendi*** għal mozzjoni għal riżoluzzjoni jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva,	(c) ***it-tielet,*** votazzjoni fuq ***kwalunkwe emenda*** għal mozzjoni għal riżoluzzjoni jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva,
(d) fl-aħħar, votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni sħiħa ***jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva*** (votazzjoni aħħarija).	(d) fl-aħħar, votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni sħiħa (votazzjoni aħħarija).
Il-Parlament m'għandux jivvota fuq ***in-noti spjegattivi*** li jkun fih ir-rapport.	Il-Parlament m'għandux jivvota fuq ***kwalunkwe nota spjegattiva*** li jkun fih ir-rapport.
2. ***Il-proċedura li ġejja tapplika għat-tieni qari:***	
(a) ***meta ma tkun tqiegħdet fuq il-Mejda l-ebda proposta sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni tal-Kunsill, din għandha titqies li ġiet approvata skont l-Artikolu 76;***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) ***il-votazzjoni dwar proposta sabiex tiġi miċħuda l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tittieħed qabel il-votazzjoni fuq xi emendi (ara l-Artikolu 68(1));***	
(c) ***meta jiġu mqiegħda fuq il-Mejda bosta emendi għal pożizzjoni tal-Kunsill, il-votazzjoni fuq dawn l-emendi għandha tittieħed fl-ordni stipulat fl-Artikolu 174;***	
(d) ***meta l-Parlament ikun ħa votazzjoni sabiex jemenda il-pożizzjoni tal-Kunsill, votazzjoni oħra fuq it-test sħiħ tista' tittieħed biss skont l-Artikolu 68(2).***	
3. ***Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 72 għandha tapplika għat-tielet qari.***	
4. F'votazzjonijiet fuq testi ***leġislattivi*** u fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet mhux leġislattivi, għandhom isiru l-ewwel il-votazzjonijiet fuq il-mertu u warajhom isiru votazzjonijiet fuq iċ-ċitazzjonijiet u l-premessi. ***Emendi li jkunu inkonsistenti ma' vot li diġà ttieħed għandhom jaqgħu.***	4. F'votazzjonijiet fuq testi ***proposti għal atti legali vinkolanti*** u fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet mhux leġislattivi, għandhom isiru l-ewwel il-votazzjonijiet fuq il-mertu u warajhom isiru votazzjonijiet fuq iċ-ċitazzjonijiet u l-premessi.
	4a. Emenda għandha taqa' jekk tkun inkonsistenti ma' deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu qabel fir-rigward tat-test matul l-istess votazzjoni.
5. L-uniku Membru li jista' jitkellem waqt il-votazzjoni huwa r-rapporteur ***li*** għandu jkollu l-opportunità li jesprimi fil-qosor il-fehmiet tal-kumitat ***tiegħu dwar l-emendi li ttieħed vot fuqhom***.	5. L-uniku Membru li jista' jitkellem waqt il-votazzjoni huwa r-rapporteur***, jew, minfloku, il-president tal-kumitat. Hu*** għandu jkollu l-opportunità li jesprimi fil-qosor il-fehmiet tal-kumitat ***responsabbli għall-emendi mressqa għall-vot***.

Emenda 193

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 172

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 172	***imħassar***
Voti ndaqs	
1. ***Fil-każ ta' voti ndaqs skond l-Artikolu 171(1)(b) jew (d), it-test sħiħ għandu jerġa' jintbagħat quddiem il-kumitat. Dan japplika wkoll għal votazzjonijiet skond l-Artikoli 3 u 9 u għal votazzjonijiet aħħarin skont l-Artikoli 199 u 212, bil-ftehim li, għal dawn l-aħħar żewġ Artikoli, il-kwistjoni tintbagħat lura quddiem il-Konferenza tal-Presidenti.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Fil-każ ta' voti ndaqs fuq l-aġenda bħala oġġett sħiħ (Artikolu 152) jew fuq il-minuti bħala oġġett sħiħ (Artikolu 192), jew fuq test li jitpożża għal votazzjonijiet maqsuma skond l-Artikolu 176, it-test għandu jitqies li ġie adottat.***	
3. ***Fil-każi l-oħra kollha, fejn ikun hemm voti ndaqs, bla ħsara għal dawk l-Artikoli li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata, it-test jew il-proposta għandhom jitqiesu li ġew miċħuda.***	
Artikolu 172(3) għandu jiġi interpretat li jfisser li, fejn ikun hemm vot indaqs fuq abbozz ta' rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 14 1(4) sabiex ma jkunx hemm intervenzjoni fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan il-vot indaqs ma għandux ifisser l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li l-Parlament għandu jintervjeni f'dawk il-proċeduri. F'każ bħal dan, il-kumitat responsabbli għandu jitqies li ma esprimiex rakkomandazzjoni.	

Emenda 194

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 173

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 173	***imħassar***
Prinċipji li jirregolaw il-votazzjonijiet	
1. ***Votazzjoni fuq rapport għandha ssir fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-kumitat jista' jiddelega dan id-dmir lill-president u lir-rapporteur tiegħu.***	
2. ***Il-kumitat jista' jirrakkomanda li l-emendi kollha jew bosta minnhom jittieħed vot fuqhom f'daqqa sabiex jiġu aċċettati, miċħuda jew iddikjarati bla effett.***	
Il-kumitat jista' wkoll jipproponi emendi ta' kompromess.	
3. ***Meta l-kumitat jirrakkomanda li emendi jittieħed vot fuqhom f'daqqa, il-vot kollettiv fuq dawn l-emendi għandu jittieħed l-ewwel.***	
4. ***Meta l-kumitat jipproponi emenda ta' kompromess, din l-emenda ta' kompromess għandha tingħata prijorità fil-votazzjoni.***	
5. ***Emendi li għalihom tintalab votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet għandu jittieħed vot fuqhom individwalment.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
6. ***Votazzjoni maqsuma mhix ammissibbli f'każ ta' votazzjoniji kollettiva jew f'każ ta' votazzjoni fuq emenda ta' kompromess.***	

Emenda 195

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 174

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 174	Artikolu 174
Ordni tal-votazzjoni dwar emendi	Ordni tal-votazzjoni dwar emendi
1. Emendi jieħdu prijorità fuq it-test li miegħu jkollhom x'jaqsmu u għandu jittieħed vot fuqhom qabel it-test.	1. Emendi ***għandhom*** jieħdu prijorità fuq it-test li miegħu jkollhom x'jaqsmu u għandu jittieħed vot fuqhom qabel it-test.
2. Jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda żewġ emendi jew iżjed għall-istess parti ta' xi test li jkunu jeskludu lil xulxin, l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali għandha tieħu l-prijorità u għandu jittieħed vot fuqha l-ewwel. Jekk tkun adottata, l-emendi l-oħra għandhom jitqiesu bħala miċħuda; jekk tkun miċħuda, għandu jittieħed vot fuq l-emenda li jkun imiss fil-prijorità u l-istess għal kull waħda mill-emendi li jkun fadal. Fejn ikun hemm dubju dwar il-prijorità, il-President għandu jiddeċiedi. Jekk l-emendi kollha jiġu miċħuda, it-test oriġinali għandu jitqies bħala adottat ħlief fil-każ li jkun intalab vot separat fiż-żmien speċifikat.	2. Jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda żewġ emendi jew iżjed għall-istess parti ta' xi test li jkunu jeskludu lil xulxin, l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali għandha tieħu l-prijorità u għandu jittieħed vot fuqha l-ewwel. Jekk tkun adottata, l-emendi l-oħra għandhom jitqiesu bħala miċħuda; jekk tkun miċħuda, għandu jittieħed vot fuq l-emenda li jkun imiss fil-prijorità u l-istess għal kull waħda mill-emendi li jkun fadal. Fejn ikun hemm dubju dwar il-prijorità, il-President għandu jiddeċiedi. Jekk l-emendi kollha jiġu miċħuda, it-test oriġinali għandu jitqies bħala adottat ħlief fil-każ li jkun intalab vot separat fiż-żmien speċifikat.
3. ***Il-President*** jista' jqiegħed it-test oriġinali għall-vot l-ewwel, jew iqiegħed għall-vot, qabel l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali, emenda li hija eqreb lejn it-test oriġinali.	3. ***Madankollu, meta l-President iqis li dan jiffaċilita l-votazzjoni, hu*** jista' jqiegħed it-test oriġinali għall-vot l-ewwel, jew iqiegħed għall-vot, qabel l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali, emenda li hija eqreb lejn it-test oriġinali.
Jekk xi waħda minn dawn iġib maġġoranza, l-emendi l-oħra kollha li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda għall-istess ***test*** għandhom jaqgħu.	Jekk xi waħda minn dawn iġib maġġoranza, l-emendi l-oħra kollha li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda għall-istess ***parti mit-test*** għandhom jaqgħu.
4. ***F'każi eċċezzjonali, fuq proposta mill-President, emendi mqiegħda fuq il-Mejda wara l-għeluq tad-dibattitu jista' jittieħed vot fuqhom jekk ikunu emendi ta' kompromess, jew jekk ikun hemm problemi tekniċi. Il-President għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament sabiex jittieħed vot fuq dawn l-emendi.***	
Skont l-Artikolu 170(3), il-President għandu jiddeċiedi jekk emendi jkunux ammissibbli. Fil-każ ta' emendi ta' kompromess imqiegħda fuq il-Mejda qabel l-għeluq ta' dibattitu, bi qbil ma' dan il-paragrafu, Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-ammissibilità tagħhom każ b'każ, filwaqt li jqis in-natura ta' kompromess ta' l-emendi.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-President biss jista' jipproponi li emenda ta' kompromess tiġi kkunsidrata. Sabiex emenda ta' kompromess jittieħed vot fuqha, il-President għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament billi jistaqsi jekk hemmx oġġezzjonijiet għal dik il-votazzjoni. Jekk ikun hemm oġġezzjoni, il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq il-kwistjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.	
	4a. Meta emendi ta' kompromess jitpoġġew għall-vot, dawn għandhom jingħataw prijorità fil-votazzjoni.
	4b. Votazzjoni maqsuma mhijiex ammissibbli f'każ ta' votazzjoni fuq emenda ta' kompromess.
5. Meta l-kumitat responsabbli jkun qiegħed fuq il-Mejda sett ta' emendi għat-test li jkun is-suġġett tar-rapport, il-President għandu ***jqiegħdhom*** għall-vot flimkien, ħlief ***fil-każ li*** xi grupp politiku jew grupp ta' mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu talbu votazzjonijiet separati jew ħlief fil-każ li jkunu tqiegħdu emendi oħra fuq il-Mejda.	5. Meta l-kumitat responsabbli jkun qiegħed fuq il-Mejda sett ta' emendi għat-test li jkun is-suġġett tar-rapport, il-President għandu ***jqegħedhom*** għall-vot flimkien, ħlief ***jekk fuq punti partikolari*** xi grupp politiku jew grupp ta' mhux inqas minn ***40*** Membru jkunu talbu votazzjonijiet separati jew ***maqsuma jew*** ħlief fil-każ li jkunu tqiegħdu emendi oħra fuq il-Mejda ***li joħolqu kunflitt***.
6. Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-vot b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu kumplimentari***. F'każi bħal dawn huwa għandu jsegwi l-proċedura stipulata fil-paragrafu 5***. Awturi ta' emendi bħal dawn jistgħu jipproponu voti kollettivi meta l-emendi tagħhom ikunu kumplimentari.	6. Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-vot b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu kumplimentari***, sakemm grupp politiku jew mill-inqas 40 Membru ma jkunux talbu votazzjonijiet separati jew maqsuma***. Awturi ta' emendi bħal dawn jistgħu jipproponu ***wkoll*** voti kollettivi meta l-emendi tagħhom ikunu kumplimentari.
7. Il-President jista' jiddeċiedi, wara l-adozzjoni jew iċ-ċaħda ta' xi emenda ***partikulari***, li bosta emendi oħra li jkollhom kontenut simili jew li jkollhom l-istess għanijiet għandu jittieħed vot fuqhom flimkien. Il-President jista' jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel ma jagħmel dan.	7. Il-President jista' jiddeċiedi, wara l-adozzjoni jew iċ-ċaħda ta' xi emenda partikulari, li bosta emendi oħra li jkollhom kontenut simili jew li jkollhom l-istess għanijiet għandu jittieħed vot fuqhom flimkien. Il-President jista' jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel ma jagħmel dan.
Sett ta' emendi bħal dan jista' jkun jirreferi għal partijiet differenti tat-test oriġinali.	Sett ta' emendi bħal dan jista' jkun jirreferi għal partijiet differenti tat-test oriġinali.
8. Meta żewġ emendi identiċi jew iżjed jitqiegħdu fuq il-Mejda minn awturi differenti, dawn għandu jittieħed vot fuqhom bħala emenda waħda.	8. Meta żewġ emendi identiċi jew iżjed jitqiegħdu fuq il-Mejda minn awturi differenti, dawn għandu jittieħed vot fuqhom bħala emenda waħda.
	8a. Emendi li għalihom tintalab votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandu jittieħed vot fuqhom individwalment.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 196

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 175

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 175	Artikolu 175
Eżami f'kumitat ta' emendi tas-seduta plenarja	***Filtru tal-kumitat*** ta' emendi tas-seduta plenarja
Meta jitqiegħdu fuq il-Mejda aktar minn ħamsin emenda ***u*** talba għal votazzjoni maqsuma jew separata ***għal rapport*** li jkun qed jiġi eżaminat mill-Parlament, il-President jista' jitlob lill-kumitat responsabbli, wara li jikkonsulta lill-president tal-istess kumitat, sabiex jiltaqa' biex ***jeżamina*** dawk l-emendi jew talbiet. Kull emenda jew talba għal votazzjoni maqsuma jew separata li ma tirċevix voti favorevoli f'dan l-istadju minn mhux inqas minn wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat m'għandux jittieħed vot fuqha fil-Parlament.	Meta jitqiegħdu fuq il-Mejda aktar minn ħamsin emenda ***jew*** talba għal votazzjoni maqsuma jew separata ***li jikkonċernaw test imressaq minn kumitat*** li jkun qed jiġi eżaminat mill-Parlament, il-President jista' jitlob lill-kumitat responsabbli, wara li jikkonsulta lill-***president*** tal-istess kumitat, sabiex jiltaqa' biex ***jivvota fuq kull waħda minn*** dawk l-emendi jew talbiet. Kull emenda jew talba għal votazzjoni maqsuma jew separata li ma tirċevix voti favorevoli f'dan l-istadju minn mhux inqas minn ***wieħed minn kull tlieta*** tal-membri tal-kumitat m'għandux jittieħed vot fuqha fil-Parlament.

Emenda 197

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 176

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 176	Artikolu 176
Votazzjonijiet maqsuma	Votazzjonijiet maqsuma
1. Meta t-test li għandu jitqiegħed għall-vot ikun fih żewġ dispożizzjonijiet jew iżjed, jew referenzi għal żewġ punti jew iżjed, jew ikun jista' jinqasam f'żewġ partijiet jew iżjed li jkollhom tifsira distinta u/jew valur normattiv distint, tista' tintalab votazzjoni maqsuma minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.	1. Meta t-test li għandu jitqiegħed għall-vot ikun fih żewġ dispożizzjonijiet jew iżjed, jew referenzi għal żewġ punti jew iżjed, jew ikun jista' jinqasam f'żewġ partijiet jew iżjed li jkollhom tifsira distinta u/jew valur normattiv distint, tista' tintalab votazzjoni maqsuma minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.
2. ***It-talba*** għandha ssir ***sa mhux aktar tard minn*** filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti. Il-President għandu jiddeċiedi fuq it-talba.	2. ***L-aktar tard, it-talba*** għandha ssir filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti. Il-President għandu jiddeċiedi fuq it-talba.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emendi 198 u 347

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 178

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 178	Artikolu 178
Votazzjonijiet	Votazzjonijiet
1. Bħala regola ġenerali, l-Parlament għandu jivvota b'turija ***ta' l-idejn***.	1. Bħala regola ġenerali, l-Parlament għandu jivvota b'turija ***tal-idejn***.
	Madankollu, il-President jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li l-votazzjonijiet isiru permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.
	1a. Il-President għandu jiddikjara l-votazzjonijiet miftuħin u magħluqin.
	Malli l-President jiddikjara votazzjoni miftuħa, ħadd ħlief il-President ma jitħalla jitkellem sakemm il-votazzjoni ma tkunx iddikjarata magħluqa.
	1b. Meta jiġi kkalkulat jekk test ġiex adottat jew miċħud, għandhom jitqiesu biss il-voti mitfugħa favur u kontra, ħlief fejn maġġoranza speċifika tkun stipulata mit-Trattati.
2. Jekk il-President jiddeċiedi li r-riżultat huwa dubjuż, għandu jittieħed vot mill-ġdid permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika u, jekk din ma tkunx qed taħdem, jittieħed vot billi l-Membri jpożżu bil-qiegħda u jqumu bil-wieqfa.	2. Jekk il-President jiddeċiedi li r-riżultat ***ta' votazzjoni b'turija tal-idejn*** huwa dubjuż, għandu jittieħed vot mill-ġdid permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika u, jekk din ma tkunx qed taħdem, jittieħed vot billi l-Membri jpożżu bil-qiegħda u jqumu bil-wieqfa.
	2a. Il-President għandu jistabbilixxi u jħabbar ir-riżultat.
3. Ir-riżultat tal-vot għandu jiġi reġistrat.	3. Ir-riżultat tal-vot għandu jiġi reġistrat.

Emenda 199

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 179

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 179	Artikolu 179
Votazzjoni aħħarija	Votazzjoni aħħarija
Meta tittieħed deċiżjoni abbażi ta' rapport, il-Parlament għandu jieħu kwalunkwe votazzjoni waħdanija u/jew aħħarija b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2). ***Il-votazzjoni dwar l-emendi għandha tittieħed b'sejħa tal-ismijiet biss wara li tkun saret talba skont l-Artikolu 180.***	Meta tittieħed deċiżjoni abbażi ta' rapport, il-Parlament għandu jieħu kwalunkwe votazzjoni waħdanija u/jew aħħarija b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2).

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 179 fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.	Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 179 fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.

Emenda 200

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 179a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 179a
	Voti ndaqs
	1. ***Fil-każ ta' voti ndaqs skont l-Artikolu 171(1)(b) jew (d), it-test sħiħ għandu jerġa' jintbagħat quddiem il-kumitat. Dan għandu japplika għall-votazzjonijiet skont l-Artikoli 3 u 9.***
	2. ***Fil-każ ta' voti ndaqs fuq test li jitpoġġa għal votazzjoni maqsuma skont l-Artikolu 176, it-test għandu jitqies li ġie adottat.***
	3. ***Fil-każi l-oħra kollha, fejn ikun hemm voti ndaqs, bla ħsara għal dawk l-Artikoli li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata, it-test jew il-proposta għandhom jitqiesu li ġew miċħuda.***
	L-Artikolu 179a(3) għandu jiġi interpretat li jfisser li, fejn ikun hemm vot indaqs fuq abbozz ta' rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 141(4) sabiex ma jkunx hemm intervent fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan il-vot indaqs ma għandux ifisser l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li skontha l-Parlament għandu jintervjeni f'dawk il-proċeduri. F'każ bħal dan, il-kumitat responsabbli għandu jitqies li ma esprimiex rakkomandazzjoni.
	Il-President jista' jivvota, iżda mingħajr ma jkollu vot deċiżiv.
	(l-aħħar żewġ subparagrafi għandhom jiddaħħlu bħala interpretazzjonijiet)

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 201

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 180

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 180	Artikolu 180
Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet	Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet
1. Barra mill-każi msemmijin ***fl-Artikoli 118(5), 119(5) u 179***, il-vot għandu jittieħed b'sejħa tal-ismijiet jekk issir talba bil-miktub għal dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru ***sa*** mhux aktar tard minn filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti.	1. Barra mill-każi msemmijin ***f'dawn ir-Regoli***, il-vot għandu jittieħed b'sejħa tal-ismijiet jekk issir talba bil-miktub għal dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru mhux aktar tard minn filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti.
Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 180(1) fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.	Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu ***180*** fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.
	1a. Kull grupp politiku jista' jressaq mhux iktar minn mitt talba għal votazzjonijiet bis-sejħa tal-ismijiet għal kull sessjoni parzjali.
2. Il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandha ssir permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika. Meta din ma tkunx tista' tintuża għal raġunijiet tekniċi, l-ismijiet ***għandhom*** jissejħu f'ordni alfabetiku, u jibdew bl-isem ta' Membru li jittella' bil-polza. Il-President għandu jkun l-aħħar wieħed li jissejjaħ biex jivvota.	2. Il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandha ssir permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.
	Meta din ma tkunx tista' tintuża għal raġunijiet tekniċi, l-ismijiet ***jistgħu*** jissejħu f'ordni alfabetiku, u jibdew bl-isem ta' Membru li jittella' bil-polza. Il-President għandu jkun l-aħħar wieħed li jissejjaħ biex jivvota. Il-votazzjoni għandha ssir bil-fomm u għandha tiġi espressa permezz ta' "Iva", "Le", jew "Nastjeni".
Il-votazzjoni għandha ssir bil-fomm u għandha tiġi espressa permezz ta' "Iva", "Le", jew "Nastjeni". Meta jiġi kkalkulat jekk mozzjoni kenitx adottata jew miċħuda għandhom jitqiesu biss voti favur u kontra. Il-President għandu jistabbilixxi u jħabbar ir-riżultat.	
Ir-riżultat tal-votazzjoni għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta ***skond*** il-grupp politiku fl-ordni alfabetiku ***ta' l-ismijiet*** tal-Membri, b'indikazzjoni ta' kif ivvutaw.	***2a.*** Ir-riżultat tal-votazzjoni għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta ***skont*** il-grupp politiku fl-ordni alfabetiku ***tal-ismijiet*** tal-Membri, b'indikazzjoni ta' kif ivvutaw.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 202

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 180a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 180a
	Votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet
	1. ***Fil-każ ta' ħatriet, il-votazzjonijiet għandhom isiru b'vot sigriet, bla ħsara għall-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 204(2), it-tieni subparagrafu.***
	Fil-kalkolu tan-numru ta' voti mitfugħa għandhom jitqiesu biss karti tal-vot li jkun fihom l-ismijiet ta' Membri li ġew nominati.
	2. ***Votazzjoni tista' wkoll issir b'vot sigriet jekk jintalab dan minn mhux inqas minn parti waħda minn ħamsa tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament. Dawn it-talbiet jridu jsiru qabel tibda l-votazzjoni.***
	3. ***Talba għal vot sigriet għandha tieħu prijorità fuq talba għal vot b'sejħa tal-ismijiet.***
	4. ***Minn tnejn sa tmien Membri mtellgħin bil-polza għandhom jgħoddu l-voti mitfugħa f'vot sigriet, ħlief jekk issir votazzjoni elettronika.***
	Fil-każ ta' votazzjonijiet skont il-paragrafu 1, m'għandux ikun hemm kandidati fost dawk li jgħoddu l-voti.
	L-ismijiet ta' Membri li jieħdu sehem f'vot sigriet għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta li fiha jkun ittieħed il-vot.

Emenda 203

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 181

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 181	Artikolu 181
Votazzjonijiet elettroniċi	***Użu tas-sistema tal-votazzjoni elettronika.***
1. ***Il-President jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li l-votazzjonijiet indikati fl-Artikoli 178, 180 u 182 għandhom isiru permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta s-sistema ta' votazzjoni elettronika ma tkunx tista' tintuża għal raġunijiet tekniċi, il-votazzjonji għandha ssir skond l-Artikoli 178, 180(2) jew 182.	
L-arranġamenti tekniċi għall-użu tas-sistema ta' votazzjoni elettronika għandhom jkunu rregolati ***b' istruzzjonijiet*** mill-Bureau.	1. L-arranġamenti tekniċi għall-użu tas-sistema ta' votazzjoni elettronika għandhom jkunu rregolati ***b'istruzzjonijiet*** mill-Bureau.
2. Meta jittieħed vot elettroniku, ir-riżultat numeriku tal-vot biss jiġi rreġistrat.	2. Meta jittieħed vot elettroniku, ***u sakemm ma jikkonċernax votazzjoni bis-sejħa tal-ismijiet,*** ir-riżultat numeriku tal-vot biss jiġi rreġistrat.
Madankollu, jekk tkun intalbet votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet skond l-Artikolu 180(1), il-voti għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta skond il-grupp politiku fl-ordni alfabetiku ta' l-ismijiet tal-Membri.	
3. ***Il-votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet għandha tittieħed skond l-Artikolu 180(2) jekk il-maġġoranza tal-Membri preżenti jitolbu dan. Is-sistema indikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tintuża sabiex tistabbilixxi jekk ikunx hemm maġġoranza.***	
	3a. Il-President jista' fi kwalunkwe ħin jiddeċiedi li juża s-sistema tal-votazzjoni elettronika sabiex jivverifika limitu minimu.

Emenda 204

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 182

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 182	***imħassar***
Votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet	
1. ***Fil-każ ta' ħatriet il-votazzjonijiet għandhom isiru b'vot sigriet, bla ħsara għall-Artikolu 15(1), l-Artikolu 199(1) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 204(2).***	
Fil-kalkolu tan-numru ta' voti mitfugħa għandhom jitqiesu biss karti tal-vot li jkun fihom l-ismijiet ta' Membri li ġew nominati.	
2. ***Votazzjoni tista' wkoll ssir b'vot sigriet jekk jintalab dan minn mhux inqas minn parti waħda minn ħamsa tal-Membri kollha tal-Parlament. Dawn it-talbiet għandhom isiru qabel tibda l-votazzjoni.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta ssir talba għal votazzjoni sigrieta qabel il-bidu tal-votazzjoni minn mhux inqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-Membri tal-Parlament, il-Parlament għandu jagħmel din il-votazzjoni.	
3. ***Talba għal vot sigriet għandha tieħu prijorità fuq talba għal vot b'sejħa ta' l-ismijiet.***	
4. ***Minn tnejn sa tmien Membri mtellgħa bil-polza għandhom jgħoddu l-voti mitfugħa f'vot sigriet, ħlief jekk issir votazzjoni elettronika.***	
Fil-każ ta' votazzjonijiet skond il-Paragrafu 1, m'għandux ikun hemm kandidati fost dawk li jgħoddu l-voti.	
L-ismijiet ta' Membri li jieħdu sehem f'vot sigriet għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta li fiha jkun ittieħed il-vot.	

Emenda 205

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 182a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 182a
	Diżgwid dwar votazzjonijiet
	1. ***Punti ta' ordni li jikkonċernaw il-validità ta' votazzjoni jistgħu jitqajmu wara li l-President ikun iddikjara l-votazzjoni magħluqa.***
	2. ***Wara li jitħabbar ir-riżultat ta' votazzjoni b'turija tal-idejn, Membru jista' jitlob li dan ir-riżultat ikun ivverifikat billi tintuża s-sistema ta' votazzjoni elettronika.***
	3. ***Il-President għandu jiddeċiedi jekk ir-riżultat imħabbar ikunx validu. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tkun aħħarija.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 206

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 183

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 183	Artikolu 183
Spjegazzjonijiet tal-vot	Spjegazzjonijiet tal-vot
1. Malli ***jintemm id-dibattitu ġenerali***, ***kull*** Membru jista' jagħti spjegazzjoni bil-fomm ta' mhux iżjed minn minuta jew ***jagħmel s***pjegazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma dwar il-votazzjoni aħħarija. L-ispegazzjoni għandha tiġi inkluża ***fir-rapport verbatim tal-proċeduri***.	1. Malli ***s-sessjoni ta' votazzjoni tintemm***, ***kwalunkwe*** Membru jista' jagħti spjegazzjoni bil-fomm ta' mhux iżjed minn minuta ***dwar il-votazzjoni waħdanija u***/jew ***aħħarija dwar punt sottomess lill-Parlament. Kull Membru jista' jagħti mhux iktar minn tliet spjegazzjonijiet orali tal-vot f'kull sessjoni parzjali.***
	Kwalunkwe Membru jista' jagħti rigward tali vot spjegazzjoni bil-miktub ***tal-vot*** ta' mhux iżjed minn 200 kelma ***li*** għandha tiġi inkluża ***fil-paġna tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament.***
Kull grupp politiku jista' jagħti spjegazzjoni tal-vot li ma ddumx aktar minn żewġ minuti.	Kull grupp politiku jista' jagħti spjegazzjoni tal-vot li ma ddumx aktar minn żewġ minuti.
Ma jintlaqgħux iżjed talbiet għal spjegazzjoni tal-vot malli tibda l-ewwel spjegazzjoni tal-vot.	Ma jintlaqgħux iżjed talbiet għal spjegazzjoni tal-vot malli tibda l-ewwel spjegazzjoni tal-vot ***fuq l-ewwel punt***.
Spjegazzjonijiet tal-vot huma ammissibbli fil-każ ta' votazzjoni aħħarija fuq kwalunkwe ***suġġett*** imressaq quddiem il-Parlament. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu l-espressjoni "votazzjoni aħħarija" ma tirreferix għat-tip ta' votazzjoni, imma tfisser l-aħħar votazzjoni fuq kwalunkwe suġġett.	Spjegazzjonijiet tal-vot huma ammissibbli fil-każ ta' votazzjoni ***waħdanija u/jew*** aħħarija fuq kwalunkwe ***punt*** imressaq quddiem il-Parlament. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu l-espressjoni "votazzjoni aħħarija" ma tirreferix għat-tip ta' votazzjoni, imma tfisser l-aħħar votazzjoni fuq kwalunkwe suġġett.
2. Spjegazzjonijiet tal-vot m'humiex ammissibbli fil-każ ta' votazzjonijiet dwar affarijiet proċedurali.	2. Spjegazzjonijiet tal-vot m'humiex ammissibbli fil-każ ta' votazzjonijiet ***permezz ta' vot sigriet jew votazzjonijiet*** dwar affarijiet proċedurali.
3. Meta ***xi proposta għal att leġislattiv jew xi rapport jiddaħħlu*** fl-aġenda tal-Parlament ***skond l-Artikolu 150***, il-Membri jistgħu jressqu spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub skont il-paragrafu 1.	3. Meta ***punt ikun ġie inkluż*** fl-aġenda tal-Parlament ***mingħajr emendi jew mingħajr dibattitu***, il-Membri jistgħu jressqu ***biss*** spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub skont il-paragrafu 1.
Spjegazzjonijiet tal-vot, sew bil-fomm u sew bil-miktub, għandu jkollhom relevanza diretta ***għat-test li fuqu tkun qed tittieħed il-votazzjoni***.	Spjegazzjonijiet tal-vot, sew bil-fomm u sew bil-miktub, għandu jkollhom relevanza diretta ***għall-punt sottomess lill-Parlament***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 207

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 184

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 184	***imħassar***
Diżgwid dwar votazzjonijiet	
1. ***Il-President għandu jiddikjara l-votazzjonijiet miftuħin u magħluqin.***	
2. ***Malli l-President jiddikjara votazzjoni miftuħa, ħadd ħlief il-President ma jitħalla jitkellem sakemm il-votazzjoni ma tkunx dikjarata magħluqa.***	
3. ***Punti ta' ordni li jikkonċernaw il-validità ta' xi votazzjoni jistgħu jitqajmu wara li l-President ikun iddikkjara l-votazzjoni magħluqa.***	
4. ***Wara li jitħabbar ir-riżultat ta' votazzjoni b'turija ta' l-idejn, kwalunkwe Membru jista' jitlob li dan ir-riżultat ikun ivverifikat billi tintuża s-sistema ta' votazzjoni elettronika.***	
5. ***Il-President għandu jiddeċiedi jekk ir-riżultat imħabbar ikunx validu. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tkun aħħarija.***	

Emenda 208

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu VII – kapitolu 6 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 6	KAPITOLU 6
MOZZJONIJIET ***TA' INTERRUZZJONI U*** TA' PROĊEDURA	***PUNTI TA' ORDNI U*** MOZZJONIJIET TA' PROĊEDURA

Emenda 209

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 185

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 185	Artikolu 185
Mozzjonijiet ta' proċedura	Mozzjonijiet ta' proċedura
1. Talbiet sabiex jitressqu mozzjonijiet ta' proċedura, jiġifieri:	1. Talbiet sabiex jitressqu mozzjonijiet ta' proċedura, jiġifieri:
(a) l-inammissibilità ta' xi kwistjoni (Artikolu 187);	(a) l-inammissibilità ta' xi kwistjoni (Artikolu 187);

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) referenza lura lill-kumitat (Artikolu 188);	(b) referenza lura lill-kumitat (Artikolu 188);
(c) l-għeluq ta' xi dibattitu (Artikolu 189);	(c) l-għeluq ta' xi dibattitu (Artikolu 189);
(d) l-aġġornament ta' xi dibattitu u votazzjoni (Artikolu 190); jew	(d) l-aġġornament ta' xi dibattitu u votazzjoni (Artikolu 190); jew
(e) is-sospensjoni jew l-għeluq tas-seduta (Artikolu 191);	(e) is-sospensjoni jew l-għeluq tas-seduta (Artikolu 191);
għandhom jieħdu preċedenza fuq talbiet sabiex tingħata l-kelma.	għandhom jieħdu preċedenza fuq talbiet sabiex tingħata l-kelma.
Fuq dawn il-mozzjonijiet għandhom jinstemgħu biss dawk li jkunu ressquhom u dawn li ġejjin: kelliem wieħed ***favur u wieħed*** kontra u l-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli.	Fuq dawn il-mozzjonijiet għandhom jinstemgħu biss dawk li jkunu ressquhom u dawn li ġejjin: kelliem wieħed kontra u l-***president*** jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli.
2. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jisboq il-minuta.	2. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jisboq il-minuta.

Emenda 210

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 186

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***186***	Artikolu ***184a***
Punti ta' ordni	Punti ta' ordni
1. Membru jista' jitħalla jitkellem sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-President dwar kull nuqqas ta' rispett tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Il-Membru għandu l-ewwel jispeċifika għal liema Artikolu jkun qed jirreferi.	1. Membru jista' jitħalla jitkellem sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-President dwar kull nuqqas ta' rispett tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Il-Membru għandu l-ewwel jispeċifika għal liema Artikolu jkun qed jirreferi.
2. Talba sabiex jitqajjem punt ta' ordni għandha tieħu preċedenza fuq kull talba oħra sabiex tingħata l-kelma.	2. Talba sabiex jitqajjem punt ta' ordni għandha tieħu preċedenza fuq kull talba oħra sabiex tingħata l-kelma ***jew għal mozzjonijiet ta' proċedura***.
3. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jisboq il-minuta.	3. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jisboq il-minuta.
4. Il-President għandu jieħu deċiżjoni minnufih dwar punti ta' ordni ***skond*** ir-Regoli ta' Proċedura u għandu jħabbar id-deċiżjoni tiegħu minnufih wara li jitqajjem il-punt ta' ordni. M'għandu jittieħed l-ebda vot fuq id-deċiżjoni tal-President.	4. Il-President għandu jieħu deċiżjoni minnufih dwar punti ta' ordni ***skont*** ir-Regoli ta' Proċedura u għandu jħabbar id-deċiżjoni tiegħu minnufih wara li jitqajjem il-punt ta' ordni. M'għandu jittieħed l-ebda vot fuq id-deċiżjoni tal-President.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. F'każi eċċezzjonali, huwa jista' jgħid li se jħabbar id-deċiżjoni tiegħu aktar tard, iżda mhux iżjed tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li jkun tqajjem il-punt ta' ordni. Il-posponiment ta' deċiżjoni ma jġibx miegħu l-aġġornament tad-dibattitu. Il-President jista' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli.	5. F'każi eċċezzjonali, huwa jista' jgħid li se jħabbar id-deċiżjoni tiegħu aktar tard, iżda mhux iżjed tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li jkun tqajjem il-punt ta' ordni. Il-posponiment ta' deċiżjoni ma jġibx miegħu l-aġġornament tad-dibattitu. Il-President jista' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli.
It-talba biex isir punt ta' ordni għandha tkun relatata mal-punt ***ta' l-aġenda*** li jkun qiegħed jiġi diskuss f'dak il-mument. Il-President jista' jieħu punt ta' ordni dwar kwistjoni differenti f'mument xieraq, eż. wara li l-punt ***ta' l-aġenda*** in kwistjoni ***ikun*** magħluq jew qabel ma s-seduta tiġi aġġornata.	It-talba biex isir punt ta' ordni għandha tkun relatata mal-punt ***tal-aġenda*** li jkun qiegħed jiġi diskuss f'dak il-mument. Il-President jista' jieħu punt ta' ordni dwar kwistjoni differenti f'mument xieraq, eż. wara li l-punt ***tal-aġenda*** in kwistjoni ***jkun*** magħluq jew qabel ma s-seduta tiġi aġġornata.
	(Dan l-Artikolu kif emendat se jitressaq biex jiġi qabel l-Artikolu 185.)

Emenda 211

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 187

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 187	Artikolu 187
Tressiq ***ta' l-inammissibilità*** ta' xi kwistjoni	Tressiq ***tal-inammissibilità*** ta' xi kwistjoni
1. Fil-bidu tad-dibattitu dwar xi punt speċifiku ***ta' l-aġenda,*** tista' titressaq l-inammissibilità ta' dak il-punt. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.	1. Fil-bidu tad-dibattitu dwar xi punt speċifiku ***tal-aġenda*** tista' titressaq l-inammissibilità ta' dak il-punt ***minn grupp politiku jew minn 40 Membru***. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.
Meta jkun hemm il-ħsieb li jitressaq każ ta' inammisibilità, dan għandu jkun notifikat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.	Meta jkun hemm il-ħsieb li jitressaq każ ta' inammisibilità, dan għandu jkun notifikat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.
2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda.	2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 212

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 188

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 188	Artikolu 188
Referenza lura lill-Kumitat	Referenza lura lill-Kumitat
1. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jagħmlu talba għal referenza lura lill-kumitat meta tkun stabbilita l-aġenda jew qabel il-bidu tad-dibattitu.	1. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jagħmlu talba għal referenza lura lill-kumitat meta tkun stabbilita l-aġenda jew qabel il-bidu tad-dibattitu.
Għandha tingħata notifika dwar l-intenzjoni li titressaq referenza lura lill-kumitat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel. In-notifika għandha ssir lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.	Għandha tingħata notifika dwar l-intenzjoni li titressaq referenza lura lill-kumitat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel. In-notifika għandha ssir lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.
2. Referenza lura lill-kumitat tista' wkoll tintalab minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru qabel jew matul il-votazzjoni. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.	2. Referenza lura lill-kumitat tista' wkoll tintalab minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru qabel jew matul il-votazzjoni. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.
3 Talba tista' ssir darba biss f'kull wieħed minn dawn l-istadji proċedurali.	3. Talba tista' ssir darba biss f'kull wieħed minn dawn l-istadji proċedurali.
4. Referenza lura lill-kumitat iġġib magħha sospensjoni ***tad-diskussjoni dwar*** dak il-punt.	4. Referenza lura lill-kumitat iġġib magħha sospensjoni ***tal-eżami ta'*** dak il-punt.
5. Il-Parlament jista' jistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-kumitat ikollu jagħti l-konklużjonijiet tiegħu.	5. Il-Parlament jista' jistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-kumitat ikollu jagħti l-konklużjonijiet tiegħu.

Emenda 213

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 190

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 190	Artikolu 190
Aġġornament ta' dibattitu u ta' votazzjoni	Aġġornament ta' dibattitu jew ta' votazzjoni
1. Fil-bidu ta' dibattitu dwar xi punt fl-aġenda, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu ***iressqu*** mozzjoni li d-dibattitu jiġi aġġornat għal data u ħin speċifiċi. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.	1. Fil-bidu ta' dibattitu dwar xi punt fl-aġenda, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu ***jressqu*** mozzjoni li d-dibattitu jiġi aġġornat għal data u ħin speċifiċi. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.
Il-ħsieb li se titressaq mozzjoni ta' aġġornament għandu jkun ikkomunikat lill-President mill-inqas 24 siegħa bil-quddiem u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament minnufih.	Il-ħsieb li se titressaq mozzjoni ta' aġġornament għandu jkun ikkomunikat lill-President mill-inqas 24 siegħa bil-quddiem u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament minnufih.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda. Id-dibattitu li jkun ġie aġġornat għandu jissokta fid-data u l-ħin speċifikati.	2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda. Id-dibattitu li jkun ġie aġġornat għandu jissokta fid-data u l-ħin speċifikati.
3. Jekk il-mozzjoni tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda f'dik is-sessjoni parzjali.	3. Jekk il-mozzjoni tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda f'dik is-sessjoni parzjali.
4. Qabel jew waqt votazzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu ***iressqu*** mozzjoni li l-votazzjoni tkun aġġornata. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.	4. Qabel jew waqt votazzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu ***jressqu*** mozzjoni li l-votazzjoni tkun aġġornata. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.
Kull deċiżjoni mill-Parlament sabiex dibattitu jiġi aġġornat għal sessjoni parzjali sussegwenti għandha tispeċifika s-sessjoni parzjali li fl-aġenda tagħha se jitqiegħed id-dibattitu, bil-ftehim li l-aġenda għal dik is-sessjoni parzjali ikollha titħejja skond l-Artikoli 149 u 152.	

Emenda 214

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 191

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 191	Artikolu 191
Sospensjoni jew għeluq tas-seduta	Sospensjoni jew għeluq tas-seduta
Is-seduta tista' tiġi sospiża jew magħluqa waqt dibattitu jew votazzjoni jekk il-Parlament hekk jiddeċiedi fuq proposta mill-President jew fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru. Għandu jittieħed vot fuq proposta jew talba bħal din minnufih.	Is-seduta tista' tiġi sospiża jew magħluqa waqt dibattitu jew votazzjoni jekk il-Parlament hekk jiddeċiedi fuq proposta mill-President jew fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru. Għandu jittieħed vot fuq proposta jew talba bħal din minnufih.
Jekk tiġi ppreżentata talba biex seduta tiġi sospiża jew biex tingħalaq, il-proċedura għall-votazzjoni fuq talba bħal din għandha tkun mibdija bla dewmien. Il-mod normali ta' kif jitħabbru l-votazzjonijiet fil-plenarja għandu jintuża u, skont il-prattika attwali, għandu jingħata biżżejjed żmien biex il-Membri jaslu fl-Awla.	Jekk tiġi ppreżentata talba biex seduta tiġi sospiża jew biex tingħalaq, il-proċedura għall-votazzjoni fuq talba bħal din għandha tkun mibdija bla dewmien. Il-mod normali ta' kif jitħabbru l-votazzjonijiet fil-plenarja għandu jintuża u, skont il-prattika attwali, għandu jingħata biżżejjed żmien biex il-Membri jaslu fl-Awla.
B'analoġija mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 152(2), jekk tali talba tiġi miċħuda, talba simili ma tkunx tista' titressaq mill-ġdid matul l-istess jum. Skont ***l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1)***, il-President għandu d-dritt li jtemm l-użu eċċessiv ta' talbiet ippreżentati taħt dan l-Artikolu.	B'analoġija mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu ***149a***(2), jekk tali talba tiġi miċħuda, talba simili ma tkunx tista' titressaq mill-ġdid matul l-istess jum. Skont ***l-Artikolu 164a***, il-President għandu d-dritt li jtemm l-użu eċċessiv ta' talbiet ippreżentati taħt dan l-Artikolu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 215

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 192

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 192	Artikolu 192
Minuti	Minuti
1. Il-minuti ta' kull seduta, bid-dettalji tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet tal-Parlament ***u l-ismijiet tal-kelliema***, għandhom ***jitqassmu*** mhux inqas minn nofs siegħa qabel il-bidu tal-parti ta' ***wara nofsinhar*** tas-seduta li jkun imiss.	1. Il-minuti ta' kull seduta, bid-dettalji tal-proċeduri***, l-ismijiet tal-kelliema*** u d-deċiżjonijiet tal-Parlament***, inkluż ir-riżultat ta' kwalunkwe vot dwar kwalunkwe emenda***, għandhom ***ikunu disponibbli*** mhux inqas minn nofs siegħa qabel il-bidu tal-parti ta' ***waranofsinhar*** tas-seduta li jkun imiss.
Fil-kuntest ta' proċeduri leġislattivi, l-emendi kollha adottati mill-Parlament għandhom ukoll jitqiesu li jkunu deċiżjonijiet skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, wkoll jekk il-proposta relevanti tal-Kummissjoni jew il-pożizzjoni tal-Kunsill ikunu fl-aħħar mill-aħħar miċħuda, skont l-Artikolu 60(1) jew l-Artikolu 68(3) rispettivament.	
	1a. Lista ta' dokumenti li jiffurmaw il-bażi għad-dibattiti u d-deċiżjonijiet tal-Parlament għandha tkun ippubblikata fil-minuti.
2. Fil-bidu tal-parti ta' wara nofsinhar ta' kull seduta, il-President għandu jqiegħed quddiem il-Parlament, għall-approvazzjoni tiegħu, il-minuti tas-seduta ta' qabel.	2. Fil-bidu tal-parti ta' wara nofsinhar ta' kull seduta, il-President għandu jqiegħed quddiem il-Parlament, għall-approvazzjoni tiegħu, il-minuti tas-seduta ta' qabel.
3. Jekk ***jitqajjmu*** oġġezzjonijiet għall-minuti, il-Parlament għandu, jekk ikun meħtieġ, jiddeċiedi jekk il-bidliet mitluba ***għandhomx ikunu kkunsidrati***. Ebda Membru ma jista' jitkellem fuq is-suġġett għal aktar minn minuta.	3. Jekk ***jitqajmu*** oġġezzjonijiet għall-minuti, il-Parlament għandu, jekk ikun meħtieġ, jiddeċiedi jekk il-bidliet mitluba ***għandux jittieħed kont tagħhom***. Ebda Membru ma jista' jitkellem fuq is-suġġett għal aktar minn minuta.
4. Il-minuti għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali u jinżammu fl-arkivji tal-Parlament. Il-minuti għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	4. Il-minuti għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali u jinżammu fl-arkivji tal-Parlament. Il-minuti għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 216

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 194

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 194	Artikolu 194
Rapporti Verbatim	Rapporti Verbatim
1. Għandu jsir rapport verbatim tad-diskussjonijiet ta' kull seduta bħala dokument multilingwi li fih jidhru l-kontribuzzjonijiet orali kollha bil-lingwa oriġinali ***tagħhom***.	1. Għandu jsir rapport verbatim tad-diskussjonijiet ta' kull seduta bħala dokument multilingwi li fih jidhru l-kontribuzzjonijiet orali kollha bil-lingwa oriġinali ***uffiċjali***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Bla ħsara għas-setgħat dixxiplinarji l-oħra tiegħu, il-President jista' jordna li d-diskorsi ta' Membri li ma jkunx tahom il-kelma jew li jkomplu jitkellmu iktar mill-ħin mogħti lilhom jitħassru mir-rapporti verbatim tad-dibattiti.
2. Il-kelliema jistgħu jagħmlu korrezzjonijiet għat-test ittajpjat tal-kontribuzzjonijiet orali tagħhom fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Il-korrezzjonjiet għandhom jintbagħtu sal-iskadenza lis-Segretarjat.	2. Il-kelliema jistgħu jagħmlu korrezzjonijiet għat-test ittajpjat tal-kontribuzzjonijiet orali tagħhom fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Il-korrezzjonjiet għandhom jintbagħtu sal-iskadenza lis-Segretarjat.
3. Ir-rapport verbatim multilingwi għandu jkun ippubblikat bħala anness mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jinżamm fir-rekords tal-Parlament.	3. Ir-rapport verbatim multilingwi għandu jkun ippubblikat bħala anness mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jinżamm fir-rekords tal-Parlament.
4. Għandha ssir traduzzjoni bi kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' silta mir-rapport verbatim fuq talba minn Membru. Jekk ikun meħtieġ, it-traduzzjoni għandha tingħata fi żmien qasir.	4. Għandha ssir traduzzjoni bi kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' silta mir-rapport verbatim fuq talba minn Membru. Jekk ikun meħtieġ, it-traduzzjoni għandha tingħata fi żmien qasir.

Emenda 217

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 195

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 195	Artikolu 195
Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet	Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet
1. Id-diskussjonijiet tal-Parlament bil-lingwi li jsiru, kif ukoll is-soundtrack multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjon, għandhom jixxandru fil-ħin reali fil-websajt tiegħu.	1. Id-diskussjonijiet tal-Parlament bil-lingwi li jsiru, kif ukoll is-soundtrack multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjon, għandhom jixxandru fil-ħin reali fil-websajt tiegħu.
2. Eżatt wara s-seduta għandu jsir rekord awdjoviżiv ***indiċiżżat*** tad-diskussjonijiet bil-lingwi li jsiru fihom, kif ukoll is-soundtracks multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjoni u dawn għandhom isiru disponibbli fil-websajt tal-Parlament ***matul il-mandat*** parlamentari ***kurrenti*** u ***dak*** li jmiss, u wara dan iż-żmien dawn għandhom jinħażnu fir-rekords tal-Parlament. Dan ir-rekord awdjoviżiv għandu jkun marbut permezz ta' ħolqa mar-rapporti verbatim tad-diskussjonijiet malli dawn ikunu disponibbli.	2. Eżatt wara s-seduta għandu jsir rekord awdjoviżiv ***indiċizzat*** tad-diskussjonijiet bil-lingwi li jsiru fihom, kif ukoll is-soundtracks multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjoni u dawn għandhom isiru disponibbli fil-websajt tal-Parlament ***għall-kumplament tal-mandat*** parlamentari u ***matul il-mandat parlamentari*** li jmiss, u wara dan iż-żmien dawn għandhom jinħażnu fir-rekords tal-Parlament. Dan ir-rekord awdjoviżiv għandu jkun marbut permezz ta' ħolqa mar-rapporti verbatim tad-diskussjonijiet malli dawn ikunu disponibbli.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 218

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu VIII – kapitolu 1 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KUMITATI - ***TWAQQIF U SETGĦAT***	KUMITATI

Emenda 219

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 196

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 196	Artikolu 196
Twaqqif ta' Kumitati Permanenti	Twaqqif ta' Kumitati Permanenti
Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf kumitati permanenti ***li s-setgħat*** tagħhom għandhom ikunu stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([22]). Il-Membri tagħhom għandhom ikunu eletti fl-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjoni ta' Parlament ġdid u mill-ġdid sentejn u nofs wara.	Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf kumitati permanenti***. Ir-responsabilitajiet*** tagħhom għandhom ikunu stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([22]) ***li għandhom jiġu adottati minn maġġoranza tal-voti mitfugħa***. Il-Membri tagħhom għandhom ikunu ***maħtura*** fl-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjoni ta' Parlament ġdid u mill-ġdid sentejn u nofs wara.
Is-setgħat tal-kumitati permanenti ***għandhom jiġu*** stabbiliti f'ħin differenti mill-ħin meta l-kumitat ikun qed jitwaqqaf.	***Ir-responsabilitajiet*** tal-kumitati permanenti ***jistgħu jiġu*** stabbiliti f'ħin differenti mill-ħin meta l-kumitat ikun qed jitwaqqaf.

([22]) Ara l-Anness VI.

([22]) Ara l-Anness VI.

Emenda 220

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 197

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 197	Artikolu 197
Twaqqif ta' Kumitati Speċjali	Kumitati Speċjali
Fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' f'kull ħin iwaqqaf kumitati speċjali, li ***s-setgħat***, ***il-kompożizzjoni*** u l-mandat tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fl-istess ħin li tittieħed id-deċiżjoni li jitwaqqfu; ***il-mandat tagħhom m'għandux jisboq it-tnax-il xahar, ħlief meta l-Parlament jestendi dan il-mandat malli jiskadi.***	1. Fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' f'kull ħin iwaqqaf kumitati speċjali, li ***r-responsabilitajiet***, ***is-saħħa numerika*** u l-mandat tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fl-istess ħin li tittieħed id-deċiżjoni li jitwaqqfu;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Billi s-setgħat, il-kompożizzjoni u l-mandat tal-kumitati speċjali jiġu deċiżi fl-istess ħin li jitwaqqfu dawk il-kumitati, il-Parlament ma jistax sussegwentement jiddeċiedi li jibdel is-setgħat tagħhom, sew billi jżidhom u sew billi jnaqqashom.	
	1a. Il-mandat tal-kumitati speċjali m'għandux jisboq it-tnax-il xahar, ħlief meta l-Parlament jestendi dak il-mandat malli jiskadi. Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor fid-deċiżjoni tal-Parlament li biha jitwaqqaf il-kumitat speċjali, il-mandat tal-imsemmi kumitat speċjali għandu jibda jiddekorri mid-data tal-laqgħa kostitwenti tiegħu.
	1b. Il-kumitati speċjali ma għandux ikollhom il-jedd li jagħtu opinjonijiet lil kumitati oħra.

Emendi 221 u 307

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 198

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 198	Artikolu 198
Kumitati ta' inkjesta	Kumitati ta' inkjesta
1. Il-Parlament jista' fuq talba ta' kwart tal-Membri tiegħu, iwaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga allegazzjoni ta' ksur ***tal-liġi tal-Unjoni*** jew ***allegazzjoni ta'*** amministrazzjoni ħazina ***fl-applikazzjoni*** tal-liġi tal-Unjoni li jkunu jidhru li jkunu atti ta' xi istituzzjoni jew organu tal-Komunitajiet Ewropej, ta' xi korp ta' amministrazzjoni pubblika ta' xi Stat Membru, jew ta' persuni li għandhom setgħa mogħtija mil-liġi tal-Unjoni sabiex jimplimentaw dik il-liġi.	1. ***Skont l-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew,*** il-Parlament jista', fuq talba ta' kwart tal-Membri tiegħu, iwaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga allegazzjoni ta' ksur jew amministrazzjoni ħazina ***fl-implimentazzjoni*** tal-liġi tal-Unjoni li jkunu jidhru li jkunu atti ta' xi istituzzjoni jew organu tal-Komunitajiet Ewropej, ta' xi korp ta' amministrazzjoni pubblika ta' xi Stat Membru, jew ta' persuni li għandhom setgħa mogħtija mil-liġi tal-Unjoni sabiex jimplimentaw dik il-liġi.
Id-deċiżjoni li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fi żmien xahar. Barra minn hekk, il-Parlament għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex kemm jista' jkun jiċċirkula din id-deċiżjoni.	
	Is-suġġett tal-inkjesta, kif definit minn kwart tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, u l-perjodu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 10 m'għandhomx ikunu jistgħu jiġu emendati.
	1a. Id-deċiżjoni li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fi żmien xahar minn meta tittieħed.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-modus operandi ta' kumitat ta' inkjesta għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ***ta' dawn ir-Regoli*** dwar il-kumitati, ħlief jekk ikun stipulat speċifikament mod ieħor f'dan l-Artikolu u fid-Deċiżjoni ***tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-disposizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li hija annessa ma dawn ir-Regoli*** ([23]).	2. Il-modus operandi ta' kumitat ta' inkjesta għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ***tal-Artikoli*** dwar il-kumitati, ħlief jekk ikun stipulat speċifikament mod ieħor f'dan l-Artikolu u fid-Deċiżjoni ***95/167/KE, Euratom, KEFA***.
3. It-talba sabiex jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tispeċifika b'mod preċiż is-suġġett ***tal-inkjesta*** u tinkludi stqarrija dettaljata tar-raġunijiet għala qed issir. Il-Parlament, fuq proposta mill-Konferenza ***ta'*** Presidenti, għandu jiddeċiedi jekk għandux jitwaqqaf kumitat u, jekk jiddeċiedi li għandu jitwaqqaf kumitat, ***jiddeċiedi x'għamla*** għandu ***jkollu dan il-kumitat, skont l-Artikolu 199***.	3. It-talba sabiex jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tispeċifika b'mod preċiż is-suġġett ***tal-inkjesta*** u tinkludi stqarrija dettaljata tar-raġunijiet għala qed issir. Il-Parlament, fuq proposta mill-Konferenza ***tal-***Presidenti, għandu jiddeċiedi jekk għandux jitwaqqaf kumitat u, jekk jiddeċiedi li għandu jitwaqqaf kumitat, ***jiddeċiedi dwar is-saħħa numerika tiegħu***.
4. ***Kumitat ta' inkjesta għandu jtemm xogħlu bil-preżentazzjoni ta' rapport fi żmien mhux aktar minn tnax-il xahar. Il-Parlament jista' għal darbtejn jestendi dan il-perjodu bi tliet xhur kull darba.***	
Huma biss membri sħaħ jew, fl-assenza tagħhom, sostituti permanenti li jistgħu jivvutaw f'kumitat ta' inkjesta.	
	4a. Il-kumitati ta' inkjesta ma għandhomx ikunu intitolati li jagħtu opinjonijiet lil kumitati oħra.
	4b. Fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti tiegħu, huma biss il-membri sħaħ jew, fl-assenza tagħhom, is-sostituti li jistgħu jivvutaw f'kumitat ta' inkjesta.
5. Kumitat ta' inkjesta għandu jeleġġi l-president ***tiegħu*** u ***żewġ viċi*** presidenti u jaħtar rapporteur wieħed jew iżjed. Il-kumitat jista' wkoll jassenja responsabbiltajiet, dmirijiet u doveri speċifiċi lill-Membri tiegħu li mbagħad ikunu jridu jibdew jagħtu rapporti dettaljati lill-kumitat.	5. Kumitat ta' inkjesta għandu jeleġġi l-***president u l-viċi presidenti tiegħu*** u jaħtar rapporteur wieħed jew iżjed. Il-kumitat jista' wkoll jassenja responsabbiltajiet, dmirijiet u doveri speċifiċi lill-Membri tiegħu li mbagħad ikunu jridu jibdew jagħtu rapporti dettaljati lill-kumitat.
Fl-intervall bejn laqgħa u oħra, ***il-Bureau*** tal-kumitat ***għandu***, f'każi ta' urġenza jew ħtieġa, ***jeżerċita s-setgħat*** tal-kumitat, azzjoni li tkun suġġetta għal ratifika fil-laqgħa li jkun imiss.	***5a. Fl-intervall*** bejn laqgħa u oħra, ***il-koordinaturi*** tal-kumitat ***għandhom***, f'każi ta' urġenza jew ħtieġa, ***jeżerċitaw is-setgħat*** tal-kumitat, azzjoni li tkun suġġetta għal ratifika fil-laqgħa li jkun imiss.
6. ***Meta kumitat ta' inkjesta jqis li jkun inkiser xi wieħed mid-drittijiet tiegħu, dan għandu jipproponi li l-President jieħu l-miżuri xierqa.***	
7. ***Kumitat ta' inkjesta jista' jikkuntattja lill-istituzzjonijiet jew lill-persuni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni stipulata fil-paragrafu 2 bil-għan li jżomm xi seduta ta' smigħ jew li jakkwista xi dokumenti.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni ta' membri u ta' uffiċjali ta' istituzzjonijiet u organi tal-Unjoni għandhom jitħallsu minn dawk l-istituzzjonijiet u organi. Spejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni ta' persuni oħra li jidhru quddiem kumitat ta' inkjesta għandhom ikunu rimbursati mill-Parlament Ewropew skond ir-regoli dwar is-seduta ta' smigħ ta' esperti.	
Kull persuna li tissejjaħ sabiex tixhed quddiem kumitat ta' inkjesta tista' titlob li tgawdi d-drittijiet kollha li tgawdi kieku tixhed quddiem tribunal f'pajjiżha. Hija għandha tkun infurmata dwar dawn id-drittijiet qabel ma tixhed quddiem il-kumitat.	
F'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwi użati, kumitat ta' inkjesta għandu japplika d-dispożizzjonijiet ***ta' l-Artikolu*** 158. Madankollu, ***il-Bureau*** tal-kumitat:	7. F'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwi użati, kumitat ta' inkjesta għandu japplika d-dispożizzjonijiet ***tal-Artikolu*** 158. Madankollu, ***il-bureau*** tal-kumitat:
— jista' jillimita l-interpretazzjoni għal-lingwi uffiċjali ta' dawk li għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet, jekk iqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità,	— jista' jillimita l-interpretazzjoni għal-lingwi uffiċjali ta' dawk li għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet, jekk iqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità,
— għandu jiddeċiedi dwar it-traduzzjoni ta' dokumenti li jkun irċieva b'mod li jiżgura li l-kumitat ikun jista' jwettaq id-deliberazzjonijiet tiegħu b'mod effiċjenti u malajr u li s-segretezza u l-kunfidenzjalità meħtieġa jkunu rispettati.	— għandu jiddeċiedi dwar it-traduzzjoni ta' dokumenti li jkun irċieva b'mod li jiżgura li l-kumitat ikun jista' jwettaq id-deliberazzjonijiet tiegħu b'mod effiċjenti u malajr u li s-segretezza u l-kunfidenzjalità meħtieġa jkunu rispettati.
8. ***Il-president ta' kumitat ta' inkjesta għandu, flimkien mal-Bureau, jiżgura li s-segretezza u l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet ikunu rispettati u għandu jagħti avviż kif imiss lill-membri dwar dan.***	
Huwa għandu wkoll jirreferi b'mod espliċitu għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq. Għandha tapplika il-Parti A tal-Anness VII għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura.	
9. ***Fl-eżami ta' dokumenti sigrieti jew kunfidenzjali li jkunu ġew mgħoddija lill-kumitat għandhom jintużaw miżuri tekniċi li jiżguraw li jkunu biss il-membri responsabbli mill-każ li jkollhom aċċess personali għalihom. Il-membri konċernati għandhom jintrabtu solennement li ma jippermettux li xi persuna oħra jkollha aċċess għal tagħrif sigriet jew kunfidenzjali, skond dan l-Artikolu, u li jużaw din l-informazzjoni esklussivament għall-għanijiet biex li jippreparaw ir-rapport tagħhom għall-kumitat ta' inkjesta. Il-laqgħat għandhom jinżammu f'postijiet mgħammra b'tali mod li jkun impossibbli għal persuni mhux awtorizzati li jsegwu l-proċeduri.***	
	9a. Meta l-allegati ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jissuġġerixxu li korp jew awtorità ta' Stat Membru jistgħu jkunu responsabbli, il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jikkoopera fl-investigazzjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
10. ***Wara li*** jtemm xogħlu***, kumitat*** ta' ***inkjesta għandu jissottometti lill-Parlament rapport dwar ir-riżultat*** ta' ***xogħlu***, li ***jkun fih opinjonijiet tal-minoranza,*** jekk ikun ***il-każ***, ***skond*** il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 56. Ir-rapport għandu jkun ippubblikat.	10. ***Kumitat ta' inkjesta għandu*** jtemm xogħlu ***bil-preżentazzjoni lill-Parlament*** ta' ***rapport dwar ir-riżultati tax-xogħol tiegħu fi żmien*** ta' ***mhux aktar minn tnax-il xahar mill-laqgħa kostitwenti tiegħu. Il-Parlament jista' jiddeċiedi, għal darbtejn, li jestendi dan il-perjodu bi tliet xhur kull darba.*** Jekk ikun ***xieraq***, ***ir-rapport jista' jkun fih opinjonijiet tal-minoranza skont*** il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 56. Ir-rapport għandu jkun ippubblikat.
Fuq talba tal-kumitat ta' inkjesta l-Parlament għandu jagħmel dibattitu dwar ir-rapport fis-sessjoni parzjali li jkun imiss wara li jiġi ppreżentat.	Fuq talba tal-kumitat ta' inkjesta l-Parlament għandu jagħmel dibattitu dwar ir-rapport fis-sessjoni parzjali li jkun imiss wara li jiġi ppreżentat.
Il-kumitat jista' wkoll jippreżenta lill-Parlament abbozz ta' rakkomandazzjoni indirizzat lil istituzzjonijiet jew organi tal-Unjoni Ewropea jew lill-Istati Membri.	***10a.*** Il-kumitat jista' wkoll jippreżenta lill-Parlament abbozz ta' rakkomandazzjoni indirizzat lil istituzzjonijiet jew ***korpi*** tal-Unjoni Ewropea jew lill-Istati Membri.
11. Il-President għandu jagħti struzzjonijiet lill-kumitat responsabbli ***skond*** l-Anness VI sabiex jissorvelja l-azzjonijiet li ttieħdu bħala riżultat tax-xogħol tal-kumitat ta' inkjesta u, jekk ikun il-każ, sabiex jirraporta dwar dan***. Huwa*** għandu jieħu kwalunkwe ***passi oħra*** li jidhirlu ***xierqa*** sabiex jiżgura li l-konklużjonijiet ***ta' l-inkjesta*** jitpoġġew fil-prattika.	11. Il-President għandu jagħti struzzjonijiet lill-kumitat responsabbli ***skont*** l-Anness VI sabiex jissorvelja l-azzjonijiet li ttieħdu bħala riżultat tax-xogħol tal-kumitat ta' inkjesta u, jekk ikun il-każ, sabiex jirraporta dwar dan***, u*** għandu jieħu kwalunkwe ***pass ieħor*** li jidhirlu ***xieraq*** sabiex jiżgura li l-konklużjonijiet ***tal-inkjesta*** jitpoġġew fil-prattika.
Hija biss il-proposta mill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-għamla ta' kumitat ta' inkjesta (paragrafu 3) li tista' tiġi emendata, skond l-Artikolu 199(2).	
Is-suġġett ta' l-inkjesta kif stabbilit minn kwart tal-Membri kollha tal-Parlament (paragrafu 3) u ż-żmien stipulat fil-paragrafu 4 ma jistgħux jiġu emendati.	
([23]) ***Ara l-Anness VIII.***	
	(It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jiddaħħal bħala interpretazzjoni.)

Emenda 222

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 199

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 199	Artikolu 199
Kompożizzjoni tal-kumitati	Kompożizzjoni tal-kumitati
1. Membri tal-kumitati u tal-kumitati ta' inkjesta għandhom ***jiġu eletti wara li n-nominazzjonijiet ikunu ġew ippreżentati*** mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati. ***Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta proposti lill-Parlament. Il-kompożizzjoni tal-kumitati għandha tirrifletti, sa fejn ikun possibbli, il-kompożizzjoni tal-Parlament.***	1. Membri tal-kumitati***, tal-kumitati speċjali*** u tal-kumitati ta' inkjesta għandhom ***jinħatru*** mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-Konferenza tal-Presidenti għandha ***tistabbilixxi skadenza li fiha l-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati għandhom jikkomunikaw il-ħatriet tagħhom lill-President, li mbagħad għandu jħabbarhom lill-Parlament.***
Meta Membru jbiddel il-grupp politiku tiegħu huwa għandu jżomm, għall-bqija tal-mandat tiegħu ta' sentejn u nofs, is-siġġijiet li jkollu f'kumitati parlamentari. Madankollu, jekk il-bdil tal-grupp politiku ta' xi Membru ikollu l-effett li jtellef il-bilanċ ta' rappreżentanza ġusta ta' fehmiet politiċi f'xi kumitat, għandhom isiru proposti ġodda għall-kompożizzjoni ta' dak il-kumitat mill-Konferenza tal-Presidenti skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza, liema proposti għandhom jiggarantixxu d-drittijiet individwali tal-Membru kkonċernat.	
Il-proporzjonalità tat-tqassim tas-siġġijiet tal-kumitati fost il-gruppi politiċi m'għandhiex titbieġħed mill-eqreb numru sħiħ xieraq. Jekk xi grupp jiddeċiedi li ma jkollux rappreżentanti f'xi kumitat, dawn is-siġġijiet għandhom jibqgħu battala u l-kumitat jonqos fid-daqs bin-numru korrispondenti. Mhuwiex permess l-iskambju ta' siġġijiet bejn il-gruppi politiċi.	
	1a. Il-kompożizzjoni tal-kumitati għandha tirrifletti, sa fejn ikun possibbli, il-kompożizzjoni tal-Parlament. It-tqassim tas-siġġijiet tal-kumitati fost il-gruppi politiċi għandu jkun l-eqreb numru sħiħ 'il fuq jew l-eqreb numru sħiħ 'l isfel mill-kalkolu proporzjonali.
	Meta ma jkun hemm l-ebda qbil fost il-gruppi politiċi dwar il-piż proporzjonali tagħhom fi ħdan kumitat speċifiku wieħed jew aktar, hija l-Konferenza tal-Presidenti li għandha tiddeċiedi.
	1b. Jekk grupp politiku jiddeċiedi li ma jokkupax siġġijiet f'kumitat, jew jonqos milli jaħtar il-membri tiegħu fl-iskadenza stabbilita mill-Konferenza tal-Presidenti, dawn is-siġġijiet għandhom jibqgħu battala. L-iskambju ta' siġġijiet bejn il-gruppi politiċi mhuwiex permess.
	1c. Meta l-fatt li Membru jibdel il-grupp politiku tiegħu jkollu l-effett li jħarbat id-distribuzzjoni proporzjonali tas-siġġijiet tal-kumitat kif definita fil-paragrafu 1a, u ma jkun hemm l-ebda ftehim fost il-gruppi politiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji stabbiliti fih, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa.
	1d. Kwalunkwe modifika li tiġi deċiża fil-ħatriet mill-gruppi politiċi u mill-Membri mhux affiljati għandha tiġi kkomunikata lill-President, li għandu jħabbarha lill-Parlament sa mhux aktar tard mill-bidu tas-seduta li jkun imiss. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ mill-jum tat-tħabbira.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1e. Il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati jistgħu jaħtru numru ta' sostituti għal kull kumitat li m'għandux jaqbeż in-numru ta' membri sħaħ li l-grupp politiku jew il-Membri mhux affiljati jkollhom il-jedd li jaħtru fil-kumitat. Il-President għandu jkun infurmat b'dan. Dawn is-sostituti għandu jkollhom il-jedd li jattendu u li jitkellmu fil-laqgħat tal-kumitat u, jekk il-membru sħiħ ikun assenti, li jieħdu sehem fil-votazzjonijiet.* ***1f. F'każ ta' assenza tal-membru sħiħ u meta ma jkunux inħatru sostituti jew dawn tal-aħħar ikunu assenti, il-membru sħiħ jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat fil-laqgħat minn membru ieħor tal-istess grupp politiku, jew, meta l-membru jkun Membru mhux affiljat, minn Membru mhux affiljat ieħor, li għandu jkollu l-jedd li jivvota. Il-president tal-kumitat għandu jiġi notifikat sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sessjoni tal-votazzjoni.* ***In-notifika bil-quddiem imsemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1f għandha tingħata qabel tmiem id-dibattitu jew qabel il-ftuħ tal-votazzjoni fuq il-punt jew il-punti li fir-rigward tagħhom il-membru sħiħ għandu jiġi sostitwit.
2. ***Emendi għall-proposti tal-Konferenza tal-Presidenti jkunu ammissibbli biss jekk jitqieġħdu fuq il-Mejda minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Il-Parlament għandu jivvota fuq dawn l-emendi b'vot sigriet.***	
3. ***Membri għandhom jitqiesu li ġew eletti fuq il-bażi tal-proposti mill-Konferenza tal-Presidenti, kif eventwalment emendati skond paragrafu 2. Meta grupp politiku jonqos milli jippreżenta nominazzjonijiet għal membri f'kumitat ta' inkjesta skond il-paragrafu 1 fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Konferenza tal-Presidenti, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta lill-Parlament biss in-nominazzjonijiet ippreżentati lilha f'dak il-limitu ta' żmien.***	
4. ***Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi proviżorjament li timla postijiet vakanti f'xi kumitat bi qbil mal-persuni li għandhom jinħatru u bla ħsara għall-paragrafu 1.***	
5. ***Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi proviżorjament li timla postijiet vakanti f'xi kumitat bi qbil mal-persuni li għandhom jinħatru u bla ħsara għall-paragrafu 1.***	
6. ***Kwalunkwe tibdil bħal dan għandu jitressaq quddiem il-Parlament għar-ratifika fis-seduta li jkun imiss.***	
	Skont dan l-Artikolu:
	— ***l-istatus ta' membru sħiħ jew ta' membru sostitut ta' kumitat jiddependi esklużivament minn jekk wieħed ikunx membru ta' grupp politiku partikulari;***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	— jekk in-numru ta' membri sħaħ ta' grupp politiku f'kumitat jinbidel, l-akbar numru ta' sostituti permanenti li jista' jaħtar fuq dak il-kumitat għandu jinbidel bl-istess mod;
	— il-Membri li jibdlu l-grupp politiku tagħhom ma jistgħux iżommu l-istatus ta' membru sħiħ jew ta' membru sostitut ta' kumitat li kellhom bħala membru tal-grupp oriġinali tagħhom;
	— membru ta' kumitat ma jista', taħt l-ebda ċirkustanza, ikun sostitut għal kollega li jkun jappartjeni għal grupp politiku ieħor.
	(L-aħħar żewġ paragrafi mhux numerati tal-Artikolu qed jiddaħħlu bħala interpretazzjonijiet.)

Emenda 223

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 200

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 200	***imħassar***
Sostituti	
1. ***Il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati jistgħu għal kull kumitat jaħtru numru ta' sostituti permanenti li jkun ugwali għan-numru ta' membri sħaħ li jkunu jirrappreżentawhom fil-kumitat. Il-President għandu jkun infurmat b'dan. Dawn is-sostituti permanenti għandu jkollhom id-dritt li jattendu u jitkellmu f'laqgħat tal-kumitat u, jekk il-membru sħiħ ikun assenti, li jieħdu sehem fil-votazzjonijiet.***	
Fil-każ li s-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti, sostitut permanenti mill-istess grupp politiku għandu jkun intitolat li jivvota fil-post tal-membru sħiħ, fuq bażi temporanja sakemm is-sostituzzjoni proviżorja tal-membru sħiħ skont l-Artikolu 199(5), jew, fin-nuqqas ta' tali sostituzzjoni provviżorja, sakemm issir il-ħatra ta' membru sħiħ ġdid. Dan id-dritt huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kompożizzjoni numerika tal-kumitat, u l-għanijiet li jiżguraw li n-numru ta 'membri tal-grupp politiku kkonċernat li jista' jieħu sehem fil-votazzjoni huwa ugwali għan-numru intitolati li jagħmlu dan qabel is-siġġu ġie vakanti.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. ***Barra minn hekk, f'każ ta' assenza ta' membru sħiħ u fil-każ li ma kienux maħtura sostituti permanenti jew fil-każ li dawn ta' l-aħħar ikunu assenti, il-membru sħiħ tal-kumitat jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat fil-laqgħat minn membru ieħor tal-grupp politiku tiegħu li għandu jkun intitolat għall-vot. L-isem tas-sostitut għandu jkun notifikat lill-president tal-kumitat qabel il-bidu tas-sessjoni tal-votazzjoni.* ***Paragrafu 2 għandu japplika, 'mutatis mutandis', għall-Membri mhux affiljati.*** ***In-notifika bil-quddiem imsemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 2 għandha tingħata qabel tmiem id-dibattitu jew qabel il-ftuħ tal-votazzjoni fuq il-punt jew punti li għalihom il-membru sħiħ sostitwit.*** * * * ***Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jinkludu żewġ elementi li huma mfissra b'mod ċar b'dan it-test:*** — ***grupp politiku ma jistax ikollu sostituti permanenti għal xi kumitat aktar milli jkollu membri sħaħ;*** — ***gruppi politiċi biss għandhom id-dritt li jaħtru sostituti permanenti, bil-kundizzjoni waħdanija li jinfurmaw lill-President.*** ***Bħala konklużjoni:*** — ***l-istatus ta' sostituti permanenti jiddependi esklussivament fuq jekk wieħed ikunx membru ta' grupp politiku partikulari;*** — ***meta n-numru ta' membri sħaħ ta' grupp politiku partikulari f'xi kumitat jinbidel, l-akbar numru ta' sostituti permanenti li dak il-grupp politiku jkun jista' jaħtar fuq dak il-kumitat jinbidel bl-istess mod;*** — ***meta membru jibdel il-grupp politiku tiegħu, huwa ma jistgħax iżomm l-'istatus' ta' sostitut permanenti li kellu bħala membru tal-grupp oriġinali tiegħu;*** — ***membru ta' kumitat ma jistax, taħt l-ebda ċirkustanza, jissostitwixxi xi kollega li jkun ġej minn grupp politiku ieħor.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 224

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 201

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 201	Artikolu 201
Dmirijiet tal-kumitati	Dmirijiet tal-kumitati
1. Kumitati permanenti għandhom jeżaminaw kwistjonijiet imressqa quddiemhom mill-Parlament jew, f'xi aġġornament tas-sessjoni, mill-President f'isem il-Konferenza tal-Presidenti. ***Ir-responsabbiltajiet ta' kumitati speċjali u kumitati ta' inkjesta għandhom ikunu stabbiliti meta jitwaqqfu; dawn ma jistgħux jagħtu opinjonijiet lil kumitati oħra.***	1. Kumitati permanenti għandhom jeżaminaw kwistjonijiet imressqa quddiemhom mill-Parlament jew, f'xi aġġornament tas-sessjoni, mill-President f'isem il-Konferenza tal-Presidenti.
(Ara l-interpretazzjoni skont l-Artikolu 197.)	
2. ***Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina xi kwistjoni, jew jekk jinqala' konflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha titressaq quddiem il-Konferenza tal-Presidenti fi żmien erba' ġimgħat minn meta jitħabbar fil-Parlament li saret riferenza lill-kumitat.***	
Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni bħal din, mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tieħux deċiżjoni f'dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.	
Il-presidenti tal-kumitati jistgħu jagħmlu ftehimiet ma' presidenti oħra tal-kumitati dwar l-allokazzjoni ta' suġġett lil xi kumitat partikolari, bla ħsara, fejn ikun il-każ, għall-awtorizzazzjoni ta' proċedura b' kumitati assoċjati skont l-Artikolu 54.	
3. Jekk ikun hemm żewġ kumitati permanenti jew iżjed li jkunu kompetenti sabiex jikkunsidraw xi kwistjoni, wieħed mill-kumitati għandu jkun nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-oħrajn bħala kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni.	3. Jekk ikun hemm żewġ kumitati permanenti jew iżjed li jkunu kompetenti sabiex jikkunsidraw xi kwistjoni, wieħed mill-kumitati għandu jkun nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-oħrajn bħala kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni.
Madankollu, ebda kwistjoni m'għandha titressaq fl-istess ħin quddiem iżjed minn tliet kumitati, ħlief jekk ***ikun hemm raġuni serja għala għandha*** tingħata deroga minn din ir-regola ***skond*** il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.	Madankollu, ebda kwistjoni m'għandha titressaq fl-istess ħin quddiem iżjed minn tliet kumitati, ħlief jekk ***jiġi deċiż li*** tingħata deroga minn din ir-regola ***skont*** il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
4. Żewġ kumitati jew iżjed, jew żewġ sotto-kumitati jew iżjed jistgħu b'mod konġunt jikkunsidraw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, imma ma jistgħux jieħdu deċiżjoni.	4. Żewġ kumitati jew iżjed, jew żewġ sotto-kumitati jew iżjed jistgħu b'mod konġunt jikkunsidraw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, imma ma jistgħux jieħdu deċiżjoni ***b'mod konġunt ħlief fejn japplika l-Artikolu 55***.
5. Kull kumitat jista', bi qbil ***mal-Bureau*** tal-Parlament, jagħti istruzzjonijiet lil wieħed jew iżjed mill-membri tiegħu sabiex ***jagħmel*** xi studju jew xi missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni.	5. Kull kumitat jista', bi qbil ***mal-korpi rilevanti*** tal-Parlament, jagħti istruzzjonijiet lil wieħed jew iżjed mill-membri tiegħu sabiex ***jagħmlu*** xi studju jew xi missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni.

Emenda 225

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 201a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 201a
	Kwistjonijiet ta' kompetenza
	1. ***Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina punt, jew jekk jinqala' konflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha titressaq quddiem il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati fi żmien erba' ġimgħat minn meta jitħabbar fil-Parlament li sar ir-riferiment lill-kumitat.***
	2. ***Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat wara li tkun tressqet il-kwistjoni fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni bħal din, mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tieħux deċiżjoni f'dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.***
	3. ***Il-presidenti tal-kumitati jistgħu jagħmlu ftehimiet ma' presidenti ta' kumitati oħra dwar l-allokazzjoni ta' punt lil kumitat partikolari, b'suġġett, fejn ikun neċessarju, għall-awtorizzazzjoni ta' proċedura b'kumitati assoċjati skont l-Artikolu 54.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 226

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 202

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 202	***imħassar***
Kumitat responsabbli mill-verifika ta' kredenzjali	
Fost il-kumitati mwaqqfa skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli, għandu jkun hemm kumitat li jkun responsabbli mill-verifika ta' kredenzjali u mill-preparazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar kwalunkwe oġġezzjoni li tikkonċerna l-validità ta' elezzjonijiet.	

Emenda 227

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 203

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 203	Artikolu 203
Sottokumitati	Sottokumitati
1. Kumitat permanenti jew speċjali jista', fl-interess ta' xogħolu***, b'awtorizzazzjoni*** minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, jaħtar sottokumitat wieħed jew iżjed, li ***tagħhom l-istess kumitat għandu*** jiddetermina l-kompożizzjoni, ***skond l-Artikolu*** 199, ***u*** l-oqsma ta' ***responsabiltà***. Is-sottokumitati għandhom jirraportaw lill-kumitat ***li jkun waqqafhom***.	1. ***Is-sottokumitati jistgħu jitwaqqfu b'konformità mal-Artikolu 196.*** Kumitat permanenti jew speċjali jista' ***wkoll***, fl-interess ta' xogħlu ***u suġġett għall-awtorizzazzjoni*** minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, jaħtar sottokumitat wieħed jew iżjed, ***waqt*** li ***fl-istess ħin*** jiddetermina l-kompożizzjoni ***tagħhom***, ***skont id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu*** 199, u l-oqsma ta' responsabilità ***tagħhom***, ***li għandhom jaqgħu taħt*** l-oqsma ta' ***responsabilità tal-kumitat prinċipali***. Is-sottokumitati għandhom jirraportaw lill-kumitat ***prinċipali tagħhom***.
2. ***Il-proċedura*** tas-sottokumitati għandha tkun l-istess bħal tal-kumitati.	2. ***Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn ir-Regoli, il-proċedura*** tas-sottokumitati għandha tkun l-istess bħal tal-kumitati.
	2a. Il-membri sħaħ ta' sottokumitat għandhom jintgħażlu minn fost il-membri tal-kumitat prinċipali.
3. Sostituti għandhom jitħallew ikunu f'sottokumitati taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ma jkunu f'kumitati.	3. Sostituti għandhom jitħallew ikunu f'sottokumitati taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ma jkunu f'kumitati.
4. ***L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandha tkun tali li tiggarantixxi l-interdipendenza bejn sottokumitat u l-kumitat li fi ħdanu jkun twaqqaf is-sottokumitat. Għal dan il-għan il-membri sħaħ kollha ta' sottokumitat għandhom jintgħażlu minn fost il-membri tal-kumitat prinċipali.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4a. Il-president tal-kumitat prinċipali jista' jinvolvi lill-presidenti tas-sottokumitati fil-ħidma tal-koordinaturi jew jista' jippermettilhom jippresiedu dibattiti fil-kumitat prinċipali dwar kwistjonijiet ittrattati b'mod speċifiku mis-sottokumitati kkonċernati, kemm-il darba dan il-mod ta' kif wieħed jipproċedi jitressaq quddiem il-bureau tal-kumitat għall-eżami u jiġi approvat.

Emenda 228

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 204

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 204	Artikolu 204
Bureaux tal-kumitati	Bureaux tal-kumitati
Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara ***l-elezzjoni*** tal-membri tal-kumitat ***skond*** l-Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti fi president u ***minn viċi*** presidenti li għandhom ikunu eletti f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti.	1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara ***l-ħatra*** tal-membri tal-kumitat ***skont*** l-Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti fi president u ***f'viċi*** presidenti li għandhom ikunu eletti ***minn fost il-membri sħaħ ta' dak il-kumitat*** f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti. ***Id-diversità tal-Parlament għandha tiġi riflessa fil-kompożizzjoni tal-bureau ta' kull kumitat; ma għandux ikun permess li jkun hemm bureau kompost minn nisa biss jew minn irġiel biss jew li l-viċi presidenti kollha joriġinaw mill-istess Stat Membru.***
Huma biss il-membri titulari tal-kumitat, li ġew eletti skont l-Artikolu 199, li jistgħu jiġu eletti għall-bureau tiegħu.	
Meta n-numru ta' nominazzjonijiet ikun jaqbel man-numru ta' postijiet li jridu jimtlew, l-elezzjoni ***tista'*** ssir b'akklamazzjoni.	2. Meta n-numru ta' nominazzjonijiet ikun jaqbel man-numru ta' postijiet li jridu jimtlew, l-elezzjoni ***għandha*** ssir b'akklamazzjoni. ***Madankollu, jekk ikun hemm aktar minn kandidat wieħed f'votazzjoni partikolari, jew tal-inqas wieħed minn kull sitta tal-membri tal-kumitat ikunu talbu votazzjoni***, l-elezzjoni għandha ssir permezz ta' votazzjoni sigrieta.
Meta dan ma jkunx il-każ, jew fuq talba ta' parti waħda minn sitta tal-membri tal-kumitat, l-elezzjoni għandha ssir permezz ta' votazzjoni sigrieta.	
Jekk ikun hemm biss kandidat wieħed, l-elezzjoni tintrebaħ b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa li għandhom jinkludu l-voti favur u kontra.	Jekk ikun hemm biss kandidat wieħed, l-elezzjoni għandha tintrebaħ b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa li għandhom jinkludu l-voti favur u kontra.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Meta jkun hemm iżjed minn kandidat wieħed ***fl-ewwel votazzjoni***, il-kandidat li jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa***, kif imfisser fis-subparagrafu preċedenti,*** għandu jkun elett. Fit-tieni votazzjoni, il-kandidat li jġib l-ogħla numru ta' voti għandu jkun elett. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar membru anzjan għandu jkun elett.	Meta jkun hemm iżjed minn kandidat wieħed, il-kandidat li jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa ***fl-ewwel votazzjoni*** għandu jkun elett. Fit-tieni votazzjoni, il-kandidat li jġib l-ogħla numru ta' voti għandu jkun elett. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar membru anzjan għandu jkun elett.
Meta tkun meħtieġa t-tieni votazzjoni, jistgħu jkunu nominati kandidati ġodda.	
Din id-dispożizzjoni ma żżommx, imma għall-kuntrarju tippermetti, lill-president tal-kumitat prinċipali milli jinvolvi lill-presidenti tas-sottokumitati fil-ħidma tal-Bureau jew milli jippermettilhom li jippresiedu dibattiti dwar kwistjonijiet trattati b'mod speċifiku mis-sottokumitati kkonċernati, kemm-il darba dan il-mod ta' kif wieħed jipproċedi jkun ippreżentat lill-bureau fis-sħuħija tiegħu għall-konsiderazzjoni tiegħu u jkun hemm qbil dwaru mill-bureau.	
	2a. L-Artikoli li ġejjin dwar l-Uffiċjali tal-Parlament għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-kumitati: l-Artikolu 14 (president proviżorju), l-Artikolu 15 (Nominazzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali), l-Artikolu 16 (Elezzjoni ta' President – indirizz tal-ftuħ, l-Artikolu 19 (Tul tal-Kariga ta' Uffiċjali) u l-Artikolu 20 (Postijiet vakanti).

Emenda 229

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 205

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 205	Artikolu 205
Koordinaturi tal-kumitati ***u shadow rapporteurs***	Koordinaturi tal-kumitati
1. Il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw wieħed mill-membri tagħhom bħala koordinatur.	1. Il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw wieħed mill-membri tagħhom ***f'kull kumitat*** bħala koordinatur.
2. Fejn ikun meħtieġ, il-koordinaturi tal-kumitati għandhom jiġu msejħa mill-president tal-kumitat biex iħejju deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-kumitat, b'mod partikolari deċiżjonijiet dwar il-proċedura u ***l-ħatra*** ta' rapporteurs. Il-kumitat jista' jiddelega lill-koordinaturi s-setgħa biex ***jittieħdu*** ċerti deċiżjonijiet, ħlief għal deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' rapporti, opinjonijiet jew emendi. Il-viċi presidenti tal-kumitati jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala konsulenti fil-laqgħat tal-koordinaturi tal-kumitati. ***Il-koordinaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu kunsens.*** Meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, ***huma*** jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li titqies is-saħħa rispettiva tal-gruppi differenti.	2. Fejn ikun meħtieġ, il-koordinaturi tal-kumitati għandhom jiġu msejħa mill-president tal-kumitat biex iħejju deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-kumitat, b'mod partikolari deċiżjonijiet dwar il-proċedura u ***dwar il-ħatra*** ta' rapporteurs. Il-kumitat jista' jiddelega lill-koordinaturi s-setgħa biex ***jieħdu*** ċerti deċiżjonijiet, ħlief għal deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' rapporti, ***mozzjonijiet għal riżoluzzjoni***, opinjonijiet jew emendi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-viċi presidenti tal-kumitati jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala konsulenti fil-laqgħat tal-koordinaturi tal-kumitati.
	Meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, ***il-koordinaturi*** jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li titqies is-saħħa rispettiva tal-gruppi ***politiċi*** differenti.
	Il-President għandu jħabbar fil-kumitat id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-koordinaturi, li għandhom jitqiesu li ġew adottati jekk ma jiġux ikkontestati u għandhom ikunu debitament imsemmija fil-minuti tal-laqgħa tal-kumitat.
3. ***Il-koordinaturi tal-kumitati għandhom jissejħu mill-president tal-kumitat tagħhom sabiex iħejju l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati. Wara dawn is-seduti ta' smigħ, il-koordinaturi għandhom jiltaqgħu biex jevalwaw il-kandidati nnominati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Anness XVI.***	
4. ***Għal kull rapport, il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw shadow rapporteur biex isegwi l-progress tar-rapport rilevanti u jfittex kompromessi fil-kumitat f'isem il-grupp. Ismijiethom għandhom jiġu mgħarrfa lill-president tal-kumitat. Fuq proposta tal-koordinaturi, il-kumitat jista', b'mod partikolari, jiddeċiedi li jinvolvi lix-shadow rapporteurs sabiex jintlaħaq ftehim mal-Kunsill fi proċeduri leġislattivi ordinarji.***	
Il-Membri Mhux Affiljati ma jikkostitwixxux grupp politiku skont l-Artikolu 32 u, għaldaqstant, ma jistgħux jinnominaw koordinaturi, li huma l-uniċi Membri li jistgħu jipparteċipaw bi dritt fil-laqgħat tal-koordinaturi.	Il-Membri mhux affiljati ma jikkostitwixxux grupp politiku skont l-Artikolu 32 u, għaldaqstant, ma jistgħux jinnominaw koordinaturi, li huma l-uniċi Membri li jistgħu jipparteċipaw bi dritt fil-laqgħat tal-koordinaturi.
Il-laqgħat tal-koordinaturi huma maħsuba biex iħejju d-deċiżjonijiet ta' kumitat u ma jistgħux jissostitwixxu l-laqgħat ta' kumitat, ħlief b'delega espliċita. Minħabba dan, id-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa tal-koordinaturi għandhom jiġu soġġetti għal delega ex ante. Fin-nuqqas ta' din id-delega, il-koordinaturi jistgħu jadottaw biss rakkomandazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni formali ex post mill-kumitat.	
Fi kwalunkwe każ, id-dritt għall-aċċess għat-tagħrif tal-Membri Mhux Affiljati għandu jiġi garantit, f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, permezz tat-trażmissjoni tat-tagħrif u tal-preżenza ta' membru tas-Segretarjat tal-Membri Mhux Affiljati fil-laqgħat tal-koordinaturi.	Fi kwalunkwe każ, id-dritt għall-aċċess għat-tagħrif tal-Membri mhux affiljati għandu jiġi garantit, f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, permezz tat-trażmissjoni tat-tagħrif u tal-preżenza ta' membru tas-Segretarjat tal-Membri mhux affiljati fil-laqgħat tal-koordinaturi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 230

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 205a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 205a
	Shadow Rapporteurs
	Għal kull rapport, il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw shadow rapporteur biex isegwi l-progress tar-rapport rilevanti u jfittex kompromessi fil-kumitat f'isem il-grupp. Ismijiethom għandhom jiġu mgħarrfa lill-president tal-kumitat.

Emenda 231

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu VIII – kapitolu 2 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
KAPITOLU 2	***imħassar***
KUMITATI – IL-FUNZJONAMENT	

Emenda 232

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 206

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 206	Artikolu 206
Laqgħat tal-kumitati	Laqgħat tal-kumitati
1. Kumitat għandu jiltaqa' meta jissejjaħ mill-president tiegħu jew fuq talba tal-President.	1. Kumitat għandu jiltaqa' meta jissejjaħ mill-president tiegħu jew fuq talba tal-President.
	Meta jkun qed isejjaħ laqgħa, il-president għandu jressaq l-abbozz ta' aġenda tagħha. Il-kumitat għandu jieħu deċiżjoni fuq l-aġenda fil-bidu tal-laqgħa.
2. Il-Kummissjoni u ***l-Kunsill*** jistgħu ***jieħdu sehem*** f'laqgħat tal-kumitati jekk ikunu mistiedna biex jagħmlu dan f'isem xi kumitat mill-president tiegħu.	2. Il-Kummissjoni***, il-Kunsill*** u ***istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni*** jistgħu ***jitkellmu*** f'laqgħat tal-kumitati jekk ikunu mistiedna biex jagħmlu dan f'isem xi kumitat mill-president tiegħu.
B'deċiżjoni ***speċjali*** ta' kumitat, kwalunkwe persuna oħra tista' tkun mistiedna sabiex tattendi u titkellem f'xi laqgħa.	B'deċiżjoni ta' kumitat, kwalunkwe persuna oħra tista' tkun mistiedna sabiex tattendi u titkellem f'xi laqgħa.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
B'analoġija, id-deċiżjoni dwar jekk assistenti ta' Membri għandhomx jitħallew ikunu preżenti f'laqgħat tal-kumitat għandha titħalla fid-diskrezzjoni ta' kull kumitat.	
Il-kumitat responsabbli jista', bl-approvazzjoni tal-Bureau, jorganizza smigħ ta' esperti jekk jikkunsidra dan is-smiegħ bħala essenzjali għat-tmexxija effettiva tax-xogħol tiegħu fir-rigward ta' xi suġġett partikulari.	Il-kumitat responsabbli jista', bl-approvazzjoni tal-Bureau, jorganizza smigħ ta' esperti jekk jikkunsidra dan is-smiegħ bħala essenzjali għat-tmexxija effettiva tax-xogħol tiegħu fir-rigward ta' xi suġġett partikulari.
Kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni jistgħu jattendu għas-smiegħ jekk ikunu jixtiequ.	
Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-punt 50 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([24])***.***	
3. Bla ħsara għall-Artikolu53 (6) u ħlief fil-każ li kumitat jiddeċiedi mod ieħor, il-Membri ***jistgħu*** jattendu laqgħat ta' kumitati li huma ma jkunux jagħmlu parti minnhom, ***imma*** ma jistgħux jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet.	3. Bla ħsara għall-Artikolu 53(6) u ħlief fil-każ li kumitat jiddeċiedi mod ieħor, il-Membri ***li*** jattendu laqgħat ta' kumitati li huma ma jkunux jagħmlu parti minnhom, ma jistgħux jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet.
Dawn il-Membri jistgħu, madankollu, jingħataw permess mill-kumitat biex jieħdu ***parti fil-proċeduri*** f'kapaċità konsultattiva.	***Huma*** jistgħu, madankollu, jingħataw permess mill-kumitat biex jieħdu ***sehem fil-laqgħat tiegħu*** f'kapaċità konsultattiva.
	3a. L-Artikolu 162(2) dwar l-allokazzjoni tal-ħin tad-diskors għandu japplika mutatis mutandis għall-kumitati.
	3b. Meta jitfassal rapport verbatim, l-Artikolu 194(1a), (2) u (4) għandu japplika mutatis mutandis.

([24]) ***Ara l-Anness XIII.***

Emenda 233

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 207

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 207	Artikolu 207
Minuti tal-laqgħat tal-kumitati	Minuti tal-laqgħat tal-kumitati
Il-minuti ta' kull laqgħa ta' kumitat għandhom ***jitqassmu lill-membri*** kollha ta' dak il-kumitat u jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-approvazzjoni tiegħu.	Il-minuti ta' kull laqgħa ta' kumitat għandhom ***jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-membri*** kollha ta' dak il-kumitat u jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-approvazzjoni tiegħu.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 234

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 208

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 208	Artikolu 208
Votazzjoni fil-Kumitat	Votazzjoni fil-Kumitat
1. ***Kull Membru jista' jqiegħed*** emendi fuq il-Mejda biex ikunu eżaminati mill-kumitat.	1. ***Mingħajr ħsara għall-Artikolu 66(4) dwar it-tieni qari, l***-emendi ***jew l-abbozzi ta' proposta għaċ-ċaħda mqiegħda*** fuq il-Mejda biex ikunu eżaminati mill-kumitat ***għandhom dejjem jiġu ffirmati minn membru sħiħ jew minn membru sostitut tal-kumitat ikkonċernat jew koiffirmati minn tal-inqas membru wieħed minn dawn***.
2. Kumitat jista' jivvota b'mod validu meta kwart mill-membri tiegħu ***ikunu*** fil-fatt preżenti. Madankollu, jekk issir talba f'dan ir-rigward minn parti waħda minn sitta tal-membri tiegħu qabel ma tibda l-votazzjoni, il-votazzjoni tkun valida biss jekk il-maġġoranza tal-membri ***li jiffurmaw il-kumitat ikunu*** ħadu sehem fiha.	2. Kumitat jista' jivvota b'mod validu meta kwart mill-membri tiegħu ***jkunu*** fil-fatt preżenti. Madankollu, jekk issir talba f'dan ir-rigward minn parti waħda minn sitta tal-membri tiegħu qabel ma tibda l-votazzjoni, il-votazzjoni ***għandha*** tkun valida biss jekk il-maġġoranza tal-membri ***tiegħu jkunu*** ħadu sehem fiha.
3. Kwalunkwe votazzjoni unika u/jew aħħarija fil-kumitat dwar rapport għandha ssir permezz ta' votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2). Il-votazzjoni dwar l-emendi u votazzjonijiet oħrajn għandhom isiru b'turija tal-idejn, sakemm il-President jiddeċiedi li jkompli b'votazzjoni elettronika jew kwart tal-membri tal-kumitat jitolbu li ssir votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet.	3. Kwalunkwe votazzjoni ***waħdanija*** u/jew aħħarija fil-kumitat dwar rapport ***jew opinjoni*** għandha ssir permezz ta' votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2***) u (2a***). Il-votazzjoni dwar l-emendi u votazzjonijiet oħrajn għandhom isiru b'turija tal-idejn, sakemm il-president jiddeċiedi li jkompli b'votazzjoni elettronika jew kwart tal-membri tal-kumitat jitolbu li ssir votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet.
Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 208(3) dwar il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet m'għandhomx japplikaw għar-rapporti stipulati fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8), fi proċedimenti relatati mal-immunità ta' Membru.	Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 208(3) dwar il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet m'għandhomx japplikaw għar-rapporti stipulati fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8), fi proċedimenti relatati mal-immunità ta' Membru.
4. ***Il-president jista' jieħu sehem f'diskussjonijiet u jista' jivvota, imma mingħajr ma jkollu l-vot deċiżiv.***	
5. Fid-dawl ***ta' l-emendi*** mqiegħda fuq il-Mejda, il-kumitat jista', minflok ma jgħaddi għal votazzjoni, jitlob lir-rapporteur sabiex jippreżenta abbozz ġdid li kemm jista' jkun, jagħti kas ***ta' l***-emendi. Għandu mbagħad jiġi stabbilit perjodu ġdid li fih ikunu jistgħu jsiru emendi ***għal dan l-abbo***zz.	5. Fid-dawl ***tal-emendi*** mqiegħda fuq il-Mejda, il-kumitat jista', minflok ma jgħaddi għal votazzjoni, jitlob lir-rapporteur sabiex jippreżenta abbozz ġdid li kemm jista' jkun, jagħti kas ***tal***-emendi. ***Għandha mbagħad tiġi stabbilita skadenza ġdida li fiha jkunu*** jistgħu jsiru emendi.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 235

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 209

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 209	Artikolu 209
Dispożizzjonijiet dwar is-seduti plenarji li japplikaw fil-kumitat	Dispożizzjonijiet dwar is-seduti plenarji li japplikaw fil-kumitat
L-Artikoli ***14***, ***15***, ***16***, ***19***, ***20***, ***38 sa 48, 160***, ***162***(***2***) ***u*** (***10***), ***165***, ***167***, ***169 sa 172***, 174, 177, 178, 181, ***182, 184 sa 187***, 190 u 191 ***għandhom japplikaw mutatis mutandis għal-laqgħat tal-kumitati***.	L-Artikoli ***li ġejjin dwar il-votazzjoni, u l-mozzjonijiet ta' interruzzjoni u ta' proċedura għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-kumitati: l-Artikolu 164a (Prevenzjoni ta' tħarbit)***, ***l-Artikolu 168a (Limiti stabbiliti)***, ***l-Artikolu 169 (Tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda u t-tressiq tagħhom)***, ***l-Artikolu 170 (Ammissibilità ta' emendi)***, ***l-Artikolu 171 (Proċedura ta' votazzjoni)***, ***l-Artikolu*** 174 ***(Ordni tal-votazzjoni dwar emendi)***, ***l-Artikolu 176***(***1***) (***Votazzjonijiet maqsuma***), ***l-Artikolu*** 177 ***(Dritt għall-vot)***, ***l-Artikolu*** 178 ***(Votazzjonijiet)***, ***l-Artikolu 179a (Voti ndaqs)***, ***l-Artikolu 180 (2) u (2a) (Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet)***, ***l-Artikolu 180a (Votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet)***, ***l-Artikolu*** 181 ***(Użu ta' sistema ta' votazzjoni elettronika)***, ***Artikolu 182a (Diżgwid dwar votazzjonijiet)***, ***l-Artikolu 184a (Punti ta' ordni)***,***l-Artikolu*** 190 ***(Aġġornament ta' dibattitu jew ta' votazzjoni) u l-Artikolu*** 191 ***(Sospensjoni jew għeluq tas-seduta)***.

Emenda 236

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 210a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 210a
	Proċedura għall-eżami minn kumitat ta' informazzjoni kunfidenzjali milqugħa mill-Parlament
	1. ***Meta l-Parlament ikun taħt obbligu ġuridiku li jittratta informazzjoni li jkun irċieva bħala informazzjoni kunfidenzjali, il-president tal-kumitat responsabbli għandu awtomatikament japplika l-proċedura ta' kunfidenzjalità stipulata fil-paragrafu 3.***
	2. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu ġuridiku li l-informazzjoni milqugħa tiġi ttrattata bħala informazzjoni kunfidenzjali, kwalunkwe kumitat jista' japplika l-proċedura ta' kunfidenzjalità stipulata fil-paragrafu 3 fuq mozzjoni tiegħu stess għal punt ta' informazzjoni jew dokument indikat minn wieħed mill-membri tiegħu f'talba bil-miktub jew orali. Għandha tkun meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti biex tittieħed id-deċizjoni li tiġi applikata l-proċedura ta' kunfidenzjalità f'każ bħal dan.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3. ***Ladarba l-president tal-kumitat ikun iddikkjara li l-proċedura ta' kunfidenzjalità hija applikata, l-aċċess għal-laqgħa għandu jingħata biss lill-membri tal-kumitat u lill-uffiċjali u l-esperti li jkunu ġew nominati minn qabel mill-president u li l-preżenza tagħhom tkun assolutament meħtieġa.***
	Id-dokumenti għandhom jitqassmu fil-bidu tal-laqgħa u jerġgħu jinġabru fl-aħħar. Huma għandhom ikunu nnumerati. Ma jistgħux jittieħdu noti jew fotokopji.
	Id-diskussjoni dwar punt trattat skont il-proċedura ta' kunfidenzjalità m'għandhiex tissemma fil-minuti tal-laqgħa. Id-deċiżjoni rilevanti biss, jekk tittieħed, tista' titniżżel.
	4. ***Tliet membri ta' kumitat li jkun applika l-proċedura kunfidenzjali jistgħu jagħmlu talba biex jiġi eżaminat ksur ta' kunfidenzjalità. Din it-talba tista' titqiegħed fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-kumitat. B'maġġoranza tal-membri tiegħu, il-kumitat jista' jiddeċiedi li jressaq il-kwistjoni quddiem ll-President għal eżami ulterjori skont l-Artikoli 11 u 166.***

Emenda 237

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 211

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 211	Artikolu 211
Seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini	Seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini
1. Meta l-Kummissjoni tkun ippubblikat inizjattiva taċ-ċittadini fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/20111 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, il-President tal-Parlament, fuq talba mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati:	1. Meta l-Kummissjoni tkun ippubblikat inizjattiva taċ-ċittadini fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/20111 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, il-President tal-Parlament, fuq talba mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati:
(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat ***leġislattiv*** responsabbli mis-suġġett skont l-Anness VI biex jorganizza s-smigħ pubbliku stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011; il-Kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament assoċjat ***mal-kumitat leġislattiv*** skont l-Artikolu 54 ta' dawn ir-Regoli;	(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat responsabbli mis-suġġett skont l-Anness VI biex jorganizza s-smigħ pubbliku stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011; il-Kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament assoċjat skont l-Artikolu 54 ta' dawn ir-Regoli;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) jista', fejn żewġ inizjattivi taċ-ċittadini jew aktar, ippubblikati fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, ikollhom suġġett simili, jiddeċiedi, wara li jikkonsulta lill-organizzaturi, li jiġi organizzat smigħ pubbliku konġunt fejn jiġu indirizzati l-inizjattivi taċ-ċittadini kollha fuq l-istess livell.	(b) jista', fejn żewġ inizjattivi taċ-ċittadini jew aktar, ippubblikati fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, ikollhom suġġett simili, jiddeċiedi, wara li jikkonsulta lill-organizzaturi, li jiġi organizzat smigħ pubbliku konġunt fejn jiġu indirizzati l-inizjattivi taċ-ċittadini kollha fuq l-istess livell.
2. Il-kumitat responsabbli:	2. Il-kumitat responsabbli:
(a) għandu jiżgura li l-Kummissjoni tirċievi lill-organizzaturi fil-livell xieraq skont l-Artikolu 10(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;	(a) għandu jiżgura li l-Kummissjoni tirċievi lill-organizzaturi fil-livell xieraq skont l-Artikolu 10(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;
(b) għandu jiżgura, jekk ikun hemm bżonn bl-appoġġ tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li l-Kummissjoni tipparteċipa kif xieraq fl-organizzazzjoni tas-smigħ pubbliku u li, f'din l-okkażjoni, tkun rappreżentata fil-livell xieraq.	(b) għandu jiżgura, jekk ikun hemm bżonn bl-appoġġ tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li l-Kummissjoni tipparteċipa kif xieraq fl-organizzazzjoni tas-smigħ pubbliku u li, f'din l-okkażjoni, tkun rappreżentata fil-livell xieraq.
3. Il-President tal-kumitat responsabbli għandu jagħżel id-data għas-smigħ pubbliku fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.	3. Il-president tal-kumitat responsabbli għandu jagħżel id-data għas-smigħ pubbliku fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.
4. Il-kumitat responsabbli għandu jorganizza s-smigħ pubbliku fil-Parlament, jekk ikun il-każ flimkien mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħrajn tal-Unjoni f'każ li juru x-xewqa li jipparteċipaw. Jista' jistieden lil partijiet interessati oħrajn biex jattendu.	4. Il-kumitat responsabbli għandu jorganizza s-smigħ pubbliku fil-Parlament, jekk ikun il-każ flimkien mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħrajn tal-Unjoni f'każ li juru x-xewqa li jipparteċipaw. Jista' jistieden lil partijiet interessati oħrajn biex jattendu.
Il-kumitat responsabbli għandu jistieden lil grupp rappreżentattiv tal-organizzaturi, inkluż tal-inqas waħda mill-persuni ta' kuntatt imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu3 (2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, biex tippreżenta l-inizjattiva fis-seduta ta' smigħ.	Il-kumitat responsabbli għandu jistieden lil grupp rappreżentattiv tal-organizzaturi, inkluż tal-inqas waħda mill-persuni ta' kuntatt imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu3 (2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, biex tippreżenta l-inizjattiva fis-seduta ta' smigħ.
5. Il-Bureau għandu, skont l-arranġamenti maqbulha mal-Kummissjoni, jadotta regoli dwar ir-rimborż ta' spejjeż imġarrba.	5. Il-Bureau għandu, skont l-arranġamenti maqbulha mal-Kummissjoni, jadotta regoli dwar ir-rimborż ta' spejjeż imġarrba.
6. Il-President tal-Parlament u l-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jista' jiddelega s-setgħat tagħhom fil-qafas ta' dan l-Artikolu lil Viċi President jew president ieħor tal-kumitat rispettivament;	6. Il-President tal-Parlament u l-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jista' jiddelega s-setgħat tagħhom fil-qafas ta' dan l-Artikolu lil Viċi President jew president ieħor tal-kumitat rispettivament;
7. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 54 jew fl-Artikolu 55, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll mutatis mutandis għal kumitati oħrajn. ***L-Artikolu*** 201 ***għandu japplika wkoll***.	7. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 54 jew fl-Artikolu 55, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll mutatis mutandis għal kumitati oħrajn. ***L-Artikoli*** 201 ***u 201a għandhom japplikaw ukoll***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
L-Artikolu 25(9) ma għandux japplika għas-seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini.	L-Artikolu 25(9) ma għandux japplika għas-seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini.
	7a. Fil-każ li l-Kummissjoni tonqos milli tressaq proposta għal att legali dwar inizjattiva taċ-ċittadini li tkun tressqet lilha b'suċċess skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 fi żmien perjodu ta' tnax-il xahar wara li tkun ħarġet opinjoni pożittiva dwarha u spjegat f'komunikazzjoni l-azzjoni li għandha l-ħsieb li tieħu, il-kumitat responsabbli jista' jorganizza seduta ta' smigħ b'konsultazzjoni mal-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini u jekk ikun meħtieġ jattiva l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46 bil-ħsieb li jeżerċita d-dritt tal-Parlament li jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta xierqa.

Emenda 238

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 212

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 212	Artikolu 212
Twaqqif u dmirijiet ta' delegazzjonijiet interparlamentari	Twaqqif u dmirijiet ta' delegazzjonijiet interparlamentari
1. Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf delegazzjonijiet interparlamentari permanenti u, filwaqt li jqis id-dmirijiet tagħhom, jiddeċiedi dwar in-natura tagħhom u dwar in-numru ta' membri li jiffurmawhom. Il-membri għandhom ***ikunu eletti*** matul ***fl-ewwel*** jew ***fit-tieni*** sessjoni parzjali wara li l-Parlament jerġa' jiġi elett u l-elezzjoni tagħhom tkun tgħodd ***għal-leġislatura*** shiħa.	1. Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf delegazzjonijiet interparlamentari permanenti u, filwaqt li jqis id-dmirijiet tagħhom, jiddeċiedi dwar in-natura tagħhom u dwar in-numru ta' membri li jiffurmawhom. Il-membri għandhom ***jinħatru mill-gruppi politiċi u mill-Membri mhux affiljati*** matul ***l-ewwel*** jew ***it-tieni*** sessjoni parzjali wara li l-Parlament jerġa' jiġi elett u l-elezzjoni tagħhom tkun tgħodd ***għal-leġislatura*** shiħa.
2. ***Membri tad-delegazzjonijiet*** għandhom ***ikunu eletti wara li jiġu ppreżentati nominazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti mill-gruppi*** politiċi u ***l-Membri mhux affiljati. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta lill-Parlament proposti maħsuba sabiex jiżguraw*** li ***jkun hemm, sa fejn ikun possibbli, rappreżentazzjoni ġusta*** ta' ***l-Istati Membri u ta' fehmiet politiċi***. L-Artikolu 199***(2), (3), (5) u (6) għandu japplika***.	2. ***Il-gruppi politiċi*** għandhom ***jiżguraw sa fejn hu possibbli li l-Istati Membri, il-fehmiet*** politiċi u ***l-ġeneri huma rrappreżentati b'mod ġust. Ma għandux ikun possibbli*** li ***aktar minn terz tal-membri*** ta' ***delegazzjoni jkollhom l-istess nazzjonalità***. L-Artikolu 199 ***għandu japplika mutatis mutandis***.
3. Il-Bureaux tad-delegazzjonijiet għandhom jitwaqqfu skond il-proċedura stabbilita għall-kumitati permanenti skond l-Artikolu 204.	3. Il-bureaux tad-delegazzjonijiet għandhom jitwaqqfu skond il-proċedura stabbilita għall-kumitati permanenti skond l-Artikolu 204.
4. Il-Parlament għandu jistabbilixxi s-setgħat ġenerali tad-delegazzjonijiet individwali. Huwa jista' f'kull ħin jiddeċiedi li jżid jew inaqqas dawn is-setgħat.	4. Il-Parlament għandu jistabbilixxi s-setgħat ġenerali tad-delegazzjonijiet individwali. Huwa jista' f'kull ħin jiddeċiedi li jżid jew inaqqas dawn is-setgħat.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa sabiex id-delegazzjonijiet ikunu jistgħu ***iwettqu*** xogħolhom għandhom ikunu adottati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet.	5. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa sabiex id-delegazzjonijiet ikunu jistgħu ***jwettqu*** xogħolhom għandhom ikunu adottati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet.
6. Il-president ta' delegazzjoni għandu ***jippreżenta rapport*** dwar l-attivitajiet tad-delegazzjoni lill-kumitat responsabbli mill-affarijiet barranin ***u s-sigurtà***.	6. Il-president ta' delegazzjoni għandu ***jirrapporta lura b'mod regolari*** dwar l-attivitajiet tad-delegazzjoni lill-kumitat responsabbli ***għall***-affarijiet barranin.
7. Il-president ta' delegazzjoni għandha tingħatalu l-opportunità li jinstema' minn kumitat meta fl-aġenda jkun hemm xi punt li jkollu x'jaqsam mal-qasam ta' responsabilità tad-delegazzjoni. L-istess għandu jgħodd f'laqgħat ta' xi delegazzjoni għall-president jew għar-rapporteur ta' dak il-kumitat.	7. Il-president ta' delegazzjoni għandha tingħatalu l-opportunità li jinstema' minn kumitat meta fl-aġenda jkun hemm xi punt li jkollu x'jaqsam mal-qasam ta' responsabilità tad-delegazzjoni. L-istess għandu jgħodd f'laqgħat ta' xi delegazzjoni għall-president jew għar-rapporteur ta' dak il-kumitat.

Emenda 239

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 213

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu ***213***	Artikolu ***214a***
Koperazzjoni ***ma' l-Assemblea*** Parlamentari tal-Kunsill ***ta' l-Ewropa***	Koperazzjoni ***mal-Assemblea*** Parlamentari tal-Kunsill ***tal-Ewropa***
1. Il-korpi tal-Parlament, b'mod partikulari l-kumitati, għandhom jikkoperaw f'oqsma ta' interess komuni mal-korpi korrispondenti fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ***ta' l***-Ewropa bil-għan, partikulari li jtejbu l-effiċjenza f'xogħolhom u jevitaw ***d***-duplikazzjoni ***ta' l***-isforzi tagħhom.	1. Il-korpi tal-Parlament, b'mod partikulari l-kumitati, għandhom jikkoperaw f'oqsma ta' interess komuni mal-korpi korrispondenti fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ***tal***-Ewropa bil-għan, partikulari li jtejbu l-effiċjenza f'xogħolhom u jevitaw ***id***-duplikazzjoni ***tal***-isforzi tagħhom.
2. Il-Konferenza tal-Presidenti, bi qbil ***ma' l***-awtoritajiet kompetenti ***ta' l***-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ***ta' l-Ewropa***, għandha tiddeċiedi dwar l-arranġamenti ***għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożsizzjonijiet***.	2. Il-Konferenza tal-Presidenti, bi qbil ***mal***-awtoritajiet kompetenti ***tal***-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ***tal***-Ewropa, għandha tiddeċiedi dwar l-arranġamenti ***għal dik il-kooperazzjoni***.
	(Dan l-Artikolu kif emendat għandu jitmexxa biex jiġi wara l-Artikolu 214.)

Emenda 240

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 214

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 214	Artikolu 214
Kumitati parlamentari konġunti	Kumitati parlamentari konġunti
1. Il-Parlament Ewropew jista' jwaqqaf kumitati parlamentari konġunti mal-parlamenti ta' Stati assoċjati ***mal- Unjoni*** jew ta' Stati li magħhom ikunu bdew negozjati għall-adeżjoni.	1. Il-Parlament Ewropew jista' jwaqqaf kumitati parlamentari konġunti mal-parlamenti ta' Stati assoċjati ***mal-Unjoni*** jew ta' Stati li magħhom ikunu bdew negozjati għall-adeżjoni.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Dawn il-kumitati jistgħu jħejju rakkomandazzjonijiet għall-Parlamenti involuti. Fil-każ tal-Parlament Ewropew, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitpoġġew quddiem il-kumitat responsabbli, li għandu jressaq proposti dwar x'azzjoni għandha tittieħed.	Dawn il-kumitati jistgħu jħejju rakkomandazzjonijiet għall-Parlamenti involuti. Fil-każ tal-Parlament Ewropew, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitpoġġew quddiem il-kumitat responsabbli, li għandu jressaq proposti dwar x'azzjoni għandha tittieħed.
2. Ir-responsabilitajiet ġenerali tad-diversi kumitati parlamentari konġunti għandhom jiġu stabbiliti mill-Parlament Ewropew ***u skond il-ftehima*** mal-pajjiżi terzi.	2. Ir-responsabilitajiet ġenerali tad-diversi kumitati parlamentari konġunti għandhom jiġu stabbiliti mill-Parlament Ewropew***, b'konformità mal-ftehimiet*** mal-pajjiżi terzi.
3. Kumitati parlamentari konġunti għandhom ikunu regolati mill-proċeduri stipulati fil-***ftehima kkonċernata***. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew u d-delegazzjoni tal-parlament involut.	3. ***Il***-kumitat***i*** parlamentari konġunti għandhom ikunu regolati mill-proċeduri stipulati fil-***ftehim rilevanti***. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew u d-delegazzjoni tal-parlament involut.
4. Kumitati parlamentari konġunti għandhom iħejju r-regoli ta' proċedura tagħhom u jippreżentawhom għall-approvazzjoni ***tal-Bureau tal-Parlament*** Ewropew u ***tal-Parlament*** involut.	4. ***Il***-kumitati parlamentari konġunti għandhom iħejju r-regoli ta' proċedura tagħhom ***stess*** u jippreżentawhom għall-approvazzjoni***, fi ħdan il-Parlament*** Ewropew ***lill-Bureau tiegħu,*** u ***fi ħdan il-parlament*** involut ***tal-pajjiż terz lill-korp rilevanti ta' dan tal-aħħar***.
5. L-elezzjoni tal-membri ta' delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal kumitati parlamentari konġunti u l-kompożizzjoni tal-***Bureau*** ta' dawn id-delegazzjonijiet għandhom ikunu skond il-proċedura stabbilita għal delegazzjonijiet interparlamentari.	5. L-elezzjoni tal-membri ta' delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal kumitati parlamentari konġunti u l-kompożizzjoni tal-***bureau*** ta' dawn id-delegazzjonijiet għandhom ikunu ***skont*** il-proċedura stabbilita għal delegazzjonijiet interparlamentari.

Emenda 241

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 215

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 215	Artikolu 215
Dritt ta' Petizzjoni	Dritt ta' Petizzjoni
1. Kull ċittadin ***ta' l-Unjoni*** Ewropea u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jindirizzaw, b'mod individwali jew flimkien ma' ċittadini jew persuni oħrajn, petizzjoni lill-Parlament dwar xi kwistjoni li tkun taqa' fl-oqsma ta' attività ***ta' l-Unjoni*** Ewropea u li tkun taffettwahom direttament.	1. ***B'konformità mal-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** kull ċittadin ***tal-Unjoni*** Ewropea u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jindirizzaw, b'mod individwali jew flimkien ma' ċittadini jew persuni oħrajn, petizzjoni lill-Parlament dwar xi kwistjoni li tkun taqa' fl-oqsma ta' attività ***tal-Unjoni*** Ewropea u li tkun taffettwahom direttament.
2. Petizzjonijiet lill-Parlament għandhom juru l-isem***, innazzjonalità*** u l-indirizz permamenti ta' kull wieħed minn dawk li jkunu qed jagħmlu l-petizzjoni.	2. ***Il***-petizzjonijiet lill-Parlament għandhom juru l-isem u l-indirizz permamenti ta' kull wieħed minn dawk li jkunu qed jagħmlu l-petizzjoni.
	2a. Sottomissjonijiet lill-Parlament li juru biċ-ċar li mhumiex intenzjonati li jkunu petizzjoni ma għandhomx jiġu reġistrati bħala petizzjonijiet; minflok, għandhom jiġu mgħoddija mingħajr dewmien lis-servizz xieraq biex jiġu ttrattati ulterjorment.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Meta petizzjoni tkun iffirmata minn bosta persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-firmatarji għandhom jaħtru rappreżentant u viċi rappreżentanti li għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti għall-finijiet ta' dan it-Titolu.	3. Meta petizzjoni tkun iffirmata minn bosta persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-firmatarji għandhom jaħtru rappreżentant u viċi rappreżentanti li għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti għall-finijiet ta' dan it-Titolu.
Meta ma tkun saret l-ebda nominazzjoni bħal din, l-ewwel firmatarju jew persuna oħra xierqa għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti.	Meta ma tkun saret l-ebda nominazzjoni bħal din, l-ewwel firmatarju jew persuna oħra xierqa għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti.
4. Kull petizzjonant jista' fi kwalunkwe żmien jirtira ***l-appoġġ*** tiegħu ***għall-petizzjoni***.	4. Kull petizzjonant jista' fi kwalunkwe żmien jirtira ***l-firma*** tiegħu ***mill-petizzjoni***.
Wara l-irtirar tal-appoġġ mill-petizzjonanti kollha l-petizzjoni għandha ssir nulla u bla effett.	***Jekk il-petizzjonanti kollha jirtiraw il-firma tagħhom, il-*** petizzjoni għandha ssir nulla u bla effett.
5. Il-petizzjonijiet għandhom ikunu miktuba b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	5. Il-petizzjonijiet għandhom ikunu miktuba b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Petizzjonijiet miktuba b'xi lingwa oħra jkunu kkunsidrati biss jekk min jagħmel il-petizzjoni jkun hemeż traduzzjoni f'xi waħda mil-lingwi uffiċjali. Il-korrispondenza tal-Parlament ma' min jagħmel il-petizzjoni għandha tkun bil-lingwa uffiċjali li biha tkun miktuba t-traduzzjoni.	Petizzjonijiet miktuba b'xi lingwa oħra jkunu kkunsidrati biss jekk min jagħmel il-petizzjoni jkun hemeż traduzzjoni f'xi waħda mil-lingwi uffiċjali. Il-korrispondenza tal-Parlament ma' min jagħmel il-petizzjoni għandha tkun bil-lingwa uffiċjali li biha tkun miktuba t-traduzzjoni.
Il-Bureau jista' jiddeċiedi li l-petizzjonijiet u l-korrispondenza mal-petizzjonanti jistgħu jkunu abbozzati b'lingwi oħra li ***huma użati f' xi Stat Membru***.	Il-Bureau jista' jiddeċiedi li l-petizzjonijiet u l-korrispondenza mal-petizzjonanti jistgħu jkunu abbozzati b'lingwi oħra li***, skont l-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, igawdu minn status uffiċjali fit-territorju tiegħu kollu jew f'parti minnu***.
	5a. Il-petizzjonijiet jistgħu jitressqu jew bil-posta jew permezz tal-portal tal-Petizzjonijiet li għandu jsir disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament u li għandu jiggwida lill-petizzjonant biex jifformula l-petizzjoni b'tali mod li jkun konformi mal-paragrafi 1 u 2.
	5b. Meta jintlaqgħu ħafna petizzjonijiet dwar suġġett simili, dawn jistgħu jiġu ttrattati b'mod konġunt.
6. Petizzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'reġistru fl-ordni li fih jiġu rċevuti jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2; dawk li ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għandhom jiġu arkivjati, u min għamel il-petizzjoni għandu jingħata r-raġunijiet għal dan.	6. Petizzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'reġistru fl-ordni li fih jiġu rċevuti jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2; dawk li ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għandhom jiġu arkivjati, u min għamel il-petizzjoni għandu jingħata r-raġunijiet għal dan.
7. Petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli li għandu l-ewwel jistabbilixxi jekk il-petizzjoni tkunx ammissibbli ***jew le*** skont l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	7. Petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli li għandu l-ewwel jistabbilixxi jekk il-petizzjoni tkunx ammissibbli skont l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
Jekk il-kumitat responsabbli ma jilħaqx konsensus dwar l-ammissibilità tal-petizzjoni, din għandha tiġi ddikjarata ammissibbli jekk kemm-il darba jkun hemm talba f'das-sens minn mhux anqas minn ***kwart*** tal-membri tal-kumitat.	Jekk il-kumitat responsabbli ma jilħaqx konsensus dwar l-ammissibilità tal-petizzjoni, din għandha tiġi ddikjarata ammissibbli jekk kemm-il darba jkun hemm talba f'das-sens minn mhux anqas minn ***terz*** tal-membri tal-kumitat.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
8. Petizzjonijiet dikjarati inammissibbli mill-kumitat għandhom jiġu arkivjati; il-petizzjonant għandu jkun mgħarraf biddeċiżjoni u bir-raġunijiet li wasslu għaliha. Meta jkun possibbli, jistgħu jiġu rrakkomandati mezzi ta' riparazzjoni alternattivi.	8. Petizzjonijiet dikjarati inammissibbli mill-kumitat għandhom jiġu arkivjati; il-petizzjonant għandu jkun mgħarraf biddeċiżjoni u bir-raġunijiet li wasslu għaliha. Meta jkun possibbli, jistgħu jiġu rrakkomandati mezzi ta' riparazzjoni alternattivi.
9. Il-petizzjonijiet, ladarba jiddaħħlu fir-reġistru, għandhom ***bħala regola ġenerali jsiru*** dokumenti pubbliċi, u l-isem tal-petizzjonant kif ukoll il-kontenut tal-petizzjoni jistgħu jiġu ppubblikati mill-Parlament għal raġunijiet ta' trasparenza.	9. Il-petizzjonijiet, ladarba jiddaħħlu fir-reġistru, għandhom ***isiru*** dokumenti pubbliċi, u l-isem tal-petizzjonant***, tal-kopetizzjonanti possibbli u tas-sostenitur possibbli*** kif ukoll il-kontenut tal-petizzjoni jistgħu jiġu ppubblikati mill-Parlament għal raġunijiet ta' trasparenza. ***Il-petizzjonant, il-kopetizzjonanti u s-sostenituri għandhom jiġu mgħarrfa dwar dan.***
10. Minkejja ***d-dispożizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu*** 9 hawn fuq, il-***petizzjonant*** jista' jitlob li ismu ma jidhirx sabiex ***tkun imħarsa l-privatezza*** tiegħu, f'liema każ il-Parlament għandu jilqa' it-talba.	10. Minkejja ***l***-paragrafu 9 hawn fuq, il-petizzjonant***, kopetizzjonant jew sostenitur*** jista' jitlob li ismu ma jidhirx sabiex ***titħares il-privatezza*** tiegħu, f'liema każ il-Parlament għandu jilqa' it-talba.
Meta l-ilment tal-petizzjonant ma jkunx jista' jiġi investigat għal raġunijiet ta' anonomità, il-petizzjonant għandu jiġi kkonsultat rigward x'passi oħra jridu jkomplu jittieħdu.	Meta l-ilment tal-petizzjonant ma jkunx jista' jiġi investigat għal raġunijiet ta' anonomità, il-petizzjonant għandu jiġi kkonsultat rigward x'passi oħra jridu jkomplu jittieħdu.
	10a. Bl-għan li jipproteġi d-drittijiet ta' partijiet terzi, il-Parlament jista', fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba mill-parti terza kkonċernata, janonimizza petizzjoni u/jew data oħra li tkun tinsab fiha, jekk jara li jkun xieraq li jagħmel hekk.
11. ***Il-petizzjonant jista' jitlob li l-petizzjoni tiegħu (jew tagħha) tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali, f'liema każ għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet xierqa mill-Parlament biex jiġi żgurat illi l-kontenut ma jsirx pubbliku. Il-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf taħt liema kundizzjonijiet preċiżi għandha tapplika din id-dispożizzjoni.***	
12. ***Meta l-kumitat iqis li jkun il-każ, dan jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Ombudsman.***	
13. Petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li la jkunu ċittadini ***ta' l***-Unjoni Ewropea u lanqas ***jkunu*** residenti fi Stat Membru, u lanqas ma jkollhom l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, għandhom ikunu reġistrati u arkivjati separatament. Kull xahar, il-President għandu jibgħat rendikont ta' petizzjonijiet bħal dawn li jkunu waslu matul ix-xahar ta' qabel, liema rendikont għandu jindika s-suġġett ta' dawn il-petizzjonijiet, lill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet li jista' jitlob li jingħata dawk li jkun jixtieq jeżamina.	13. Petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li la jkunu ċittadini ***tal***-Unjoni Ewropea u lanqas ***ikunu*** residenti fi Stat Membru, u lanqas ma jkollhom l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, għandhom ikunu reġistrati u arkivjati separatament. Kull xahar, il-President għandu jibgħat rendikont ta' petizzjonijiet bħal dawn li jkunu waslu matul ix-xahar ta' qabel, liema rendikont għandu jindika s-suġġett ta' dawn il-petizzjonijiet, lill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet li jista' jitlob li jingħata dawk li jkun jixtieq jeżamina.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 242

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 216

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 216	Artikolu 216
Eżami ta' Petizzjonijiet	Eżami ta' Petizzjonijiet
1. Il-petizzjonijiet ammissibbli għandhom jiġu kkunsidrati mill-kumitat responsabbli waqt l-attività normali tiegħu, permezz ta' diskussjoni waqt laqgħa regolari jew permezz ta' proċedura bil-miktub. Il-petizzjonanti jistgħu jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat jekk tkun se tiġi diskussa l-petizzjoni tagħhom, jew inkella jistgħu jitolbu huma biex ikunu preżenti. Id-dritt tal-kelma għandu jingħata lill-petizzjonanti skont id-diskrezzjoni tal-president tal-kumitat.	1. Il-petizzjonijiet ammissibbli għandhom jiġu kkunsidrati mill-kumitat responsabbli waqt l-attività normali tiegħu, permezz ta' diskussjoni waqt laqgħa regolari jew permezz ta' proċedura bil-miktub. Il-petizzjonanti jistgħu jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat jekk tkun se tiġi diskussa l-petizzjoni tagħhom, jew inkella jistgħu jitolbu huma biex ikunu preżenti. Id-dritt tal-kelma għandu jingħata lill-petizzjonanti skont id-diskrezzjoni tal-president tal-kumitat.
2. Il-kumitat jista', għal dak li għandu x'jaqsam ma' petizzjoni ammissibbli, jiddeċiedi li ***jfassal rapport fuq inizjattiva proprja skont l-Artikolu 52(1) jew li*** jippreżenta ***mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni*** lill-Parlament, kemm-il darba ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti. Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni bħal dawn għandhom jitqiegħdu fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali li ssir mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkunu ġew adottati fil-kumitat. Għandha ssir votazzjoni waħdanija għalihom ***u għandhom ikunu wkoll mingħajr dibattitu ħlief jekk*** il-Konferenza tal-Presidenti ***ma tiddeċidix b'mod eċċezzjonali*** li tapplika l-Artikolu 151.	2. Il-kumitat jista', għal dak li għandu x'jaqsam ma' petizzjoni ammissibbli, jiddeċiedi li ***jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni qasira*** lill-Parlament, kemm-il darba ***l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tkun mgħarrfa minn qabel u*** ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti. Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni bħal dawn għandhom jitqiegħdu fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali li ssir mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkunu ġew adottati fil-kumitat. Għandha ssir votazzjoni waħdanija għalihom. Il-Konferenza tal-Presidenti ***tista' tipproponi*** li tapplika l-Artikolu 151***, u fin-nuqqas ta' dan għandhom jiġu adottati mingħajr dibattitu***.
Il-kumitat jista' jitlob opinjonijiet mingħand kumitati oħra li għandhom responsabilità speċifika għall-kwistjoni li tkun qed tiġi meqjusa skond l-Artikolu 53 u l-Anness VI.	
3. Meta ***r-rapport jittratta***, b'mod partikolari, l-applikazjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jew xi tibdil propost għal-liġi eżistenti, il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jiġi assoċjat skont l-Artikolu 53***(1)*** u ***l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu*** 54. Il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni suġġerimenti għal partijiet tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li jaslu mingħand il-kumitat responsabbli għas-suġġett u li jittrattaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew xi tibdil għal-liġi eżistenti. Jekk il-kumitat responsabbli ma jaċċettax dawn is-suġġerimenti, il-kumitat assoċjat jista' ***jqiegħdhom*** direttament fuq il-Mejda fil-plenarja.	3. Meta ***l-kumitat ikollu l-ħsieb li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja skont l-Artikolu 52(1) fir-rigward ta' petizzjoni ammissibbli u li tkun tittratta***, b'mod partikolari, l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jew xi tibdil propost għal-liġi eżistenti, il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jiġi assoċjat skont l-Artikolu 53 u ***l-Artikolu*** 54. Il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni suġġerimenti għal partijiet tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li jaslu mingħand il-kumitat responsabbli għas-suġġett u li jittrattaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew xi tibdil għal-liġi eżistenti. Jekk il-kumitat responsabbli ma jaċċettax dawn is-suġġerimenti, il-kumitat assoċjat jista' ***jqegħidhom*** direttament fuq il-Mejda fil-plenarja.
4. ***Għandu jitwaqqaf reġistru elettroniku li fih iċ-ċittadini jkunu*** jistgħu jagħtu jew jirtiraw l-appoġġ tagħhom ***lill-petiżżjonant, billi jpoġġu l-firma elettronika tagħhom fuq petizzjonijiet*** li ***jkunu ġew dikjarati ammissibbli u li jkunu ddaħħlu fir-reġistru***.	4. ***Il-firmatarji*** jistgħu jagħtu ***appoġġ*** jew jirtiraw l-appoġġ tagħhom ***minn petizzjoni ammissibbli fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet*** li ***għandu jsir disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. ***Meta jkun qed jinvestiga petizzjonijiet, jistabbilixxi fatti jew ifittex soluzzjonijiet il-kumitat jista' jorganizza żjarat sabiex jinstabu l-fatti fl-Istat Membru jew fir-reġjun konċernat mill-petizzjoni.***	
Ir-rapporti dwar iż-żjarat għandhom jiġu abbozzati minn min jieħu sehem fihom. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu mgħoddija lill-President wara l-approvazzjoni tal-kumitat.	
Żjarat għall-ġbir tal-fatti u r-rapporti dwar dawk iż-żjarat huma mmirati biss biex jipprovdu lill-Kumitat bit-tagħrif mitlub sabiex ikun jista' jqis il-petizzjoni b'mod ulterjuri. Tali rapporti huma abbozzati taħt ir-responsabbiltà esklussiva tal-parteċipanti fiż-żjara, li għandhom ifittxu li jilħqu konsensus. Jekk dan ma jintlaħaqax, ir-rapport għandu jistabbilixxi s-sejbiet diverġenti tal-fatti jew tal-valutazzjonijiet. Ir-rapport jiġi sottomess lill-Kumitat għall-approvazzjoni tiegħu permezz ta' vot wieħed, sakemm il-President ma jiddikjarax, fejn xieraq, li l-emendi jistgħu jitressqu għal partijiet tar-rapport. L-Artikolu 56 ma japplikax għal dawn ir-rapporti, la direttament u lanqas mutatis mutandis. Fil-każ li l-Kumitat ma japprovahomx, ir-rapporti ma għandhomx jiġu mgħoddija lill-President.	
6. Il-kumitat jista' jitlob l-għajnuna tal-Kummissjoni, b'mod partikulari permezz ta' tagħrif dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew dwar il-konformità magħha, u permezz ta' kull tagħrif jew dokumenti li jkunu relevanti għall-petizzjoni. Għandhom jiġu mistiedna rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jattendu l-laqgħat tal-kumitat.	6. Il-kumitat jista' jitlob l-għajnuna tal-Kummissjoni, b'mod partikulari permezz ta' tagħrif dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew dwar il-konformità magħha, u permezz ta' kull tagħrif jew dokumenti li jkunu relevanti għall-petizzjoni. Għandhom jiġu mistiedna rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jattendu l-laqgħat tal-kumitat.
7. Il-kumitat jista' jitlob lill-President biex jgħaddi l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Kunsill jew lill-awtorità kkonċernata tal-Istat Membru għal azzjoni jew tweġiba.	7. Il-kumitat jista' jitlob lill-President biex jgħaddi l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Kunsill jew lill-awtorità kkonċernata tal-Istat Membru għal azzjoni jew tweġiba.
8. Il-kumitat għandu ***jgħarraf*** lill-Parlament kull ***sitt xhur*** dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.	8. Il-kumitat għandu ***jirrapporta*** lill-Parlament kull ***sena*** dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu ***u, fejn ikun xieraq, dwar il-miżuri meħuda mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni dwar il-petizzjonijiet riferuti lilhom mill-Parlament***.
Il-kumitat jista', b'mod partikulari, jgħarraf lill-Parlament bil-miżuri meħuda mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni dwar petizzjonijiet riferuti lilhom mill-Parlament.	
Il-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni meħuda mill-kumitat u għandu jingħata r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.	
Meta l-konsiderazzjoni ta' petizzjoni ammissibbli tintemm, din għandha tiġi ddikjarata magħluqa ***u l-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf***.	Meta l-konsiderazzjoni ta' petizzjoni ammissibbli tintemm, din għandha tiġi ddikjarata magħluqa ***b'deċiżjoni tal-kumitat***.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	9a. Il-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjonijiet rilevanti kollha meħuda mill-kumitat u għandu jingħata r-raġunijiet għal dawk id-deċiżjonijiet.
	9b. Petizzjoni tista' terġa' tinfetaħ b'deċiżjoni tal-kumitat, jekk ikunu nġabu għall-attenzjoni tiegħu fatti ġodda rilevanti relatati mal-petizzjoni u l-petizzjonant jitlob li dan isir.
	9c. B'maġġoranza tal-membri tiegħu, il-kumitat għandu jadotta linji gwida għat-trattament tal-petizzjonijiet skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Emenda 243

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 216a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 216a
	Żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni
	1. ***Meta jkun qed jinvestiga l-petizzjonijiet, jistabbilixxi l-fatti jew ifittex soluzzjonijiet il-kumitat jista' jorganizza żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat mill-petizzjonijiet ammissibbli li jkun diġà sar dibattitu dwarhom fil-kumitat. Bħala regola ġenerali, iż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni għandhom ikopru kwistjonijiet li jitqajmu f'ħafna petizzjonijiet. Għandhom japplikaw ir-Regoli tal-Bureau li jirregolaw id-delegazzjonijiet tal-kumitati fi ħdan l-Unjoni Ewropea.***
	2. ***Il-Membri eletti fl-Istat Membru destinatarju ma għandhomx ikunu parti mid-delegazzjoni. Huma jistgħu jitħallew jakkumpanjaw id-delegazzjoni taż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni f'kapaċità ex officio.***
	3. ***Wara kull żjara, għandu jitfassal rapport dwar il-missjoni mill-membri uffiċjali tad-delegazzjoni. Il-Kap tad-delegazzjoni għandu jikkoordina t-tfassil tar-rapport u għandu jfittex il-kunsens dwar il-kontenut tiegħu fost il-membri uffiċjali fuq livell ekwu. Jekk tali kunsens ma jinstabx, ir-rapport tal-missjoni għandu jispjega l-valutazzjonijiet diverġenti.***
	Il-Membri li jkunu qed jieħdu sehem fid-delegazzjoni ex officio ma għandhomx jipparteċipaw fit-tfassil tar-rapport.
	4. ***Ir-rapport tal-missjoni, inkluži rakkomandazzjonijiet possibbli, għandu jitressaq lill-kumitat. Il-Membri jistgħu jressqu emendi għar-rakkomandazzjonijiet, iżda mhux għall-partijiet tar-rapport li jirrigwardaw il-fatti stabbiliti mid-delegazzjoni.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-kumitat għandu l-ewwel jivvota fuq l-emendi għar-rakkomandazzjonijiet, jekk ikun hemm, imbagħad fuq ir-rapport tal-missjoni fis-sħuħija tiegħu.
	Ir-rapport tal-missjoni, jekk jiġi approvat, għandu jintbagħat lill-President għal raġunijiet ta' informazzjoni.

Emenda 244

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 217

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 217	Artikolu 217
Notifika ta' petizzjonijiet	Notifika ta' petizzjonijiet
1. Għandha ssir notifika fil-Parlament dwar il-petizzjonijiet li jkunu ddaħħlu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 215(6) u dwar id-deċiżjonijiet prinċipali li jikkonċernaw il-proċedura li għandha tiġi segwita f'petizzjonijiet speċifiċi. Dawn in-notifikazzjonijiet għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-proċeduri.	1. Għandha ssir notifika fil-Parlament dwar il-petizzjonijiet li jkunu ddaħħlu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 215(6) u dwar id-deċiżjonijiet prinċipali li jikkonċernaw il-proċedura li għandha tiġi segwita f'petizzjonijiet speċifiċi. Dawn in-notifikazzjonijiet għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-proċeduri.
2. It-titlu u l-ġabra fil-qosor tat-test tal-petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru, flimkien mat-testi ***ta' l***-opinjonijiet u tad-deċiżjonijiet l-aktar importanti li jitressqu b'konnessjoni ***ma' l***-eżami tal-petizzjonijiet, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***f'database, kemm-il darba min jagħmel il-petizzjoni jaqbel*** li ***dan isir. Petizzjonijiet kunfidenzjali għandhom jinżammu fl-arkivji*** tal-Parlament ***fejn ikunu għad-dispożizzjoni tal-Membri li jridu jikkonsultawhom***.	2. It-titlu u l-ġabra fil-qosor tat-test tal-petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru, flimkien mat-testi ***tal***-opinjonijiet u tad-deċiżjonijiet l-aktar importanti li jitressqu b'konnessjoni ***mal***-eżami tal-petizzjonijiet, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet*** li ***għandu jsir disponibbli fuq is-sit web*** tal-Parlament.

Emenda 245

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 218

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 218	Artikolu 218
Inizjattiva taċ-ċittadini	Inizjattiva taċ-ċittadini
Meta l-Parlament ikun mgħarraf li l-Kummissjoni tkun ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal att legali skont l-Artikolu 11 (4) tat-Trattat UE u b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jaċċerta ruħu jekk din il-ħaġa tistax taffettwa l-ħidma tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, għandu jgħarraf lil dawk il-petizzjonanti li jkunu indirizzaw il-petizzjonijiet dwar suġġetti relatati.	1. Meta l-Parlament ikun mgħarraf li l-Kummissjoni tkun ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal att legali skont l-Artikolu 11 (4) tat-Trattat UE u b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jaċċerta ruħu jekk din il-ħaġa tistax taffettwa l-ħidma tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, għandu jgħarraf lil dawk il-petizzjonanti li jkunu indirizzaw il-petizzjonijiet dwar suġġetti relatati.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-proposti għal inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu ġew reġistrati b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, iżda li ma jistgħux jitressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament minħabba li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati ma ġewx rispettati, jistgħu jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet jekk dan iqis xieraq li jingħata segwitu. L-Artikoli 215, 216 u 217 għandhom japplikaw mutatis mutandis.	2. Il-proposti għal inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu ġew reġistrati b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, iżda li ma jistgħux jitressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament minħabba li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati ma ġewx rispettati, jistgħu jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet jekk dan iqis xieraq li jingħata segwitu. L-Artikoli 215, 216***, 216a*** u 217 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

Emenda 246

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 219

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 219	Artikolu 219
Elezzjoni tal-Ombudsman	Elezzjoni tal-Ombudsman
1. Fil-bidu ta' kull leġislatura***, minnufih wara l-elezzjoni tal-President*** jew ***fil-każi imsemmija fil-paragrafu 8***, il-President għandu jsejjaħ għal nominazzjonijiet għall-uffiċċju ***ta' l-Ombudsman*** u għandu jagħti żmien sa meta jistgħu jiġu ppreżentati. Avviż li jsejjaħ għal nominazzjonijiet għandu jkun ippubblikat ***fil-Ġurnal*** Uffiċjali ***ta' l-Unjoni*** Ewropea.	1. Fil-bidu ta' kull leġislatura ***jew fil-każ tal-mewt, ir-riżenja*** jew ***it-tneħħija mill-kariga tal-Ombudsman***, il-President għandu jsejjaħ għal nominazzjonijiet għall-uffiċċju ***tal-Ombudsman*** u għandu jagħti ***limitu ta'*** żmien sa meta jistgħu jiġu ppreżentati. Avviż li jsejjaħ għal nominazzjonijiet għandu jkun ippubblikat ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali ***tal-Unjoni*** Ewropea.
2. In-nominazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn erbgħin Membru li jkollhom nazzjonalità` ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri.	2. In-nominazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn erbgħin Membru li jkollhom nazzjonalità` ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri.
Kull membru jista' jappoġġja biss nominazzjoni waħda.	Kull membru jista' jappoġġja biss nominazzjoni waħda.
In-nominazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b'mod ċert li l-persuna nominata tissodisfa l-kundizzjonijiet ***mitluba mir-Regolamenti*** dwar ***l-Ombudsman***.	In-nominazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b'mod ċert li l-persuna nominata tissodisfa l-kundizzjonijiet ***stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew*** dwar ***ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman***.
3. In-nominazzjonijiet għandhom jitressqu quddiem il-kumitat responsabbli***, li jista' jitlob*** li ***jisma'*** lill-persuni nominati.	3. In-nominazzjonijiet għandhom jitressqu quddiem il-kumitat responsabbli***. Lista sħiħa tal-Membri*** li ***jkunu taw l-appoġġ tagħhom*** lill-persuni nominati ***għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta jkun il-waqt***.
Dan is-smiegħ għandu jkun miftuħ għall-Membri kollha.	
	3a. Il-kumitat responsabbli jista' jitlob li jisma' lill-persuni nominati. Dan is-smiegħ għandu jkun miftuħ għall-Membri kollha.
4. Il-Parlament imbagħad għandu jivvota biex japprova lista ta' nominazzjonijiet ammissibbli f'ordni alfabetiku.	4. Il-Parlament imbagħad għandu jivvota biex japprova lista ta' nominazzjonijiet ammissibbli f'ordni alfabetiku.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. ***Il-votazzjoni għandha ssir b'vot sigriet fuq il-bażi ta' maġġoranza*** tal-voti mitfugħa.	5. ***L-Ombudsman għandu jiġi elett b'maġġoranza*** tal-voti mitfugħa.
Jekk ebda kandidat ma jkun elett wara l-ewwel żewġ votazzjonijiet, ikomplu jikkontestaw biss iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tieni votazzjoni.	Jekk ebda kandidat ma jkun elett wara l-ewwel żewġ votazzjonijiet, ikomplu jikkontestaw biss iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tieni votazzjoni.
Fil-każ ta' voti ndaqs għandu jinħatar l-aktar membru anzjan.	Fil-każ ta' voti ndaqs għandu jinħatar l-aktar membru anzjan.
6. Qabel ma tinfetaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li jkunu preżenti mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament.	6. Qabel ma tinfetaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li jkunu preżenti mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament.
7. ***Il-persuna eletta għandha tissejjaħ minnufih sabiex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.***	
8. L-Ombudsman għandu jeżerċita d-dmirijiet tiegħu sakemm is-suċċessur tiegħu jieħu l-kariga, ħlief fil-każ ta' mewt jew ta' tneħħija mill-kariga.	8. L-Ombudsman għandu jeżerċita d-dmirijiet tiegħu sakemm is-suċċessur tiegħu jieħu l-kariga, ħlief fil-każ ta' mewt jew ***tat***-tneħħija mill-kariga.

Emenda 247

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 220

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 220	Artikolu 220
Attivitajiet ***ta' l***-Ombudsman	Attivitajiet ***tal***-Ombudsman
1. ***Id-deċiżjoni dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dik id-deċiżjoni kif adottata mill-Ombudsman huma annessi għall-informazzjoni ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*** ([25]).	
2. ***L-Ombudsman għandu, skond l-Artikolu 3(6) u (7) tad-deċiżjoni hawn fuq imsemmija, jinforma lill-Parlament dwar każi*** ta' amministrazzjoni ħażina li ***dwarhom il-kumitat responsabbli jkun jista' jagħmel rapport. L-Ombudsman għandu wkoll,*** skont l-Artikolu 3(***8***) ***ta' dik id-deċiżjoni***, ***jippreżenta rapport lill-Parlament*** fi tmiem kull sessjoni annwali dwar ir-riżultat ***ta' l***-inkjesti tiegħu. ***Il-Kumitat responsabbli għandu jagħmel*** rapport ***dwar dan li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament sabiex isir dibattitu fuqu***.	2. ***Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina l-każi*** ta' amministrazzjoni ħażina li ***bihom ikun ġie mgħarraf mill-Ombudsman*** skont l-Artikolu 3(***6***) ***u (7) tad-Deċiżjoni 94/262/KEFA***, ***KE, Euratom u jista' jfassal*** rapport ***skont l-Artikolu 52***.
	Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina r-rapport imressaq mill-Ombudsman fi tmiem kull sessjoni annwali dwar ir-riżultat ***tal***-inkjesti tiegħu***, skont l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom u jista' jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament jekk iqis li l-Parlament jeħtieġ li jieħu pożizzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe aspett ta' dak ir-rapport.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. L-Ombudsman jista' wkoll jagħti tagħrif lill-kumitat responsabbli fuq talba ta' dan ***ta' l***-aħħar, jew jinstema' mill-istess kumitat fuq inizjattiva tiegħu.	3. L-Ombudsman jista' wkoll jagħti tagħrif lill-kumitat responsabbli fuq talba ta' dan ***tal***-aħħar, jew jinstema' mill-istess kumitat fuq inizjattiva tiegħu.

([25]) ***Ara l-Anness X.***

Emenda 248

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 221

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 221	Artikolu 221
Tneħħija ***ta' l-Ombudsman***	Tneħħija ***tal-Ombudsman***
1. Parti waħda minn għaxra tal-Membri ***kollha tal***-Parlament tista' tagħmel talba għat-tneħħija ***ta' l***-Ombudsman jekk ma jkunx jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġ biex jaqdi dmirijietu jew jekk ikun ħati ta' ***mġieba*** ħażina serja.	1. Parti waħda minn għaxra tal-Membri ***li jagħmlu parti mill***-Parlament tista' tagħmel talba għat-tneħħija ***tal***-Ombudsman jekk ma jkunx jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġ biex jaqdi dmirijietu jew jekk ikun ħati ta' ***mġiba*** ħażina serja. ***Meta tali talba għat-tneħħija tal-Ombudsman tkun ġiet ivvotata fix-xahrejn preċedenti, tista' titressaq waħda ġdida biss minn wieħed minn kull ħamsa mill-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.***
2. It-talba għandha tintbagħat lill-Ombudsman u lill-kumitat responsabbli li, jekk jiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tiegħu li r-raġunijiet huma fondati, għandu jippreżenta rapport lill-Parlament. Jekk jitlob li ***jintema'***, l-Ombudsman għandu jinstema' qabel ma jittieħed vot fuq ir-rapport. Il-Parlament għandu, wara li jsir dibattitu, jieħu deċiżjoni permezz ta' vot sigriet.	2. It-talba għandha tintbagħat lill-Ombudsman u lill-kumitat responsabbli li, jekk jiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tiegħu li r-raġunijiet huma fondati, għandu jippreżenta rapport lill-Parlament. Jekk jitlob li ***jinstema'***, l-Ombudsman għandu jinstema' qabel ma jittieħed vot fuq ir-rapport. Il-Parlament għandu, wara li jsir dibattitu, jieħu deċiżjoni permezz ta' vot sigriet.
3. Qabel ma jiftaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li nofs il-membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti.	3. Qabel ma jiftaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li nofs il-membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti.
4. Jekk il-vot ikun favur it-tneħħija ***ta' l***-Ombudsman u dan ma jirriżenjax wara l-vot, il-President għandu, sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li taħbat wara dik s-sessjoni li fiha jkun ittieħed il-vot, jagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex l-Ombudsman jitneħħa flimkien ma' talba sabiex tingħata deċiżjoni mingħajr dewmien.	4. Jekk il-vot ikun favur it-tneħħija ***tal***-Ombudsman u dan ma jirriżenjax wara l-vot, il-President għandu, sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li taħbat wara dik s-sessjoni li fiha jkun ittieħed il-vot, jagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex l-Ombudsman jitneħħa flimkien ma' talba sabiex tingħata deċiżjoni mingħajr dewmien.
Ir-riżenja ***ta' l***-Ombudsman ġġib fi tmiemha ***il***-proċedura.	Ir-riżenja ***tal***-Ombudsman ***għandha*** ġġib fi tmiemha ***l***-proċedura.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 249

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 222

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 222	Artikolu 222
Segretarjat	Segretarjat
1. Il-Parlament għandu jkun megħjun minn Segretarju Ġenerali maħtur mill-Bureau.	1. Il-Parlament għandu jkun megħjun minn Segretarju Ġenerali maħtur mill-Bureau.
Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħmel dikjarazzjoni solenni quddiem il-Bureau li jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'mod kuxjenzjuż u b'imparzjalità assoluta.	Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħmel dikjarazzjoni solenni quddiem il-Bureau li jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'mod kuxjenzjuż u b'imparzjalità assoluta.
2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jmexxi Segretarjat li l-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tiegħu għandhom ikunu stabbiliti mill-Bureau.	2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jmexxi Segretarjat li l-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tiegħu għandhom ikunu stabbiliti mill-Bureau.
3. Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-organingramma tas-Segretarjat u r-regolamenti li jirrigwardaw is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ta' uffiċjali u impjegati oħra.	3. Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-organingramma tas-Segretarjat u r-regolamenti li jirrigwardaw is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ta' uffiċjali u impjegati oħra.
Il-Bureau għandu wkoll jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra li għalihom japplikaw, b'mod sħiħ jew f'parti minnhom, l-Artikoli 11 sa 13 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.	
Il-President tal-Parlament għandu jinforma b'dan lill-istituzzjonijiet relevanti ***ta' l-***Unjoni Ewropea.	Il-President tal-Parlament għandu jinforma b'dan lill-istituzzjonijiet relevanti ***tal-***Unjoni Ewropea.

Emenda 250

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Titolu 12 – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
TITOLU XII	TITOLU XII
SETGĦAT U RESPONSABBILTAJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PARTITI POLITIĊI ***FIL-LIVELL EWROPEW***	SETGĦAT U RESPONSABBILTAJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PARTITI POLITIĊI ***EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 251

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 223

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 223	***imħassar***
Setgħat u Responsabbiltajiet tal-President	
Il-President għandu jirrappreżenta l-Parlament fir-relazzjonijiet tiegħu mal-partiti politiċi fil-livell Ewropew, skont l-Artikolu 22(4).	

Emenda 252

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 223a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 223a ([1a])
Setgħat u responsabbiltajiet li jikkonċernaw il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej	1. ***Meta, skont l-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, il-Parlament jiddeċiedi li jirriserva għalih innifsu d-dritt li jawtorizza n-nefqa, huwa għandu jaġixxi permezz tal-Bureau tiegħu.***
	Fuq din il-bażi, il-Bureau għandu jkun kompetenti biex jadotta deċiżjonijiet skont l-Artikoli 17, 18, 24, 27(3) u 30 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.
	Id-deċiżjonijiet individwali adottati mill-Bureau abbażi ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu ffirmati mill-President f'ismu u għandhom jiġu nnotifikati lill-applikant jew lill-benefiċjarju skont l-Artikolu 297 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjonijiet individwali għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 ta' dak it-Trattat.
	Il-Bureau jista', fi kwalunkwe ħin, jikkonsulta l-Konferenza tal-Presidenti.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2. ***Fuq talba ta' kwart mill-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament li jkunu jirrappreżentaw minn tal-inqas tliet gruppi politiċi, il-Parlament għandu jivvota dwar id-deċiżjoni li ssir talba, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, lill-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej biex tivverifika jekk partit politiku Ewropew irreġistrat jew fondazzjoni politika Ewropea rreġistrata jkunux konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.***
	3. ***Fuq talba ta' kwart mill-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament li jkunu jirrappreżentaw minn tal-inqas tliet gruppi politiċi, il-Parlament għandu jivvota dwar proposta għal deċiżjoni motivata biex issir oġġezzjoni, skont l-Artikolu 10 (4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, għad-deċiżjoni tal-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li thassar ir-reġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea fi żmien tliet xhur mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni.***
	Il-kumitat responsabbli għandu jressaq proposta għal deċiżjoni motivata. Jekk din il-proposta tiġi miċħuda, għandu jitqies li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni kuntrarja.
	4. ***Abbażi ta' proposta mill-kumitat responsabbli, il-Konferenza tal-Presidenti għandha taħtar żewġ membri tal-kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.***

([1a]) ***L-Artikolu 223a kif imdaħħal għandu japplika biss għall-partiti politiċi Ewropej u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) u (4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. L-Artikolu 224 fid-diċitura attwali tiegħu għandu jibqa' applikabbli fir-rigward tal-atti u l-impenji relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew għas-snin baġitarji 2014, 2015, 2016 u 2017, li, skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jibqgħu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom. L-Artikolu 225 fid-diċitura attwali tiegħu għandu jibqa' applikabbli għall-partiti politiċi u għall-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003, sakemm ikunu għadhom qed jirċievu finanzjament għas-snin baġitarji 2014, 2015, 2016 u 2017 b'applikazzjoni ta' dan ir-regolament tal-aħħar.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 253

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 224

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 224	***imħassar***
Setgħat u Responsabbiltajiet tal-Bureau	
1. ***Il-Bureau għandu jieħu deċiżjoni fuq kwalunkwe talba għall-iffinanzjar ippreżentata minn partit politiku fil-livell Ewropew u fuq it-tqassim tal-benefiċċji fost il-partiti politiċi benefiċjarji. Huwa għandu jħejji lista ta' benefiċjarji u tal-ammonti allokati.***	
2. ***Il-Bureau għandu jiddeċiedi jekk jissospendix jew inaqqasx l-iffinanzjar, u jekk jirkuprax ammonti li jkunu tħallsu bi żball.***	
3. ***Fl-aħħar tas-sena finanzjarja, il-Bureau għandu japprova r-rapport aħħari ta' l-attivita tal-partit politiku benefiċjarju u d-dikjarazzjoni finanzjarja aħħarija.***	
4. ***Skond it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill, il-Bureau jista' jagħmel għotja ta' assistenza teknika lill-partiti politiċi fil-livell Ewropew skond il-proposti tagħhom. Il-Bureau jista' jiddelega lis-Segretarju Ġenerali xi deċiżjonijiet partikulari għall-għoti ta' assistenza teknika.***	
5. ***Fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, il-Bureau għandu jaġixxi skond proposta mis-Segretarju Ġenerali. Ħlief f'dawk il-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 4 il-Bureau għandu jisma' r-rappreżentanti tal-partiti politiċi konċernati qabel ma jieħu deċiżjoni. Il-Bureau jista', fi kwalunkwe ħin, jikkonsulta l-Konferenza tal-Presidenti.***	
6. ***Meta l-Parlament – wara verifika – jistabbilixxi li partit politiku fil-livell Ewropew ma jkunx baqa' josserva l-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt, il-Bureau għandu jiddeċiedi li dak il-partit ma jingħatax iffinanzjar.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 254

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 225

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 225	***imħassar***
Setgħat u Responsabbiltajiet tal-kumitat responsabbli u tal-Parlament f'seduta plenarja	
1. ***Fuq talba ta' kwart mill-Membri tal-Parlament li jirrappreżentaw minn ta' l-inqas tliet gruppi politiċi, il-President, wara diskussjoni fil-Konferenza tal-Presidenti, għandu jitlob lill-kumitat responsabbli sabiex jivverifika jekk partit politiku fil-livell Ewropew ikunx għadu josserva (b'mod partikulari fil-programm u l-attivitajiet tiegħu) il-prinċipji li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, li huma l-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt.***	
2. ***Qabel ma jippreżenta proposta għal deċiżjoni lill-Parlament, il-kumitat responsabbli għandu jisma' lir-rappreżentanti tal-partiti politiċi konċernati u għandu jitlob u jikkunsidra l-opinjoni ta' kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti, skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2004/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament.***	
3. ***Il-Parlament għandu jivvota (b'maġġoranza tal-voti mitfugħa) fuq proposta għal deċiżjoni li tistabbilixxi jekk il-partit politiku kkonċernat ikunx josserva jew le l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1. L-ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq il-Mejda. Fi kwalunkwe każ, jekk il-proposta għal deċiżjoni ma tiksibx maġġoranza, titqies li ġiet addotata deċiżjoni kuntrarja.***	
4. ***Id-deċiżjoni tal-Parlament għandha tapplika b'effett mill-ġurnata minn meta kienet imqiegħda fuq il-Mejda t-talba msemmija fil-paragrafu 1.***	
5. ***Il-President għandu jirrapreżenta il-Parlament fil-kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti.***	
6. ***Il-kumitat responsabbli għandu jħejji r-rapport skond ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u dwar l-attivitajiet iffinanzjati, u għandu jippreżentah fis-seduta plenarja.***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 255

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 226

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 226	Artikolu 226
Applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura	Applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
1. Jekk iqum xi dubju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-President jista' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli għall-eżami.	1. Jekk iqum xi dubju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-President jista' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli għall-eżami.
Min ikun jippresiedi kumitat jista' jagħmel dan meta jqum xi dubju bħal dan waqt li jkun għaddej ix-xogħol tal-kumitat u jkollu x'jaqsam miegħu.	Min ikun jippresiedi kumitat jista' jagħmel dan meta jqum xi dubju bħal dan waqt li jkun għaddej ix-xogħol tal-kumitat u jkollu x'jaqsam miegħu.
2. Il-kumitat għandu jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jipproponi emenda għar-Regoli ta' Proċedura. F'dan il-każ għandu jimxi ***skond*** l-Artikolu 227.	2. Il-kumitat għandu jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jipproponi emenda għar-Regoli ta' Proċedura. F'dan il-każ għandu jimxi skond l-Artikolu 227.
3. Jekk il-kumitat jiddeċiedi li interpretazzjoni tar-regoli eżistenti tkun biżżejjed, dan għandu jgħaddi l-interpretazzjoni tiegħu lill-President li għandu jgħarraf lill-Parlament fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.	3. Jekk il-kumitat jiddeċiedi li interpretazzjoni tar-regoli eżistenti tkun biżżejjed, dan għandu jgħaddi l-interpretazzjoni tiegħu lill-President li għandu jgħarraf lill-Parlament fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.
4. Jekk grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-kumitat, għandu jittieħed vot fuq il-kwistjoni fil-Parlament. It-test jiġi adottat b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, bil-kundizzjoni li mhux inqas minn terz tal-Membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti. Fil-każ li jiġi miċħud, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-kumitat.	4. Jekk grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-kumitat ***fi żmien 24 siegħa wara t-tħabbir tagħha***, għandu jittieħed vot fuq il-kwistjoni fil-Parlament. It-test ***għandu*** jiġi adottat b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, bil-kundizzjoni li mhux inqas minn terz tal-Membri ***li jagħmlu parti mill***-Parlament ikunu preżenti. Fil-każ li jiġi miċħud, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-kumitat.
5. Interpretazzjonijiet mhux kontestati u interpretazzjonijiet adottati mill-Parlament għandhom jiddaħħlu bil-korsiv bħala noti spjegattivi ***ma' l***-Artikolu jew l-Artikoli relevanti.	5. Interpretazzjonijiet mhux kontestati u interpretazzjonijiet adottati mill-Parlament għandhom jiddaħħlu bil-korsiv bħala noti spjegattivi ***mal***-Artikolu jew l-Artikoli relevanti.
6. Interpretazzjonijiet għandhom joħolqu preċedent għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni fil-ġejjieni ***ta' l***-Artikoli konċernati.	6. Interpretazzjonijiet għandhom joħolqu preċedent għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni fil-ġejjieni ***tal***-Artikoli konċernati.
7. Ir-Regoli ta' Proċedura u l-interpretazzjonijiet għandhom jiġu riveduti regolarment mill-kumitat responsabbli.	7. Ir-Regoli ta' Proċedura u l-interpretazzjonijiet għandhom jiġu riveduti regolarment mill-kumitat responsabbli.
8. Meta dawn ir-Regoli jagħtu drittijiet lil numru speċifiku ta' Membri, dak in-numru għandu jinbidel awtomatikament ***ma' l***-eqreb numru sħiħ li jkun jirrappreżenta l-istess persentaġġ tal-Membri tal-Parlament kull meta ***jiżdied*** in-numru totali tal-membri tal-Parlament, b'mod partikulari wara tkabbir ***ta' l***-Unjoni Ewropea.	8. Meta dawn ir-Regoli jagħtu drittijiet lil numru speċifiku ta' Membri, dak in-numru għandu jinbidel awtomatikament ***mal***-eqreb numru sħiħ li jkun jirrappreżenta l-istess persentaġġ tal-Membri tal-Parlament kull meta ***jiġi modifikat*** in-numru totali tal-membri tal-Parlament, b'mod partikulari wara tkabbir ***tal***-Unjoni Ewropea.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 256

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 227

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 227	Artikolu 227
Emendi għar-Regoli ta' Proċedura	Emendi għar-Regoli ta' Proċedura
1. Kull Membru jista' jipproponi emendi għal dawn ir-Regoli u għall-annessi tagħhom flimkien ma' ġustifikazzjonijiet qosra, jekk ikun il-każ.	1. Kull Membru jista' jipproponi emendi għal dawn ir-Regoli u għall-annessi tagħhom flimkien ma' ġustifikazzjonijiet qosra, jekk ikun il-każ.
Dawn l-emendi proposti għandhom ikunu tradotti, mitbugħa, mqassma u mressqa quddiem il-kumitat responsabbli ***li*** għandu jeżaminahom u jiddeċiedi jekk jippreżentahomx lill-Parlament.	Il-kumitat responsabbli għandu jeżaminahom u jiddeċiedi jekk jippreżentahomx lill-Parlament.
Għall-fini ***ta' l***-applikazzjoni ***ta' l***-Artikoli 169, 170 u 174 fl-eżami ta' dawn l-emendi proposti fil-Parlament, referenzi f'dawk l-Artikoli għal "test oriġinali" jew għal "proposta għal att leġislattiv" għandhom jitqiesu bħala referenza għad-dispożizzjoni li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.	Għall-fini ***tal***-applikazzjoni ***tal-***Artikoli 169, 170 u 174 fl-eżami ta' dawn l-emendi proposti fil-Parlament, referenzi f'dawk l-Artikoli għal "test oriġinali" jew għal proposta għal att leġislattiv għandhom jitqiesu bħala referenza għad-dispożizzjoni li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.
2. Emendi għal dawn ir-Regoli għandhom jiġu adottati biss jekk jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri kollha tal-Parlament.	2. ***F' konformita' mal-Artikolu 232 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** emendi għal dawn ir-Regoli għandhom jiġu adottati biss jekk jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri ***li jagħmlu parti mill***-Parlament.
3. Ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor meta jittieħed il-vot, emendi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura u għall-annessi tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum ***ta' l***-ewwel sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tagħhom.	3. Ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor meta jittieħed il-vot, emendi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura u għall-annessi tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum ***tal***-ewwel sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tagħhom.

Emenda 257

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 230

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 230	***imħassar***
Arranġament ta' l-annessi	
L-annessi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom ikunu rranġati taħt l-erba' intestaturi li ġejjin:	
(a) ***dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal proċeduri skond dawn ir-Regoli, adottati b'maġġoranza tal-voti mitfugħa (Anness VI);***	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(b) ***dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' normi speċifiċi tar-Regoli ta' Proċedura u skond il-proċeduri u r-regoli ta' maġġoranza kif stipulat fihom (Annessi I, II, III, IV, V, VII(A), (C), (E), u (F), u IX(A));***	
(c) ***ftehima interistituzzjonali u dispożizzjonijiet oħra adottati skond it-Trattati li huma applikabbli fil-Parlament jew li għandhom effett fuq l-operat tiegħu. Deċiżjonijiet biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu annessi mar-Regoli ta' Proċedura għandhom jittieħdu mill-Parlament b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, fuq proposta mill-kumitat responsabbli (Annessi VII(B) u (D), VIII, IX(B), X, XI, XII, XIII, XIV, XVIII, XIX u XXI);***	
(d) ***linji gwida u kodiċijiet ta' mġiba adottati mill-korpi rilevanti tal-Parlament (Annessi XV, XVI, XVII u XX).***	

Emenda 258

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Artikolu 231

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 231	Artikolu 231
Rettifiki	Rettifiki
1. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament, il-President għandu, meta jkun xieraq, jirreferi abbozz ta' rettifika lill-kumitat responsabbli.	1. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament, il-President għandu, meta jkun xieraq, jirreferi abbozz ta' rettifika lill-kumitat responsabbli.
2. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament u miftiehem ma' istituzzjonijiet oħra, il-President għandu jfittex il-qbil ta' dawk l-istituzzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet meħtieġa qabel ma jipproċedi skond il-paragrafu 1.	2. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament u miftiehem ma' istituzzjonijiet oħra, il-President għandu jfittex il-qbil ta' dawk l-istituzzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet meħtieġa qabel ma jipproċedi skond il-paragrafu 1.
3. Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina l-abbozz ta' rettifika u jressqu quddiem il-Parlament jekk ikun sodisfatt li sar żball li jista' jiġi kkoreġut bil-mod kif ġie propost.	3. Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina l-abbozz ta' rettifika u jressqu quddiem il-Parlament jekk ikun sodisfatt li sar żball li jista' jiġi kkoreġut bil-mod kif ġie propost.
4. Ir-rettifika għandha titħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Din għandha titqies bħala approvata ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara t-tħabbir tagħha, ***ssir*** talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru biex titressaq għall-votazzjoni. Jekk ir-rettifika ma tiġix approvata, għandha tiġi rriferuta lura lill-kumitat responsabbli li jista' jipproponi rettifika emendata jew jagħlaq il-proċedura.	4. Ir-rettifika għandha titħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Din għandha titqies bħala approvata ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn ***24*** siegħa wara t-tħabbir tagħha, ***issir*** talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn ***40*** Membru biex titressaq għall-votazzjoni. Jekk ir-rettifika ma tiġix approvata, għandha tiġi rriferuta lura lill-kumitat responsabbli li jista' jipproponi rettifika emendata jew jagħlaq il-proċedura.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Ir-rettifiki approvati għandhom jiġu ppubblikati bl-istess mod bħat-test li għalih jirreferu. ***L-Artikoli 76, 77 u*** 78 ***għandhom japplikaw*** mutatis mutandis.	5. Ir-rettifiki approvati għandhom jiġu ppubblikati bl-istess mod bħat-test li għalih jirreferu. ***L-Artikolu*** 78 ***għandu japplika*** mutatis mutandis.

Emenda 259

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 2	Artikolu 2
Dmirijiet ewlenin tal-Membri	Dmirijiet ewlenin tal-Membri
Fil-kuntest tal-mandat tagħhom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:	Fil-kuntest tal-mandat tagħhom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:
(a) ma għandhom jidħlu fl-ebda ftehim li jwassalhom għal att jew vot fl-interess ta' terza persuna, li jista' jipperikola l-libertà tal-vot tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni diretta universali u l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,	(a) ma għandhom jidħlu fl-ebda ftehim li jwassalhom għal att jew vot fl-interess ta' terza persuna, li jista' jipperikola l-libertà tal-vot tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni diretta universali u l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,
(b) ma għandhom ifittxu, jaċċettaw jew jirċievu l-ebda benefiċċju ***finanzjarju*** dirett jew indirett, jew kwalunkwe premju ieħor, bi skambju ***għall-eżerċizzju ta' influwenza*** jew ***vot dwar leġislazzjoni***, ***mozzjonijiet*** għal ***riżoluzzjoni, dikjarazzjonijiet bil-miktub jew mistoqsijiet imressqa quddiem il-Parlament jew xi wieħed mill-kumitati tiegħu***, u għandhom jieħdu miżuri stretti sabiex jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika korruzzjoni.	(b) ma għandhom ifittxu, jaċċettaw jew jirċievu l-ebda benefiċċju dirett jew indirett, jew kwalunkwe premju ieħor, ***fi flus kontanti jew in natura***, bi skambju għal ***imġiba speċifika fl-ambitu tax-xogħol parlamentari tal-Membru***, u għandhom jieħdu miżuri stretti sabiex jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika ***tixħim,*** korruzzjoni***, jew influwenza indebita***.
	(ba) ***ma għandhomx jidħlu f'attività professjonali ta' lobbying marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 260

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 4	Artikolu 4
Dikjarazzjoni tal-Membri	Dikjarazzjoni tal-Membri
1. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-Membri għandhom ir-responsabilità personali li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji lill-President qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' sessjoni wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (jew, fil-kors tal-leġislatura, fi żmien 30 jum wara li jkunu ħadu l-kariga fil-Parlament), permezz tal-formola adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 9. Huma għandhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom ***fi żmien 30 jum minn din il-*** bidla.	1. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-Membri għandhom ir-responsabilità personali li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji lill-President qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' sessjoni wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (jew, fil-kors tal-leġislatura, fi żmien 30 jum wara li jkunu ħadu l-kariga fil-Parlament), permezz tal-formola adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 9. Huma għandhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom ***sa tmiem ix-xahar ta' wara li tkun seħħet kull*** bidla.
2. Id-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji għandha tinkludi t-tagħrif li ġej, li għandu jiġi pprovdut b'mod preċiż:	2. Id-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji għandha tinkludi t-tagħrif li ġej, li għandu jiġi pprovdut b'mod preċiż:
(a) l-attivitajiet professjonali tal-Membru matul it-tliet snin qabel il-ħatra tiegħu fil-Parlament, u l-involviment tiegħu matul dak il-perjodu f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi;	(a) l-attivitajiet professjonali tal-Membru matul it-tliet snin qabel il-ħatra tiegħu fil-Parlament, u l-involviment tiegħu matul dak il-perjodu f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi;
(b) kull ħlas li l-Membru jirċievi għat-twettiq ta' mandat f'parlament ieħor,	(b) kull ħlas li l-Membru jirċievi għat-twettiq ta' mandat f'parlament ieħor,
(c) kwalunkwe attività bi ħlas imwettqa mill-Membru fl-istess żmien li jkun qed jeżerċita l-kariga tiegħu, kemm bħala impjegat u kemm jekk jaħdem għal rasu;	(c) kwalunkwe attività bi ħlas imwettqa mill-Membru fl-istess żmien li jkun qed jeżerċita l-kariga tiegħu, kemm bħala impjegat u kemm jekk jaħdem għal rasu;
(d) il-parteċipazzjoni f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi, jew kwalunkwe attività oħra esterna li tinvolvi l-Membru, kemm jekk imħallsa u kemm jekk mhijiex;	(d) il-parteċipazzjoni f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi, jew kwalunkwe attività oħra esterna li tinvolvi l-Membru, kemm jekk imħallsa u kemm jekk mhijiex;
(e) kwalunkwe attività esterna okkażjonali bi ħlas (inklużi l-attivitajiet ta' kitba, konferenzi jew konsulenza), jekk il-kumpens totali jaqbeż ***EUR*** 5 000 f'sena kalendarja;	(e) kwalunkwe attività esterna okkażjonali bi ħlas (inklużi l-attivitajiet ta' kitba, konferenzi jew konsulenza), jekk il-kumpens totali ***tal-attivitajiet esterni okkażjonali kollha tal-Membru*** jaqbeż ***il-EUR*** 5 000 f'sena kalendarja;
(f) ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibilità ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il-parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni;	(f) ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibilità ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il-parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni;

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
(g) kull għajnuna, sew finanzjarja u sew fil-forma ta' riżorsi umani jew materjali, minbarra l-għajnuna pprovduta mill-Parlament, mogħtija lill-Membru minħabba l-attivitajiet politiċi tiegħu minn terzi persuni, li għandhom ikunu identifikati;	(g) kull għajnuna, sew finanzjarja u sew fil-forma ta' riżorsi umani jew materjali, minbarra l-għajnuna pprovduta mill-Parlament, mogħtija lill-Membru minħabba l-attivitajiet politiċi tiegħu minn terzi persuni, li għandhom ikunu identifikati;
(h) kwalunkwe interess finanzjarju ieħor li jista' jinflwenza l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Membru.	(h) kwalunkwe interess finanzjarju ieħor li jista' jinflwenza l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Membru.
Kwalunkwe dħul regolari li ***jirċievi l-Membru għal kull punt iddikjarat*** skont l-ewwel subparagrafu ***għandu jitqiegħed f'waħda*** mill-kategoriji li ġejjin:	***Għal kwalunkwe punt*** li ***jrid jiġi ddikjarat*** skont l-ewwel subparagrafu***, il-Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jindikaw jekk hux remunerat jew le; għall-punti (a), (c), (d), (e) u (f), il-Membri għandhom jindikaw ukoll waħda*** mill-kategoriji ***ta' dħul*** li ġejjin:
	— ***mhux remunerat***
	— ***minn EUR 1 sa EUR 499 fix-xahar;***
— minn EUR 500 sa EUR 1 000 fix-xahar;	— minn EUR 500 sa EUR 1 000 fix-xahar;
— minn EUR 1 001 sa EUR 5 000 fix-xahar;	— minn EUR 1 001 sa EUR 5 000 fix-xahar;
— minn EUR 5 001 sa EUR 10 000 fix-xahar;	— minn EUR 5 001 sa EUR 10 000 fix-xahar;
— ***aktar*** minn EUR 10 000 fix-xahar.	— ***'il fuq*** minn EUR 10 000 fix-xahar***, b'indikazzjoni tal-eqreb ammont ta' EUR 10 000***.
Kwalunkwe dħul ***ieħor*** riċevut mill-Membru għal kull punt irrapportat skont l-ewwel subparagrafu ***huwa*** kkalkulat fuq bażi annwali, maqsum bi tnax u mqiegħed f'xi waħda mill-kategoriji stabbiliti fit-tieni subparagrafu.	Kwalunkwe dħul riċevut mill-Membru għal kull punt irrapportat skont l-ewwel subparagrafu***, iżda mhux fuq bażi regolari, għandu jiġi*** kkalkulat fuq bażi annwali, maqsum bi tnax u mqiegħed f'xi waħda mill-kategoriji stabbiliti fit-tieni subparagrafu.
3. It-tagħrif ipprovdut lill-President skont dan l-Artikolu għandu jkun ippubblikat fis-sit tal-Parlament f'forma faċilment aċċessibbli.	3. It-tagħrif ipprovdut lill-President skont dan l-Artikolu għandu jkun ippubblikat fis-sit tal-Parlament f'forma faċilment aċċessibbli.
4. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fl-organi tiegħu, maħtur bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.	4. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fl-organi tiegħu, maħtur bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali ***jew f'negozjati interistituzzjonali***, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.
	4a. Jekk il-President jirċievi informazzjoni, li twasslu biex jemmen li d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji ta' Membru hija sostanzjalment inkorretta jew skaduta, huwa jista' jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv previst fl-Artikolu 7 u fejn xieraq, għandu jitlob lill-Membru biex jikkoreġi d-dikjarazzjoni fi żmien għaxart ijiem. Il-Bureau jista' jadotta deċiżjoni li tapplika l-Artikolu 4(4) għal Membri li ma jikkonformawx mat-talba ta' korrezzjoni tal-President.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	4b. Ir-***rapporteurs jistgħu volontarjament jelenkaw fin-nota spjegattiva għar-rapport tagħhom l-interessi esterni li ġew ikkonsultati dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw is-suġġett tar-rapport ([1a]).***
	([1a]) ***Ara d-Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Settembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza.***

Emenda 261

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 6	Artikolu 6
Attivitajiet ta' ex Membri	Attivitajiet ta' ***ex-***Membri
Ex Membri li jimpenjaw ruħhom f'attività professjonali ta' lobbying jew ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni ma jistgħux jibbenefikaw, tul il-perjodu kollu ta' tali impenn, mill-faċilitajiet mogħtija lill-ex Membri skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-rigward mill-Bureau ([26]).	***Ex-***Membri li jimpenjaw ruħhom f'attività professjonali ta' lobbying jew ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni ***għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew dwar dan u*** ma jistgħux jibbenefikaw, tul il-perjodu kollu ta' tali impenn, mill-faċilitajiet mogħtija lill-***ex-***Membri skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-rigward mill-Bureau ([26]).
([26]) Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' April 1999.	([26]) Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' April 1999 dwar il-faċilitajiet mogħtija lill-ex- Membri tal-Parlament Ewropew

Emenda 262

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 7	Artikolu 7
Kumitat Konsultattiv dwar l-Imġiba tal-Membri tal-Parlament	Kumitat Konsultattiv dwar l-Imġiba tal-Membri tal-Parlament
1. Huwa stabbilit kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri (il-Kumitat Konsultattiv).	1. Huwa stabbilit kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri (il-Kumitat Konsultattiv).
2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn ħames Membri maħtura mill-President fil-bidu tal-mandat tiegħu minn fost il-membri ***tal-bureaux u l-koordinaturi*** tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'kunsiderazzjoni għall-esperjenza tal-Membri u l-bilanċ politiku.	2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn ħames Membri maħtura mill-President fil-bidu tal-mandat tiegħu minn fost il-membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'kunsiderazzjoni għall-esperjenza tal-Membri u l-bilanċ politiku.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Kull Membru tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni.	Kull membru tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni.
3. Il-President għandu wkoll, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar il-membri ta' riserva tal-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv.	3. Il-President għandu wkoll, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar il-membri ta' riserva tal-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv.
Fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba minn membru ta' grupp politiku li mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv, il-membru ta' riserva kkonċernat isir is-sitt membru sħiħ tal-Kumitat Konsultattiv għall-eżami tal-ksur allegat inkwistjoni.	Fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba minn membru ta' grupp politiku li mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv, il-membru ta' riserva kkonċernat isir is-sitt membru sħiħ tal-Kumitat Konsultattiv għall-eżami tal-ksur allegat inkwistjoni.
4. Fuq talba minn Membru, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdilu, b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba. Il-Membru kkonċernat għandu jkun intitolat iserraħ fuq tali gwida.	4. Fuq talba minn Membru, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdilu, b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba. Il-Membru kkonċernat għandu jkun intitolat iserraħ fuq tali gwida.
Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv għandu jevalwa wkoll il-każijiet ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba u jagħti parir lill-President dwar il-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu.	Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv għandu jevalwa wkoll il-każijiet ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba u jagħti parir lill-President dwar il-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jista', wara konsultazzjoni mal-President, jitlob parir mingħand esperti esterni.	5. Il-Kumitat Konsultattiv jista', wara konsultazzjoni mal-President, jitlob parir mingħand esperti esterni.
6. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu.	6. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu.

Emenda 263

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness I – Artikolu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 8	Artikolu 8
Proċedura f'każ ta' eventwali ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba	Proċedura f'każ ta' eventwali ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba
1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Mġiba, il-President ***jista'*** jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.	1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Mġiba, il-President ***għandu, ħlief f'każijiet manifestament vessatorji,*** jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.
2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.	2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fil-każ ta' ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta minn membru permanenti jew minn membru ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, il-membru jew il-membru ta' riżerva kkonċernati għandu jwaqqaf il-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċedimenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar dak l-allegat ksur.
3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Mġiba, huwa għandu***, wara li jisma' lill-Membru,*** jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena, li biha għandu jgħarraf lill-Membru.	3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, ***u wara li jkun stieden lill-Membru kkonċernat iressaq osservazzjonijiet bil-miktub,*** il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Mġiba, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena, li biha għandu jgħarraf lill-Membru.
Il-piena tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 166(3) tar-Regoli ta' Proċedura.	Il-piena tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 166(3***) sa (3b***) tar-Regoli ta' Proċedura.
4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibilità ta' appell intern skont l-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura.	4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibilità ta' appell intern skont l-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura.
5. ***Wara l-iskadenzi provduti fl-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura, kwalunkwe piena imposta fuq Membru għandha titħabbar mill-President fil-plenarja u tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq is-sit web tal-Parlament għall-bqija tal-leġislatura.***	

Emenda 264

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness II

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emendi 265 u 297

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness III – titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
Kriterji għall-mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikoli 130 ***u*** 131	Kriterji għall-mistoqsijiet ***u interpellanzi***għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikoli 130***, 130a, 130b,*** 131 ***u 131a***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 266

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness III – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub għandhom:	1. Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub għandhom:
— jispeċifikaw b'mod ċar lil liema destinatarju għandhom ikunu trażmessi permezz tal-mezzi interistituzzjonali normali;	— jispeċifikaw b'mod ċar lil liema destinatarju għandhom ikunu trażmessi permezz tal-mezzi interistituzzjonali normali;
— jaqgħu esklussivament fil-limiti tal-kompetenzi ***tal-istituzzjonijiet*** kif stipulati fit-Trattati relevanti ***u fl-isfera ta' responsabilità tad-destinatarju***, ***u jkunu ta' interess ġenerali;***	— jaqgħu esklussivament fil-limiti tal-kompetenzi ***tad-destinatarju,*** kif stipulati fit-Trattati relevanti ***jew f'atti legali tal-Unjoni***, ***jew fl-isfera tal-attività tagħha,***
	— ***ikunu ta' interess ġenerali;***
— ikunu konċiżi u jkollhom interrogazzjoni li tinftiehem sew;	— ikunu konċiżi u jkollhom interrogazzjoni li tinftiehem sew;
— ma jkunux itwal minn 200 kelma;	— ma jkunux itwal minn 200 kelma;
— ma jkunx fihom lingwaġġ offensiv;	— ma jkunx fihom lingwaġġ offensiv;
— ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kwistjonijiet strettament personali;	— ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kwistjonijiet strettament personali;
— ma jkunx fihom aktar minn tliet submistoqsijiet.	— ma jkunx fihom aktar minn tliet submistoqsijiet.

Emenda 267

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness III – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Il-mistoqsijiet lill-Kunsill ma jistgħux ikunu dwar issuġġett ta' proċedura leġislattiva ordinarja li tkun għadha għaddejja jew dwar il-funzjonijiet baġitarji tal-Kunsill.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 268

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness III – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. Jekk tkun tressqet u twieġbet mistoqsija identika jew simili matul is-sitt xhur ta' qabel, jew sa fejn mistoqsija titlob biss tagħrif dwar is-segwitu għal riżoluzzjoni speċifika tal-Parlament ta' xorta li l-Kummissjoni tkun diġà tat f'komunikazzjoni ta' segwitu bil-miktub, is-Segretarjat għandu jibgħat kopja tal-mistoqsija u tat-tweġiba ta' qabel ***lill-awtur***. Il-mistoqsija mtennija m'għandhiex tiġi mgħoddija lid-destinatarju ħlief jekk il-President jiddeċiedi li jagħmel dan fid-dawl ta' żviluppi ġodda sinifikanti u b'risposta għal talba ***raġunata*** mill-awtur.	3. Jekk tkun tressqet u twieġbet mistoqsija identika jew simili matul is-sitt xhur ta' qabel, jew sa fejn mistoqsija titlob biss tagħrif dwar is-segwitu għal riżoluzzjoni speċifika tal-Parlament ta' xorta li l-Kummissjoni tkun diġà tat f'komunikazzjoni ta' segwitu bil-miktub ***matul is-sitt xhur preċedenti***, is-Segretarjat għandu jibgħat ***lill-awtur*** kopja tal-mistoqsija u tat-tweġiba ta' qabel ***jew tal-komunikazzjoni ta' segwitu***. Il-mistoqsija mtennija m'għandhiex tiġi mgħoddija lid-destinatarju ħlief jekk il-President jiddeċiedi li jagħmel dan fid-dawl ta' żviluppi ġodda sinifikanti u b'risposta għal talba ***motivata*** mill-awtur.

Emenda 269

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness VII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 270

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness VIII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 271

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness IX

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 272

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness X

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 273

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XI

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 274

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 275

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XIII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 276

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XIV

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 277

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XV

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 278

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XVI

Test fis-seħħ	*Emenda*
Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni	Approvazzjoni tal-Kummissjoni ***u monitoraġġ tal-impenji mogħtija waqt is-seduti ta' smigħ.***
1. ***Għandhom japplikaw il-prinċipji, il-kriterji u l-arranġamenti li ġejjin sabiex il-kulleġġ kollu tal-Kummissjoni jkun suġġett għall-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament:***	
	Parti I – Approvazzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni kollu kemm hu
	Artikolu 1
(a) Bażi għall-evalwazzjoni	Bażi għall-evalwazzjoni
Il-Parlament għandu jevalwa l-Kummissarji nnominati fuq il-bażi tal-kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali tagħhom. Għandu jevalwa l-għarfien tal-portafoll li għalih qed ikunu proposti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom.	1. Il-Parlament għandu jevalwa l-Kummissarji nnominati fuq il-bażi tal-kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali tagħhom. Għandu jevalwa l-għarfien tal-portafoll li għalih qed ikunu proposti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom.
Il-Parlament għandu joqgħod attent b'mod partikulari għall-bilanċ bejn is-sessi. Jista' jesprimi ruħu dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli mill-President elett.	2. Il-Parlament għandu joqgħod attent b'mod partikulari għall-bilanċ bejn is-sessi. Jista' jesprimi ruħu dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli mill-President elett.
Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. Huwa jistenna li t-tagħrif dwar l-interessi finanzjarji tagħhom ikun żevalat bis-sħiħ. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati għandhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.	3. Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. Huwa jistenna li t-tagħrif dwar l-interessi finanzjarji tagħhom ikun żevalat bis-sħiħ. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati għandhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.
L-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji ta' Kummissarju nnominat mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet debitament mimlija, iżda wkoll fl-evalwazzjoni ta' jekk kunflitt ta' interessi jistax jiġi dedott mill-kontenut tad-dikjarazzjoni. Huwa mbagħad għall-kumitat responsabbli għas-smigħ li jiddeċiedi jekk huwa jeħtieġx aktar informazzjoni mill-Kummissarju nnominat.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 1a

Eżami tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji

1. ***Il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali għandu jeżamina d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji u jivvaluta jekk il-kontenut tad-dikjarazzjoni magħmula minn Kummissarju nnominat hijiex preċiża u kompleta u jekk huwiex possibbli li jiġi dedott kunflitt ta' interessi.***

2. ***Il-konferma min-naħa tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali tal-assenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interessi tikkostitwixxi prerekwiżit essenzjali biex issir is-seduta ta' smigħ mill-kumitat responsabbli; Fin-nuqqas ta' tali konferma, il-proċedura għall-ħatra tal-Kummissarju nnominat għandha tkun sospiża waqt li tkun qed tiġi segwita l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3(c).***

3. ***Il-linji gwida li ġejjin għandhom ikunu applikati waqt l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji mill-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali:***

(a) ***jekk, matul l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji, il-Kumitat iqis, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, li d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji hija preċiża, kompluta u ma tinkludi l-ebda informazzjoni li tindika kunflitt ta' interess reali jew potenzjali b'rabta mal-portafoll tal-Kummissarju nnominat, il-president tiegħu għandu jibgħat ittra ta' konferma ta' dan lill-kumitati responsabbli mis-seduta ta' smigħ jew lill-kumitati involuti fil-każ ta' proċedura li tkun qed isseħħ waqt il-mandat ta' Kummissarju;***

(b) ***jekk il-Kumitat iqis li d-dikjarazzjoni tal-interessi ta' Kummissarju nnominat ikun fiha informazzjoni inkompleta jew kontradittorja, jew li hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali, huwa għandu, b'konformità mar-Regoli ta' Proċedura u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, jitlob lill-Kummissarju nnominat jipprovdi informazzjoni supplementari mingħajr dewmien żejjed, u għandu jikkunsidraha u janalizzaha sew qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu; il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jiddeċiedi, fejn xieraq, li jistieden lill-Kummissarju nnominat għal seduta ta' smigħ;***

(c) ***jekk il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jinnota li hemm kunflitt ta' interessi abbażi tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji jew tal-informazzjoni supplementari li jkun ipprovda l-Kummissarju nnominat, huwa għandu jfassal rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġi riżolt il-kunflitt ta' interessi; dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu r-rinunzja tal-interessi finanzjarji inkwistjoni jew tibdiliet mill-President tal-Kummissjoni fil-portafoll tal-Kummissarju nnominat; f'każijiet aktar serji, jekk ma tinstab l-ebda soluzzjoni għall-kunflitt ta' interessi, u bħala l-aħħfar għażla, il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jikkonkludi li l-Kummissarju nnominat mhuwiex f'pożizzjoni li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skont it-Trattati u l-Kodiċi ta' Kondotta; il-President tal-Parlament imbagħad għandu jsaqsi lill-President tal-Kummissjoni x'passi ulterjuri biħsiebu jieħu;***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 2
(b) Seduti ta' smigħ	Seduti ta' smigħ
Kull Kummissarju nnominat għandu jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti għal seduta ta' smigħ waħda. ***Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru fil-pubbliku.***	1. Kull Kummissarju nnominat għandu jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti għal seduta ta' smigħ waħda.
Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq rakkomandazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-president u l-koordinaturi ta' kull kumitat għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti dettaljati. Jistgħu jinħatru rapporteurs.	2. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq rakkomandazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-president u l-koordinaturi ta' kull kumitat għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti dettaljati. Jistgħu jinħatru rapporteurs.
Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex ikunu assoċjati l-kumitati rilevanti meta l-portafolli jkunu mħallta. Hemm tliet għażliet:	3. Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex ikunu assoċjati l-kumitati rilevanti meta l-portafolli jkunu mħallta. Hemm tliet għażliet:
(a) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt il-mandat ta' kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss (il-kumitat responsabbli);	(a) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt il-mandat ta' kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss (il-kumitat responsabbli);
(b) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' bejn wieħed u ieħor b'mod indaqs taħt il-mandat ta' iktar minn kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati flimkien (kumitati konġunti); and	(b) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' bejn wieħed u ieħor b'mod indaqs taħt il-mandat ta' iktar minn kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati flimkien (kumitati konġunti); and
(c) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' primarjament taħt il-mandat ta' kumitat wieħed u sa ċertu punt biss taħt il-mandat ta' għall-inqas kumitat ieħor, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' mill-kumitat li għandu r-responsabilità ewlenija, bl-assoċjazzjoni tal-kumitat l-ieħor jew lill-kumitati l-oħra (kumitati assoċjati).	(c) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' primarjament taħt il-mandat ta' kumitat wieħed u sa ċertu punt biss taħt il-mandat ta' għall-inqas kumitat ieħor, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' mill-kumitat li għandu r-responsabilità ewlenija, bl-assoċjazzjoni tal-kumitat l-ieħor jew lill-kumitati l-oħra (kumitati assoċjati).
Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jkun ikkonsultat bis-sħiħ dwar l-arranġamenti.	4. Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jkun ikkonsultat bis-sħiħ dwar l-arranġamenti.
Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta. Għal kull Kummissarju nnominat għandhom jitfasslu żewġ mistoqsijiet komuni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, l-ewwel waħda marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali, u t-tieni waħda marbuta mal-ġestjoni tal-portafoll u l-koperazzjoni mal-Parlament. Il-kumitat responsabbli għandu ***jfassal tliet*** mistoqsijiet oħra. Fil-każ tal-kumitati konġunti, kull wieħed minnhom għandu jingħata d-dritt ***ifassal żewġ*** mistoqsijiet.	5. Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta. Għal kull Kummissarju nnominat għandhom jitfasslu żewġ mistoqsijiet komuni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, l-ewwel waħda marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali, u t-tieni waħda marbuta mal-ġestjoni tal-portafoll u l-koperazzjoni mal-Parlament. Il-kumitat responsabbli għandu ***jressaq ħames*** mistoqsijiet oħra; ***m'għandhomx ikunu permessi sottomistoqsijiet***. Fil-każ tal-kumitati konġunti, kull wieħed minnhom għandu jingħata d-dritt ***iressaq tliet*** mistoqsijiet.

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Il-curriculum vitae tal-Kummissarji nnominati u t-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Parlament qabel ma ssir is-seduta ta' smigħ.
Kull seduta ta' smigħ għandha tiġi skedata li ddum tliet sigħat. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skond kundizzjonjiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom.	6. Kull seduta ta' smigħ għandha tiġi skedata li ddum tliet sigħat. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skond kundizzjonjiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom.
Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm ta' mhux aktar minn 15-il minuta. ***Meta jkun possibbli, il-mistoqsijiet li jsiru*** matul is-seduta ta' smigħ għandhom ***jinġabru flimkien skont it-tema***. Il-maġġoranza tal-ħin għad-diskors għandu jkun allokat lill-gruppi politiċi, f'konformità mal-Artikolu 162 mutatis mutandis. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira ***ta' l***-għeluq.	7. Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm ta' mhux aktar minn 15-il minuta. Matul is-seduta ta' smigħ għandhom ***isiru sa 25 mistoqsija, miġbura flimkien skont it-tema kull meta jkun possibbli. Tista' ssir mistoqsija ta' segwitu waħda immedjatament fiż-żmien allokat.*** Il-maġġoranza tal-ħin għad-diskors għandu jkun allokat lill-gruppi politiċi, f'konformità mal-Artikolu 162 mutatis mutandis. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira ***tal***-għeluq.
Għandu jkun hemm trażmissjoni awdjoviżiva diretta tas-seduti ta' smigħ. Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni indiċizzata tas-seduti ta' smigħ fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.	8. Għandu jkun hemm trażmissjoni awdjoviżiva diretta tas-seduti ta' smigħ ***li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u tal-midja mingħajr ħlas.*** Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni indiċizzata tas-seduti ta' smigħ fi żmien **24** siegħa.
	Artikolu 3
(c) Evalwazzjoni	Evalwazzjoni
Il-President u l-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien wara s-seduta ta' smigħ biex jevalwaw kull wieħed mill-Kummissarji nnominati. Dawk il-laqgħat għandhom isiru in camera. Il-koordinaturi għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, fil-fehma tagħom, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalifikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tfassal mudell pro forma biex tassisti l-evalwazzjoni.	1. Il-President u l-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien wara s-seduta ta' smigħ biex jevalwaw kull wieħed mill-Kummissarji nnominati. Dawk il-laqgħat għandhom isiru bil-magħluq. Il-koordinaturi għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, fil-fehma tagħom, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalifikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tfassal mudell pro forma biex tassisti l-evalwazzjoni.
Fil-każ ta' kumitati konġunti, il-president u l-koordinaturi tal-kumitati kkonċernati għandhom jaġixxu b'mod konġunt waqt il-proċedura kollha.	2. Fil-każ ta' kumitati konġunti, il-president u l-koordinaturi tal-kumitati kkonċernati għandhom jaġixxu b'mod konġunt waqt il-proċedura kollha.
Għandu jkun hemm ***stqarrija*** ta' evalwazzjoni waħda għal kull Kummissarju nnominat. L-opinjonijiet tal-kumitati kollha assoċjati mas-smigħ għandhom jiġu inklużi.	3. Għandu jkun hemm ***ittra*** ta' evalwazzjoni waħda għal kull Kummissarju nnominat. L-opinjonijiet tal-kumitati kollha assoċjati mas-smigħ għandhom jiġu inklużi.
Meta l-kumitati jkunu jirrikjedu iktar tagħrif sabiex ilestu l-evalwazzjoni tagħhom, il-President għandu jikteb lill-President elett tal-Kummissjoni f'isimhom. Il-koordinaturi għandhom iqisu r-risposta ta' dan tal-aħħar.	

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
Jekk il-koordinaturi ma jkunux jistgħu jaslu għal konsensus dwar l-evalwazzjoni, jew fuq talba ta' grupp politiku wieħed, il-president għandu jsejjaħ laqgħa tal-kumitat sħiħ. Jekk ikun falla kull tentattiv ieħor, il-president għandu jressaq iż-żewġ deċiżjonijiet għal votazzjoni sigrieta.	
	3a. Il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw għall-evalwazzjoni tal-koordinaturi:
	(a) ***Jekk il-koordinaturi japprovaw b'mod unanimu l-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra ta' approvazzjoni f'isimhom.***
	(b) ***Jekk il-koordinaturi jirrifjutaw b'mod unanimu l-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra ta' rifjut f'isimhom.***
	(c) ***jekk il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat japprovaw il-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f'isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew fuq talba.***
	(d) ***Jekk il-koordinaturi ma jistgħux jilħqu maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat biex japprovaw il-kandidat, huma għandhom***
	— ***l-ewwel jitolbu informazzjoni addizzjonali permezz ta' mistoqsijiet bil-miktub ulterjuri;***
	— ***jekk il-koordinaturi xorta waħda jibqgħu mhux sodisfatti, għandhom jitolbu li terġa' ssir seduta ta' smigħ ta' siegħa u nofs oħra suġġett għall-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti;***
	(e) ***Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f'isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew fuq talba.***
	(f) ***Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), ikun għad m'hemmx maġġoranza tal-koordinaturi li jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat biex japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jsejjaħ laqgħa u jressaq għall-votazzjoni ż-żewġ mistoqsijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1). Il-president għandu jressaq ittra li tiddikjara l-evalwazzjoni tal-kumitat.***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
L-istqarrijiet ta' evalwazzjoni tal-kumitati għandhom jiġu ***adottati u ppubblikata*** fi żmien 24 siegħa wara ***s-seduti ta' smigħ***. ***L-istqarrijiet*** għandhom jiġu eżaminati mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u sussegwentement mibgħuta lill-Konferenza tal-Presidenti. Ħlief jekk tiddeċiedi li tfittex tagħrif ulterjuri, il-Konferenza tal-Presidenti, wara skambju ta' fehmiet, għandha tiddikjara s-seduti ta' smigħ magħluqa.	***3b. L-ittri*** ta' evalwazzjoni tal-kumitati għandhom jiġu ***trażmessi*** fi żmien 24 siegħa wara ***li jkun tlesta għalkollox il-proċess ta' evalwazzjoni***. ***L-ittri*** għandhom jiġu eżaminati mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u sussegwentement mibgħuta lill-Konferenza tal-Presidenti. Ħlief jekk tiddeċiedi li tfittex tagħrif ulterjuri, il-Konferenza tal-Presidenti, wara skambju ta' fehmiet, għandha tiddikjara s-seduti ta' smigħ magħluqa ***u tawtorizza l-pubblikazzjoni tal-ittri ta' evalwazzjoni kollha***.
	Artikolu 4
	Preżentazzjoni tal-kulleġġ
Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jippreżenta l-kulleġġ sħiħ tal-Kummissarji nnominati u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. Wara l-preżentazzjoni għandu jsir dibattitu. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, kwalunkwe grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 123(3)***, (4) u (5)***.	1. Il-President elett tal-Kummissjoni għandu ***jiġi mistieden*** jippreżenta l-Kulleġġ sħiħ tal-Kummissarji nnominati u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. Wara l-preżentazzjoni għandu jsir dibattitu. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, kwalunkwe grupp politiku jew mhux inqas minn ***40*** Membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 123(3) ***sa (5b)***.
Wara l-votazzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jivvota dwar jekk jagħtix jew le l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra, bħala korp, tal-President elett u l-Kummissarji nnominati. Il-Parlament għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, permezz ta' sejħa ***ta' l***-ismijiet. Huwa jista' jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta li jkun imiss.	2. Wara l-votazzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jivvota dwar jekk jagħtix jew le l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra, bħala korp, tal-President elett u l-Kummissarji nnominati. Il-Parlament għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, permezz ta' sejħa ***tal***-ismijiet. Huwa jista' jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta li jkun imiss.
	Artikolu 5
	Monitoraġġ tal-impenji mogħtija waqt is-seduti ta' smigħ
	L-impenji mogħtija u l-prijoritajiet imsemmija mill-Kummissarji nnominati waqt is-seduti ta' smigħ għandhom jiġu rieżaminati, matul il-mandat kollu tiegħu, mill-kumitat responsabbli fil-kuntest tad-djalogu strutturat annwali mal-Kummissjoni li jsir skont il-paragrafu 1 tal-Anness 4 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.
2. ***L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw fil-każ ta' bdil fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ tal-Kummissjoni jew ta' bdil sostanzjali tal-portafolli matul il-mandat tagħha:***	
	Parti II – Bdil sostanzjali fil-portafoll jew bdil fil-kompożizzjoni tal-Kulleġġ tal- Kummissarji matul il-mandat tiegħu

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 6
	Post vakanti
(a) Meta post vakanti maħluq minħabba riżenja, irtirar mandatorju jew mewt ikun irid jimtela, il-Parlament, malajr u b'mod effettiv, għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati ***fil-paragrafu 1***.	Meta post vakanti maħluq minħabba riżenja, irtirar mandatorju jew mewt ikun irid jimtela, il-Parlament, malajr u b'mod effettiv, għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati ***fil-Parti I***.
	Artikolu 7
	Adeżjoni ta' Stat Membru ġdid
(b) Fil-każ ***ta' l***-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Parlament għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati ***fil-paragrafu 1***.	Fil-każ ***tal***-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Parlament għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati ***fil-Parti I***.
	Artikolu 8
	Bdil Sostanzjali tal-Portafolli
(c) Fil-każ ta' bdil sostanzjali tal-portafolli, il-Kummissarji milquta għandhom ikunu mistiedna ***jidhru quddiem il-kumitati kkonċernati*** qabel jieħdu r-responsabilitajiet il-ġodda tagħhom.	Fil-każ ta' bdil sostanzjali tal-portafolli ***matul il-mandat tal-Kummissjoni***, il-Kummissarji milquta għandhom ikunu mistiedna ***jipparteċipaw f'seduta ta' smigħ taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-Parti I*** qabel ***ma*** jieħdu r-responsabilitajiet il-ġodda tagħhom.
	Artikolu 9
	Votazzjoni fil-plenarja
B'deroga mill-proċedura stabbilita ***fil-paragrafu 1(c), it-tmin subparagrafu***, meta l-votazzjoni fil-plenarja tikkonċerna l-ħatra ta' Kummissarju wieħed, il-vot għandu jkun sigriet.	B'deroga mill-proċedura stabbilita ***fl-Artikolu 118(5a)***, meta l-votazzjoni fil-plenarja tikkonċerna l-ħatra ta' Kummissarju wieħed, il-vot għandu jkun sigriet.

Emenda 279

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XVIa (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	ANNESS XVI A
	Rekwiżiti għall-abbozzar tal-atti adottati skont il-proċedura leġislattiva ordinarja
	1. ***L-atti għandhom jindikaw it-tip tal-att segwit min-numru ta' referenza, l-ismijiet taż-żewġ istituzzjonijiet li adottaw l-att, id-data ta' meta ffirmawh u indikazzjoni tas-suġġett tal-att.***
	2. ***L-atti għandu jkun fihom dan li ġej:***
	(a) ***"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea";***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(b) ***referenza għad-disposizzjonijiet li taħthom l-att ikun ġie adottat, preċeduta mill-kliem "Wara li kkunsidraw";***
	(c) ***ċitazzjoni li jkun fiha referenza għall-proposti ppreżentati, l-opinjonijiet miksuba u l-konsultazzjonijiet imwettqa;***
	(d) ***stqarrija tal-ġustifikazzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat l-att, introdotta bil-kelma "Billi";***
	(e) ***fraži bħal "adottaw dan ir-Regolament" jew "adottaw din id-Direttiva" jew "adottaw din id-Deċiżjoni", segwita mit-test tal-att.***
	3. ***L-atti għandhom ikunu maqsumin f'artikoli, u jekk ikun il-każ miġbura f'partijiet, titoli, kapitoli u taqsimiet.***
	4. ***L-aħħar artikolu ta' att għandu jispeċifika id-data tad-dħul fis-seħħ, meta dik id-data tkun taħbat qabel jew wara l-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni.***
	5. ***L-aħħar artikolu tal-att għandu jkun segwit minn:***
	— ***il-formulazzjoni xierqa, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, fir-rigward tal-applikabilità tiegħu;***
	— ***"Magħmul fi…", segwita mid-data li fiha l-att ġie adottat;***
	— ***"Għall-Parlament Ewropew Il-President", "Għall-Kunsill Il-President", segwiti mill-isem tal-President tal-Parlament u tal-President tal-Kunsill li jkun fil-kariga meta l-att ġie ffirmat.***

Emenda 280

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XVII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 281

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XVIII

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2016

Emenda 282

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XIX

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 283

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XX

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Emenda 284

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Anness XXI

Test fis-seħħ	*Emenda*
[…]	***imħassar***

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0488

Proċedimenti ta' insolvenza u prattikanti fl-insolvenza ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-listi tal-proċedimenti ta' insolvenza u l-prattikanti fl-insolvenza fl-Annessi A u B tar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (COM(2016)0317 – C8-0196/2016 – 2016/0159(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 238/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0317),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0196/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-17 ta' Novembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0324/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2016)0159

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni r-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2017/353.)

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0489

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE/Użbekistan u l-kummerċ bilaterali fit-tessuti ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16384/1/2010 – C7-0097/2011 – 2010/0323(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 238/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16384/1/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim biex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali tat-tessuti, filwaqt li titqies l-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti (16388/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0097/2011),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni interim tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 ([2]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0332/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Użbekistan.

([1]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 195.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0490.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0491

Ftehim ta' Kummerċ UE-Kolombja u Perù (adeżjoni tal-Ekwador) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (07620/2016 – C8-0463/2016 – 2016/0092(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 238/22)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07620/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador (07621/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 91, 100(2), 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0463/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0362/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ekwador, tal-Kolombja, u tal-Perù.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0492

Ftehim UE-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (10711/2016 – C8-0332/2016 – 2016/0192(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 238/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10711/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (11692/2014),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0332/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0321/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tan-Norveġja.

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0493.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0494

Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn il-Georgia u l-Europol *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn il-Georgia u l-Europol (10343/2016 – C8-0266/2016 – 2016/0810(CNS))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 238/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (10343/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0266/2016),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni kklassifikata ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/935/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0343/2016),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta, wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-Europol ([4]), id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kooperazzjoni; u jitlobha wkoll tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni u, jekk ikun xieraq, tressaq rakkomandazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jinfetaħ rinegozjar internazzjonali tal-ftehim;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Europol.

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
([2]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 6.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12.
([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0495

Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive) (COM(2016)0708 – C8-0454/2016 – 2016/2298(BUD))

(2018/C 238/25)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0708 – C8-0454/2016),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]) (ir-Regolament dwar il-FEG),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]) (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0379/2016),

A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tagħti appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qegħdin ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u biex tassistihom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u titqiegħed għad-dispożizzjoni kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, bi qbil mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG);

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

C. billi l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEG tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament u l-Kunsill biex jiġi introdott mill-ġdid il-kriterju tal-mobilizzazzjoni f'każ ta' kriżi, biex il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi stabbilita għal 60 % tal-istima tal-ammont totali kemm se jiġu jiswew il-miżuri proposti, biex tiżdied l-effiċjenza għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-FEG fil-Kummissjoni u mill-Parlament u mill-Kunsill billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni, biex l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli jiġu estiżi għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għaż-żgħażagħ, u biex jiġu ffinanzjati l-inċentivi għat-twaqqif ta' intrapriżi proprji;

D. billi Spanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-Diviżjoni 29 ta' NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers), l-aktar fir-reġjun tal-livell NUTS 2 tal-Comunidad Valenciana (ES52), u billi 250 ħaddiem li ngħataw is-sensja eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FEG huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri;

E. billi l-applikazzjoni tressqet skont il-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jidderoga mill-kriterji stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, li jeħtieġu li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell tad-Diviżjoni ta' NACE Reviżjoni 2, u li jkun jinsab f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru;

F. billi l-UE-27 qiegħda taffaċċa tnaqqis fil-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur ta' 0,5 miljun unità fl-2015 meta mqabbel mal-2006 (minn 18,7 miljun unità fl-2006 għal 18,2 miljun unità fl-2015), filwaqt li l-produzzjoni globali żdiedet b'31,1 % (minn 69,2 miljun unità fl-2006 għal 90,9 miljun unità fl-2015) ([1]), b'mod partikolari fiċ-Ċina kif ukoll f'ekonomiji oħra tax-Xlokk tal-Asja;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-FEG huma sodisfatti, u li għalhekk Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 856 800 skont dan ir-Regolament, li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 1 428 000, għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-250 ħaddiem li ngħataw is-sensja;

2. Iqis li l-għoti ta' appoġġ lil ex impjegati ta' intrapriżi żgħar u medji jiġġustifika wkoll l-approvazzjoni ta' applikazzjoni li tikkonċerna inqas minn 500 sensja;

3. Jinnota li Spanja ppreżentat l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-21 ta' Ġunju 2016, u li l-valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni ġiet finalizzata mill-Kummissjoni fit-8 ta' Novembru 2016 u ġiet innotifikata lill-Parlament dakinhar stess;

4. Jinnota li s-settur tal-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers kien is-suġġett ta' 23 applikazzjoni għall-FEG, li 13 minnhom kienu bbażati fuq globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ ([2]) u 10 mal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali ([3]); jinnota li 3 minn dawn l-applikazzjonijiet għall-FEG kienu minn Spanja (EGF/2008/002 ES Delphi, EGF/2008/004 ES Castilla y León u Aragón u EGF/2010/002 ES Cataluña – automotive);

5. Jinnota li t-tnaqqis fis-sehem tas-suq tal-Unjoni fl-industrija tal-vetturi huwa parti minn xejra fuq perjodu itwal, kif ġie ddikjarat mill-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tagħha tal-applikazzjonijiet preċedenti għall-FEG dwar is-settur tal-vetturi abbażi tal-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ, li rat l-Unjoni titlef kważi nofs sehemha mis-suq bejn l-2000 u l-2015;

6. Jirrimarka li, fi Spanja, it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-karozzi kkawża riduzzjoni kemm ta' intrapriżi kif ukoll ta' impjiegi, u li fil-Comunidad Valenciana 62 impriża tal-vetturi minn total ta' 187 waqqfu l-attivitajiet tagħhom matul il-perjodu 2008 – 2014, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 33,16 %;

7. Jinnota li Bosal S.A. bdiet topera fl-1986 meta ż-żona ta' Sagunto ġiet iddikjarata bħala "Żona għall-Industrijalizzazzjoni mill-Ġdid Preferenzjali" wara sensji fil-forn tal-blast lokali. jinnota li l-falliment u l-għeluq ta'

([1]) Databażi OICA: http://www.oica.net/category/production-statistics/

([2]) EGF/2016/004 ES Comunidad Valenciana – Vetturi, COM(2016)0708. EGF/2007/001 FR Fornituri Peugot S.A. COM(2007)0415; EGF/2007/010 PT Lisboa Alentejo. COM(2008)0094; EGF/2008/002 ES Delphi. COM(2008)0547; EGF/2008/004 ES Castilla y León Aragón. COM(2009)0150; EGF/2009/013 DE Karmann COM(2010)0007; EGF/2012/005 SE Saab, COM(2012)0622; EGF/2012/008 IT De Tomaso; COM(2013)0469; EGF/2013/006 PL Fiat Auto Poland COM(2014)0699; EGF/2013/012 BE Ford Genk, COM(2014)0532; EGF/2014/006 FR PSA, COM(2014)0560; EGF/2015/003 BE Ford Genk, COM(2015)0336 u EGF/2015/009 SE Volvo Trucks, COM(2016)0061

([3]) EGF/2009/007 SE Volvo, COM(2009)0602 EGF/2009/009 AT Steiermark, COM(2009)0602; EGF/2009/019 FR Renault, COM(2011)0420; EGF/2010/002 ES Cataluña – Vetturi, COM(2010)0453; EGF/2010/004 PL Wielkopolskie, COM(2010)0616; EGF/2010/015 FR Peugeot, COM(2012)0461; EGF/2010/031 BE General Motors Belgium, COM(2011)0212; EGF/2011/003 DE Arnsberg u Düsseldorf – Vetturi, COM(2011)0447; EGF/2011/005 PT Norte-Centro – Vetturi, COM(2011)0664; u EGF/2015/002 DE Adam Opel, COM(2015)0342.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Bosal S.A. ikkawżaw it-telf ta' 250 impjieg fil-belt ta' Sagunto, li jirrappreżentaw għadd pjuttost kbir ta' impjiegi f'din il-belt, u li kellhom impatt serju fuq l-ekonomija lokali u reġjonali, b'mod partikolari meta jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' belt żgħira f'żona rurali li soffriet bil-kbir mill-kriżi ekonomika kif ukoll mill-konsegwenzi tal-proċess ta' globalizzazzjoni fis-setturi tal-vetturi; ifakkar li r-rata ta' qgħad fil-Comunidad Valenciana għadha fil-livell ta' 20,17 % ([1]), għalkemm hemm sinjali ta' rkupru fir-rata tal-impjieg;

8. Jiddispjaċih dwar iż-żieda fl-għadd ta' persuni qiegħda f'Sagunto bejn l-2007 (2 778) u l-2015 (6 437) u li r-rata ta' qgħad ta' 25,8 % taggrava aktar is-sitwazzjoni li diġà hija fraġli f'din iż-żona;

9. Jissottolinja li mill-għadd globali tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja kkonċernati minn din l-applikazzjoni, 71 % għandhom 'il fuq minn 45 sena, 78 % kienu impjegati mill-istess intrapriża għal mill-inqas 15-il sena konsekuttiva u 50 % ma għandhomx kwalifiki edukattivi; jinnota, barra minn hekk, li dan l-aħħar ma nfetaħ l-ebda impjant fiż-żona; jirrimarka li dawn iċ-ċirkostanzi kollha jagħmlu lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja ferm vulnerabbli f'kuntest fejn mhux qed jinħolqu biżżejjed impjiegi, filwaqt li jżidu d-diffikultajiet biex jinstab impjieg ġdid;

10. Jinnota li Spanja qiegħda tippjana 12-il azzjoni differenti, li minnhom 6 huma servizzi personalizzati, bħal sessjonijiet ta' informazzjoni, gwida okkupazzjonali, kollakamenti ta' impjiegi jew promozzjoni tal-intraprenditorija, u 6 huma allowances u inċentivi għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja koperti minn din l-applikazzjoni, bħal kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u għat-tibdil tar-residenza, jew benefiċċji ta' għoti ta' impjieg; jirrimarka li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol;

11. Jilqa' d-deċiżjoni ta' Spanja li toffri miżuri ta' taħriġ li jiffukaw fuq l-għoti ta' liċenzji vokazzjonali, bħal dik meħtieġa għat-trasport tal-passiġġieri, u fuq setturi jew oqsma fejn diġà jeżistu jew se jqumu opportunitajiet, bħas-settur tal-ikel, tat-tisjir, tal-prevenzjoni tar-riskju u tal-kontroll tal-kwalità u standards ambjentali, tat-tisħin, proġetti ta' ventilazzjoni u l-arja kkundizzjonata u l-manutenzjoni ta' tagħmir industrijali; japprova l-offerta ta' taħriġ f'ħiliet li jikkontribwixxu għal prestazzjoni aħjar tax-xogħol, bħat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, lingwi barranin u ġestjoni ta' negozju;

12. Jilqa' r-rieda tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li kienu jaħdmu ma' Bosal S A (l-intrapriża li tat is-sensja lill-maġġoranza tal-ħaddiema kkonċernati minn din l-applikazzjoni) biex jappoġġaw applikazzjoni għall-finanzjament mill-FEG u l-involviment tagħhom fit-tfassil tal-miżuri li se jiġu offruti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja; jinnota li s-sħab soċjali, l-assoċjazzjoni rilevanti ta' min iħaddem u l-awtoritajiet lokali ta' Sagunto kienu wkoll involuti f'dan il-proċess;

13. Jinnota li l-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu se jirrappreżentaw inqas minn 25 % tal-pakkett kumplessiv ta' miżuri personalizzati, u huma ferm taħt il-limitu massimu ta' 35 % stabbilit fir-Regolament dwar il-FEG, u li dawn l-azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tiftix ta' impjiegi jew ta' taħriġ;

14. Ifakkar li, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG, id-disinn tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati appoġġat mill-FEG għandu jantiċipa l-perspettivi u l-ħiliet rikjesti fis-suq tax-xogħol fil-ġejjieni u għandu jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u li tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi;

15. Jinnota li Spanja kkonfermat li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex tiżgura r-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

16. Ifakkar fl-importanza li tittejjeb l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali ta' ħaddiem; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali reali;

([1]) EPA Q3 2016. http://www.ine.es/infografias/tasasepa/desktop/tasas.html?t=0&lang=es

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

17. Jemmen li użu aktar mifrux tad-deroga mil-limiti minimi ta' eliġibbiltà, partikolarment għall-benefiċċju ta' impjegati ta' SMEs, estensjoni tal-perjodi ta' referenza, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu inklużi ħaddiema li kienu jipprovdu servizzi relatati lill-kumpanija ta' referenza, għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa, każ b'każ, b'tali mod li jiġi limitat b'kull mezz użu ħażin tal-baġit tal-FEG; jaqbel għalhekk mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti għajnuna lil 250 ħaddiem minn 29 intrapriża fir-reġjun tal-Comunidad Valenciana;

18. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi la l-azzjonijiet li jkunu r-responsabbiltà tal-kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ta' ftehimiet kollettivi, u lanqas il-miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-pubbliku jkollu aċċess għad-dokumenti relatati mal-każijiet tal-FEG;

20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2017/341.)

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0496

Normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (11197/1/2016 – C8-0424/2016 – 2013/0013(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 238/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11197/1/2016 – C8-0424/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013 ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0026),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0368/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi bil-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.
([2]) ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.
([3]) Testi adottati tas-26.2.2014, P7_TA(2014)0152.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0497

Is-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija (11198/1/2016 – C8-0425/2016 – 2013/0028(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 238/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11198/1/2016 – C8-0425/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità mill-Parlament Litwan, mill-Kamra tad-Deputati tal-Lussemburgu, mis-Senat tan-Netherlands u mill-Kamra tar-Rappreżentanti tan-Netherlands, mill-Kunsill Federali tal-Awstrija u mill-Parlament Żvediż, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013 ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0028),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0373/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Japprova d-dikjarazzjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

4. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala "r-Regolament van de Camp-Dijksma fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija" ([4]);

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.
([2]) ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.
([3]) Testi adottati tas-26.2.2014, P7_TA(2014)0148.
([4]) Wim van de Camp u Sharon Dijksma wettqu n-negozjati dwar l-att, għall-Parlament u l-Kunsill rispettivament.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar it-trasferiment tal-persunal

Skont il-premessa 14 u l-Artikolu 4, il-paragrafi 4a, 4b u 6, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrispettaw bis-sħiħ id-Direttiva 2001/23/KE rigward is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi u huma intitolati li jmorru lil hinn mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi jieħdu miżuri addizzjonali għall-protezzjoni tal-persunal f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, bħar-rekwiżit ta' trasferiment obbligatorju tal-persunal anke jekk id-Direttiva 2001/23/KE ma tkunx tapplika.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0498

Żona ferrovjarja unika Ewropea ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (11199/1/2016– C8-0426/2016 – 2013/0029(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 238/28)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11199/1/2016 – C8-0426/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mis-Senat Franċiż, mill-Parlament Litwan, mill-Kamra tad-Deputati tal-Lussemburgu, mis-Senat tan-Netherlands, mill-Kamra tad-Deputati tan-Netherlands u mill-Parlament Żvediż, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Ottubru 2013 ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0029),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0371/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala "d-Direttiva Sassoli-Dijksma fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja" ([4]);

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.
([2]) ĠU C 356, 5.12.2013, p. 92.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0147.
([4]) David-Maria Sassoli u Sharon Dijksma wettqu n-negozjati dwar l-att, għall-Parlament u l-Kunsill rispettivament.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0499

L-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 238/29)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0296),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0144/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata mressqa, fi ħdan il-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Kongress tad-Deputati Spanjol u s-Senat Spanjol, l-Assemblea Nazzjonali Franċiża, is-Senat Taljan, il-Parlament Latvjan, il-Parlament Malti, is-Sejm Pollakk u l-Parlament Svediż, li jasserixxu li l-abbozz tal-att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-11 ta' Lulju 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-28 ta' Novembru 2013 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Ottubru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0023/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([3]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala "r-Regolament Fleckenstein-Schultz van Haegen li jistabbilixxi qafas għad-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji u r-regoli komuni dwar t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet ([4])";

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 111.
([2]) ĠU C 114, 15.4.2014, p. 57.
([3]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-8 ta' Marzu 2016 (Testi adottati, P8_TA(2016)0069).
([4]) Knut Fleckenstein u Melanie Schultz van Haegen wettqu n-negozjati dwar l-att, għall-Parlament u l-Kunsill rispettivament.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TC1-COD(2013)0157

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2017/352.)

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0500

Ħatra ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri – Juhan Parts

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar in-nomina ta' Juhan Parts bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C8-0445/2016 – 2016/0817(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 238/30)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0445/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0375/2016),

A. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

B. billi waqt il-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Juhan Parts bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0501

Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall–Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (COM(2016)0075 – C8-0099/2016 – 2016/0047(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 238/31)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2016)0075),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0099/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0358/2016),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli dwar il-kompetenzi u l-kompożizzjoni tal-Gruppi ta' Konsulenza u tal-Gruppi Tekniċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' esperti maħtura mill-Kummissjoni biex tkun żgurata aktar trasparenza kif ukoll konformità u koerenza mal-qafas għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni, u jingħata kontribut, safejn huwa possibbli, għal rappreżentanza bilanċjata tal-oqsma rilevanti ta' għarfien u oqsma ta' interess kif ukoll għal bilanċ aħjar bejn is-sessi.	(3) Jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli dwar il-kompetenzi u l-kompożizzjoni tal-Gruppi ta' Konsulenza u tal-Gruppi Tekniċi, ***biex il-partijiet interessati rilevanti jkunu konxji tad-deliberazzjonijiet f'dawn il-gruppi,*** b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' esperti maħtura mill-Kummissjoni ***u tal-influwenza tagħhom,*** biex tkun żgurata aktar trasparenza kif ukoll konformità u koerenza mal-qafas għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni, u ***biex*** jingħata kontribut safejn huwa possibbli, għal rappreżentanza bilanċjata tal-oqsma rilevanti ta' għarfien u oqsma ta' interess kif ukoll għal bilanċ aħjar bejn is-sessi. ***Madankollu jeħtieġ li tiġi rispettata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll tar-reġistru u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti.***

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Huwa xieraq li ***jiġu kkunsidrati regoli aktar sempliċi ta' finanzjament*** li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fil-Programm RFCS u li jkun permess l-użu ta' 'kostijiet unitarji' biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż eliġibbli tal-persunal għas-sidien tal-SME u għal persuni fiżiċi oħrajn li ma jirċevux salarju.	(4) Huwa xieraq li ***tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni ġenerali*** ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fil-Programm RFCS ***billi, inter alia, jiġu ssimplifikati r-regoli*** u li jkun permess l-użu ta' 'kostijiet unitarji' biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż eliġibbli tal-persunal għas-sidien tal-SME u għal persuni fiżiċi oħrajn li ma jirċevux salarju.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-setturi tal-faħam u tal-azzar huma importanti fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u għandhom rwol ewlieni fix-xena industrijali ġenerali tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dawn is-setturi huma esiġenti u sikwit irriżultaw fi ħsara għas-saħħa tal-ħaddiema u ċ-ċittadini. L-installazzjonijiet u l-kumpaniji għandhom għalhekk jirrispettaw ir-rekwiżiti legali kollha dwar ir-responsabbiltà soċjali, joffru soluzzjonijiet definittivi, u jimminimizzaw l-implikazzjonijiet soċjali ta' tranżizzjoni jew ta' għeluq ta' stallazzjonijiet. Is-sħab soċjali jeħtieġ ikunu kkonsultati sa fejn ikun possibbli dwar kwistjonijiet relatati ma' responsabbiltà soċjali.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt - 1

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 3 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-punt (g) tal-punt 1 tal-Artikolu 3 huwa mħassar;

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt - 1a (gdid)

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:
	"(ga) l-impatt tal-operazzjonijiet ta' tħaffir fil-minjieri fuq l-impjieg ta' ħaddiema u fuq il-komunità lokali;"

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt - 1b (ġdid)

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:
	"(gb) l-impatt tal-operazzjonijiet ta' tħaffir fil-minjieri fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u tal-komunità lokali;"

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt - 1c (ġdid)

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 8 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1c) Fl-Artikolu 8 il-parti introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:
"Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RTD) għandhom jimmiraw biex itejbu l-proċessi ta' produzzjoni tal-azzar bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-prodott u tiżdied il-produttività. It-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali kif ukoll it-titjib tal-użu tal-materja prima u l-konservazzjoni tar-riżorsi għandhom jiffurmaw parti integrali mit-titjib li qed jiġi mfittex. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jittrattaw ***wieħed*** jew aktar mill-oqsma li ġejjin:"	"Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RTD) għandhom jimmiraw biex itejbu l-proċessi ta' produzzjoni ta' l-azzar bil-ħsieb li tittejjeb il-kwalità tal-prodott u tiżdied il-produttività. It-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali kif ukoll it-titjib tal-użu tal-materja prima u l-konservazzjoni tar-riżorsi għandhom jiffurmaw parti integrali mit-titjib li qed jiġi mfittex. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jittrattaw ***teknoloġiji innovattivi f'wieħed*** jew aktar mill-oqsma li ġejjin:"

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 1

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 21 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) il-valutazzjoni tal-proġetti finalizzati tal-produzzjoni tal-faħam u l-azzar fiż-żoni kkonċernati;

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 2

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Grupp Konsultattiv għandu jkun kompost skont it-tabelli stabbiliti fl-Anness. Il-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu individwi maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni sabiex jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet interessati. ***Mgħandhomx*** jirrappreżentaw parti interessata individwali, iżda għandhom jesprimu opinjoni komuni għad-diversi organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati.	Kull Grupp Konsultattiv għandu jkun kompost skont it-tabelli stabbiliti fl-Anness. Il-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu individwi maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ***tal-Kummissjoni*** sabiex jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet interessati. ***Huma għandhom jaġixxu individwalment u m'għandhomx*** jirrappreżentaw parti interessata individwali, iżda għandhom jesprimu opinjoni komuni għad-diversi organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 2

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom ikunu attivi fl-oqsma kkonċernati u għandhom ikunu konxji mill-prijoritajiet industrijali.	Huma għandhom ikunu attivi fl-oqsma kkonċernati u għandhom ikunu konxji mill-prijoritajiet industrijali ***u settorjali***.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 3

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-membri tal-Gruppi Tekniċi għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.	Il-membri tal-Gruppi Tekniċi għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ***tal-Kummissjoni***.

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 3

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 24 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni hija mħeġġa sabiex tipprovdi l-akbar trasparenza possibbli, inkluża l-pubblikazzjoni tal-aġenda, id-dokumenti ta' sfond, ir-rekords tal-votazzjoni u l-minuti dettaljati, inklużi l-opinjonijiet kuntrarji bi qbil mar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew;

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 9

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati msemmija fl-Artikolu 18, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 38, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 (*) għandhom japplikaw b'analoġija.	Għall-ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati msemmija fl-Artikolu 18, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 38, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (*) għandhom japplikaw b'analoġija***, għall-gruppi ta' esperti kollha, flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll tar-reġistru u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni***.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f"Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).";

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f"Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).";

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016

P8_TA(2016)0508

Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal jew huma eżentati mill-ħtieġa ta' viża: reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni) (COM(2016)0290 – C8-0176/2016 – 2016/0142(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 238/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0290),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0176/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2016 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0235/2016)

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2016)0142

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2017/371.)

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT